# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 231

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

30 ta' Ġunju 2021


Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta** ... 1

★ **Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013** ... 21

★ **Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni** ... 60

★ **Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern** ... 94

★ **Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi** ... 159


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2021/1056 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-24 ta' Ġunju 2021

## li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-punt (a) tal-Artikolu 322(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([4]),

Billi:

(1) Il-qafas regolatorju li jirregola l-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni għall-perijodu mill-2021 sal-2027, fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, jikkontribwixxi għat-twettiq tal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ([5]) ("il-Ftehim ta' Pariġi"), filwaqt li jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1,5 °C aktar mil-livelli preindustrijali, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti billi l-finanzjament tal-Unjoni jikkonċentra fuq objettivi ekoloġiċi. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta waħda mill-prijoritajiet stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u huwa parti mill-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli li jipprovdi finanzjament iddedikat taħt il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-ispejjeż soċjali, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima, fejn kwalunkwe bilanċ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jiġi kkumpensat minn assorbimenti ekwivalenti.

(2) It-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima tikkostitwixxi wieħed mill-objettivi ta' politika l-aktar importanti għall-Unjoni. Fit-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew approva l-objettiv li sal-2050 tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima, f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Filwaqt li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali ser tkun ta' benefiċċju għal kulħadd fuq terminu twil u tipprovdi opportunitajiet u sfidi għal kulħadd fuq terminu medju, mhux ir-reġjuni u l-Istati Membri kollha ser jibdew

([1]) ĠU C 290, 1.9.2020, p. 1.

([2]) ĠU C 311, 18.9.2020, p. 55 u ĠU C 429, 11.12.2020, p. 240.

([3]) ĠU C 324, 1.10.2020, p. 74.

([4]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2021.

([5]) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

it-tranżizzjoni tagħhom mill-istess punt jew għandhom l-istess kapaċità ta' rispons. Xi wħud huma aktar avvanzati minn oħrajn, u t-tranżizzjoni tinvolvi impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali usa' għal dawk ir-reġjuni li jiddependu ħafna fuq il-fjuwils fossili fl-użu tal-enerġija — speċjalment il-faħam, il-linjite, il-pit u x-shale bituminuż — jew fuq industriji b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra. Sitwazzjoni bħal din mhux biss toħloq ir-riskju ta' tranżizzjoni b'pass varjabbli fl-Unjoni fir-rigward tal-azzjoni klimatika, iżda wkoll ta' disparitajiet dejjem akbar bejn ir-reġjuni, li huwa ta' detriment għall-objettivi ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali.

(3) Sabiex tirnexxi u tkun soċjalment aċċettabbli għal kulħadd, it-tranżizzjoni trid tkun ġusta u inklużiva. Għalhekk, l-Unjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom iridu jqisu l-implikazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali tagħha sa mill-bidu nett, u jużaw l-istrumenti kollha possibbli biex itaffu l-konsegwenzi negattivi. Il-baġit tal-Unjoni għandu rwol importanti f'dan ir-rigward.

(4) Kif stipulat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli, Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta jenħtieġ jikkomplementa l-azzjonijiet l-oħra skont il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għall-perijodu mill-2021 sal-2027. Jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jindirizza l-konsegwenzi soċjali, ekonomiċi u ambjentali, b'mod partikolari għall-ħaddiema milquta fil-proċess ta' tranżizzjoni lejn Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, billi jgħaqqad flimkien l-infiq tal-baġit tal-Unjoni fuq l-objettivi klimatiċi u soċjali fil-livell reġjonali u billi jimmira għal standards soċjali u ambjentali għolja.

(5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (Just Transition Fund, "JTF") li huwa wieħed mill-pilastri tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta implimentat skont il-politika ta' koeżjoni. L-għanijiet tal-JTF huma li jtaffi l-effetti negattivi tat-tranżizzjoni klimatika billi jappoġġja l-aktar territorji milquta u l-aktar ħaddiema kkonċernati u li jippromwovi tranżizzjoni soċjoekonomika bbilanċjata. F'konformità mal-objettiv speċifiku uniku tal-JTF, jenħtieġ li l-azzjonijiet appoġġati mill-JTF jikkontribwixxu direttament biex itaffu l-impatt tat-tranżizzjoni billi jtaffu r-riperkussjonijiet negattivi fuq l-impjiegi u billi jiffinanzjaw id-diversifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-ekonomija lokali. L-għan speċifiku uniku tal-JTF huwa stabbilit fl-istess livell u elenkat flimkien mal-objettivi tal-politika stipulati fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(6) Filwaqt li jirrifletti l-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir sostenibbli u l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-JTF huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika u tas-sostenibbiltà ambjentali u għall-kisba tal-mira ġenerali ta' 30 % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni li tappoġġa objettivi klimatiċi u għall-ambizzjoni li 7.5 % tal-infiq annwali taħt il-qafas finanzjarju pluriennali jiġi ddedikat għall-objettivi tal-bijodiversità fl-2024 u 10 % tal-infiq annwali taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-objettivi tal-bijodiversità fl-2026 u l-2027, filwaqt li jitqiesu is-sovrappożizzjonijiet eżistenti bejn l-għanijiet fil-qasam tal-klima u tal-bijodiversità. Ir-riżorsi mill-pakkett proprju tal-JTF huma addizzjonali għall-investimenti li huma meħtieġa biex tintlaħaq il-mira ġenerali ta' 30 % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni li tikkontribwixxi għall-objettivi dwar il-klima. Dawk ir-riżorsi jenħtieġ li jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-kisba ta' din il-mira flimkien mar-riżorsi trasferiti fuq bażi volontarja mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]). F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-JTF jappoġġja attivitajiet li jirrispettaw l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u li ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), u li jiżguraw it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fil-perkors lejn il-kisba ta' Unjoni newtrali għall-klima sal-2050.

---

([6]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ara l-paġna 159 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni (ara l-paġna 60 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ara l-paġna 21 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(7) Jenħtieġ li r-riżorsi mill-JTF jissupplimentaw ir-riżorsi disponibbli taħt il-politika ta' koeżjoni.

(8) It-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima tippreżenta sfida lill-Istati Membri kollha. Dan ser ikun b'mod partikolari eżiġenti fuq dawk l-Istati Membri li jiddependu, jew li sa ftit ilu kienu jiddependu, ħafna mill-fjuwils fossili jew minn attivitajiet industrijali b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra li ser jiġu eliminati b'mod gradwali jew li għandhom bżonn jadattaw għal tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u li ma għandhomx il-mezzi finanzjarji biex jagħmlu dan. Għaldaqstant il-JTF jenħtieġ li jkopri l-Istati Membri kollha, iżda d-distribuzzjoni tal-mezzi finanzjarji tiegħu jenħtieġ li tiffoka fuq dawk it-territorji li huma l-aktar milquta mill-proċess tat-tranżizzjoni klimatika, u tali distribuzzjoni jenħtieġ li tirrifletti l-kapaċità tal-Istati Membri biex jiffinanzjaw l-investimenti neċessarji biex ilaħħqu mat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.

(9) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) (ir-"Regolament Finanzjarju") u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, premji, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u r-rimborż ta' esperti esterni, u jipprevedu kontrolli dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati skont l-Artikolu 322 TFUE jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(10) Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tar-riżorsi tal-JTF, jenħtieġ li l-aċċess għall-JTF ikun limitat għal 50 % tal-allokazzjoni nazzjonali għal dawk l-Istati Membri li għadhom ma impenjawx ruħhom li jimplimentaw l-objettiv, f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, filwaqt li l-50 % l-oħra jsiru disponibbli għall-programmazzjoni mal-aċċettazzjoni ta' tali impenn. Sabiex jiġu żgurati l-ekwità u t-trattament ugwali tal-Istati Membri, fejn Stat Membru ma jkunx impenja ruħu li jimplimenta l-objettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, sal-31 ta' Diċembru fi kwalunkwe sena li tibda mill-2022, jenħtieġ li l-impenn baġitarju għas-sena preċedenti jiġi diżimpenjat fl-intier tiegħu s-sena ta' wara.

(11) F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 ([11]) u fil-limiti tar-riżorsi allokati fih, il-miżuri għall-irkupru u r-reżiljenza taħt il-JTF jenħtieġ li jittieħdu biex jindirizzaw l-impatt bla preċedent tal-kriżi tal-COVID-19. Dawn ir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jintużaw b'mod li jiżguraw konformità mal-limiti ta' żmien previsti f'dak ir-Regolament.

(12) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidentifika t-tipi ta' investimenti li għalihom ikun permess l-appoġġ għan-nefqa mill-JTF. Jenħtieġ li l-attivitajiet kollha li jirċievu sostenn ikollhom segwitu b'rispett sħiħ tal-impenji u l-prijoritajiet klimatiċi, ambjentali u soċjali tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-lista ta' investimenti tinkludi dawk li jappoġġjaw l-ekonomiji lokali billi jistimulaw il-potenzjal ta' tkabbir endoġenu tagħhom f'konformità mal-istrateġiji rispettivi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, inkluż it-turiżmu sostenibbli fejn xieraq. L-investimenti jeħtieġ li jkunu sostenibbli fit-tul, filwaqt li jitqiesu l-objettivi kollha tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Jenħtieġ li l-proġetti ffinanzjati jikkontribwixxu għal tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, newtrali għall-klima u ċirkolari, inkluż miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-effiċjenza fir-riżorsi Jenħtieġ li l-inċinerazzjoni tal-iskart ma tirċevix appoġġ minħabba li din l-attività tappartjeni għall-parti inferjuri tal-ġerarkija tal-iskart fl-ekonomija ċirkolari. Jenħtieġ li s-servizzi ta' konsulenza li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' miżuri appoġġati mill-JTF ikunu eliġibbli. Ir-rinaturazzjoni tas-siti, l-iżvilupp tal-infrastruttura ekoloġika u l-ġestjoni tal-ilma jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu appoġġati bħala parti minn proġett ta' restawr tal-art. Meta jappoġġja miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, il-JTF jenħtieġ li jkun jista' jappoġġja investimenti bħal dawk li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku, prinċipalment permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-akkomodazzjoni. Il-JTF jenħtieġ li jkun jista' jappoġġja wkoll l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' ħżin innovattivi.

---

([10]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([11]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

(13) Biex jiġu protetti ċ-ċittadini li huma l-aktar vulnerabbli għat-tranżizzjoni klimatika, jenħtieġ li l-JTF ikopri wkoll it-titjib tal-ħiliet u l-ksib ta' ħiliet ġodda, inkluż it-taħriġ, tal-ħaddiema milquta, irrispettivament jekk għadhomx impjegati jew jekk ikunux tilfu l-impjieg tagħhom minħabba t-tranżizzjoni. Jenħtieġ li l-JTF ikollu l-għan li jgħinhom jadattaw għal opportunitajiet ġodda ta' impjieg. Jenħtieġ li l-JTF jipprovdi wkoll kwalunkwe forma xierqa ta' appoġġ lil dawk li qed ifittxu impjieg, inkluż assistenza fit-tiftix ta' impjieg u l-inklużjoni attiva tagħhom fis-suq tax-xogħol. Dawk kollha li jfittxu impjieg wara li tilfu l-impjieg tagħhom f'setturi milquta mit-tranżizzjoni f'reġjun kopert mill-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu appoġġati mill-JTF anki jekk il-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja ma jkunux residenti f'dak ir-reġjun. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa liċ-ċittadini f'riskju ta' faqar enerġetiku, b'mod partikolari meta jiġu implimentati miżuri ta' effiċjenza enerġetika għal kondizzjonijiet ta' akkomodazzjoni soċjali mtejba.

(14) Jenħtieġ li jkun permess appoġġ għall-attivitajiet fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll l-appoġġ għall-infrastruttura soċjali għall-finijiet tal-faċilitajiet tal-kura tat-tfal u tal-anzjani u fiċ-ċentri ta' taħriġ, dment li dawn l-attivitajiet ikunu ġustifikati b'mod xieraq fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta. Għall-kura tal-anzjani, il-prinċipju tal-promozzjoni tal-kura bbażata fil-komunità jenħtieġ jiġi ppreservat. Is-servizzi soċjali u pubbliċi f'dawk l-oqsma jistgħu jikkompletaw it-taħlita ta' investiment. L-appoġġ kollu f'dawk l-oqsma jeħtieġ li jirrikjedi ġustifikazzjoni xierqa fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta u jenħtieġ li jsegwi l-objettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

(15) Biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni speċifika u r-rwol tan-nisa fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, jenħtieġ li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-intraprenditorija, kif ukoll paga ugwali, għandhom rwol importanti biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs. Jenħtieġ li l-JTF jagħti wkoll attenzjoni speċjali lill-gruppi vulnerabbli li jbatu b'mod sproporzjonat mill-effetti negattivi tat-tranżizzjoni, bħal ħaddiema b'diżabilità. L-identità tal-komunitajiet tal-minjieri jeħtieġ li tiġi ppreservata u l-kontinwità tal-komunitajiet tal-passat u tal-futur jeħtieġ li tiġi salvagwardata. Dan jinvolvi li tingħata attenzjoni speċjali lill-wirt tal-minjieri tanġibbli u mhux tanġibbli tagħhom, inkluż il-kultura tagħhom.

(16) Sabiex tissaħħaħ id-diversifikazzjoni ekonomika tat-territorji milquta mit-tranżizzjoni, jenħtieġ li l-JTF jipprovdi appoġġ lill-intrapriżi u l-partijiet ekonomiċi ikkonċernati, inkluż permezz ta' appoġġ għal investimenti produttivi fl-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ([12]) (SMEs). Investimenti produttivi jenħtieġ li jkunu jinftiehmu bħala investiment f'kapital fiss jew f'assi immaterjali ta' intrapriżi bil-ħsieb li jiġu prodotti oġġetti u servizzi, u b'hekk jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' kapital gross u għall-impjiegi. Għal intrapriżi li mhumiex SMEs, jenħtieġ li l-investimenti produttivi jiġu appoġġati biss jekk ikunu meħtieġa biex itaffu t-telf ta' impjiegi li jirriżulta mit-tranżizzjoni, billi joħolqu jew jipproteġu għadd sinifikanti ta' impjiegi, u ma jwasslux għal rilokazzjoni jew jirriżultaw minnha. Jenħtieġ li jitħallew isiru investimenti f'faċilitajiet industrijali eżistenti, inklużi dawk koperti mill-Iskema tal-Unjoni għan-Negozjar tal-Emissjonijiet, jekk jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 u jmorru sew taħt il-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) u jekk jirriżultaw fil-protezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi. Kwalunkwe investiment bħal dan jenħtieġ li jiġi ġġustifikat skont il-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta rilevanti. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern u l-politika ta' koeżjoni, l-appoġġ lill-impriżi jenħtieġ li jkun konformi mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat kif stipulat fl-Artikoli 107 u 108 TFUE u, b'mod partikolari, l-appoġġ għal investimenti produttivi f'intrapriżi għajr l-SMEs jeħtieġ li jkunu limitati għal intrapriżi li jinsabu f'żoni nnominati bħala żoni megħjuna għall-finijiet tal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 107(3) TFUE.

(17) Sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tar-riżorsi tal-JTF taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir, jenħtieġ li jkun possibbli li jitħejja programm JTF awtonomu jew li jiġu pprogrammati riżorsi JTF fi prijorità speċifika waħda jew aktar fi programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ jew mill-Fond ta' Koeżjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2021/1060, ir-riżorsi tal-JTF jistgħu jissaħħu fuq bażi volontarja b'finanzjament komplementari mill-FEŻR u l-FSE+. F'tali każ, l-ammonti rispettivi ttrasferiti mill-FEŻR u mill-FSE+ jenħtieġ li jkunu konsistenti mat-tip ta' operazzjonijiet stipulati fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta.

([12]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

([13]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

(18) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-JTF ikun jiddependi fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' proċess ta' tranżizzjoni f'territorju speċifiku sabiex tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri, fi djalogu soċjali u f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, skont id-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060 dwar is-shubija, u bl-appoġġ tal-Kummissjoni, iħejju pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, li jistabbilixxu l-proċess ta' tranżizzjoni, b'mod konsistenti mal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi Pjattaforma ta' Tranżizzjoni Ġusta, li tibni fuq il-pjattaforma eżistenti għar-reġjuni karboniferi fi tranżizzjoni, biex tippermetti li jsiru skambji bilaterali u multilaterali dwar l-esperjenza fit-tagħlimiet miksuba u fl-aħjar prattiki fis-setturi kollha milquta. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-muniċipalitajiet u l-bliet ikunu involuti fl-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-JTF u li jitqiesu l-ħtiġijiet tagħhom f'dak il-kuntest.

(19) Jenħtieġ li l-pjanijiet ta' tranżizzjoni jidentifikaw it-territorji l-aktar milquta ħażin, fejn l-appoġġ tal-JTF jenħtieġ li jkun ikkonċentrat, u jiddeskrivu azzjonijiet speċifiċi li jridu jittieħdu biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, b'mod partikolari fir-rigward tal-konverżjoni jew l-għeluq ta' faċilitajiet li jinvolvu l-produzzjoni ta' fjuwils fossili jew attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra. Jenħtieġ li dawk it-territorji jiġu ddefiniti b'mod preċiż u jkunu jikkorrispondu mal-livell 3 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika ("ir-reġjuni tan-NUTS livell 3"), kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) jew ikunu partijiet minnha. Jenħtieġ li l-pjanijiet jistabbilixxu l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' dawk it-territorji, filwaqt li jqisu r-riskji ta' depopolazzjoni, u jidentifikaw it-tip ta' operazzjonijiet meħtieġa sabiex jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi fil-livell tal-benefiċjarji tal-pjan u b'mod li jiġi żgurat l-iżvilupp koerenti ta' attivitajiet ekonomiċi reżiljenti għat-tibdil fil-klima li jkunu wkoll konsistenti mat-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima u mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Fejn jiġu identifikati territorji bħal dawn, jenħtieġ li tingħata attenzjoni addizzjonali lill-ispeċifiċitajiet tal-gżejjer, iż-żoni insulari kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi, fejn il-karatteristiċi ġeografiċi u soċjoekonomiċi jistgħu jirrikjedu approċċ differenti biex jappoġġjaw il-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. Huma biss l-investimenti skont il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta li jenħtieġ jirċievu appoġġ finanzjarju mill-JTF. Jenħtieġ li l-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta jkunu parti mill-programmi, appoġġati, skont il-każ, mill-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni jew il-JTF li huma approvati mill-Kummissjoni.

(20) Sabiex tissaħħaħ l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati tal-użu tar-riżorsi tal-JTF, jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, tkun tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fil-każ ta' insuffiċjenza serja tal-miri stabbiliti għall-objettiv speċifiku tal-JTF.

(21) Sabiex jiġi stabbilit qafas finanzjarju xieraq għall-JTF, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistipula t-tqassim annwali tar-riżorsi disponibbli skont l-Istat Membru.

(22) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu appoġġati n-nies, l-ekonomija u l-ambjent tat-territorji li jkunu qed jiffaċċjaw trasformazzjoni ekonomika u soċjali fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija newtrali għall-klima, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-disparitajiet fil-livelli ta' żvilupp tat-territorji differenti u r-ritard ta' dawk it-territorji li huma anqas favoriti, kif ukoll il-limitu fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri u tat-territorji, iżda jista' pjuttost, minħabba l-ħtieġa għal qafas ta' implimentazzjoni koerenti li jkopri diversi fondi tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(23) Fid-dawl tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament wara l-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, u filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi implimentat il-JTF b'mod koordinat u armonizzat, u sabiex ikun jista' jiġi implimentat fil-pront, jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

([14]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) biex jipprovdi appoġġ lin-nies, l-ekonomiji u l-ambjent tat-territorji li jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima kif definiti fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050.

Huwa jistabbilixxi l-objettiv speċifiku tal-JTF, il-kopertura ġeografika u r-riżorsi tiegħu, il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tiegħu fir-rigward tal-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, kif ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ipprogrammar u l-indikaturi meħtieġa għall-monitoraġġ.

*Artikolu 2*

**Għanijiet speċifiċi**

F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-JTF għandu jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku uniku li jippermetti lir-reġjuni u lin-nies jindirizzaw l-impatti soċjali, l-impjiegi, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, abbażi tal-Ftehim ta' Pariġi.

*Artikolu 3*

**Il-kopertura ġeografika u r-riżorsi skont il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir**

1. Il-JTF għandu jappoġġja l-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fl-Istati Membri kollha.

2. Ir-riżorsi għall-JTF taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li huma disponibbli għall-impenn baġitarju għall-perijodu 2021-2027 għandhom ikunu EUR 7 500 000 000 fi prezzijiet tal-2018 kif stabbilit fil-punt (g) tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

3. Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jiżdiedu, skont il-każ, b'riżorsi addizzjonali allokati fil-baġit tal-Unjoni, u b'riżorsi oħra skont l-att bażiku applikabbli.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tistipula t-tqassim annwali tar-riżorsi disponibbli, inkluż kwalunkwe riżors addizzjonali msemmi fil-paragrafu 3, skont l-Istat Membru f'konformità mal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 4*

**Riżorsi mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru**

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2020/2094 għandhom jiġu implimentati skont dan ir-Regolament b'ammont ta' EUR 10 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 109(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u soġġett għall-Artikolu3(3), (4), (7) u (9) tar-Regolament (UE) 2020/2094.

([15]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Dan l-ammont għandu jitqies bħala riżorsi oħra kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament. Kif previst fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/2094, dan l-ammont għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern għall-fini tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jsir disponibbli għal impenn baġitarju taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir għas-snin 2021 sa 2023, flimkien mar-riżorsi stabbiliti fl-Artikolu 3, kif ġej:

— 2021: EUR 2 000 000 000;

— 2022: EUR 4 000 000 000;

— 2023: EUR 4 000 000 000.

Ammont ta' EUR 15 600 000 fi prezzijiet tal-2018 għandu jkun disponibbli għan-nefqa amministrattiva mir-riżorsi msemmija fl-ewwel subparagrafu.

3. It-tqassim annwali tal-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu mill-Istati Membri għandu jiġi inkluż fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 3(4) skont l-allokazzjonijiet stipulati fl-Anness I.

4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 14(3) tar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli tad-diżimpenn stipulati fil-Kapitolu IV tat-Titolu VII tar-Regolament (UE) 2021/1060 għandhom japplikaw għall-impenji baġitarji li huma bbażati fuq ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Permezz ta' deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju, dawn ir-riżorsi ma għandhomx jintużaw għal programm jew azzjoni suċċessiva.

5. Il-pagamenti għall-programmi għandhom jiġu assenjati lill-impenn miftuħ l-aktar bikri tal-JTF, billi l-ewwel jibdew bl-impenji mir-riżorsi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 sakemm dawn jiġu eżawriti.

*Artikolu 5*

**Mekkaniżmu ta' Kumpens Ekoloġiku**

1. Fejn, skont l-Artikolu 3(3), ir-riżorsi għall-JTF jiżdiedu qabel il-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżorsi addizzjonali għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri abbażi tal-ishma nazzjonali stabbiliti fl-Anness I.

2. Fejn, skont l-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament, ir-riżorsi għall-JTF jiżdiedu wara l-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżorsi addizzjonali għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, abbażi tat-tibdil fl-emissjonijiet ta' gass serra tal-faċilitajiet industrijali tagħhom fil-perijodu mis-sena 2018 sal-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-*data*, kif irrapportata skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]). Il-bidla fl-emissjonijiet ta' gass serra ta' kull Stat Membru għandha tiġi kkalkulata billi jiġu aggregati l-emissjonijiet ta' gass serra ta' dawk ir-reġjuni tan-NUTS livell 3 biss li jkunu ġew identifikati fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta skont l-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament.

L-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali għal kull Stat Membru għandha tiġi determinata skont dan li ġej:

(a) għall-Istati Membri li kisbu tnaqqis fil-missjonijiet tal-gass serra, it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra miksub minn kull Stat Membru għandu jiġi kkalkulat billi l-livell tal-emissjonijiet ta' gass serra tal-aħħar sena ta' referenza jiġi espress bħala perċentwal tal-emissjonijiet ta' gass serra osservati fl-2018; għall-Istati Membri li ma jkunux kisbu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra, dak il-perċentwal għandu jiġi stabbilit għal 100 %;

(b) is-sehem finali għal kull Stat Membru għandu jinkiseb billi l-ishma nazzjonali stabbiliti fl-Anness I jiġu diviżi bil-perċentwali li jirriżultaw mill-punt (a); u

(c) ir-riżultat mill-kalkolu taħt il-punt (b) għandu jiġi riklassifikat sabiex jammonta għal 100 %.

([16]) Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

3. L-Istati Membri għandhom jinkludu r-riżorsi addizzjonali fil-programmi tagħhom u jissottomettu emenda tal-programm skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

*Artikolu 6*

**Allokazzjonijiet speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer**

Meta jħejju l-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta tagħhom skont l-Artikolu 11(1), l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi li jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom kif rikonoxxut fl-Artikoli 174 u 349 TFUE.

Meta jinkludu tali territorji fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont speċifiku allokat għal dawk it-territorji bil-ġustifikazzjoni korrispondenti, filwaqt li jqisu l-isfidi speċifiċi ta' dawk it-territorji.

*Artikolu 7*

**Aċċess kondizzjonali għar-riżorsi**

1. Fejn Stat Membru ma jkunx ħa impenn li jimplimenta l-objettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, 50 % biss tal-allokazzjonijiet annwali għal dak l-Istat Membru stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 3(4) u 4(3) għandhom ikunu disponibbli għall-programmazzjoni u inklużi fil-prijoritajiet.

B'deroga mill-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament, il-50 % li jifdal tal-allokazzjonijiet annwali ma għandhomx jiġu inklużi fil-prijoritajiet. F'każijiet bħal dawn, il-programmi appoġġati mill-JTF u ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/1060għandhom jinkludu biss 50 % tal-allokazzjonijiet annwali tal-JTF fit-tabella msemmija fil-punt (g)(ii) tal-Artikolu 22(3) ta' dak ir-Regolament. It-tabella msemmija fil-punt (g)(i) tal-Artikolu 22(3) ta' dak ir-Regolament għandha tidentifika separatament l-allokazzjonijiet disponibbli għall-ipprogrammar u dawk l-allokazzjonijiet li ma għandhomx jiġu pprogrammati.

2. Il-Kummissjoni għandha tapprova biss programmi li fihom prijorità tal-JTF, jew kwalunkwe emenda għalih, fejn jiġu rispettati r-rekwiżiti stabbiliti fil-parti tal-allokazzjoni pprogrammata skont il-paragrafu 1.

3. Hekk kif Stat Membru jkun impenja ruħu li jimplimenta l-objettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, huwa jista' jippreżenta talba għall-emendar ta' kull programm appoġġat mill-JTF f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u jinkludi l-allokazzjonijiet mhux ipprogrammati li ma ġewx diżimpenjati

4. L-impenji baġitarji għandhom isiru abbażi tat-tabella msemmija fil-punt (g)(i) tal-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060. L-impenji relatati mal-allokazzjonijiet mhux ipprogrammati ma għandhomx jintużaw għall-pagamenti u ma għandhomx jiġu inklużi fil-bażi għall-kalkolu tal-prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 90 ta' dak ir-Regolament sakemm isiru disponibbli għall-programmazzjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

B'deroga mill-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) 2021/1060, fin-nuqqas tal-impenn tal-Istat Membru li jimplimenta l-objettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 sal-31 ta' Diċembru ta' kwalunkwe sena partikolari li tibda mill-2022, l-impenji baġitarji għas-sena preċedenti li huma relatati ma' allokazzjonijiet mhux ipprogrammati għandhom jiġu diżimpenjati fl-intier tagħhom fis-sena ta' wara.

*Artikolu 8*

**Ambitu tal-appoġġ**

1. Il-JTF għandu jappoġġja biss attivitajiet li huma direttament marbuta mal-objettiv speċifiku tiegħu kif stipulat fl-Artikolu 2 u li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta stabbiliti skont l-Artikolu 11.

2. F'konformità mal-paragrafu 1, il-JTF għandu jappoġġja esklużivament l-attivitajiet li ġejjin:

(a) investimenti produttivi fl-SMEs, inkluż mikrointrapriżi u negozji ġodda, li jwasslu għal diversifikazzjoni, modernizzazzjoni u rikonverżjoni ekonomiċi;

(b) investimenti fil-ħolqien ta' ditti ġodda, inkluż permezz ta' inkubaturi tan-negozju u servizzi ta' konsulenza, li jwasslu għall-ħolqien ta' impjiegi;

(c) investimenti f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, inkluż mill-universitajiet u organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika, u t-trawwim ta' trasferiment ta' teknoloġiji avvanzati;

(d) investimenti fl-użu tat-teknoloġija kif ukoll f'sistemi u infrastrutturi għal enerġija nadifa affordabbli, inkluż teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija, u fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra;

(e) investimenti fl-enerġija rinnovabbli skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]), inkluż il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fiha, u fl-effiċjenza enerġetika, inkluż għall-finijiet tat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku;

(f) investimenti f'mobbiltà lokali intelliġenti u sostenibbli, inkluż id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport lokali u l-infrastruttura tiegħu;

(g) ir-riabilitazzjoni u l-aġġornament tan-networks tat-tisħin distrettwali bil-ħsieb li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-tisħin distrettwali u l-investimenti fil-produzzjoni tas-sħana sakemm l-installazzjonijiet tal-produzzjoni tas-sħana jkunu fornuti esklużivament minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

(h) investimenti fid-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni diġitali u l-konnettività diġitali;

(i) investimenti fir-riġenerazzjoni u d-dekontaminazzjoni ta' siti abbandunati, restawr tal-art u inkluż, fejn meħtieġ, infrastruttura ekoloġika u proġetti bi skop ġdid, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas";

(j) investimenti fit-titjib tal-ekonomija ċirkolari, inkluż permezz tal-prevenzjoni, it-tnaqqis, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart;

(k) it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u persuni li qed ifittxu impjieg;

(l) għajnuna fit-tiftix għal min ikun qed ifittex impjieg;

(m) l-inklużjoni attiva ta' min ikun qed ifittxu impjieg;

(n) assistenza teknika;

(o) attivitajiet oħra fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali inkluż, fejn debitament ġustifikat, investimenti f'infrastruttura għall-finijiet ta' ċentri ta' taħriġ, faċilitajiet ta' kura tat-tfal u tal-anzjani kif indikat fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta skont l-Artikolu 11.

Barra minn hekk, il-JTF jista' jappoġġja, f'żoni magħżula bħala żoni megħjuna għall-finijiet tal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 107(3) TFUE, investimenti produttivi f'intrapriżi li mhumiex SMEs, sakemm dawn l-investimenti jkunu ġew approvati bħala parti mill-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta bbażat fuq l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (h) tal-Artikolu 11(2) ta' dan ir-Regolament. Tali investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta, fejn jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 u għall-kisba tal-miri ambjentali relatati, fejn l-appoġġ tagħhom ikun meħtieġ għall-ħolqien tal-impjiegi fit-territorju identifikat, u meta ma jwasslux għal rilokazzjoni kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Il-JTF jista' jappoġġja investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE dment li dawn l-investimenti jkunu ġew approvati bħala parti mill-pjan ta' tranżizzjoni territorjali bbażat fuq l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (i) tal-Artikolu 11(2) ta' dan ir-Regolament. Dawn l-investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta.

*Artikolu 9*

**L-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ**

Il-JTF ma għandux jgħin:

([17]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

(a) id-dekummissjonar jew il-kostruzzjoni tal-impjanti tal-enerġija nukleari;

(b) il-manifattura, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' tabakk u prodotti tat-tabakk;

(c) impriża f'diffikultà, kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([18]), sakemm ma tkunx awtorizzata taħt regoli temporanji dwar l-għajnuna mill-Istat stabbiliti biex jindirizzaw ċirkostanzi eċċezzjonali jew taħt għajnuna de minimis b'appoġġ għal investimenti li jnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija fil-kuntest tal-proċess ta' tranżizzjoni tal-enerġija;

(d) investiment relatat mal-produzzjoni, l-ipproċessar, it-trasport, id-distribuzzjoni, il-ħżin jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili.

*Artikolu 10*

**Il-programmazzjoni tar-riżorsi tal-JTF**

1. Ir-riżorsi tal-JTF għandhom jiġu pprogrammati għall-kategoriji tar-reġjuni fejn jinsabu t-territorji kkonċernati, fuq il-bażi ta' pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta stabbiliti skont l-Artikolu 11 u approvati mill-Kummissjoni bħala parti minn programm jew emenda ta' programm. Ir-riżorsi pprogrammati għandhom jieħdu l-forma ta' programm speċifiku wieħed jew aktar jew ta' prijorità waħda jew aktar fil-kuntest ta' programmi.

Il-Kummissjoni għandha tapprova programm biss, jew kwalunkwe emenda oħra għalih, fejn l-identifikazzjoni tat-territorji l-aktar milquta ħażin mill-proċess ta' tranżizzjoni, inklużi fil-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta rilevanti, tkun debitament iġġustifikata u l-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta rilevanti jkun konsistenti mal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima tal-Istat Membru kkonċernat.

2. Prijorità jew prijoritajiet tal-JTF għandhom jinkludu r-riżorsi tal-JTF li jikkonsistu mill-allokazzjoni sħiħa jew parzjali tal-JTF għall-Istati Membri u r-riżorsi trasferiti skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/1060. It-total tar-riżorsi tal-FEŻR u l-FSE+ ittrasferit lill-JTF ma għandux jaqbeż tliet darbiet l-ammont ta' appoġġ mill-JTF għal dik il-prijorità bl-esklużjoni tar-riżorsi msemmija fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament.

3. F'konformità mal-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata ta' kofinanzjament, applikabbli għar-reġjun fejn jinsabu t-territorju jew it-territorji identifikati fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, għall-prijorità jew prijoritajiet tal-JTF ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) 85 % għal reġjuni anqas żviluppati;

(b) 70 % għal reġjuni fi tranżizzjoni;

(c) 50 % għal reġjuni aktar żviluppati.

*Artikolu 11*

**Il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta**

1. L-Istati Membri għanhom iħejju, flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti tat-territorji kkonċernati, pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta wieħed jew aktar li jkopru territorju wieħed effettwat jew aktar li jikkorrispondu għar-reġjuni tan-NUTS livell 3, jew partijiet minnu, f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness II. Dawk it-territorji għandhom ikunu dawk l-aktar milquta ħażin, fuq il-bażi tal-impatti ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mit-tranżizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-adattament tal-ħaddiema jew tat-telf mistenni ta' impjiegi fil-produzzjoni u l-użu tal-fjuwil fossili u l-ħtiġijiet ta' trasformazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni ta' faċilitajiet industrijali bl-ogħla intensità ta' gassijiet serra.

([18]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

2. Pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tal-proċess ta' tranżizzjoni fil-livell nazzjonali lejn ekonomija newtrali għall-klima, inkluż skeda ta' żmien tal-passi ta' tranżizzjoni ewlenin lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050 li huma konsistenti mal-aħħar verżjoni tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima;

(b) ġustifikazzjoni għall-identifikazzjoni tat-territorji bħala l-aktar milquta ħażin mill-proċess ta' tranżizzjoni imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu u li għandhom jiġu appoġġati mill-JTF, skont il-paragrafu 1;

(c) valutazzjoni tal-isfidi ta' tranżizzjoni ffaċċjati mit-territorji identifikati milquta l-aktar ħażin, inkluż l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, li tidentifika l-għadd potenzjali ta' impjiegi milquta u t-telf ta' impjiegi, ir-riskji ta' depopolazzjoni, u l-ħtiġijiet u l-objettivi ta' żvilupp, li jridu jinkisbu sal-2030 u marbuta mat-trasformazzjoni jew l-għeluq ta' attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra f'dawk it-territorji;

(d) deskrizzjoni tal-kontribut mistenni tal-appoġġ tal-JTF biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali, demografiċi, ekonomiċi, tas-saħħa u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, inkluż il-kontribut mistenni f'termini ta' ħolqien u preservazzjoni tal-impjiegi;

(e) valutazzjoni tal-konsistenza tiegħu ma' strateġiji u pjanijiet rilevanti nazzjonali, reġjonali jew territorjali oħra;

(f) deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' governanza li jikkonsistu fl-arranġamenti ta' sħubija, il-miżuri ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni ppjanati u l-korpi responsabbli;

(g) deskrizzjoni tat-tip ta' operazzjonijiet previsti u l-kontribut mistenni tagħhom biex jittaffa l-impatt tat-tranżizzjoni;

(h) fejn għandu jingħata appoġġ lil investimenti produttivi f'intrapriżi li mhumiex SMEs, lista indikattiva tal-operazzjonijiet u l-intrapriżi li għandhom jiġu appoġġati u ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali appoġġ permezz ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investiment;

(i) fejn għandu jingħata appoġġ lill-investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, lista ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati u ġustifikazzjoni li dawn jikkontribwixxu għal tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jmorru ħafna taħt il-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE u sakemm dawn l-operazzjonijiet ikunu meħtieġa għall-protezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi;

(j) sinerġiji u komplementarjetajiet ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' żvilupp identifikati; u

(k) sinerġiji u komplementarjetajiet mal-appoġġ ippjanat mill-pilastri l-oħra tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.

3. It-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta għandhom jinvolvu lill-imsieħba rilevanti f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u, fejn rilevanti, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

4. Il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta għandhom ikunu konsistenti mal-istrateġiji territorjali rilevanti msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u mal-istrateġiji tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti rilevanti, l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Meta l-aġġornament ta' pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 ikun jirrikjedi reviżjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta, dik ir-reviżjoni għandha titwettaq bħala parti mir-rieżami ta' terminu medju f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

5. Meta l-Istati Membri jkollhom l-intenzjoni li jagħmlu użu mill-possibbiltà li jirċievu appoġġ taħt il-pilastri l-oħra tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta tagħhom għandhom jistabbilixxu s-setturi u l-oqsma tematiċi previsti li għandhom jiġu appoġġati taħt dawk il-pilastri.

*Artikolu 12*

**Indikaturi**

1. Indikaturi komuni tal-output u tar-riżultat, kif stipulat fl-Anness III u, fejn debitament ġustifikat fil-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta, l-indikaturi tal-output u tar-riżultat speċifiċi għal programm għandhom jintużaw skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1), il-punt (d)(ii) tal-Artikolu 22(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

2. Għall-indikaturi tal-output, il-linji bażi għandhom ikunu stabbiliti għal żero. It-tragwardi stabbiliti għall-2024 u l-miri stabbiliti għall-2029 għandhom ikunu kumulattivi. Il-miri ma għandhomx jiġu riveduti wara li t-talba għal emenda tal-programm, ippreżentata skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060, tkun ġiet approvata mill-Kummissjoni.

3. Fejn prijorità JTF tappoġġa l-attivitajiet imsemmija fil-punti (k), (l) jew (m) tal-Artikolu 8(2), id-*data* tal-indikaturi għall-parteċipanti għandha tiġi trażmessa biss meta tkun disponibbli d-*data* kollha dwar dak il-parteċipant, meħtieġa f'konformità mal-Anness III.

*Artikolu 13*

**Korrezzjonijiet finanzjarji**

Abbażi tal-eżami tar-rapport finali dwar il-prestazzjoni tal-programm, il-Kummissjoni tista' tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu104 tar-Regolament (UE) 2021/1060 fejn jinkisbu inqas minn 65 % tal-mira stabbilita għal indikatur, wieħed jew aktar, tal-output.

Il-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu proporzjonati mal-kisbiet u ma għandhomx jiġu applikati meta n-nuqqas li jintlaħqu l-miri jkun dovut għall-impatt ta' fatturi soċjoekonomiċi jew ambjentali, bidliet sinifikanti fil-kondizzjonijiet ekonomiċi jew ambjentali fl-Istat Membru kkonċernat jew minħabba raġunijiet ta' force majeure li jaffettwaw serjament l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ikkonċernati.

*Artikolu 14*

**Rieżami**

Sat-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni tal-JTF fir-rigward tal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 2, filwaqt li tqis il-bidliet possibbli fir-Regolament (UE) 2020/852 u, l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti f'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Liġi Ewropea dwar il-Klima"), u l-evoluzzjoni fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jista' jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2021.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. M. SASSOLI | A. P. ZACARIAS |

*ANNESS I*

**ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI**

| | Allokazzjonijiet mill-Istrument għall-Irkupru tal-Unjoni Ewropea | Allokazzjonijiet mir-riżorsi tal-QFP | Allokazzjonijiet totali | Sehem l-Istati Membri mit-total |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 95 | 71 | 166 | 0,95 % |
| Il-Bulgarija | 673 | 505 | 1 178 | 6,73 % |
| Iċ-Ċekja | 853 | 640 | 1 493 | 8,53 % |
| Id-Danimarka | 46 | 35 | 81 | 0,46 % |
| Il-Ġermanja | 1 288 | 966 | 2 254 | 12,88 % |
| L-Estonja | 184 | 138 | 322 | 1,84 % |
| L-Irlanda | 44 | 33 | 77 | 0,44 % |
| Il-Greċja | 431 | 324 | 755 | 4,31 % |
| Spanja | 452 | 339 | 790 | 4,52 % |
| Franza | 535 | 402 | 937 | 5,35 % |
| Il-Kroazja | 97 | 72 | 169 | 0,97 % |
| L-Italja | 535 | 401 | 937 | 5,35 % |
| Ċipru | 53 | 39 | 92 | 0,53 % |
| Il-Latvja | 100 | 75 | 174 | 1,00 % |
| Il-Litwanja | 142 | 107 | 249 | 1,42 % |
| Il-Lussemburgu | 5 | 4 | 8 | 0,05 % |
| L-Ungerija | 136 | 102 | 237 | 1,36 % |
| Malta | 12 | 9 | 21 | 0,12 % |
| Netherlands | 324 | 243 | 567 | 3,24 % |
| L-Awstrija | 71 | 53 | 124 | 0,71 % |
| Il-Polonja | 2 000 | 1 500 | 3 500 | 20,00 % |
| Il-Portugall | 116 | 87 | 204 | 1,16 % |
| Ir-Rumanija | 1 112 | 834 | 1 947 | 11,12 % |
| Is-Slovenja | 134 | 101 | 235 | 1,34 % |
| Is-Slovakkja | 239 | 179 | 418 | 2,39 % |
| Il-Finlandja | 242 | 182 | 424 | 2,42 % |
| L-Iżvezja | 81 | 61 | 142 | 0,81 % |
| L-UE 27 | 10 000 | 7 500 | 17 500 | 100,00 % |

Allokazzjonijiet f'miljuni ta' EUR, fi prezzijiet tal-2018 u qabel tnaqqis għal assistenza teknika u nefqa amministrattiva (it-totali jistgħu ma jaqblux minħabba arrotondamenti 'l fuq jew 'l isfel)

*ANNESS II*

**MUDELL GĦALL-PJANIJIET TERRITORJALI GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA**

1. Ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' tranżizzjoni u l-identifikazzjoni tal-aktar territorji milquta b'mod negattiv fl-Istat Membru

| |
|---|
| Il-kaxxa tat-test [12000] |

Referenza: il-punt (a) tal-Artikolu 11(2)

| |
|---|
| 1.1. Deskrizzjoni tal-proċess ta' tranżizzjoni mistenni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, f'konformità mal-objettivi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u pjanijiet oħra ta' tranżizzjoni eżistenti bi skeda ta' żmien għall-waqfien jew it-tnaqqis tal-attivitajiet bħall-estrazzjoni tal-faħam u tal-linjite jew il-produzzjoni tal-elettriku bil-faħam |

Referenza: il-punt (b) tal-Artikolu 11(2)

| |
|---|
| 1.2. L-identifikazzjoni tat-territorji li mistennija jkunu l-aktar milquta b'mod negattiv u ġustifikazzjoni ta' din l-għażla bl-istima korrispondenti tal-impatti ekonomiċi u fuq l-impjiegi abbażi tad-deskrizzjoni tat-Taqsima 1.1 |

Referenza: Artikolu 6

| |
|---|
| 1.3. L-identifikazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer bi sfidi speċifiċi fit-territorji elenkati fit-Taqsima 1.1 u l-ammonti speċifiċi allokati għal dawk it-territorji b'ġustifikazzjoni korrispondenti |

2. Valutazzjoni tal-isfidi ta' tranżizzjoni, għal kull wieħed mit-territorji identifikati

2.1. Valutazzjoni tal-impatt ekonomiku, soċjali u territorjali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050

Referenza: il-punt (c) tal-Artikolu 11(2)

| |
|---|
| Il-kaxxa tat-test [12000] |

L-identifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi u s-setturi industrijali milquta, li tiddistingwi:

— setturi li sejrin lura, li huma mistennija jieqfu jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-attivitajiet tagħhom relatati mat-tranżizzjoni, inkluża skeda ta' żmien korrispondenti;

— it-trasformazzjoni tas-setturi, li mistennija jgħaddu minn trasformazzjoni tal-attivitajiet, il-proċessi u l-outputs tagħhom.

Għal kull wieħed miż-żewġ tipi ta' setturi:

— it-telf mistenni ta' impjiegi u l-ħtiġijiet ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid, filwaqt li jitqiesu l-previżjonijiet tal-ħiliet;

— il-potenzjal ta' diversifikazzjoni ekonomika u l-opportunitajiet ta' żvilupp.

2.2. Il-ħtiġijiet u l-objettivi tal-iżvilupp sal-2030 bil-ħsieb li tinkiseb ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050

Referenza: il-punt (d) tal-Artikolu 11(2)

Il-kaxxa tat-test [6000]

— Il-ħtiġijiet tal-iżvilupp li jindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni;

— L-objettivi u r-riżultati mistennija permezz tal-implimentazzjoni tal-prijorità tal-JTF, inkluż il-kontribut mistenni f'termini ta' ħolqien u preservazzjoni tal-impjiegi.

2.3. Il-konsistenza ma' strateġiji u pjanijiet rilevanti nazzjonali, reġjonali jew territorjali oħra

Referenza: il-punt (e) tal-Artikolu 11(2)

Il-kaxxa tat-test [6000]

— Strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;

— Strateġiji territorjali msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2021/...;

— Pjanijiet ta' żvilupp reġjonali jew nazzjonali oħra.

2.4. Tipi ta' operazzjonijiet previsti

Il-kaxxa tat-test [12000]

Referenza: il-punt (g) tal-Artikolu 11(2)

| |
|---|
| — tip ta' operazzjonijiet previsti u l-kontribut mistenni tagħhom biex jittaffa l-impatt tat-tranżizzjoni |

Referenza: il-punt (h) tal-Artikolu 11(2)

| |
|---|
| Għandha timtela biss jekk jingħata appoġġ lil investimenti produttivi f'intrapriżi minbarra SMEs:<br>— lista indikattiva tal-operazzjonijiet u l-intrapriżi li għandhom jiġi appoġġati u għal kull waħda minnhom ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali sostenn permezz ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investiment |

Aġġorna jew imla din it-taqsima permezz tar-reviżjoni tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, skont id-deċiżjoni li jiġi pprovdut tali appoġġ.

Referenza: il-punt (i) tal-Artikolu 11(2);

| |
|---|
| Għandha timtela biss jekk jingħata sostenn lil investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE:<br>— lista ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati u ġustifikazzjoni li dawn jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jmorru ħafna taħt il-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE u sakemm ikunu meħtieġa għall-protezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi |

Aġġorna jew imla din it-taqsima permezz tar-reviżjoni tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, skont id-deċiżjoni li jiġi pprovdut tali appoġġ.

Referenza: il-punt (j) tal-Artikolu 11(2)

| |
|---|
| — sinerġiji u komplementarjetajiet tal-operazzjonijiet previsti ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir (appoġġ għall-proċess ta' tranżizzjoni), strumenti oħra ta' finanzjament (il-Fond tal-Unjoni għall-Modernizzazzjoni tal-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet) biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' żvilupp identifikati |

Referenza: il-punt (k) tal-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 11(5)

| |
|---|
| — sinerġiji u komplementarjetajiet mal-appoġġ ippjanat mill-pilastri l-oħra tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta<br>— setturi u oqsma tematiċi previsti li jiġu appoġġati taħt il-pilastri l-oħra |

3. Mekkaniżmi ta' governanza

Referenza: il-punt (f) tal-Artikolu 11(2)

Il-kaxxa tat-test [5000]

3.1. Sħubija

— Arranġamenti għall-involviment ta' sħab fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta;
— L-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika

3.2. Monitoraġġ u evalwazzjoni

— Miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ppjanati, inklużi indikaturi li jkejlu l-kapaċità tal-pjan li jilħaq l-objettivi tiegħu

3.3. Korp/korpi ta' koordinazzjoni u ta' monitoraġġ

Korp jew korpi responsabbli għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan u r-rwol tagħhom

4. Indikaturi tal-output jew tar-riżultat speċifiċi għal programm

Referenza: Artikolu 12(1)

Għandha timtela biss jekk ikunu previsti indikaturi speċifiċi għal programm:
— ġustifikazzjoni għall-ħtieġa ta' indikaturi tal-output jew tar-riżultat speċifiċi għal programm ibbażati fuq it-tipi ta' operazzjonijiet previsti

*Tabella 1.*

**Indikaturi tal-output**

| L-objettiv speċifiku | ID [5] | Indikatur [255] | Unità tal-kejl | Stadju importanti (2024) | Mira (2029) |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

*Tabella 2.*

**Indikaturi tar-riżultati**

| L-objettiv speċifiku | ID [5] | Indikatur [255] | Unità tal-kejl | Xenarju bażi jew valur referenzjarju | Sena ta' referenza | Mira (2029) | Sors tad-*data* [200] | Kummenti [200] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | |

*ANNESS III*

**INDIKATURI KOMUNI TAL-OUTPUT U INDIKATURI KOMUNI TAR-RIŻULTATI GĦALL-FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA** ([1])

| Indikaturi Komuni tal-Output REGIO (RCO) u Indikaturi Komuni tar-Riżultati REGIO (RCR) | |
|---|---|
| Outputs | Riżultati |
| RCO 01 — Intrapriżi appoġġati (li minnhom mikro, żgħar, medji, kbar) (*)<br>RCO 02 — Intrapriżi appoġġati b'għotjiet<br>RCO 03 — Intrapriżi appoġġati minn strumenti finanzjarji<br>RCO 04 — Intrapriżi b'appoġġ mhux finanzjarju<br>RCO 05 — Intrapriżi ġodda appoġġati<br>RCO 07 — Organizzazzjonijiet ta' riċerka li jipparteċipaw fi proġetti konġunti ta' riċerka<br>RCO 10 — Intrapriżi li jikkooperaw ma' organizzazzjonijiet ta' riċerka<br>RCO 121 — L-impriżi b'appoġġ biex jiksbu t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE | RCR01 — Impjiegi maħluqa f'entitajiet appoġġati<br>RCR 102 — Impjiegi ta' riċerka maħluqa f'entitajiet appoġġati<br>RCR 02 — Investimenti privati li jikkorrispondu għall-appoġġ pubbliku (li minnhom: għotjiet, strumenti finanzjarji) (*)<br>RCR 03 — Intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li jintroduċu innovazzjoni tal-prodotti jew tal-proċessi<br>RCR 04 — SMEs li jintroduċu innovazzjoni fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-organizzazzjoni<br>RCR 05 — SMEs li jinnovaw internament<br>RCR 06 — Applikazzjonijiet għal privattivi ppreżentati<br>RCR 29a — Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE f'intrapriżi appoġġati |
| RCO 13 — Valur ta' servizzi, prodotti u proċessi diġitali żviluppati għall-intrapriżi | RCR 11 — Utenti ta' servizzi, prodotti u proċessi diġitali pubbliċi ġodda u aġġornati<br>RCR 12 — Utenti ta' servizzi, prodotti u proċessi diġitali ġodda u aġġornati żviluppati mill-intrapriżi |
| RCO 15 — Kapaċità tal-inkubazzjoni maħluqa | RCR 17 — Intrapriżi ġodda li jibqgħu jeżistu fis-suq<br>RCR 18 — SMEs li jużaw servizzi ta' inkubatur wara l-ħolqien tal-inkubatur |
| RCO 101 — SMEs li jinvestu f'ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, għal tranżizzjoni industrijali u imprenditorija | RCR 97 — Apprendistati appoġġati fl-SMEs<br>RCR 98 — Persunal tal-SMEs li jlestu taħriġ għall-ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, għal tranżizzjoni industrijali u imprenditorija (skont it-tip ta' ħiliet: teknika, tmexxija, imprenditorija, ekoloġika, oħrajn) (*) |
| RCO 18 — Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija<br>RCO 19 — Bini pubbliku bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija<br>RCO 20 — Linji tan-network għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali mibnija ġodda jew imtejba<br>RCO 104 — Għadd ta' unitajiet ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja | RCR 26 — Konsum tal-enerġija primarja annwali (li minnu: abitazzjonijiet, binjiet pubbliċi, intrapriżi, oħrajn) (*)<br>RCR 29 — Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati |

([1]) Għal raġunijiet ta' preżentazzjoni, l-indikaturi huma raggruppati biex jipprevedu tqabbil aħjar mal-indikaturi inklużi f'Regolamenti oħra speċifiċi għall-Fond.

| | |
|---|---|
| RCO 22 — Kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli (li minnha: elettrika, termali) (*) | RCR 31 — Enerġija rinnovabbli totali prodotta (li minnha: elettrika, termali) (*)<br>RCR 32 — Kapaċità operattiva addizzjonali installata għall-enerġija rinnovabbli |
| RCO 34 — Kapaċità addizzjonali għar-riċiklaġġ tal-iskart<br>RCO 107 — Investimenti f'faċilitajiet għal ġbir ta' skart separat<br>RCO 119 — Skart imħejji għall-użu mill-ġdid | RCR 47 — Skart riċiklat<br>RCR 48 — Skart użat bħala materja prima |
| RCO 36 — Infrastruttura ekoloġika appoġġata għal skopijiet oħra minbarra l-adattament għat-tibdil fil-klima<br>RCO 38 — Superfiċje ta' art riabilitata appoġġata<br>RCO 39 — Żona koperta minn sistemi ta' monitoraġġ tat-tniġġis tal-arja installati | RCR 50 — Għadd totali ta' persuni li jibbenefikaw minn miżuri għall-kwalità tal-arja (**)<br>RCR 52 — Art riabilitata użata għal żoni ekoloġiċi, akkomodazzjoni soċjali, użi ekonomiċi jew oħrajn |
| RCO 55 — Tul tal-linji tat-tram u tal-metro ġodda<br>RCO 56 — Tul tal-linji tat-tram u tal-metro mibnija mill-ġdid jew modernizzati<br>RCO 57 — Kapaċità ta' vetturi ferrovjarji li jirrispettaw l-ambjent għat-trasport kollettiv pubbliku<br>RCO 58 — Infrastruttura ddedikata għaċ-ċikliżmu appoġġata<br>RCO 60 — Bliet kbar u żgħar b'sistemi ġodda jew modernizzati tat-trasport urban diġitalizzat | RCR 62 — Għadd ta' utenti annwali ta' trasport pubbliku ġdid jew modernizzat<br>RCR 63 — Għadd ta' utenti annwali ta' linji tat-tram u tal-metro ġodda jew modernizzati<br>RCR 64 — Għadd ta' utenti annwali ta' infrastruttura ddedikata għar-roti |
| RCO 61 — Superfiċje ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati għas-servizzi tal-impjieg | RCR 65 — Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati għas-servizzi tal-impjieg |
| RCO 66 — Kapaċità fil-klassijiet ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati ta' kura tat-tfal<br>RCO 67 — Kapaċità fil-klassijiet ta' faċilitajiet edukattivi ġodda jew modernizzati | RCR 70 — Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati tal-indukrar tat-tfal<br>RCR 71 — Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet edukattivi ġodda jew modernizzati |
| RCO 113 — Popolazzjoni koperta minn proġetti fil-qafas ta' azzjonijiet integrati għall-inklużjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, familji bi dħul baxx u gruppi żvantaġġati (**) | |
| RCO 69 — Kapaċità tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati<br>RCO 70 — Kapaċità tal-faċilitajiet tal-kura soċjali ġodda jew modernizzati (minbarra l-akkomodazzjoni) | RCR 72 — Għadd ta' utenti annwali tas-servizzi elettroniċi tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati<br>RCR 73 — Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati<br>RCR 74 — Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet tal-kura soċjali ġodda jew modernizzati |

| Indikaturi Komuni tal-Output Immedjat (EECO) u Indikaturi Komuni tar-Riżultati Immedjati (EECR) għall-parteċipanti (1), (2) | |
|---|---|
| Outputs | Riżultati |
| EECO 01 — persuni qiegħda, inkluż dawk qiegħda fit-tul (**) | EECR 01 — parteċipanti li jfittxu impjieg meta jitilqu (**) |
| EECO 02 — persuni qiegħda fit-tul (**) | EECR 02 — parteċipanti li qed jirċievu edukazzjoni jew taħriġ meta jitilqu (**) |
| EECO 03 — persuni inattivi (**) | EECR 03 — parteċipanti li jiksbu kwalifika meta jitilqu (**) |
| EECO 04 — impjegati, inkluż dawk b'impjieg indipendenti (**) | EECR 04 — parteċipanti b'impjieg, inkluż dawk b'impjieg indipendenti, meta jitilqu (**) |
| EECO 05 — għadd ta' tfal taħt it-18-il sena (**) | |
| EECO 06 — għadd ta' żgħażagħ bejn it-18 u d-29 sena (**) | |
| EECO 07 — għadd ta' parteċipanti ta' 55 sena jew aktar (**) | |
| EECO 08 — persuni b'edukazzjoni sekondarja baxxa jew inqas (ISCED 0-2) (**) | |
| EECO 09 — persuni b'edukazzjoni sekondarja għolja (ISCED 3) jew edukazzjoni postsekondarja (ISCED 4) (**) | |
| EECO 10 — persuni b'edukazzjoni terzjarja (ISCED 5 sa 8) (**) | |
| EECO 11 — għadd totali ta' parteċipanti (3) | |

(*) It-tqassim mhux mitlub għall-programmazzjoni iżda għar-rapportar biss.

(**) Id-*data* rrapportata hija *data* personali skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(1) Iridu jiġu rrapportati l-indikaturi kollha tal-output u tar-riżultati relatati mal-parteċipanti.

(2) Id-*data* personali għandha tinqasam skont il-ġeneru (nisa, irġiel, persuni mhux binarji, skont il-liġi nazzjonali).
Jekk xi riżultati ma jkunux possibbli, id-*data* għal dawk ir-riżultati ma għandhiex għalfejn tinġabar jew tiġi rrapportata.
Fejn xieraq, indikaturi komuni tal-output jistgħu jiġu rrapportati abbażi tal-grupp fil-mira tal-operazzjoni.
Fejn id-*data* tinġabar minn reġistri jew minn sorsi ekwivalenti, l-Istati Membri jistgħu jużaw definizzjonijiet nazzjonali.

(3) Dan l-indikatur għandu jiġi kkalkulat awtomatikament abbażi tal-indikaturi komuni tal-output relatati mal-istatus tal-impjieg.

# REGOLAMENT (UE) 2021/1057 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-24 ta’ Ġunju 2021

## li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b’mod partikolari l-Artikolu 46, il-punt (d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2), il-punt (a), l-Artikolu 164, l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu u l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Fis-17 ta’ Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-“Pilastru”) ġie pproklamat b’mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala risposta għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-20 prinċipju ewlieni tal-Pilastru huma strutturati fi tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol; u l-protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-20 prinċipju tal-Pilastru jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru, jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa l-investimenti fin-nies u s-sistemi fl-oqsma ta’ politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, biex b’hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f’konformità mal-Artikolu 174 TFUE tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(2) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika (is-“Semestru Ewropew”) huwa l-qafas għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet nazzjonali ta’ riforma u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji tal-investimenti pluriennali nazzjonali tagħhom stess b’appoġġ għal dawn il-prijoritajiet ta’ riforma. Dawk l-istrateġiji jenħtieġ li jiġu ppreżentati flimkien mal-programmi nazzjonali ta’ riforma annwali sabiex jiddeskrivu u jikkoordinaw il-proġetti ta’ investiment ta’ prijorità li għandhom jiġu appoġġati minn finanzjament tal-Unjoni jew nazzjonali.

Jenħtieġ li dawn jgħinu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b’mod koerenti u biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut b’mod partikolari mill-programmi appoġġati mill-Unjoni, fejn rilevanti, permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta’ Koeżjoni li l-objettivi speċifiċi u l-ambitu tal-appoġġ tagħhom huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), il-FSE+, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) stabbilit b’Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u l-Programm InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) (il-Programm InvestEU).

([1]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 245.

([2]) ĠU C 86, 7.3.2019, p. 84.

([3]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Jannar 2019 (ĠU C 411, 27.11.2020, p. 324) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-27 ta’ Mejju 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta’ Ġunju 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta’ Koeżjoni (ara l-paġna 60 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

(3) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1512 ([7]) ġew adottati linji gwida riveduti għall-politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri. It-test ta' dawk il-linji gwida ġie allinjat mal-prinċipji tal-Pilastru, bil-ħsieb li titjieb il-kompetittività tal-Ewropa u ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. Biex jiżgura l-allinjament sħiħ tal-FSE+ mal-objettivi ta' dawk il-linji gwida, b'mod partikolari fir-rigward tal-impjiegi, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, il-faqar u d-diskriminazzjoni, jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa lill-Istati Membri, billi jitqiesu l-linji gwida integrati u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti adottati skont l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(2) u (4) TFUE u, meta adegwat, mal-programmi nazzjonali ta' riforma mirfuda bi strateġiji nazzjonali. Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi wkoll għall-aspetti rilevanti tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi u attivitajiet ewlenin tal-Unjoni, b'mod partikolari l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 bit-titlu "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa", tat-30 ta' Settembru 2020 bit-titlu "Żona Ewropea tal-Edukazzjoni", u tas-7 ta' Ottubru 2020 bit-titlu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni" kif ukoll ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol, tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi — Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tat-12 ta' Marzu 2021 dwar l-ugwaljnaza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom.

(4) Fl-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet bit-titlu "Ġejjieni Ewropew sostenibbli: it-tweġiba tal-Unjoni għall-"Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli". Il-Kunsill enfasizza l-importanza li jinkiseb żvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet (ekonomika, soċjali u ambjentali), b'mod bilanċjat u integrat. Huwa kruċjali li l-iżvilupp sostenibbli jiġi integrat fl-oqsma ta' politika interna u esterna kollha tal-Unjoni u li l-Unjoni tkun ambizzjuża fil-politika tagħha li tindirizza l-isfidi dinjin. Il-Kunsill laqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2016 bit-titlu "Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli" bħala l-ewwel pass fl-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem "Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU") u l-applikazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju ta' gwida essenzjali għall-politika kollha tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istrumenti ta' finanzjament tagħha. Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-SDGs tan-NU billi, fost oħrajn, jeqred il-forom estremi ta' faqar (SDG 1); jippromwovi edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva (SDG 4); jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (SDG 5); jippromwovi tkabbir ekonomiku kontinwu, inklużiv u sostenibbli, impjieg sħiħ u produttiv u xogħol diċenti għal kulħadd (SDG 8); u jnaqqas l-inugwaljanza (SDG 10).

(5) L-iżviluppi reċenti u li għaddejjin aggravaw l-isfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, l-inugwaljanzi soċjali, il-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni u t-theddida akbar għas-sigurtà, it-tranżizzjoni għall-enerġija nadifa, il-bidla teknoloġika, it-tnaqqis demografiku, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ u forza tax-xogħol li qed tixjieħ dejjem aktar kif ukoll sfidi li joħorġu minn disparitajiet dejjem jiżdiedu bejn id-domanda u l-provvista ta' ħiliet u forza tax-xogħol f'xi setturi u reġjuni, imġarrba speċjalment mill-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs). It-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u t-trasformazzjoni tal-ekosistemi industrijali Ewropej aktarx li ser ifissru bosta opportunitajiet ġodda, jekk ikunu akkumpanjati mill-ġabra xierqa ta' ħiliet, u minn politiki u azzjonijiet marbutin mal-impjiegi u mal-qasam soċjali. Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tħejji ruħha għall-isfidi attwali u dawk futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u billi ttejjeb il-politika dwar l-impjiegi u dik soċjali, filwaqt li tqis is-sostenibbiltà ekonomika u industrijali u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u bil-għan li jiġi stabbilit suq tax-xogħol b'bilanċ bejn il-ġeneri.

(6) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) jistabbilixxi l-qafas għall-azzjoni mill-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (FTĠ) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), il-FEMSA, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), il-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Politika dwar il-Viżi bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u jistipula, b'mod partikolari, l-objettivi ta' politika u r-regoli li jikkonċernaw il-programmazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll għal fondi tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni kondiviża. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-objettivi ġenerali tal-FSE+ u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tip ta' attivitajiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-FSE+.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1512 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L 344, 19.10.2020, p. 22).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Politika dwar il-Viżi (ara l-paġna 159 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(7) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) (ir-"Regolament Finanzjarju") jistipula r-regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni (il-baġit tal-Unjoni), inkluż ir-regoli għotjiet, premjijiet, akkwist, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u rimborż ta' esperti esterni. Jista' jingħata kofinanzjament għal għotjiet mir-riżorsi proprji tal-benefiċjarji, dħul iġġenerat mill-proġett jew kontribuzzjonijiet finanzjarji jew *in natura* minn partijiet terzi. Biex tkun żgurata l-konsistenza fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni, jenħtieġ li r-Regolament Finanzjarju jiġi applikat għall-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta jew indiretta taħt l-FSE+.

(8) Jenħtieġ li l-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u l-metodi ta' implimentazzjoni taħt dan ir-Regolament jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jilħqu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Fir-rigward ta' għotjiet, dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u spejjeż unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif imsemmi fl-Artikolu 125(1), il-punt (a) tar-Regolament Finanzjarju. Biex jiġu implimentati miżuri marbuta mal-integrazzjoni soċjoekonomika tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi, u skont l-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2021/1060, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tirrimborża lill-Istati Membri bl-użu ta' alternattivi ssimplifikati tal-kosti inklużi somom f'daqqa.

(9) Biex jiġi razzjonalizzat u ssimplifikat ix-xenarju ta' finanzjament u jinħolqu opportunitajiet addizzjonali għal sinerġiji permezz ta' approċċi ta' finanzjament integrati, jenħtieġ li l-azzjonijiet li kienu appoġġati mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) u mill-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-Unjoni Ewropea, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]),jiġu integrati fl-FSE+. Jenħtieġ li l-FSE+ ikun jikkonsisti minn żewġ fergħat: fergħa taħt ġestjoni kondiviża (il-"fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża"), li jenħtieġ li tiġi implimentata taħt ġestjoni kondiviża, u l-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("il-fergħa EaSI") li ser tiġi implimentata taħt ġestjoni diretta u indiretta. Dan għandu jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piż amministrattiv marbut mal-ġestjoni ta' fondi differenti, b'mod partikolari għall-Istati Membri u l-benefiċjarji, filwaqt li jżomm fis-seħħ regoli aktar sempliċi għal operazzjonijiet aktar sempliċi bħad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika.

(10) Fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-FSE+, jixraq li l-għanijiet li titjieb l-effettività tas-swieq tax-xogħol, jiġi promoss aċċess indaqs għal impjiegi ta' kwalità, jitjieb l-aċċess indaqs għall-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kwalità tagħhom biex jgħin għar-riintegrazzjoni fis-sistemi edukattivi, jiġu promossi l-inklużjoni soċjali, jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-persuni vulnerabbli u li jingħata kontribut għall-qerda tal-faqar, ma jiġux implimentati biss taħt ġestjoni kondiviża taħt il-fergħa ESF+ taħt ġestjoni kondiviża, iżda anki, għal azzjonijiet meħtieġa fil-livell tal-Unjoni, taħt ġestjoni diretta u indiretta permezz tal-fergħa EaSI għall-azzjonijiet meħtieġa fil-livell tal-Unjoni.

(11) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul ta' żmien sħiħ tal-FSE+, li jenħtieġ li jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarju, fis-sens tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([13]), għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. Jenħtieġ li jispeċifika l-allokazzjoni għall-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża u l-allokazzjoni għall-azzjonijiet li jkunu ser jiġu implimentati fil-fergħa EaSI.

([10]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r- Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([11]) Ir-Regolament (UE) nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

([12]) Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238).

([13]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

(12) Bil-ħsieb li tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi u operazzjonali tal-fergħa EaSI, jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa attivitajiet marbutin mal-assistenza teknika u amministrattiva, bħal attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, filwaqt li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u tixrid jenħtieġ li jkunu parti mill-azzjonijiet eliġibbli fil-fergħa EaSI.

(13) Jenħtieġ li l-FSE+ ikollu l-għan li jippromwovi l-impjiegi permezz ta' interventi attivi li jippermettu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, partikolarment għaż-żgħażagħ speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa, għall-persuni qiegħda fit-tul, għall-gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol u għall-persuni inattivi, kif ukoll permezz ta' promozzjoni tal-impjiegi indipendenti u l-ekonomija soċjali. Jenħtieġ li l-FSE+ ikollu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol billi jappoġġa l-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol bħas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi sabiex itejjeb il-kapaċità tagħhom li jipprovdu pariri u gwida mmirati u intensifikati waqt it-tiftix tal-impjiegi u t-tranżizzjoni għax-xogħol u biex titjieb il-mobbiltà tal-ħaddiema. Jenħtieġ li l-FSE+ jippromwovi l-parteċipazzjoni b'bilanċ bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol permezz ta' miżuri bil-għan li jiġu żgurati, inter alia, kundizzjonijiet ta' xogħol ugwali, bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u aċċess għall-indukrar tat-tfal, inkluż edukazzjoni u indukrar bikrin tat-tfal. Jenħtieġ li l-FSE+ ikollu wkoll l-għan li jipprovdi ambjent tax-xogħol san u adattat sew sabiex iwieġeb għar-riskji tas-saħħa relatati ma' forom tax-xogħol li qed jinbidlu, u l-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol li qed tixjieħ.

(14) L-FSE+ jenħtieġ li jipprovdi appoġġ biex jitjiebu l-kwalità, l-inklużività, l-effettività u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, inkluż permezz tal-promozzjoni tat-tagħlim diġitali, il-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali, l-iżvilupp professjonali tal-persunal tat-tagħlim, sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba ta' kompetenzi ewlenin l-aktar fir-rigward tal-ħiliet bażiċi, inkluż il-litteriżmu fis-saħħa, il-litteriżmu fil-media, il-ħiliet intraprenditorjali, il-ħiliet lingwistiċi, il-ħiliet diġitali u l-kompetenzi għall-iżvilupp sostenibbli li l-individwi kollha għandhom bżonn għas-sodisfazzjon u l-iżvilupp personali, għall-impjieg, għall-inklużjoni soċjali u għaċ-ċittadinanza attiva. L-FSE+ jenħtieġ li jgħin fil-progressjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fit-tranżizzjoni għax-xogħol, jenħtieġ li jappoġġa t-tagħlim tul il-ħajja u l-impjegabbiltà bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà għal kulħadd, u jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-kompetittività inkluż permezz tal-istħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati u għall-innovazzjoni ekonomika u soċjetali billi jappoġġa inizjattivi sostenibbli li jistgħu jittejbu f'dawk l-oqsma u adattati għal gruppi fil-mira differenti bħal pereżempju l-persuni b'diżabilità. Tali għajnuna, appoġġ u kontribuzzjoni jistgħu jinkisbu, pereżempju permezz ta' tagħlim online, taħriġ imsejjes fuq ix-xogħol, traineeships, sistemi doppji ta' edukazzjoni u taħriġ, u apprendistati kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi, gwida tul il-ħajja, antiċipazzjoni tal-ħiliet b'kooperazzjoni fil-qrib mal-industrija, aġġornament tal-materjali u tal-metodi tat-taħriġ, previżjonijiet u stħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati, taħriġ tal-edukaturi, validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim, u rikonoxximent tal-kwalifiki u taċ-ċertifikazzjonijiet imsejsa fuq l-industrija.

(15) L-appoġġ mill-FSE+ jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi aċċess ugwali għal kulħadd, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, mhux segregati u inklużivi, li jibda mill-edukazzjoni u l-indukrar bikrin tat-tfal filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għal tfal ġejjin minn ambjent soċjoekonomiku żvantaġġat, permezz ta' edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali, b'mod partikolari l-apprendistati, sal-livell terzjarju, kif ukoll permezz ta' edukazzjoni u taħriġ għall-adulti, ukoll permezz ta' attivitajiet sportivi u kulturali. L-FSE+ jenħtieġ li jipprovdi appoġġ immirat għall-istudenti fil-bżonn u jnaqqas l-inugwaljanzi edukattivi, inkluż id-distakk diġitali, jipprevjeni u jnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, irawwem il-permeabbiltà bejn is-setturi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, isaħħaħ ir-rabtiet mat-tagħlim mhux formali u informali u jiffaċilita l-mobbiltà tat-tagħlim għal kulħadd u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità. F'dan il-kuntest jenħtieġ jiġu appoġġati s-sinerġiji ma' Erasmus+ stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), b'mod partikolari biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' studenti żvantaġġati fil-mobbiltà tat-tagħlim.

([14]) Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

(16) L-FSE+ jenħtieġ li jippromwovi opportunitajiet flessibbli għat-titjib tal-ħiliet u għall-kisba ta' ħiliet ġodda u differenti minn kulħadd, b'mod partikolari l-ħiliet intraprenditorjali u diġitali, u l-ħiliet għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali kif ukoll il-ħiliet għall-ekonomija ekoloġika kif ukoll għall-ekosistemi industrijali f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titlu "Strateġija Industrijali ġdida għall-Ewropa". F'konformità mal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet ([15]), l-FSE+ jenħtieġ li jappoġġa perkorsi flessibbli, inkluż taħriġ modulari, aċċessibbli, b'miri qosra, li jwassal għal kredenzjali, bil-ħsieb li l-persuni jiġu pprovduti b'ħiliet li huma aġġustati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tal-ekosistemi industrijali, għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, għall-innovazzjoni u għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-faċilitazzjoni tat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet u l-impjegabbiltà, it-tranżizzjonijiet fil-karriera, il-mobbiltà ġeografika u settorjali u jappoġġa b'mod partikolari l-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, persuni b'diżabilità u l-adulti b'livell baxx ta' kwalifiki. L-FSE+ jenħtieġ ukoll li jiffaċilita l-għoti ta' appoġġ lill-individwi fir-rigward ta' ħiliet integrati, inkluż dawk li jaħdmu, dawk li jaħdmu għal rashom u persuni li jinsabu qiegħda permezz ta' strumenti bħal pereżempju kontijiet individwali tal-apprendiment.

(17) Jenħtieġ li s-sinerġiji ma' Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni — stabbilit bir-Regoalment (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) (Orizzont Ewropa) jiżguraw li l-FSE+ jkun jista' jintegra u jsaħħaħ il-kurrikuli innovattivi appoġġati mill-Orizzont Ewropa sabiex in-nies jingħataw il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-impjiegi tal-futur.

(18) Jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar bil-għan li jkissru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ minn ġenerazzjoni għal oħra u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inaqqsu l-ostakli, jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa. Tali appoġġ jimplika l-mobilizzazzjoni ta' firxa ta' politiki mmirati għall-aktar persuni żvantaġġati irrispettivament mill-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, b'mod partikolari komunitajiet marġinalizzati bħall-persuni Roma, persuni b'diżabilità jew mard kroniku, persuni mingħajr dar, tfal u persuni anzjani. Jenħtieġ li l-FSE+ jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. Jenħtieġ li l-FSE+ jintuża wkoll biex jitjieb l-aċċess ugwali u fil-ħin għal servizzi affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja li jippromwovu l-aċċess għall-akkomodazzjoni u kura ċċentrata fuq il-persuna bħall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, b'mod partikolari servizzi ta' kura bbażata fil-komunità u familja. L-FSE+ jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali b'enfasi partikolari fuq it-tfal u l-gruppi żvantaġġati u bil-ħsieb, b'mod partikolari, li jingħata kontribut għall-aċċessibbiltà ta' tali sistemi, fost l-oħrajn għal persuni b'diżabilità.

(19) Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar billi jappoġġa skemi nazzjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu d-deprivazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u l-persuni l-aktar fil-bżonn. Bil-għan ġenerali li minimu ta' 4 % tar-riżorsi tal-fergħa tal-FSE + taħt ġestjoni kondiviża fil-livell tal-Unjoni jappoġġa lill-persuni l-aktar fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw mill-inqas 3 % tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża biex jindirizzaw il-forom tal-faqar estrem bl-akbar impatt f'termini ta' esklużjoni soċjali, bħall-problema ta' persuni mingħajr dar, il-faqar tat-tfal u l-privazzjoni alimentari. Il-provvediment ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lil dawk l-aktar fil-bżonn ma għandux jissostitwixxi l-benefiċċji soċjali eżistenti pprovduti lilhom fi ħdan is-sistemi soċjali nazzjonali jew skont il-liġi nazzjonali. Minħabba n-natura tal-operazzjonijiet u t-tip ta' riċevituri aħharin, huwa neċessarju li jiġu applikat regoli aktar sempliċi għall-appoġġ li jindirizza d-deprivazzjoni materjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn.

(20) Fid-dawl tal-ħtieġa persistenti li jiżdiedu l-isforzi li jindirizzaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji fl-Unjoni kollha kemm hi u biex ikun żgurat appoġġ koerenti, b'saħħtu u konsistenti għall-isforzi ta' solidarjetà u ta' qsim tar-responsabbiltà, jenħtieġ li l-FSE+ jipprovdi appoġġ li jippromwovi l-integrazzjoni soċjoekonomika tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi, inkluż migranti, li jista' jinkludi inizjattivi fil-livell lokali, b'mod kumplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-AMIF, mill-FEŻR u minn fondi oħrajn tal-Unjoni li jista' jkollhom effett pożittiv fuq l-inklużjoni tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi.

([15]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti (ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1).

([16]) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

(21) Minħabba l-importanza tal-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-FSE+ jenħtieġ li jiżgura s-sinerġiji u l-kumplementarjetajiet mal-Programm l-UE għas-Saħħa stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]) u l-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+ jenħtieġ li jinkludi l-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

(22) Jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa riformi tal-politika u tas-sistemi fl-oqsma tal-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal persuni vulnerabbli, il-kura fit-tul, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u b'hekk jingħata kontribut għall-qerda tal-faqar. Biex jissaħħaħ l-allinjament mas-Semestru Ewropew, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw ammont adegwat mir-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti relatati mal-isfidi strutturali li huwa adatt li jiġu indirizzati b'investimenti pluriennali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+, filwaqt li jqisu l-Pilastru , it-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Indikaturi Soċjali kif rieżaminata wara l-adozzjoni tal-miri ġodda stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Soċjali, u l-ispeċifiċitajiet reġjonali.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw koerenza, koordinazzjoni u kumplementarjetà bejn il-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża u fondi, programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni, bħall-FTĠ, il-FEŻR, il-programm l-UE għas-Saħħa, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]) il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Spostati, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]), il-FEMSA, Erasmus, l-AMIF, Orizzont Ewropa, il-FAEŻR, il-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]), il-Programm InvestEU, il-Programm Ewropa Kreattiva stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]), il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]) u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([23]).

B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istat Membru jiżguraw li f'kull stadju tal-proċess ikun hemm koordinazzjoni effettiva sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, il-komplementarjetà u s-sinerġija fost is-sorsi ta' finanzjament, inkluż l-assistenza teknika tagħhom.

(23) Billi jiġu appoġġati l-objettivi speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, inter alia, billi jsir kontribut għall–objettiv ta' politika "Ewropa aktar soċjali u inklużiva li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2021/1060, l-FSE+ ser ikompli jikkontribwixxi għal strateġiji ta' żvilupp territorjali u lokali sabiex jiġi implimentat il-Pilastru. Ser jappoġġa l-għodod imsemmija fl-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament u b'hekk jikkontribwixxi wkoll għat-twettiq tal-objettiv ta' politika "Ewropa eqreb taċ-ċittadini permezz tat-trawwim ta' żvilupp sostenibbli u integrat tat-tipi kollha ta' territorji u inizjattivi lokali" kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2021/1060, inkluż permezz ta' miżuri għat-tnaqqis tal-faqar u għall-inklużjoni soċjali filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni urbani, rurali u kostali bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi fil-bliet u r-reġjuni.

(24) Sabiex jiġi żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa, kif stabbilita fil-Pilastru, tingħata spinta 'l quddiem kif xieraq u li ammont minimu ta' riżorsi jiġi mmirat għall-persuni li huma l-aktar fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw mill-inqas 25 % tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża biex titrawwem l-inklużjoni soċjali.

([17]) Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

([19]) Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

([20]) Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

([21]) Ir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 sa 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34).

([22]) Ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014 (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 32).

([23]) Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

(25) Bil-ħsieb li jiġi indirizzat il-livell persistentement għoli ta' faqar fost it-tfal fl-Unjoni, u f'konformità mal-prinċipju 11 tal-Pilastru, li jiddikjara li t-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar u li t-tfal li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati għandhom id-dritt għal miżuri speċifiċi biex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprogrammaw ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal għal attivitajiet li jindirizzaw il-faqar fost it-tfal f'konformità mal-għanijiet speċifiċi tal-FSE+ li jippermettu l-programmazzjoni ta' riżorsi għal azzjonijiet li jappoġġaw direttament l-aċċess indaqs tat-tfal għall-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni xierqa. Jenħtieġ li l-Istati Membri li għall-perijodu bejn l-2017 u l-2019 kellhom rata medja ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' tfal taħt it-18-il sena f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, abbażi tad-data tal-Eurostat, jallokaw mill-inqas 5 % mir-riżorsi tagħhom tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża għal dawk l-attivitajiet. Jenħtieġ li l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal dan ir-rekwiżit ta' konċentrazzjoni tematika jgħoddu għar-rekwiżit ta' 25 % tal-konċentrazzjoni tematika għall-inklużjoni soċjali meta jiġu pprogrammati skont l-objettivi speċifiċi rilevanti.

(26) Sabiex jiġi ffaċilitat irkupru ekonomiku inklużiv wara kriżi kbira u biex jiġi appoġġat l-impjieg taż-żgħażagħ f'dinja tax-xogħol li qed tinbidel u fid-dawl ta' livelli persistentement għoljin ta' qgħad u inattività taż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati membri u reġjuni, huwa neċessarju li l-Istati Membri jinvestu ammont xieraq tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+ f'miżuri li jappoġġaw l-impjieg u l-ħiliet taż-żgħażagħ, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' skemi taħt il-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Filwaqt li jsejsu fuq l-azzjonijiet appoġġati mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tul il-perijodu ta' programmazzjoni 2014 sal-2020 taħt ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]), li jimmira lejn individwiu fuq it-tagħlimiet meħuda, jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu aktar perkorsi ta' riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol u tal-edukazzjoni ta' kwalità u jinvestu fil-prevenzjoni bikrija u s-sensibilizzazzjoni effettiva billi, meta dan ikun rilevanti, jagħtu prijorità liż-żgħażagħ qiegħda għal żmien twil, inattivi u żvantaġġati, inkluż b'ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinvestu wkoll f'miżuri bil-għan li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol kif ukoll f'kapaċitajiet xierqa ta' servizzi għall-impjieg ħalli jipprovdu appoġġ personalizzat u olistiku liż-żgħażagħ u offerti mmirati aħjar għalihom. Bl-integrazzjoni sħiħa tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fl-FSE+, it-twettiq ta' azzjonijiet immirati għall-impjieg taż-żgħażagħ ser ikun aktar effettiv u effiċjenti u l-kamp ta' applikazzjoni ser jiġi estiż għal miżuri u riformi strutturali, biex b'hekk jiġi żgurat tqabbil aħjar bejn l-appoġġ mill-finanzjament mill-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa.

It-titjib tal-ħiliet u l-kisba ta' ħiliet ġodda u differenti jenħtieġ li jgħinu liż-żgħażagħ jaħtfu l-opportunitajiet ta' setturi li qed jikbru u jippreparawhom għan-natura dejjem tinbidel tax-xogħol, filwaqt li jisfruttaw l-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u mit-trasformazzjoni tal-ekosistemi industrijali tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri li kellhom rata ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' żgħażagħ b'età bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjieg, l-edukazzjoni, jew it-taħriġ għall-perijodu bejn l-2017 u l-2019, abbażi tad-data tal-Eurostat, jallokaw mill-inqas 12,5 % mir-riżorsi tagħhom taħt ġestjoni kondiviża tal-fergħa tal-FSE+ għal dawk l-azzjonijiet.

(27) F'konformità mal-Artikolu 349 TFUE u l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 dwar dispożizzjonijiet speċjali għall-Objettiv 6 fil-qafas tal-Fondi Strutturali fil-Finlandja, in-Norveġja u l-Iżvezja annessi għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994 ([25]), ir-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni tat-Tramuntana b'popolazzjoni baxxa huma intitolati għal miżuri speċifiċi skont politiki komuni u programmi tal-Unjoni. Minħabba l-limitazzjonijiet permanenti bħad-depopolazzjoni, dawk ir-reġjuni jeħtieġu appoġġ speċifiku.

(28) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE+ hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għaldaqstant huwa essenzjali li l-Istati Membri jallokaw ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża biex jiżguraw il-parteċipazzjoni sinifikanti tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża. Dik il-parteċipazzjoni jenħtieġ li tinkludi korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, bħas-sħab ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u l-korpi responsabbli mill-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri b'rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar il-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali jew tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jallokaw mill-inqas 0,25 % tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża għal dak l-iskop minħabba l-ħtiġijiet speċifiċi li għandhom f'dak il-qasam.

([24]) Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

([25]) ĠU C 241, 29.8.1994, p. 9.

(29) Bil-ħsieb li l-politika tkun aktar kapaċi twieġeb għall-bidla fis-soċjetà u kif ukoll biex jitħeġġu u jkunu appoġġati s-soluzzjonijiet innovattivi, l-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali hu kruċjali. B'mod partikolari, l-ittestjar u l-evalwazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi qabel ma jiġu estiżi huma strumentali biex tittejjeb l-effiċjenza tal-politika u b'hekk ikun iġġustifikat appoġġ speċifiku mill-FSE+. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jistgħu jaqdu rwol ewlieni fit-twettiq tal-innovazzjoni soċjali u fil-kontribut għar-reżiljenza ekonomika u soċjali. Id-definizzjoni ta' intrapriża tal-ekonomija soċjali jenħtieġ li tkun konformi mad-definizzjonijiet ipprovduti fil-liġi nazzjonali u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa. Barra minn hekk, bil-ħsieb li jissaħħu t-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-għarfien u tal-prattiki, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jkomplu l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali tagħhom taħt ġestjoni kondiviża fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-inklużjoni soċjali f'konformità mal-objettivi speċifiċi tal-FSE+.

(30) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa b'konformità mal-Artikolu 8 TFUE biex titrawwem l-ugwaljanza fit-trattament u fl-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, inkluż i l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjiegi u l-progressjoni tal-karriera. Jenħtieġ jiżguraw ukoll li l-FSE+ jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 TFUE, jippromwovi l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà b'mod ugwali bħall-oħrajn u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità adottata fit-13 ta' Diċembru 2006 fi New York. Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità bil-għan li tittejjeb l-integrazzjoni fl-impjieg, l-edukazzjoni u t-taħriġ, b'hekk tissaħħaħ l-inklużjoni tagħhom fl-isferi kollha tal-ħajja. Jenħtieġ li l-promozzjoni ta' tali aċċessibbiltà titqies fid-dimensjonijiet kollha u fl-istadji kollha tat-tħejjija, il-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi, fil-ħin u b'mod konsistenti filwaqt li jiġi żgurat li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs. Jenħtieġ li l-FSE+ jippromwovi wkoll it-tranżizzjoni mill-kura residenzjali jew istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità u f'familja, b'mod partikolari għal dawk li jġarrbu diskriminazzjoni multipla. Jenħtieġ li l-FSE+ ma jappoġġa ebda azzjoni li tikkontribwixxi għal segregazzjoni jew esklużjoni soċjali. Ir-Regolament (UE) 2021/1060 jistipula li r-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa jridu jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali, b'ċerti eċċezzjonijiet li għalihom huwa neċessarju li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża.

(31) L-operazzjonijiet kollha jenħtieġ li jintgħażlu u jiġu implimentati b'ħarsien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). Il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura li l-ilmenti jiġu vvalutati fil-ħin, inkluż ilmenti relatati ma' ksur tal-Karta, u jenħtieġ li tinforma lill-ilmentatur dwar ir-riżultat tal-valutazzjoni tagħha f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2017 intitolata "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar".

(32) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-ġbir tad-data, ir-rekwiżiti ta' rappurtar jenħtieġ li jinżammu sempliċi kemm jista' jkun. Fejn data tkun disponibbli f'reġistri jew sorsi ekwivalenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu, jippermettu lill-awtoritajiet ta' ġestjoni jiġbru data mir-reġistri.

(33) Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-kontrolluri nazzjonali tad-data jwettqu l-kompiti tagħhom għall-finijiet ta' dan ir-Regolament b'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]). Jenħtieġ li d-dinjità ta' u r-rispett għall-privatezza tar-riċevituri aħħarin tal-operazzjonijiet taħt l-objettiv speċifiku "l-indirizzar tal-privazzjoni materjali permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn, inklużi t-tfal, u l-għoti ta' miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali tagħhom" jiġu ggarantiti. Sabiex tiġi evitata kull stigmatizzazzjoni, jenħtieġ li l-persuni li jirċievu ikel u/jew assistenza materjali bażika ma jintalbux jidentifikaw irwieħhom meta jirċievu l-appoġġ u meta jieħdu sehem fi stħarriġ dwar il-persuni l-aktar fil-bżonn li jkunu bbenefikaw mill-FSE+.

([26]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ( ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(34) L-esperimentazzjoni soċjali hija ttestjar ta' proġett fuq skala żgħira li jippermetti l-ġbir ta' evidenza dwar il-fattibbiltà tal-innovazzjonijiet soċjali. Jenħtieġ li jkun possibbli u li jitheġġeġ li l-ideat jiġu ttestjati fil-livell lokali u li dawk l-ideat li jkunu fattibbli jitwettqu fuq skala usa', fejn ikun xieraq, jew jiġu ttrasferiti lejn kuntesti oħra f'reġjuni jew Stati Membri differenti b'appoġġ finanzjarju mill-FSE+ jew f'kombinazzjoni ma' sorsi oħrajn.

(35) L-FSE+ jistabbilixxi dispożizzjonijiet maħsuba biex jiksbu l-libertà tal-moviment tal-ħaddiema b'mod nondiskriminatorju billi jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tas-sħab soċjali. In-network Ewropew tas-servizzi tal-impjiegi jenħtieġ li jippromwovi funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol billi jiffaċilita l-mobbiltà transkonfinali tal-ħaddiema, partikolarment permezz ta' sħubijiet transkonfinali, u aktar trasparenza tal-informazzjoni dwar is-swieq tax-xogħol. Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+ jinkludi l-iżvilupp ta' skemi mmirati tal-mobbiltà, u l-appoġġ għalihom, bil-għan li jimtlew il-postijiet battala meta jkunu ġew identifikati skarsezzi fis-suq tax-xogħol.

(36) In-nuqqas ta' aċċess għal finanzi tal-mikrointrapriżi, l-intrapriżi soċjali u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huwa wieħed mill-ostakli ewlenin għall-ftuħ tan-negozji, speċjalment fost il-persuni l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. Taħt il-fergħa tal-EaSI, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet sabiex tinħoloq ekosistema tas-suq biex tiżdied il-provvista tal-finanzi u l-aċċess għalihom għall-intrapriżi speċjali kif ukoll biex tiġi sodisfatta d-domanda ta' dawk li l-aktar jeħtieġuhom, u b'mod partikolari l-persuni qiegħda, in-nisa u l-persuni vulnerabbli li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw mikrointrapriża. Dak l-objettiv ser jiġi indirizzat ukoll permezz ta' strumenti finanzjarji u garanzija baġitarja skont it-tieqa ta' politika tal-investiment soċjali u l-ħiliet tal-Fond InvestEU. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, fejn ikunu definiti fil-liġi nazzjonali, jenħtieġ li jitqiesu intrapriżi soċjali fi ħdan il-kuntest tal-fergħa tal-EaSI, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom, sakemm dawk l-intrapriżi jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' intrapriża soċjali pprovduta f'dan ir-Regolament.

(37) L-atturi tas-suq tal-investiment soċjali, inkluż l-atturi filantropiċi, jistgħu jaqdu rwol ewlieni fil-kisba ta' diversi objettivi tal-FSE+, minħabba li dawn joffru finanzjament kif ukoll approċċi innovattivi u kumplimentari għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar, biex jonqos il-qgħad u jingħata kontribut għall-SDGs tan-NU. Għaldaqstant jenħtieġ li l-atturi filantropiċi bħall-fondazzjonijiet u d-donaturi jkunu involuti f'azzjonijiet tal-ESF+, kif xieraq u dment li ma jkollhomx aġenda politika jew soċjali li tkun konfliġġenti mal-ideali tal-Unjoni, b'mod partikolari f'dawk l-azzjonijiet li huma mmirati li jiżviluppaw l-ekosistema tas-suq tal-investiment soċjali.

(38) Hija meħtieġa gwida taħt il-fergħa tal-EaSI b'rabta mal-iżvilupp ta' infrastrutturi soċjali u servizzi relatati, b'mod partikolari għall-akkomodazzjoni soċjali, l-indukrar tat-tfal u l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, inkluż faċilitajiet biex jiġu assistiti t-tranżizzjonijiet minn servizzi ta' kura istituzzjonali għal servizzi ta' kura bbażata fil-komunità jew f'familja u filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità.

(39) Bħala riflessjoni tal-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi adottat fi ħdan il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima ([27]), u l-SDGs tan-NU, dan ir-Regolament ser jikkontribwixxi lejn l-integrazzjoni ta' azzjonijiet b'rabta mal-klima u lejn il-kisba ta' mira ġenerali fejn 30 % tan-nefqa baġitarja tal-Unjoni li tappoġġa l-objettivi relatati mal-klima. Waqt it-tħejjija u l-implimentazzjoni ser jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, li jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu.

(40) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE ([28]), il-persuni u l-entitajiet stabbiliti fil-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej iridu jkunu eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u l-objettivi tal-fergħa tal-EaSI u għall-arranġamenti applikabbli għall-Istat Membru li l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej rilevanti huma marbuta miegħu.

(41) Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea jistgħu jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([29]), li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi abbażi ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. Il-pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw ukoll abbażi ta' strumenti legali oħrajn. Jenħtieġ tiddaħħal dispożizzjoni speċifika f'dan ir-Regolament li tirrikjedi li l-pajjiżi terzi jagħtu d-drittijiet neċessarji u l-aċċess meħtieġ għall-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Qorti tal-Awdituri biex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv.

([27]) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.
([28]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija) (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).
([29]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

(42) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-indikaturi għall-finijiet ta' rappurtar fil-fergħa tal-EaSI. Dawk l-indikaturi jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-output u jkunu oġġettivi, faċli li jinstabu, u proporzjonati għas-sehem tal-fergħa tal-EaSI fi ħdan l-FSE+ kollu. Jenħtieġ li jkopru l-objettivi operazzjonali u l-attivitajiet ta' finanzjament fi ħdan il-fergħa tal-EaSI, mingħajr ma jirrikjedu l-iffissar ta' miri korrispondenti.

(43) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]) u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([31]), (KE, Euratom) Nru 2185/96 ([32]) u (UE) 2017/1939 ([33]), l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa b'mod mhux dovut jew użati b'mod mhux korrett. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-OLAF għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([34]). F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi mill-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(44) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 TFUE japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, premjijiet, akkwist, ġestjoni indiretta, u jipprovdu għal verifiki dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(45) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb l-effettività tas-swieq tax-xogħol li jiġi promoss aċċess ugwali għal impjiegi ta' kwalità, jitjiebu l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kwalità tagħhom, tiġi promossa l-inklużjoni soċjali u jingħata kontribut biex jinqered il-faqar, kif ukoll l-għanijiet fil-mira taħt il-fergħa tal-EaSI, ma jistgħux jinkisbu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri, iżda minflok, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(46) Sabiex jiġu emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 TFUE tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar u l-issupplimentar tal-annessi fuq l-indikaturi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([35]). B'mod partikolari,

([30]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal- Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

([31]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

([32]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

([33]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

([34]) Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

([35]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom għandhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(47) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Is-setgħat tal-implimentazzjoni b'rabta mal-mudell għall-istħarriġ strutturat dwar ir-riċevituri aħħarin jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]) minħabba n-natura ta' dan il-mudell.

(48) Sabiex ikun jista' jingħata rispons rapidu għal ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu kif imsemmi fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir li jistgħu jirriżultaw matul il-perijodu ta' programmazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta miżuri temporanji biex tiffaċilita l-użu tal-appoġġ mill-FSE+ b'reazzjoni għal dawk iċ-ċirkostanzi, b'limitu massimu ta' żmien ta' 18-il xahar. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta l-miżuri li huma l-aktar xierqa fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu li Stat Membru jkun qed jiffaċċa filwaqt li tippreserva l-objettivi tal-ESF+, iżda jenħtieġ li dan ma jkunx jinkludi emendi għar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika. Barra minn hekk, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-miżuri temporanji għall-użu tal-appoġġ mill-ESF+ b'reazzjoni għal ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu jingħataw lill-Kummissjoni mingħajr proċeduri ta' kumitat, minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-miżuri huwa ddeterminat mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u huwa limitat għall-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja wkoll l-implimentazzjoni u tivvaluta l-adegwatezza tal-miżuri temporanji. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun neċessarju li jiġi emendat ir-Regolament minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-emenda ma jkunx jinkludi r-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika relatati mal-impjieg taż-żgħażagħ jew mal-appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn. Minħabba l-fatt li ż-żgħażagħ u l-persuni l-aktar fil-bżonn sikwit jiġu affettwati bl-aktar mod negattiv minn sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal dawn. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġi żgurat li dawk il-gruppi fil-mira jkomplu jirċievu ammont adegwat ta' appoġġ.

(49) Fl-amministrazzjoni tal-FSE+, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi assistita minn Kumitat kif imsemmi fl-Artikolu 163 TFUE (il-"Kumitat tal-FSE+"). Sabiex il-Kumitat tal-FSE+ ikun jista' jkollu l-informazzjoni kollha neċessarja għad-dispożizzjoni tiegħu u jikseb firxa wiesgħa ta' fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, jenħtieġ li l-Kumitat tal-FSE + ikun jista' jistieden lil rappreżentanti mingħajr dritt tal-vot sakemm l-aġenda tal-laqgħa tkun teħtieġ il-parteċipazzjoni tagħhom, fosthom rappreżentanti tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-Fond Ewropew tal-Investiment u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti.

(50) Sabiex jiġi żgurat li jkomplu jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet ta' kull fergħa tal-FSE+, jenħtieġ li l-Kumitat tal-FSE+ jistabbilixxi gruppi ta' ħidma għal kull fergħa tal-FSE+. Il-kompożizzjoni u l-kompiti ta' dawk il-gruppi ta' ħidma għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat tal-FSE+. Jenħtieġ li l-gruppi ta' ħidma jkollhom il-possibbiltà li jistiednu lil rappreżentanti tas-soċjetà ċivili kif ukoll partijiet ikkonċernati oħrajn għal-laqgħat tagħhom. Il-kompiti tal-gruppi ta' ħidma jistgħu jinkludu l-iżgurar ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq l-implimentazzjoni tal-FSE+, inkluż konsultazzjoni dwar il-programm ta' ħidma tal-fergħa tal-EaSI, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' kull fergħa tal-ESF+, l-iskambju ta' esperjenza u prattika tajba fi ħdan u bejn il-fergħat tal-ESF+ u t-trawwim ta' sinerġiji potenzjali ma' programmi oħra tal-Unjoni.

(51) Sabiex tiġi żgurata trasparenza akbar b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi r-rabtiet neċessarji mal-kumitati ta' politika rilevanti attivi fil-qasam soċjali u tal-impjiegi, bħall-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jew il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol.

(52) F'konformità mal-Artikolu 193(2) tar-Regolament Finanzjarju, tista' tingħata għotja għal azzjoni li tkun diġà bdiet, dment li l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li jibda l-azzjoni qabel il-firma tal-ftehim ta' għotja. Madankollu, l-ispejjeż imġarrba qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal għotja mhumiex eliġibbli, ħlief f'każijiet

([36]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

eċċezzjonali debitament ġustifikati. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fl-appoġġ tal-Unjoni li jista' jkun ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li fid-deċiżjoni ta' finanzjament, matul perijodu limitat ta' żmien fil-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021 sal-2027, u f'każijiet debitament ġustifikati biss, tkun prevista l-eliġibbiltà tal-attivitajiet u l-ispejjeż mill-bidu tas-sena finanzjarja 2021, anki jekk dawn ġew implimentati u mġarrba qabel ma ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal għotja.

(53) Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 jenħtieġ għalhekk li jitħassar.

(54) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u biex tkun possibbli l-implimentazzjoni mill-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021 sal-2027, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li japplika, b'effett retroattiv b'rabta mal-fergħa tal-EaSI, mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

WERREJ

Parti I Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1 Suġġett

Artikolu 2 Definizzjonijiet

Artikolu 3 Objettivi ġenerali tal-ESF+ u metodi tal-implimentazzjoni

Artikolu 4 Objettivi speċifiċi tal-ESF+

Artikolu 5 Baġit

Artikolu 6 Ugwaljanza bejn il-ġeneri, opportunitajiet indaqs u nondiskriminazzjoni

Parti II Implimentazzjoni taħt ġestjoni kondiviża

Kapitolu I Dispożizzjonijiet komuni dwar il-programmazzjoni

Artikolu 7 Konsistenza u konċentrazzjoni tematika

Artikolu 8 Rispett tal-Karta

Artikolu 9 Sħubija

Artikolu 10 Appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn

Artikolu 11 Appoġġ għall-impjiegi taż-żgħażagħ

Artikolu 12 Appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi

Kapitolu II Appoġġ ġenerali mill-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża

Artikolu 13 Kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 14 Azzjonijiet soċjali innovattivi

Artikolu 15 Kooperazzjoni tranżnazzjonali

Artikolu 16 Eliġibbiltà

Artikolu 17 Indikaturi u rappurtar

Kapitolu III Appoġġ tal-FSE+ li jindirizza d-deprivazzjoni materjali

Artikolu 18 Kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 19 Prinċipji

Artikolu 20 Il-kontenut tal-prijorità

Artikolu 21 Eliġibbiltà tal-operazzjonijiet

Artikolu 22 Eliġibbiltà tan-nefqa

Artikolu 23 Indikaturi u rappurtar

Artikolu 24 Awditu

Parti III Implimentazzjoni taħt ġestjoni diretta u indiretta

Kapitolu I Objettivi operazzjonali

Artikolu 25 Objettivi operazzjonali

Kapitolu II Eliġibbiltà

Artikolu 26 Azzjonijiet eliġibbli

Artikolu 27 Entitajiet eliġibbli

Artikolu 28 Prinċipji orizzontali

Artikolu 29 Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi

Kapitolu III Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 30 Forom ta' tal-Unjoni u metodi tal-implimentazzjoni

Artikolu 31 Programm ta' ħidma

| | |
|---|---|
| Artikolu 32 | Monitoraġġ u rappurtar |
| Artikolu 33 | Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni |
| Artikolu 34 | Evalwazzjoni |
| Artikolu 35 | Awditi |
| Artikolu 36 | Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità |
| Parti IV | Dispożizzjonijiet Finali |
| Artikolu 37 | Eżerċizzju tad-delega |
| Artikolu 38 | Proċedura ta' Kumitat għall-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża |
| Artikolu 39 | Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 163 TFUE |
| Artikolu 40 | Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża |
| Artikolu 41 | Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-fergħa tal-EaSI |
| Artikolu 42 | Dħul fis-seħħ |
| ANNESS I | Indikaturi komuni għal appoġġ ġenerali mill-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża |
| ANNESS II | Indikaturi komuni għall-azzjonijiet tal-FSE+ li jimmiraw l-inklużjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn fi ħdan l-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), f'konformità mal-Artikolu 7(5), l-ewwel subparagrafu |
| ANNESS III | Indikaturi komuni għall-appoġġ tal-FSE+ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali |
| ANNESS IV | Indikaturi għall-fergħa tal-EaSI |

PARTI I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), li jikkonsisti f'żewġ fergħat: fergħa taħt ġestjoni kondiviża (il-"fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża") u l-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (il-"fergħa tal-EaSI").

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-FSE+, il-baġit tiegħu għall-perijodu 2021 sal-2027, il-metodi tal-implimentazzjoni, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan il-finanzjament.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "tagħlim tul il-ħajja" tfisser tagħlim fil-forom kollha tiegħu, jiġifieri, tagħlim formali, mhux formali u informali li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja u li jirriżulta f'titjib jew aġġornament fl-għarfien, fil-ħiliet, fil-kompetenzi u fl-attitudnijiet jew il-parteċipazzjoni fis-soċjetà f'perspettiva personali, ċivika, kulturali, soċjali jew relatata mal-impjieg, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza u gwida, inkluż l-edukazzjoni bikrija u l-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni għall-adulti, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u ambjenti oħra ta' tagħlim barra l-edukazzjoni u t-taħriġ formali u tipikament jippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali u perkorsi ta' tagħlim flessibbli;

(2) "nazzjonal ta' pajjiż terz" tfisser persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni inkluż persuni apolidi u persuni b' nazzjonalità mhux iddeterminata;

(3) "assistenza materjali bażika" tfisser oġġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna għal ħajja dinjituża, bħal ħwejjeġ, prodotti tal-iġjene, inkluż prodotti tal-iġjene tan-nisa, u materjal tal-iskola;

(4) "grupp żvantaġġat" tfisser grupp ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż persuni li qed iġarrbu jew li jinsabu f'riskju ta' faqar, esklużjoni soċjali jew diskriminazzjoni fid-diversi dimensjonijiet tagħha;

(5) "kompetenzi ewlenin" tfisser l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġ kull individwu, f'kwalunkwe stadju ta' ħajtu, għas-sodisfazzjoni u l-iżvilupp personali tagħhom, għal impjieg, għall-inklużjoni soċjali u għal ċittadinanza attiva jiġifieri l-litteriżmu; multilingwi; il-matematika, ix-xjenza, it-teknoloġija, l-arti u l-inġinerija; il-ħiliet diġitali; ħiliet medjatiċi; personali, ħiliet soċjali u fit-tagħlim dwar kif wieħed jitgħallem; ħiliet ta' ċittadinanza attiva; intraprenditorija; il-kuxjenza u l-espressjoni kulturali u interkulturali; u l-ħsieb kritiku;

(6) "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi ta' persuni bħal dawn, inkluż tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni mingħajr dar, li l-bżonn tagħhom għall-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi li huma stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti filwaqt li jiġu evitati konflitti ta' interess, u li jistgħu jinkludu elementi li jippermettu li jiġu mmirati persuni l-aktar fil-bżonn f'ċerti żoni ġeografiċi;

(7) "riċevituri aħħarin" tfisser il-persuni l-aktar fil-bżonn li jirċievu l-appoġġ kif stabbilit fl-Artikolu 4(1), il-punt (m);

(8) "innovazzjonijiet soċjali" tfisser attività li hija soċjali kemm fir-rigward tal-finijiet tagħha kif ukoll tal-mezzi tagħha u b'mod partikolari attività li għandha x'taqsam mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda li jikkonċernaw prodotti, servizzi, prattiki u mudelli li fl-istess ħin tissodisfa l-ħtiġijiet soċjali u toħloq relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda bejn organizzazzjonijiet pubbliċi, tas-soċjetà ċivili jew privati, biex b'hekk jagħmlu l-ġid fis-soċjetà u jixprunaw il-kapaċità tagħha li taġixxi;

(9) “miżura ta’ akkumpanjament” tfisser attività mogħtija flimkien mad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew ta’ assistenza materjali bażika bil-għan li tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali u li tikkontribwixxi biex jinqered il-faqar, pereżempju r-referimenti lil jew l-għoti ta’ servizzi soċjali u tas-saħħa, inkluż appoġġ psikoloġiku, jew l-għoti ta’ informazzjoni rilevanti dwar is-servizzi pubbliċi jew pariri dwar il-ġestjoni tal-baġit tal-familja;

(10) “esperimentazzjonijiet soċjali” tfisser intervent politiku li għandhom l-għan li jagħtu rispons innovattiv għall-ħtiġijiet soċjali, implimentati fuq skala żgħira u f’kundizzjonijiet li jippermettu li l-impatt tagħha jitkejjel, qabel ma jiġu implimentati f’kuntesti oħra inkluż dawk ġeografiċi u settorjali, jew implimentata fuq skala akbar, jekk ir-riżultati juru li huma pożittivi;

(11) “sħubijiet transkonfinali” tfisser struttura ta’ kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, is-sħab soċjali jew is-soċjetà ċivili li tinsab f’tal-inqas żewġ Stati Membri;

(12) “mikrointrapriża” tfisser intrapriża b’anqas minn 10 impjegati u b’fatturat annwali jew b’karta bilanċjali inqas minn EUR 2 000 000;

(13) “intrapriża soċjali” tfisser impriża, irrispettivament mill-forma legali tagħha, inkluż intrapriżi tal-ekonomija soċjali, jew persuna fiżika li:

(a) f’konformità mal-artikoli ta’ assoċjazzjoni tagħha, l-istatuti tagħha jew ma kwalunkwe dokument legali ieħor li jistgħu jwasslu għal responsabbiltà skont ir-regoli tal-Istat Membru fejn intrapriża soċjali tkun stabbilita, ikollha l-kisba ta’ impatti soċjali li jistgħu jitkejlu u pożittivi, li jistgħu jinkludu impatti ambjentali, bħala l-objettiv soċjali primarju tagħha minflok il-ġenerazzjoni ta’ qligħ għal finijiet oħrajn, u li tipprovdi servizzi jew oġġetti li jiġġeneraw redditu soċjali, jew tuża metodi tal-produzzjoni ta’ oġġetti jew servizzi li jinkorporaw objettivi soċjali;

(b) l-ewwel nett tinvesti l-qligħ tagħha biex tilħaq l-objettiv soċjali primarju tagħha, u jkollha proċeduri u regoli predefiniti li jiżguraw li d-distribuzzjoni tal-profitti ma tipperikolax l-objettiv soċjali primarju;

(c) tkun ġestita b’mod intraprenditorjali, parteċipattiv, responsabbli u trasparenti, b’mod partikolari bl-involviment tal-ħaddiema, il-klijenti u l-partijiet ikkonċernati li l-attivitajiet kummerċjali tagħha jkollhom impatt fuqhom;

(14) “valur ta’ referenza” tfisser valur li jintuża biex jiġu stabbiliti miri għal indikaturi komuni tar-riżultat u għal indikaturi tar-riżultat speċifiċi għall-programm, u bbażat fuq interventi simili eżistenti jew preċedenti;

(15) “spejjeż għax-xiri tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika” tfisser l-ispejjeż effettivi li huma marbuta max-xiri tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika mill-benefiċjarju u li mhumiex limitati għall-prezz tal-ikel u/jew tal-assistenza materjali bażika;

(16) “mikrofinanzjament” tinkludi garanziji, mikrokreditu, ekwità u kważi ekwità, akkoppjati ma’ servizzi tal-żvilupp kummerċjali ta’ akkumpanjament bħal dawk ipprovduti fil-forma ta’ konsulenza individwali, taħriġ u mentoraġġ, estiżi għal persuni u mikrointrapriżi li jesperjenzaw diffikultajiet biex jaċċessaw il-kreditu għall-finijiet ta’ attivitajiet professjonali u li jiġġeneraw dħul;

(17) “operazzjoni ta’ taħlit” tfisser azzjoni appoġġata mill-baġit tal-Unjoni, inkluż fi ħdan faċilità ta’ taħlit kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (6), tar-Regolament Finanzjarju, li jikkombinaw forom ta’ appoġġ mhux rimborżabbli jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni flimkien ma’ forom ta’ appoġġ rimborżabbli mingħand istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet oħra tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll mingħand istituzzjonijiet tal-finanzjament kummerċjali u investituri;

(18) “entità ġuridika” tfisser persuna fiżika jew persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont il-liġi tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u l-kapaċità li taġixxi f’isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità li ma għandhiex personalità ġuridika kif imsemmi fl-Artikolu 197(2), il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju;

(19) “indikaturi komuni tar-riżultat immedjat” tfisser indikatur komuni tar-riżultati li jaqbad l-effetti fi żmien erba’ ġimgħat mill-jum li fih il-parteċipant ikun telaq mill-operazzjoni;

(20) “indikaturi komuni tar-riżultat aktar fit-tul” tfisser indikatur komuni tar-riżultati li jaqbad l-effetti wara sitt xhur mill-jum li fih il-parteċipant ikun telaq mill-operazzjoni.

2. Id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1060 għandhom japplikaw ukoll għall-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża.

*Artikolu 3*

**Objettivi ġenerali tal-ESF+ u metodi ta' implimentazzjoni**

1. L-FSE+ għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jiksbu livelli għoljin ta' impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol reżiljenti u ta' kompetenza li tkun lesta għad-dinja futura tax-xogħol, kif ukoll soċjetajiet inklużivi u koeżivi li jkollhom l-għan li jeqirdu l-faqar u li jwettqu l-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

2. L-FSE+ għandu jappoġġa, jikkumplementa u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri biex jiżgura opportunitajiet indaqs, aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità, protezzjoni u inklużjoni soċjali, li b'mod partikolari jiffokaw fuq edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, tagħlim tul il-ħajja, investiment fit-tfal u ż-żgħażagħ u aċċess għas-servizzi bażiċi.

3. Il-FSE+ għandu jiġi implimentat:

(a) taħt ġestjoni kondiviża, għal dik il-parti tal-assistenza li tikkorrispondi mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) ("il-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża"); u

(b) taħt ġestjoni diretta u indiretta għal dik il-parti mill-assistenza li tikkorrispondi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 25 (il-"fergħa tal-EaSI").

*Artikolu 4*

**Objettivi speċifiċi tal-ESF+**

1. L-FSE+ għandu jappoġġa dawn l-objettivi speċifiċi li ġejjin fl-oqsma ta' politika dwar l-impjiegi u l-mobilità tal-forza tax-xogħol, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, inkluż il-kontribut għall-qerda tal-faqar, u b'hekk jikkontribwixxi wkoll għall-objettiv ta' politika "Ewropa aktar soċjali u inklużiva li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" msemmi fl-Artikolu 5, il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/1060:

(a) jitjieb l-aċċess għall-impjiegi u l-miżuri ta' attivazzjoni għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, il-persuni qiegħda fit-tul u gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, u għall-persuni inattivi, u kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-impjiegi indipendenti u l-ekonomija soċjali;

(b) jiġu modernizzati l-istituzzjonijiet u s-servizzi tas-suq tax-xogħol biex jiġu vvalutati u antiċipati l-ħtiġijiet fil-ħiliet u jkunu żgurati assistenza u appoġġ fil-ħin u personalizzati għal tqabbil, tranżizzjonijiet u mobilità fis-suq tax-xogħol;

(c) tiġi promossa l-parteċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali, u bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż permezz tal-aċċess bi prezzijiet aċċessibbli għall-indukrar tat-tfal, u l-kura għal persuni dipendenti;

(d) jiġi promoss l-adattament tal-ħaddiema, l-intrapriżi u l-intraprendituri għall-bidla, it-tixjiħ attiv u b'saħħtu u ambjent tax-xogħol b'saħħtu u adattat sew li jindirizza r-riskji għas-saħħa;

(e) titjieb il-kwalità, l-inklużività, l-effettività u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ inkluż permezz tal-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, biex tiġi appoġġata l-akkwiżizzjoni ta' kompetenzi ewlenin inkluż ħiliet intraprenditorjali u diġitali, u billi tiġi promossa l-introduzzjoni ta' sistemi ta' taħriġ doppju u apprendistati;

(f) jiġu promossi l-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, u t-tlestija tagħhom, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, mill-edukazzjoni u l-indukrar bikri tul l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali sal-livell terzjarju, kif ukoll l-edukazzjoni u t-tagħlim għall-adulti, inkluż li tiġi ffaċilitata l-mobilità tat-tagħlim għal kulħadd u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità;

(g) jiġi promoss it-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari opportunitajiet flessibbli ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għal kulħadd filwaqt li jitqiesu l-ħiliet intraprenditorjali u diġitali, jiġu antiċipati aħjar it-tibdil u l-ħtiġijiet il-ġodda fil-ħiliet abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet tal-karrieri u tiġi promossa l-mobilità professjonali;

(h) titrawwem l-inklużjoni attiva ħalli jiġu promossi l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva, u tittejjeb l-impjegabbiltà, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati;

(i) titheġġeġ l-integrazzjoni soċjoekonomika tan-nazzjonali ta' pajjiż terz, inklużi l-migranti;

(j) titheġġeġ l-integrazzjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet marġinalizzati, bħall-persuni Rom;

(k) jitjieb l-aċċess ugwali u fil-ħin għal servizzi ta' kwalità, sostenibbli u bi prezzijiet aċċessibbli, inkluż servizzi li jippromwovu l-aċċess għall-akkomodazzjoni u kura ċċentrata fuq il-persuna inkluż il-kura tas-saħħa; jiġu modernizzati s-sistemi ta' ħarsien soċjali, inkluż li jiġi promoss l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, b'enfasi partikolari fuq it-tfal u l-gruppi żvantaġġati; jitjiebu l-aċċessibbiltà, anki għall-persuni b'diżabbiltà, l-effettività u r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi tal-kura fit-tul;

(l) tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali, inkluż il-persuni l-aktar fil-bżonn u t-tfal;

(m) tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn, inkluż it-tfal, u jiġu pprovduti miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali tagħhom.

2. Bl-azzjonijiet implimentati taħt il-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-FSE+ għandu jkollu l-għan li jikkontribwixxi għall-objettivi ta' politika l-oħra msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/1060, b'mod partikolari l-objettivi marbuta ma':

(a) Ewropa aktar intelliġenti permezz tal-iżvilupp ta' ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, ħiliet għal teknoloġiji abilitanti essenzjali, tranżizzjoni industrijali, kooperazzjoni settorjali b'rabta mal-ħiliet u l-intraprenditorja, it-taħriġ tar-riċerkaturi, l-attivitajiet ta' networking u sħubiji bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, istituzzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali u edukattiv, ċentri tar-riċerka u t-teknoloġija, u intrapriżi u gruppi, u appoġġ għall-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u medji u l-ekonomija soċjali;

(b) Ewropa aktar ekoloġika, b'sistemi aħjar tal-edukazzjoni u t-taħriġ neċessarji għall-adattament tal-ħiliet u l-kwalifiki, it-titjib tal-ħiliet għal kulħadd, inkluż tal-forza tax-xogħol, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda f'setturi relatati mal-ambjent, il-klima, l-enerġija, l-ekonomija ċirkolari u l-bijoekonomija.

3. Fejn strettament neċessarju bħala miżura temporanja biex tirrispondi għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu kif imsemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1060, u limitata għal perijodu ta' 18-il xahar, l-FSE+ jista' jappoġġa:

(a) il-finanzjament ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar mingħajr ir-rekwiżit li dawn jiġu kkombinati ma' miżuri attivi;

(b) l-aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għal persuni li mhumiex f'vulnerabbiltà soċjoekonomika immedjata.

Pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw f'dan l-istrument, f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti fl-Artikoli 16 u 23 tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]) (ir-'Regolament Orizzont Ewropa').

*Artikolu 14*

**Ir-reġjuni ultraperiferiċi**

1. L-Artikolu 4 ma għandux japplika għall-allokazzjoni addizzjonali speċifika għar-reġjuni ultraperiferiċi. Din l-allokazzjoni addizzjonali speċifika għar-reġjuni ultraperiferiċi għandha tintuża sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba f'dawn ir-reġjuni bħala riżultat tar-restrizzjoni/jiet permanenti għall-iżvilupp tagħhom imsemmija fl-Artikolu 349 TFUE.

([25]) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tiegħu u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

2. L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tappoġġa:

(a) l-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;

(b) permezz ta' deroga mill-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, miżuri li jkopru l-ispejjeż operattivi bil-ħsieb li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba fir-reġjuni ultraperiferiċi bħala riżultat tar-restrizzjoni permanenti waħda jew aktar għall-iżvilupp tagħhom imsemmija fl-Artikolu 349 TFUE.

L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tappoġġa wkoll in-nefqa li tkopri kumpens mogħti għall-provvediment ta' obbligi ta' servizz pubbliku u kuntratti fir-reġjuni ultraperiferiċi.

3. L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ma għandhiex tappoġġa:

(a) operazzjonijiet li jinvolvu l-prodotti elenkati fl-Anness I għat-TFUE;

(b) għajnuna għat-trasport ta' persuni awtorizzati taħt il-punt (a) tal-Artikolu 107(2) TFUE;

(c) eżenzjonijiet mit-taxxa u eżenzjonijiet minn ħlasijiet soċjali;

(d) obbligi ta' servizz pubbliku mhux rilaxxati minn intrapriżi u fejn l-Istat jaġixxi billi jeżerċita setgħa pubblika.

4. B'deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 5(1), il-FEŻR jista' jappoġġa investimenti produttivi f'intrapriżi fir-reġjuni ultraperiferiċi, irrispettivament mid-daqs ta' dawk l-intrapriżi.

KAPITOLU III

## DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

*Artikolu 15*

### Dispożizzjonijiet tranżitorji

Ir-Regolamenti (UE) Nru 1300/2013 u (UE) Nru 1301/2013 jew kwalunkwe att adottat skonthom għandhom ikomplu japplikaw għall-programmi u l-operazzjonijiet appoġġati mill-FEŻR jew mill-Fond ta' Koeżjoni taħt il-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

*Artikolu 16*

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Lulju 2021.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 8(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 17*

**Rieżami**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom iwettqu rieżami ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2027 skont l-Artikolu 177 TFUE.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2021.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. M. SASSOLI | A. P. ZACARIAS |

*ANNESS I*

**INDIKATURI KOMUNI TA’ OUTPUT U TA’ RIŻULTATI GĦALL-FEŻR U L-FOND TA’ KOEŻJONI - L-ARTIKOLU 8(1)** ([1])

*Tabella 1:*

**Indikaturi komuni ta’ output u ta’ riżultati għall-FEŻR (Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u Interreg) u l-Fond ta’ Koeżjoni** **

| Objettiv ta’ politika | Objettiv speċifiku | Outputs | Riżultati |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| 1. Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti bis-saħħa tal-promozzjoni ta’ trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti u konnettività tal-ICT reġjonali (PO 1) | (i) Żvilupp u tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta’ teknoloġiji avvanzati | RCO ([1])01 - Intrapriżi appoġġati (li minnhom: mikro, żgħar, medji, kbar)* ([2])<br>RCO 02 - Intrapriżi appoġġati b’għotjiet* | RCR ([3]) 01 - Impjiegi maħluqa f’entitajiet appoġġati*<br>RCR 102 – Impjiegi ta’ riċerka maħluqa f’entitajiet appoġġati* |
| | | RCO 03 - Intrapriżi appoġġati minn strumenti finanzjarji*<br>RCO 04 - Intrapriżi b’appoġġ mhux finanzjarju*<br>RCO 05 - Intrapriżi ġodda appoġġati*<br>RCO 06 - Riċerkaturi li jaħdmu f’faċilitajiet ta’ riċerka appoġġati<br>RCO 07 - Organizzazzjonijiet ta’ riċerka li jipparteċipaw fi proġetti konġunti ta’ riċerka | RCR 02 - Investimenti privati li jikkorrispondu għall-appoġġ pubbliku (li minnhom: għotjiet, strumenti finanzjarji)* ([2])<br>RCR 03 – Intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li jintroduċu innovazzjoni tal-prodotti jew tal-proċessi*<br>RCR 04 - SMEs li jintroduċu innovazzjoni fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-organizzazzjoni* |
| | | RCO 08 - Valur nominali ta’ apparat ta’ riċerka u ta’ innovazzjoni<br>RCO 10 - Intrapriżi li jikkooperaw ma’ organizzazzjonijiet ta’ riċerka<br>RCO 96 – Investimenti interreġjonali għal innovazzjoni fi proġetti tal-Unjoni* | RCR 05 - SMEs li jinnovaw internament*<br>RCR 06 - Applikazzjonijiet għal privattivi ppreżentati*<br>RCR 07 - Applikazzjonijiet għat-trademark u d-disinn *<br>RCR 08 - Pubblikazzjonijiet minn proġetti appoġġati |
| | (ii) Teħid tal-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni għaċ-ċittadini, il-kumpanniji, l-organizzazzjonijiet ta’ riċerka u l-awtoritajiet pubbliċi | RCO 13 - Valur ta’ servizzi, prodotti u proċessi diġitali żviluppati għall-intrapriżi* | RCR 11 - Utenti ta’ servizzi, prodotti u proċessi diġitali pubbliċi ġodda u aġġornati* |

([1]) Għall-użu fl-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir Interreg f’konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1), u mal-punt (b) tal-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060(CPR)] u, fl-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir f’konformità mal-punt (d)(ii) tal-Artikolu 22 (3) tar-Regolament (UE) 2021/1060 (CPR) u, għal Interreg, skont il-punt (e)(ii) tal-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) 2021/1059(Interreg)

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | RCO 14 - Istituzzjonijiet pubbliċi appoġġati biex jiżviluppaw servizzi, prodotti u proċessi diġitali* | RCR 12 - Utenti ta' servizzi, prodotti u proċessi diġitali ġodda u aġġornati żviluppati mill-intrapriżi*<br>RCR 13 - Intrapriżi li jilħqu intensità diġitali għolja* |
| | (iii) Tisħiħ tat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tal-SMEs u l-ħolqien tal-impjiegi fl-SMEs, inkluż permezz ta' investimenti li jiġġeneraw id-dħul | RCO 15 - Kapaċità tal-inkubazzjoni maħluqa*<br>RCO 103 - Intrapriżi bi tkabbir għoli appoġġati* | RCR 17 - Intrapriżi ġodda li jibqgħu jeżistu fis-suq*<br>RCR 18 - SMEs li jużaw servizzi ta' inkubatur wara l-ħolqien tal-inkubatur*<br>RCR 19 - Intrapriżi b'fatturat ogħla*<br>RCR 25 – SMEs b'valur ogħla miżjud għal kull impjegat* |
| | (iv) Żvilupp ta' ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, tranżizzjoni industrijali u imprenditorija | RCO 16 - Parteċipazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali fil-proċess ta' skoperta intraprenditorjali<br>RCO 101 - SMEs li jinvestu f'ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, għat-tranżizzjoni industrijali u l-intraprenditorija * | RCR 97 - Apprendistati appoġġati fl-SMEs<br>RCR 98 - Persunal tal-SMEs li jlestu taħriġ għall-ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, għal tranżizzjoni industrijali u imprenditorija (skont it-tip ta' ħiliet: teknika, tmexxija, imprenditorija, ekoloġika, oħrajn) (²)* |
| | (v) Titjib tal-konnettività diġitali | RCO 41 - Abitazzjonijiet addizzjonali b'aċċess għall-broadband ta' kapaċità għolja ħafna<br>RCO 42 - Intrapriżi addizzjonali b'aċċess għall-broadband ta' kapaċità għolja ħafna | RCR 53 - Abitazzjonijiet b'abbonamenti tal-broadband għal network ta' kapaċità għolja ħafna<br>RCR 54 - Intrapriżi b'abbonamenti tal-broadband għal network ta' kapaċità għolja ħafna |
| 2. Ewropa ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fit-tranżizzjoni lejn ekonomija mingħajr ebda emissjoni tal-karbonju u reżiljenti billi tippromwovi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, investiment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju u mobbiltà urbana sostenibbli (PO 2) | (i) Promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra | RCO 18 – Abitazzjonijiet bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija<br>RCO 19 - Bini pubbliku bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija<br>RCO 20 - Linji tan-network għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali mibnija ġodda jew imtejba<br>RCO 104 – Għadd ta' unitajiet ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja<br>RCO123 - Abitazzjonijiet li jibbenefikaw minn bojlers li jaħdmu bil-gass naturali u sistemi ta' tisħin li jissostitwixxu installazzjonijiet ibbażati fuq il-fjuwils fossili solidi | RCR 26 - Konsum tal-enerġija primarja annwali (li minnu: abitazzjonijiet, binjiet pubbliċi, intrapriżi, oħrajn) (²)<br>RCR 29 - Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati*<br>RCR 105 - Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati minn bojlers u sistemi ta' tisħin ikkonvertiti minn fjuwils fossili solidi għal gass |
| | (ii) Promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001, inkluż il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fiha | RCO 22 - Kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli (li minnha: elettrika, termali) (²)*<br>RCO 97 - Komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli appoġġati* | RCR 31 - Enerġija rinnovabbli totali prodotta (li minnha: elettriku, termali) (²)* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | RCR 32 - Kapaċità operattiva addizzjonali installata għall-enerġija rinnovabbli* |
| | (iii) Żvilupp ta' sistemi tal-enerġija intelliġenti, grids u ħażna barra min-Network Trans-Ewropew tal-Enerġija (TEN-E) | RCO 23 - Sistemi ta' ġestjoni diġitali għas-sistemi tal-enerġija intelliġenti<br>RCO 105 - Soluzzjonijiet għall-ħażna tal-elettriku<br>RCO124: Linji tan-network għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-gass mibnija ġodda jew imtejba | RCR 33 - Utenti konnessi ma' sistemi tal-enerġija intelliġenti<br>RCR 34 - Tnedija ta' proġetti għal sistemi tal-enerġija intelliġenti |
| | (iv) Promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tar-riskju ta' diżastri, u r-reżiljenza, filwaqt li jitqiesu l-approċċi bbażati fuq l-ekosistema | RCO 24 – Investimenti f'sistemi ġodda jew imtejba ta' monitoraġġ, tħejjija, twissija u reazzjoni kontra d-diżastri naturali*<br>RCO 122 – Investimenti f'sistemi ġodda jew imtejba ta' monitoraġġ, tħejjija, twissija u rispons kontra diżastri kontra riskji naturali mhux relatati mal-klima u riskji relatati ma' attivitajiet tal-bniedem<br>RCO 25 - Strixxa tal-kosta, xatt tax-xmajjar u protezzjoni kontra l-għargħar mibnija ġodda jew ikkonsolidati<br>RCO 106 – Protezzjoni kontra l-uqigħ tal-art mibnija ġodda jew ikkonsolidati<br>RCO 26 - Infrastruttura ekoloġika mibnija jew imtejba għall-adattament għat-tibdil fil-klima*<br>RCO 27 – Strateġiji nazzjonali u sottonazzjonali li jindirizzaw l-adattament għat-tibdil fil-klima<br>RCO 28 - Żona koperta minn miżuri ta' protezzjoni kontra n-nirien fil-foresti<br>RCO 121 - Żona koperta minn miżuri ta' protezzjoni kontra d-diżastri naturali marbuta mal-klima (għajr għargħar u nirien fil-foresti) | RCR 35 - Popolazzjoni li tibbenefika minn miżuri ta' protezzjoni kontra l-għargħar<br>RCR 36 - Popolazzjoni li tibbenefika minn miżuri ta' protezzjoni kontra n-nirien fil-foresti<br>RCR 37 - Popolazzjoni li tibbenefika minn miżuri ta' protezzjoni kontra diżastri naturali relatati mal-klima (minbarra għargħar jew nirien fil-foresti)<br>RCR 96 – Għadd totali ta' persuni li jibbenefikaw minn miżuri ta' protezzjoni kontra riskji naturali mhux marbuta mal-klima u riskji marbuta ma' attivitajiet tal-bniedem* |
| | (v) Promozzjoni tal-aċċess għall-ilma u tal-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma | RCO 30 - Tul ta' pajpijiet ġodda jew imtejba għas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-provvista pubblika tal-ilma | RCR 41 - Popolazzjoni konnessa ma' provvista pubblika mtejba tal-ilma<br>RCR 42 - Popolazzjoni konnessa, għall-inqas, ma' trattament pubbliku sekondarju tal-ilma mormi |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | RCO 31 - Tul ta’ pajpijiet ġodda jew imtejba għan-network pubbliku għall-ġbir tal-ilma mormi<br>RCO 32 - Kapaċità ġdida jew imtejba għat-trattament tal-ilma tad-drenaġġ | RCR 43 - Telf ta’ ilma f’sistemi ta’ distribuzzjoni għall-provvista pubblika tal-ilma |
| | (vi) Promozzjoni tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi | RCO 34 - Kapaċità addizzjonali għar-riċiklaġġ tal-iskart<br>RCO 107 - Investimenti f’faċilitajiet għal ġbir ta’ skart separat<br>RCO 119 - Skart imħejji għall-użu mill-ġdid | RCR 103 – Skart miġbur separatament<br>RCR 47 - Skart riċiklat<br>RCR 48 - Skart użat bħala materja prima |
| | (vii) Tisħiħ tal-protezzjoni u l-preservazzjoni tan-natura, il-bijodiversità u l-infrastruttura ekoloġika, inkluż f’żoni urbani, u t-tnaqqis tal-forom kollha ta’ tniġġis | RCO 36 - Infrastruttura ekoloġika appoġġata għal skopijiet oħra minbarra l-adattament għat-tibdil fil-klima<br>RCO 37 - Daqs tas-siti ta’ Natura 2000 koperti minn miżuri ta’ protezzjoni u restawr<br>RCO 38 - Superfiċje ta’ art riabilitata appoġġata<br>RCO 39 – Żona koperta minn sistemi ta’ monitoraġġ tat-tniġġis tal-arja installati | RCR 50 - Għadd totali ta’ persuni li jibbenefikaw minn miżuri għall-kwalità tal-arja*<br>RCR 95 - Popolazzjoni b’aċċess għal infrastruttura ekoloġika ġdida jew imtejba*<br>RCR 52 - Art riabilitata użata għal żoni ekoloġiċi, akkomodazzjoni soċjali, użi ekonomiċi jew oħrajn |
| | (viii) Promozzjoni tal-mobbiltà urbana multimodali sostenibbli, bħala parti mit-tranżizzjoni lejn ekonomija mingħajr ebda emissjonijiet tal-karbonju | RCO 55 - Tul tal-linji tat-tram u tal-metro ġodda<br>RCO 56 - Tul tal-linji tat-tram u tal-metro mibnija mill-ġdid jew modernizzati<br>RCO 57 – Kapaċità ta’ vetturi ferrovjarji li jirrispettaw l-ambjent għat-trasport kollettiv pubbliku*<br>RCO 58 - Infrastruttura ddedikata għaċ-ċikliżmu appoġġata*<br>RCO 59 - Infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (punti ta’ riforniment ta’ fjuwil/iċċarġjar)*<br>RCO 60 - Bliet kbar u żgħar b’sistemi ġodda jew modernizzati tat-trasport urban diġitalizzat | RCR 62 - Għadd ta’ utenti annwali ta’ trasport pubbliku ġdid jew modernizzat<br>RCR 63 - Għadd ta’ utenti annwali ta’ linji tat-tram u tal-metro ġodda jew modernizzati<br>RCR 64 - Għadd ta’ utenti annwali ta’ infrastruttura ddedikata għar-roti |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. Ewropa aktar konnessa permezz tat-titjib tal-mobbiltà (PO 3) | (i) Żvilupp ta' TEN-T reżiljenti għal-klima, intelliġenti, sigur, sostenibbli u intermodali | RCO 43 - Tul ta' toroq ġodda jew imtejba - TEN-T ([4])<br>RCO 45 - Tul ta' toroq mibnija mill-ġdid jew modernizzati - TEN-T<br>RCO 108 - Tul ta' toroq b'sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku ġodda jew modernizzati - TEN-T<br>RCO 47 - Tul ta' ferroviji ġodda jew imtejba - TEN-T<br>RCO 49 - Tul ta' ferroviji rikostruwiti jew modernizzati - TEN-T<br>RCO 51 - Tul ta' passaġġi fuq l-ilma intern ġodda, aġġornati jew modernizzati- TEN-T<br>RCO 109 - Tul ta' linji tal-ferrovija mgħammra bis-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju li qed joperaw - TEN-T | RCR 55 – Għadd ta' utenti annwali ta' toroq ġodda, mibnija mill-ġdid, imtejba jew modernizzati<br>RCR 56 - Iffrankar ta' ħin bis-saħħa ta' infrastruttura tat-toroq imtejba<br>RCR 101 - Iffrankar ta' ħin bis-saħħa ta' infrastruttura mtejba tal-ferroviji<br>RCR 58 - Għadd ta' utenti annwali ta' linji tal-ferrovija ġodda, imtejba, mibnija mill-ġdid jew modernizzati<br>RCR 59 - Trasport tal-merkanzija bil-ferrovija<br>RCR 60 - Trasport ta' merkanzija fil-passaġġi tal-ilma intern |
| | (ii) Żvilupp u titjib ta' mobbiltà nazzjonali, reġjonali u lokali, sostenibbli, reżiljenti għall-klima, intelliġenti u intermodali, inkluż aċċess imtejjeb għat-TEN-T u l-mobbiltà transfruntiera | RCO 44 - Tul ta' toroq ġodda jew imtejba - TEN-T<br>RCO 46 - Tul ta' toroq mibnija mill-ġdid jew modernizzati - mhux TEN-T<br>RCO 110 - Tul ta' toroq b'sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku ġodda jew modernizzati - mhux TEN-T<br>RCO 48 - Tul ta' ferroviji ġodda jew imtejba - mhux TEN-T<br>RCO 50 - Tul ta' ferroviji rikostruwiti jew modernizzati - mhux TEN-T<br>RCO 111 - Tul ta' linji tal-ferrovija mgħammra bis-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju li qed joperaw - mhux TEN-T<br>RCO 52 - Tul ta' passaġġi fuq l-ilma interni ġodda, imtejba jew modernizzati - mhux TEN-T<br>RCO 53 - Stazzjonijiet u waqfiet ferrovjarji ġodda jew modernizzati*<br>RCO 54 - Konnessjonijiet intermodali ġodda jew modernizzati* | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. Ewropa aktar soċjali u inkluživa li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (PO 4) | (i) Tisħiħ tal-effettività u l-inklużività tas-swieq tax-xogħol u l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità permezz tal-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u l-promozzjoni tal-ekonomija soċjali | RCO 61 – Superfiċje ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati għas-servizzi tal-impjieg | RCR 65 - Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati għas-servizzi tal-impjieg |
| | (ii) Titjib tal-aċċess ugwali għal servizzi inklussivi u ta' kwalità fl-edukazzjoni, t-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura aċċessibbli, inkluż permezz tat-trawwim tar-reżiljenza għal tagħlim u taħriġ mill-bogħod u online | RCO 66 - Kapaċità fil-klassijiet ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati ta' kura tat-tfal<br>RCO 67 - Kapaċità fil-klassijiet ta' faċilitajiet edukattivi ġodda jew modernizzati | RCR 70 - Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati tal-indukrar tat-tfal<br>RCR 71 - Għadd ta' utenti annwali tal-faċilitajiet edukattivi ġodda jew modernizzati |
| | (iii) Promozzjoni tal-inklużjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, familji bi dħul baxx u gruppi żvantaġġati, inkluż persuni bi bżonnijiet speċjali, permezz ta' azzjonijiet integrati, li jinkludu akkomodazzjoni u servizzi soċjali | RCO 65 - Kapaċità ta' akkomodazzjoni soċjali ġdida jew modernizzata*<br>RCO113 - Popolazzjoni koperta minn proġetti fil-qafas ta' azzjonijiet integrati għall-inklużjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, familji bi dħul baxx u gruppi żvantaġġati* | RCR 67 - Għadd ta' utenti annwali ta' akkomodazzjoni soċjali ġdida jew modernizzata |
| | (iv) Promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż migranti permezz ta' azzjonijiet integrati, inkluż akkomodazzjoni u servizzi soċjali | RCO 63 - Kapaċità tal-faċilitajiet ta' akkoljenza temporanji ġodda jew modernizzati | RCR 66 - Għadd ta' utenti annwali tal-faċilitajiet ta' akkoljenza temporanji ġodda jew modernizzati |
| | (v) Żgurar ta' aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u t-trawwim tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, inkluż il-kura primarja, u l-promozzjoni tat-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-familja u bbażata fil-komunità | RCO 69 - Kapaċità tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati | RCR 72 - Għadd ta' utenti annwali tas-servizzi elettroniċi tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati<br>RCR 73 - Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | RCO 70 - Kapaċità tal-faċilitajiet tal-kura soċjali ġodda jew modernizzati (minbarra l-akkomodazzjoni) | RCR 74 - Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet tal-kura soċjali ġodda jew modernizzati |
| | (vi) Tisħiħ tar-rwol tal-kultura u t-turiżmu sostenibbli fl-iżvilupp ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u l-innovazzjoni soċjali | RCO 77 - Għadd ta' siti kulturali u turistiċi appoġġati* | RCR 77 - Viżitaturi ta' siti kulturali u turistiċi appoġġati* |
| 5. Ewropa eqreb taċ-ċittadini billi trawwem l-iżvilupp sostenibbli u integrat ta' kull tip ta' territorju u inizjattivi lokali (PO 5) | (i) Trawwim tal-iżvilupp soċjali, ekonomiku u ambjentali integrat u inklużiv, tal-kultura, il-wirt naturali, it-turiżmu sostenibbli, u s-sigurtà fiż-żoni urbani<br><br>(ii) Trawwim tal-iżvilupp lokali soċjali, ekonomiku u ambjentali integrat u inklużiv, tal-kultura, il-wirt naturali, it-turiżmu sostenibbli u s-sigurtà f'żoni barra dawk urbani | RCO 74 - Popolazzjoni koperta minn proġetti fil-qafas ta' strateġiji għal żvilupp territorjali integrat*<br><br>RCO 75 - Strateġiji appoġġati għal żvilupp territorjali integrat*<br><br>RCO 76 - Proġetti integrati għall-iżvilupp territorjali<br><br>RCO 80 – Strateġiji appoġġati ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità*<br><br>RCO 112 - Partijiet ikkonċernati involuti fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għal żvilupp territorjali integrat<br><br>RCO 114 - Spazju miftuħ maħluq jew riabilitat f'żoni urbani* | |

** Għal raġunijiet ta' preżentazzjoni, indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati huma miġbura skont objettiv speċifiku f'objettiv ta' politika, iżda mhumiex limitati għalih. B'mod partikolari, PO 5, jista' juża indikaturi komuni rilevanti elenkati għal PO 1 sa 4. Barra minn hekk, sabiex tiġi żviluppata stampa sħiħa tal-prestazzjoni mistennija u reali tal-programmi, l-indikaturi komuni mmarkati b'(*) jistgħu jintużaw minn objettivi speċifiċi taħt kwalunkwe wieħed minn PO 1 sa 4, meta rilevanti.

(1) RCO: Indikatur Komuni tal-Output REGIO.

(2) Tqassim mhux mitlub għall-programmazzjoni iżda għar-rapportar biss.

(3) RCR: Indikatur Komuni tar-Riżultati REGIO.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

*Tabella 2:*

**Indikaturi komuni addizzjonali tal-output u tar-riżultati għall-FEŻR ta' Interreg**

| | | |
|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi għal Interreg | RCO 81 - Parteċipazzjonijiet f'azzjonijiet konġunti bejn il-fruntieri<br><br>RCO 115 - Avvenimenti pubbliċi bejn il-fruntieri organizzati b'mod konġunt<br><br>RCO 82 - Parteċipazzjonijiet f'azzjonijiet konġunti li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni soċjali<br><br>RCO 83 - Strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni żviluppati b'mod konġunt | RCR 79 - Strateġiji konġunti u pjanijiet ta' azzjoni adottati mill-organizzazzjonijiet<br><br>RCR 104 - Soluzzjonijiet adottati jew aġġornati mill-organizzazzjonijiet |

| | | |
|---|---|---|
| | RCO 84 - Azzjonijiet pilota żviluppati b'mod konġunt u implimentati fi proġetti<br>RCO 116 - Soluzzjonijiet żviluppati b'mod konġunt<br>RCO 85 - Parteċipazzjonijiet fi skemi konġunti ta' taħriġ<br>RCO 117 - Soluzzjonijiet għal ostakli legali jew amministrattivi bejn il-fruntieri identifikati<br>RCO 86 - Ftehimiet konġunti amministrattivi jew legali ffirmati<br>RCO 87 - Organizzazzjonijiet li jikkooperaw bejn il-fruntieri<br>RCO 118 - Organizzazzjonijiet li jikkooperaw għall-governanza f'diversi livelli tal-istrateġiji makroreġjonali<br>RCO 90 - Proġetti għal netwerks ta' innovazzjoni transkonfinali<br>RCO 120 - Proġetti li jappoġġaw il-kooperazzjoni transkonfinali biex jiġu żviluppati rabtiet bejn iż-żoni urbani u dawk rurali | RCR 81 - Tlestijiet ta' skemi konġunti ta' taħriġ<br>RCR 82 - Ostakli legali jew amministrattivi bejn il-fruntieri mtaffija jew riżolti<br>RCR 83 - Persuni koperti minn ftehimiet konġunti amministrattivi jew legali ffirmati<br>RCR 84 - Organizzazzjonijiet li jikkooperaw bejn il-fruntieri wara t-tlestija ta' proġett<br>RCR 85 - Parteċipazzjonijiet f'azzjonijiet konġunti bejn il-fruntieri wara t-tlestija ta' proġett |

*ANNESS II*

**ĠABRA ĊENTRALI TA' INDIKATURI TAL-PRESTAZZJONI GĦALL-FEŻR U L-FOND TA' KOEŻJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(3), LI JRIDU JINTUŻAW MILL-KUMMISSJONI F'KONFORMITÀ MAR-REKWIŻIT TA' RAPPURTAR TAGĦHA SKONT IL-PUNT (H)(III) TAL-ARTIKOLU 41(3) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU**

| Objettiv ta' politika | Objettiv speċifiku | Outputs | Riżultati |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| 1. Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti bis-saħħa tal-promozzjoni ta' trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti u konnettività tal-ICT reġjonali (PO 1) | (i) Żvilupp u tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati | CCO [1] 01 - Intrapriżi appoġġati biex iwettqu innovazzjoni<br>CCO 02 - Riċerkaturi li jaħdmu f'faċilitajiet ta' riċerka appoġġati | CCR [2] 01 – Intrapriżi żgħar u medji (SMEs) [3] li jintroduċu innovazzjoni tal-prodotti, tal-proċessi, tal-kummerċjalizzazzjoni u organizzazzjonali |
| | (ii) Teħid tal-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni għaċ-ċittadini, il-kumpanniji, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-awtoritajiet pubbliċi | CCO 03 - Intrapriżi u istituzzjonijiet pubbliċi appoġġati biex jiżviluppaw prodotti, servizzi u proċessi diġitali | CCR 02 – Għadd ta' utenti annwali ta' prodotti, servizzi u proċessi diġitali ġodda jew imtejba |
| | (iii) Tisħiħ tat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tal-SMEs u l-ħolqien tal-impjiegi fl-SMEs, inkluż permezz ta' investimenti li jiġġeneraw id-dħul | CCO 04 - SMEs appoġġati biex itejbu t-tkabbir u l-kompetittività | CCR 03 - Impjiegi maħluqa f'intrapriżi appoġġati |
| | (iv) Żvilupp ta' ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, tranżizzjoni industrijali u imprenditorija | CCO 05 – SMEs li jinvestu f'ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, għal tranżizzjoni industrijali u imprenditorija | CCR 04 – persunal tal-SMEs li jikkompletaw taħriġ għal ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, għal tranżizzjoni industrijali u imprenditorija |
| | (v) Titjib tal-konnettività diġitali | CCO 13 - Abitazzjonijiet u intrapriżi addizzjonali b'aċċess għal broadband ta' kapaċità għolja ħafna | CCR 12 – Abitazzjonijiet u intrapriżi addizzjonali b'abbonamenti għall-broadband ma' netwerk ta' kapaċità għolja ħafna |
| 2. Ewropa ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fit-tranżizzjoni lejn ekonomija mingħajr ebda emissjoni tal-karbonju u reżiljenti billi tippromwovi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, investiment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament | (i) Promozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra | CCO 06 – Investimenti f'miżuri biex titjieb il-prestazzjoni tal-enerġija | CCR 05 – Iffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija primarja |
| | (ii) Promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001, inkluż il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fiha | CCO 07 – Kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali għall-enerġija rinnovabbli | CCR 06 - Enerġija rinnovabbli addizzjonali prodotta |
| | (iii) Żvilupp ta' sistemi tal-enerġija intelliġenti, grids u ħażna barra min-Network Trans-Ewropew tal-Enerġija (TEN-E) | CCO 08 - Sistemi ta' ġestjoni diġitali għas-sistemi tal-enerġija intelliġenti | CCR 07 - Utenti addizzjonali konnessi ma' sistemi tal-enerġija |
| | (iv) Promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tar-riskju ta' diżastri u r-reżiljenza, filwaqt li jitqiesu l-approċċi bbażati fuq l-ekosistema | CCO 09 – Investimenti f'sistemi ġodda jew imtejba ta' monitoraġġ, tħejjija, twissija u reazzjoni għad-diżastri | CCR 08 - Popolazzjoni addizzjonali li bbenefikat minn miżuri ta' protezzjoni kontra l-għargħar, in-nirien u diżastri naturali oħra relatati mal-klima |

| | | | |
|---|---|---|---|
| għalih, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju u mobbiltà urbana sostenibbli (PO 2) | (v) Promozzjoni tal-aċċess għall-ilma u tal-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma | CCO 10 - Kapaċità ġdida jew imtejba għat-trattament tal-ilma tad-drenaġġ | CCR 09 - Popolazzjoni addizzjonali konnessa ma' impjant ta' trattament tal-ilma mill-anqas tat-tieni klassi |
| | (vi) Promozzjoni tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi | CCO 11 - Kapaċità ġdida jew imtejba għar-riċiklar tal-iskart | CCR 10 - Skart riċiklat addizzjonali |
| | (vii) Tisħiħ tal-protezzjoni u l-preservazzjoni tan-natura, il-bijodiversità u l-infrastruttura ekoloġika, inkluż f'żoni urbani, u t-tnaqqis tal-forom kollha ta' tniġġis | CCO 12 - Id-daqs taż-żona ta' infrastruttura ekoloġika | CCR 11 - Popolazzjoni li bbenefikat minn miżuri għall-kwalità tal-arja |
| | (viii) Promozzjoni tal-mobbiltà urbana multimodali sostenibbli, bħala parti mit-tranżizzjoni lejn ekonomija mingħajr ebda emissjonijiet tal-karbonju | CCO 16 - Estensjoni u modernizzazzjoni ta' linji tat-tram u tal-metro | CCR 15 - Għadd ta' utenti annwali moqdija minn linji ġodda u modernizzati tat-tram u tal-metro |
| 3. Ewropa aktar konnessa permezz tat-titjib tal-mobbiltà (PO 3) | (i) Żvilupp ta' TEN-T reżiljenti għall-klima, intelliġenti, sigur, sostenibbli u intermodali | CCO 14 - Toroq TEN-T: Toroq ġodda, imtejba, rikostruwiti jew modernizzati<br>CCO 15 - Ferroviji TEN-T: Linji tal-ferroviji ġodda, aġġornati, rikostruwiti jew modernizzati | CCR 13 - Iffrankar ta' ħin bis-saħħa ta' infrastruttura tat-toroq imtejba<br>CCR 14 - Ammont fis-sena ta' passiġġieri moqdija minn trasport ferrovjarju mtejjeb |
| | (ii) Żvilupp u titjib ta' mobbiltà sostenibbli, reżiljenti għall-klima, intelliġenti u intermodali nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż aċċess imtejjeb għal TEN-T u mobilità transfruntiera | CCO 22 - Toroq mhux TEN-T: Toroq ġodda, imtejba, rikostruwiti jew modernizzati<br>CCO 23 - Ferroviji mhux TEN-T: Linji tal-ferroviji ġodda, aġġornati, rikostruwiti jew modernizzati | |
| 4. Ewropa aktar soċjali u inklużiva li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (PO 4) | (i) Tisħiħ tal-effettività u l-inklużività tas-swieq tax-xogħol u l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità permezz tal-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u l-promozzjoni tal-ekonomija soċjali | CCO 17 - Daqs ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati għas-servizzi tal-impjieg | CCR 16 - Għadd ta' utenti annwali ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati għas-servizzi tal-impjieg |
| | (ii) Titjib tal-aċċess ugwali għal servizzi inklussivi u ta' kwalità fl-edukazzjoni, t-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura aċċessibbli, inkluż permezz tat-trawwim tar-reżiljenza għal tagħlim u taħriġ mill-bogħod u online | CCO 18 – Kapaċità ġdida jew modernizzata għall-faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal u tal-edukazzjoni | CCR 17 - Għadd ta' utenti annwali moqdija minn faċilitajiet ġodda jew modernizzati tal-indukrar tat-tfal u tal-edukazzjoni |
| | (iii) Promozzjoni tal-inklużjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, familji bi dħul baxx u gruppi żvantaġġati inkluż | CCO 19 – Kapaċità ġdida jew modernizzata ta' faċilitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali<br>CCO 25 - Popolazzjoni koperta minn proġetti fil-qafas | CCR 18 - Għadd ta' utenti annwali tal-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali ġdida jew modernizzata |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | persuni bi bżonnijiet speċjali, permezz ta' azzjonijiet integrati li jinkludu akkomodazzjoni u servizzi soċjali | tal-azzjonijiet integrati għal inklużjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, familji bi dħul baxx u gruppi żvantaġġati | |
| | (iv) Promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż migranti permezz ta' azzjonijiet integrati, inkluż akkomodazzjoni u servizzi soċjali | CCO 26 - Kapaċità ġdida jew modernizzata tal-faċilitajiet ta' akkoljenza temporanja | CCR 20 – Għadd ta' utenti annwali tal-faċilitajiet ta' akkoljenza temporanji ġodda jew modernizzati |
| | (v) Żgurar ta' aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u t-trawwim tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, inkluża l-kura primarja, u l-promozzjoni tat-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-familja u bbażata fil-komunità | CCO 20 - Kapaċità ġdida jew modernizzata tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa | CCR 19 - Għadd ta' utenti annwali tas-servizzi tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati |
| | (vi) Tisħiħ tar-rwol tal-kultura u t-turiżmu sostenibbli fl-iżvilupp ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u l-innovazzjoni soċjali | CCO24 – Siti ta' kultura u turiżmu appoġġati | CCR21 - Viżitaturi ta' siti ta' kultura u turiżmu appoġġati |
| 5. Ewropa eqreb taċ-ċittadini billi trawwem l-iżvilupp sostenibbli u integrat ta' kull tip ta' territorju u inizjattivi lokali (PO 5) | (i) Trawwim tal-iżvilupp soċjali, ekonomiku u ambjentali integrat u inklużiv, tal-kultura, il-wirt naturali, it-turiżmu sostenibbli, u s-sigurtà fiż-żoni urbani | CCO 21 – Popolazzjoni koperta minn strateġiji għall-iżvilupp territorjali integrat | |
| | (ii) Trawwim tal-iżvilupp lokali soċjali, ekonomiku u ambjentali integrat u inklużiv, tal-kultura, il-wirt naturali, it-turiżmu sostenibbli u s-sigurtà f'żoni barra dawk urbani | | |

(1) CCO: Riżultat Komuni Ewlieni REGIO.
(2) CCR: Riżultat Komuni Ewlieni REGIO.
(3) Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

**REGOLAMENT (UE) 2021/1059 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-24 ta’ Ġunju 2021**

**dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta’ finanzjament estern**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 178, l-Artikoli 209(1) u 212(2) u l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) L-Artikolu 176 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jipprevedi li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR") huwa intiż sabiex jgħin jitnaqqsu l-iżbilanċi reġjonali prinċipali fl-Unjoni. Taħt dak l-Artikolu u t-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 174 TFUE, il-FEŻR għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-diverġenzi bejn il-livelli ta’ żvilupp tad-diversi reġjuni u tar-ritard tar-reġjuni l-anqas favoriti, li fosthom hemm ċerti kategoriji ta’ reġjuni li għandhom jingħataw attenzjoni partikolari, inkluż riferiment speċifiku għal reġjuni transkonfinali.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni fir-rigward tal-FEŻR u ċerti fondi oħra u r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-objettivi speċifiċi u l-kamp ta’ applikazzjoni tal-appoġġ tal-FEŻR. Huwa wkoll meħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea ("Interreg") fejn Stat Membru wieħed jew aktar u r-reġjuni tagħhom u, fejn rilevanti, pajjiżi sħab u pajjiżi terzi jikkooperaw minn naħa għall-oħra tal-fruntiera fir-rigward ta’ programmazzjoni effettiva inklużi dispożizzjonijiet dwar assistenza teknika, monitoraġġ, evalwazzjoni, komunikazzjoni, eliġibbiltà, ġestjoni u kontroll u ġestjoni finanzjarja.

([1]) ĠU C 440, 6.12.2018, p. 116.

([2]) ĠU C 86, 7.3.2019, p. 137.

([3]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta’ Marzu 2019 (ĠU C 108, 26.3.2021, p. 247) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-27 ta’ Mejju 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta’ Ġunju 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ara paġna 159 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta’ Koeżjoni (ara paġna 60 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(3) Il-promozzjoni tal-Interreg hija prijorità ewlenija tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni. L-appoġġ lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għall-ispejjeż imġarrba fil-proġetti tal-Interreg diġà għandu eżenzjoni ta' kategorija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([6]) u hemm inklużi wkoll dispożizzjonijiet speċjali relattivament għall-għajnuna reġjonali għal investimenti minn intrapriżi ta' kull daqs fit-taqsima tal-għajnuna reġjonali tal-GBER u fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 tal-Kummissjoni. B'kont meħud tat-30 sena ta' esperjenza miksuba, u minħabba l-valur finanzjarju baxx tal-proġetti u l-probabbiltà li ma jkunx hemm impatt negattiv fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni minn naħa waħda, u l-valur miżjud għoli li l-programmi eżistenti jagħtu lill-koeżjoni territorjali fl-Ewropa min-naħa l-oħra, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-finanzjament pubbliku għall-proġetti tal-KTE mistenni li jiġi ċċarat aktar permezz ta' emendar futur tar-Regolament (UE) Nru 651/2014, u b'hekk il-finanzjament pubbliku tal-proġetti tal-Interreg ikun ġeneralment eżentat mill-obbligu ta' notifika minn qabel u l-implimentazzjoni ta' dawk il-proġetti tkun iffaċilitata ħafna.

(4) Sabiex ikun appoġġat l-iżvilupp armonjuż tat-territorju tal-Unjoni f'livelli differenti, il-FEŻR jenħtieġ li jappoġġa l-kooperazzjoni transkonfinali, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali, il-kooperazzjoni interreġjonali u l-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi taħt l-għan tal-Interreg. Fil-proċess, jenħtieġ li jittieħed kont tal-prinċipji ta' sħubija u governanza f'diversi livelli, filwaqt li jiġi żgurat li tibqa' effettiva l-iskala ta' sħubija għal programm.

(5) B'riflessjoni tal-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima konformement mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u sabiex jitwettqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Fondi se jikkontribwixxu lejn l-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi u lejn il-kisba ta' mira ġenerali ta' 30 % tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni li jappoġġa l-objettivi relatati mal-klima. F'dak il-kuntest jenħtieġ li l-Fondi jappoġġaw azzjonijiet li jirrispettaw il-klima u l-istandards ambjentali u li ma jagħmlu ebda ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

(6) Il-fergħa tal-kooperazzjoni transkonfinali jenħtieġ li jkollha l-għan li tittratta l-isfidi komuni identifikati b'mod konġunt fir-reġjuni tal-fruntieri, u li jisfrutta l-potenzjal ta' tkabbir mhux sfruttat f'żoni tal-fruntieri kif jidher fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2017 intitolata "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE" ("Komunikazzjoni dwar ir-Reġjuni tal-Fruntieri"). Bħala riżultat, jenħtieġ li l-oqsma tal-programm għall-kooperazzjoni transkonfinali jiġu identifikati bħala dawk ir-reġjuni u ż-żoni fil-fruntiera jew li huma separati b'massimu ta' 150 km ta' baħar fejn tista' sseħħ interazzjoni transkonfinali b'mod effettiv jew li fihom jistgħu jiġu identifikati żoni funzjonali, mingħajr preġudizzju għal aġġustamenti meħtieġa sabiex ikunu żgurati l-koerenza u l-kontinwità tal-oqsma tal-programm ta' kooperazzjoni.

(7) Il-fergħa tal-kooperazzjoni transkonfinali jenħtieġ li jinvolvi wkoll il-kooperazzjoni bejn Stat Membru wieħed jew aktar jew ir-reġjuni tagħhom, u pajjiż jew reġjun wieħed jew aktar jew territorji oħra barra l-Unjoni. L-inklużjoni f'dan ir-Regolament tal-kooperazzjoni transkonfinali interna u esterna jenħtieġ li tirriżulta f'simplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni ewlenin tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-awtoritajiet tal-programm fl-Istati Membri u għall-awtoritajiet sħab u l-benefiċjarji barra mill-Unjoni meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

(8) Il-fergħa tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali jenħtieġ li jkollha l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni permezz ta' azzjonijiet li jwasslu għal żvilupp territorjali integrat konness mal-prijoritajiet tal-Unjoni, b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali jenħtieġ li tkopri territorji akbar fuq l-art kontinentali tal-Unjoni u madwar il-baċiri tal-baħar bi flessibbiltà massima biex ikunu żgurati l-koerenza u l-kontinwità tal-programmi ta' kooperazzjoni, inkluż kooperazzjoni transkonfinali marittima esterna preċedenti fi ħdan qafas ta' kooperazzjoni marittima akbar, b'mod partikolari permezz tad-definizzjoni tat-territorju kopert, l-objettivi speċifiċi għal tali kooperazzjoni, ir-rekwiżiti għal sħubija ta' proġett u l-possibbiltà li jiġu stabbiliti sottoprogrammi u kumitati ta' tmexxija speċifiċi.

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(9) Fuq il-bażi tal-esperjenza bil-kooperazzjoni transkonfinali u tranżnazzjonali matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 fir-reġjuni ultraperiferiċi, fejn l-għaqda taż-żewġ fergħat fi programm wieħed għal kull qasam ta' kooperazzjoni ma ġabitx biżżejjed simplifikazzjoni għall-awtoritajiet tal-programm u għall-benefiċjarji, jenħtieġ li tiġi stabbilita fergħa speċifika għar-reġjuni ultraperiferiċi sabiex ir-reġjuni ultraperiferiċi jkunu jistgħu jikkooperaw mal-pajjiżi tal-viċinat u t-territorji tagħhom bl-aktar mod effettiv u sempliċi. Taħt dik il-fergħa, jistgħu jinħarġu sejħiet għal proposti għal finanzjament kombinat taħt il-FEŻR, l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (l-"NDICI", *Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument*) stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) u d-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni *Extra*-Ewropea (OAD, *Overseas Association Decision*) stabbilita bħala d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE ([9]), permezz ta' modi ta' ġestjoni li għandhom jiġu miftiehma bejn l-Istati Membri u r-reġjuni l-pajjiżi terzi parteċipanti.

(10) Fuq il-bażi tal-esperjenza mill-programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali taħt l-Interreg, jenħtieġ li l-fergħa tal-kooperazzjoni interreġjonali tiffoka fuq it-titjib tal-effettività tal-politika ta' koeżjoni permezz ta' erba' programmi speċifiċi: programm biex jippermetti l-iskambju ta' esperjenzi, approċċi innovattivi u bini ta' kapaċità li jiffukaw fuq l-objettivi ta' politika u l-objettiv speċifiku għall-Interreg "governanza aħjar tal-kooperazzjoni", b'rabta mal-identifikazzjoni, it-tixrid u t-trasferiment ta' prattiki tajbin f'politiki ta' żvilupp reġjonali inkluż programmi tal-mira Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir; programm għall-iskambju ta' esperjenzi u bini tal-kapaċità fir-rigward tal-identifikazzjoni, it-trasferiment u l-kapitalizzazzjoni ta' prattiki tajbin dwar żvilupp urban integrat u sostenibbli, b'kont meħud tar-rabtiet bejn iż-żoni urbani u rurali inkluż l-appoġġ għal azzjonijiet żviluppati fil-qafas tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1058, li jikkumplimentaw, u li jkunu koordinati ma', l-inizjattiva deskritta fl-Artikolu 12 tiegħu; programm għall-iskambju ta' esperjenzi, approċċi innovattivi u ta' bini ta' kapaċità bil-ħsieb tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' programmi Interreg, tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' kooperazzjoni msemmija fil-punt (d) (vi) tal-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060; u ta' appoġġ għall-istabbiliment, il-funzjonament u l-użu ta' raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali ("REKT") stabbiliti jew li ser jiġu stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) kif ukoll strateġiji makroreġjonali; u programm biex itejjeb l-analiżi tax-xejriet tal-iżvilupp. L-erba' programmi fil-qafas tal-fergħa tal-kooperazzjoni interreġjonali jenħtieġ li jkopru l-Unjoni kollha u jenħtieġ li jkunu miftuħa wkoll għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi.

(11) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi komuni għad-deżinjazzjoni ta' reġjuni u żoni eliġibbli. Għal dak il-għan, l-identifikazzjoni ta' reġjuni u żoni eliġibbli fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]).

(12) Huwa neċessarju li jitkompla l-appoġġ jew, kif xieraq, tiġi stabbilita kooperazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tiegħu mal-pajjiżi terzi tal-viċinat tal-Unjoni, billi din il-kooperazzjoni hija strument importanti tal-politika dwar l-iżvilupp reġjonali u jenħtieġ li tkun ta' benefiċċju għar-reġjuni tal-Istati Membri li għandhom fruntieri ma' pajjiżi terzi. Għal dak il-għan, il-FEŻR u l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) stabbilit minn Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ir-"Regolament tal-IPA III"), l-NDICI u l-OAD jenħtieġ li jappoġġaw programmi fil-qafas tal-kooperazzjoni transkonfinali (*CBC, cross-border cooperation*), il-kooperazzjoni tranżnazzjonali, il-kooperazzjoni interreġjonali u l-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi. L-appoġġ mill-FEŻR u mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni jenħtieġ li jkun ibbażat fuq ir-reċiproċità u l-proporzjonalità. Madankollu, għall-fondi tal-IPA III allokati għall-kooperazzjoni transkonfinali ('IPA III-CBC') u l-fondi tal-NDICI allokati għall-kooperazzjoni transkonfinali għaż-żona ġeografika tal-viċinat ('NDICI-CBC'), l-appoġġ tal-FEŻR jenħtieġ li jkun ikkomplementat b'tal-anqas ammonti ekwivalenti taħt l-IPA III-CBC u l-NDICI-CBC, soġġett għal ammont massimu stabbilit fl-att legali rispettiv.

---

([8]) Ir-Regolament (UE) .../947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – l-Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19).

([11]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

(13) L-assistenza tal-IPA III hija maħsuba biex tiffoka prinċipalment fuq l-assistenza lill-benefiċjarji tal-IPA III biex isaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tolleranza, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni kif ukoll l-iżvilupp reġjonali u lokali. L-assistenza tal-IPA hija maħsuba biex tkompli tappoġġa l-isforzi tal-benefiċjarji tal-IPA biex isir progress fil-kooperazzjoni reġjonali, makroreġjonali u transkonfinali kif ukoll fl-iżvilupp territorjali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE. Barra minn hekk, l-assistenza tal-IPA III hija maħsuba biex tindirizza s-sigurtà, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, billi jkun żgurat l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti, it-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri u t-tkomplija tal-isforzi komuni fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

(14) Fir-rigward tal-assistenza tal-NDICI, l-Unjoni jenħtieġ li tiżviluppa relazzjoni speċjali mal-pajjiżi tal-viċinat, bil-ħsieb li tiġi stabbilita żona ta' prosperità u ta' relazzjonijiet tajbin mal-ġirien, ibbażata fuq il-valuri tal-Unjoni u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi li jserrħu fuq il-kooperazzjoni. Jenħtieġ għalhekk li dan ir-Regolament jappoġġa l-aspetti interni u esterni ta' strateġiji makroreġjonali rilevanti. Dawk l-inizjattivi huma strateġikament importanti u joffru oqfsa politiċi sinifikattivi għall-approfondiment tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi sħab u fosthom, abbażi tal-prinċipji ta' responsabbiltà reċiproka, sjieda u responsabbiltà kondiviżi.

(15) Huwa importanti li jkompli jiġi osservat ir-rwol tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna kif stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE ([12]) u dak tal-Kummissjoni fit-tħejjija tal-programmazzjoni strateġika u tal-programmi Interreg appoġġati mill-FEŻR u l-NDICI.

(16) Fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw it-titjib tal-kundizzjonijiet biex dawk ir-reġjuni jkunu jistgħu jkollhom aċċess għall-fondi strutturali. Konsegwentement, ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu adattati għall-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni sabiex tiġi ssimplifikata u titrawwem il-kooperazzjoni tagħhom mal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej ('PTEE') u ma' pajjiżi terzi, filwaqt li titqies il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 intitolata "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE". Jenħtieġ li jkun possibbli li din il-kooperazzjoni titwettaq fi sħubija mill-qrib mal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni u l-kooperazzjoni.

(17) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-possibbiltà li l-PTEE jipparteċipaw fil-programmi Interreg. Jenħtieġ li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-isfidi tal-PTEE sabiex jiġu ffaċilitati l-aċċess u l-parteċipazzjoni effettivi tagħhom.

(18) Jeħtieġ li jiġu stipulati r-riżorsi allokati lil kull wieħed mill-fergħat differenti tal-Interreg, inkluż is-sehem ta' kull Stat Membru fl-ammonti globali għall-kooperazzjoni transkonfinali, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali, il-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-potenzjal disponibbli għall-Istati Membri rigward il-flessibbiltà bejn dawk il-fergħat.

(19) Għall-aktar użu effiċjenti tal-appoġġ mill-FEŻR u mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun stabbilit mekkaniżmu sabiex jiġi organizzat ir-ritorn ta' dan l-appoġġ f'każijiet fejn il-programmi ta' kooperazzjoni esterna ma jkunux jistgħu jiġu adottati jew ikollhom jitwaqqfu, inkluż ma' pajjiżi terzi li ma jirċievu appoġġ minn ebda strument finanzjarju tal-Unjoni. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jfittex jikseb funzjonament ottimali tal-programmi u l-koordinazzjoni massima possibbli bejn dawk l-istrumenti.

(20) Il-FEŻR jenħtieġ li jikkontribwixxi, taħt l-Interreg, għall-objettivi speċifiċi taħt l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni. Madankollu, il-lista tal-objettivi speċifiċi taħt l-objettivi ta' politika differenti jenħtieġ li jkunu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Interreg sabiex ikunu possibbli interventi tat-tip FSE, skont il-punti (a) sa (l) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) permezz ta' azzjonijiet konġunti taħt il-programmi Interreg.

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

([13]) Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ara paġna 21 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(21) Fil-kuntest taċ-ċirkostanzi uniċi u speċifiċi fil-gżira tal-Irlanda, u bl-għan li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar skont il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira, programm transkonfinali PEACE-PLUS għandu jkompli u jibni fuq il-ħidma ta' programmi preċedenti bejn il-pajjiżi tal-fruntieri tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq. Filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-importanza prattika tiegħu, hu meħtieġ li jiġi żgurat li, fejn dak il-programm jaġixxi favur il-paċi u r-rikonċiljazzjoni, il-FEŻR jenħtieġ ukoll li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-istabbiltà u l-kooperazzjoni soċjali, ekonomiċi u reġjonali fir-reġjuni kkonċernati, b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet li jippromwovu l-koeżjoni bejn il-komunitajiet. Minħabba l-ispeċifiċitajiet ta' dak il-programm, jenħtieġ li dan jiġi ġestit b'mod integrat bl-integrazzjoni tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit f'dak il-programm bħala dħul assenjat estern. Barra minn hekk, ċerti regoli dwar l-għażla ta' operazzjonijiet f'dan ir-Regolament ma jenħtieġx li japplikaw għal dak il-programm b'rabta mal-operazzjonijiet favur il-paċi u r-rikonċiljazzjoni.

(22) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jżid żewġ objettivi speċifiċi għall-Interreg: objettiv li tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali, tittejjeb il-kooperazzjoni legali u amministrattiva, b'mod partikolari fejn hija marbuta mal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-Reġjuni tal-Fruntieri, tiġi intensifikata l-kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet u l-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar, tinbena fiduċja reċiproka, b'mod partikolari billi jitħeġġu azzjonijiet bejn il-persuni; u t-tieni objettiv li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' kooperazzjoni fis-sikurezza, is-sigurtà, il-ġestjoni tal-qsim tal-fruntieri u l-migrazzjoni.

(23) Il-biċċa l-kbira tal-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ikkonċentrata fuq għadd limitat ta' objettivi ta' politika sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-Interreg. Jenħtieġ li jissaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-fergħat.

(24) Id-dispożizzjonijiet dwar it-tħejjija, l-approvazzjoni u l-emendar tal-programmi Interreg kif ukoll dwar l-iżvilupp territorjali, dwar l-għażla tal-operazzjonijiet, dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, dwar l-awtoritajiet tal-programm, dwar l-awditjar tal-operazzjonijiet, u dwar it-trasparenza u l-komunikazzjoni jenħtieġ li jkunu adattati għall-ispeċifiċitajiet tal-programmi Interreg meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060. Dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi jenħtieġ li jinżammu sempliċi u ċari biex tkun evitata regolamentazzjoni żejda u piż amministrattiv addizzjonali għall-Istati Membri u għall-benefiċjarji.

(25) Id-dispożizzjonijiet dwar il-kriterji għal operazzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala awtentikament konġunti u kooperattivi, dwar is-sħubija fil-qafas tal-operazzjoni tal-Interreg u dwar l-obbligi tas-sieħeb ewlieni kif stabbiliti matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 jenħtieġ li jitkomplew. Jenħtieġ li s-sħab tal-Interreg jikkooperaw fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni kif ukoll fil-qasam tal-persunal jew tal-finanzjament jew tat-tnejn, u, fil-qafas tal-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi, fi tnejn minn erbgħa minn dawn id-dimensjonijiet tal-kooperazzjoni, peress li għandu jkun aktar faċli li jkun ikkombinat appoġġ mill-FEŻR u minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni fil-livell kemm tal-programmi kif ukoll tal-operazzjonijiet.

(26) Fil-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali, il-proġetti bejn il-persuni u l-proġetti fuq skala żgħira huma strument importanti u ta' suċċess, b'valur miżjud Ewropew għoli, li jneħħu l-ostakli ta' mal-fruntiera u transkonfinali, irawmu l-kuntatti bejn il-persuni lokalment, u jqarrbu r-reġjuni ta' mal-fruntiera u ċ-ċittadini tagħhom lejn xulxin. S'issa huma kienu appoġġati permezz ta' fondi għal proġetti żgħar jew strumenti simili, għalkemm qatt ma kienu koperti minn dispożizzjonijiet speċifiċi, u għalhekk kien meħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli li jirrigwardaw dawk il-fondi. Sabiex jiġu ppreservati l-valur miżjud u l-vantaġġi tal-proġetti bejn il-persuni u tal-proġetti fuq skala żgħira, anke fir-rigward tal-iżvilupp lokali u reġjonali, u biex tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-finanzjament ta' proġetti żgħar mir-riċevituri finali, li sikwit mhumiex midħla ta' kif japplikaw għall-fondi mill-Unjoni, l-użu ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati u ta' ammonti f'daqqa jenħtieġ li jsir obbligatorju taħt ċertu livell limitu.

(27) Minħabba l-involviment ta' iżjed minn Stat Membru wieħed, u l-ispejjeż amministrattivi ogħla li jirriżultaw, inkluż għal punti ta' kuntatt reġjonali magħrufin ukoll bħala "antenni", li huma punti ta' kuntatt importanti għal dawk li jipproponu u jimplimentaw proġetti, u għaldaqstant jiffunzjonaw bħala linja diretta lejn is-segretarjati konġunti jew l-awtoritajiet rilevanti, iżda b'mod partikolari fir-rigward tal-kontrolli u t-traduzzjoni, il-limitu massimu għan-nefqa f'assistenza teknika jenħtieġ li jkun ogħla minn dak fil-qafas tal-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir. Sabiex ipattu għall-ispejjeż amministrattivi ogħla, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu mħeġġa jnaqqsu l-piż amministrattiv fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti fejn hu possibbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-programmi Interreg b'appoġġ limitat mill-Unjoni jew programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali esterna jirċievu ċertu ammont minimu għal assistenza teknika biex jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti għal attivitajiet ta' assistenza teknika effettiva inkluż għal uffiċċji ta' fergħat reġjonali ta' segretarjati konġunti u punti ta' kuntatt stabbiliti biex ikunu eqreb lejn benefiċjarji u sħab potenzjali.

(28) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([14]), jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi evalwat fuq il-bażi ta' informazzjoni miġbura f'konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati l-piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-Istati Membri, u r-regolamentazzjoni żejda. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-finanzjament fil-prattika.

(29) Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, jenħtieġ li titkompla s-sistema li introduċiet ġerarkija ċara tar-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa filwaqt li jinżamm il-prinċipju tar-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa stabbilit fil-livell tal-Unjoni u għal programm Interreg fl-intier tiegħu sabiex jiġu evitati l-kontradizzjonijiet jew l-inkonsistenzi kollha possibbli bejn regolamenti differenti jew bejn il-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali. Regoli addizzjonali adottati minn Stat Membru wieħed li jkunu japplikaw biss għall-benefiċjarji f'dak l-Istat Membru jenħtieġ li jkunu limitati għall-minimu strett. B'mod partikolari, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2014 ([15]), adottat għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 jenħtieġ li jiġi integrat f'dan ir-Regolament.

(30) L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu mħeġġa jassenjaw il-funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni lil REKT jew li jagħmlu raggruppament bħal dan, bħal entitajiet legali transkonfinali oħra, responsabbli għall-ġestjoni ta' sottoprogramm, investiment territorjali integrat jew fond wieħed jew aktar għal proġetti żgħar, jew li jaġixxu bħala sieħeb uniku. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li jiġi stabbilit korp legali transkonfinali, inklużi ewroreġjuni, u li dan ikollu personalità ġuridika skont il-liġi ta' wieħed mill-pajjiżi parteċipanti, u għandha tintlaqa' l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet reġjonali u lokali mill-pajjiżi parteċipanti kollha.

(31) Sabiex titkompla l-katina tal-pagament stabbilita għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, jiġifieri mill-Kummissjoni għas-sieħeb ewlieni permezz tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni, dik il-katina tal-pagament jenħtieġ li titkompla fil-qafas tal-funzjoni ta' kontabbiltà. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jitħallas lis-sieħeb ewlieni, sakemm dan ikun jirriżulta f'tariffi doppji għall-konverżjoni f'euro u lura f'muniti oħra jew viċi versa bejn is-sieħeb ewlieni u s-sħab l-oħra. Jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, is-sieħeb ewlieni jenħtieġ li jiżgura li s-sħab l-oħrajn jirċievu l-ammont totali tal-kontribuzzjoni mill-fond rispettiv tal-Unjoni bis-sħiħ u fil-limitu ta' żmien maqbul mis-sħab kollha u skont l-istess proċedura applikata fir-rigward tas-sieħeb ewlieni.

(32) Skont l-Artikolu 63(9) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) (ir-"Regolament Finanzjarju") ir-regoli speċifiċi għas-settur iridu jieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet tal-programmi Interreg fir-rigward, b'mod partikolari, tal-funzjoni tal-awditjar. Id-dispożizzjonijiet dwar l-opinjoni annwali tal-awditjar, ir-rapport annwali ta' kontroll u l-awditi tal-operazzjonijiet għalhekk jenħtieġ li jiġu simplifikati u adattati għal dawk il-programmi li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed.

(33) Jenħtieġ li tiġi stabbilita katina ċara fir-rigward tar-responsabbiltà finanzjarja għall-irkupru fil-każ ta' irregolaritajiet minn sieħeb uniku jew sħab oħra permezz tas-sieħeb ewlieni u l-awtorità ta' ġestjoni għall-Kummissjoni. Jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għar-responsabbiltà ta' Stati Membri, ta' pajjiżi terzi, ta' pajjiżi sħab jew tal-PTEE, fejn l-irkupru mis-sieħeb uniku jew dak ewlieni ma jirnexxix, li jfisser li l-Istat Membru jirrimborża lill-awtorità ta' ġestjoni. Konsegwentement, fil-qafas tal-programmi Interreg ma hemm l-ebda lok għal ammonti irrekuperabbli fil-livell tal-benefiċjarji. Madankollu, jenħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli, f'każ li Stat Membru, pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE ma jirrimborżax lill-awtorità ta' ġestjoni. L-obbligi tas-sieħeb ewlieni għall-irkupru jenħtieġ li jiġu ċċarati wkoll.

---

([14]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([15]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2014 tal-4 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli speċifiċi dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa għall-programmi ta' kooperazzjoni (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 45).

([16]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(34) Sabiex japplika sett ta' regoli fil-biċċa l-kbira tiegħu komuni kemm fl-Istati Membri parteċipanti kif ukoll f'pajjiżi terzi parteċipanti, pajjiżi sħab jew PTTE parteċipanti, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE, ħlief jekk regoli speċifiċi ma jkunux stabbiliti f'kapitolu speċifiku ta' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet tal-programm Interreg jistgħu jikkorrispondu għal awtoritajiet kompetenti oħrajn f'pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE. Il-punt ta' tluq għall-eliġibbiltà tal-infiq jenħtieġ li jkun marbut mal-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament mill-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE rilevanti. L-akkwist għall-benefiċjarji fil-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE jenħtieġ li jsegwi r-regoli dwar l-akkwist estern previsti fir-Regolament Finanzjarju. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċeduri għall-konklużjoni ta' ftehimiet ta' finanzjament ma' kull wieħed mill-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab jew il-PTEE kif ukoll ftehimiet bejn l-awtorità ta' ġestjoni u kull wieħed mill-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab jew il-PTEE fir-rigward tal-appoġġ minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni jew fil-każ ta' trasferiment ta' kontribuzzjoni addizzjonali minn pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE lill-programm Interreg minbarra l-kofinanzjament nazzjonali.

(35) Għalkemm il-programmi Interreg bil-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE jenħtieġ li jiġu implimentati taħt ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li jkun possibbli li l-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi tiġi implimentata taħt ġestjoni indiretta. Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli speċifiċi dwar kif jiġu implimentati dawn il-programmi fl-intier tagħhom jew parzjalment taħt ġestjoni indiretta.

(36) Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 bi proġetti infrastrutturali kbar fil-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]), il-proċeduri jenħtieġ li jkunu ssimplifikati. Madankollu, il-Kummissjoni jenħtieġ li żżomm ċerti drittijiet li jikkonċernaw l-għażla ta' tali proġetti.

(37) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta u temenda l-listi ta' oqsma tal-programmi Interreg li jenħtieġ li jirċievu appoġġ u l-lista tal-ammont globali tal-appoġġ mill-Unjoni għal kull programm Interreg. Jenħtieġ li jingħataw ukoll setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta id-dokumenti tal-istrateġija pluriennali għal programmi Interreg appoġġati minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]). Minkejja li dawk l-atti huma ta' natura ġenerali, jenħtieġ li tintuża l-proċedura konsultattiva billi huma jimplimentaw biss id-dispożizzjonijiet b'mod tekniku. Fejn applikabbli, id-dokumenti tal-istrateġija pluriennali għal programmi Interreg appoġġati minn strument finanzjarju estern jenħtieġ li jirrispettaw ukoll il-proċedura stabbilita fir-Regolament tal-IPA III u fir-Regolament (UE) 2021/947.

(38) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-programmi Interreg u tal-emendi tagħhom, jenħtieġ li jiġu mogħtija setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Madankollu, fejn applikabbli, il-programmi Interreg transkonfinali esterna jenħtieġ li jirrispettaw il-proċeduri ta' kumitat stabbiliti taħt ir-Regolament tal-IPA III u r-Regolament (UE) 2021/947 fir-rigward tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' dawk il-programmi.

(39) Sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

([17]) Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

([18]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(40) Minħabba li dan ir-Regolament huwa maħsub li jiġi adottat wara li jibda l-perijodu ta' programmazzjoni, u b'kont meħud tal-ħtieġa li l-implimentazzjoni tal-Interreg issir b'mod ikkoordinat u armonizzat, kif ukoll sabiex l-implimentazzjoni tiegħu ssir malajr, jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(41) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-trawwim tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab jew il-PTEE ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jinkiseb dak l-objettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

WERREJ


KAPITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TAQSIMA I SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U FERGĦAT TAL-INTERREG

Artikolu 1 Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 2 Definizzjonijiet

Artikolu 3 Fergħat tal-Interreg

TAQSIMA II KOPERTURA ĠEOGRAFIKA

Artikolu 4 Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni transkonfinali

Artikolu 5 Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali

Artikolu 6 Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni interreġjonali

Artikolu 7 Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi

Artikolu 8 Lista ta' żoni tal-programm Interreg li għandhom jirċievu appoġġ

TAQSIMA III RIŻORSI U RATI TA' KOFINANZJAMENT

Artikolu 9 Riżorsi tal-FEŻR għall-programmi Interreg

Artikolu 10 Dispożizzjonijiet bejn il-fondi

Artikolu 11 Lista tar-riżorsi tal-programm Interreg

Artikolu 12 Ritorn tar-riżorsi u twaqqif

Artikolu 13 Rati ta' kofinanzjament

KAPITOLU II OBJETTIVI SPEĊIFIĊI GĦALL-INTERREG U KONĊENTRAZZJONI TEMATIKA

Artikolu 14 Objettivi speċifiċi għall-Interreg

Artikolu 15 Konċentrazzjoni tematika

KAPITOLU III PROGRAMMAZZJONI

TAQSIMA I TĦEJJIJA, APPROVAZZJONI U EMENDAR TAL-PROGRAMMI INTERREG

Artikolu 16 Tħejjija u preżentazzjoni tal-programmi Interreg

Artikolu 17 Kontenut tal-programmi Interreg

Artikolu 18 Approvazzjoni tal-programmi Interreg

Artikolu 19 Emendar tal-programmi Interreg

TAQSIMA II ŻVILUPP TERRITORJALI

Artikolu 20 Żvilupp territorjali integrat

Artikolu 21 Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità

TAQSIMA III OPERAZZJONIJIET, U FONDI GĦAL PROĠETTI ŻGĦAR

Artikolu 22 Għażla tal-operazzjonijiet Interreg

Artikolu 23 Sħubija fl-operazzjonijiet Interreg

Artikolu 24 Appoġġ għal proġetti ta' volum finanzjarju limitat

Artikolu 25 Fondi għal proġetti żgħar

Artikolu 26 Kompiti tas-sieħeb ewlieni

TAQSIMA IV ASSISTENZA TEKNIKA

Artikolu 27 Assistenza teknika

KAPITOLU IV Monitoraġġ, evalwazzjoni u komunikazzjoni

TAQSIMA I MONITORAĠĠ

Artikolu 28 Kumitat ta’ monitoraġġ

Artikolu 29 Kompożizzjoni tal-kumitat ta’ monitoraġġ

Artikolu 30 Funzjonijiet tal-kumitat ta’ monitoraġġ

Artikolu 31 Rieżami

Artikolu 32 Trażmissjoni ta’ data

Artikolu 33 Rapport finali dwar il-prestazzjoni

Artikolu 34 Indikaturi għall-programmi Interreg

TAQSIMA II EVALWAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI

Artikolu 35 Evalwazzjoni matul il-perjodu ta’ programmazzjoni

Artikolu 36 Responsabbiltajiet tal-awtoritajiet ta’ ġestjoni u tas-sħab fir-rigward tat-trasparenza u l-komunikazzjoni

KAPITOLU V ELIĠIBBILTÀ

Artikolu 37 Regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa

Artikolu 38 Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-eliġibbiltà ta’ kategoriji tal-ispiża

Artikolu 39 Spejjeż tal-persunal

Artikolu 40 Spejjeż għall-uffiċċju u spejjeż amministrattivi

Artikolu 41 Spejjeż ta’ vvjaġġar u ta’ akkomodazzjoni

Artikolu 42 Spejjeż għal għarfien espert estern u għal servizzi esterni

Artikolu 43 Spejjeż ta’ tagħmir

Artikolu 44 Spejjeż għall-infrastruttura u għal xogħlijiet

KAPITOLU VI AWTORITAJIET TAL-PROGRAMM INTERREG, IL-ĠESTJONI, IL-KONTROLL U L-AWDITJAR

Artikolu 45 Awtoritajiet ta’ programm Interreg

Artikolu 46 Funzjonijiet tal-awtorità ta’ ġestjoni

Artikolu 47 Il-funzjoni tal-kontabbiltà

Artikolu 48 Funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar

Artikolu 49 Awditjar tal-operazzjonijiet

KAPITOLU VII ĠESTJONI FINANZJARJA

Artikolu 50 Impenji baġitarji

Artikolu 51 Pagamenti u prefinanzjament

Artikolu 52 Irkupri

KAPITOLU VIII PARTEĊIPAZZJONI TA’ PAJJIŻI TERZI JEW PAJJIŻI SĦAB, PTEE, JEW ORGANIZZAZZJONIJIET TA’ INTEGRAZZJONI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI FI PROGRAMMI INTERREG TAĦT ĠESTJONI KONDIVIŻA

Artikolu 53 Dispożizzjonijiet applikabbli

Artikolu 54 Awtoritajiet ta’ programmi Interreg u l-funzjonijiet tagħhom

Artikolu 55 Metodi ta’ ġestjoni

Artikolu 56 Eliġibbiltà

Artikolu 57 Proġetti infrastrutturali kbar

Artikolu 58 Akkwist

Artikolu 59 Konklużjoni ta’ ftehimiet ta’ finanzjament taħt ġestjoni kondiviża

Artikolu 60 Kontribuzzjoni ta’ pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE ħlief kofinanzjament

| | |
|---|---|
| KAPITOLU IX | DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-ĠESTJONI INDIRETTA |
| Artikolu 61 | Kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi |
| KAPITOLU X | DISPOŻIZZJONIJIET FINALI |
| Artikolu 62 | Eżerċizzju tad-delega |
| Artikolu 63 | Proċedura ta' Kumitat |
| Artikolu 64 | Dispożizzjonijiet tranżizzjonali |
| Artikolu 65 | Dħul fis-seħħ |
| ANNESS | Il-mudell għall-Programmi Interreg |
| Mappa | Mappa taż-żona tal-programm |
| Appendiċi 1 | Kontribuzzjoni tal-Unjoni abbażi ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa u rati fissi |
| Appendiċi 2 | Kontribuzzjoni tal-Unjoni abbażi ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet |
| Appendiċi 3 | Lista ta' operazzjonijiet ippjanati ta' importanza strateġika bi skeda ta' żmien |

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*TAQSIMA I*

***Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u fergħat tal-Interreg***

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea ("Interreg") bl-għan li titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom ġewwa l-Unjoni u bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni tagħhom u pajjiżi terzi, pajjiżi sħab, territorji oħra jew pajjiżi u territorji extra-Ewropej (PTEE), jew organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi żgurata programmazzjoni effettiva inkluż fuq assistenza teknika, monitoraġġ, evalwazzjoni, komunikazzjoni, eliġibbiltà, ġestjoni u kontroll, kif ukoll ġestjoni finanzjarja tal-programmi taħt l-Interreg ("programmi Interreg") appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

Fir-rigward ta' appoġġ mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI, *Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument*) u l-finanzjament għall-PTEE kollha għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 stabbilit bħala programm mid-Deċiżjoni 2013/755/UE (flimkien imsejħin l-"istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni") għall-programmi Interreg, dan ir-Regolament jistabbilixxi objettivi speċifiċi addizzjonali kif ukoll l-integrazzjoni ta' dawk il-fondi fi programmi Interreg, il-kriterji għall-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab u l-PTEE u r-reġjuni tagħhom biex ikunu eliġibbli u ċerti regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi.

Fir-rigward tal-appoġġ mill-FEŻR u l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni (imsejħa b'mod konġunt "il-fondi Interreg") lill-programmi Interreg, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi speċifiċi għall-Interreg kif ukoll l-organizzazzjoni tal-Interreg, il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab, u l-PTEE u r-reġjuni tagħhom, ir-riżorsi finanzjarji, u l-kriterji għall-allokazzjoni tagħhom.

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 u r-Regolament (UE) 2021/1058 għandhom japplikaw għall-programmi Interreg, ħlief fejn speċifikament previst mod ieħor taħt dawk ir-Regolamenti u dan ir-Regolament jew fejn ir-Regolament (UE) 2021/1060 jkun jista' japplika biss għall-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw ukoll:

(1) "benefiċjarju tal-IPA III" tfisser pajjiż jew territorju elenkat fl-anness rilevanti tar-Regolament tal-IPA III;

(2) "pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhuwiex Stat Membru u li ma jirċevix appoġġ minn fondi Interreg jew li jikkontribwixxi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (il-"baġit tal-Unjoni") permezz ta' dħul assenjat estern;

(3) "pajjiż sieħeb" tfisser benefiċjarju tal-IPA III jew pajjiż jew territorju kopert, għall-programmi Interreg A u B, miż-żona tal-Viċinat elenkata fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2021/947 u jew il-Federazzjoni Russa, jew għall-programmi Interreg C u D, pajjiż jew territorju kopert minn kwalunkwe żona ġeografika taħt l-NDICI, u li jirċievi appoġġ mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni;

(4) "entità legali transkonfinali" tfisser entità legali stabbilita skont il-liġi ta' wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fi programm Interreg dment li din tiġi stabbilita minn awtoritajiet territorjali jew minn korpi oħra minn tal-anqas żewġ pajjiżi parteċipanti.

(5) ”organizzazzjoni ta’ integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali” tfisser, fil-kuntest tal-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi, grupp ta’ pajjiżi terzi jew reġjuni fl-istess żona ġeografika li għandhom l-għan li jikkooperaw mill-qrib dwar kwistjonijiet ta’ interess komuni, u li jistgħu jiffurmaw parti minnha anki l-Istati Membri.

Għall-fini ta’ dan ir-Regolament, fejn ir-Regolament (UE) 2021/1060 jirreferi għal ”Stat Membru”, dan għandu jinftiehem li jfisser ”l-Istat Membru li jospita l-awtorità ta’ ġestjoni” u fejn dak ir-Regolament jirreferi għal ”Kull Stat Membru” jew ”Stati Membri”, dan għandu jinftiehem li jfisser ”l-Istati Membri u, fejn applikabbli, il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab u l-PTEE parteċipanti fi programm Interreg partikolari”.

Għall-fini ta’ dan ir-Regolament, fejn ir-Regolament (UE) 2021/1060 jirreferi għal ”il-Fondi” kif elenkat fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) ta’ dak ir-Regolament jew għar-Regolament (UE) 2021/1058, dan għandu jinftiehem li jfisser li jkopru wkoll l-istrument ta’ finanzjament estern rispettiv tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

**Fergħat tal-Interreg**

Taħt l-Interreg, il-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-Unjoni għandhom jappoġġaw il-fergħat li ġejjin:

(1) il-kooperazzjoni transkonfinali bejn reġjuni kontigwi biex ikun promoss l-iżvilupp reġjonali integrat u armonjuż bejn reġjuni tal-fruntieri tal-art u dawk marittimi ġirien (“Interreg A”):

(a) il-kooperazzjoni transkonfinali interna bejn reġjuni kontigwi tal-fruntiera ta’ żewġ Stati Membri jew aktar jew bejn reġjuni kontigwi tal-fruntiera ta’ mill-anqas Stat Membru wieħed u ta’ pajjiż terz wieħed jew aktar imsemmija fl-Artikolu 4(2); jew

(b) il-kooperazzjoni transkonfinali esterna, bejn reġjuni kontigwi tal-fruntieri ta’ mill-anqas Stat Membru wieħed u ta’ wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(i) il-benefiċjarji tal-IPA III;

(ii) il-pajjiżi sħab appoġġati mill-NDICI; jew

(iii) il-Federazzjoni Russa, bil-għan li tkun faċilitata l-parteċipazzjoni tagħha f’kooperazzjoni transkonfinali appoġġata wkoll mill-NDICI;

(2) il-kooperazzjoni tranżnazzjonali fuq territorji tranżnazzjonali akbar jew madwar il-baċiri tal-baħar, li tinvolvi sħab tal-programm nazzjonali, reġjonali u lokali fi Stati Membri, pajjiżi terzi u pajjiżi sħab u f’PTEE, bil-għan li jintlaħaq livell ogħla ta’ integrazzjoni territorjali (“Interreg B”);

(3) il-kooperazzjoni interreġjonali sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-politika ta’ koeżjoni (“Interreg C”) bil-promozzjoni ta’:

(a) l-iskambju ta’ esperjenzi, approċċi innovattivi u bini tal-kapaċità b’attenzjoni fuq objettivi ta’ politika stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u l-objettiv speċifiku għall-Interreg ”governanza aħjar tal-kooperazzjoni”, b’rabta mal-identifikazzjoni, it-tixrid u t-trasferiment ta’ prattiki tajbin f’politiki tal-iżvilupp reġjonali inkluż programmi tal-mira ”Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir” (il-“programm Interreg Ewropa”);

(b) l-iskambju ta’ esperjenzi, approċċi innovattivi u bini tal-kapaċità b’rabta mal-identifikazzjoni, it-trasferiment u l-kapitalizzazzjoni ta’ prattiki tajbin dwar żvilupp urban integrat u sostenibbli, b’kont meħud tar-rabtiet bejn iż-żoni urbani u rurali, b’appoġġ għal azzjonijiet żviluppati fil-qafas tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1058 u filwaqt li jikkumplimentaw ukoll b’mod ikkoordinat mal-inizjattiva deskritta fl-Artikolu 12 ta’ dak ir-Regolament (il-“programm URBACT”);

(c) l-iskambju ta’ esperjenzi, approċċi innovattivi u bini tal-kapaċità bil-ħsieb ta’ (il-“programm INTERACT”):

(i) l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta’ programmi Interreg kif ukoll il-kontribut għall-kapitalizzazzjoni tar-riżultati tagħhom;

(ii) l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-azzjonijiet ta’ kooperazzjoni possibbli msemmija fil-punt (d) (vi) tal-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(iii) l-appoġġ għall-istabbiliment, il-funzjonament u l-użu ta' raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali (REKT);

(d) l-analiżi tax-xejriet tal-iżvilupp relatati mal-miri ta' koeżjoni territorjali (il-"programm ESPON");

(4) il-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi bejniethom u ma' pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab jew PTEE tal-viċinat, jew organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali, jew diversi minnhom, biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni reġjonali u l-iżvilupp armonjuż tagħhom fil-viċinat tagħhom ("Interreg D").

*TAQSIMA II*

***Kopertura ġeografika***

*Artikolu 4*

**Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni transkonfinali**

1. Għall-kooperazzjoni transkonfinali, ir-reġjuni li għandhom jiġu appoġġati mill-FEŻR għandhom ikunu r-reġjuni tal-Unjoni tal-livell NUTS 3 tul il-fruntieri tal-art interni u esterni kollha ma' pajjiżi terzi jew ma' pajjiżi sħab u r-reġjuni kollha tal-Unjoni tal-livell NUTS 3 tul il-fruntieri marittimi separati b'massimu ta' 150 kilometru baħar, mingħajr preġudizzju għall-aġġustamenti potenzjali meħtieġa biex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità taż-żoni tal-programmi ta' kooperazzjoni u fejn effettivament tista' sseħħ l-interazzjoni transkonfinali.

2. Il-programmi Interreg ta' kooperazzjoni transkonfinali interna jistgħu jkopru reġjuni fin-Norveġja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit li huma ekwivalenti għal reġjuni tal-livell NUTS 3 kif ukoll Andorra, il-Liechtenstein, Monaco u San Marino.

3. Għall-kooperazzjoni transkonfinali esterna, ir-reġjuni li għandhom jiġu appoġġati mill-IPA III jew l-NDICI għandhom ikunu reġjuni tal-livell NUTS 3 tal-pajjiż sieħeb rispettiv jew, fin-nuqqas ta' klassifikazzjoni NUTS, żoni ekwivalenti tul il-fruntieri fuq l-art u marittimi kollha bejn l-Istati Membri u pajjiżi sħab eliġibbli skont l-IPA III jew l-NDICI, mingħajr preġudizzju għall-aġġustamenti potenzjali meħtieġa biex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità ta' żoni ġeografiċi tal-programm ta' kooperazzjoni.

*Artikolu 5*

**Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali**

1. Għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali, ir-reġjuni li għandhom jiġu appoġġati mill-FEŻR għandhom ikunu r-reġjuni tal-livell NUTS 2 tal-Unjoni, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi li jkopru territorji tranżnazzjonali ikbar u b'kont meħud, fejn applikabbli, tal-istrateġiji makroreġjonali jew l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar.

2. Fuq it-talba tal-Istat Membru ikkonċernat jew tal-Istati Membri kkonċernati mal-preżentazzjoni ta' programm ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali, dak il-programm jista' jinkludi wkoll reġjun ultraperiferiku wieħed jew aktar mill-Istat Membru kkonċernat jew mill-Istati Membri kkonċernati.

3. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali tal-programmi tista' tkopri t-territorji li ġejjin, irrispettivament minn jekk humiex appoġġati jew le mill-baġit tal-Unjoni:

(a) reġjuni fl-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit kif ukoll Andorra, il-Liechtenstein, Monaco u San Marino;

(b) PTEE;

(c) il-Gżejjer Faroe;

(d) reġjuni ta' pajjiżi sħab skont l-IPA III jew l-NDICI.

4. Ir-reġjuni, il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab jew PTEE msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu reġjuni tal-livell NUTS 2 jew, fin-nuqqas ta' klassifikazzjoni NUTS, żoni ekwivalenti.

*Artikolu 6*

**Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni interreġjonali**

1. Fir-rigward tal-kooperazzjoni interreġjonali, it-territorju kollu tal-Unjoni, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi, għandu jkun appoġġat mill-FEŻR.

2. Il-programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali jistgħu jkopru t-territorju kollu ta' pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u territorji oħrajn, jew xi parti minnhom, jew PTEE msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 7, irrispettivament minn jekk humiex appoġġati jew le mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni.

*Artikolu 7*

**Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi**

1. Għall-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni kollha elenkati fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 TFUE għandhom jiġu appoġġati mill-FEŻR.

2. Il-programmi Interreg li jinvolvu r-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jkopru pajjiżi sħab jew partijiet minnhom appoġġati mill-NDICI jew PTEE appoġġati mill-Programm għall-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej (PTEE), jew it-tnejn li huma.

*Artikolu 8*

**Lista ta' żoni tal-programm Interreg li għandhom jirċievu appoġġ**

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 4 sa 7, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-lista ta' żoni tal-programm Interreg li għandhom jirċievu appoġġ, maqsuma għal kull fergħa u għal kull programm Interreg. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 63(2).

Il-programmi transkonfinali esterni għandhom jiġu elenkati bħala "programmi Interreg A IPA III-CBC" (IPA III-CBC) jew "programmi Interreg A NEXT" (NDICI-CBC).

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jinkludu wkoll lista li tispeċifika dawk ir-reġjuni tal-livell NUTS 3 tal-Unjoni kkunsidrati għall-allokazzjoni mill-FEŻR għall-kooperazzjoni transkonfinali fuq il-fruntieri interni kollha u dawk il-fruntieri esterni koperti mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni.

3. Ir-reġjuni ta' pajjiżi terzi jew sħab jew territorji barra mill-Unjoni li ma jirċevux appoġġ mill-FEŻR jew minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni, jew li jikkontribwixxu għall-baġit tal-Unjoni permezz ta' dħul assenjat estern, għandhom jissemmew ukoll fil-lista msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

TAQSIMA III

***Riżorsi u rati ta' kofinanzjament***

*Artikolu 9*

**Riżorsi tal-FEŻR għall-programmi Interreg**

1. Ir-riżorsi tal-FEŻR għall-programmi Interreg għandhom jammontaw għal EUR 8 050 000 000 fi prezzijiet tal-2018 tar-riżorsi globali disponibbli għall-impenn baġitarju mill-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 u stabbiliti fl-Artikolu 109(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

2. Ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu allokati kif ġej:

(a) 72,2 % (jiġifieri total ta' EUR 5 812 790 000) għall-kooperazzjoni transkonfinali fuq l-art u marittima (il-"fergħa A"));

(b) 18,2 % (jiġifieri total ta' EUR 1 466 000 000) għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali (il-"fergħa B"));

(c) 6,1 % (jiġifieri total ta' EUR 490 000 000) għall-kooperazzjoni interreġjonali (il-"fergħa C"));

(d) 3,5 % (jiġifieri total ta' EUR 281 210 000) għall-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi (il-"fergħa D")).

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lil kull Stat Membru s-sehem tiegħu fl-ammonti globali għall-fergħat A, B u D, skont il-metodoloġija prevista fil-punt 8 tal-Anness XXVI tar-Regolament (UE) 2021/1060, maqsum sena b'sena.

4. Kull Stat Membru jista' jittrasferixxi sa 15 % tal-allokazzjoni finanzjarja tiegħu għal kull waħda mill-fergħat A, B u D minn waħda minn dawk il-fergħat lil waħda jew aktar mill-oħrajn.

5. Fuq il-bażi tal-ammonti kkomunikati skont il-paragrafu 3, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni jekk u kif ikun uża l-opzjoni ta' trasferiment prevista fil-paragrafu 4 u d-distribuzzjoni riżultanti tas-sehem tiegħu fost il-programmi Interreg li l-Istat Membru jipparteċipa fihom.

*Artikolu 10*

**Dispożizzjonijiet bejn il-fondi**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dokumenti ta' strateġija pluriennali fir-rigward tal-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali esterni u tranżnazzjonali appoġġati mill-FEŻR u l-NDICI, jew mill-FEŻR u l-IPA III, jew mill-FEŻR, l-NDICI u l-IPA III. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 63(2) ta' dan ir-Regolament u, fejn adatt, b'rispett debitu għall-proċedura stabbilita fir-Regolament tal-IPA III.

Fir-rigward tal-programmi Interreg appoġġati mill-FEŻR u l-NDICI, l-att ta' implimentazzjoni għandu jistabbilixxi l-elementi msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/947.

Fir-rigward tal-programmi Interreg appoġġati mill-FEŻR u l-IPA III, l-att ta' implimentazzjoni għandu jkopri wkoll, fejn rilevanti, il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji tal-IPA III jew tal-pajjiżi sħab fil-programmi Interreg C u D.

2. Il-kontribuzzjoni mill-FEŻR għall-programmi Interreg transkonfinali esterni li jridu jiġu appoġġati wkoll mill-pakkett finanzjarju taħt l-IPA III-CBC jew mill-pakkett finanzjarju taħt l-NDICI-CBC għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati. Il-kontribuzzjoni tal-FEŻR stabbilita għal kull Stat Membru ma għandhiex tiġi sussegwentement riallokata bejn l-Istati Membri kkonċernati.

Il-kontribuzzjonijiet rispettivi mill-IPA III u l-NDICI għall-programmi Interreg B, C u D għandhom iqisu l-kompożizzjoni tas-sħubija tal-programm bejn l-Istati Membri, il-benefiċjarji tal-IPA III u l-pajjiżi sħab. Dawk il-kontribuzzjonijiet jistgħu jiġu stabbiliti fid-dokumenti ta' strateġija pluriennali koperti mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

3. L-appoġġ mill-FEŻR għandu jingħata lil programmi transkonfinali esterni individwali dment li minn tal-inqas jiġu pprovduti ammonti ekwivalenti mill-IPA III-CBC u l-NDICI-CBC taħt id-dokument ta' strateġija pluriennali rilevanti. Dik il-kontribuzzjoni għandha tkun soġġetta għal ammont massimu stabbilit fir-Regolament tal-IPA III jew fir-Regolament (UE) 2021/947.

Madankollu, fejn ir-rieżami tad-dokumenti ta' programmazzjoni strateġika rilevanti skont l-IPA III jew l-NDICI jirriżulta fit-tnaqqis tal-ammont korrispondenti għas-snin li jifdal, kull Stat Membru kkonċernat għandu jagħżel mill-opzjonijiet li ġejjin:

(a) li jitlob il-mekkaniżmu msemmi fl-Artikolu 12(3);

(b) li jkompli l-programm Interreg bil-bqija tal-appoġġ mill-FEŻR u l-IPA III-CBC jew l-NDICI-CBC; jew

(c) li jgħaqqad l-opzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan is-subparagrafu.

4. L-approprjazzjonijiet annwali li jikkorrispondu għall-appoġġ mill-FEŻR, l-IPA III-CBC jew l-NDICI-CBC għall-programmi Interreg transkonfinali esterni għandhom jiddaħħlu fl-intestaturi tal-baġit rilevanti għall-eżerċizzju baġitarju tal-2021.

5. Fejn il-Kummissjoni tkun inkludiet allokazzjoni finanzjarja speċifika biex tassisti lil pajjiżi jew reġjuni sħab taħt ir-Regolament (UE) 2021/947 u l-PTEE taħt id-Deċiżjoni 2013/755/UE, jew it-tnejn li huma, biex issaħħu l-kooperazzjoni tagħhom ma' reġjuni ultraperiferiċi tal-viċinat tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 33(2) tar-Regolament (UE) 2021/947 jew l-Artikolu 87 tad-Deċiżjoni 2013/755/UE, jew it-tnejn li huma, il-FEŻR jista' jikkontribwixxi wkoll skont dan ir-Regolament, fejn ikun xieraq u fuq il-bażi ta' reċiproċità u proporzjonalità fir-rigward tal-livell ta' finanzjament mill-NDICI jew mill-programm għall-PTEE jew it-tnejn li huma, għal azzjonijiet implimentati minn pajjiż jew reġjun sieħeb jew kwalunkwe entità oħra taħt ir-Regolament (UE) 2021/947, minn pajjiż, territorju, jew kwalunkwe entità oħra taħt id-Deċiżjoni 2013/755/UE jew minn reġjun ultraperiferiku tal-Unjoni skont, b'mod partikolari, programm Interreg B, C jew D konġunt wieħed jew aktar jew skont miżuri ta' kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 59 ta' dan ir-Regolament stabbiliti u implimentati skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 11*

**Lista tar-riżorsi tal-programm Interreg**

1. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9(5), il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu lista tal-programmi Interreg kollha u jindikaw għal kull programm l-ammont globali tal-appoġġ totali mill-FEŻR u, fejn applikabbli, l-appoġġ totali minn kull strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 63(2).

2. Dawk l-att ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu wkoll lista tal-ammonti trasferiti skont l-Artikolu 9(4) imqassmin skont l-Istat Membru.

*Artikolu 12*

**Ritorn tar-riżorsi u twaqqif**

1. Jekk għall-2022 jew għall-2023 ma jkunx ġie ppreżentat programm transkonfinali estern lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu tas-sena kkonċernata, il-kontribuzzjoni annwali mill-FEŻR għal dak il-programm li ma ġietx riallokata lil programm ieħor ippreżentat taħt l-istess kategorija ta' programmi Interreg transkonfinali esterni għandha tiġi allokata lill-programmi Interreg transkonfinali interni li fihom l-Istat Membru kkonċernat jipparteċipa.

2. Jekk, sal-31 ta' Marzu 2024, ikun għad hemm programmi Interreg transkonfinali esterni li ma jkunux ġew ippreżentati lill-Kummissjoni, il-kontribuzzjoni mill-FEŻR imsemmija fl-Artikolu 9(5) għal dawk il-programmi għas-snin li jifdal sal-2027, li ma tkunx ġiet riallokata lil programm Interreg ieħor appoġġat ukoll mill-IPA III-CBC jew l-NDICI-CBC, rispettivament, għandha tiġi allokata lill-programmi Interreg transkonfinali interni li fihom l-Istat Membru kkonċernat jipparteċipa.

3. Kwalunkwe programm Interreg transkonfinali estern diġà approvat mill-Kummissjoni għandu jitwaqqaf jew l-allokazzjoni lil dak il-programm għandha titnaqqas, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli, b'mod partikolari, jekk:

(a) ebda wieħed mill-pajjiżi sħab koperti mill-programm Interreg ikkonċernat ma jkun iffirma l-ftehim ta' finanzjament rilevanti sal-iskadenzi stipulati skont l-Artikolu 59; jew

(b) il-programm Interreg ma jkunx jista' jiġi implimentat kif ippjanat minħabba problemi fir-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi parteċipanti.

F'tali każijiet, il-kontribuzzjoni mill-FEŻR imsemmija fil-paragrafu 1 li tikkorrispondi għall-pagamenti akkont annwali li jkunu għadhom ma ġewx impenjati, jew pagamenti akkont annwali impenjati u diżimpenjati totalment jew parzjalment fl-istess sena baġitarja, li ma tkunx ġiet riallokata lil programm Interreg ieħor appoġġat ukoll mill-IPA III-CBC jew l-NDICI-CBC, rispettivament, għandha tiġi allokata lill-programmi Interreg transkonfinali interni li fihom l-Istat Membru kkonċernat jipparteċipa.

4. Fir-rigward ta' programm Interreg B diġà approvat mill-Kummissjoni, il-parteċipazzjoni ta' pajjiż sieħeb jew ta' PTEE għandha titwaqqaf jekk waħda mis-sitwazzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 tiġi ssodisfata.

L-Istati Membri parteċipanti u, fejn applikabbli, il-bqija tal-pajjiżi sħab parteċipanti, għandhom jitolbu li:

(a) il-programm Interreg jitwaqqaf, b'mod partikolari fejn l-isfidi ewlenin tal-iżvilupp konġunt tagħhom ma jistgħux jintlaħqu mingħajr il-parteċipazzjoni ta' dak il-pajjiż sieħeb jew ta' PTEE;

(b) l-allokazzjoni lil dak il-programm Interreg titnaqqas, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli; jew

(c) il-programm Interreg jitkompla mingħajr il-parteċipazzjoni ta' dak il-pajjiż sieħeb jew ta' PTEE.

Fejn l-allokazzjoni lill-programm Interreg titnaqqas skont il-punt (b), il-kontribuzzjoni mill-FEŻR li tikkorrispondi għall-pagamenti akkont annwali li jkunu għadhom ma ġewx impenjati, għandha tiġi allokata lil programm Interreg B ieħor fejn Stat Membru wieħed jew aktar minn dawk ikkonċernat jipparteċipa jew, fejn Stat Membru jipparteċipa biss fi programm Interreg B wieħed, lil programm Interreg transkonfinali intern wieħed jew aktar li fih jipparteċipa dak l-Istat Membru.

5. Il-kontribuzzjoni mill-IPA III, mill-NDICI jew mill-programm għall-PTEE imnaqqsa skont dan l-Artikolu għandha tintuża f'konformità mar-Regolament tal-IPA III, mar-Regolament (UE) 2021/947 jew mad-Deċiżjoni 2013/755/UE, rispettivament.

6. Fejn pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE li jikkontribwixxu għal programm Interreg b'riżorsi nazzjonali, li ma jikkostitwixxux il-kofinanzjament nazzjonali ta' appoġġ mill-FEŻR jew minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni, inaqqsu dik il-kontribuzzjoni matul l-implimentazzjoni tal-programm Interreg, jew globalment jew fir-rigward ta' operazzjonijiet konġunti diġà magħżula u wara li jkunu rċevew id-dokument previst fl-Artikolu 22(6), l-Istat Membru jew l-Istati Membri parteċipanti għandhom jitolbu waħda mill-opzjonijiet stipulati fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 13*

## Rati ta' kofinanzjament

1. Ir-rata ta' kofinanzjament fil-livell ta' kull programm Interreg ma għandhiex tkun ogħla minn 80 %.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-rata ta' kofinanzjament għall-programmi Interreg D ma għandhiex tkun ogħla minn 85 % sakemm ma jiġix stabbilit perċentwal ogħla fid-Deċiżjoni 2013/755/UE jew fi kwalunkwe att adottat taħt dik id-Deċiżjoni jew, fejn applikabbli, adottat taħt ir-Regolament (UE) 2021/947, jew fi kwalunkwe att adottat taħt dak ir-Regolament.

3. Fejn il-programmi Interreg ikunu appoġġati mill-FEŻR u l-IPA III-CBC u fejn l-allokazzjoni mill-FEŻR ikunu 50 % jew inqas tal-allokazzjoni totali tal-Unjoni, jista' jiġi ffissat perċentwal ogħla fir-Regolament tal-IPA III jew fi kwalunkwe att adottat taħt dak ir-Regolament.

4. Fejn il-programmi Interreg ikunu appoġġati mill-FEŻR u l-NDICI waħdu, jew mill-FEŻR u kemm l-NDICI kif ukoll l-IPA III, u fejn l-allokazzjoni mill-FEŻR tkun 50 % jew inqas tal-allokazzjoni totali tal-Unjoni, jista' jiġi ffissat perċentwal ogħla fir-Regolament (UE) 2021/947 jew fi kwalunkwe att adottat taħt dak ir-Regolament.

KAPITOLU II

## OBJETTIVI SPEĊIFIĊI GĦALL-INTERREG U KONĊENTRAZZJONI TEMATIKA

*Artikolu 14*

## Objettivi speċifiċi għall-Interreg

1. Il-FEŻR, skont il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu kif stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/1058, u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 permezz ta' azzjonijiet konġunti taħt il-programmi Interreg.

2. Fil-każ tal-programm transkonfinali PEACE PLUS, fejn ikun qed jaġixxi favur il-paċi u r-rikonċiljazzjoni, il-FEŻR, bħala objettiv speċifiku skont l-objettiv ta’ politika 4, għandu jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-istabbiltà soċjali, ekonomika u reġjonali fir-reġjuni kkonċernati, partikolarment permezz ta’ azzjonijiet għall-promozzjoni tal-koeżjoni bejn il-komunitajiet. Prijorità separata għandha tappoġġa dan l-objettiv speċifiku.

3. Minbarra l-objettivi speċifiċi tal-FEŻR kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/1058, il-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-objettivi speċifiċi (a) sa (l) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2021/1057 permezz ta’ azzjonijiet konġunti skont il-programmi Interreg.

4. Taħt il-programmi Interreg, il-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-Unjoni, jistgħu jappoġġaw ukoll l-objettiv speċifiku għall-Interreg ta’ ”governanza aħjar tal-kooperazzjoni”, permezz ta’ waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi, b’mod partikolari dawk inkarigati li jiġġestixxu territorju speċifiku, u tal-partijiet ikkonċernati (il-fergħat kollha);

(b) it-tisħiħ ta’ amministrazzjoni pubblika effiċjenti permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni legali u amministrattiva u l-kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini, l-atturi tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet, b’mod partikolari, bil-ħsieb li jiġu solvuti ostakli legali u ostakli oħrajn f’reġjuni tal-fruntieri (il-fergħat A, C, D u, fejn adatt, il-fergħa B);

(c) il-bini tal-fiduċja reċiproka, b’mod partikolari bl-inkoraġġiment ta’ azzjonijiet bejn il-persuni (il-fergħat A, D u, fejn adatt, il-fergħa B);

(d) it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati biex jimplimentaw strateġiji makroreġjonali u strateġiji tal-baċiri tal-baħar, kif ukoll strateġiji territorjali oħra (il-fergħat kollha);

(e) it-tisħiħ ta’ demokrazija sostenibbli u bl-appoġġ tal-atturi tas-soċjetà ċivili u r-rwol tagħhom fil-proċessi ta’ riforma u ta’ tranżizzjonijiet demokratiċi (il-fergħat kollha bl-involviment ta’ pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTTE); u

(f) azzjonijiet oħrajn għall-appoġġ ta’ governanza aħjar tal-kooperazzjoni (il-fergħat kollha).

5. Taħt il-programmi Interreg, il-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-Unjoni, jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-objettiv speċifiku għall-Interreg ta’ ”Ewropa b’inqas periklu u aktar sigurtà”, b’mod partikolari permezz ta’ azzjonijiet fl-oqsma tal-ġestjoni tal-qsim tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-mobbiltà u l-migrazzjoni, pereżempju l-protezzjoni u l-integrazzjoni ekonomika u soċjali ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi inkluż migranti u benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali.

*Artikolu 15*

**Konċentrazzjoni tematika**

1. Tal-anqas 60 % tal-kontribuzzjoni mill-FEŻR u, fejn applikabbli, tal-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-allokazzjonijiet tal-Unjoni lil kull programm Interreg A, B u D għandhom ikunu allokati għall-objettiv ta’ politika 2 u mhux aktar minn żewġ objettivi ta’ politika oħrajn stipulati fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Il-programmi Interreg A tul il-fruntieri interni fuq l-art għandhom jallokaw mill-inqas 60 % tal-kontribuzzjoni allokata mill-FEŻR għall-objettivi ta’ politika 2 u 4 u għal mhux aktar minn żewġ objettivi ta’ politika oħra stipulati fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

2. Sa 20 % tal-kontribuzzjoni mill-FEŻR u, fejn applikabbli, mill-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-allokazzjonijiet tal-Unjoni lil kull programm Interreg A, B u D, jistgħu jiġu allokati sa 20 % għall-objettiv speċifiku għall-Interreg ta’ ”governanza aħjar tal-kooperazzjoni” u sa 5 % għall-objettiv speċifiku għall-Interreg ta’ ”Ewropa b’inqas periklu u aktar sigurtà”.

3. Fejn programm Interreg B jappoġġa strateġija makroreġjonali, jew strateġija tal-baċiri tal-baħar, tal-inqas 80 % tal-kontribuzzjoni mill-FEŻR u, fejn applikabbli, parti mill-allokazzjonijiet lill-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-Unjoni fil-qafas ta’ prijoritajiet oħra minbarra l-assistenza teknika għandha tikkontribwixxi għall-objettivi ta’ dik l-istrateġija.

4. L-objettivi ta' politika kollha stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u l-objettiv speċifiku għall-Interreg ta' "governanza aħjar tal-kooperazzjoni" jistgħu jintgħażlu għall-programmi *Interreg Ewropa* u *URBACT*. Għall-programmi INTERACT u ESPON, il-kontribuzzjoni totali mill-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-allokazzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu allokati lill-objettiv speċifiku għall-Interreg ta' "governanza aħjar tal-kooperazzjoni".

KAPITOLU III

**PROGRAMMAZZJONI**

*TAQSIMA I*

***Tħejjija, approvazzjoni u emendar tal-programmi Interreg***

*Artikolu 16*

**Tħejjija u preżentazzjoni tal-programmi Interreg**

1. Il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) għandha tiġi implimentata permezz tal-programmi Interreg taħt ġestjoni kondiviża bl-eċċezzjoni tal-programmi Interreg D, li jistgħu jiġu implimentati fl-intier tagħhom jew parzjalment taħt ġestjoni indiretta bi qbil mal-Istat Membru jew Stati Membri kkonċernati wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

2. L-Istati Membri parteċipanti u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab, PTEE, jew organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali parteċipanti, għandhom iħejju programm Interreg skont il-mudell stabbilit fl-Anness għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

3. L-Istati Membri parteċipanti għandhom iħejju programm Interreg f'kooperazzjoni mas-sħab tal-programm imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Fit-tħejjija tal-programmi Interreg B, li jkopru strateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar, l-Istati Membri u s-sħab tal-programmi għandhom jieħdu kont tal-prijoritajiet tematiċi tal-istrateġiji makroreġjonali u dawk tal-baċiri tal-baħar rilevanti u jikkonsultaw lill-atturi rilevanti, kif ukoll jiżguraw li dawn l-atturi fil-livell makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar jinġabru flimkien fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni skont dak l-Artikolu.

Il-pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab jew, fejn applikabbli, il-PTEE parteċipanti għandhom jinvolvu wkoll lis-sħab tal-programm, inkluż l-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali, ekwivalenti għal dawk imsemmija f'dak l-Artikolu.

4. L-Istat Membru li jkun qed jospita l-awtorità ta' ġestjoni prospettiva, għandu jippreżenta programm Interreg lill-Kummissjoni sat-2 ta April 2022 f'isem l-Istati Membri parteċipanti kollha u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE, jew organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali.

Madankollu, fejn programm Interreg jkopri appoġġ minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni, l-Istat Membru li jkun qed jospita l-awtorità ta' ġestjoni prospettiva għandu jippreżenta l-programm Interreg lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-dokumenti ta' strateġija pluriennali rilevanti previsti fl-Artikolu 10(1) jew f'konformità mal-att leġiżlattiv bażiku rispettiv ta' dak l-istrument ta' finanzjament estern tal-Unjoni.

5. L-Istati Membri parteċipanti, u fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti, għandhom jikkonfermaw bil-miktub il-qbil tagħhom mal-kontenut ta' programm Interreg qabel il-preżentazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni. Dak il-qbil għandu jinkludi wkoll impenn mill-Istati Membri parteċipanti kollha u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti, sabiex jipprovdu l-kofinanzjament meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-programm Interreg u, fejn applikabbli, l-impenn għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fil-każ tal-programmi Interreg li jinvolvu reġjuni ultraperiferiċi u pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw lill-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE rispettivi qabel ma jippreżentaw il-programmi Interreg lill-Kummissjoni. F'dak il-każ, il-qbil mal-kontenut tal-programmi Interreg u l-kontribuzzjoni finanzjarja possibbli mill-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE jistgħu jiġu espressi, minflok, fil-minuti formalment approvati tal-laqgħat ta' konsultazzjoni mal-pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE kkonċernati jew tad-deliberazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali.

6. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 62 biex temenda l-Anness sabiex tadatta għal bidliet li jkunu qed iseħħu matul il-perjodu ta' programmazzjoni għal elementi mhux essenzjali tiegħu.

*Artikolu 17*

**Kontenut tal-programmi Interreg**

1. Kull programm Interreg għandu jistabbilixxi strateġija konġunta għall-kontribuzzjoni tal-programm lejn l-objettivi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u, fejn rilevanti, lejn l-objettivi speċifiċi għall-Interreg stipulati fl-Artikolu 14(4) u (5) ta' dan ir-Regolament u jagħti l-komunikazzjoni tar-riżultati tiegħu.

2. Kull programm Interreg għandu jikkonsisti minn prijoritajiet.

Kull prijorità għandha tikkorrispondi għal objettiv ta' politika uniku jew, fejn applikabbli, għal objettiv wieħed speċifiku għall-Interreg jew għat-tnejn li huma, rispettivament, u għandha tikkonsisti minn objettiv speċifiku wieħed jew aktar. Aktar minn prijorità waħda tista' tikkorrispondi għall-istess politika jew objettiv speċifiku għall-Interreg.

3. Kull programm Interreg għandu jistabbilixxi:

(a) iż-żona tal-programm, inkluża, kull meta jkun possibbli, mappa tagħha bħala dokument separat;

(b) sommarju tal-isfidi konġunti ewlenin, billi jittieħed kont ta':

(i) id-disparitajiet kif ukoll l-inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali;

(ii) il-ħtiġijiet ta' investiment konġunt u l-komplementarjetà u s-sinerġiji ma' programmi u strumenti oħra ta' finanzjament;

(iii) il-lezzjonijiet mislutin mill-esperjenza tal-passat;

(iv) l-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar fejn iż-żona kollha tal-programm jew parti minnha hija koperta minn strateġija waħda jew aktar;

(c) ġustifikazzjoni għall-objettivi ta' politika u l-objettivi speċifiċi għall-Interreg magħżula, il-prijoritajiet korrispondenti, l-objettivi speċifiċi jew azzjonijiet taħt l-objettivi speċifiċi għall-Interreg u l-forom ta' appoġġ, li jindirizzaw, fejn xieraq, il-konnessjonijiet nieqsa fl-infrastruttura transkonfinali;

(d) objettivi speċifiċi jew azzjonijiet taħt l-objettivi speċifiċi għall-Interreg għal kull prijorità;

(e) għal kull objettiv speċifiku jew għal kull azzjoni taħt l-objettivi speċifiċi għall-Interreg:

(i) it-tipi ta' azzjonijiet relatati u l-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għal dawk l-objettivi speċifiċi jew azzjonijiet taħt l-objettivi speċifiċi għall-Interreg u, fejn xieraq, għall-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar;

(ii) l-indikaturi tal-outputs u l-indikaturi tar-riżultati mal-istadji importanti u l-miri korrispondenti;

(iii) il-gruppi mmirati ewlenin;

(iv) indikazzjoni tat-territorji speċifiċi mmirati, inklużi l-użu ppjanat ta' investimenti territorjali integrati (ITI), żvilupp lokali mmexxi mill-komunità jew għodod territorjali oħra;

(v) l-użu ppjanat ta' strumenti finanzjarji; u

(vi) analiżi indikattiva tar-riżorsi pprogrammati skont it-tip ta' intervent;

(f) pjan ta' finanzjament li jinkludi t-tabelli li ġejjin mingħajr ebda diviżjoni għal kull Stat Membru, pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE parteċipanti, sakemm mhux speċifikat mod ieħor fih:

(i) tabella li tispeċifika, skont is-sena, l-allokazzjoni finanzjarja totali mill-FEŻR u, fejn rilevanti, għal kull strument finanzjarju estern tal-Unjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu;

(ii) tabella li tispeċifika, għal kull prijorità, l-allokazzjoni finanzjarja totali mill-FEŻR u, fejn rilevanti, minn kull strument finanzjarju tal-Unjoni skont il-prijorità u l-kofinanzjament nazzjonali u jekk il-kofinanzjament nazzjonali hux magħmul minn kofinanzjament pubbliku u privat;

(g) l-azzjonijiet meħuda biex jiġu involuti s-sħab rilevanti tal-programm imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/1060 fil-preparazzjoni tal-programm Interreg, u r-rwol ta' dawk is-sħab tal-programm fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' dak il-programm;

(h) l-approċċ previst għall-komunikazzjoni u l-viżibbiltà tal-programm Interreg billi jiġu definiti l-objettivi, l-udjenzi mmirati, il-kanali ta' komunikazzjoni, inkluża sensibilizzazzjoni permezz tal-media soċjali, fejn adatt, il-baġit ippjanat u l-indikaturi rilevanti tiegħu għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni; u

(i) indikazzjoni ta' appoġġ għal proġetti fuq skala żgħira, inkluż proġetti żgħar fi ħdan fondi għal proġetti żgħar.

Meta Stat Membru jippreżenta il-programm, huwa jiżgura li l-programm ikun akkumpanjat, għal finijiet ta' informazzjoni, minn lista ta' operazzjonijiet ippjanati ta' importanza strateġika u skeda ta' żmien.

4. Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għat-tabelli msemmija fil-punt (f) ta' dan il-paragrafu u f'dak li jikkonċerna l-appoġġ minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, dawk l-allokazzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu stabbiliti kif ġej:

(a) għal programmi Interreg A appoġġati mill-IPA III u mill-NDICI bħala ammont uniku (IPA III-CBC jew NEXT CBC) li jikkombinaw il-kontribuzzjoni minn Intestatura 2 "Koeżjoni u Valuri", sottolimitu Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u Intestatura 6 "Viċinat u d-Dinja";

(b) għal programmi Interreg B u C appoġġati mill-IPA III, mill-NDICI jew mill-programm għall-PTEE bħala ammont wieħed ("Fondi Interreg") li jikkombinaw il-kontribuzzjoni minn Intestatura 2 u Intestatura 6 jew qsim għal kull strument ta' finanzjament FEŻR, IPA III, NDICI u Programm għall-PTEE, skont l-għażla tas-sħab tal-programm;

(c) għal programmi Interreg B appoġġati mill-programm għall-PTEE maqsuma għal kull strument ta' finanzjament (FEŻR u Programm għall-PTEE);

(d) għal programmi Interreg D appoġġati mill-NDICI u mill-programm għall-PTEE maqsuma għal kull strument ta' finanzjament (FEŻR, NDICI u Programm għall-PTEE, kif xieraq).

5. Fir-rigward tal-punt (e)(vi) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, it-tipi ta' intervent għandhom ikunu bbażati fuq nomenklatura stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060.

6. Il-programm Interreg għandu:

(a) jidentifika l-awtoritajiet tal-programm u l-korp lil min għandhom isiru l-pagamenti mill-Kummissjoni;

(b) jispeċifika l-proċedura għall-istabbiliment tas-segretarjat konġunt;

(c) jistabbilixxu t-tqassim tar-responsabbiltajiet fost l-Istati Membri u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi jew sħab jew PTEE parteċipanti, fl-eventwalità ta' korrezzjonijiet finanzjarji imposti mill-awtorità ta' ġestjoni jew il-Kummissjoni.

7. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe bidliet fl-informazzjoni msemmija fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 6 mingħajr ma teħtieġ l-emendar tal-programm.

8. Fir-rigward ta' programm Interreg A, B jew D, fejn programm A ikopri fruntieri twal bi sfidi u ħtiġijiet ta' żvilupp eteroġenji, l-Istati Membri u, fejn applikabbli, il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab u l-PTEE parteċipanti fi programm Interreg jistgħu jiddefinixxu żoni tas-sottoprogramm.

9. B'deroga mill-paragrafu 3, il-kontenut tal-programmi Interreg C għandu jkun adattat għall-karattru speċifiku ta' dawk il-programmi Interreg, b'mod partikolari kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3 mhijiex meħtieġa;

(b) l-informazzjoni meħtieġa taħt il-punti (b) u (g) tal-paragrafu 3 għandha tingħata bħala deskrizzjoni qasira;

(c) għal kull objettiv speċifiku, għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja:

(i) fir-rigward ta' *INTERACT* u *ESPON*, id-definizzjoni ta' benefiċjarju wieħed jew lista limitata ta' benefiċjarji u l-proċedura ta' għotja;

(ii) it-tipi ta' azzjonijiet relatati u l-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għall-objettivi speċifiċi;

(iii) l-indikaturi tal-outputs u l-indikaturi tar-riżultati mal-istadji importanti u l-miri korrispondenti;

(iv) il-gruppi mmirati ewlenin; u

(v) l-analiżi indikattiva tar-riżorsi pprogrammati skont it-tip ta' intervent.

*Artikolu 18*

**Approvazzjoni tal-programmi Interreg**

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kull programm Interreg u l-konformità tiegħu mar-Regolamenti (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1058 u dan ir-Regolament u, fil-każ ta' appoġġ minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni u fejn rilevanti, il-konsistenza tiegħu mad-dokumenti ta' strateġija pluriennali skont l-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament jew il-qafas ta' pprogrammar strateġiku rilevanti skont l-att leġiżlattiv bażiku rispettiv ta' wieħed jew aktar minn dawk l-istrumenti.

2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel kummenti fi żmien tliet xhur mid-data ta' preżentazzjoni tal-programm Interreg mill-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni prospettiva.

3. L-Istati Membri u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi jew sħab jew l-PTEE parteċipanti għandhom jeżaminaw mill-ġdid il-programm Interreg billi jikkunsidraw il-kummenti magħmulin mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni li japprova kull programm Interreg mhux aktar tard minn ħames xhur wara d-data tal-ewwel preżentazzjoni ta' dak il-programm mill-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni prospettiva.

5. Fir-rigward tal-programmi Interreg transkonfinali esterni, il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjonijiet tagħha f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu wara konsultazzjoni mal-"Kumitat tal-IPA III" f'konformità mad-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament tal-IPA III u mal-"Kumitat tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali " f'konformità mal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2021/947.

*Artikolu 19*

**Emendar tal-programmi Interreg**

1. Wara l-konsultazzjoni mal-kumitat ta' monitoraġġ u l-approvazzjoni minnu u f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-awtorità ta' ġestjoni tista' tippreżenta talba motivata għall-emendar ta' programm Interreg flimkien mal-programm emendat, li tippreżenta l-impatt mistenni ta' dik l-emenda fuq it-twettiq tal-objettivi.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konformità tal-emenda mitluba mar-Regolamenti (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1058 u ma' dan ir-Regolament u tista' tagħmel kummenti fi żmien xahrejn mid-data tal-preżentazzjoni tal-programm emendat.

3. L-Istati Membri u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew l-PTEE parteċipanti għandhom jeżaminaw mill-ġdid il-programm emendat u jikkunsidraw il-kummenti magħmulin mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni li japprova l-emendar ta' programm Interreg sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-awtorità ta' ġestjoni.

5. Wara l-konsultazzjoni mal-kumitat ta' monitoraġġ u l-approvazzjoni minnu u f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-awtorità ta' ġestjoni tista' tittrasferixxi matul il-perjodu ta' programmazzjoni ammont sa 10 % tal-allokazzjoni inizjali ta' prijorità u mhux aktar minn 5 % tal-baġit tal-programm lil prijorità oħra tal-istess programm Interreg.

Tali trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw snin preċedenti.

It-trasferiment u l-bidliet relatati ma għandhomx ikunu kkunsidrati bħala sostanzjali u ma għandhomx jeħtieġu deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-programm Interreg. Iżda, huma għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji kollha. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippreżenta lill-Kummissjoni t-tabella riveduta msemmija fil-punt (f)(ii) tal-Artikolu 17(3) flimkien ma' kwalunkwe bidla relatata fil-programm.

6. L-approvazzjoni tal-Kummissjoni ma għandhiex tkun meħtieġa għal korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali li ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-programm Interreg. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar tali korrezzjonijiet.

*TAQSIMA II*

***Żvilupp territorjali***

*Artikolu 20*

**Żvilupp territorjali integrat**

Għal programmi Interreg, l-awtoritajiet jew korpi territorjali rilevanti responsabbli għat-tfassil ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali jew lokali kif elenkati fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jew involuti fl-għażla tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt dawk l-istrateġiji kif imsemmi fl-Artikolu 29(5) ta' dak ir-Regolament, jew fir-rigward tat-tnejn li huma, għandhom jirrappreżentaw mill-inqas żewġ pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom huwa Stat Membru.

Fejn entità legali transkonfinali jew REKT jimplimenta investiment territorjali integrat skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2021/1060, jew għodda territorjali oħra skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament, jista' wkoll ikun l-uniku benefiċjarju skont l-Artikolu 23 (6) ta' dan ir-Regolament, dment li jkun hemm separazzjoni ta' funzjonijiet fl-entità legali transkonfinali jew ir-REKT.

*Artikolu 21*

**Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità**

L-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità ("CLLD") taħt il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jista' jkun implimentat fil-programmi Interreg, dment li l-gruppi ta' azzjoni lokali rilevanti huma komposti minn rappreżentanti tal-interessi soċjoekonomiċi lokali pubbliċi u privati, li fihom ebda grupp wieħed ta' interess ma jikkontrolla t-teħid tad-deċiżjonijiet, u tal-anqas minn żewġ pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom huwa Stat Membru.

*TAQSIMA III*

***Operazzjonijiet, u fondi għal proġetti żgħar***

*Artikolu 22*

**Għażla tal-operazzjonijiet Interreg**

1. L-operazzjonijiet Interreg għandhom jintgħażlu f'konformità mal-istrateġija u l-objettivi tal-programm minn kumitat ta' monitoraġġ stabbilit f'konformità mal-Artikolu 28.

Dak il-kumitat ta' monitoraġġ jista' jistabbilixxi kumitat ta' tmexxija wieħed jew, b'mod partikolari fil-każ ta' sottoprogrammi, għadd ta' kumitati ta' tmexxija li jaġixxu taħt ir-responsabbiltà tiegħu għall-għażla tal-operazzjonijiet. Il-kumitati ta' tmexxija għandhom japplikaw il-prinċipju ta' sħubija kif jinsab fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Meta operazzjoni sħiħa jew parti minnha tkun implimentata barra miż-żona tal-programm ġewwa jew barra l-Unjoni, l-għażla ta' dik l-operazzjoni għandha teħtieġ l-approvazzjoni espliċita mill-awtorità ta' ġestjoni fil-kumitat ta' monitoraġġ jew, fejn applikabbli, il-kumitat ta' tmexxija.

Meta l-operazzjoni tkun tinvolvi sieħeb wieħed jew aktar li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru, pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE li ma jkunx rappreżentat fil-kumitat ta' monitoraġġ, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tikkundizzjona l-approvazzjoni espliċita tagħha għall-preżentazzjoni ta' aċċettazzjoni bil-miktub mill-Istat Membru, pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE ikkonċernat biex jirrimborża kwalunkwe ammont imħallas indebitament lil dawn is-sħab, f'konformità mal-Artikolu 52(2).

Meta l-aċċettazzjoni bil-miktub imsemmija fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma tkunx tista' tinkiseb, il-korp li jimplimenta operazzjoni sħiħa jew parti minnha barra ż-żona tal-programm għandu jikseb garanzija minn bank jew istituzzjoni finanzjarja oħra għall-ammont korrispondenti tal-fondi Interreg mogħtija. Tali garanzija għandha tkun inkluża fid-dokument previst fil-paragrafu 6.

2. Għall-għażla tal-operazzjonijiet, il-kumitat ta' monitoraġġ jew, fejn applikabbli, il-kumitat ta' tmexxija, għandu jistabbilixxi u japplika kriterji u proċeduri mhux diskriminatorji u trasparenti, li jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jikkunsidraw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli u tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent f'konformità mal-Artikolu 11 u mal-Artikolu 191(1) TFUE.

Il-kriterji u l-proċeduri għandhom jiżguraw il-prijoritizzazzjoni ta' operazzjonijiet li għandhom jintgħażlu bil-ħsieb li jimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni biex jitwettqu l-objettivi tal-programm Interreg u biex tiġi implimentata d-dimensjoni tal-kooperazzjoni tal-operazzjonijiet taħt il-programmi Interreg, kif stabbilit fl-Artikolu 23(1) u (4) ta' dan ir-Regolament.

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tinnotifika l-kriterji tal-għażla lill-Kummissjoni qabel l-ewwel preżentazzjoni tagħhom lill-kumitat ta' monitoraġġ jew, fejn applikabbli, il-kumitat ta' tmexxija. L-istess għandu japplika għal kwalunkwe bidla sussegwenti għal dawn il-kriterji.

4. Fl-għażla tal-operazzjonijiet, il-kumitat ta' monitoraġġ jew, fejn applikabbli, il-kumitat ta' tmexxija għandu:

(a) jiżgura li l-operazzjonijiet magħżula jikkonformaw mal-programm Interreg u jipprovdu kontribuzzjoni effettiva għall-kisba tal-objettivi speċifiċi tiegħu;

(b) jiżgura li l-operazzjonijiet magħżula ma jkunux f'kunflitt mal-istrateġiji korrispondenti stabbiliti skont l-Artikolu 10(1) jew stabbiliti għal wieħed jew aktar mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni;

(c) jiżgura li l-operazzjonijiet magħżula jippreżentaw l-aħjar relazzjoni bejn l-ammont ta' appoġġ, l-attivitajiet li jsiru u t-twettiq tal-objettivi;

(d) jivverifika li l-benefiċjarju jkollu r-riżorsi u l-mekkaniżmi finanzjarji meħtieġa biex ikopri l-ispejjeż tat-tħaddim u l-manutenzjoni għal operazzjonijiet li jinkludu investiment fl-infrastruttura jew investiment produttiv, sabiex tkun aċċertata s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom;

(e) jiżgura li l-operazzjonijiet magħżula li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali jew proċedura ta' skrinjar u li l-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet alternattivi tkun tqieset kif dovut, fuq il-bażi tar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva;

(f) jivverifika li fejn l-operazzjonijiet ikunu bdew qabel il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-finanzjament lill-awtorità ta' ġestjoni, tkun ġiet osservata l-liġi applikabbli;

(g) jiżgura li l-operazzjonijiet magħżula jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-fond Interreg ikkonċernat u huma attribwiti għal tip ta' intervent;

([19]) Id-Direttiva 2001/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

(h) jiżgura li l-operazzjonijiet ma jinkludux attivitajiet li kienu parti minn operazzjoni soġġetta għal rilokazzjoni fis-sens tal-punt (27) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1060, jew li ser ikunu qed jikkostitwixxi trasferiment ta' attività produttiva fis-sens tal-punt (a) tal-Artikolu 65(1) ta' dak ir-Regolament.

(i) jiżgura li l-operazzjonijiet magħżula ma jkunux affettwati direttament minn opinjoni motivata mill-Kummissjoni rigward ksur taħt l-Artikolu 258 TFUE li jpoġġi f'riskju l-legalità u r-regolarità tan-nefqa jew il-prestazzjoni tal-operazzjonijiet; u

(j) jiżgura li, għal investimenti fl-infrastruttura b'tul ta' ħajja mistenni ta' mill-inqas ħames snin, issir valutazzjoni tal-impatti mistennija tat-tibdil fil-klima.

5. Il-kumitat ta' monitoraġġ jew, fejn applikabbli, il-kumitat ta' tmexxija għandu japprova l-metodoloġija u l-kriterji użati għall-għażla ta' operazzjonijiet Interreg, inkluż kwalunkwe bidla għalih, mingħajr preġudizzju għall-punt (b) tal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060 fir-rigward tas-CLLD u l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament.

6. Għal kull operazzjoni Interreg, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tipprovdi dokument tas-sieħeb ewlieni jew uniku li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-operazzjoni Interreg, inkluż r-rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw il-prodotti jew is-servizzi li għandhom jiġu fornuti, il-pjan ta' finanzjament tagħha, il-limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni tagħha u, fejn applikabbli, il-metodu li għandu jiġi applikat għad-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-operazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-pagament tal-appoġġ.

Dak id-dokument għandu jistipula wkoll l-obbligi tas-sieħeb ewlieni fir-rigward tal-irkupri skont l-Artikolu 52. Dawk l-obbligi għandhom ikunu definiti mill-kumitat ta' monitoraġġ.

*Artikolu 23*

**Sħubija fl-operazzjonijiet Interreg**

1. L-operazzjonijiet magħżula taħt il-programmi Interreg A, B u D għandhom jinvolvu sħab minn tal-anqas żewġ pajjiżi parteċipanti jew PTEE, fejn mill-anqas wieħed minnhom għandu jkun benefiċjarju minn Stat Membru.

L-operazzjonijiet magħżula taħt il-programmi Interreg Ewropa u URBACT għandhom jinvolvu sħab minn tal-anqas tliet pajjiżi parteċipanti, fejn mill-anqas tnejn minnhom għandhom ikunu benefiċjarji minn Stati Membri.

Il-benefiċjarji li jirċievu appoġġ minn fondi Interreg u s-sħab li jipparteċipaw fl-operazzjoni iżda li ma jirċievu ebda appoġġ finanzjarju taħt dawk il-fondi (flimkien imsejħin "sħab") jikkostitwixxu sħubija ta' operazzjoni Interreg.

2. Operazzjoni Interreg tista' tiġi implimentata f'pajjiż jew PTEE wieħed, dment li l-impatt u l-benefiċċji għaż-żona tal-programm huma identifikati fl-applikazzjoni tal-operazzjoni.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-operazzjonijiet taħt il-programm transkonfinali PEACE PLUS fejn il-programm ikun qed jaġixxi biex jappoġġa l-paċi u r-rikonċiljazzjoni.

4. Is-sħab għandhom jikkooperaw fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni kif ukoll fil-ħatra ta' persunal u jew fil-finanzjament jew it-tnejn li huma ta' operazzjonijiet Interreg.

Għal operazzjonijiet Interreg taħt il-programmi Interreg D, is-sħab minn reġjuni ultraperiferiċi u pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE għandhom ikunu meħtieġa li jikkooperaw biss fi tnejn mill-erba' dimensjonijiet elenkati fl-ewwel subparagrafu.

5. Fejn ikun hemm żewġ sħab jew aktar, wieħed minnhom għandu jkun innominat mis-sħab kollha bħala s-sieħeb ewlieni.

6. Entità legali transkonfinali jew REKT jista' jkun l-uniku sieħeb ta' operazzjoni Interreg taħt il-programmi Interreg A, B u D, dment li l-membri tiegħu jinvolvu sħab minn tal-anqas żewġ pajjiżi parteċipanti.

L-entità legali transkonfinali jew REKT għandu jkollhom membri minn tal-anqas tliet pajjiżi parteċipanti taħt il-programmi Interreg Ewropa u URBACT.

Entità legali li timplimenta strument finanzjarju, fond ta' fondi ta' parteċipazzjoni, jew fond għal proġetti żgħar, kif applikabbli, tista' tkun l-uniku sieħeb ta' operazzjoni Interreg mingħajr l-applikazzjoni tar-rekwiżiti għall-kompożizzjoni tagħha stipulati fl-ewwel subparagrafu.

7. Sieħeb uniku għandu jkun irreġistrat fi Stat Membru parteċipanti fil-programm Interreg.

*Artikolu 24*

**Appoġġ għal proġetti ta' volum finanzjarju limitat**

1. Il-programmi Interreg A, B u D għandhom jappoġġaw proġetti ta' volum finanzjarju limitat:

(a) direttament fi ħdan kull programm; jew

(b) fi ħdan fond wieħed jew aktar għal proġetti żgħar.

2. Fejn programm Interreg B jew D ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligu stipulat fil-paragrafu 1, ir-raġunijiet għalfejn l-obbligu ma jistax jiġi sodisfatt għandhom jiġu stabbiliti fid-dokument tal-programm f'konformità mal-punt 6 tal-mudell mogħti fl-Anness.

*Artikolu 25*

**Fondi għal proġetti żgħar**

1. Il-kontribuzzjoni totali mill-FEŻR jew, fejn applikabbli, strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni, għal fondi għal proġetti żgħar fi ħdan programm Interreg ma għandhiex taqbeż 20 % tal-allokazzjoni totali tal-programm Interreg.

Ir-riċevituri finali fl-ambitu ta' fond għal proġett żgħir għandhom jirċievu l-appoġġ mill-FEŻR jew, fejn applikabbli mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni permezz tal-benefiċjarju u jimplimentaw proġetti żgħar f'dak il-fond għal proġett żgħir ("proġett żgħir").

2. Il-fond għal proġett żgħir jikkostitwixxi operazzjoni fis-sens tal-punt 4 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1060 li għandha tkun ġestita minn benefiċjarju, filwaqt li jitqiesu l-kompiti u r-remunerazzjoni tiegħu.

Il-benefiċjarju għandu jkun entità legali transkonfinali jew REKT jew korp li jkollu personalità ġuridika.

Il-benefiċjarju għandu jagħżel il-proġetti ż-żgħar li jiġu implimentati mir-riċevituri finali fis-sens tal-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Fejn il-benefiċjarju ma jkunx entità legali transkonfinali jew REKT, korp li jinvolvi rappreżentanti minn tal-anqas żewġ pajjiżi parteċipanti, li tal-anqas wieħed minnhom ikun Stat Membru, għandu jagħżel il-proġetti żgħar konġunti.

3. Id-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' appoġġ għal fond għal proġett żgħir għandu, minbarra l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 22(6), jistabbilixxi l-elementi meħtieġa sabiex jiżgura li l-benefiċjarju:

(a) jistabbilixxi proċedura tal-għażla mhux diskriminatorja u trasparenti;

(b) japplika kriterji oġġettivi għall-għażla ta' proġetti żgħar, li jevitaw il-kunflitti ta' interess;

(c) jivvaluta l-applikazzjonijiet għal appoġġ;

(d) jagħżel il-proġetti u jiffissa l-ammont ta' appoġġ għal kull proġett żgħir;

(e) ikun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni u jżomm fil-livell tiegħu d-dokumenti ta' appoġġ kollha meħtieġa għal rekord tal-awditjar f'konformità mal-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2021/1060; u

(f) ipoġġi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-lista tar-riċevituri finali li jibbenefikaw mill-operazzjoni.

Il-benefiċjarju għandu jiżgura li r-riċevituri finali jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 36.

4. L-għażla ta' proġetti żgħar ma għandhiex tikkostitwixxi delegazzjoni ta' kompiti mill-awtorità ta' ġestjoni lil korp intermedju kif imsemmi fl-Artikolu 71(3) tar-Regolament (UE) ) 2021/1060.

5. L-ispejjeż tal-persunal u spejjeż oħra li jikkorrispondu għall-kategoriji tal-ispejjeż fl-Artikoli 39 sa 43 iġġenerati fil-livell tal-benefiċjarju għall-ġestjoni tal-fond jew fondi għal proġett żgħir ma għandhomx jaqbżu 20 % tal-ispiża eliġibbli totali tal-fond jew fondi għal proġett żgħir, rispettivament.

6. Fejn il-kontribuzzjoni pubblika għal proġett żgħir li ma taqbiżx EUR 100 000, il-kontribuzzjoni mill-FEŻR jew, fejn applikabbli, strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għandhom jieħdu l-forma ta' kost unitarju jew somom f'daqqa jew finanzjament b'rati fissi, minbarra proġetti li għalihom l-appoġġ jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

Fejn l-ispejjeż totali ta' kull proġett ma jaqbżux il-EUR 100 000, l-ammont ta' appoġġ għal proġett żgħir wieħed jew aktar jista' jiġi stabbilit abbażi ta' abbozz ta' baġit li jkun stabbilit fuq bażi ta' każ b'każ u miftiehem ex ante mill-benefiċjarju li jimmaniġġja l-fond għal proġett żgħir.

Fejn jintuża finanzjament b'rata fissa, il-kategoriji tal-ispejjeż li għalihom tapplika r-rata fissa jistgħu jiġu rimborżati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

*Artikolu 26*

**Kompiti tas-sieħeb ewlieni**

1. Is-sieħeb ewlieni għandu:

(a) jistabbilixxi l-arranġamenti mas-sħab l-oħra fi ftehim li jinkludi dispożizzjonijiet li, fost oħrajn, jiggarantixxu l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi rispettivi tal-Unjoni allokati lill-operazzjoni Interreg, inklużi l-arranġamenti għall-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament;

(b) jassumi r-responsabbiltà għall-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-operazzjoni Interreg kollha; u

(c) jiżgura li n-nefqa ppreżentata mis-sħab kollha tkun tħallset fl-implimentazzjoni tal-operazzjoni Interreg u tikkorrispondi mal-attivitajiet miftiehma bejn is-sħab kollha, u hija f'konformità mad-dokument ipprovdut mill-awtorità ta' ġestjoni f'konformità mal-Artikolu 22(6).

2. Jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-arranġamenti stipulati skont il-punt (a) tal-paragrafu 1, is-sieħeb ewlieni għandu jiżgura li s-sħab l-oħra jirċievu l-ammont totali tal-kontribuzzjoni mill-fond rispettiv tal-Unjoni b'mod sħiħ u f'terminu ta' żmien miftiehem mis-sħab kollha u wara l-istess proċedura applikata fir-rigward tas-sieħeb ewlieni. L-ebda ammont ma għandu jitnaqqas jew jinżamm u ma għandha tinġabar l-ebda tariffa speċifika jew tariffa oħra b'effett ekwivalenti li ser tkun qed tnaqqas dak l-ammont għas-sħab l-oħra.

3. Kwalunkwe sieħeb fi Stat Membru, f'pajjiż terz, f'pajjiż sieħeb jew f'PTEE parteċipanti f'operazzjoni Interreg jista' jinħatar bħala s-sieħeb ewlieni.

*TAQSIMA IV*

***Assistenza teknika***

*Artikolu 27*

**Assistenza teknika**

1. L-ammont tal-fondi allokati għal assistenza teknika għandu jiġi identifikat bħala parti mill-allokazzjoni finanzjarja ta' kull prijorità tal-programm skont il-punt (f) tal-Artikolu 17(3) u ma għandux jieħu l-forma ta' prijorità separata jew programm speċifiku.

2. L-assistenza teknika għal kull programm Interreg għandha tiġi rimborżata bl-applikazzjoni tal-perċentwali stipulati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għan-nefqa eliġibbli inkluża f'kull applikazzjoni għal pagament skont il-punt (a) jew (c) tal-Artikolu 91(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060 kif ikun xieraq.

3. Il-perċentwal tal-kontribuzzjoni mill-FEŻR u l-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-Unjoni li għandu jiġu rimborżat għal assistenza teknika għandu jkun kif ġej:

(a) għal programmi ta’ kooperazzjoni transkonfinali interna appoġġati mill-FEŻR: 7 %;

(b) għall-programmi ta’ kooperazzjoni transkonfinali esterni appoġġati mill-IPA III-CBC jew l-NDICI-CBC, għall-programmi tal-fergħa B fejn l-appoġġ mill-FEŻR ikun ta’ 50 % jew inqas u għall-programmi tal-fergħa D, kemm għall-kontribuzzjoni mill-FEŻR kif ukoll għal wieħed jew aktar mill-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-Unjoni: 10 %; u

(c) għall-programmi tal-fergħa B fejn l-appoġġ mill-FEŻR ikun aktar minn 50 % u għall-programmi tal-fergħa C, kemm għall-kontribuzzjoni mill-FEŻR kif ukoll, fejn applikabbli, għal wieħed jew aktar mill-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-Unjoni: 8 %.

4. Għal programmi Interreg b’allokazzjoni totali mill-FEŻR bejn EUR 30 000 000 u EUR 50 000 000, l-ammont li jirriżulta mill-perċentwali għal assistenza teknika għandu jiżdied b’ammont addizzjonali ta’ EUR 500 000. Il-Kummissjoni għandha żżid dak l-ammont għall-ewwel pagament interim.

5. Għal programmi Interreg b’allokazzjoni totali mill-FEŻR ta’ anqas minn EUR 30 000 000, l-ammont meħtieġ għall-għajnuna teknika espress f’EUR u tal-perċentwali li jirriżulta għandu jiġi stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm Interreg ikkonċernat skont l-Artikolu 18.

## KAPITOLU IV

## **MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI**

### *TAQSIMA I*

### ***Monitoraġġ***

#### *Artikolu 28*

#### **Kumitat ta’ monitoraġġ**

1. L-Istati Membri u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u l-PTEE parteċipanti f’dan il-programm għandhom jistabbilixxu, bi qbil mal-awtorità ta’ ġestjoni, kumitat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-programm Interreg rispettiv (il-”kumitat ta’ monitoraġġ”) fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika lill-Istati Membri tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova programm Interreg skont l-Artikolu 18.

2. Kull kumitat ta’ monitoraġġ għandu jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu.

Ir-regoli ta’ proċedura tal-kumitat ta’ monitoraġġ u, fejn applikabbli, tal-kumitat ta’ tmexxija għandhom jipprevjenu kwalunkwe sitwazzjoni ta’ kunflitt ta’ interess fl-għażla tal-operazzjonijiet Interreg u għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-vot u regoli għall-attendenza fil-laqgħat.

3. Il-kumitat ta’ monitoraġġ għandu jiltaqa’ tal-anqas darba f’sena u għandu jirrevedi il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress tal-programm fit-twettiq tal-objettivi tiegħu.

4. L-awtorità ta’ ġestjoni għandha tippubblika r-regoli ta’ proċedura tal-kumitat ta’ monitoraġġ sommarju kemm tad-data kif ukoll tal-informazzjoni, inkluż deċiżjonijiet, approvati mill-kumitat ta’ monitoraġġ fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 36(2).

#### *Artikolu 29*

#### **Kompożizzjoni tal-kumitat ta’ monitoraġġ**

1. Il-kompożizzjoni tal-kumitat ta’ monitoraġġ ta’ kull programm Interreg għandha tiġi miftiehma mill-Istati Membri u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab u l-PTEE parteċipanti f’dak il-programm, u għandha tiżgura rappreżentanza bilanċjata ta’:

(a) l-awtoritajiet rilevanti, inkluż korpi intermedji;

(b) korpi stabbiliti b’mod konġunt fiż-żona kollha tal-programm jew li tkopri parti minnha, inklużi r-REKT; u

(c) rappreżentanti tas-sħab tal-programm imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/1060 minn Stati Membri, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE.

Il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ għandha tikkunsidra l-għadd ta' Stati Membri, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE parteċipanti fil-programm Interreg ikkonċernat.

2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika lista tal-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ fis-sit web imsemmi fl-Artikolu 36(2).

3. Rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jipparteċipaw fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ f'kapaċità konsultattiva.

*Artikolu 30*

**Funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ**

1. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina:

(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-programm u t-twettiq tal-għanijiet u l-miri tal-programm Interreg;

(b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-programm Interreg u l-miżuri meħudin biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet;

(c) fir-rigward ta' strumenti finanzjarji, elementi ta' valutazzjoni *ex ante* elenkati fl-Artikolu 58(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u d-dokument ta' strateġija msemmi fl-Artikolu 59(1) ta' dak ir-Regolament;

(d) il-progress li sar fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, sinteżi tal-evalwazzjonijiet u kwalunkwe segwitu għas-sejbiet;

(e) l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà;

(f) il-progress fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet Interreg ta' importanza strateġika u, fejn applikabbli, ta' proġetti infrastrutturali kbar; u

(g) il-progress fil-bini tal-kapaċitajiet amministrattivi għall-istituzzjonijiet pubbliċi u l-benefiċjarji, fejn rilevanti.

2. Barra mill-kompiti tiegħu li jikkonċernaw l-għażla tal-operazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 22, il-kumitat ta' monitoraġġ għandu japprova:

(a) il-metodoloġija u l-kriterji użati għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluż kwalunkwe bidla fihom, wara li jinnotifika lill-Kummissjoni, meta jintalab dan, skont l-Artikolu 22(2) ta' dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(b) il-pjan ta' evalwazzjoni u kwalunkwe emenda li ssirlu;

(c) kull proposta mill-awtorità ta' ġestjoni għall-emendar tal-programm Interreg jew għal trasferiment f'konformità mal-Artikolu 19(5); u

(d) ir-rapport finali dwar il-prestazzjoni.

*Artikolu 31*

**Rieżami**

1. Jista' jiġi organizzat rieżami mill-Kummissjoni bl-għan li tiġi eżaminata l-prestazzjoni tal-programmi Interreg.

Ir-rieżami jista' jsir bil-miktub.

2. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-awtorità ta' ġestjoni għandha, fi żmien xahar, tipprovdi lill-Kummissjoni informazzjoni fil-qosor dwar l-elementi elenkati fl-Artikolu 30(1). Dik l-informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-aktar data reċenti disponibbli għall-Istati Membri u, fejn dan japplika, għal pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE.

3. L-eżitu tar-rieżami għandu jiġi rreġistrat f'minuti miftiehma.

4. L-awtorità ta' ġestjoni għandha ssegwi l-kwistjonijiet imqajma mill-Kummissjoni u tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mid-data tar-rieżami, dwar il-miżuri meħuda.

*Artikolu 32*

**Trażmissjoni ta' data**

1. Kull awtorità ta' ġestjoni għandha tibgħat b'mod elettroniku lill-Kummissjoni data kumulattiva għall-programm Interreg rispettiv sal-31 ta' Jannar, it-30 ta' April, il-31 ta' Lulju u l-31 ta' Ottubru ta' kull sena f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness VII għar-Regolament (UE) 2021/1060, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni meħtieġa fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li għandha tiġi trażmessa sal-31 ta' Jannar u l-31 ta' Lulju ta' kull sena.

L-ewwel trażmissjoni għandha tkun dovuta sal-31 ta' Jannar 2022 u l-aħħar waħda sal-31 ta' Jannar 2030.

2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tagħti fid-dettall kull prijorità skont kull objettiv speċifiku u għandha tirreferi għal:

(a) l-għadd ta' operazzjonijiet Interreg magħżula, l-ispiża totali eliġibbli tagħhom, il-kontribuzzjoni mill-fond Interreg rispettiv u n-nefqa totali eliġibbli dikjarata mis-sħab ewlenin lill-awtorità ta' ġestjoni, ilkoll iddettaljati skont it-tip ta' intervent;

(b) il-valuri tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati għal operazzjonijiet Interreg magħżula u l-valuri mwettqa minn operazzjonijiet Interreg finalizzati.

3. Għal strumenti ta' finanzjament, id-data għandha tiġi pprovduta wkoll dwar dawn li ġejjin:

(a) in-nefqa eliġibbli skont it-tip ta' prodott finanzjarju;

(b) l-ammont tal-ispiża u ta' tariffi tal-ġestjoni ddikjarati bħala nefqa eliġibbli;

(c) l-ammont, it-tip ta' prodott finanzjarju, ir-riżorsi pubbliċi u privati mobilizzati flimkien mal-fondi;

(d) l-imgħax u dħul ieħor iġġenerat permezz tal-appoġġ minn fondi Interreg lill-istrumenti finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u r-riżorsi restitwiti li jistgħu jiġu attribwiti għall-appoġġ mill-fondi Interreg kif imsemmi fl-Artikolu 62 ta' dak ir-Regolament:

(e) il-valur totali ta' self, investimenti ta' ekwità jew kważi-ekwità f'riċevituri finali li kienu garantiti b'riżorsi tal-programm u li fil-fatt ġew żborżati lir-riċevituri finali.

4. Id-data ppreżentata f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun affidabbli u tirrifletti d-data disponibbli fis-sistema elettronika msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 72(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 sa tmiem ix-xahar ta' qabel ix-xahar tal-preżentazzjoni.

5. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika jew tipprovdi link għad-data kollha trażmessa lill-Kummissjoni fis-sit web imsemmi fl-Artikolu 36(2).

*Artikolu 33*

**Rapport finali dwar il-prestazzjoni**

1. Kull awtorità ta' ġestjoni għandha tippreżenta lill-Kummissjoni rapport finali dwar il-prestazzjoni tal-programm Interreg rispettiv sal-15 ta' Frar 2031.

Ir-rapport finali dwar il-prestazzjoni għandu jkun ippreżentat bl-użu tal-mudell stabbilit f'konformità mal-Artikolu 43(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

2. Ir-rapport finali dwar il-prestazzjoni għandu jivvaluta l-kisba tal-objettivi tal-programmi fuq il-bażi tal-elementi elenkati fl-Artikolu 30, bl-eċċezzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 1, u tal-punt (d) tal-paragrafu 2, tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapport finali dwar il-prestazzjoni u tinforma lill-awtorità ta' ġestjoni dwar kwalunkwe osservazzjoni fi żmien ħames xhur mid-data li fiha tkun irċeviet dak ir-rapport. Jekk ikunu saru osservazzjonijiet, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawk l-osservazzjonijiet u, fejn ikun xieraq, tinforma lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-osservazzjonijiet, dwar il-miżuri meħuda. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità ta' ġestjoni dwar l-aċċettazzjoni tar-rapport fi żmien xahrejn minn meta tkun irċeviet l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-awtorità ta' ġestjoni. Fejn il-Kummissjoni ma tinfurmax lill-awtorità ta' ġestjoni sad-dati tal-iskadenza, ir-rapport għandu jitqies bħala aċċettat.

4. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika r-rapport finali dwar il-prestazzjoni fis-sit web imsemmi fl-Artikolu 36(2).

*Artikolu 34*

**Indikaturi għall-programmi Interreg**

1. L-indikaturi tal-output u tar-riżultat komuni, stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1058, u, fejn neċessarju, l-indikaturi tal-output speċifiku għal programm u tar-riżultat għandhom ikunu użati f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, u l-punt (e)(ii) tal-Artikolu 17(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 32(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Fejn rilevanti, l-indikaturi tal-output speċifiku għal programm u tar-riżultat għandhom jintużaw flimkien mal-indikaturi li ntgħażlu f'konformità mal-paragrafu 1.

L-indikaturi komuni kollha tal-output u tar-riżultati elenkati fit-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1058 jistgħu jintużaw ukoll minn objettivi speċifiċi taħt kwalunkwe wieħed mill-objettivi ta' politika 1 sa 5 jew, fejn rilevanti, taħt l-objettivi speċifiċi għall-Interreg stipulati fl-Artikolu 14(4) u (5) ta' dan ir-Regolament.

3. Għall-indikaturi tal-output, il-linji bażi għandhom ikunu stabbiliti fil-livell ta' żero. L-istadji importanti stabbiliti għall-2024 u l-miri stabbiliti għall-2029 għandhom ikunu kumulattivi.

*TAQSIMA II*

***Evalwazzjoni u komunikazzjoni***

*Artikolu 35*

**Evalwazzjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni**

1. L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandhom iwettqu l-evalwazzjonijiet tal-programmi relatati ma' waħda jew aktar mill-kriterji li ġejjin: l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni bil-għan li jitjiebu l-kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi. L-evalwazzjonijiet jistgħu jkopru wkoll kriterji rilevanti oħra, bħall-inklużività, in-nondiskriminazzjoni u l-viżibbiltà, u jistgħu jkopru aktar minn programm wieħed.

2. Barra mill-evalwazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, sat-30 ta' Ġunju 2029 għandha titwettaq evalwazzjoni għal kull programm biex jiġi vvalutat l-impatt tiegħu.

3. L-evalwazzjonijiet għandhom jiġu fdati f'idejn esperti interni jew esterni li jkunu funzjonalment indipendenti.

4. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura l-proċeduri neċessarji biex tipproduċi u tiġbor id-data meħtieġa għall-evalwazzjonijiet.

5. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tfassal pjan ta' evalwazzjoni li jista' jkopri aktar minn programm Interreg wieħed.

6. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippreżenta l-pjan ta' evalwazzjoni lill-kumitat ta' monitoraġġ mhux aktar tard minn sena wara l-approvazzjoni tal-programm Interreg.

7. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika l-evalwazzjonijiet kollha fis-sit web imsemmi fl-Artikolu 36(2).

*Artikolu 36*

**Responsabbiltajiet tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u tas-sħab fir-rigward tat-trasparenza u l-komunikazzjoni**

1. Kull awtorità ta' ġestjoni għandha tidentifika uffiċjal tal-komunikazzjoni għal kull programm Interreg. L-uffiċjal tal-komunikazzjoni jista' jkun responsabbli għal aktar minn programm wieħed.

2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm Interreg skont l-Artikolu 18, ikun hemm sit web fejn informazzjoni dwar kull programm Interreg taħt ir-responsabbiltà tagħha hija disponibbli, li tkopri l-objettivi, l-attivitajiet, l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli u t-twettiq tal-programm.

3. L-Artikolu 49 (2) sa (6) tar-Regolament (UE) 2021/1060 dwar ir-responsabbiltajiet tal-awtorità ta' ġestjoni għandu japplika.

4. Kull sieħeb ta' operazzjoni Interreg jew kull korp li jimplimenta strument ta' finanzjament għandu jirrikonoxxi l-appoġġ minn fond Interreg, inklużi riżorsi użati mill-ġdid għal strumenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) ) 2021/1060, għal operazzjoni Interreg billi:

(a) jipprovdi fis-sit web uffiċjali jew is-siti tal-media soċjali tas-sieħeb, fejn jeżistu tali siti, spjegazzjoni qasira dwar l-operazzjoni, proporzjonata għal-livell tal-appoġġ ipprovdut minn fond Interreg, inkluż l-għanijiet u r-riżultati tagħha, u jixħet dawl fuq l-appoġġ finanzjarju mill-fond Interreg;

(b) jipprovdi dikjarazzjoni li tenfasizza l-appoġġ minn fond Interreg b'mod viżibbli fuq dokumenti u materjal ta' komunikazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-operazzjoni Interreg, maħsuba għall-pubbliku ġenerali jew għall-parteċipanti;

(c) juri plakek jew billboards durabbli li jkunu viżibbli b'mod ċar lill-pubbliku, li jippreżentaw l-emblema tal-Unjoni f'konformità mal-karatteristiċi tekniċi stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament (UE) 2021/1060, hekk kif tibda l-implimentazzjoni fiżika ta' operazzjoni Interreg li tinvolvi investiment fiżiku jew ix-xiri ta' tagħmir jew hekk kif jiġi installat tagħmir mixtri, fir-rigward ta' operazzjonijiet appoġġati minn fond Interreg, li l-ispiża totali tiegħu teċċedi EUR 100 000;

(d) għal operazzjonijiet Interreg li ma jaqgħux taħt il-punt (c), juri pubblikament tal-anqas poster wieħed ta' daqs minimu A3 jew wiri ekwivalenti f'forma elettronika b'informazzjoni dwar l-operazzjoni Interreg li tenfasizza l-appoġġ minn fond Interreg, għajr fejn il-benefiċjarju jkun persuna fiżika;

(e) għal operazzjonijiet ta' importanza strateġika u operazzjonijiet li l-ispiża totali tagħhom taċċedi EUR 5 000 000 li jorganizzaw avveniment ta' komunikazzjoni u jinvolvu l-Kummissjoni u lill-awtorità ta' ġestjoni responsabbli f'ħin xieraq.

It-terminu "Interreg" għandu jintuża ħdejn l-emblema tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

5. Għal fondi għal proġetti żgħar u strumenti finanzjarji, il-benefiċjarju għandu jiżgura permezz tat-termini kuntrattwali li r-riċevituri finali jikkonformaw mar-rekwiżiti li jikkomunikaw pubblikament dwar l-operazzjoni Interreg.

Għal strumenti finanzjarji, ir-riċevitur finali għandu jirrikonoxxi l-oriġini u jiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovi l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdi informazzjoni koerenti, effettiva u mmirata lil diversi udjenzi, inkluż il-media u l-pubbliku.

6. Fejn ma jkunux ġew implimentati azzjonijiet ta' rimedju, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tapplika miżuri, filwaqt li tqis il-prinċipju ta' proporzjonalità, billi tikkanċella sa 2 % tal-appoġġ mill-fondi lil:

(a) il-benefiċjarju kkonċernat li ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu li jaqgħu taħt l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jew il-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu; jew

(b) ir-riċevitur finali kkonċernat li ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5.

KAPITOLU V

**ELIĠIBBILTÀ**

*Artikolu 37*

**Regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa**

1. Operazzjoni Interreg kollha kemm hi jew parti minnha tista' tkun implimentata barra minn Stat Membru, inkluż barra mill-Unjoni, sakemm dik l-operazzjoni Interreg tikkontribwixxi għall-objettivi tal-programm Interreg rispettiv.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-eliġibbiltà stipulati fl-Artikoli 53 sa 68 tar-Regolament (UE) 2021/1060, fl-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament (UE) 2021/1058 jew f'dan il-Kapitolu, inkluż f'atti adottati taħtu, l-Istati Membri parteċipanti u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE għandhom, b'deċiżjoni konġunta fil-kumitat ta' monitoraġġ, jistabbilixxu biss regoli addizzjonali dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa għall-programm Interreg fuq il-kategoriji ta' nefqa mhux koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet. Dawk ir-regoli addizzjonali għandhom ikopru l-programm Interreg b'mod globali.

Madankollu, fejn programm Interreg jagħżel l-operazzjonijiet ibbażati fuq sejħiet għal proposti, dawn ir-regoli għandhom jiġu adottati qabel ma jiġu ppubblikati l-ewwel sejħiet għall-proposti. Fil-każijiet l-oħra kollha, dawk ir-regoli addizzjonali għandhom ikunu adottati qabel ma jintgħażlu l-operazzjonijiet.

3. Għal kwistjonijiet mhux koperti mir-regoli dwar l-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 63 sa 68 tar-Regolament (UE) 2021/1060, fl-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament (UE) 2021/1058 u f'dan il-Kapitolu, inkluż f'atti adottati taħtu jew regoli stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ir-regoli nazzjonali tal-Istat Membru u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE li fihom issir in-nefqa għandhom japplikaw.

4. F'każ ta' differenza ta' opinjoni bejn l-awtorità ta' ġestjoni u l-awtorità tal-awditjar fir-rigward tal-eliġibbiltà bħala tali ta' operazzjoni Interreg magħżula taħt programm Interreg, l-opinjoni tal-awtorità ta' ġestjoni għandha tipprevali, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-opinjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ.

5. Il-PTEE ma għandhomx ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-FEŻR taħt il-programmi Interreg, iżda jistgħu jipparteċipaw f'dawn il-programmi taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 38*

**Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-eliġibbiltà ta' kategoriji tal-ispiża**

1. L-Istati Membri parteċipanti u, fejn applikabbli, pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE, jistgħu jaqblu fil-kumitat ta' monitoraġġ ta' programm Interreg li n-nefqa li taqa' taħt waħda jew aktar mill-kategoriji msemmija fl-Artikoli minn 39 sa 44 ma għandhiex tkun eliġibbli taħt prijorità waħda jew aktar ta' programm Interreg.

2. Kull nefqa eliġibbli f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun relatata mal-ispejjeż ta' bidu jew mal-bidu u l-implimentazzjoni ta' operazzjoni jew ta' parti minn operazzjoni.

3. L-ispejjeż li ġejjin mhumiex eliġibbli:

(a) multi, penalitajiet finanzjarji u n-nefqa fuq tilwim legali u l-litigazzjoni;

(b) spejjeż ta' rigali; jew

(c) l-ispejjeż relatati ma' fluttwazzjoni fir-rata tal-kambju.

4. Fejn ir-rata fissa prevista fl-Artikolu 56(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 tintuża biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż eliġibbli minbarra l-ispejjeż diretti tal-persunal ta' operazzjoni, din ma għandhiex tiġi applikata għall-ispejjeż diretti tal-persunal ikkalkulati abbażi ta' rata fissa kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 39(3) ta' dan ir-Regolament.

5. B'deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, in-nefqa mħallsa f'munita oħra għandha tiġi konvertita f'euro minn kull benefiċjarju li jkun ġej minn pajjiżi li ma jkunux adottaw l-euro bħala l-munita tagħhom bl-użu tar-rata tal-kambju tal-kontabbiltà tax-xahar tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu dik in-nefqa tkun ġiet ippreżentata għall-verifika.

*Artikolu 39*

**Spejjeż tal-persunal**

1. L-ispejjeż tal-persunal għandhom jikkonsistu fi spejjeż ta' impjieg gross tal-persunal impjegat mis-sieħeb Interreg f'waħda mill-modalitajiet li ġejjin:

(a) full time;

(b) part-time b'perċentwal fiss ta' ħin maħdum kull xahar;

(c) part-time b'numru flessibbli ta' sigħat maħduma kull xahar; jew

(d) fuq bażi ta' kull siegħa.

2. L-ispejjeż tal-persunal għandhom ikunu limitati għal dawn li ġejjin:

(a) il-pagamenti ta' salarji relatati mal-attivitajiet li l-entità ma twettaqx jekk l-operazzjoni kkonċernata ma tkunx saret, previsti f'dokument ta' impjieg, f'forma ta' kuntratt ta' impjieg jew ta' xogħol, jew f'forma ta' deċiżjoni ta' ħatra jew bil-liġi, u relattiv għar-responsabbiltajiet speċifikati fid-deskrizzjoni tal-impjieg tal-membru tal-persunal ikkonċernat;

(b) kwalunkwe spejjeż oħra direttament marbuta mal-pagamenti ta' salarji mġarrba u mħallsa mill-impjegatur, bħalma huma t-taxxi fuq l-impjieg u s-sigurtà soċjali inklużi l-pensjonijiet, kif kopert mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]), dment li:

   (i) ikunu previsti f'xi dokument ta' impjieg jew bil-liġi;

   (ii) ikunu f'konformità mal-leġiżlazzjoni msemmija fid-dokument ta' impjieg u mal-prassi standard tal-pajjiż jew tal-organizzazzjoni fejn effettivament ikun qed jaħdem il-membru individwali tal-persunal jew mat-tnejn li huma; u

   (iii) ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati mill-impjegatur.

Fir-rigward tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, il-pagamenti lil persuni fiżiċi li jaħdmu għas-sieħeb Interreg fil-qafas ta' kuntratt ħlief kuntratt tal-impjieg jew tax-xogħol jistgħu jiġu assimilati mal-pagamenti ta' salarji u tali kuntratt għandu jitqies bħala li hu dokument ta' impjieg.

3. L-ispejjeż marbuta mal-persunal jistgħu jiġu rimborżati taħt kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, evidenzjati permezz tad-dokument ta' impjieg u tar-riċevuti tal-paga;

(b) taħt l-għażliet ta' kostijiet issimplifikati kif stabbilit fil-punti (b) sa (f) tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(c) bħala rata fissa ta' mhux aktar minn 20 % tal-ispejjeż diretti minbarra l-ispejjeż marbuta mal-persunal ta' dik l-operazzjoni, mingħajr ma jkun hemm obbligu fuq l-Istat Membru li jagħmel kalkolu biex jiddetermina r-rata applikabbli; jew

(d) bħala rata fis-siegħa skont l-Artikolu 55(2) sa (4) tar-Regolament (UE) 2021/1060 għal spejjeż diretti tal-persunal ta' individwi li jaħdmu fuq inkarigu full-time fuq l-operazzjoni jew għal individwi li jaħdmu fuq inkarigu part-time fuq l-operazzjoni skont il-punt (b) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

4. L-ispejjeż tal-persunal relatati ma' individwi li jkunu assenjati inkarigu part-time waqt operazzjoni jistgħu jkunu kkalkulati bħala kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) perċentwali fiss tal-ispiża ta' impjieg gross f'konformità mal-Artikolu 55(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060; jew

([20]) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

(b) sehem flessibbli tal-ispiża tal-impjieg gross, f'konformità man-numru ta' sigħat li jvarjaw minn xahar għal ieħor, maħduma waqt l-operazzjoni, fuq il-bażi ta' sistema ta' reġistrazzjoni ta' ħin li tkopri 100 % tal-ħin tax-xogħol tal-impjegat.

5. Għall-persunal impjegat skont il-punt (d) tal-paragrafu 1, ir-rata fis-siegħa għandha tiġi mmultiplikata bl-għadd ta' sigħat attwalment maħduma fuq l-operazzjoni abbażi ta' sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin.

*Artikolu 40*

**Spejjeż għall-uffiċċju u spejjeż amministrattivi**

1. L-ispejjeż għall-uffiċċju u amministrattivi għandhom ikunu limitati għall-elementi li ġejjin:

(a) il-kirja tal-uffiċċji;

(b) l-assigurazzjoni u t-taxxi relatati mal-bini fejn ikun qiegħed il-persunal u mat-tagħmir tal-uffiċċji (bħal assigurazzjoni kontra n-nar jew kontra s-serq);

(c) l-utilitajiet (bħall-elettriku, it-tisħin, l-ilma);

(d) il-provvisti tal-uffiċċju;

(e) kontabbiltà;

(f) l-arkivji;

(g) il-manutenzjoni, it-tindif u t-tiswijiet;

(h) is-sigurtà;

(i) is-sistemi tal-IT;

(j) il-mezzi ta' komunikazzjoni (bħat-telefon, il-fax, l-Internet, is-servizzi postali, il-biljetti ta' kuntatt);

(k) l-imposti bankarji għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kont jew kontijiet, meta l-implimentazzjoni ta' operazzjoni tkun tirrikjedi li jinfetaħ kont separat; u

(l) l-imposti għal tranżazzjonijiet finanzjarji tranżnazzjonali.

2. L-ispejjeż għall-uffiċċju u amministrattivi jistgħu jiġu kkalkulati bħala perċentwali fiss tal-ispiża grossa tal-impjieg f'konformità mal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

*Artikolu 41*

**Spejjeż ta' vvjaġġar u ta' akkomodazzjoni**

1. L-ispejjeż ta' vvjaġġar u ta' akkomodazzjoni, irrispettivament minn jekk tali spejjeż isirux u jitħallsux ġewwa jew barra ż-żona tal-programm, għandhom ikunu limitati għall-elementi ta' spiża li ġejjin:

(a) l-ispejjeż ta' vvjaġġar (bħall-biljetti, l-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar u tal-karozzi, il-fjuwil, il-kilometraġġ, in-nollijiet, u l-miżati għall-parkeġġ);

(b) l-ispejjeż tal-ikliet;

(c) l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni;

(d) l-ispejjeż tal-viża; u

(e) l-*allowances* ta' kuljum.

2. Kwalunkwe element ta' spiża elenkat fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 li jkun kopert minn *allowance* ta' kuljum ma għandux jiġi rimborżat addizzjonalment għall-*allowance* ta' kuljum.

3. L-ispejjeż ta' vvjaġġar u ta' akkomodazzjoni ta' esperti u fornituri tas-servizz esterni jaqgħu taħt l-ispejjeż għall-għarfien espert u s-servizzi esterni elenkati fl-Artikolu 42.

4. Il-pagament dirett ta' nefqa għal elementi ta' spiża elenkati fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 minn impjegat tal-benefiċjarju għandu jkun appoġġat bi prova ta' rimborż mill-benefiċjarju lil dak l-impjegat.

5. L-ispejjeż ta' vvjaġġar u ta' akkomodazzjoni ta' operazzjoni jistgħu jiġu kkalkulati b'rata fissa ta' mhux aktar minn 15 % tal-ispejjeż diretti marbuta mal-persunal ta' dik l-operazzjoni, mingħajr ma jkun hemm obbligu fuq l-Istat Membru li jagħmel kalkolu biex jiddetermina r-rata applikabbli.

*Artikolu 42*

**Spejjeż għal għarfien espert estern u għal servizzi esterni**

L-ispejjeż għall-għarfien espert estern u għal servizzi esterni għandhom ikun limitati għas-servizzi u l-għarfien espert li ġejjin, ipprovduti minn xi korp pubbliku jew privat jew minn persuna fiżika, ħlief il-benefiċjarju, u mis-sħab kollha tal-operazzjoni:

(a) studji jew stħarriġ (bħal evalwazzjonijiet, strateġiji, dokumenti kunċettwali, pjanijiet ta' disinn, manwali);

(b) taħriġ;

(c) traduzzjonijiet;

(d) l-iżvilupp, il-modifiki u l-aġġornamenti ta' sistemi tal-IT u tas-sit web;

(e) il-promozzjoni, il-komunikazzjoni, ir-reklamar, l-oġġetti promozzjonali u l-attivitajiet jew l-informazzjoni marbuta ma' operazzjoni jew ma' programm bħala tali;

(f) ġestjoni finanzjarja;

(g) servizzi relatati mal-organizzazzjoni u mal-implimentazzjoni ta' avvenimenti jew laqgħat (inklużi l-kiri, il-forniment tal-ikel jew l-interpretazzjoni);

(h) il-parteċipazzjoni f'avvenimenti (bħal miżati ta' reġistrazzjoni);

(i) konsulenza legali u servizzi notarili, għarfien espert tekniku u finanzjarju, servizzi oħra ta' konsulenza u kontabbiltà;

(j) drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(k) verifiki skont il-punt (a) tal-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u l-Artikolu 46(1) ta' dan ir-Regolament;

(l) spejjeż tal-funzjoni ta' kontabbiltà fil-livell ta' programm taħt l-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u l-Artikolu 47 ta' dan ir-Regolament;

(m) spejjeż ta' awditjar fil-livell tal-programm taħt l-Artikoli 78 u 81 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u skont l-Artikoli 48 u 49 ta' dan ir-Regolament;

(n) l-għoti ta' garanziji minn bank jew istituzzjoni finanzjarja oħra, fejn ikun mitlub mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali, jew f'xi dokument ta' programmazzjoni adottat mill-kumitat ta' monitoraġġ;

(o) l-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni għall-esperti esterni, il-kelliema, il-presidenti tal-laqgħat u l-fornituri tas-servizz; u

(p) għarfien espert u servizzi speċifiċi oħra meħtieġa għall-operazzjonijiet.

*Artikolu 43*

**Spejjeż ta' tagħmir**

1. L-ispejjeż ta' tagħmir mixtri, mikri jew meħud taħt *lease* mill-benefiċjarju tal-operazzjoni, ħlief dawk koperti bl-Artikolu 40, għandhom ikunu limitati għal li ġejjin:

(a) apparat tal-uffiċċju;

(b) hardware u *software* tal-IT;

(c) għamara u *fittings*;

(d) apparat tal-laboratorju;

(e) magni u strumenti,

(f) għodod jew aġġeġġi;

(g) vetturi; u

(h) tagħmir speċifiku ieħor meħtieġ għall-operazzjonijiet.

2. L-ispejjeż tax-xiri ta' tagħmir użat jistgħu jkunu eliġibbli bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma tkun ingħatat ebda assistenza oħra għalih mill-fondi Interreg jew mill-fondi elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(b) il-prezz tiegħu ma jaqbiżx il-prezz ġeneralment aċċettat fis-suq inkwistjoni; u

(c) ikollu l-karatteristiċi tekniċi meħtieġa għall-operazzjoni u jkun konformi man-normi u mal-istandards applikabbli.

*Artikolu 44*

**Spejjeż għall-infrastruttura u għal xogħlijiet**

L-ispejjeż għall-infrastruttura u għal xogħlijiet għandhom ikunu limitati għal dawn li ġejjin:

(a) ix-xiri tal-art f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(b) permessi tal-bini;

(c) materjal tal-bini;

(d) ħaddiema; u

(e) interventi speċjalizzati (bħar-remedjazzjoni tal-ħamrija, tneħħija ta' mini).

KAPITOLU VI

**AWTORITAJIET TAL-PROGRAMM INTERREG, IL-ĠESTJONI, IL-KONTROLL U L-AWDITJAR**

*Artikolu 45*

**Awtoritajiet ta' programm Interreg**

1. L-Istati Membri u, fejn applikabbli, il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab u l-PTEE parteċipanti fi programm Interreg għandhom jidentifikaw, għall-finijiet tal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2021/1060, awtorità ta' ġestjoni unika u awtorità tal-awditjar unika.

2. L-awtorità ta' ġestjoni u l-awtorità tal-awditjar għandhom ikunu lokalizzati fl-istess Stat Membru.

3. Fir-rigward tal-programm transkonfinali PEACE PLUS, il-Korp Speċjali tal-Programmi tal-UE, fejn jiġi identifikat bħala l-awtorità ta' ġestjoni, għandu jkun kkunsidrat li huwa lokalizzat fi Stat Membru.

4. L-Istati Membri u, fejn applikabbli, u l-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab u l-PTEE li jipparteċipaw fi programm Interreg jistgħu jidentifikaw REKT bħala awtorità ta' ġestjoni ta' dak il-programm.

5. Fejn l-awtorità ta' ġestjoni tidentifika korp jew korpi intermedji taħt programm Interreg f'konformità mal-Artikolu 71(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-korp jew korpi intermedji għandhom iwettqu dawk il-kompiti f'aktar minn Stat Membru parteċipanti wieħed jew, fejn applikabbli, pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament, korp intermedjarju wieħed jew aktar jistgħu jwettqu dawk il-kompiti fi Stat Membru parteċipant wieħed biss jew, fejn applikabbli, pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE fejn tali approċċ ikun ibbażat fuq strutturi eżistenti.

*Artikolu 46*

**Funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni**

1. L-awtorità ta' ġestjoni ta' programm Interreg għandha twettaq il-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 72, 74 u 75 tar-Regolament (UE) 2021/1060, bl-eċċezzjoni tal-kompitu li tagħżel l-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 72(1) u l-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament u, fejn il-funzjoni tal-kontabbiltà titwettaq minn korp differenti skont l-Artikolu 47 ta' dan ir-Regolament, ta' pagamenti lil benefiċjarji msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Dawn il-funzjonijiet għandhom jitwettqu madwar it-territorju kollu kopert minn dak il-programm, suġġett għad-derogi stabbiliti taħt il-Kapitolu VIII ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità ta' ġestjoni, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u, fejn applikabbli, kwalunkwe pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE parteċipanti fil-programm Interreg, għandha tistabbilixxi segretarjat konġunt, b'persunal billi titqies is-sħubija tal-programm.

Is-segretarjat konġunt għandu jassisti lill-awtorità ta' ġestjoni u lill-kumitat ta' monitoraġġ fit-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom. Is-segretarjat konġunt għandu jipprovdi wkoll informazzjoni lill-benefiċjarji potenzjali dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament taħt programmi Interreg u għandu jassisti lill-benefiċċjarji u lis-sħab fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.

Għall-programmi Interreg appoġġati wkoll minn strumenti ta' finanzjament estern mill-Unjoni, fergħa waħda jew aktar tas-segretarjat konġunt jistgħu jiġu stabbiliti f'pajjiż sieħeb wieħed jew aktar jew PTEE sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu eqreb tal-benefiċjarji potenzjali u s-sħab mill-pajjiż sieħeb jew PTEE, rispettivament.

3. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 45(5) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri, u fejn applikabbli, il-pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE, li jipparteċipaw fi programm Interreg, jistgħu jiddeċiedu li l-verifiki ta' ġestjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 għandhom isiru permezz tal-identifikazzjoni minn kull Stat Membru ta' korp jew persuna responsabbli għal din il-verifika fit-territorju tiegħu (il-"kontrollur").

4. Il-kontrolluri jistgħu jkunu l-istess korpi responsabbli għat-twettiq ta' tali verifiki għall-programmi taħt l-għan ta' Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi jew, fil-każ ta' pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE għat-twettiq ta' verifiki kumparabbli skont l-istrumenti ta' politika esterna tal-Unjoni. Kwalunkwe kontrollur għandu jkun funzjonalment indipendenti mill-awtorità tal-awditjar jew minn kwalunkwe membru tal-grupp ta' awdituri.

5. Fejn jiġi deċiż li l-verifiki ta' ġestjoni jsiru minn kontrolluri identifikati taħt il-paragrafu 4, l-awtorità ta' ġestjoni għandha taċċerta ruħha li l-infiq mill-benefiċjarji li jipparteċipaw f'operazzjoni jkun ġie vverifikat minn kontrollur identifikat.

6. Kull Stat Membru, pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE għandu jiżgura li n-nefqa ta' benefiċjarju tista' tiġi vverifikata fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tad-dokumenti mill-benefiċjarju kkonċernat.

7. Kull Stat Membru, pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE għandu jkun responsabbli għall-verifiki mwettqa fit-territorju tiegħu.

8. Kull Stat Membru, pajjiż terz, pajjiż sieħeb u PTEE għandu jidentifika bħala kontrollur awtorità nazzjonali jew reġjonali jew korp privat jew persuna fiżika kif stabbilit fil-paragrafu 9.

9. Fejn il-kontrollur li jwettaq il-verifiki ta' ġestjoni jkun korp privat jew persuna fiżika, dawk il-kontrolluri għandhom jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikunu membru ta' korp jew istituzzjoni kontabilistika jew tal-awditjar nazzjonali li min-naħa tagħha tkun membru tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC);

(b) ikunu membru ta' korp jew istituzzjoni kontabilistika jew tal-awditjar nazzjonali mingħajr ma jkunu membru tal-IFAC, iżda jimpenjaw ruħhom li jwettqu l-verifiki tal-ġestjoni f'konformità mal-istandards u l-etika tal-IFAC;

(c) ikunu rreġistrati bħala awditur statutorju fir-reġistru pubbliku ta' korp pubbliku ta' sorveljanza fi Stat Membru f'konformità mal-prinċipji tas-sorveljanza pubblika stabbiliti fid-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]); jew

(d) ikunu rreġistrati bħala awditur statutorju fir-reġistru pubbliku ta' korp pubbliku ta' sorveljanza f'pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE, dment li dan ir-reġistru jkun soġġett għall-prinċipji tas-sorveljanza pubblika kif stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż ikkonċernat.

([21]) Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

*Artikolu 47*

**Il-funzjoni tal-kontabbiltà**

1. L-Istati Membri u, fejn applikabbli, l-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab u l-PTEE li jipparteċipaw fi programm Interreg għandhom jaqblu dwar l-arranġamenti biex titwettaq il-funzjoni tal-kontabbiltà.

2. Il-funzjoni tal-kontabbiltà għandha tikkonsisti fil-kompiti elenkati fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u għandha wkoll tkopri l-pagamenti magħmula mill-Kummissjoni u, bħala regola ġenerali, il-pagamenti magħmula lis-sieħeb ewlieni f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 74(1) ta' dak ir-Regolament .

*Artikolu 48*

**Funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar**

1. L-awtorità tal-awditjar ta' programm Interreg għandha twettaq il-funzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 49 fit-territorju kollu kopert minn dak il-programm Interreg.

Fejn l-awtorità tal-awditjar ma jkollhiex l-awtorizzazzjoni fit-territorju kollu kopert minn programm ta' kooperazzjoni, din għandha tkun assistita minn grupp ta' awdituri magħmul minn rappreżentant minn kull Stat Membru, u, fejn applikabbli, minn pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE, li jipparteċipa fil-programm Interreg. Kull Stat Membru u, fejn applikabbli, kull pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE għandu jkun responsabbli għall-awditi mwettqa fit-territorju tiegħu.

Kull rappreżentant minn kull Stat Membru u, fejn applikabbli, kull pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE parteċipanti fil-programm Interreg għandu jkun responsabbli li jipprovdi l-elementi fattwali marbuta man-nefqa fit-territorju tiegħu li jkunu meħtieġa mill-awtorità tal-awditjar sabiex titwettaq il-valutazzjoni tagħha.

Il-grupp ta' awdituri għandu jiġi stabbilit fi żmien tliet xhur mid-deċiżjoni li tapprova l-programm Interreg skont l-Artikolu 18. Għandu jfassal ir-regoli ta' proċedura tiegħu stess u jkun presedut mill-awtorità tal-awditjar għall-programm Interreg.

L-awdituri għandhom ikunu funzjonalment indipendenti mill-korpi u l-persuni reponsabbli għall-verifiki tal-ġestjoni taħt l-Artikolu 46(3).

2. L-awtorità tal-awditjar ta' programm Interreg għandha tkun responsabbli li twettaq awditjar tas-sistema u awditjar fuq operazzjonijiet sabiex tipprovdi assigurazzjoni indipendenti lill-Kummissjoni li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll jiffunzjonaw b'mod effettiv u li n-nefqa inkluża fil-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni hija legali u regolari.

3. Fejn programm Interreg ikun inkluż fil-popolazzjoni li minnha l-Kummissjoni tagħżel kampjun komuni taħt l-Artikolu 49(1), l-awtorità tal-awditjar għandha twettaq awditjar ta' operazzjonijiet magħżula mill-Kummissjoni sabiex tipprovdi assigurazzjoni indipendenti lill-Kummissjoni li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiffunzjonaw b'mod effettiv.

4. Il-ħidma tal-awditjar għandha ssir f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

5. L-awtorità tal-awditjar għandha tfassal u tippreżenta lill-Kummissjoni kull sena sal-15 ta' Frar wara tmiem is-sena ta' kontabbiltà opinjoni annwali tal-awditjar f'konformità mal-Artikolu 63(7) tar-Regolament Finanzjarju bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness XIX tar-Regolament (UE) 2021/1060 u bbażata fuq il-ħidma ta' awditjar kollha mwettqa, fejn ikunu koperti kull wieħed mill-komponenti li ġejjin:

(a) il-kompletezza, il-veraċità u l-akkuratezza tal-kontijiet;

(b) il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni; u

(c) is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm Interreg.

Fejn il-programm Interreg ikun inkluż fil-popolazzjoni li minnha l-Kummissjoni tagħżel kampjun komuni taħt l-Artikolu 49(1), l-opinjoni annwali tal-awditjar għandha tkopri biss l-elementi msemmija fil-punti (a) u (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-iskadenza tal-15 ta' Frar tista' tiġi estiża b'mod eċċezzjonali mill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu, fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-awtorità tal-awditjar.

6. L-awtorità tal-awditjar għandha tfassal u tippreżenta lill-Kummissjoni kull sena sal-15 ta' Frar wara tmiem is-sena ta' kontabbiltà rapport ta' kontroll annwali f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 63(5) tar-Regolament Finanzjarju bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness XX tar-Regolament (UE) 2021/1060 u, filwaqt li tappoġġa l-opinjoni tal-awditjar prevista fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u tistabbilixxi sommarju tas-sejbiet, tinkludi analiżi tan-natura u l-firxa ta' kwalunkwe żball u nuqqas fis-sistemi kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi proposti u implimentati u r-rata ta' żball totali u r-rata ta' żball residwu għan-nefqa li tirriżulta mniżżla fil-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni.

7. Fejn il-programm Interreg ikun inkluż fil-popolazzjoni li minnha l-Kummissjoni tagħżel kampjun komuni taħt l-Artikolu 49(1), l-awtorità tal-awditjar għandha tfassal billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness XX għar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rapport annwali ta' kontroll imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu li jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (b) tal-Artikolu 63(5) tar-Regolament Finanzjarju u tappoġġa l-opinjoni ta' awditjar prevista fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

Dak ir-rapport għandu jipprovdi sommarju tas-sejbiet, inkluż analiżi tan-natura u l-firxa ta' kwalunkwe żball u nuqqas fis-sistemi kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi proposti u implimentati, ir-riżultati tal-awditjar tal-operazzjonijiet imwettqa mill-awtorità tal-awditjar fir-rigward tal-kampjun komuni msemmi fl-Artikolu 49(1) u l-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-awtoritajiet tal-programm Interreg fir-rigward ta' kwalunkwe irregolarità individwali misjuba mill-awtorità tal-awditjar għal dawn l-operazzjonijiet.

8. L-awtorità tal-awditjar għandha tittrażmetti rapporti ta' awditjar tas-sistema lill-Kummissjoni hekk kif il-proċedura kontradittorja meħtieġa mal-awditjati rilevanti tkun konkluża.

9. Il-Kummissjoni u l-awtorità tal-awditjar għandhom jiltaqgħu fuq bażi regolari u tal-anqas darba fis-sena, sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor, biex jeżaminaw l-istrateġija tal-awditjar, ir-rapport annwali ta' kontroll u l-opinjoni tal-awditjar, jikkoordinaw il-pjanijiet u l-metodi tagħhom ta' awditjar u jiskambjaw fehmiet dwar kwistjonijiet relatati mat-titjib tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.

*Artikolu 49*

**Awditjar tal-operazzjonijiet**

1. Il-Kummissjoni għandha tagħżel kampjun komuni ta' operazzjonijiet, jew unitajiet oħra ta' kampjunar, bl-użu ta' metodu statistiku ta' teħid ta' kampjuni għall-awditjar ta' operazzjonijiet li għandu jitwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar għall-programmi Interreg li jirċievu appoġġ mill-FEŻR jew minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni fir-rigward ta' kull sena kontabilistika.

Il-kampjun komuni għandu jkun rappreżentattiv tal-programmi Interreg kollha li jikkostitwixxu l-popolazzjoni.

Għall-finijiet tal-għażla tal-kampjun komuni, il-Kummissjoni tista' tistratifika gruppi ta' programmi Interreg skont ir-riskji speċifiċi tagħhom.

2. L-awtoritajiet tal-programm għandhom jipprovdu l-informazzjoni neċessarja għall-għażla ta' kampjun komuni lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu wara t-tmiem ta' kull sena kontabilistika.

Dik l-informazzjoni għandha tkun ippreżentata f'format elettroniku standardizzat, għandha tkun kompleta u għandha tirrikonċilja man-nefqa dikjarata lill-Kummissjoni għas-sena kontabilistika ta' referenza.

3. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit li jitwettaq l-awditjar kif imsemmi fl-Artikolu 48(2), l-awtoritajiet tal-awditjar għal programmi Interreg koperti mill-kampjun komuni ma għandhomx iwettqu awditjar addizzjonali ta' operazzjonijiet taħt dawk il-programmi, sakemm ma jkunux mitluba jagħmlu dan mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu jew f'każijiet fejn awtorità tal-awditjar tkun identifikat riskji speċifiċi.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma l-awtoritajiet tal-awditjar tal-programmi Interreg ikkonċernati dwar il-kampjun komuni magħżul f'ħin biżżejjed biex tippermetti lil dawn l-awtoritajiet iwettqu l-awditjar tal-operazzjonijiet, b'mod ġenerali, sal-1 ta' Settembru wara t-tmiem ta' kull sena kontabilistika.

5. L-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati għandhom jippreżentaw l-informazzjoni dwar ir-riżultati ta' dan l-awditjar kif ukoll dwar kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja meħuda fir-rigward ta' irregolaritajiet individwali misjuba, sa mhux aktar tard milli fir-rapporti annwali ta' kontroll li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 48(6) u (7).

6. Wara l-valutazzjoni tagħha tar-riżultati ta' awditjar tal-operazzjonijiet magħżula skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkalkula rata ta' żball globali estrapolata fir-rigward tal-programmi Interreg inkluż fil-popolazzjoni li minnha ttieħed il-kampjun komuni, għall-finijiet tal-proċess ta' assigurazzjoni tagħha stess.

7. Fejn ir-rata ta' żball globali estrapolata msemmija fil-paragrafu 6 tkun ogħla minn 2 % tan-nefqa totali ddikjarata għall-programmi Interreg inkluż fil-popolazzjoni li minnha ttieħed il-kampjun komuni, il-Kummissjoni għandha tikkalkula rata ta' żball globali residwu, billi tieħu kont tal-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-awtoritajiet rispettivi tal-programm Interreg għal irregolaritajiet individwali misjuba mill-awditjar tal-operazzjonijiet magħżula skont il-paragrafu 1.

8. Fejn ir-rata ta' żball residwu globali msemmija fil-paragrafu 7 tkun aktar minn 2 % tan-nefqa ddikjarata tal-programmi Interreg inkluż fil-popolazzjoni li minnha ttieħed il-kampjun komuni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk jeħtieġx li titlob lill-awtorità tal-awditjar ta' programm Interreg speċifiku jew grupp ta' programmi Interreg l-iktar affettwati biex twettaq ħidma ta' awditjar addizzjonali sabiex tkompli tiġi evalwata r-rata ta' żball u jiġu valutati l-miżuri korrettivi meħtieġa għall-programmi Interreg affettwati mill-irregolaritajiet misjuba.

9. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riżultati tal-ħidma ta' awditjar addizzjonali mitluba skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' titlob li jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali fuq il-programmi Interreg affettwati mill-irregolaritajiet misjuba. F'tali każijiet, l-awtoritajiet tal-programm Interreg għandhom iwettqu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 103 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

10. Kull awtorità tal-awditjar ta' programm Interreg li għalih l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tkun nieqsa jew mhux kompleta jew ma ġietx ippreżentata sal-iskadenza stipulata fl-ewwel subparagrafu ta' dak il-paragrafu għandha twettaq eżerċizzju separat tat-teħid ta' kampjuni għall-programm Interreg rispettiv f'konformità mal-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

KAPITOLU VII

## ĠESTJONI FINANZJARJA

*Artikolu 50*

### Impenji baġitarji

Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw il-programmi Interreg skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa biex jikkostitwixxu deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju fir-rigward tal-FEŻR u l-appoġġ minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża.

*Artikolu 51*

### Pagamenti u prefinanzjament

1. Il-kontribuzzjoni mill-FEŻR u, fejn applikabbli, l-appoġġ minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni għal kull programm Interreg għandhom jitħallsu, f'konformità mal-Artikolu 47(2), f'kont uniku mingħajr ebda subkont nazzjonali.

2. Il-Kummissjoni għandha tħallas prefinanzjament ibbażat fuq l-appoġġ totali minn kull fond Interreg, kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova kull programm Interreg taħt l-Artikolu 18, suġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, f'pagamenti annwali kif ġej u qabel l-1 ta' Lulju tas-snin 2022 sa 2026, jew, is-sena tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni, sa mhux aktar tard minn 60 jum wara li dik id-deċiżjoni tiġi adottata:

(a) 2021: 1 %;

(b) 2022: 1 %;

(c) 2023: 3 %;

(d) 2024: 3 %;

(e) 2025: 3 %;

(f) 2026: 3 %.

3. Fejn il-programmi Interreg ikunu appoġġati mill-FEŻR u l-IPA III-CBC u fejn il-kontribuzzjoni mill-FEŻR tkun 50 % jew inqas tal-allokazzjoni totali tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tħallas prefinanzjament f'konformità mad-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament tal-IPA III.

4. Fejn il-programmi Interreg ikunu appoġġati mill-FEŻR u l-NDICI, jew mill-FEŻR u l-NDICI kif ukoll l-IPA III, u fejn il-kontribuzzjoni mill-FEŻR tkun 50 % jew inqas tal-allokazzjoni totali tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tħallas prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) 2021/947, b'kont meħud tal-ħtiġijiet finanzjarji attwali.

L-Artikoli 96 u 97 tar-Regolament (UE) 2021/1060 għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-prefinanzjament taħt l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

5. L-ammont imħallas bħala prefinanzjament għandu jiġi approvat mill-kontijiet tal-Kummissjoni kull sena għall-2021 u l-2022 u mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali għall-2023 u s-snin sussegwenti kif ukoll għall-ammonti mħallsa bħala prefinanzjament stabbiliti taħt il-paragrafi 3 u 4.

*Artikolu 52*

**Irkupri**

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li kwalunkwe ammont imħallas bħala riżultat ta' irregolarità jkun irkuprat mis-sieħeb ewlieni jew uniku. Is-sħab għandhom iħallsu lura lis-sieħeb ewlieni kwalunkwe ammont imħallas indebitament.

2. L-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab jew il-PTEE li jipparteċipaw fi programm Interreg partikolari jistgħu jiddeċiedu li s-sieħeb ewlieni jew uniku u l-awtorità ta' ġestjoni tal-programm ma jkunux obbligati jirkupraw ammont imħallas indebitament li ma jaqbiżx EUR 250, esklużi l-interessi, f'kontribuzzjoni minn kwalunkwe wieħed mill-fondi Interreg għal operazzjoni f'sena kontabilistika.

L-ebda informazzjoni ma teħtieġ li tiġi pprovduta lill-Kummissjoni aktar mill-informazzjoni li ttieħdet deċiżjoni taħt l-ewwel subparagrafu.

3. Fejn is-sieħeb ewlieni ma jirnexxilux jiggarantixxi l-pagament lura minn sħab oħra jew fejn l-awtorità ta' ġestjoni ma jirnexxilhiex tiggarantixxi l-pagament lura mis-sieħeb ewlieni jew uniku, l-Istat Membru, il-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE li fit-territorju tiegħu jinsab is-sieħeb ikkonċernat jew, fil-każ ta' REKT, ikun irreġistrat, għandu jirrimborża lill-awtorità ta' ġestjoni kwalunkwe ammont imħallas indebitament lil dak is-sieħeb. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tkun responsabbli għar-rimborż tal-ammonti kkonċernati għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, f'konformità mat-tqassim tar-responsabbiltajiet fost l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab jew il-PTEE parteċipanti stipulat fil-programm Interreg.

4. Ladarba l-Istat Membru, il-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE jkun ħallas lura lill-awtorità ta' ġestjoni kwalunkwe ammont imħallas lura indebitament lil sieħeb, huwa jista' jkompli jew jibda proċedura ta' rkupru kontra dak is-sieħeb taħt il-liġi nazzjonali tiegħu. F'każ ta' rkupru b'suċċess, l-Istat Membru, il-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE jista' juża dawk l-ammonti għall-kofinanzjament nazzjonali tal-programm Interreg ikkonċernat. L-Istat Membru, il-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE ma għandu jkollu ebda obbligi ta' rappurtar lejn l-awtoritajiet tal-programm, il-kumitat ta' monitoraġġ jew il-Kummissjoni fir-rigward ta' tali rkupri nazzjonali.

5. Fejn Stat Membru, pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE ma jkun ħallas lura lill-awtorità ta' ġestjoni l-ebda ammont imħallas lura indebitament lil sieħeb skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, dawk l-ammonti għandhom jiġu soġġetti għal ordni ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni li għandha tiġi eżegwita, fejn possibbli, billi jitpaċew l-ammonti lill-Istat Membru, il-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE, rispettivament. Tali rkupru ma għandux jikkostitwixxi korrezzjoni finanzjarja u ma għandux inaqqas l-appoġġ mill-FEŻR jew kwalunkwe strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għall-programm Interreg rispettiv. L-ammont irkuprat għandu jikkostitwixxi dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Fir-rigward ta' ammonti mhux imħallsa lura lill-awtorità ta' ġestjoni minn Stat Membru, it-tpaċija għandha tikkonċerna pagamenti sussegwenti lill-istess programm Interreg. L-awtorità ta' ġestjoni għandha mbagħad tpaċi fir-rigward ta' dak l-Istat Membru f'konformità mat-tqassim ta' responsabbiltajiet fost l-Istati Membri parteċipanti stabbilit fil-programm Interreg f'każ ta' korrezzjonijiet finanzjarji imposti mill-awtorità ta' ġestjoni jew mill-Kummissjoni.

Fir-rigward ta' ammonti mhux imħallsa lura lill-awtorità ta' ġestjoni minn pajjiż terz, pajjiż sieħebb jew PTEE, it-tpaċija għandha tikkonċerna pagamenti sussegwenti lil programmi taħt l-istrumenti ta' finanzjament estern rispettivi tal-Unjoni.

KAPITOLU VIII

## PARTEĊIPAZZJONI TA' PAJJIŻI TERZI JEW PAJJIŻI SĦAB, PTEE, JEW ORGANIZZAZZJONIJIET TA' INTEGRAZZJONI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI FI PROGRAMMI INTERREG TAĦT ĠESTJONI KONDIVIŻA

*Artikolu 53*

### Dispożizzjonijiet applikabbli

Il-Kapitoli I sa VII u l-Kapitolu X għandhom japplikaw għall-programm transkonfinali PEACE PLUS u għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, pajjiżi sħab u PTEE kif ukoll organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali appoġġati minn strumenti ta' finanzjament estern mill-Unjoni fi programmi Interreg, soġġett għad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 54*

### Awtoritajiet ta' programmi Interreg u l-funzjonijiet tagħhom

1. Kull pajjiż terz, pajjiż sieħeb u PTEE parteċipanti fi programm Interreg għandhom jidentifikaw awtorità nazzjonali jew reġjonali bħala punt ta' kuntatt għall-awtorità ta' ġestjoni (il-"punt ta' kuntatt").

2. Il-punt ta' kuntatt, korp ekwivalenti għall-uffiċjal tal-komunikazzjoni tal-programm Interreg kif previst fl-Artikolu 36(1), jew l-uffiċċju jew uffiċċji tal-fergħa, għandhom jappoġġaw lill-awtorità ta' ġestjoni u s-sħab fil-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE rispettiv fir-rigward tal-kompiti previsti fl-Artikolu 36 (2) sa (6).

*Artikolu 55*

### Metodi ta' ġestjoni

1. Il-programmi Interreg A appoġġati kemm mill-FEŻR kif ukoll l-IPA III-CBC jew l-NDICI-CBC għandhom jiġu implimentati taħt ġestjoni kondiviża kemm fl-Istati Membri kif ukoll fi kwalunkwe pajjiż terz jew pajjiż sieħeb parteċipanti.

Il-programm transkonfinali PEACE PLUS għandu jkun implimentat taħt ġestjoni kondiviża kemm fl-Irlanda kif ukoll fir-Renju Unit.

2. Il-programmi Interreg B u C li jikkombinaw kontribuzzjonijiet mill-FEŻR u minn wieħed, jew aktar, mill-istrument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għandhom jiġu implimentati taħt ġestjoni kondiviża kemm fl-Istati Membri u fi kwalunkwe pajjiżi terz, pajjiż sieħeb, PTEE parteċipanti jew, f'dak li jirrigwarda l-Interreg D, fi kwalunkwe PTEE, irrispettivament minn jekk dak il-PTEE jirċevix jew le appoġġ taħt wieħed, jew aktar, mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni.

3. Il-programmi Interreg D li jikkombinaw kontribuzzjonijiet mill-FEŻR u wieħed, jew aktar, mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni għandhom jiġu implimentati fi kwalunkwe mod li ġej:

(a) taħt ġestjoni kondiviża kemm fl-Istati Membri kif ukoll fi kwalunkwe pajjiż terz jew PTEE parteċipanti;

(b) taħt ġestjoni kondiviża biss fl-Istati Membri u fi kwalunkwe pajjiż terz jew PTEE parteċipanti fir-rigward ta' nefqa tal-FEŻR barra mill-Unjoni għal operazzjoni waħda jew aktar, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet minn wieħed, jew aktar, mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni huma ġestiti taħt ġestjoni indiretta;

(c) taħt ġestjoni indiretta kemm fl-Istati Membri kif ukoll fi kwalunkwe pajjiż terz jew PTEE parteċipanti.

Fejn programm Interreg D kollu, jew parti minnu, jiġi implimentat taħt ġestjoni indiretta, għandu japplika l-Artikolu 61.

*Artikolu 56*

**Eliġibbiltà**

1. B'deroga mill-Artikolu 63(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, in-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni jekk din tkun iġġarrbet u tħallset fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet Interreg mill-1 ta' Jannar 2021 jew mid-data tal-preżentazzjoni tal-programm, skont liema data tiġi l-ewwel, iżda tista' tintalab mill-programm wara d-data meta ġie konkluż il-ftehim ta' finanzjament mal-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE rispettiv.

Madankollu, in-nefqa għall-assistenza teknika ġestita mill-awtoritajiet tal-programm li jinsabu fi Stat Membru tista' diġà tintalab mill-programm qabel id-data meta jkun ġie konkluż il-ftehim ta' finanzjament mal-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE rispettiv.

2. Fejn programm Interreg jagħżel l-operazzjonijiet abbażi ta' sejħiet għal proposti, tali sejħiet jistgħu jinkludu applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni minn strumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, anki fejn is-sejħiet tnedew u l-operazzjonijiet intgħażlu qabel ma ġie konkluż il-ftehim ta' finanzjament rilevanti.

L-awtorità ta' ġestjoni tista' tipprovdi d-dokument previst fl-Artikolu 22(6) qabel ma ġie konkluż il-ftehim ta' finanzjament rilevanti.

*Artikolu 57*

**Proġetti infrastrutturali kbar**

1. Il-programmi Interreg taħt dan il-Kapitolu jistgħu jappoġġaw proġetti infrastrutturali kbar jiġifieri operazzjonijiet li jinkludu sett ta' xogħlijiet, attivitajiet jew servizzi intenzjonati biex jissodisfaw funzjoni indiviżibbli ta' natura preċiża li jsegwu objettivi identifikati b'mod ċar ta' interess komuni għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' investimenti li jħallu impatt u benefiċċji transkonfinali u fejn sehem minn baġit ta' kost totali ta' mill-anqas EUR 2 500 000 miljun ikun allokat għall-akkwist, il-kostruzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' infrastruttura.

2. Kull benefiċjarju li jimplimenta proġett infrastrutturali kbir jew parti minnu għandu japplika r-regoli applikabbli tal-akkwist pubbliku.

3. L-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni tal-programm Interreg rilevanti għandu jibgħat lill-Kummissjoni lista ta' proġetti infrastrutturali kbar ippjanati li tindika l-isem, il-post, il-baġit u s-sieħeb ewlieni prospettivi tagħhom. Dik il-lista għandha tintbagħat bħala dokument separat meta ssir it-trażmissjoni tal-kopja ffirmata tal-ftehim ta' finanzjament jew kopja tal-ftehim dwar l-implimentazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 59 lill-Kummissjoni jew mhux aktar tard minn xahrejn qabel id-data tal-laqgħa tal-kumitat ta' monitoraġġ jew, jekk applikabbli, tal-kumitat ta' tmexxija li jagħżel l-ewwel wieħed mill-proġetti infrastrutturali kbar previsti.

4. Fejn l-għażla ta' proġett infrastrutturali kbir wieħed jew aktar tkun fuq l-aġenda ta' kumitat ta' monitoraġġ jew, fejn applikabbli, laqgħa tal-kumitat ta' tmexxija, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tibgħat dokument kunċettwali għal kull tali proġett lill-Kummissjoni, għall-informazzjoni, sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel id-data tal-laqgħa. Id-dokument kunċettwali għandu jkun ta' massimu ta' tliet paġni u għandu jindika l-isem, il-post, il-baġit, is-sieħeb ewlieni u s-sħab kif ukoll l-objettivi ewlenin u r-riżultati tagħhom. Jekk id-dokument kunċettwali dwar proġett infrastrutturali kbir wieħed jew aktar ma jintbagħatx lill-Kummissjoni sa dik l-iskadenza, il-Kummissjoni tista' titlob li l-president tal-kumitat ta' monitoraġġ jew tal-kumitat ta' tmexxija ineħħi l-proġetti kkonċernati mill-aġenda tal-laqgħa.

*Artikolu 58*

**Akkwist**

1. Fejn l-implimentazzjoni ta' operazzjoni teħtieġ l-akkwist ta' kuntratti ta' servizzi, provvisti jew xogħlijiet minn benefiċjarju, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) fejn il-benefiċjarju jinsab fi Stat Membru u huwa awtorità kontraenti jew entità kontraenti fis-sens tal-liġi applikabbli tal-Unjoni għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku, huwa għandu japplika liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali;

(b) fejn il-benefiċjarju huwa awtorità pubblika ta' pajjiż sieħeb taħt IPA III jew NDICI li l-kofinanzjament tiegħu jiġi trasferit lill-awtorità ta' ġestjoni, huwa jista' japplika liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, dment li l-ftehim ta' finanzjament jippermetti dan u li l-kuntratt jingħata lill-offerta li toffri l-aħjar valur għall-flus, jew kif adatt, lill-offerta li toffri l-prezz l-aktar baxx, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interessi.

2. Għall-għoti ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi fil-każijiet kollha ħlief dawk imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-proċeduri ta' akkwist previsti fl-Artikoli 178 u 179 tar-Regolament Finanzjarju u l-punti minn 36 sa 41 tal-Kapitolu 3 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw.

*Artikolu 59*

**Konklużjoni ta' ftehimiet ta' finanzjament taħt ġestjoni kondiviża**

1. Sabiex jiġi implimentat programm Interreg f'pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE, f'konformità mal-Artikolu 112(4) tar-Regolament Finanzjarju, għandu jiġi konkluż ftehim ta' finanzjament bejn il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni, u kull pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE parteċipanti rappreżentat f'konformità mal-qafas legali nazzjonali tiegħu.

2. Kwalunkwe ftehim ta' finanzjament għandu jiġi konkluż sal-31 ta' Diċembru tas-sena wara s-sena meta sar l-ewwel impenn baġitarju u għandu jitqies li huwa konkluż fid-data meta tkun iffirmatu l-aħħar parti.

Kwalunkwe ftehim ta' finanzjament għandu jidħol fis-seħħ f'waħda jew l-oħra mid-dati li ġejjin:

(a) meta tkun iffirmatu l-aħħar parti; jew

(b) meta l-pajjiż terz jew sieħeb jew il-PTEE jkun lesta l-proċedura meħtieġa għar-ratifika f'konformità mal-qafas legali nazzjonali tiegħu u jkun informa lill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-abbozz tal-ftehim ta' finanzjament meta tapprova l-programm estern.

Fejn programm Interreg jinvolvi aktar minn pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE wieħed, tal-anqas ftehim ta' finanzjament wieħed għandu jiġi konkluż miż-żewġ partijiet qabel id-data speċifikata fil-paragrafu 2. Il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab jew il-PTEE l-oħra jistgħu jiffirmaw il-ftehimiet ta' finanzjament rispettivi tagħhom sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tat-tieni sena wara s-sena meta sar l-ewwel impenn tal-baġit.

4. L-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni tal-programm Interreg rilevanti:

(a) jista' wkoll jiffirma l-ftehim ta' finanzjament; jew

(b) għandu jiffirma, mingħajr dewmien, ftehim dwar l-implimentazzjoni ma' kull pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE parteċipanti f'dak il-programm Interreg li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-ġestjoni finanzjarja tiegħu.

5. Ftehim dwar l-implimentazzjoni ffirmat skont il-punt (b) tal-paragrafu 4 għandu tal-anqas ikopri l-elementi li ġejjin:

(a) arranġamenti dettaljati għall-pagamenti;

(b) il-ġestjoni finanzjarja;

(c) iż-żamma ta' rekords;

(d) obbligi ta' rappurtar;

(e) verifiki, kontrolli u awditjar; u

(f) irregolaritajiet u rkupri.

6. Fejn l-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni tal-programm Interreg jiddeċiedi li jiffirma l-ftehim ta' finanzjament skont il-punt (a) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, dak il-ftehim ta' finanzjament għandu jitqies bħala li huwa għodda għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u mhux ftehim internazzjonali kif imsemmi fl-Artikoli 216 sa 219 TFUE.

*Artikolu 60*

**Kontribuzzjoni ta' pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE ħlief kofinanzjament**

1. Fejn pajjiż terz, pajjiż sieħeb jew PTEE jittrasferixxi lill-awtorità ta' ġestjoni kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ tal-programm Interreg, ħlief il-kofinanzjament tiegħu tal-appoġġ tal-Unjoni għall-programm Interreg, ir-regoli dwar dik il-kontribuzzjoni finanzjarja għandhom jinsabu fid-dokument li ġej:

(a) fejn l-Istat Membru kkonċernat jiffirma l-ftehim ta' finanzjament skont il-punt (a) tal-Artikolu 59(4), f'waħda minn dawn li ġejjin:

 (i) parti distinta ta' dak il-ftehim ta' finanzjament; jew

 (ii) fi ftehim dwar l-implimentazzjoni separat jew iffirmat bejn l-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni u l-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE inkella direttament bejn l-awtorità ta' ġestjoni u l-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz, il-pajjiż sieħeb jew il-PTEE; u

(b) fejn l-Istat Membru kkonċernat jiffirma ftehim dwar l-implimentazzjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 59(4), f'waħda minn dawn li ġejjin:

 (i) parti distinta ta' dak il-ftehim dwar l-implimentazzjoni; jew

 (ii) ftehim addizzjonali dwar l-implimentazzjoni ffirmat bejn l-istess partijiet imsemmija fil-punt (a).

Għall-finijiet tal-punt (b)(i) tal-ewwel subparagrafu, it-taqsimiet tal-ftehim dwar l-implimentazzjoni jistgħu, fejn applikabbli, ikopru kemm il-kontribuzzjoni finanzjarja trasferita kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni għall-programm Interreg.

2. Ftehim dwar l-implimentazzjoni previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu tal-anqas ikun fih l-elementi dwar il-kofinanzjament tal-pajjiż terz, tal-pajjiż sieħeb jew tal-PTEE elenkati fl-Artikolu 59(5).

Barra minn hekk, għandu jistabbilixxi t-tnejn li ġejjin:

(a) l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali; u

(b) l-użu intenzjonat u l-kondizzjonijiet għall-użu tiegħu, inkluż il-kondizzjonijiet għall-applikazzjonijiet għal dik il-kontribuzzjoni addizzjonali.

3. Fir-rigward tal-programm transkonfinali PEACE PLUS, il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-attivitajiet tal-Unjoni mir-Renju Unit fil-forma ta' dħul assenjat estern kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju għandha tagħmel parti mill-approprjazzjonijiet tal-baġit għall-Intestatura 2 "Koeżjoni u Valuri", sottolimitu "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali".

Dik il-kontribuzzjoni għandha tkun soġġetta għal ftehim ta' finanzjament speċifiku mar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 59 ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni u r-Renju Unit kif ukoll l-Irlanda għandhom ikunu partijiet għal dan il-ftehim ta' finanzjament speċifiku.

Il-ftehim ta' finanzjament speċifiku għandu jiġi konkluż qabel il-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm, biex b'hekk jippermetti lill-Korp Speċjali tal-Programmi tal-UE biex japplika l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tkun applikabbli għall-implimentazzjoni tal-programm.

KAPITOLU IX

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-ĠESTJONI INDIRETTA**

*Artikolu 61*

**Kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi**

1. Fejn, bil-ftehim bejn l-Istat Membru u r-reġjuni kkonċernati, parti jew it-totalità ta' programm ta' Interreg D tiġi implimentata taħt ġestjoni indiretta skont il-punt (b) jew (c), rispettivament, tal-Artikolu 55(3) ta' dan ir-Regolament, il-kompiti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu fdati lil wieħed mill-korpi elenkati fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għal tali korp li jinsab fl-Istat Membru parteċipanti, inkluż l-awtorità ta' ġestjoni tal-programm Interreg ikkonċernat.

2. F'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 154(6) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma teħtieġx valutazzjoni ex ante kif imsemmi fil-paragrafi 3 u 4 ta' dak l-Artikolu meta l-kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) ta' dak ir-Regolament ikunu fdati lil awtorità ta' ġestjoni ta' programm Interreg tar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati skont l-Artikolu 45(1) ta' dan ir-Regolament u f'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

3. Fejn il-kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jkunu fdati lil organizzazzjoni ta' Stat Membru, għandu japplika l-Artikolu 157 ta' dak ir-Regolament.

4. Fejn programm jew azzjoni kofinanzjata minn strument ta' finanzjament estern wieħed jew aktar tiġi implimentata minn pajjiż terz, pajjiż sieħeb, PTEE jew xi korp ieħor elenkat fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew imsemmija fir-Regolament (UE) 2021/947 jew fid-Deċiżjoni 2013/755/UE, jew it-tnejn li huma, għandhom japplikaw ir-regoli rilevanti ta' dawn l-istrumenti.

Il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' parti minn programm Interreg tal-fergħa D taħt ġestjoni indiretta skont il-punt (b) jew (c) tal-Artikolu 55(3) ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu definiti permezz ta' ftehim konkluż bejn il-Kummissjoni, l-awtorità ta' ġestjoni jew l-Istat Membru tagħha, u l-korp fdat.

KAPITOLU X

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 62*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 16(6) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Lulju 2021.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 16(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill simultanjament.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 16(6) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 63*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 115(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 64*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 jew kwalunkwe att adottat taħt dak ir-Regolament għandu jkompli japplika għall-programmi u l-operazzjonijiet appoġġati mill-FEŻR taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

*Artikolu 65*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2021.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. M. SASSOLI | A. P. ZACARIAS |

*ANNESS*

IL-MUDELL GĦALL-PROGRAMMI INTERREG

| | |
|---|---|
| CCI | [15-il karattru] |
| Titolu | [255] |
| Verżjoni | |
| L-ewwel sena | [4] |
| L-aħħar sena | [4] |
| Eliġibbli minn | |
| Eliġibbli sa | |
| Numru tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | |
| Data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | |
| Numru tad-deċiżjoni tal-emendar tal-programm | [20] |
| Data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-emendar tal-programm | |
| Reġjuni NUTS koperti mill-programm | |
| Fergħa | |

1. Strateġija komuni tal-programm: l-isfidi u r-risposti politiċi ewlenin għall-iżvilupp

1.1. Żona tal-programm (mhux meħtieġ għall-programmi Interreg C)

Referenza: il-punt (a) tal-Artikolu 17(3), il-punt (a) tal-Artikolu 17(9)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [2 000] |

1.2. Strateġija komuni tal-programm: Sommarju tal-isfidi konġunti ewlenin, filwaqt li jittieħed kont tad-disparitajiet kif ukoll l-inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali, il-ħtiġijiet ta' investiment konġunt u komplementari u s-sinerġiji ma' forom oħra ta' programmi u strumenti ta' finanzjament, it-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza tal-imgħoddi u l-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar fejn iż-żona tal-programm kollha kemm hi jew parzjalment hija koperta minn strateġija waħda jew aktar.

Referenza: il-punt (b) tal-Artikolu 17(3), il-punt (b) tal-Artikolu 17(9)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [50 000] |

1.3. Ġustifikazzjoni għall-għażla tal-objettivi ta' politika u l-objettivi speċifiċi għall-Interreg, il-prijoritajiet korrispondenti, l-objettivi speċifiċi u l-forom ta' appoġġ, li tindirizza, fejn adatt, il-konnessjonijiet nieqsa fl-infrastruttura transkonfinali

Referenza: il-punt (c) tal-Artikolu 17(3)

Tabella 1

| Objettiv ta' politika magħżul jew objettiv magħżul speċifiku għall-Interreg | Objettiv speċifiku magħżul | Prijorità | Ġustifikazzjoni għall-għażla |
|---|---|---|---|
| | | | [2 000 għal kull objettiv] |

2. Prijoritajiet [300]

Referenza: il-punti (d) u (e) tal-Artikolu 17(3)

2.1 Titolu tal-prijorità (ripetut għal kull prijorità)

Referenza: il-punt (d) tal-Artikolu 17(3)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test: [300] |

2.1.1. Objettiv speċifiku (ripetut għal kull objettiv speċifiku magħżul)

Referenza: il-punt (e) tal-Artikolu 17(3)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test: [300] |

2.1.2. Tipi ta' azzjoni relatati, u l-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għal dawk l-objettivi speċifiċi u għall-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar, fejn adatt

Referenza: il-punt (e)(i) tal-Artikolu 17(3), il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 17(9)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [7 000] |

Għall-programmi INTERACT u ESPON:

Referenza: il-punt (c)(i) tal-Artikolu 17(9)

Id-definizzjoni ta' benefiċjarju uniku jew lista limitata ta' benefiċjarji u l-proċedura tal-għoti

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [7 000] |

2.1.3. Indikaturi

Referenza: il-punt (e)(ii) tal-Artikolu 17(3), il-punt (c)(iii) tal-Artikolu 17(9)

Tabella 2

Indikaturi tal-output

| Prijorità | Objettiv speċifiku | ID [5] | Indikatur | Unità tal-kejl [255] | Stadju importanti (2024) [200] | Mira finali (2029) [200] |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| | | | | | | |

Tabella 3

Indikaturi tar-riżultati

| Prijor-ità | Objettiv speċifiku | ID | Indikatur | Unità tal-kejl | Linja bażi | Sena ta' referenza | Mira finali (2029) | Sors tad-data | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |

2.1.4. Gruppi mmirati ewlenin

Referenza: il-punt (e)(iii) tal-Artikolu 17(3), il-punt (c)(iv) tal-Artikolu 17(9)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [7 000] |

2.1.5. Indikazzjoni tat-territorji speċifiċi mmirati, inkluż l-użu ppjanat tal-ITI, is-CLLD jew għodod territorjali oħra

Referenza: il-punt (e)(iv) tal-Artikolu 17(3)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [7 000] |

2.1.6. L-użu ppjanat ta' strumenti finanzjarji

Referenza: il-punt (e)(v) tal-Artikolu 17(3)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [7 000] |

2.1.7. Tqassim indikattiv tar-riżorsi tal-programm tal-UE skont it-tip ta' intervent

Referenza: il-punt (e)(vi) tal-Artikolu 17(3), il-punt (c)(v) tal-Artikolu 17(9)

Tabella 4

Dimensjoni 1 – qasam tal-interventi

| Nru tal-prijorità | Fond | Objettiv speċifiku | Kodiċi | Ammont (EUR) |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

Tabella 5

Dimensjoni 2 – forma ta' finanzjament

| Nru tal-prijorità | Fond | Objettiv speċifiku | Kodiċi | Ammont (EUR) |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

Tabella 6

Dimensjoni 3 — mekkaniżmu ta' kunsinna territorjali u enfasi territorjali

| Nru tal-prijorità | Fond | Objettiv speċifiku | Kodiċi | Ammont (EUR) |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

3. Pjan ta' finanzjament

Referenza: il-punt (f) tal-Artikolu 17(3)

3.1 Approprjazzjonijiet finanzjarji skont is-sena

Referenza: il-punt (g)(i) tal-Artikolu 17(3), il-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 17(4)

Tabella 7

| Fond | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| FEŻR<br>(mira tal-kooperazzjoni territorjali) | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| IPA III-CBC [1] | | | | | | | | |
| NDICI-CBC [1] | | | | | | | | |
| IPA III [2] | | | | | | | | |
| NDICI [2] | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| PTEE [3] | | | | | | | | |
| Fondi Interreg [4] | | | | | | | | |
| Total | | | | | | | | |

(1) Interreg A, kooperazzjoni transkonfinali esterna.
(2) Interreg B u C.
(3) Interreg B, C u D.
(4) FEŻR, IPA III, NDICI jew PTEE, fejn għal ammont uniku taħt Interreg B u C.

3.2 Approprjazzjonijiet finanzjarji totali skont il-fond u kofinanzjament nazzjonali

Referenza: il-punt (f)(ii) tal-Artikolu 17(3), il-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 17(4)

Tabella 8

| L-objettiv ta' politika Nru | Prijorità | Fond (kif applikabbli) | Bażi għall-kalkolu tal-appoġġ tal-UE (kost eliġibbli totali jew kontribuzzjoni pubblika) | Kontribuzzjoni tal-UE (a)=(a1)+(a2) | Tqassin indikattiv tal-kontribuzzjoni tal-UE | | Kontribuzzjoni nazzjonali (b)=(c)+(d) | Tqassim indikattiv tal-kontroparti nazzjonali | | Total (e)=(a)+(b) | Rata ta' kofinanzjament (f)=(a)/(e) | Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi terzi (għall-informazzjoni) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mingħajr l-AT taħt l-Artikolu 27(1) (a1) | għall-AT taħt l-Artikolu 27(1) (a2) | | Pubbliku nazzjonali (c) | Privat nazzjonali (d) | | | |
| | Prijorità 1 | FEŻR | | | | | | | | | | |
| | | IPA III-CBC (1) | | | | | | | | | | |
| | | NDICI-CBC (1) | | | | | | | | | | |
| | | IPA III (2) | | | | | | | | | | |
| | | NDICI (2) | | | | | | | | | | |
| | | PTEE (3) | | | | | | | | | | |
| | | Fondi Interreg (4) | | | | | | | | | | |
| | Prijorità 2 | (fondi bħal ta' hawn fuq) | | | | | | | | | | |
| | Total | Il-fondi kollha | | | | | | | | | | |
| | | FEŻR | | | | | | | | | | |
| | | IPA III-CBC | | | | | | | | | | |
| | | NDICI-CBC | | | | | | | | | | |
| | | IPA III | | | | | | | | | | |
| | | NDICI | | | | | | | | | | |
| | | PTEE | | | | | | | | | | |
| | | Fondi Interreg | | | | | | | | | | |
| | Total | Il-fondi kollha | | | | | | | | | | |

(1) Interreg A, kooperazzjoni transkonfinali esterna.
(2) Interreg B u C.
(3) Interreg B, C u D.
(4) FEŻR, IPA III, NDICI jew PTEE, fejn għal ammont uniku taħt Interreg B u C.

4. L-azzjoni meħuda biex jiġu involuti s-sħab tal-programmi rilevanti fit-tħejjija tal-programm Interreg u r-rwol ta' dawk is-sħab tal-programmi fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

Referenza: il-punt (g) tal-Artikolu 17(3)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [10 000] |

5. L-approċċ għall-komunikazzjoni u l-viżibbiltà tal-programm Interreg (l-objettivi, l-udjenzi mmirati, il-kanali ta' komunikazzjoni, inkluża sensibilizzazzjoni permezz tal-media soċjali, fejn adatt, il-baġit ippjanat u l-indikaturi rilevanti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni)

Referenza: il-punt (h) tal-Artikolu 17(3)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [4 500] |

6. Indikazzjoni ta' appoġġ għal proġetti fuq skala żgħira, inkluż proġetti żgħar fi ħdan fondi għal proġetti żgħar

Referenza: il-punt (i) tal-Artikolu 17(3), l-Artikolu 24

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [7 000] |

7. Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni

7.1. L-awtoritajiet tal-programmi

Referenza: il-punt (a) tal-Artikolu 17(6)

Tabella 9

| L-awtoritajiet tal-programmi | Isem l-istituzzjoni [255] | Isem il-persuna ta' kuntatt [200] | Indirizz elettroniku [200] |
|---|---|---|---|
| Awtorità ta' ġestjoni | | | |
| Awtorità nazzjonali (għal programmi ma' pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab parteċipanti, jekk adatt) | | | |
| Awtorità tal-awditjar | | | |
| Rappreżentanti tal-grupp ta' awdituri | | | |
| Il-korp li lilu għandhom isiru l-pagamenti mill-Kummissjoni | | | |

7.2. Proċedura għall-istabbiliment tas-segretarjat konġunt

Referenza: il-punt (b) tal-Artikolu 17(6)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [3 500] |

7.3 It-tqassim ta’ responsabbiltajiet fost l-Istati Membri parteċipanti u, fejn applikabbli, il-pajjiżi terzi jew sħab u l-PTEE, f’każ ta’ korrezzjonijiet finanzjarji imposti mill-awtorità ta’ ġestjoni jew mill-Kummissjoni

Referenza: il-punt (c) tal-Artikolu 17(6)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [10 500] |

8. L-użu ta’ kostijiet unitarji, somom f’daqqa, rati fissi u finanzjament mhux marbutin mal-kostijiet

Referenza: l-Artikoli 94 u 95 tar-Regolament (UE) 2021/1060 (RDK, Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni)

Tabella 10

L-użu ta’ kostijiet unitarji, somom f’daqqa, rati fissi u finanzjament mhux marbutin mal-kostijiet

| L-użu maħsub tal-Artikoli 94 u 95 | IVA | LE |
|---|---|---|
| Mal-adozzjoni, il-programm ser jagħmel użu minn rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni abbażi ta’ kostijiet unitarji, somom f’daqqa u rati fissi taħt prijorità skont l-Artikolu 94 tar-RDK (jekk iva, imla l-Appendiċi 1) | ☐ | ☐ |
| Mal-adozzjoni, il-programm ser jagħmel użu minn rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni abbażi ta’ finanzjament mhux marbut mal-kostijiet skont l-Artikolu 95 tar-RDK (jekk iva, imla l-Appendiċi 2) | ☐ | ☐ |

**Mappa**

Mappa taż-żona tal-programm

*Appendiċi 1*

Kontribuzzjoni tal-Unjoni abbażi ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa u rati fissi

Il-mudell għall-preżentazzjoni tad-data għall-kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni

(Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2021/1060 (RDK))

| | |
|---|---|
| Data ta' preżentazzjoni tal-proposta | |
| | |

Din l-Appendiċi mhijiex meħtieġa meta jintużaw għażliet ta' kostijiet issimplifikati fil-livell tal-UE stabbiliti mill-att delegat imsemmi fl-Artikolu 94(4) tar-RDK.

A. Sommarju tal-elementi ewlenin

| Prijorità | Fond | Objettiv speċifiku | Proporzjon stmat tal-allokazzjoni finanzjarja totali fil-prijorità li għaliha ser tiġi applikata l-għażla ta' kost issimplifikat f'% | Tip jew tipi ta' operazzjoni koperti | | L-indikatur li jattiva r-rimborż | | Unità ta' kejl għall-indikatur | Tip ta' għażla ta' kost issimplifikat (skala standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi) | Ammont (f'EUR) jew perċentwal (fil-każ ta' rati fissi) tal-għażla ta' kost issimplifikat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi [1] | Deskrizzjoni | Kodiċi [2] | Deskrizzjoni | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |

(1) Dan jirriferi għall-kodiċi għad-dimensjoni tal-qasam tal-intervent fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-RDK.
(2) Dan jirriferi għall-kodiċi ta' indikatur komuni, jekk applikabbli.

B. Dettalji skont it-tip ta' operazzjoni (għandha timtela għal kull tip ta' operazzjoni)

L-awtorità ta' ġestjoni rċeviet appoġġ minn kumpanija esterna biex tistabbilixxi l-kostijiet simplifikati ta' hawn taħt?

| | |
|---|---|
| Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika liema kumpanija esterna: | Iva/Le – Isem il-kumpanija esterna |

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 | Deskrizzjoni tat-tip ta' operazzjoni inkluża skeda kronoloġika għall-implimentazzjoni ([1]) | |
| 1.2 | Objettiv speċifiku | |
| 1.3 | Indikatur li jattiva r-rimborż ([2]) | |
| 1.4 | Unità ta' kejl għall-indikatur li jattiva r-rimborż | |
| 1.5 | Skala standard ta' kost unitarju, somma f'daqqa jew rata fissa | |
| 1.6 | Ammont għal kull unità ta' kejl jew il-perċentwal (għar-rati fissi) tal-għażla ta' kost issimplifikat | |
| 1.7 | Kategoriji ta' kostijiet koperti mill-kost unitarju, somma f'daqqa jew rata fissa | |
| 1.8 | Dawn il-kategoriji ta' kostijiet ikopru n-nefqa eliġibbli kollha għall-operazzjoni? (IVA/LE) | |
| 1.9 | Metodu ta' aġġustament(i) ([3]) | |
| 1.10 | Verifika tat-twettiq tal-unitajiet (li irriżultaw)<br>— iddeskrivi liema sistema ta' dokument(i) ser tintuża biex jiġi verifikat it-twettiq tal-unitajiet li jirriżultaw<br>— iddeskrivi x'ser jiġi kkontrollat u minn min waqt il-verifiki ta' ġestjoni<br>— iddeskrivi x'arranġamenti ser isiru biex jinġabru u jinħażnu d-data jew id-dokumenti rilevanti | |
| 1.11 | Inċentivi perversi possibbli, miżuri ta' mitigazzjoni ([4]), u l-livell stmat ta' riskju (għoli, medju, baxx) | |
| 1.12 | Ammont totali (nazzjonali u tal-UE) mistenni li jiġi rimborżat mill-Kummissjoni fuq din il-bażi | |

([1]) Id-data prevista meta jibdew jintgħażlu l-operazzjonijiet u d-data finali prevista għat-tlestija tagħhom (ref. Artikolu 63(5) tar-RDK).
([2]) Għal operazzjonijiet li jikkomprendu diversi għażliet ta' kostijiet issimplifikati li jkopru kategoriji differenti ta' kostijiet, proġetti differenti jew fażijiet suċċessivi ta' operazzjoni, jenħtieġ li jimtlew il-kaxex 1.3 sa 1.11 għal kull indikatur li jattiva r-rimborż.
([3]) Jekk applikabbli, indika kemm kien frekwenti, u meta sar, l-aġġustament u agħmel referenza ċara għal indikatur speċifiku (inkluża link għas-sit web fejn dan l-indikatur huwa ppubblikat, jekk applikabbli).
([4]) Hemm xi implikazzjonijiet negattivi potenzjali għall-kwalità tal-operazzjonijiet appoġġati u, jekk iva, x'inhuma l-miżuri (bħal, assigurazzjoni tal-kwalità) li se jittieħdu kontra dan ir-riskju?

C. Kalkolu tal-iskala standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi

1. Sors tad-data użata biex tiġi kalkulata l-iskala standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi (min ipproduċa, ġabar u rreġistra d-data; fejn tinħażen id-data; dati limitu; validazzjoni, eċċ.):

| |
|---|
| |

2. Jekk jogħġbok speċifika għaliex il-metodu u l-kalkolu proposti, ibbażati fuq l-Artikolu 88(2) tar-RDK, huma rilevanti għat-tip ta’ operazzjoni:

| |
|---|
| |

3. Jekk jogħġbok speċifika kif saru l-kalkoli, b’mod partikolari inkluż kwalunkwe suppożizzjoni magħmula f’termini ta’ kwalità jew kwantitajiet. Fejn rilevanti, jenħtieġ li jintużaw evidenza statistika u valuri ta’ riferiment u, jekk jintalbu, jingħataw f’format li jista’ jintuża mill-Kummissjoni:

| |
|---|
| |

4. Jekk jogħġbok spjega kif żgurajt li n-nefqa eliġibbli biss ġiet inkluża fil-kalkolu tal-iskala standard tal-kost unitarju, is-somma f’daqqa jew ir-rata fissa:

| |
|---|
| |

5. Il-valutazzjoni mill-awtorità jew l-awtoritajiet tal-awditjar tal-metodoloġija tal-kalkolu u l-ammonti u l-arranġamenti biex jiġu żgurati l-verifika, il-kwalità, il-ġbir u il-ħżin tad-data:

| |
|---|
| |

*Appendiċi 2*

Kontribuzzjoni tal-Unjoni abbażi ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet

Il-mudell għall-preżentazzjoni tad-data għall-kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni

(Artikolu 95 tar-Regolament (UE) 2021/1060 (RDK))

| Data ta' preżentazzjoni tal-proposta | |
|---|---|
| | |

Din l-Appendiċi mhijiex meħtieġa meta jintużaw ammonti għal finanzjament fil-livell tal-UE mhux marbut mal-kostijiet stabbiliti mill-att delegat imsemmi fl-Artikolu 95(4) tar-RDK.

A. Sommarju tal-elementi ewlenin

| Prijorità | Fond | Objettiv speċifiku | L-ammont kopert mill-finanzjament mhux marbut ma' kostijiet | Tip jew tipi ta' operazzjoni koperti | | Kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati/riżultati li għandhom jinkisbu li jattivaw ir-rimborż mill-Kummissjoni | Indikatur | | Unità ta' kejl għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati/riżultati li għandhom jinkisbu li jattivaw ir-rimborż mill-Kummissjoni | It-tip previst tal-metodu ta' rimborż użat għar-rimborż tal-benefiċjarju jew benefiċjarji |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi [1] | Deskrizzjoni | | Kodiċi [2] | Deskrizzjoni | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |

[1] Dan jirriferi għall-kodiċi għad-dimensjoni tal-qasam tal-intervent fit-Tabella 1 tal-Anness I għar-RDK u fl-Anness IV tar-Regolament dwar il-FEMSA.
[2] Dan jirriferi għall-kodiċi ta' indikatur komuni, jekk applikabbli.

B. Dettalji skont it-tip ta’ operazzjoni (għandha timtela għal kull tip ta’ operazzjoni)

<table>
<tr><td>1.1. Deskrizzjoni tat-tip ta’ operazzjoni</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>1.2 Objettiv speċifiku</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>1.3 Kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati jew riżultati li għandhom jinkisbu</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>1.4 Skadenza għat-twettiq tal-kondizzjonijiet jew għar-riżultati li għandhom jinkisbu</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>1.5 Unità ta’ kejl għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati/riżultati li għandhom jinkisbu li jattivaw ir-rimborż mill-Kummissjoni</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td rowspan="3">1.6 Riżultati intermedji (jekk applikabbli) li jagħtu bidu għal rimborż mill-Kummissjoni bi skeda għar- rimborżi</td><td>Riżultati intermedji</td><td>Data prevista</td><td>Ammonti (EUR)</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>1.7 Ammont totali (inklużi finanzjament tal-Unjoni u finanzjament nazzjonali)</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>1.8 Metodu ta’ aġġustament(i)</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>1.9 Verifika tt-twettiq tar-riżultat jew tal-kondizzjoni (u fejn rilevanti, ir-riżultati intermedji)<br>— iddeskrivi liema sistema ta’ dokument(i) ser tintuża biex tivverifika t-twettiq tar-riżultat jew tal-kondizzjoni (u fejn rilevanti, kull wieħed mir-riżultati intermedji)<br>— iddeskrivi kif ser isiru l-verifiki ta’ ġestjoni (inklużi l-verifiki fil-post), u minn min<br>— iddeskrivi x’arranġamenti ser isiru biex jinġabru u jinħażnu d-data jew id-dokumenti rilevanti</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>1.10 Użu ta’ għotjiet fil-forma ta’ finanzjament mhux marbut ma’ kostijiet / L-għotja pprovduta mill-Istat Membru lill-benefiċjarji tieħu l-forma ta’ finanzjament mhux marbut mal-kostijiet? [IVA/LE]</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>1.11 Arranġamenti biex jiġi żgurat ir-rekord tal-awditjar<br>Jekk jogħġbok elenka l-korp jew korpi responsabbli għal dawn l-arranġamenti.</td><td colspan="3"></td></tr>
</table>

*Appendiċi 3*

Lista ta' operazzjonijiet ippjanati ta' importanza strateġika bi skeda ta' żmien - l-Artikolu 17(3)

| |
|---|
| Kaxxa tat-test [2 000] |

# REGOLAMENT (UE) 2021/1060 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-24 ta’ Ġunju 2021

## li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 177, il-punt (a) tal-Artikolu 322(1) u l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri ([3]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, ([4])

Billi:

(1) L-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi li, sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha, l-Unjoni għandu jkollha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta’ żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard tar-reġjuni jew gżejjer li huma inqas favoriti, u li għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti. Dawk ir-reġjuni jibbenefikaw b’mod partikolari mill-politika ta’ koeżjoni. L-Artikolu 175 TFUE jitlob li l-Unjoni ssostni l-ilħiq ta’ dawk l-objettivi permezz tal-azzjoni li tieħu permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija, it-Taqsima tal-Gwida, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Bank Ewropew tal-Investiment u strumenti oħrajn. L-Artikolu 322 TFUE jipprovdi l-bażi biex jiġu adottati r-regoli finanzjarji li jiddeterminaw il-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet, kif ukoll għall-kontrolli tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji.

(2) Sabiex ikomplu jiżviluppaw implimentazzjoni koordinata u armonizzata tal-Fondi tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni kondiviża, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), u miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni kondiviża fil-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA), il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni(AMIF), il-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI), jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli finanzjarji bbażati fuq l-Artikolu 322 TFUE għal dawn il-Fondi kollha (flimkien imsemmija bħala “il-Fondi”), li jispeċifikaw b’mod ċar il-kamp ta’ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet komuni bbażati fuq l-Artikolu 177 TFUE jiġu stabbiliti biex ikopru r-regoli speċifiċi tal-politika għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta’ Koeżjoni, għall-JTF u għall-FEMSA.

---

([1]) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 83

([2]) ĠU C 86, 7.3.2019, p. 41

([3]) ĠU C 17, 14.1.2019, p. 1

([4]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta’ Marzu 2019 (ĠU C 108, 26.3.2021, p. 638) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-27 ta’ Mejju 2021 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Ġunju 2021 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(3) Minħabba l-ispeċifiċitajiet ta' kull Fond, jenħtieġ li r-regoli speċifiċi applikabbli għal kull Fond u għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) taħt il-FEŻR jiġu stipulati f'Regolamenti separati ("Regolamenti speċifiċi għall-Fond") biex jikkomplementaw dan ir-Regolament.

(4) Jenħtieġ li r-reġjuni ultraperiferiċi jibbenefikaw minn miżuri speċifiċi u minn finanzjament addizzjonali biex jagħmlu tajjeb għas-sitwazzjoni strutturali soċjali u ekonomiċi flimkien mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-fatturi msemmija fl-Artikolu 349 TFUE.

(5) Jenħtieġ li r-reġjuni tat-tramuntana b'popolazzjoni baxxa jibbenefikaw minn miżuri speċifiċi u finanzjament addizzjonali biex jiġu bbilanċjati l-iżvantaġġi naturali jew demografiċi gravi msemmija fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att tal-Adeżjoni tal-1994.

(6) Jenħtieġ li l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-Artikolu 10 TFUE, inkluż il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 TUE, jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-Fondi, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw ukoll l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 9 tagħha u skont id-dritt tal-Unjoni li jarmonizza r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Fondi jiġu implimentati b'mod li jippromwovu t-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal waħda bbażata fuq il-familja u bbażata fuq il-komunità. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw biex jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u tintegra l-perspettiva tal-ġeneru, kif ukoll jikkumbattu d-diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-Fondi ma jappoġġawx azzjonijiet li jikkontribwixxu għal kwalunkwe forma ta' segregazzjoni jew esklużjoni, u, meta jiffinanzjaw l-infrastruttura, jenħtieġ li jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità. Jenħtieġ li l-objettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni tal-Unjoni tal-għan li tippreżerva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent kif stabbilit fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 191(1) TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju li min iniġġes iħallas, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-Ftehim ta' Pariġi adottati taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ([5]) (il-"Ftehim ta' Pariġi"). Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern, l-operazzjonijiet li jibbenefikaw minnhom l-impriżi jridu jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat kif stabbilit fl-Artikoli 107 u 108 TFUE. Il-faqar huwa sfida partikolarment importanti fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-objettivi tal-Fondi jiġu insegwiti bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar. Jenħtieġ li l-objettivi tal-Fondi jiġu insegwiti bil-ħsieb li jipprovdu appoġġ adegwat, b'mod partikolari lill-awtoritajiet lokali u reġjonali taż-żoni kostali u urbani biex jindirizzaw l-isfidi soċjoekonomiċi marbuta mal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u li jipprovdu appoġġ adegwat lil żoni u komunitajiet żvantaġġati f'żoni urbani.

(7) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 TFUE japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) ("ir-Regolament Finanzjarju") u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u r-rimborż ta' esperti esterni, u jipprevedu kontrolli dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kondizzjonalitajiet għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(8) Meta jiġi stabbilit perijodu ta' żmien biex il-Kummissjoni tieħu kwalunkwe azzjoni fir-rigward tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa kollha fil-ħin u b'mod effiċjenti. Meta l-preżentazzjonijiet tal-Istati Membri fi kwalunkwe forma skont dan ir-Regolament ma jkunux kompluti jew ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, u għaldaqstant ma jippermettux li l-Kummissjoni tieħu azzjoni bl-informazzjoni kollha disponibbli għaliha, jenħtieġ li dak it-terminu jiġi sospiż sakemm l-Istati Membri jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji. Barra minn hekk, peress li l-Kummissjoni hija prekluża milli tagħmel pagamenti għan-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti mhumiex issodisfati, li huwa inkluż fl-applikazzjonijiet għal pagament, it-terminu li għandha l-Kummissjoni biex tagħmel il-pagamenti ma għandux jiġi attivat għal tali nefqa.

([5]) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

([6]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(9) Sabiex jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Fondi jiffukaw l-appoġġ tagħhom fuq għadd limitat ta' objettivi ta' politika f'konformità mal-missjonijiet speċifiċi għall-Fondi skont l-objettivi bbażati fuq it-Trattat. Jenħtieġ li l-objettivi ta' politika għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI jiġu stabbiliti fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi. Il-JTF u kwalunkwe riżorsa tal-FEŻR u tal-FSE+ li jiġu ttrasferiti, fuq bażi volontarja, bħala appoġġ komplementari għall-JTF, jenħtieġ li jikkontribwixxu għal objettiv speċifiku uniku.

(10) Filwaqt li jirriflettu l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, jenħtieġ li l-Fondi jikkontribwixxu lejn l-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi u lejn il-kisba ta' mira ġenerali fejn 30 % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni tappoġġa l-objettivi relatati mal-klima. F'dak, il-kuntest, il-Fondi jenħtieġ li jappoġġaw attivitajiet li jirrispettaw l-istandards klimatiċi u ambjentali u l-prijoritajiet tal-Unjoni u ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]). Mekkaniżmi adegwati biex jiżguraw verifika tar-reżistenza klimatika tal-investiment appoġġat fl-infrastruttura jenħtieġ li jkunu parti integrali mill-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Fondi.

(11) Bħala riflessjoni tal-importanza li jiġi indirizzat it-telf tal-bijodiversità, il-Fondi jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-azzjoni dwar il-bijodiversità fil-politiki tal-Unjoni u għall-kisba tal-ambizzjoni ġenerali li 7,5 % tal-infiq annwali taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) jiġi ddedikat għall-objettivi tal-bijodiversità fis-sena 2024 u 10 % tal-infiq annwali taħt il-QFP jiġi ddedikat għall-objettivi tal-bijodiversità fl-2026 u l-2027, filwaqt li jitqiesu s-sovrapożizzjonijiet eżistenti bejn l-għanijiet klimatiċi u dawk tal-bijodiversità.

(12) Jenħtieġ li parti mill-baġit tal-Unjoni allokata għall-Fondi tiġi implimentata mill-Kummissjoni taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri fis-sens tar- Regolament Finanzjarju. Għaldaqstant, meta jimplimentaw il-Fondi taħt ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji msemmija fir-Regolament Finanzjarju, bħall-ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni.

(13) L-Istati Membri fil-livell territorjali adatt, skont il-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom u l-korpi maħtura minnhom għal dawn il-finijiet, jenħtieġ ikunu responsabbli għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jimponu regoli mhux meħtieġa li jirriżultaw f'piż amministrattiv eċċessiv għall-benefiċjarji.

(14) Il-prinċipju tas-sħubija huwa fattur ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Fondi, u jibni fuq l-approċċ ta' governanza f'diversi livelli u jiżgura l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, tas-soċjetà ċivili, tas-sħab ekonomiċi u soċjali u, fejn xieraq, organizzazzjonijiet ta' riċerka u universitajiet. Sabiex jipprovdi kontinwità fl-organizzazzjoni tas-sħubija, jenħtieġ li l-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar is-sħubija għall-Ftehimiet ta' Sħubija u programmi appoġġjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej stabbilit mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 ([8]) (il-'kodiċi ta' kondotta Ewropea dwar sħubija') ikompli japplika għall-Fondi.

(15) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, inkluż il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji ta' investiment pluriennali nazzjonali tagħhom stess b'appoġġ għal dawk ir-riformi. Jenħtieġ li dawk l-istrateġiji jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma bħala mod kif jiġu enfasizzati u kkoordinati proġetti ta' investimenti ta' prijorità li għandhom jiġu appoġġati minn finanzjament nazzjonali jew tal-Unjoni, jew mit-tnejn. Jenħtieġ li jservu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod koerenti u biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut, b'mod partikolari mill-Fondi, mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) u mill-Programm InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) (ir-"Regolament InvestEU").

---

([7]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

([8]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

(16) Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati skont l-Artikolu 121(2) TFUE u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill adottati skont l-Artikolu 148(4) TFUE u r-rakkomandazzjonijiet komplementari tal-Kummissjoni maħruġa skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), u għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI, rakkomandazzjonijiet rilevanti oħra tal-Unjoni indirizzati lill-Istat Membru fit-tħejjija tad-dokumenti ta' programmazzjoni. Matul il-perijodu ta' programmazzjoni bejn l-2021 u l-2027 ("perijodu ta' programmazzjoni"), jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi b'appoġġ għar- rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż lill-kumitat ta' monitoraġġ u lill-Kummissjoni b'mod regolari. Matul rieżami ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-Istati Membri, fost elementi oħra, iqisu l-ħtieġa għal modifiki fil-programmi biex jakkomodaw sfidi ġodda identifikati f'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati jew modifikati sa mill-bidu tal-perijodu ta' programmazzjoni.

(17) Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-kontenuti tal-pjan nazzjonali integrat tal-enerġija u tal-klima tagħhom, li għandu jiġi żviluppat taħt Regolament (UE) 2018/1999 u l-eżitu tal-proċess li wassal għar-rakkomandazzjonijiet tal-Unjoni rigward dawn il-pjanijiet, għall-programmi tagħhom, inkluż waqt ir-rieżami ta' nofs it-terminu, kif ukoll għall-ħtiġijiet finanzjarji allokati għal investimenti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

(18) Jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija, imħejji minn kull Stat Membru, ikun dokument konċiż u strateġiku li jiggwida n-negozjati bejn il-Kummissjoni l-Istat Membru kkonċernat dwar it-tfassil tal-programmi fl-ambitu tal-FEŻR, l-FSE +, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF u l-FEMSA. Sabiex jiġi razzjonalizzat il-proċess ta' approvazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità fil-valutazzjoni tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tat-tul tal-Ftehim ta' Sħubija u t-talbiet għal informazzjoni addizzjonali. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li ma jkunx hemm għalfejn jiġu emendati l-Ftehimiet ta' Sħubija matul il-perijodu ta' programmazzjoni. Madankollu, jekk l-Istat Membru jixtieq hekk, jenħtieġ li huwa jkun jista' jippreżenta lill-Kummissjoni emenda waħda għall-Ftehim ta' Sħubija tiegħu biex jittieħed kont tal-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu. Sabiex jiffaċilitaw il-programmazzjoni u jiġi evitat kontenut duplikat fid-dokumenti ta' programmazzjoni, Ftehim ta' Sħubija jista' jiġi inkluż bħala parti minn programm.

(19) Sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-allokazzjonijiet tagħhom ta' ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li jkun possibbli li ċerti livelli ta' finanzjament jiġu ttrasferiti bejn il-Fondi u bejn il-ġestjoni kondiviża u l-istrumenti ġestiti direttament u indirettament. Fejn iċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali speċifiċi ta' Stat Membru jiġġustifikawh, dak il-livell ta' trasferiment għandu jkun ogħla.

(20) Kull Stat Membru jenħtieġ li jkollu l-flessibbiltà li jikkontribwixxi għall-Programm InvestEU għall-għoti tal-garanzija tal-UE u taċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għal investimenti f'dak l-Istat Membru, taħt ċerti kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

(21) Sabiex jiġu żgurati l-prerekwiżiti meħtieġa għall-użu effettiv u effiċjenti tal-appoġġ tal-Unjoni mogħti mill-Fondi, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista limitata ta' kundizzjonijiet abilitanti kif ukoll sett konċiż u eżawrjenti ta' kriterji oġġettivi għall-valutazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li kull kundizzjoni abilitanti tintrabat ma' objettiv speċifiku u jenħtieġ li tiġi applikata awtomatikament meta l-objettiv speċifiku jintgħażel għall-appoġġ. Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar id-diżimpenn, meta dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, jenħtieġ li n-nefqa relatata mal-operazzjonijiet taħt l-objettivi speċifiċi relatati ma tiġix rimborżata mill-Kummissjoni. Sabiex jinżamm qafas ta' investiment favorevoli, jenħtieġ li jkun hemm monitoraġġ regolari tal-issodisfar kontinwu tal-kundizzjonijiet abilitanti. Fuq talba ta' Stat Membru, jenħtieġ li l-BEI jkun jista' jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti rilevanti. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet magħżula għall-appoġġ jiġu implimentati b'mod konsistenti mal-istrateġiji u mad-dokumenti tal-ippjanar fis-seħħ sottostanti għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti, u b'hekk jiżguraw li l-operazzjonijiet kofinanzjati kollha jkunu konformi mal-qafas ta' politika tal-Unjoni.

(22) Filwaqt li jiġu indirizzati l-objettivi ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-appoġġ għall-konnettività tan-network mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni jenħtieġ li jkollu l-għan li jlesti il-konnessjonijiet neqsin għan-network trans-Ewropew tat-trasport.

([11]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu qafas ta' prestazzjoni għal kull programm li jkopri l-indikaturi, l-istadji importanti u l-miri kollha biex jimmonitorjaw, jirrappurtaw u jevalwaw il-prestazzjoni tal-programmi. Dan jenħtieġ jippermetti l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni matul l-implimentazzjoni, u jikkontribwixxi għall-kejl tal-prestazzjoni kumplessiva tal-Fondi.

(24) Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu rieżami ta' nofs it-terminu ta' kull programm appoġġat mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-JTF. Jenħtieġ li dak ir-rieżami jipprovdi aġġustament sħiħ tal-programmi bbażati fuq il-prestazzjoni tal-programmi, filwaqt li jagħti l-opportunità wkoll li jitqiesu sfidi ġodda u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti maħruġa fl-2024, kif ukoll il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u l-prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Għall-finijiet tar-rieżami ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li titqies ukoll is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istat Membru jew tar-reġjun ikkonċernat, inkluż kwalunkwe żvilupp finanzjarju, ekonomiku jew soċjali negattiv kbir jew sfidi demografiċi u l-progress lejn l-ilħuq tal-miri tal-kontribuzzjoni klimatika fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni jenħtieġ tħejji rapport dwar l-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu, inkluża l-valutazzjoni tagħha tal-applikazzjoni tal-ispejjeż u t-tariffi tal-ġestjoni taħt l-istrumenti finanzjarji ġestiti minn korpi magħżula permezz ta' għotja diretta.

(25) Jenħtieġ li l-mekkaniżmi biex jiżguraw rabta bejn il-politiki ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jkomplu jiġu rfinuti, biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel proposta lill-Kunsill biex tissospendi l-impenji kollha jew parti minnhom għal wieħed mill-programmi jew aktar tal-Istat Membru kkonċernat meta dak l-Istat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess tal-governanza ekonomika. L-obbligu tal-Kummissjoni li tipproponi sospensjoni jenħtieġ jiġi sospiż meta u sakemm tiġi attivata l-hekk imsejħa klawżola liberatorja ġenerali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi u fid-dawl tal-importanza li jiġu imposti l-effetti finanzjarji tal-miżuri, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu konferiti fuq il-Kunsill li jenħtieġ li jaġixxi fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li huma meħtieġa biex tiġi żgurata azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess tal-governanza ekonomika, jenħtieġ li tintuża votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata inversa. Minħabba t-tip ta' operazzjonijiet li huma appoġġati mill-FSE+ u l-programmi Interreg, il-FSE+ u dawn il-programmi jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-mekkaniżmi.

(26) Sabiex ikun jista' jingħata rispons rapidu għal ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu kif imsemmi fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir li jistgħu jirriżultaw matul il-perijodu ta' programmazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta miżuri temporanji biex tiffaċilita l-użu tal-Fondi b'reazzjoni għal ċirkostanzi bħal dawn. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta l-miżuri li huma l-aktar xierqa fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu li Stat Membru jkun qed jiffaċċa filwaqt li tippreserva l-objettivi tal-Fondi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja wkoll l-implimentazzjoni u tivvaluta l-adegwatezza ta' dawk il-miżuri.

(27) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti komuni fir-rigward tal-kontenut tal-programmi filwaqt li titqies in-natura speċifika ta' kull Fond. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiġu kkomplementati minn regoli speċifiċi għall-Fondi. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) (ir-"Regolament Interreg") jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kontenut tal-programmi Interreg.

(28) Sabiex l-implimentazzjoni tal-programmi tkun flessibbli u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li jiġu permessi trasferimenti finanzjarji limitati bejn prijoritajiet tal-istess programm mingħajr ma tkun meħtieġa deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-programm. Jenħtieġ li t-tabelli finanzjarji riveduti jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata informazzjoni aġġornata dwar allokazzjonijiet finanzjarji għal kull prijorità.

(29) Sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-JTF, jenħtieġ li jkun possibbli li riżorsi komplementari mill-FEŻR u l-FSE + ikunu disponibbli għall-JTF fuq bażi volontarja. Jenħtieġ li dawk ir-riżorsi komplementari jiġu pprovduti permezz ta' trasferiment volontarju speċifiku minn dawk il-fondi għall-JTF, filwaqt li jitqiesu l-isfidi ta' tranżizzjoni stabbiliti fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta, li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Jenħtieġ li l-ammonti li jridu jiġu ttrasferiti jiġu pprovduti mir-riżorsi tal-kategoriji tar-reġjun fejn jinsabu t-territorji identifikati fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta. Minħabba dawn l-arranġamenti speċifiċi għall-użu tar-riżorsi tal-JTF, jenħtieġ li japplika biss il-mekkaniżmu ta' trasferiment speċifiku għall-kostituzzjoni tar-riżorsi tal-JTF. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi

([12]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-Kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-istrumenti ta' finanzjament estern (ara paġna 159 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ċċarat li dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) (ir-Regolament dwar il-JTF) biss jenħtieġ li japplikaw għall-JTF u għar-riżorsi tal-FEŻR u tal-FSE+ trasferiti lill-JTF, li jsiru wkoll appoġġ mill-JTF. Jenħtieġ li la r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) (ir-Regolament FEŻR u FK) u lanqas ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) (ir-Regolament FSE +) ma japplikaw għall-appoġġ komplementari. Għalhekk, ir-riżorsi tal-FEŻR trasferiti bħala appoġġ komplementari għall-JTF jenħtieġ li jiġu esklużi mill-bażi tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika stabbiliti fir-Regolament FEŻR u FK u mill-bażi tal-kalkolu tal-allokazzjonijiet minimi għall-iżvilupp urban sostenibbli kif stabbilit fir-Regolament FEŻR u FK. L-istess japplika għar-riżorsi tal-FSE+ trasferiti bħala appoġġ komplementari għall-JTF fir-rigward tar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika stabbiliti fir-Regolament FSE+.

(30) Sabiex jissaħħaħ l-approċċ integrat għall-iżvilupp territorjali, jenħtieġ li l-investimenti fil-forma tal-għodod territorjali bħall-investimenti territorjali integrati, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, magħruf bħala "LEADER" taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), jew kull għodda territorjali oħra li tappoġġa l-inizjattivi mfassla mill-Istat Membru, ikunu bbażati fuq strateġiji ta' żvilupp territorjali u lokali. L-istess jenħtieġ li japplika għal inizjattivi relatati bħall-Irħula Intelliġenti. Għall-finijiet tal-investimenti territorjali integrati u tal-għodod territorjali mfassla mill-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-istrateġiji territorjali. Jenħtieġ li dawn l-istrateġiji territorjali jiġu żviluppati u approvati taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet jew il-korpi rilevanti. Sabiex jiġi żgurat l-involviment tal-awtoritajiet jew il-korpi rilevanti fl-istrateġiji territorjali ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li dawn l-awtoritajiet jew il-korpi jkunu responsabbli għall-għażla tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati, jew ikunu involuti f'dik l-għażla. L-istrateġiji territorjali, meta jkunu qed jippromwovu inizjattivi ta' turiżmu sostenibbli, jenħtieġ li jiżguraw bilanċ xieraq bejn il-ħtiġijiet kemm tar-residenti kif ukoll tat-turisti, bħall-interkonnessjoni ta' networks għar-roti u dawk ferrovjarji.

(31) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi tal-iżvilupp fiż-żoni rurali, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat l-appoġġ koordinat mill-Fondi u mill-FAEŻR. Jenħtieġ li l-Istati Membri u r-reġjuni jiżguraw li l-interventi appoġġati permezz tal-Fondi u l-FAEŻR ikunu komplementari u jiġu implimentati b'mod koordinat bil-ħsieb li jinħolqu sinerġiji u sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piż amministrattivi għall-korpi ta' ġestjoni u l-benefiċjarji.

(32) Sabiex jiġi mobilizzat aħjar il-potenzjal fil-livell lokali, jeħtieġ li jissaħħaħ u jiġi ffaċilitat żvilupp lokali mmexxi mill-komunità. Jenħtieġ li jqis il-ħtiġijiet lokali u l-potenzjal, kif ukoll karatteristiċi soċjokulturali rilevanti, u jenħtieġ li jipprevedi bidliet strutturali, jibni l-kapaċità tal-komunità u jistimola l-innovazzjoni. Jenħtieġ li jissaħħu l-kooperazzjoni mill-qrib u l-użu integrat tal-Fondi biex jitwasslu strateġiji għall-iżvilupp lokali. Huwa kruċjali li l-gruppi ta' azzjoni lokali li jirrappreżentaw l-interessi tal-komunità jkunu responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità. Sabiex jiġi ffaċilitat appoġġ koordinat minn Fondi differenti u l-FAEŻR għall-istrateġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħhom, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat l-użu ta' approċċ ta' "Fond Ewlieni". Meta l-FAEŻR jintgħażel bħala Fond Ewlieni, jenħtieġ li jsegwi r-regoli stabbiliti għall-approċċ tal-"Fond Ewlieni".

(33) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ ikun possibbli li tiġi implimentata assistenza teknika marbuta mal-implimentazzjoni tal-programm fuq l-inizjattiva tal-Istat Membru permezz ta' rata fissa bbażata fuq il-progress fl-implimentazzjoni tal-programm li tista' tkopri wkoll kompiti orizzontali. Madankollu, sabiex tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI u għall-programmi Interreg, jenħtieġ li jintuża biss l-approċċ b'rata fissa. Sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni finanzjarja, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jindikaw korp wieħed jew aktar li jkun jenħtieġ li jsirulhom ir-rimborżi relatati. Peress li dawn ir-rimborżi huma bbażati fuq l-applikazzjoni ta' rata fissa, il-verifiki u l-awditi jenħtieġ ikunu limitati għall-verifika li l-kondizzjonijiet li jiskattaw ir-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni jkunu ssodisfati iżda n-nefqa sottostanti ma jenħtieġx li tkun soġġetta għal verifiki jew awditi. Madankollu, fejn tkun ippreferuta l-kontinwità mal-perijodu 2014–2020, l-Istat Membru għandu jingħata wkoll il-possibbiltà li jkompli jirċievi r-rimborż tal-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrba mill-benefiċjarju u mħallsa f'operazzjonijiet ta' implimentazzjoni għal assistenza teknika implimentati permezz ta'

([13]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ara paġna 159 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ara paġna 159 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([15]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ara paġna 159 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

programm separat wieħed jew aktar jew prijorità waħda jew aktar fil-programmi. L-Istat Membru għandu jindika fil-Ftehim ta' Sħubija tiegħu l-għażla tiegħu tal-forma tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal assistenza teknika għall-perijodu kollu ta' programmazzjoni. Irrispettivament mill-opzjoni li tintgħażel, jenħtieġ li jkun possibbli l-assistenza teknika tista' tkun ikkomplementata minn miżuri ta' bini tal-kapaċità mmirati bl-użu ta' metodi ta' rimborż li mhumiex marbuta ma' kostijiet. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-azzjonijiet u r-riżultati kif ukoll pagamenti korrispondenti tal-Unjoni jkunu jistgħu jiġu miftiehma fi pjan direzzjonali u jkunu jistgħu jwasslu għal pagamenti għal riżultati fil-post.

(34) Meta Stat Membru jipproponi lill-Kummissjoni li prijorità ta' programm jew parti minnha tkun appoġġata permezz ta' skema ta' finanzjament mhux marbuta mal-kostijiet, jenħtieġ li l-azzjonijiet, ir-riżultati u l-kundizzjonijiet miftiehma jkunu relatati ma' investimenti reali mwettqa taħt il-programmi ta' ġestjoni kondiviża f'dak l-Istat Membru jew reġjun. F'dak il-kuntest, għandu jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. B'mod partikolari, fir-rigward tal-adegwatezza tal-ammonti marbuta mal-issodisfar tal-kondizzjonijiet rispettivi jew il-kisba ta' riżultati, il-Kummissjoni u l-Istat Membru jenħtieġu jiżguraw li r-riżorsi li jintużaw ikunu adegwati għall-investimenti li jsiru. Meta fi programm tintuża skema ta' finanzjament li mhijiex marbuta mal-ispejjeż, l-ispejjeż sottostanti marbuta mal-implimentazzjoni ta' dik l-iskema ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi verifiki jew awditi minħabba li l-Kummissjoni tipprevedi ftehim *ex ante* dwar l-ammonti marbuta mal-issodisfar tal-kondizzjonijiet jew mal-kisba tar-riżultati fil-programm jew f'att delegat. Il-verifiki u l-awditi għandhom minflok ikunu limitati għall-verifiki li huma ssodisfati l-kondizzjonijiet jew ir-riżultati li jiskattaw ir-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

(35) Sabiex jeżamina l-prestazzjoni ta' programmi, jenħtieġ li l-Istati Membri jwaqqfu kumitati ta' monitoraġġ, li l-kompożizzjoni tagħhom jenħtieġ li tinkludi rappreżentanti ta' sħab rilevanti. Għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-FEMSA, jenħtieġ li r-rapporti annwali ta' implimentazzjoni jiġu sostitwiti minn djalogu ta' politika strutturat annwali bbażat fuq l-aħħar informazzjoni u data dwar l-implimentazzjoni tal-programmi li jkunu saru disponibbli mill-Istat Membru. Il-laqgħa ta' rieżami jenħtieġ li tiġi organizzata wkoll għall-programmi li jkopru l-JTF.

(36) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([16]), jenħtieġ li l-Fondi jiġu evalwati fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, kif ukoll regolamentazzjoni żejda. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti, fejn xieraq, ikunu jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Fondi fuq il-post. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jippermettu wkoll il-monitoraġġ tal-appoġġ tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

(37) Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' informazzjoni aġġornata dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, jenħtieġ li jintalab rappurtar elettroniku effettiv u f'waqtu dwar id-data kwantitattiva.

(38) Sabiex tappoġġa t-tħejjija tal-programmi u l-attivitajiet relatati tal-perijodu ta' programmazzjoni sussegwenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fondi. Fi tmiem il-perijodu ta' programmazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjonijiet retrospettivi tal-Fondi, li jenħtieġ li jiffukaw fuq l-impatt tal-Fondi. Jenħtieġ li r-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet jiġu pubblikati.

(39) Jenħtieġ li l-awtoritajiet, il-benefiċjarji u l-partijiet ikkonċernati tal-programmi fl-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar il-kisbiet tal-finanzjament tal-Unjoni u jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali skont dan. It-trasparenza, il-komunikazzjoni u l-attivitajiet ta' viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni tkun viżibbli fil-post u jenħtieġ li tkun ibbażata fuq informazzjoni vera, preċiża u aġġornata. Sabiex dawk ir-rekwiżiti jkunu infurzabbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-programmi u, f'każ ta' nuqqas ta' konformità, il-Kummissjoni, ikunu jistgħu japplikaw miżuri ta' rimedju.

([16]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(40) Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jippubblikaw informazzjoni strutturata dwar operazzjonijiet magħżula u benefiċjarji fuq is-sit web tal-programm li jappoġġa l-operazzjoni, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti għall-protezzjoni ta' data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]).

(41) Bil-ħsieb li jiġi simplifikat l-użu tal-Fondi u jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji, huwa xieraq li jiġu definiti kemm il-forom tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Istati Membri kif ukoll il-forom tal-appoġġ mogħti mill-Istati Membri lill-benefiċjarji. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jipprovdu għotjiet permezz ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet fejn dawn l-għotjiet ikunu koperti minn rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni abbażi tal-istess forma, sabiex tiżdied l-esperjenza b'tali possibbiltà ta' simplifikazzjoni.

(42) Rigward l-għotjiet mogħtija lill-benefiċjarji, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu dejjem aktar użu mill-għażliet tal-kostijiet issimplifikati. Jenħtieġ li l-livell limitu marbut mal-użu obbligatorju tal-għażliet tal-kostijiet issimplifikati jkun marbut mal-kostijiet totali tal-operazzjoni sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-operazzjonijiet kollha taħt il-livell limitu, kemm jekk l-appoġġ ikun pubbliku kif ukoll jekk privat. Meta awtorità ta' ġestjoni jkollha l-intenzjoni li tipproponi l-użu ta' għażla tal-kostijiet issimplifikata f'sejħa għall-proposti, jenħtieġ li jkun possibbli li tikkonsulta lill-kumitat ta' monitoraġġ. L-ammonti u r-rati stabbiliti mill-Istati Membri jeħtieġ li jkunu indikatur affidabbli għall-ispejjeż reali. L-aġġustamenti perjodiċi huma prattika tajba fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-programm pluriennali biex jitqiesu l-fatturi li jaffettwaw ir-rati u l-ammonti. Sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tal-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi wkoll metodi u rati li jkunu jistgħu jintużaw mingħajr ir-rekwiżit li l-Istati Membri jwettqu kalkolu jew jiddefinixxu metodoloġija.

(43) Sabiex ikun hemm implimentazzjoni immedjata tar-rati fissi, jenħtieġ li kull rata fissa stabbilita mill-Istati Membri fil-perijodu bejn l-2014 u l-2020 ibbażata fuq metodu ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli tkompli tiġi applikata għal operazzjonijiet simili appoġġati taħt dan ir-Regolament mingħajr ma tkun teħtieġ metodu ta' kalkolu ġdid.

(44) Sabiex jottimizzaw l-assorbiment ta' investimenti ambjentali kofinanzjati, jenħtieġ li s-sinerġiji jiġu żgurati bil-programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika LIFE stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]), b'mod partikolari permezz ta' proġetti integrati strateġiċi LIFE u proġetti ta' natura strateġika, kif ukoll mal-proġetti finanzjati taħt Orizzont Ewropa stabbiliti permezz tar-Regolament (UE) 2021/695 ([19]) (ir- "Regolament Orizzont Ewropa") u programmi oħra tal-Unjoni Ewropea.

(45) Sabiex ikun hemm ċarezza ġuridika, huwa xieraq li jiġi speċifikat il-perijodu ta' eliġibbiltà għan-nefqa jew il-kostijiet marbuta mal-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi taħt dan ir-Regolament jew li jiġi ristrett l-appoġġ għal operazzjonijiet kompluti. Jenħtieġ li d-data li minnha n-nefqa ssir eliġibbli għal appoġġ mill-Fondi f'każ ta' adozzjoni ta' programmi ġodda jew ta' bidliet fil-programmi tiġi ċċarata wkoll, inkluż il-possibbiltà eċċezzjonali li l-perijodu ta' eliġibbiltà jiġi estiż għall-bidu ta' diżastru naturali f'każ li jkun hemm ħtieġa urġenti li r-riżorsi jiġu mobilizzati bħala reazzjoni għal dan id-diżastru. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-programm tipprevedi flessibbiltà fir-rigward tal-eliġibbiltà tan-nefqa għal operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-programm, irrispettivament jekk jiġux implimentati barra minn Stat Membru jew l-Unjoni jew fl-istess kategorija ta' reġjun fi Stat Membru.

(46) Sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' sħubiji pubbliċi-privati (PPPs), il-ftehim tal-PPP jenħtieġ li jispeċifika meta n-nefqa titqies li hija eliġibbli, b'mod partikolari taħt liema kondizzjonijiet tkun saret mill-benefiċjarju jew mis-sieħeb privat tal-PPP, irrispettivament minn min qed iwettaq il-pagamenti fl-implimentazzjoni tal-operazzjoni tal-PPP.

---

([17]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

([19]) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

(47) Sabiex ikunu żgurati l-effettività, il-ġustizzja u l-impatt sostenibbli tal-Fondi, jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet li jiggarantixxu li l-investimenti fl-infrastruttura jew l-investiment produttiv idumu u jimpedixxu l-użu ta' dawn il-Fondi għal vantaġġ mhux dovut. Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni joqogħdu attenti b'mod partikolari li ma jappoġġawx ir-rilokazzjoni meta jagħżlu l-operazzjonijiet u li jittrattaw is-somom imħallsa b'mod mhux dovut lil operazzjonijiet li ma jikkonformawx mar-rekwiżit tad-durabbiltà bħala irregolaritajiet.

(48) Bil-ħsieb li jittejbu l-komplementarjetajiet u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi kkombinat l-appoġġ mill-FEŻR, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-JTF mal-appoġġ mill-FSE+ fi programmi konġunti taħt l-Investiment għall-għan tal-impjiegi u t-tkabbir.

(49) Sabiex jiġi ottimizzat il-valur miżjud mill-investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment permezz tal-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li wieħed ifittex sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Fondi u l-istrumenti rilevanti l-oħra, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit. Jenħtieġ li dawk is-sinerġiji jinkisbu permezz ta' mekkaniżmi ewlenin faċli għall-utent, jiġifieri r-rikonoxximent ta' rati fissi għal kostijiet eliġibbli mill-Orizzont Ewropa għal operazzjoni simili u l-possibbiltà li jiġi kkombinat finanzjament minn strumenti tal-Unjoni differenti fl-istess operazzjoni sakemm jiġi evitat finanzjament doppju. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal finanzjament komplementari mill-Fondi.

(50) Jenħtieġ li l-istrumenti finanzjarji ma jintużawx biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' rifinanzjament, bħal sostituzzjoni ta' ftehimiet ta' self eżistenti jew forom oħra ta' finanzjament għal investimenti li diġà ġew kompluti fiżikament jew implimentati bis-sħiħ fid-data tad-deċiżjoni tal-investiment, iżda minflok jappoġġaw kull tip ta' investiment ġdid f'konformità mal-objettivi ta' politika sottostanti.

(51) Jenħtieġ li d-deċiżjoni mill-awtoritajiet ta' ġestjoni li jiġu ffinanzjati miżuri ta' appoġġ permezz ta' strumenti finanzjarji tiġi determinata fuq il-bażi ta' valutazzjoni *ex ante*. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-elementi obbligatorji ta' valutazzjonijiet *ex ante*, li għalihom jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni indikattiva disponibbli fid-data tat-tlestija tagħhom, u jenħtieġ li jippermetti li Stat Membru jagħmel użu mill-valutazzjonijiet *ex ante* mwettqa għall-perijodu mill-2014 sal-2020, jiġi aġġornat fejn meħtieġ, sabiex jevita piż amministrattiv u dewmien fit-twaqqif ta' strumenti finanzjarji.

(52) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' ċerti tipi ta' strumenti finanzjarji meta jkun previst appoġġ fil-forma ta' għotjiet, inkluż fil-forma ta' ribassi kapitali, huwa possibbli li jiġu applikati r-regoli dwar l-istrumenti finanzjarji dwar kombinazzjoni bħal din f'operazzjoni ta' strument finanzjarju waħda. Madankollu, għandhom jiġu stabbiliti kondizzjonijiet għal tali appoġġ għall-programm u kondizzjonijiet speċifiċi li jipprevjenu l-finanzjament doppju.

(53) B'rispett sħiħ għall-għajnuna mill-Istat u r-regoli tal-akkwist pubbliku applikabbli li ġew iċċarati matul il-perijodu ta' programmazzjoni bejn l-2014 u l-2020, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu dwar l-għażliet ta' implimentazzjoni l-aktar xierqa għall-istrumenti finanzjarji sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni mmirati. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità mal-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-awtoritajiet ta' ġestjoni jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jimplimentaw strumenti finanzjarji permezz ta' għoti dirett ta' kuntratt lill-BEI u lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li fihom Stat Membru jkun azzjonist. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom ukoll il-possibbiltà li jagħtu kuntratti direttament lil banek jew istituzzjonijiet bi sjieda pubblika li jissodisfaw l-istess kondizzjonijiet stretti kif previst fir-Regolament Finanzjarju għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Dan ir-Regolament għandu jipprevedi kondizzjonijiet ċari sabiex jiġi żgurat li l-possibbiltà ta' għoti dirett tibqa' konsistenti mal-prinċipji tas-suq intern. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ lill-awdituri, lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u lill-benefiċjarji bil-għan li tiġi żgurata l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(54) Fid-dawl tal-ambjent dejjiemi ta' rati ta' imgħax baxx u sabiex ma jiġux ippenalizzati indebitament korpi li jimplimentaw strumenti finanzjarji, huwa meħtieġ li, soġġett għall-immaniġġjar attiv ta' flus minn dawn il-korpi, ikun jista' jsir finanzjament tal-imgħax negattiv iġġenerat bħala riżultat tal-investimenti tal-Fondi minn riżorsi mħallsin lura fl-istrument finanzjarju. Permezz ta' ġestjoni attiva tat-teżor, il-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji jenħtieġ li jfittxu li jottimizzaw ir-redditi u jimminimizzaw l-imposti, f'livell aċċettabbli ta' riskju.

(55) Skont il-prinċipju u r-regoli tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-programmi u jassiguraw l-użu legali u regolari tal-Fondi. Billi jenħtieġ li l-Istati Membri

jkollhom ir-responsabbiltà primarja għal din il-ġestjoni u l-kontroll u jenħtieġ li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi jikkonformaw mad-dritt applikabbli, jenħtieġ li jiġu spjegati l-obbligi tagħhom f'dak ir-rigward. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni f'dak il-kuntest.

(56) Sabiex jitħaffef il-bidu tal-implimentazzjoni tal-programmi, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat ir-riportament tal-arranġamenti ta' implimentazzjoni mill-perijodu ta' programmazzjoni preċedenti. Jenħtieġ li jinżamm l-użu ta' sistema kompjuterizzata diġà stabbilita għall-perijodu ta' programmazzjoni preċedenti, adatta skont kif meħtieġ, sakemm ma tkunx meħtieġa teknoloġija ġdida.

(57) Sabiex jiġi appoġġat l-użu effettiv tal-Fondi, l-appoġġ tal-BEI jenħtieġ li jkun disponibbli għall-Istati Membri kollha fuq talba tagħhom. Tali appoġġ jista' jkopri l-bini tal-kapaċità, l-appoġġ għall-identifikazzjoni tal-proġett, it-tħejjija u l-implimentazzjoni, kif ukoll pariri dwar l-istrumenti finanzjarji u l-pjattaformi ta' investiment.

(58) Stat Membru jenħtieġ li jkollu l-possibbiltà, fuq l-inizjattiva proprja, li jidentifika korp ta' koordinazzjoni biex jikkoordina mal-Kummissjoni u jipprovdilha l-informazzjoni u jikkoordina attivitajiet tal-awtoritajiet tal-programm f'dak l-Istat Membru.

(59) Sabiex jiġu ssimplifikati l-funzjonijiet tal-ġestjoni tal-programmi, jenħtieġ li tinżamm l-integrazzjoni ta' funzjonijiet ta' kontabbiltà ma' dawk tal-awtorità ta' ġestjoni għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI u jenħtieġ li din tkun għażla għall-Fondi l-oħra.

(60) Billi l-awtorità ta' ġestjoni għandha r-responsabbiltà ewlenija għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Fondi u għaldaqstant tissodisfa firxa wiesa' ta' funzjonijiet, jenħtieġ li l-funzjonijiet tagħha fir-rigward tal-għażla tal-operazzjonijiet, tal-ġestjoni tal-programmi u tal-appoġġ għall-kumitat ta' monitoraġġ jiġu stabbiliti fid-dettall. Il-proċeduri għall-għażla tal-operazzjonijiet jistgħu jkunu kompetittivi jew mhux kompetittivi sakemm il-kriterji applikati u l-proċeduri użati jkunu nondiskriminatorji, inklużivi u trasparenti u l-operazzjonijiet magħżula jimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni u jkunu konformi mal-prinċipji orizzontali definiti f'dan ir-Regolament. Bil-ħsieb li jintlaħaq l-objettiv li jkun hemm Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima tal-investimenti fl-infrastruttura u jenħtieġ li jagħtu prijorità lill-operazzjonijiet li jirrispettaw il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" meta jagħżlu investimenti bħal dawn.

(61) Jenħtieġ li jiġu ottimizzati s-sinerġiji bejn il-Fondi u l-istrumenti ġestiti direttament. Jenħtieġ li jiġi ffaċilitat l-għoti ta' appoġġ għal operazzjonijiet li diġà rċevew Siġill ta' Eċċellenza jew li kienu kofinanzjati minn Orizzont Ewropa b'kontribuzzjoni mill-Fondi. Jenħtieġ li l-kondizzjonijiet li diġà ġew ivvalutati fil-livell tal-Unjoni, qabel l-għoti tat-tikketta ta' kwalità Siġill ta' Eċċellenza jew kofinanzjament minn Orizzont Ewropa, ma jerġgħux jiġu vvalutati, sakemm l-operazzjonijiet jikkonformaw ma' sett limitat ta' rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li jiffaċilita wkoll li jiġu segwiti r-regoli xierqa stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([20]).

(62) Biex jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Fondi u l-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi relatati, jenħtieġ li l-frekwenza, l-ambitu u l-kopertura tal-verifiki ta' ġestjoni jkunu bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju li tqis fatturi bħall-għadd, it-tip, id-daqs u l-kontenut ta' operazzjonijiet implimentati, il-benefiċjarji kif ukoll il-livell tar-riskju identifikat mill-verifiki ta' ġestjoni u l-awditi preċedenti. Il-verifiki ta' ġestjoni jenħtieġ li jkunu proporzjonati għar-riskji li jirriżultaw minn dik il-valutazzjoni tar-riskju u l-awditi jenħtieġ li jkunu proporzjonati għal-livell ta' riskju għall-baġit tal-Unjoni.

(63) Jenħtieġ li l-awtorità tal-awditjar twettaq awditi u tiżgura li l-opinjoni tal-awditjar mogħtija lill-Kummissjoni tkun affidabbli. Jenħtieġ li l-opinjoni tal-awditjar tassigura lill-Kummissjoni fuq tliet punti, jiġifieri l-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata, il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll u l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet. Fejn awditu bbażat fuq standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment li jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli jkun twettaq minn awditur indipendenti dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapporti li jistabbilixxu l-użu ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni, dak l-awditu għandu jifforma l-bażi tal-assigurazzjoni inġenerali li l-awtorità tal-awditjar tipprovdi lill-Kummissjoni, sakemm ikun hemm biżżejjed evidenza tal-indipendenza u l-kompetenza tal-awditur f'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju.

([20]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

(64) Jenħtieġ li jkun possibbli tnaqqis ta' rekwiżiti ta' verifiki u awditi meta jiġi assigurat li l-programm ikun iffunzjona b'mod effettiv għall-aħħar sentejn konsekuttivi, billi dan juri li l-Fondi qed jiġu implimentati b'mod effettiv u effiċjenti fuq perijodu mtawwal ta' żmien.

(65) Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-ispejjeż amministrattivi kif ukoll biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-awditi u l-verifiki tal-ġestjoni tal-istess nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni, jenħtieġ li tiġi speċifikata l-applikazzjoni konkreta tal-prinċipju tal-awditjar uniku għall-Fondi.

(66) Sabiex jissaħħaħ ir-rwol preventiv tal-awditjar, tiġi pprovduta trasparenza legali u tiġi kondiviża l-prattika tajba, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tikkondividi r-rapporti tal-awditjar fuq talba tal-Istati Membri, bil-kunsens tal-Istati Membri awditjati.

(67) Sabiex tittejjeb il-ġestjoni finanzjarja, jenħtieġ li tiġi prevista skema ta' prefinanzjament simplifikata. Jenħtieġ li l-iskema ta' prefinanzjament tiżgura li Stat Membru jkollu l-mezzi biex jappoġġa lill-benefiċjarji mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.

(68) Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita skeda ta' talbiet għall-ħlas. Jenħtieġ li l-pagamenti tal-Kummissjoni jkunu soġġetti għal żamma ta' 5 % sakemm jitħallas il-bilanċ annwali tal-kontijiet meta l-Kummissjoni tkun tista' tikkonkludi li l-kontijiet huma kompluti, preċiżi u veri.

(69) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-proċedura għall-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet tiġi simplifikata billi jingħataw arranġamenti aktar sempliċi għal pagamenti u rkupri meta ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' qbil bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru.

(70) Sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji u l-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li l-miżuri proporzjonati jiġu stabbiliti u implimentati fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinterrompi l-iskadenzi tal-pagamenti, tissospendi l-pagamenti interim u tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rispettivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità billi tqis in-natura, is-serjetà u l-frekwenza tal-irregolaritajiet u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom għall-baġit tal-Unjoni. Fejn ma jkunx possibbli għall-Kummissjoni li tikkwantifika b'mod preċiż l-ammont ta' nefqa irregolari sabiex tapplika korrezzjonijiet finanzjarji marbuta ma' każijiet individwali, għandha tapplika korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa jew statistikament estrapolata. Jenħtieġ li s-sospensjoni tal-pagamenti interim abbażi ta' opinjoni motivata maħruġa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE tkun possibbli sakemm ikun hemm rabta diretta biżżejjed bejn il-kwistjoni indirizzata mill-opinjoni motivata u n-nefqa inkwistjoni li tista' tpoġġi f'riskju l-legalità u r-regolarità tagħha.

(71) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevjenu, isibu u jindirizzaw b'mod effettiv kwalunkwe irregolarità, inkluż frodi mwettqa mill-operaturi ekonomiċi. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]), u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([22]) u (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([23]), l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 ([24]), li jinvestiga u jressaq għal prosekuzzjoni każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]). Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi

([21]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

([22]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

([23]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

([24]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

([25]) Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

tal-Unjoni tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE,u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrappurtaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni irregolaritajiet mikxufa, inkluż frodi, u kwalunkwe azzjoni ta' segwitu li jkunu ħadu fir-rigward ta' tali irregolaritajiet kif ukoll fir-rigward ta' kwalunkwe investigazzjoni tal-OLAF.

(72) Biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel disponibbli sistema integrata u interoperabbli ta' informazzjoni u monitoraġġ, li tinkludi għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u għall-valutazzjoni tar-riskju biex taċċessa u tanalizza d-data rilevanti, u jenħtieġ li l-Kummissjoni theġġeġ l-użu tagħha bil-ħsieb ta' applikazzjoni ġeneralizzata mill-Istati Membri.

(73) F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([26]), sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u ta' Next Generation EU kontra irregolaritajiet inkluż frodi, għandhom jiġu introdotti miżuri standardizzati għall-ġbir, it-tqabbil u l-aggregazzjoni ta' informazzjoni u ċifri dwar ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għall-finijiet ta' kontroll u awditjar. Il-ġbir ta' data dwar dawk li fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw, direttament jew indirettament, minn finanzjament tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, inkluż id-data dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni, huwa meħtieġ biex jiġu żgurati kontrolli u awditi effettivi.

(74) Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni kontra l-irregolaritajiet, inkluż il-frodi, huwa meħtieġ li tiġi pproċessata d-data personali tas-sidien benefiċjarji li huma persuni fiżiċi. B'mod partikolari, sabiex tali frodi jiġu identifikati, investigati u mħarrka b'mod effettiv jew sabiex jiġu rimedjati l-irregolaritajiet, jeħtieġ li jkunu jistgħu jiġu identifikati s-sidien benefiċjarji li huma persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw minn irregolaritajiet, inkluż frodi. Għal dak il-għan, u għall-fini ta' simplifikazzjoni u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jithallew jikkonformaw mal-obbligu tagħhom dwar informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji billi jużaw id-*data* maħżuna fir-reġistru diġà użat għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]). F'dak ir-rigward, l-għanijiet ta' ipproċessar tad-data personali tas-sidien benefiċjarji skont dan ir-Regolament, jiġifieri li jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu u jirrappurtaw l-irregolaritajiet inkluż il-frodi, huma kompatibbli mal-għanijiet ta' ipproċessar tad-data personali skont id-Direttiva (UE) 2015/849.

(75) Sabiex titheġġeġ id-dixxiplina finanzjarja, huwa xieraq li jiġu definiti l-arranġamenti għal diżimpenn ta' impenji baġitarji fil-livell tal-programmi.

(76) Sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien xieraq biex jiddikjaraw lill-Kummissjoni n-nefqa sal-livell disponibbli tar-riżorsi fil-każ tal-adozzjoni tar-regoli jew il-programmi l-ġodda taht ġestjoni kondiviża wara l-1 ta' Jannar 2021, l-ammonti li jikkorrispondu għall-allokazzjonijiet mhux użati fis-sena 2021 għandhom jiġu ttrasferiti fi proporzjonijiet ugwali għas-snin 2022 sa 2025 kif previst skont [l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([28])].

(77) Sabiex jiġu promossi l-objettivi TFUE relatati mal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jenħtieġ li l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir tappoġġa r-reġjuni kollha. Sabiex jiġi pprovdut appoġġ bilanċjat u gradwali u li jirrifletti l-livell tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, jenħtieġ li r-riżorsi taħt dik il-mira jiġu allokati mill-FEŻR u mill-FSE+ fuq il-bażi ta' koeffiċjent tal-allokazzjoni li jkun ibbażat b'mod predominanti fuq il-prodott domestiku gross (PDG) per capita. Jenħtieġ li l-Istati Membri li d-dħul nazzjonali gross (DNG) per capita tagħhom ikun inqas minn 90 % ta' dak tal-medja tal-Unjoni jibbenefikaw taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir mill-Fond ta' Koeżjoni.

([26]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
([27]) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).
([28]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

(78) Ir-riżorsi għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri fuq il-bażi tal-metodoloġija ta' allokazzjoni li tqis b'mod partikolari d-densità tal-popolazzjoni fiż-żoni fuq il-fruntiera. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-programmi eżistenti, jenħtieġ li fir-Regolament rilevanti speċifiku għall-Fond jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi għad-definizzjoni taż-żoni tal-programm u l-eliġibbiltà tar-reġjuni taħt il-fergħat differenti ta' Interreg.

(79) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi sabiex jintgħażlu reġjuni u żoni eliġibbli għal appoġġ mill-Fondi. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-identifikazzjoni tar-reġjuni u ż-żoni fil-livell tal-Unjoni tkun ibbażata fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2066 ([30]).

(80) Sabiex tistabbilixxi qafas finanzjarju xieraq għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-JTF, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi tqassim annwali ta' allokazzjonijiet disponibbli għal kull Stat Membru taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli, kif ukoll l-allokazzjonijiet għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).

(81) Il-proġetti tan-networks tat-trasport trans-Ewropej skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ir- "Regolament FNE") iridu jkomplu jiġu ffinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni permezz ta' ġestjoni kondiviża kif ukoll permezz ta' implimentazzjoni diretta taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE). B'segwitu għall-approċċ b'suċċess tal-perijodu ta' programmazzjoni mill-2014 sal-2020, jenħtieġ li jiġu trasferiti EUR 10 000 000 000 mill-Fond ta' Koeżjoni lill-FNE għal dan il-għan.

(82) Jenħtieġ li ċertu ammont tar-riżorsi mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni jiġu allokati mill-Inizjattiva Urbana Ewropea li jenħtieġ li tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni.

(83) Bil-ħsieb li tiġi żgurata allokazzjoni xierqa għall-kategoriji tar-reġjun, u bħala prinċipju, jenħtieġ li l-allokazzjonijiet totali lill-Istati Membri fir-rigward ta' reġjuni inqas żviluppati, dawk fi tranżizzjoni u dawk aktar żviluppati ma jkunux trasferibbli minn kategorija għal oħra. Madankollu, sabiex jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-Istati Membri biex jindirizzaw sfidi speċifiċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jitolbu trasferiment mill-allokazzjonijiet tagħhom għal reġjuni aktar żviluppati jew għal reġjuni fi tranżizzjoni lejn reġjuni inqas żviluppati u mir-reġjuni aktar żviluppati għar-reġjuni fi tranżizzjoni u, f'tali każ, jenħtieġ li jiġġustifikaw din l-għażla. Sabiex jiżguraw biżżejjed riżorsi finanzjarji għar-reġjuni inqas żviluppati, jenħtieġ li jiġi stabbilit livell limitu għat-trasferimenti lejn reġjuni aktar żviluppati jew reġjuni fi tranżizzjoni. It-trasferibbiltà tar-riżorsi bejn l-għanijiet m'għandhiex tkun possibbli ħlief għal każijiet strettament stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(84) Meta reġjun ikun ġie kkategorizzat bħala reġjun aktar żviluppat għall-perijodu 2014-2020 iżda jiġi kkategorizzat bħala reġjun ta' tranżizzjoni għall-perijodu 2021-2027 u għalhekk jirċievi inqas appoġġ għall-perijodu 2021-2027 abbażi tal-metodoloġija tal-allokazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat huwa mistieden iqis dan il-fattur meta jiddeċiedi dwar id-distribuzzjoni interna tiegħu tal-finanzjament.

(85) Fil-kuntest taċ-ċirkustanzi uniċi u speċifiċi fil-gżira tal-Irlanda, u bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar skont il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira, programm transfruntier "PEACEPLUS" irid ikompli u jibni fuq il-ħidma ta' programmi preċedenti, Peace u Interreg, bejn il-kontej transfruntiera tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq. Meta wieħed iqis l-importanza prattika tiegħu, jenħtieġ li dak il-programm jiġi appoġġat b'allokazzjoni speċifika biex ikompli jappoġġa azzjonijiet għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni, u jenħtieġ li jiġi allokat ukoll sehem xieraq mill-allokazzjoni Irlandiża taħt l- Interreg għal dak il-programm.

([29]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

([30]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2066 tal-21 ta' Novembru 2016 li jemenda l-annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 322, 29.11.2016, p. 1).

(86) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rati massimi ta' kofinanzjament fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni skont il-kategorija tar-reġjun, fejn applikabbli, sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' kofinanzjament jiġi rispettat permezz ta' livell xieraq ta' appoġġ nazzjonali pubbliku jew privat. Jenħtieġ li dawn ir-rati jirriflettu l-livell tal-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni f'termini ta' PDG per capita fir-rigward tal-medja tal-UE-27, filwaqt li ma jissalvagwardawx trattament inqas favorevoli minħabba tibdil fil-kategorizzazzjoni tagħhom.

(87) Fil-qafas tar-regoli rilevanti taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir kif iċċarat fil-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar sħubija, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu talba debitament ġustifikata għal aktar flessibbiltà għan-nefqa strutturali pubblika jew ekwivalenti appoġġata mill-amministrazzjoni pubblika permezz tal-kofinanzjament ta' investimenti.

(88) Sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emendar tal-elementi inklużi f'ċerti Annessi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri għad-dimensjonijiet u għall-kodiċijiet għat-tipi ta' intervent, il-mudelli għall-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi, il-mudelli għat-trażmissjoni tad-data, il-mudell għat-tbassir tal-applikazzjonijiet ta' pagament lill-Kummissjoni, l-użu tal-emblema tal-Unjoni, l-elementi għall-ftehimiet ta' finanzjament u d-dokumenti ta' strateġija, is-sistemi ta' skambju elettroniku ta' data bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, il-mudelli għad-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll, għad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, għall-opinjoni tal-awditjar annwali, għar-rapport annwali ta' kontroll, għar-rapport tal-awditjar annwali għall-istrumenti finanzjarji implimentat mill-BEI jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn, għall-istrateġija tal-awditjar, għat-talbiet għall-ħlas, għall-kontijiet, għal regoli dettaljati u mudell għar-rappurtar ta' irregolaritajiet u għad-determinazzjoni tal-livell tal-korrezzjonijiet finanzjarji.

(89) Is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda tal-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar sħubija sabiex dak il-kodiċi ta' kondotta jiġi adattat għal dan ir-Regolament, id-definizzjoni fil-livell tal-Unjoni tal-kostijiet unitarji, is-somom f'daqqa, ir-rati fissi u l-finanzjament mhux marbut ma' kostijiet applikabbli għall-Istati Membri kif ukoll l-istabbiliment standardizzat tal-metodoloġiji ta' kampjunar prekostitwiti.

(90) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa u trasparenti mal-partijiet interessati kollha matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(91) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija, l-adozzjoni jew l-emendar tal-programmi kif ukoll l-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni. Is-setgħat ta' implimentazzjoni f'rabta mal-istabbiliment tat-tqassim tal-allokazzjonijiet finanzjarji għall-FEŻR, l-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni jenħtieġ li jiġu adottati mingħajr proċeduri ta' kumitat, peress li dawn jirriflettu sempliċiment l-applikazzjoni ta' metodoloġija għall-ikkalkular definita minn qabel. Bl-istess mod, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi b'reazzjoni għal ċirkostanzi eċċezzjonali jiġu adottati mingħajr proċeduri ta' kumitat minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni huwa ddeterminat mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u huwa limitat għall-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament

(92) Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni marbuta mal-mudell għar-rapport finali dwar il-prestazzjoni jkunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]). Għalkemm l-att ta' implimentazzjoni huwa ta' natura ġenerali, jenħtieġ li tintuża l-proċedura konsultattiva għall-adozzjoni tiegħu, peress li huwa jistabbilixxi biss l-aspetti tekniċi, il-forom u l-mudelli..

([31]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(93) Billi r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) jew kull att applikabbli għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 jenħtieġ li jibqa' japplika għall-programmi u għall-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi koperti skont il-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Billi l-perijodu ta' implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament huwa mistenni li jwassal sal-perijodu ta' programmazzjoni kopert minn dan ir-Regolament u sabiex tkun żgurata l-kontinwità tal-implimentazzjoni ta' ċerti operazzjonijiet approvati minn dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għat-tqassim f'fażijiet differenti. Kull fażi individwali tal-operazzjoni f'fażijiet, li sservi l-istess objettiv ġenerali, jenħtieġ li tiġi implimentata skont ir-regoli tal-perijodu ta' programmazzjoni li taħtu tirċievi finanzjament, filwaqt li l-awtorità ta' ġestjoni tkun tista' tipproċedi bl-għażla tat-tieni fażi abbażi tal-proċedura tal-għażla mwettqa taħt il-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għall-operazzjoni rilevanti, dment li tkun tissodisfa ruħha li l-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament għal implimentazzjoni f'fażijiet jiġu ssodisfati.

(94) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jiġu stabbiliti regoli finanzjarji komuni għall-parti mill-baġit tal-Unjoni implimentati skont il-ġestjoni kondiviża, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għar-raġuni tal-livell ta' disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw ir-reġjuni li huma anqas favoriti, il-limitazzjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri u tar-reġjuni u l-ħtieġa għal qafas koerenti ta' implimentazzjoni li jkopri diversi fondi tal-Unjoni skont il-ġestjoni kondiviża, iżda jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(95) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

(96) Fid-dawl tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament wara l-bidu tal-perijodu ta' programmazzjoni, u filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu implimentati Fondi tal-Unjoni koperti minn dan ir-Regolament b'mod koordinat u armonizzat, u sabiex ikun jista' jiġi implimentat fil-pront, jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

([32]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

WERREJ

TITOLU I OBJETTIVI U REGOLI ĠENERALI DWAR L-APPOĠĠdefinizzjonijiet u regoli ġenerali

Kapitolu I Suġġett, definizzjonijiet u regoli ġenerali

Artikolu 1 Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 2 Definizzjonijiet

Artikolu 3 Il-kalkolu tal-limiti ta' żmien għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni

Artikolu 4 Ipproċessar u protezzjoni tad-data personali

Kapitolu II Objettivi ta' politika u prinċipji għall-appoġġ tal-Fondi

Artikolu 5 Objettivi ta' politika

Artikolu 6 Miri klimatiċi u mekkaniżmu ta' aġġustament għall-klima

Artikolu 7 Ġestjoni kondiviża

Artikolu 8 Is-sħubija u l-governanza f'diversi livelli

Artikolu 9 Prinċipji Orizzontali

TITOLU II APPROĊĊ STRATEĠIKU

Kapitolu I Ftehim ta' Sħubija

Artikolu 10 Tħejjija u preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija

Artikolu 11 Kontenut tal-Ftehim ta' Sħubija

Artikolu 12 Approvazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija

Artikolu 13 Emendar tal-Ftehim ta' Sħubija

Artikolu 14 L-użu tal-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-FEMSA mwettqa bis-saħħa tal-Programm InvestEU

Kapitolu II Kondizzjonijiet abilitanti u qafas tal-prestazzjoni

Artikolu 15 Kondizzjonijiet abilitanti

Artikolu 16 Qafas tal-prestazzjoni

Artikolu 17 Metodoloġija għall-istabbiliment tal-qafas tal-prestazzjoni

Artikolu 18 Rieżami ta' nofs it-terminu u ammont ta' flessibbiltà

Kapitolu III Miżuri marbuta ma' governanza ekonomika tajba u ma' ċirkostanzi eċċezzjonali u jew mhux tas-soltu

Artikolu 19 Miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi mal-governanza ekonomika tajba

Artikolu 20 Miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi b'reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu

TITOLU III PROGRAMMAZZJONI

Kapitolu I Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi

Artikolu 21 Tħejjija u preżentazzjoni tal-programmi

Artikolu 22 Il-kontenut tal-programmi

Artikolu 23 L-approvazzjoni tal-programmi

Artikolu 24 Emendar ta' programmi

Artikolu 25 Appoġġ konġunt mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-JTF

Artikolu 26 Trasferiment ta' riżorsi

Artikolu 27 Trasferiment ta' riżorsi mill-FEŻR u mill-FSE+ lejn il-JTF

| | | |
|---|---|---|
| Kapitolu II | Żvilupp Territorjali | |
| | Artikolu 28 | Żvilupp territorjali integrat |
| | Artikolu 29 | Strateġiji territorjali |
| | Artikolu 30 | Investiment territorjali integrat |
| | Artikolu 31 | Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità |
| | Artikolu 32 | Strateġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità |
| | Artikolu 33 | Gruppi ta' azzjoni lokali |
| | Artikolu 34 | Appoġġ mill-Fondi għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità |
| Kapitolu III | Assistenza teknika | |
| | Artikolu 35 | Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni |
| | Artikolu 36 | Assistenza teknika tal-Istati Membri |
| | Artikolu 37 | Finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż għall-assistenza teknika tal-Istati Membri |
| TITOLU IV | MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI, KOMUNIKAZZJONI U VIŻIBBILTÀ | |
| Kapitolu I | Monitoraġġ | |
| | Artikolu 38 | Kumitat ta' Monitoraġġ |
| | Artikolu 39 | Kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ |
| | Artikolu 40 | Funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ |
| | Artikolu 41 | Rieżami annwali dwar il-prestazzjoni |
| | Artikolu 42 | Trażmissjoni ta' data |
| | Artikolu 43 | Rapport finali dwar il-prestazzjoni |
| Kapitolu II | Evalwazzjoni | |
| | Artikolu 44 | Evalwazzjonijiet mill-Istati Membri |
| | Artikolu 45 | Evalwazzjoni mill-Kummissjoni |
| Kapitolu III | Viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni | |
| Taqsima I | Viżibbiltà tal-appoġġ mill-Fondi | |
| | Artikolu 46 | Viżibbiltà |
| | Artikolu 47 | Emblema tal-Unjoni |
| | Artikolu 48 | Uffiċjali għall-komunikazzjoni u n-networks |
| Taqsima II | Trasparenza tal-implimentazzjoni tal-Fondi u komunikazzjoni dwar il-programmi | |
| | Artikolu 49 | Responsabbiltajiet tal-awtorità ta' ġestjoni |
| | Artikolu 50 | Responsabbiltajiet tal-benefiċjarji |
| TITOLU V | APPOĠĠ FINANZJARJU MILL-FONDI | |
| Kapitolu I | Forom ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni | |
| | Artikolu 51 | Forom ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi |
| Kapitolu II | Forom ta' appoġġ mill-Istati Membri | |
| | Artikolu 52 | Forom ta' appoġġ |

Taqsima I FOROM TA’ GĦOTJIET

Artikolu 53 Forom ta’ għotjiet

Artikolu 54 Finanzjament b’rata fissa għall-kostijiet indiretti li jikkonċernaw l-għotjiet

Artikolu 55 Kostijiet diretti tal-persunal dwar għotjiet

Artikolu 56 Finanzjament b’rata fissa għall-kostijiet eliġibbli għajr kostijiet tal-persunal li jikkonċernaw għotjiet

Artikolu 57 Għotjiet taħt kondizzjonijiet

Taqsima II Strumenti Finanzjarji

Artikolu 58 Strumenti finanzjarji

Artikolu 59 Implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji

Artikolu 60 Imgħax u dħul ieħor iġġenerat permezz tas-sostenn mill-Fondi għall-istrumenti finanzjarji

Artikolu 61 Trattament differenzjat tal-investituri

Artikolu 62 Użu mill-ġdid tar-riżorsi attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi

Kapitolu III Regoli ta’ eliġibbiltà

Artikolu 63 Eliġibbiltà

Artikolu 64 Kostijiet mhux eliġibbli

Artikolu 65 Durabbiltà tal-operazzjonijiet

Artikolu 66 Rilokazzjoni

Artikolu 67 Regoli tal-eliġibbiltà speċifiċi għall-għotjiet

Artikolu 68 Regoli tal-eliġibbiltà speċifiċi għall-istrumenti finanzjarji

TITOLU VI ĠESTJONI U KONTROLL

KAPITOLU I Regoli ġenerali dwar il-ġestjoni u l-kontroll

Artikolu 69 Responsabbiltajiet tal-Istati Membri

Artikolu 70 Setgħat u responsabbiltajiet tal-Kummissjoni

Artikolu 71 Awtoritajiet tal-programm

Kapitolu II Sistemi standard ta’ ġestjoni u kontroll

Artikolu 72 Il-funzjonijiet tal-awtorità ta’ ġestjoni

Artikolu 73 Għażla ta’ operazzjonijiet mill-awtorità ta’ ġestjoni

Artikolu 74 Ġestjoni tal-programm mill-awtorità ta’ ġestjoni

Artikolu 75 Appoġġ għax-xogħol tal-kumitat ta’ monitoraġġ mill-awtorità ta’ ġestjoni

Artikolu 76 Il-funzjoni kontabilistika

Artikolu 77 Funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar

Artikolu 78 Strateġija tal-awditjar

Artikolu 79 Awditjar tal-operazzjonijiet

Artikolu 80 Arranġamenti għal awditu uniku

Artikolu 81 Il-verifiki ta’ ġestjoni u l-awditjar ta’ strumenti finanzjarji

Artikolu 82 Disponibbiltà tad-dokumenti

Kapitolu III Dipendenza fuq sistemi ta’ ġestjoni nazzjonali

Artikolu 83 Arranġamenti proporzjonati msaħħa

Artikolu 84 Kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta’ arranġamenti proporzjonati msaħħa

Artikolu 85 Aġġustament matul il-perijodu ta’ programmazzjoni

TITOLU VII ĠESTJONI FINANZJARJA, PREŻENTAZZJONI U EŻAMI TAL-KONTIJIET U TAL-KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

Kapitolu I Ġestjoni finanzjarja

Taqsima I Regoli tal-kontabbiltà ġenerali

Artikolu 86 Impenji Baġitarji

Artikolu 87 Użu tal-euro

Artikolu 88 Ħlas lura

Taqsima II Regoli għal pagamenti lill-Istati Membri

Artikolu 89 Tipi ta' pagamenti

Artikolu 90 Prefinanzjament

Artikolu 91 Applikazzjonijiet għal pagamenti

Artikolu 92 Elementi speċifiċi għal strumenti finanzjarji f'applikazzjonijiet għal pagament

Artikolu 93 Regoli komuni għal pagamenti

Artikolu 94 Il-kontribuzzjoni mill-Unjoni fuq il-bażi ta' kostijiet ta' unità, somom f'daqqa u rati fissi

Artikolu 95 Kontribuzzjoni tal-Unjoni abbażi ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet

Taqsima III Interruzzjonijiet u sospensjonijiet

Artikolu 96 Interruzzjoni tal-iskadenza għall-ħlas

Artikolu 97 Sospensjoni ta' pagamenti

Kapitolu II Preżentazzjoni u eżami tal-kontijiet

Artikolu 98 Kontenut u preżentazzjoni tal-kontijiet

Artikolu 99 Eżami tal-kontijiet

Artikolu 100 Kalkolu tal-bilanċ

Artikolu 101 Proċedura għall-eżami tal-kontijiet

Artikolu 102 Proċedura kontradittorja għall-eżami tal-kontijiet

Kapitolu III Korrezzjonijiet finanzjarji

Artikolu 103 Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri

Artikolu 104 Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni

Kapitolu IV Diżimpenn

Artikolu 105 Prinċipji u regoli tad-diżimpenn

Artikolu 106 Eċċezzjonijiet għar-regoli tad-diżimpenn

Artikolu 107 Proċedura għad-diżimpenn

TITOLU VIII QAFAS FINANZJARJU

Artikolu 108 Kopertura ġeografika tal-appoġġ għall-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir

Artikolu 109 Riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

Artikolu 110 Riżorsi għall-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg)

Artikolu 111 Trasferibbiltà tar-riżorsi

Artikolu 112 Determinazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament

| | | |
|---|---|---|
| TITOLU IX | DELEGA TA' SETGĦA, DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI, TRANŻIZZJONALI U FINALI | |
| Kapitolu I | Delega ta' setgħa u dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni | |
| | Artikolu 113 | Delega ta' setgħat fir-rigward ta' ċerti Annessi |
| | Artikolu 114 | Eżerċizzju tad-delega |
| | Artikolu 115 | Proċedura ta' kumitat |
| | Kapitolu II | Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali |
| | Artikolu 116 | Rieżami |
| | Artikolu 117 | Dispożizzjonijiet tranżitorji |
| | Artikolu 118 | Kondizzjonijiet għal operazzjonijiet soġġetti għal implimentazzjoni gradwali |
| | Artikolu 119 | Dħul fis-seħħ |
| ANNESS I | DIMENSJONIJIET U KODIĊIJIET GĦAT-TIPI TA' INTERVENT GĦALL-FEŻR, IL-FSE+, IL-FOND TA' KOEŻJONI U L-JTF - L-ARTIKOLU 22(5) | |
| ANNESS II | MUDELL GĦAL FTEHIM TA' SĦUBIJA - L-ARTIKOLU 10(6) | |
| ANNESS III | KONDIZZJONIJIET ABILITANTI ORIZZONTALI – ARTIKOLU 15(1) | |
| ANNESS IV | KONDIZZJONIJIET ABILITANTI TEMATIĊI APPLIKABBLI GĦALL-FEŻR, IL-FSE+ U L-FOND TA' KOEŻJONI – L-ARTIKOLU 15(1) | |
| ANNESS V | MUDELL GĦAL PROGRAMMI APPOĠĠATI MILL-FEŻR (GĦAN TAL-INVESTIMENT GĦALL-IMPJIEGI U T-TKABBIR), MILL-FSE+, IL-JTF, IL-FOND TA' KOEŻJONI U L-FEMSA – L-ARTIKOLU 21(3) | |
| ANNESS VI | MUDELL TA' PROGRAMM GĦALL-AMIF, L-ISF U L-BMVI – L-ARTIKOLU 21(3) | |
| ANNESS VII | MUDELL GĦAT-TRAŻMISSJONI TA' DATA – L-ARTIKOLU 42 | |
| ANNESS VIII | PREVIŻJONI TAL-AMMONT LI GĦALIH L-ISTAT MEMBRU JISTENNA LI JIPPREŻENTA APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-PAGAMENT GĦAS-SENA KALENDARJA ATTWALI U DIK TA' WARAJHA (L-ARTIKOLU 69(10)) | |
| ANNESS IX | KOMUNIKAZZJONI U VIŻIBILITÀ – L-ARTIKOLI 47, 49 U 50 | |
| ANNESS X | ELEMENTI GĦAL FTEHIMIET TA' FINANZJAMENT U GĦAL DOKUMENTI TA' STRATEĠIJA – L-ARTIKOLU 59(1) U (5) | |
| ANNESS XI | IR-REKWIŻITI EWLENIN TAS-SISTEMI TA' ĠESTJONI U KONTROLL U L-KLASSIFIKAZZJONI TAGĦHOM - L-ARTIKOLU 69(1) | |
| ANNESS XII | REGOLI DETTALJATI U MUDELL GĦAR-RAPPURTAR TA' IRREGOLARITAJIET - ARTIKOLU 69(2) | |
| ANNESS XIII | ELEMENTI GĦAR-REKORD TAL-AWDITJAR – L-ARTIKOLU 69(6) | |
| ANNESS XIV | SISTEMI TA' SKAMBJU ELETTRONIKU TA' DATA BEJN L-AWTORITAJIET U L-BENEFIĊJARJI TAL-PROGRAMM - L-ARTIKOLU 69(8) | |
| ANNESS XV | SFC2021: SISTEMA TA' SKAMBJU ELETTRONIKU TA' DATA BEJN L-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI - L-ARTIKOLU 69(9) | |
| ANNESS XVI | MUDELL GĦAD-DESKRIZZJONI TAS-SISTEMA TA' ĠESTJONI U TA' KONTROLL - L-ARTIKOLU 69(11) | |
| ANNESS XVII | DATA LI GĦANDHA TIĠI RREĠISTRATA U MAĦŻUNA ELETTRONIKAMENT DWAR KULL OPERAZZJONI – L-ARTIKOLU 72(1), IL-PUNT (E) | |
| ANNESS XVIII | MUDELL GĦAD-DIKJARAZZJONI TA' ĠESTJONI – L-ARTIKOLU 74(1), IL-PUNT (F) | |
| ANNESS XIX | MUDELL GĦALL-OPINJONI TAL-AWDITJAR ANNWALI - L-ARTIKOLU 77(3), IL-PUNT (A) | |
| ANNESS XX | MUDELL GĦAR-RAPPORT ANNWALI TA' KONTROLL – L-ARTIKOLU 77(3), IL-PUNT (B) | |

ANNESS XXI MUDELL GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-AWDITJAR – L-ARTIKOLU 81(5)

ANNESS XXII MUDELL GĦALL-ISTRATEĠIJA TAL-AWDITJAR - L-ARTIKOLU 78

ANNESS XXIII MUDELL GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PAGAMENT - L-ARTIKOLU 91(3)

ANNESS XXIV MUDELL GĦALL-KONTIJIET - ARTIKOLU 98(1), PUNT (A)

ANNESS XXV DETERMINAZZJONI TAL-LIVELL TA' KORREZZJONIJIET FINANZJARJI: RATA FISSA U KORREZZJONIJIET FINANZJARJI ESTRAPOLATI – ARTIKOLU 104(1)

ANNESS XXVI IL-METODOLOĠIJA GĦALL-ALLOKAZZJONI TA' RIŻORSI GLOBALI GĦAL KULL STAT MEMBRU – ARTIKOLU 109(2)

TITOLU I

**OBJETTIVI U REGOLI ĠENERALI DWAR L-APPOĠĠ**

*KAPITOLU I*

***Suġġett, definizzjonijiet u regoli ġenerali***

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

(a) regoli finanzjarji għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), għall-Fond ta' Koeżjoni, għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA), għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), għall-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) u għall-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI) (flimkien imsemmija bħala "il-Fondi");

(b) dispożizzjonijiet komuni għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni, għall-JTF u għall-FEMSA.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-fergħa dwar l-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-FSE+ u lanqas għall-komponenti ta' ġestjoni diretta u indiretta tal-FEMSA, tal-AMIF, tal-ISF u tal-BMVI, għajr għall-assistenza teknika bl-inizjattiva tal-Kummissjoni.

3. L-Artikoli 5, 14, 19, 28 sa 34, u 108 sa 112 ma japplikawx għall-AMIF, għall-ISF jew għall-BMVI.

4. L-Artikoli 108 sa 112 ma japplikawx għall-FEMSA.

5. L-Artikoli 14,15, 18,,19, 21 sa 27, u 37 sa 42, l-Artikolu 43 (1) sa (4), l-Artikoli 44 u 50, l-Artikolu 55(1) u l-Artikoli 73, 77, 80 u 83 sa 85 ma japplikawx għall-programmi Interreg.

6. Ir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi elenkati aktar 'l isfel jistgħu jistabbilixxu regoli biex jikkomplementaw dan ir-Regolament li ma għandhomx ikunu f'kontradizzjoni ma' dan ir-Regolament:

(a) ir-Regolament (UE) 2021/1060tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([33]) ("ir-Regolament FEŻR u FK");

(b) ir-Regolament (UE) 2021/1060tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([34]) ("ir-Regolament FSE+");

(c) ir-Regolament (UE) 2021/1060tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([35]) ("ir-Regolament Interreg");

(d) ir-Regolament (UE) 2021/1060tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]) ("ir-Regolament tal-JTF");

(e) ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 ("ir-Regolament FEMSA");

(f) ir-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni ("ir-Regolament AMIF");

(g) ir-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna ("ir-Regolament ISF");

(h) ir-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi ("ir-Regolament BMVI");

F'każ ta' dubju dwar l-applikazzjoni bejn dan ir-Regolament u r-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, dan ir-Regolament għandu jkollu prevalenza.

([33]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).
([34]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).
([35]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).
([36]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) ‘rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiżi’ tfisser ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill adottati skont l-Artikoli 121(2) u 148(4) TFUE relatati mal-isfidi strutturali, kif ukoll, rakkomandazzjonijiet komplementari tal-Kummissjoni maħruġa skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 li huma xierqa biex jiġu indirizzati permezz ta’ investimenti pluriennali li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Fondi kif stipulat fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi;

(2) “kondizzjoni abilitanti” tfisser kondizzjoni prerekwiżita għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-objettivi speċifiċi;

(3) “liġi applikabbli” tfisser liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tagħha;

(4) “operazzjoni” tfisser:

(a) proġett, kuntratt, azzjoni jew grupp ta’ proġetti magħżula fl-ambitu tal-programmi kkonċernati;

(b) fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, kontribuzzjoni tal-programm għal strument finanzjarju u l-appoġġ finanzjarju sussegwenti pprovdut lir-riċevituri finali minn dak l-istrument finanzjarju;

(5) “operazzjoni ta’ importanza strateġika” tfisser operazzjoni li tagħti kontribuzzjoni sinifikanti għall-kisba tal-objettivi ta’ programm u li hija soġġetta għal miżuri partikolari ta’ monitoraġġ u ta’ komunikazzjoni;

(6) “prijorità” fil-kuntest tal-AMIF, tal-ISF u tal-BMVI, tfisser objettiv speċifiku;

(7) “prijorità” fil-kuntest tal-FEMSA, għall-fini tat-Titolu VII biss, tfisser “objettiv speċifiku”.

(8) “korp intermedjarju” tfisser korp pubbliku jew privat li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta’ awtorità ta’ ġestjoni, jew li jwettaq doveri jew kompiti għan-nom ta’ awtorità bħal din;

(9) “benefiċjarju” tfisser:

(a) korp pubbliku jew privat, entità b’personalità ġuridika jew mingħajrha jew persuna fiżika, responsabbli għall-bidu jew għall-bidu kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet;

(b) fil-kuntest ta’ sħubijiet pubbliċi-privati (“PPPs”), il-korp pubbliku li jagħti bidu għal operazzjoni ta’ PPP jew l-imsieħeb privat magħżul għall-implimentazzjoni tagħha;

(c) fil-kuntest ta’ skemi ta’ għajnuna mill-Istat, l-impriża li tirċievi l-għajnuna;

(d) fil-kuntest tal-għajnuna de minimis prevista skont ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 ([37]) jew (UE) Nru 717/2014 ([38]), l-Istat Membru jista’ jiddeċiedi li l-benefiċjarju għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament ikun il-korp li jagħti l-għajnuna, fejn huwa responsabbli li jibda jew li jibda kif ukoll jimplimenta l-operazzjoni;

(e) fil-kuntest ta’ strumenti finanzjarji, il-korp li jimplimenta l-fond ta’ parteċipazzjoni jew, meta ma jkun hemm l-ebda struttura ta’ fond ta’ parteċipazzjoni, il-korp li jimplimenta l-fond speċifiku jew, meta l-awtorità ta’ ġestjoni tkun tamministra l-istrument finanzjarju, l-awtorità ta’ ġestjoni;

(10) “fond għal proġetti żgħar” tfisser operazzjoni fi programm Interreg li jkun immirat għall-għażla u l-implimentazzjoni ta’ proġetti, inkluż azzjonijiet bejn il-persuni, ta’ volum finanzjarju limitat;

(11) “mira” tfisser valur miftiehem minn qabel li jrid jinkiseb sa tmiem il-perijodu ta’ eliġibbiltà f’rabta ma’ indikatur inkluż taħt objettiv speċifiku;

(12) “stadji importanti” tfisser valur intermedju li jrid jinkiseb f’waqt speċifiku matul il-perijodu ta’ eliġibbiltà f’rabta ma’ indikatur tal-output inkluż taħt objettiv speċifiku;

(13) “indikatur tal-output” tfisser indikatur biex ikejjel ir-riżultati tanġibbli speċifiċi tal-intervent;

([37]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta’ Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

([38]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta’ Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).

(14) "indikatur tar-riżultati" tfisser indikatur biex ikejjel l-effetti tal-interventi appoġġati, b'referenza partikolari għad-destinatarji diretti, għall-popolazzjoni fil-mira jew għall-utenti tal-infrastruttura;

(15) "operazzjoni ta' PPP" tfisser operazzjoni implimentata fl-ambitu ta' sħubija bejn korpi pubbliċi u s-settur privat f'konformità ma' ftehim ta' PPP, u li għandha l-għan li tipprovdi servizzi pubbliċi permezz tal-kondiviżjoni tar-riskji permezz tal-ġbir flimkien ta' għarfien espert tas-settur privat jew is-sorsi addizzjonali ta' kapital jew it-tnejn li huma;

(16) "strument finanzjarju" tfisser forma ta' appoġġ mogħti permezz ta' struttura li permezz tagħha jiġu pprovduti prodotti finanzjarji lir-riċevituri finali;

(17) "prodott finanzjarju" tfisser investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità, self u garanziji kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Finanzjarju";

(18) "riċevitur finali" tfisser persuna ġuridika jew fiżika li tirċievi appoġġ mill-Fondi permezz ta' benefiċjarju ta' fond għall-proġetti żgħar jew minn strument finanzjarju;

(19) "kontribuzzjoni tal-programm" tfisser l-appoġġ mill-Fondi u mill-kofinanzjament nazzjonali pubbliku u privat għal strument finanzjarju;

(20) "fond ta' parteċipazzjoni" tfisser fond stabbilit taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità ta' ġestjoni fl-ambitu ta' programm wieħed jew aktar, biex jiġi implimentat fond speċifiku wieħed jew aktar;

(21) "fond speċifiku" tfisser fond, li permezz tiegħu awtorità ta' ġestjoni jew fond ta' parteċipazzjoni jipprovdu prodotti finanzjarji lir-riċevituri finali;

(22) "korp li jimplimenta strument finanzjarju" tfisser korp, irregolat bil-liġi pubblika jew privata, li jwettaq kompiti ta' fond ta' parteċipazzjoni jew ta' fond speċifiku;

(23) "effett ta' ingranaġġ" tfisser l-ammont ta' finanzjament rimborżabbli pprovdut lir-riċevituri finali diviż bl-ammont tal-kontribuzzjoni mill-Fondi;

(24) "proporzjon multiplikatur" fil-kuntest ta' strumenti ta' garanzija tfisser proporzjon stabbilit fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju *ex ante* prudenti fir-rigward ta' kull-prodott ta' garanzija li jkun ser jiġi offrut, bejn il-valur tas-self, l-ekwità jew l-investimenti kważi ekwità l-ġodda żborżati sottostanti, u l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-programm imwarrab għall-kuntratti ta' garanzija biex ikopri t-telf mistenni u mhux mistenni minn dak is-self, l-ekwità jew l-investimenti kważi ekwità l-ġodda;

(25) "kostijiet ta' ġestjoni" tfisser kostijiet diretti jew indiretti rimborżati bil-kondizzjoni li tingħata prova tan-nefqa mġarrba fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji;

(26) "tariffi ta' ġestjoni" tfisser prezz għas-servizzi pprovduti, kif iddeterminati fil-ftehim dwar il-finanzjament bejn l-awtorità ta' ġestjoni u l-korp li jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni jew fond speċifiku; u, fejn applikabbli, bejn il-korp li jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni u l-korp li jimplimenta fond speċifiku;

(27) "rilokazzjoni" tfisser trasferiment tal-istess attività jew waħda simili jew parti minnha skont it-tifsira tal-punt (61a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014;

(28) "kontribuzzjoni pubblika" tfisser kwalunkwe kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' operazzjonijiet li l-oriġini tagħhom hija l-baġit ta' awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali jew lokali jew ta' kwalunkwe Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) stabbilit f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([39]), il-baġit tal-Unjoni mqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Fondi, il-baġit tal-korpi rregolati bil-liġi pubblika jew il-baġit ta' assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi jew korpi rregolati bil-liġi pubblika u, għall-fini li tiġi ddeterminata r-rata ta' kofinanzjament għall-programmi jew prijoritajiet FSE+, tista' tinkludi kwalunkwe riżorsa finanzjarja kkontribwita b'mod kollettiv mill-impjegaturi u mill-ħaddiema;

(29) "sena kontabilistika" tfisser il-perijodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, ħlief għall-ewwel sena tal-kontabbiltà tal-perijodu ta' programmazzjoni, li fir-rigward tagħha tfisser il-perijodu mid-data tal-bidu għall-eliġibbiltà tan-nefqa sat-30 ta' Ġunju 2022; għas-sena kontabilistika finali, tfisser il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2029 sat-30 ta' Ġunju 2030;

(30) "operatur ekonomiku" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, jew entità oħra li tieħu sehem fl-implimentazzjoni ta' assistenza mill-Fondi, għajr Stat Membru li jeżerċita l-prerogattivi tiegħu bħala awtorità pubblika;

([39]) Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19).

(31) "irregolarità" tfisser kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li jkollu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jitlob li jitħallas nefqa mhux ġustifikata minn dak il-baġit;

(32) "nuqqas serju" tfisser nuqqas fil-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' programm li għalih huwa meħtieġ titjib sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll u meta kwalunkwe rekwiżit mir-rekwiżiti ewlenija 2, 4, 5, 9, 12, 13 u 15 imsemmija fl-Anness X, jew tnejn jew aktar mir-rekwiżiti ewlenija l-oħra jiġu/i vvalutat/i li jidħlu fil-kategoriji 3 u 4 ta' dak l-Anness;

(33) 'irregolarità sistemika' tfisser kwalunkwe irregolarità, li tista' tkun ta' natura rikorrenti, bi probabbiltà għolja ta' inċidenza f'tipi ta' operazzjonijiet simili, li tirriżulta minn nuqqas serju, inkluż in-nuqqas li jiġu stabbiliti proċeduri adegwati skont dan ir-Regolament u r-regoli speċifiċi għall-Fondi.

(34) "żbalji totali" tfisser is-somma tal-iżbalji aleatorji pproġettati u, jekk applikabbli, l-iżbalji sistemiċi delimitati u l-iżbalji anomali mhux ikkoreġuti;

(35) "rata ta' żbalji totali" tfisser l-iżbalji totali diviżi bil-popolazzjoni tal-awditjar;

(36) "rata ta' żball residwu" tfisser l-iżbalji totali mingħajr il-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istat Membru biex inaqqas ir-riskji identifikati mill-awtorità tal-awditjar, diviżi bin-nefqa li trid tiġi ddikjarata fil-kontijiet;

(37) "operazzjoni kompluta" tfisser operazzjoni li tlestiet fiżikament jew ġiet implimentata għalkollox u li fir-rigward tagħha saru l-pagamenti relatati kollha mill-benefiċjarji u l-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti tħallset lill-benefiċjarji;

(38) "unità tal-kampjunar" tfisser waħda mill-unitajiet, li tista' tkun operazzjoni, proġett fl-ambitu ta' operazzjoni jew talba għall-pagament minn benefiċjarju, li fihom titqassam il-popolazzjoni tal-awditjar għall-fini ta' kampjunar;

(39) "kont miżmum minn terzi" tfisser, fil-każ ta' operazzjoni ta' PPP, kont bankarju kopert minn ftehim bil-miktub bejn il-korp pubbliku benefiċjarju u l-imsieħeb privat approvat mill-awtorità ta' ġestjoni jew korp intermedjarju użat għall-pagamenti matul jew wara l-perijodu ta' eliġibbiltà;

(40) "parteċipant" tfisser persuna fiżika li tibbenefika direttament minn operazzjoni mingħajr ma tkun responsabbli biex tibda jew kemm biex tibda kif ukoll biex timplimenta l-operazzjoni u li fil-kuntest tal-FEMSA, ma tirċievix appoġġ finanzjarju;

(41) "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tfisser li fl-ippjanar tal-enerġija, u fid-deċiżjonijiet ta' politika u ta' investiment, jittieħed kont sħiħ ta' miżuri alternattivi kosteffiċjenti fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika biex id-domanda għall-enerġija u l-provvista tal-enerġija jsiru aktar effiċjenti, b'mod partikolari permezz ta' ffrankar kosteffettiv tal-enerġija fil-konsum finali, inizjattivi ta' rispons għad-domanda u konverżjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni aktar effiċjenti tal-enerġija, filwaqt li l-objettivi ta' dawk id-deċiżjonijiet jintlaħqu xorta waħda;

(42) "azzjonijiet favur ir-reżistenza għall-klima" tfisser proċess li jipprevjeni l-infrastruttura milli tkun vulnerabbli għal impatti klimatiċi potenzjali fit-tul filwaqt li jiġi żgurat li l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" jiġi rispettat u li l-livell ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-proġett ikun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika fl-2050;

(43) "għotjiet taħt kondizzjonijiet" tfisser kategorija ta' għotja soġġetta għal kondizzjonijiet marbuta mal-ħlas lura tal-appoġġ;

(44) 'BEI' tfisser il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Fond Ewropew tal-Investiment jew kwalunkwe sussidjarja stabbilita mill-Bank Ewropew tal-Investiment;

(45) "Siġill ta' Eċċellenza" tfisser it-tikketta ta' kwalità mogħtija mill-Kummissjoni fir-rigward ta' proposta, li turi li l-proposta li ġiet ivvalutata f'sejħa għal proposti taħt strument tal-Unjoni titqies konformi mar-rekwiżiti minimi tal-kwalità ta' dak l-istrument tal-Unjoni, iżda ma setgħetx tiġi ffinanzjata minħabba nuqqas ta' baġit disponibbli għal dik is-sejħa għal proposti, u tista' tirċievi appoġġ minn sorsi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni jew nazzjonali.

*Artikolu 3*

**Il-kalkolu tal-limiti ta' żmien għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni**

Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi limitu ta' żmien għal azzjoni, dak il-limitu ta' żmien għandu jibda meta l-Istat Membru jkun ippreżenta l-informazzjoni kollha f'konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament jew f'Regolament speċifiċi għall-Fondi.

Dak il-limitu ta' żmien għandu jkun sospiż mill-għada tad-data li fiha l-Kummissjoni tibgħat il-kummenti tagħha jew talba lill-Istat Membru għal dokumenti riveduti u sakemm l-Istat Membru jwieġeb lill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

**Ipproċessar u protezzjoni tad-data personali**

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jingħataw il-possibbiltà li jipproċessaw data personali biss fejn meħtieġ għall-fini li jwettqu l-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari għall-monitoraġġ, ir-rapportar, il-komunikazzjoni, il-pubblikazzjoni, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifiki u l-awditi u, fejn applikabbli, għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà tal-parteċipanti. Id-data personali għandha tiġi pproċessata skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([40]), skont liema minnhom ikun applikabbli.

*KAPITOLU II*

***Objettivi ta' politika u prinċipji għall-appoġġ tal-Fondi***

*Artikolu 5*

**Objettivi ta' politika**

1. Il-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMSA għandhom jappoġġaw l-objettivi ta' politika li ġejjin:

(a) Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti bis-saħħa tal-promozzjoni ta' trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti u konnettività tal-ICT reġjonali;

(b) Ewropa aktar ekoloġika, reżiljenti, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fi tranżizzjoni għal ekonomija b'emissjonijiet tal-karbonju żero netti billi jiġu promossi t-tranżizzjoni enerġetika nadifa u ġusta, l-investiment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-prevenzjoni u ġestjoni tar-riskji u mobilità urbana sostenibbli;

(c) Ewropa aktar konnessa billi tittejjeb il-mobbiltà;

(d) Ewropa aktar soċjali u inklużiva li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

(e) Ewropa eqreb taċ-ċittadini bis-saħħa tat-trawwim ta' żvilupp sostenibbli u integrat ta' kull tip ta' territorju u inizjattivi lokali.

Il-JTF għandu jappoġġa l-objettiv speċifiku li jippermetti lir-reġjuni u lin-nies jindirizzaw l-impatti soċjali, l-impjiegi, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050, abbażi tal-Ftehim ta' Pariġi.

L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għar-riżorsi tal-FEŻR u tal-FSE+ li jiġu ttrasferiti lill-JTF f'konformità mal-Artikolu 27.

2. Il-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF għandhom jikkontribwixxu għall-azzjonijiet tal-Unjoni li jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha f'konformità mal-Artikolu 174 TFUE, billi jkollhom l-għanijiet li ġejjin:

(a) l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fl-Istati Membri u r-reġjuni, li jridu jiġu appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE +, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-JTF; u

(b) l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea ("Interreg"), li trid tiġi appoġġata mill-FEŻR.

([40]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza bejn il-Fondi u strumenti u fondi oħra tal-Unjoni. Dawn għandhom jottimizzaw il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni bejn dawk responsabbli biex tiġi evitata d-duplikazzjoni matul l-ippjanar u l-implimentazzjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iqisu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-Fondi.

*Artikolu 6*

**Miri klimatiċi u mekkaniżmu ta' aġġustament għall-klima**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ għall-objettivi ambjentali u klimatiċi bl-użu ta' metodoloġija bbażata fuq it-tipi ta' intervent għal kull wieħed mill-Fondi. Din il-metodoloġija għandha tikkonsisti mill-assenjar ta' ponderazzjoni speċifika għall-appoġġ ipprovdut f'livell li jirrifletti sa liema punt tali appoġġ jagħti kontribut għall-objettivi ambjentali u għall-objettivi klimatiċi. Fil-każ tal-FEŻR, tal-FSE+ u tal-Fond ta' Koeżjoni, għandhom ikunu attribwiti ponderazzjonijiet għad-dimensjonijiet u għall-kodiċijiet għat-tipi ta' interventi stabbiliti fl-Anness I. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni għandhom jikkontribwixxu bi 30 % u 37 % rispettivament tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għan-nefqa appoġġata għall-kisba tal-objettivi klimatiċi stabbiliti għall-baġit tal-Unjoni.

2. Il-mira tal-kontribuzzjoni għall-klima għal kull Stat Membru għandha tiġi stabbilita bħala perċentwal tal-allokazzjoni totali tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni tiegħu u għandha tiġi inkluża fil-programmi bħala riżultat tat-tipi ta' intervent u t-tqassim finanzjarju indikattiv skont il-punt (d)(viii) tal-Artikolu 22(3). Kif previst fl-Artikolu 11(1), il-mira preliminari tal-kontribuzzjoni għall-klima għandha tiġi stabbilita fil-Ftehim ta' Sħubija.

3. L-Istat Membru u l-Kummissjoni għandhom jimmonitorjaw b'mod regolari r-rispett tal-miri tal-kontribuzzjoni għall-klima, abbażi tan-nefqa totali eliġibbli ddikjarata mill-benefiċjarji lill-awtorità ta' ġestjoni kif imqassma skont it-tipi ta' intervent f'konformità mal-Artikolu 42 u abbażi tad-data ppreżentata mill-Istat Membru. Meta l-monitoraġġ juri progress insuffiċjenti biex tintlaħaq il-mira tal-kontribuzzjoni għall-klima, l-Istat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaqblu dwar miżuri ta' rimedju fil-laqgħa annwali ta' rieżami.

4. Fejn ma jkunx hemm biżżejjed progress biex tintlaħaq il-mira tal-kontribuzzjoni għall-klima fil-livell nazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istat Membru għandu jqis dan fir-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu f'konformità mal-Artikolu 18(1).

*Artikolu 7*

**Ġestjoni kondiviża**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimplimentaw il-baġit tal-Unjoni allokat għall-Fondi taħt ġestjoni kondiviża f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju. L-Istati Membri għandhom iħejju u jimplimentaw il-programmi fil-livell territorjali xieraq skont il-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-ammont ta' appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni trasferit għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ("FNE"), l-Inizjattiva Urbana Ewropea, l-Investimenti Innovattivi Interreġjonali, l-ammont ta' appoġġ trasferit mill-FSE+ għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali, l-ammonti mogħtija f'kontribuzzjonijiet lill-Programm InvestEU u l-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni skont ġestjoni diretta jew indiretta f'konformità mal-punti (a) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-Istat Membru u r-reġjuni kkonċernati, timplimenta l-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi skont l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) skont il-ġestjoni indiretta.

*Artikolu 8*

**Is-sħubija u l-governanza f'diversi livelli**

1. Għall-Ftehim ta' Sħubija u kull programm, kull Stat Membru għandu jorganizza u jimplimenta sħubija komprensiva f'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tiegħu u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-Fondi. Dik is-sħubija għandha tinkludi minn tal-anqas lis-sħab li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra;

(b) is-sħab ekonomiċi u soċjali;

(c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, bħas-sħab ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, tad-drittijiet fundamentali, tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tan-nondiskriminazzjoni;

(d) l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-universitajiet, fejn adatt.

2. Is-sħubija stabbilita skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha topera skont il-prinċipju ta' governanza f'diversi livelli u approċċ minn isfel għal fuq. L-Istat Membru għandu jinvolvi lis-sħab imsemmija fil-paragrafu 1 fit-tħejjija tal-Ftehimiet ta' Sħubija u matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fil-kumitati ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 39.

F'dak il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jallokaw, fejn rilevanti, perċentwali xieraq tar-riżorsi li jiġu mill-Fondi għall-bini tal-kapaċità amministrattiva tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

3. Għall-programmi Interreg, is-sħubija għandha tinkludi sħab mill-Istati Membri parteċipanti kollha.

4. L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sħubija għandha ssir f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar sħubija stabbilit bir-Regolament Delegat (UE) Nru 240/2014.

5. Minn tal-anqas darba f'sena, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lis-sħab fil-livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programmi u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu.

*Artikolu 9*

**Prinċipji Orizzontali**

1. Fl-implimentazzjoni tal-Fondi, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-integrazzjoni tal-ġeneri u l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi jiġu meqjusa u promossi tul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni tal-programmi.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi xierqa sabiex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru, ta' oriġini razzjali jew etnika, ta' reliġjon jew twemmin, ta' diżabbiltà, ta' età jew ta' orjentazzjoni sesswali matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni tal-programmi. B'mod partikolari, matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi, għandha titqies l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà.

4. L-objettivi tal-Fondi għandhom jiġu segwiti f'konformità mal-objettiv li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 11 TFUE, filwaqt li jitqiesu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Ftehim ta' Pariġi u l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

L-objettivi tal-Fondi għandhom jitwettqu b'rispett sħiħ tal-acquis ambjentali tal-Unjoni.

TITOLU II

**APPROĊĊ STRATEĠIKU**

*KAPITOLU I*

***Ftehim ta' Sħubija***

*Artikolu 10*

**Tħejjija u preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija**

1. Kull Stat Membru għandu jħejji Ftehim ta' Sħubija li jistabbilixxi l-orjentazzjoni strateġika għall-ipprogrammar u l-arranġamenti għall-użu tal-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF u l-FEMSA b'mod effettiv u effiċjenti għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

2. Il-Ftehim ta' Sħubija għandu jitħejja f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar sħubija. Fejn Stat Membru diġà jipprevedi sħubija komprensiva matul it-tħejjija tal-programmi tiegħu, dak ir-rekwiżit jitqies li ġie ssodisfat.

3. L-Istat Membru għandu jippreżenta l-Ftehim ta' Sħubija lill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel programm jew fl-istess waqt.

4. Il-Ftehim ta' Sħubija jista' jkun ippreżentat flimkien mal-Programm Nazzjonali ta' Riforma annwali rilevanti u mal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima.

5. Il-Ftehim ta' Sħubija għandu jkun dokument strateġiku u konċiż. Ma għandux ikun itwal minn 35 paġna, sakemm l-Istat Membru, fuq l-inizjattiva tiegħu stess, ma jiddeċidix li jestendi t-tul tad-dokument.

6. L-Istat Membru għandu jfassal il-Ftehim ta' Sħubija f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness II. L-Istat Membru jista' jinkludi l-Ftehim ta' Sħubija f'wieħed mill-programmi tiegħu.

7. Il-programmi Interreg jistgħu jkunu ppreżentati lill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija.

8. Il-BEI jista' jipparteċipa, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, fit-tħejjija tal-Ftehim ta' Sħubija, kif ukoll f'attivitajiet relatati mat-tħejjija tal-operazzjonijiet, strumenti finanzjarji u PPPs.

*Artikolu 11*

**Kontenut tal-Ftehim ta' Sħubija**

1. Il-Ftehim ta' Sħubija għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:

(a) l-objettivi ta' politika magħżula u l-objettiv speċifiku tal-JTF, li jindikaw permezz ta' liema mill-fondi koperti mill-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi ser jiġu indirizzati dawn il-programmi u ġustifikazzjoni għalihom, b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, il-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima, il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u fejn rilevanti, l-isfidi reġjonali;

(b) għal kull wieħed mill-objettivi ta' politika u l-objettiv speċifiku tal-JTF:

(i) sommarju tal-għażliet ta' politika u r-riżultati ewlenin mistennija għal kull wieħed mill-fondi koperti mill-Ftehim ta' Sħubija;

(ii) koordinazzjoni, delimitazzjoni u komplementaritajiet bejn il-Fondi u, meta xieraq, koordinazzjoni bejn il-programmi nazzjonali u reġjonali;

(iii) komplementarjetajiet u sinerġiji bejn il-fondi koperti mill-Ftehim ta' Sħubija, l-AMIF, l-ISF, il-BMVI, u strumenti oħra tal-Unjoni, inkluż l-proġetti integrati strateġiċi LIFE u l-proġetti strateġiċi dwar in-natura, u, meta jkun xieraq, proġetti ffinanzjati taħt Orizzont Ewropa;

(c) l-allokazzjoni finanzjarja preliminari minn kull wieħed mill-fondi koperti mill-Ftehim ta' Sħubija skont l-objettiv ta' politika fil-livell nazzjonali u fejn xieraq fil-livell reġjonali, filwaqt li jitħarsu r-regoli speċifiċi għall-Fondi dwar il-konċentrazzjoni tematika u l-allokazzjoni finanzjarja preliminari għall-objettiv speċifiku tal-JTF inkluż kwalunkwe riżorsa tal-FEŻR u tal-FSE+ li għandha tiġi ttrasferita lill-JTF f'konformità mal-Artikolu 27;

(d) il-mira preliminari tal-kontribuzzjoni għall-klima f'konformità mal-Artikolu 6(2);

(e) fejn applikabbli, it-tqassim tar-riżorsi finanzjarji skont il-kategorija tar-reġjun, magħmul f'konformità mal-Artikolu 108(2) u l-ammonti ta' allokazzjonijiet proposti li jridu jiġu trasferiti skont l-Artikoli 26 u 111, inkluż ġustifikazzjoni għal trasferimenti bħal dawn;

(f) għall-assistenza teknika, l-għażla tal-Istat Membru tal-forma tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 36(3) u, fejn applikabbli, l-allokazzjoni finanzjarja preliminari minn kull wieħed mill-fondi koperti mill-Ftehim ta' Sħubija fil-livell nazzjonali u tqassim tar-riżorsi finanzjarji skont il-programm u l-kategorija tar-reġjun;

(g) l-ammonti li jridu jiġu kontribwiti lill-Programm InvestEU skont il-Fond u skont il-kategorija ta' reġjun, fejn applikabbli;

(h) il-lista ta' programmi ppjanati fl-ambitu tal-fondi koperti mill-Ftehim ta' Sħubija bl-allokazzjonijiet finanzjarji preliminari rispettivi skont il-fond u l-kontribuzzjoni nazzjonali korrispondenti skont il-kategorija tar-reġjun, fejn applikabbli;

(i) sommarju tal-azzjonijiet li l-Istat Membru kkonċernat jippjana li jieħu biex isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tiegħu tal-implimentazzjoni tal-fondi koperti mill-Ftehim ta' Sħubija

(j) fejn adatt, approċċ integrat biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi jew il-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni u ż-żoni;

Fir-rigward tal-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), il-Ftehim ta' Sħubija għandu jkun fih biss il-lista tal-programmi ppjanati.

2. Il-Ftehim ta' Sħubija jista' jkun fih ukoll sommarju tal-valutazzjoni tal-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti rilevanti msemmija fl-Artikolu 15 u l-Annessi III u IV.

*Artikolu 12*

**Approvazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija**

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Ftehim ta' Sħubija u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament u mar-regoli speċifiċi għall-Fondi filwaqt li jiġi rispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità, b'kont meħud tan-natura strateġika tad-dokument, l-għadd ta' programmi koperti u l-ammont totali ta' riżorsi allokati lill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha għandha, b'mod partikolari, tqis kif l-Istat Membru beħsiebu jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti, il-pjan nazzjonali integrat tiegħu għall-enerġija u l-klima kif ukoll il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kummenti fi żmien 3 xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija mill-Istat Membru.

3. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija filwaqt, li jqis il-kummenti li jkunu saru mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, deċiżjoni li tapprova l-Ftehim ta' Sħubija mhux aktar tard minn 4 xhur wara d-data tal-ewwel preżentazzjoni ta' dak il-Ftehim ta' Sħubija mill-Istat Membru kkonċernat.

5. Meta l-Ftehim ta' Sħubija jkun inkluż fi programm f'konformità mal-Artikolu 10(6), il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni unika permezz ta' att ta' implimentazzjoni li japprova kemm il-Ftehim ta' Sħubija kif ukoll il-programm mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-data tal-ewwel preżentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 13*

**Emendar tal-Ftehim ta' Sħubija**

1. Stat Membru jista' jippreżenta lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Marzu 2025, Ftehim ta' Sħubija emendat b'kont meħud tal-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-emendar u tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien 3 xhur mill-preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija emendat.

3. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija emendat filwaqt li jqis l-osservazzjonijiet li jkunu saru mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emendar fil-Ftehim ta' Sħubija mhux aktar tard minn 6 xhur wara l-ewwel preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru.

*Artikolu 14*

**L-użu tal-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMSA mwettqa bis-saħħa tal-Programm InvestEU**

1. L-Istati Membri jistgħu jallokaw, fil-Ftehim ta' Sħubija, ammont sa massimu ta' 2 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali għall-FEŻR, il-FSE +, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMSA rispettivament li għandhom jiġu kkontribwiti lill-Programm InvestEU u mwassla permezz tal-garanzija tal-UE u ċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament InvestEU. L-Istati Membri, bil-qbil tal-awtorità ta' ġestjoni kkonċernata, jistgħu jallokaw ulterjorment ammont sa 3 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali ta' kull wieħed minn dawk il-Fondi wara l-1 ta' Jannar 2023 permezz ta' talba waħda jew aktar għall-emendar fil-programmi.

Tali ammonti għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ta' politika magħżula fil-Ftehim ta' Sħubija jew fil-programm, u għandhom jappoġġaw investimenti essenzjalment fil-kategorija ta' reġjuni kontribwenti.

Tali kontribuzzjonijiet għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament dwar InvestEU u ma għandhomx jikkostitwixxu trasferimenti ta' riżorsi skont l-Artikolu 26.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont totali kkontribwit għal kull sena skont il-Fond u skont il-kategorija tar-reġjun, fejn applikabbli. Għall-Ftehim ta' Sħubija, jistgħu jiġu allokati riżorsi tas-snin kalendarji attwali u tal-futur. Fejn Stat Membru jitlob emenda ta' programm, jistgħu jiġu allokati biss riżorsi ta' snin kalendarji tal-futur.

3. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jintużaw għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE skont il-kompartiment tal-Istat Membru u għaċ-Ċentru ta' Konsulenza ta' InvestEU, mal-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament dwar InvestEU. L-impenji baġitarji tal-Unjoni fir-rigward ta' kull ftehim ta' kontribuzzjoni jistgħu jsiru mill-Kummissjoni f'pagamenti parzjali annwali matul il-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027.

4. Minkejja l-Artikolu 12 tar-Regolament Finanzjarju, fejn ftehim ta' kontribuzzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar InvestEU, ma jkunx ġie konkluż fi żmien 4 xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-Ftehim ta' Sħubija, għal ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu allokat fil-Ftehim ta' Sħubija, l-ammont korrispondenti għandu jiġi allokat għal programm jew programmi fi ħdan il-Fond kontribwenti u l-kategorija ta' reġjun, fejn rilevanti wara talba mill-Istat Membru.

Il-ftehim ta' kontribuzzjoni għall-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 allokat fit-talba għall-emendar ta' programm għandu jiġi konkluż fl-istess waqt tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li temenda l-programm.

5. F'konformità tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament dwar InvestEU, fejn ftehim ta' garanzija ma jkunx ġie konkluż fi żmien disa' xhur mill-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni, il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jiġi terminat jew jittawwal bi ftehim reċiproku.

Meta l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru fil-Fond InvestEU tiġi rinunzjata, l-ammonti kkonċernati mħallsa fil-fond ta' proviżjonament komuni bħala proviżjonament għandhom jiġu rkuprati bħala dħul assenjat intern skont l-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba għall-emendar waħda jew aktar tal-programm biex juża l-ammonti rkuprati u l-ammonti allokati għas-snin kalendarji futuri skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-terminazzjoni jew l-emendar tal-ftehim ta' kontribuzzjoni għandha tiġi konkluża simultanjament mal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li jemendaw il-programm jew il-programmi kkonċernati.

6. F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament dwar InvestEU, fejn ftehim ta' garanzija ma jkunx ġie implimentat kif xieraq fi żmien erba' snin mill-konklużjoni tal-ftehim ta' garanzija, il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jiġi emendat. L-Istat Membru jista' jitlob li l-ammonti kkontribwiti għall-garanzija tal-UE skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u impenjati fil-ftehim ta' garanzija iżda li ma jkoprux self sottostanti, investimenti ta' ekwità jew strumenti oħra li jġorru riskju jiġu ttrattati skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

7. Ir-riżorsi ġġenerati mill-ammonti mogħtija f'kontribuzzjonijiet lil garanzija tal-UE jew attribwibbli lilhom għandhom jitqiegħdu għad-disponibbiltà tal-Istat Membru f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 10(5) tar-Regolament dwar InvestEU u għandhom jintużaw għall-appoġġ taħt l-istess objettiv jew objettivi fl-għamla ta' strumenti finanzjarji jew garanziji baġitarji.

8. Għall-ammonti li għandhom jerġgħu jintużaw fi programm skont il-paragrafi 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu, il-limitu ta' żmien tad-diżimpenn kif stabbilit fl-Artikolu 105(1) għandu jibda fis-sena li fiha jsiru l-impenji baġitarji korrispondenti.

## *KAPITOLU II*

## ***Kondizzjonijiet abilitanti u qafas tal-prestazzjoni***

### *Artikolu 15*

### **Kondizzjonijiet abilitanti**

1. Għall-objettivi speċifiċi, f'dan ir-Regolament hawn stabbiliti kondizzjonijiet abilitanti.

L-Anness III fih il-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali applikabbli għall-objettivi speċifiċi kollha u l-kriterji meħtieġa għall-valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom.

L-Anness IV fih il-kondizzjonijiet abilitanti tematiċi għall-FEŻR, għall-FSE+ u għall-Fond ta' Koeżjoni u l-kriterji meħtieġa għall-valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom.

Il-kondizzjoni abilitanti rigward l-għodod u l-kapaċità ta' applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat mhix applikabbli għall-programmi appoġġati mill-AMIF, l-ISF jew il-BMVI.

2. L-Istat Membru, meta jħejji programm jew jintroduċi objettiv speċifiku ġdid bħala parti mill-emendar ta' programm, għandu jivvaluta jekk il-kondizzjonijiet abilitanti marbuta mal-objettiv speċifiku magħżul humiex issodisfati. Kondizzjoni abilitanti tkun issodisfata meta jkunu ssodisfati l-kriterji kollha relatati. L-Istat Membru għandu jidentifika f'kull programm jew fl-emendar tal-programm, il-kondizzjonijiet abilitanti ssodisfati u mhux issodisfatiu għandu jipprovdi ġustifikazzjoni fejn iqis li kondizzjoni abilitanti tkun ġiet issodisfata.

3. Meta kondizzjoni abilitanti ma tkunx issodisfata fil-mument tal-approvazzjoni tal-programm jew tal-emendar tal-programm, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni hekk kif jidhirlu li l-kondizzjoni abilitanti tkun ġiet issodisfata b'ġustifikazzjoni tal-issodisfar.

4. Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 3 xhur wara li tirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni u tgħarraf lill-Istat Membru jekk ma taqbilx mal-issodisfar tal-kondizzjoni abilitanti.

Meta l-Kummissjoni ma taqbilx mal-Istat Membru dwar l-issodisfar tal-kondizzjoni abilitanti, hija għandha tinforma lill-Istat Membru u tagħti l-valutazzjoni tagħha.

Meta l-Istat Membru ma jaqbilx mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahar u l-Kummissjoni għandha tipproċedi skont l-ewwel subparagrafu.

Meta l-Istat Membru jaċċetta l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, dan għandu jipproċedi skont il-paragrafu 3.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 105, in-nefqa relatata mal-operazzjonijiet marbuta mal-objettiv speċifiku tista' tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għal pagament iżda ma għandhiex tiġi rimborżata mill-Kummissjoni sakemm il-Kummissjoni tinforma lill-Istat Membru bl-issodisfar tal-kondizzjoni abilitanti skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kondizzjoni abilitanti korrispondenti.

6. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-kondizzjonijiet abilitanti jibqgħu jkunu ssodisfati u rrispettati tul il-perijodu ta' programmazzjoni. Għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'kull modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti.

Meta l-Kummissjoni tqis li kondizzjoni abilitanti ma tkunx għadha ssodisfata aktar, għandha tgħarraf lill-Istat Membru u tagħti l-valutazzjoni tagħha. Sussegwentement, għandha tiġi segwita l-proċedura stipulata fit-tieni u fit-tielet subparagrafi tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li qed jippersisti n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kondizzjoni abilitanti u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 105, abbażi tal-osservazzjonijiet tal-Istat Membru, in-nefqa relatata mal-objettiv speċifiku kkonċernat tista' tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għal pagament iżda ma għandhiex tiġi rimborżata mill-Kummissjoni sakemm il-Kummissjoni tkun għarrfet lill-Istat Membru bl-issodisfar tal-kondizzjoni abilitanti skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

7. L-Anness IV ma għandux japplika għall-prijoritajiet appoġġati mill-JTF u għal kwalunkwe riżorsa tal-FEŻR u tal-FSE+ li tiġi trasferita lill-JTF f'konformità mal-Artikolu 27.

*Artikolu 16*

**Qafas tal-prestazzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi qafas tal-prestazzjoni biex jippermetti l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm matul l-implimentazzjoni tal-programm, u biex jikkontribwixxi sabiex titkejjel il-prestazzjoni kumplessiva tal-Fondi.

Il-qafas tal-prestazzjoni għandu jkun magħmul minn:

(a) l-indikaturi tal-output u tar-riżultati marbuta mal-objettivi stipulati fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi magħżula għall-programm;

(b) l-istadji importanti li jridu jintlaħqu sa tmiem is-sena 2024 għall-indikaturi tal-output; u

(c) il-miri li jridu jintlaħqu sa tmiem is-sena 2029 għall-indikaturi tal-output u tar-riżultati.

2. L-istadji importanti u l-miri għandhom jiġu stipulati f'rabta ma' kull objettiv speċifiku fl-ambitu ta' programm, ħlief għall-assistenza teknika u għall-objettiv speċifiku li jindirizza privazzjoni materjali stipulat fil-punt (m) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament FSE+.

3. L-istadji importanti u l-miri għandhom jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi speċifiċi. Għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 33(3) tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 17*

**Metodoloġija għall-istabbiliment tal-qafas tal-prestazzjoni**

1. Il-metodoloġija biex jiġi stabbilit il-qafas tal-prestazzjoni għandha tinkludi:

(a) il-kriterji applikati mill-Istat Membru biex jagħżel l-indikaturi;

(b) id-data jew l-evidenza użata, l-aċċertament tal-kwalità tad-data u l-metodu tal-kalkolu;

(c) il-fatturi li jistgħu jinfluwenzaw l-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri u kif tqiesu.

2. L-Istat Membru għandu jagħmel il-metodoloġija li tistabbilixxi l-qafas ta' prestazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba.

*Artikolu 18*

**Rieżami ta' nofs it-terminu u ammont ta' flessibbiltà**

1. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-JTF, l-Istat Membru għandu jagħmel rieżami ta' kull programm, filwaqt li jqis l-elementi li ġejjin:

(a) l-isfidi l-ġodda identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi adottati fl-2024;

(b) il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima, jekk rilevanti;

(c) il-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

(d) il-qagħda soċjoekonomika tal-Istat Membru jew tar-reġjun ikkonċernat, b'enfasi speċjali fuq il-ħtiġijiet territorjali, b'kont meħud ta' kwalunkwe żvilupp finanzjarju, ekonomiku jew soċjali negattiv kbir;

(e) ir-riżultati ewlenin tal-evalwazzjonijiet rilevanti;

(f) il-progress fl-ilħuq tal-istadji importanti, b'kont meħud ta' diffikultajiet kbar li jinqalgħu fl-implimentazzjoni tal-programm;

(g) fir-rigward tal-programmi appoġġati mill-JTF, il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

2. L-Istat Membru għandu jippreżenta valutazzjoni għal kull programm dwar l-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu, inkluż proposta għall-allokazzjoni definittiva tal-ammont tal-flessibbiltà msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 86(1), lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2025.

3. Jekk jitqies li jkun meħtieġ wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programm jew fil-każ li sfidi ġodda jiġu identifikati skont il-punt (a) tal-paragrafu 1, l-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 flimkien mal-programm emendat.

Ir-reviżjoni għandha tinkludi:

(a) l-allokazzjonijiet tar-riżorsi finanzjarji skont il-prijorità;

(b) miri ġodda jew riveduti;

(c) l-ammonti li jridu jiġu kontribwiti lill-Programm InvestEU skont il-Fond u skont il-kategorija ta' reġjun, fejn applikabbli;

Il-Kummissjoni għandha tapprova il-programm rivedut skont l-Artikolu 24, inkluż l-allokazzjoni definittiva tal-ammont tal-flessibbiltà.

4. Fejn, b'riżultat tar-rieżami ta' nofs it-terminu, l-Istat Membru jqis li l-programm ma jeħtieġx li jiġi emendat, il-Kummissjoni għandha jew:

(a) tadotta deċiżjoni fi żmien 3 xhur mill-preżentazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 li tikkonferma l-allokazzjoni definittiva tal-ammont ta' flessibbiltà; jew

(b) titlob lill-Istat Membru biex fi żmien xahrejn tal-preżentazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jippreżenta programm emendat skont l-Artikolu 24.

5. Dan l-ammont ma għandux ikun disponibbli għall-għażla tal-operazzjonijiet qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonferma l-allokazzjoni definittiva tal-ammont ta' flessibbiltà.

6. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar l-eżitu tal-eżami ta' nofs it-terminu u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa tmiem l-2026.

*KAPITOLU III*

***Miżuri marbuta ma' governanza ekonomika tajba u ma' ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu***

*Artikolu 19*

**Miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi mal-governanza ekonomika tajba**

1. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jirrieżamina u jipproponi emendi ta' programmi rilevanti, meta dan ikun meħtieġ biex tkun appoġġata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti.

Talba bħal din tista' ssir għall-finijiet li ġejjin:

(a) biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni rilevanti speċifika għall-pajjiżi adottata f'konformità mal-Artikolu 121(2) TFUE u ta' rakkomandazzjoni rilevanti tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 148(4) TFUE, indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat;

(b) biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat u adottati f'konformità mal-Artikoli 7(2) jew 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [41] dment li dawn l-emendi jitqiesu neċessarji biex jgħinu fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi.

2. Talba mill-Kummissjoni lil Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tkun iġġustifikata b'referenza għall-ħtieġa li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tkun appoġġata, u għandha tindika l-programmi jew il-prijoritajiet li skontha huma kkonċernati u n-natura tal-emendi mistennija. Tali talba ma għandhiex issir qabel l-2023 jew wara l-2026, u lanqas ma għandha ssir b'rabta mal-istess programmi f'sentejn konsekuttivi.

3. L-Istat Membru għandu jippreżenta t-tweġiba tiegħu għat-talba msemmija fil-paragrafu 1, fi żmien xahrejn minn meta jirċevieha, waqt li jistipula l-emendi li jqis li huma meħtieġa fil-programmi rilevanti, ir-raġunijiet għal tali emendi, u waqt li jidentifika l-programmi kkonċernati u jispjega n-natura tal-emendi proposti u l-effetti li mistennija jkollhom fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u fuq l-implimentazzjoni tal-Fondi. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tagħmel kummenti fi żmien xahar minn meta tirċievi dik it-tweġiba.

4. L-Istat Membru għandu jippreżenta proposta biex jemenda l-programmi rilevanti fi żmien xahrejn mid-data tal-preżentazzjoni tat-tweġiba msemmija fil-paragrafu 3.

5. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ippreżentat kummenti jew meta tkun sodisfatta li kwalunkwe kumment ippreżentat ikun tqis kif dovut, għandha tadotta deċiżjoni li tapprova l-emendi tal-programmi rilevanti mhux aktar tard minn 4 xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru..

6. Meta l-Istat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva bi tweġiba għat-talba li tkun saret f'konformità mal-paragrafu 1, sal-iskadenzi stipulati fil-paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni tista', fi żmien 3 xhur, wara l-osservazzjonijiet tagħha skont il-paragrafu 3 jew wara s-sottomissjoni tal-proposta tal-Istat Membru skont il-paragrafu 4, tagħmel proposta lill-Kunsill biex jissospendi parti mill-pagamenti jew il-pagamenti kollha għall-programmi jew il-prijoritajiet ikkonċernati. Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-raġunijiet li għalihom ikkonkludiet li l-Istat Membru naqas milli jieħu azzjoni effettiva. Meta tagħmel il-proposta tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni rilevanti kollha, u għandha tagħti kunsiderazzjoni xierqa lil kwalunkwe element li joriġina mid-djalogu strutturat taħt il-paragrafu 14 u kwalunkwe opinjoni espressa permezz tiegħu.

[41] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar dik il-proposta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu japplika biss fir-rigward applikazzjonijiet għal pagament imressqa wara d-data tal-adozzjoni ta' dak l-att ta' implimentazzjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta lill-Kunsill biex jissospendi l-impenji jew il-pagamenti kollha jew parti minnhom għal programm wieħed jew aktar ta' Stat Membru meta l-Kunsill jiddeċiedi f'konformità mal-Artikolu 126(8) jew (11) TFUE li Stat Membru ma jkunx ħa azzjoni effettiva biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu, dment li ma jkunx iddetermina l-eżistenza ta' reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi skont it-tifsira tal-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 ([42]).

8. Il-Kummissjoni tista' tagħmel proposta lill-Kunsill biex jissospendi l-impenji jew il-pagamenti kollha jew parti minnhom għal programm wieħed jew aktar ta' Stat Membru fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-Kunsill jadotta żewġ rakkomandazzjonijiet suċċessivi fl-istess proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għar-raġunijiet li Stat Membru jkun ippreżenta pjan ta' azzjoni korrettiva insuffiċjenti;

(b) meta l-Kunsill jadotta żewġ deċiżjonijiet suċċessivi fl-istess proċedura ta' żbilanċ eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 li permezz tagħhom jistabbilixxi nuqqas ta' konformità minn Stat Membru għar-raġunijiet li ma jkunx ħa l-azzjoni korrettiva rakkomandata;

(c) meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx ħa miżuri kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 ([43]) u b'konsegwenza ta' hekk tiddeċiedi li ma tawtorizzax l-iżborż tal-assistenza finanzjarja mogħtija lil dak l-Istat Membru;

(d) meta l-Kunsill jiddeċiedi li Stat Membru ma jikkonformax mal-programm ta' aġġustament makroekonomiku msemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([44]), jew mal-miżuri mitluba minn deċiżjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 136(1) TFUE.

9. Għandha tingħata prijorità lis-sospensjoni tal-impenji. Il-pagamenti għandhom ikunu sospiżi biss meta titfittex azzjoni immedjata u fil-każ ta' nuqqas ta' konformità sinifikanti. Is-sospensjoni tal-pagamenti għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal pagamenti ppreżentati għall-programmi kkonċernati wara d-data tad-deċiżjoni għas-sospensjoni.

10. Proposta mill-Kummissjoni għal deċiżjoni ta' sospensjoni tal-impenji għandha titqies bħala adottata mill-Kunsill sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li jirrifjuta tali proposta b'maġġoranza kwalifikata fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

Is-sospensjoni tal-impenji għandha tapplika għall-impenji mill-Fondi għall-Istat Membru kkonċernat mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' sospensjoni.

Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, wara proposta mill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafi 7 u 8 f'rabta mas-sospensjoni tal-pagamenti.

11. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell tas-sospensjoni tal-impenji jew tal-pagamenti li jridu jiġu imposti għandhom ikunu proporzjonati, jirrispettaw l-ugwaljanza tat-trattament bejn l-Istati Membri u jqisu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari l-livell ta' qgħad, il-livell ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-Istat Membru kkonċernat meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni u l-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat. L-impatt tas-sospensjonijiet fuq programmi ta' importanza fundamentali biex jiġu indirizzati l-kondizzjonijiet ekonomiċi jew soċjali avversi għandu jkun fattur speċifiku li jrid jitqies.

([42]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6)

([43]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

([44]) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

12. Is-sospensjoni tal-impenji għandha tkun soġġetta għal massimu ta' 25 % tal-impenji relatati mas-sena kalendarja li jkun imiss għall-Fondi jew 0,25 % tal-PDG nominali, jekk dan ikun inqas, fi kwalunkwe każ minn dawn li ġejjin:

(a) fl-ewwel każ ta' nuqqas ta' konformità bi proċedura ta' defiċit eċċessiv kif imsemmi fil-paragrafu 7;

(b) fl-ewwel każ ta' nuqqas ta' konformità relatat ma' pjan ta' azzjoni korrettiva fl-ambitu ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 8;

(c) f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-azzjoni korrettiva rakkomandata skont proċedura ta' żbilanċ eċċessiv kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 8;

(d) fl-ewwel każ ta' nuqqas ta' konformità kif imsemmi fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 8.

F'każ ta' nuqqas ta' konformità persistenti, is-sospensjoni tal-impenji tista' taqbeż il-perċentwali massimi stipulati fl-ewwel subparagrafu.

13. Il-Kunsill għandu jneħħi s-sospensjoni tal-impenji fuq proposta mill-Kummissjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tinżamm sospiża f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jew il-Kunsill ikun iddeċieda li, f'konformità mal-Artikolu 126(12) TFUE jabroga d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv;

(b) meta l-Kunsill ikun approva pjan ta' azzjoni korrettiva mressaq mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 jew il-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv tkun f'sospensjoni f'konformità mal-Artikolu 10(5) ta' dak ir-Regolament jew il-Kunsill ikun għalaq il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament;

(c) meta l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-Istat Membru kkonċernat ikun ħa l-miżuri xierqa kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 332/2002;

(d) meta l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-Istat Membru kkonċernat ikun ħa miżuri xierqa biex jimplimenta l-programm ta' aġġustament makroekonomiku msemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 jew il-miżuri mitluba minn deċiżjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 136(1) TFUE.

Wara li l-Kunsill ikun neħħa s-sospensjoni tal-impenji, il- Kummissjoni għandha tibbaġitja mill-ġdid l-impenji sospiżi f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093.

L-impenji sospiżi ma jistgħux jiġu bbaġitjati mill-ġdid lil hinn mis-sena 2027.

Il-limitu ta' żmien tad-diżimpenn għall-ammont ibbaġitjat mill-ġdid f'konformità mal-Artikolu 105 għandu jibda mis-sena li fiha l-impenn sospiż ikun ġie bbaġitjat mill-ġdid.

Deċiżjoni li tikkonċerna t-tneħħija tas-sospensjoni tal-pagamenti għandha tittieħed mill-Kunsill wara proposta mill-Kummissjoni meta l-kondizzjonijiet applikabbli stipulati fl-ewwel subparagrafu jkunu ssodisfati. Proposta mill-Kummissjoni għal deċiżjoni biex titneħħa s-sospensjoni tal-impenji għandha titqies li ġiet adottata mill-Kunsill dment li l-Kunsill ma jiddeċidix, permezz ta'att ta' implimentazzjoni, li jirrifjuta tali proposta b'maġġoranza kwalifikata fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

14. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-artikolu. B'mod partikolari, meta waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 6, 7 jew 8 tiġi ssodisfata għal Stat Membru, il-Kummissjoni għandha minnufih tgħarraf lill-Parlament Ewropew u tipprovdi d-dettalji tal-Fondi u tal-programmi li jistgħu jkunu soġġetti għal sospensjoni.

Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni għal djalogu strutturat dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, wara li jqis li l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tkun intbagħtet.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-proposta għal sospensjoni jew il-proposta biex titneħħa tali sospensjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mingħajr dewmien wara l-adozzjoni tagħha. Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni biex tispjega r-raġunijiet għall-proposta tagħha.

15. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport u għandha tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat meta meħtieġ minn proposta leġiżlattiva.

16. Meta jkun hemm bidliet kbar fis-sitwazzjoni soċjali u ekonomika fl-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta biex tirrevedi l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill, li jaġixxu skont l-Artikolu 225 jew 241 TFUE rispettivament, jistgħu jitolbu li l-Kummissjoni tressaq tali proposta.

17. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall- FSE+, għall-AMIF, għall-ISF, għall-BMVI jew għall-programmi Interreg.

*Artikolu 20*

**Miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi b'reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu**

1. Meta wara l-1 ta' Lulju 2021 il-Kunsill ikun irrikonoxxa l-okkorrenza ta' avveniment mhux tas-soltu lil hinn mill-kontroll ta' Stat Membru wieħed jew aktar, li jkollu impatt kbir fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-gvern ġenerali jew reċessjoni ekonomika severa għaż-żona tal-euro jew għall-Unjoni kollha kemm hi kif imsemmi fl-għaxar subparagrafu tal-Artikolu 5(1), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 6(3), l-għaxar subparagrafu tal-Artikolu 9(1) u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ([45]) jew l-okkorrenza ta' avvenimenti ekonomiċi avversi b'konsegwenzi sfavorevoli kbar għall-finanzi tal-gvern kif imsemmi fl-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni u għal perijodu ta' mhux aktar minn 18-il xahar, tadotta wieħed jew aktar mill-miżuri li ġejjin dment li jkunu strettament neċessarji biex issir reazzjoni għal dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu:

(a) fuq talba ta' Stat Membru kkonċernat wieħed jew aktar iżżid il-pagamenti interim b'10 punti perċentwali fuq ir-rata ta' kofinanzjament applikabbli, filwaqt li ma taqbiżx il-100 % b'deroga mill-Artikolu 112(3) u (4) ta' dan ir-Regolament, kif ukoll mill-Artikolu 40 tar-Regolament FEMSA, l-Artikolu 15 tar-Regolament AMIF, l-Artikolu 12 tar-Regolament ISF u l-Artikolu 12 tar-Regolament BMVI;

(b) tippermetti li l-awtoritajiet ta' Stat Membru jagħżlu għall-appoġġ operazzjonijiet li tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ qabel ma tiġi ppreżentata fiż-żmien dovut lill-awtorità maniġerjali l-applikazzjoni għall-iffinanzjar taħt il-programm, permezz ta' deroga mill-Artikolu 63(6), dment li l-operazzjoni tkun b'reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali;

(c) tipprovdi li n-nefqa għal operazzjonijiet b'reazzjoni għal ċirkostanzi bħal dawn tista' tkun eliġibbli mid-data li fiha l-Kunsill japprova l-preżenza ta' dawk iċ-ċirkostanzi, permezz ta' deroga mill-Artikolu 63(7);

(d) testendi l-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' dokumenti u l-preżentazzjoni ta' data lill-Kummissjoni bi mhux aktar minn 3 xhur, permezz ta' deroga mill-Artikoli 41(6), 42(1), 44(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 49(3).

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati bl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Meta waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 tiġi ssodisfata, il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tagħha tas-sitwazzjoni u s-segwitu previst tagħha.

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni għal djalogu strutturat dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Meta tivvaluta s-sitwazzjoni u tipprevedi segwitu, il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq il-pożizzjonijiet meħuda u l-fehmiet espressi permezz tad-djalogu strutturat.

4. Jekk wara perijodu li ma jaqbiżx it-18-il xahar, kif imsemmi fil-paragrafu 1, iċ-ċirkostanzi speċifiċi li wasslu għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri temporanji jippersistu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid is-sitwazzjoni u tressaq proposta leġiżlattiva, kif adatt, li temenda dan ir-Regolament, li tipprevedi l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn iċ-ċirkostanzi.

([45]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1).

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni adottata skont il-paragrafu 1 mingħajr dewmien, sa mhux aktar tard minn jumejn ta' xogħol mill-adozzjoni tagħha.

TITOLU III

**PROGRAMMAZZJONI**

*KAPITOLU I*

***Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi***

*Artikolu 21*

**Tħejjija u preżentazzjoni tal-programmi**

1. L-Istati Membri għandhom iħejju, f'kooperazzjoni mas-sħab imsemmija fl-Artikolu 8(1), il-programmi biex jimplimentaw il-Fondi għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-programmi lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija. Għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-programmi lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew ir-Regolament rilevanti speċifiku għall-fond, skont liema jiġi l-aħħar.

3. L-Istati Membri għandhom iħejju l-programmi f'konformità mal-mudell tal-programmi stipulati fl-Anness V.

Għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI, l-Istati Membri għandhom iħejju l-programmi skont il-mudell tal-programmi stipulat fl-Anness VI.

4. Meta jitħejja rapport ambjentali skont id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([46]), dan għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-programm imsemmi fl-Artikolu 49(1) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 22*

**Il-kontenut tal-programmi**

1. Kull programm għandu jistabbilixxi strateġija għall-kontribuzzjoni tal-programm għall-objettivi ta' politika jew għall-objettiv speċifiku tal-JTF u għall-komunikazzjoni tar-riżultati tiegħu.

2. Programm għandu jkun magħmul minn prijorità waħda jew aktar. Kull prijorità għandha tikkorrispondi għal objettiv ta' politika uniku, l-objettiv speċifiku tal-JTF jew għal assistenza teknika implimentata skont l-Artikolu 36(4) jew l-Artikolu 37. Prijorità tista' tuża l-appoġġ minn Fond wieħed jew aktar sakemm ma tirċevix appoġġ mill-JTF jew tikkonċerna assistenza teknika implimentata skont l-Artikolu 36(4) jew l-Artikolu 37. Prijorità li tikkorrispondi għal objettiv ta' politika għandha tkun magħmula minn objettiv speċifiku wieħed jew aktar. Aktar minn prijorità waħda tista' tikkorrispondi għall-istess objettiv ta' politika jew għall-objettiv speċifiku tal-JTF.

Għall-programmi appoġġati mill-AMIF, l-ISF u l-BMVI, programm għandu juża l-appoġġ minn Fond wieħed u jkun magħmul minn objettivi speċifiċi u minn objettivi speċifiċi għall-assistenza teknika.

3. Kull programm għandu jistabbilixxi:

(a) l-isfidi ewlenin, fil-qosor, filwaqt li jitqiesu:

  (i) id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali kif ukoll l-inugwaljanzi, ħlief għall-programmi appoġġati mill-FEMSA;

  (ii) il-fallimenti tas-suq;

  (iii) il-ħtiġijiet ta' investiment u l-komplementarjetà u s-sinerġiji ma' forom oħra ta' appoġġ;

  (iv) l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, fl-istrateġiji nazzjonali u reġjonali rilevanti ta' dak l-Istat Membru, inkluż il-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tiegħu u b'rabta mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u, għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI, rakkomandazzjonijiet oħra rilevanti tal-Unjoni indirizzati lill-Istat Membru;

([46]) Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

(v) l-isfidi marbuta mal-kapaċità amministrattiva u l-governanza u l-miżuri ta' simplifikazzjoni;

(vi) approċċ integrat sabiex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi, fejn rilevanti;

(vii) it-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza ta' qabel;

(viii) l-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar, jekk l-Istati Membri u r-reġjuni jkunu jipparteċipaw fi strateġiji bħal dawn;

(ix) għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis tal-Unjoni u tal-pjanijiet ta' azzjoni rilevanti u ġustifikazzjoni għall-għażla tal-objettivi speċifiċi;

(x) fir-rigward tal-programmi appoġġati mill-JTF, l-isfidi marbuta mat-tranżizzjoni li jiġu identifikati fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta;

Il-punti (i), (ii) u (viii) ma għandhomx japplikaw għall-programmi appoġġati mill-AMIF, l-ISF jew il-BMVI.

(b) ġustifikazzjoni għall-objettivi ta' politika magħżula, il-prijoritajiet korrispondenti, l-objettivi speċifiċi u l-forom ta' appoġġ;

(c) għal kull prijorità, ħlief għall-assistenza teknika, l-objettivi speċifiċi;

(d) għal kull objettiv speċifiku:

(i) it-tipi ta' azzjonijiet relatati u l-kontribut mistenni tagħhom għal dawk l-objettivi speċifiċi, l-istrateġiji makroreġjonali, l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar, u għall-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta appoġġati mill-JTF, fejn xieraq;

(ii) l-indikaturi tal-output u l-indikaturi tar-riżultati bl-istadji importanti u l-miri korrispondenti;

(iii) il-gruppi prinċipali fil-mira;

(iv) l-azzjonijiet li jissalvagwardjaw l-ugwaljanza, l-inklużjoni u n-nondiskriminazzjoni;

(v) indikazzjoni tat-territorji speċifiċi fil-mira, inkluż l-użu ppjanat ta' investiment territorjali integrat, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jew għodod territorjali oħra;

(vi) l-azzjonijiet interreġjonali, transfruntiera u tranżnazzjonali ma' benefiċjarji li jinsabu f'minn tal-anqas Stat Membru ieħor jew barra mill-Unjoni, fejn rilevanti;

(vii) l-użu ppjanat tal-istrumenti finanzjarji;

(viii) it-tipi ta' intervent u tqassim indikattiv tar-riżorsi programmati skont it-tip ta' intervent;

(ix) fir-rigward tal-objettiv speċifiku tal-JTF, il-ġustifikazzjoni għall-kwalunkwe ammont trasferit mir-riżorsi tal-FEŻR u tal-FSE+ f'konformità mal-Artikolu 27, kif ukoll it-tqassim tagħhom skont il-kategorija tar-reġjun, li jirrifletti t-tipi tal-interventi ppjanati skont il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta;

(e) għal kull prijorità dwar l-assistenza teknika implimentata skont l-Artikolu 36(4):

(i) it-tipi relatati ta' azzjonijiet;

(ii) l-indikaturi tal-output bl-istadji importanti u l-miri korrispondenti;

(iii) il-gruppi prinċipali fil-mira;

(iv) it-tipi ta' intervent u tqassim indikattiv tar-riżorsi programmati skont it-tip ta' intervent;

(f) l-użu ppjanat ta' assistenza teknika skont l-Artikolu 37, jekk applikabbli, u t-tipi rilevanti ta' intervent;

(g) pjan ta' finanzjament li fih:

(i) tabella li tispeċifika l-allokazzjoni finanzjarji totali għal kull wieħed mill-Fondi u, fejn applikabbli, u għal kull kategorija ta' reġjun għal perijodu ta' programmazzjoni kollu u skont is-sena, inkluż kull ammont trasferit skont l-Artikolu 26 jew 27;

(ii) għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF, tabella li tispeċifika l-allokazzjonijiet finanzjarji totali għal kull prijorità skont il-Fond u skont il-kategorija ta' reġjun, fejn applikabbli, u l-kontribuzzjoni nazzjonali u jekk tikkonsistix minn kontribuzzjonijiet pubbliċi jew privati, jew it-tnejn;

(iii) għall-programmi appoġġati mill-FEMSA, tabella li tispeċifika għal kull objettiv speċifiku, l-ammont tal-allokazzjonijiet finanzjarji totali tal-appoġġ mill-Fond u l-kontribuzzjoni nazzjonali;

(iv) għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, tabella li tispeċifika, skont l-objettiv speċifiku, l-allokazzjonijiet finanzjarji totali skont it-tip ta' azzjoni, il-kontribuzzjoni nazzjonali u jekk tikkonsistix minn kontribuzzjonijiet pubbliċi jew privati, jew it-tnejn;

(h) l-azzjonijiet meħuda sabiex is-sħab rilevanti msemmija fl-Artikolu 8(1) jiġu involuti fit-tħejjija tal-programm, u r-rwol ta' dawk is-sħab fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm;

(i) għal kull kondizzjoni abilitanti marbuta mal-objettiv speċifiku magħżul, stabbilita f'konformità mal-Artikolu 15 u l-Annessi III u IV, valutazzjoni ta' jekk il-kondizzjoni abilitanti tkunx ġiet issodisfata sad-data tal-preżentazzjoni tal-programm;

(j) l-approċċ previst għall-komunikazzjoni u l-viżibbiltà tal-programm billi jiġu definiti l-objettivi, l-udjenzi fil-mira, il-kanali ta' komunikazzjoni, inkluż sensibilizzazzjoni permezz tal-media soċjali, fejn adatt, il-baġit ippjanat u l-indikaturi rilevanti tiegħu għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

(k) l-awtoritajiet tal-programm u l-korp, jew fil-każ tal-assistenza teknika skont l-Artikolu 36(5), fejn applikabbli, il-korpi li jirċievu pagamenti mingħand il-Kummissjoni.

Il-punti (a), (i), (ii) u (viii) ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għal programmi limitati li jappoġġaw l-objettiv speċifiku stipulat fil-punt (m) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament FSE+. Il-punt (d) ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-objettiv speċifiku stipulat fil-punt (m) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament FSE+.

Għall-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FSE +, il-JTF u l-FEMSA, il-programm għandu jkun akkumpanjat għall-finijiet ta' informazzjoni minn lista tal-operazzjonijiet ippjanati ta' importanza strateġika, bi skeda ta' żmien.

Jekk, f'konformità mal-punt (k), jiġi identifikat aktar minn korp wieħed biex jirċievi pagamenti mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi kif l-ammonti rimborżati jitqassmu bejn il-korpi.

4. Permezz ta' deroga mill-punt (b) sa (e) tal-paragrafu 3, għal kull objettiv speċifiku tal-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, għandu jkun ipprovdut dan li ġej:

(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni inizjali, tal-isfidi u tar-reazzjonijiet appoġġati mill-Fond;

(b) indikazzjoni tal-*miżuri ta' implimentazzjoni*;

(c) lista indikattiva ta' azzjonijiet u l-kontribuzzjoni tagħhom mistennija għall-objettivi speċifiċi;

(d) meta applikabbli, ġustifikazzjoni għall-appoġġ operattiv, għall-azzjonijiet speċifiċi, għall-assistenza ta' emerġenza, u għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament AMIF;

(e) indikaturi tal-output u tar-riżultati bl-istadji importanti u l-miri korrispondenti;

(f) tqassim indikattiv tar-riżorsi programmati skont it-tip ta' intervent.

5. It-tipi ta' intervent għandhom ikunu bbażati fuq in-nomenklatura stipulata fl-Anness I. Għall-programmi appoġġati mill-FEMSA, mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, it-tipi ta' interventi għandhom ikunu bbażati fuq in-nomenklatura stipulata fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi.

6. Għall-programmi tal-FEŻR, tal-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u tal-JTF, it-tabella msemmija fil-punt (g)(ii) tal-paragrafu 3 għandha tinkludi l-ammonti għas-snin 2021 sal-2027 inkluż l-ammont ta' flessibbiltà.

7. L-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-punt (k) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (3) li ma teħtieġx emendar tal-programm.

8. Għall-programmi appoġġati mill-JTF, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta bħala parti mill-programm jew programmi jew minn talba għal emenda.

*Artikolu 23*

**L-approvazzjoni tal-programmi**

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-programm u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament u mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, kif ukoll għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni, għall-JTF u għall-FEMSA, il-konsistenza tiegħu mal-Ftehim ta' Sħubija rilevanti. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tqis ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi, kif ukoll l-isfidi rilevanti identifikati fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima, u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-mod kif jiġu indirizzati.

2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien 3 xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru.

3. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-programm, filwaqt li jqis l-osservazzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, deċiżjoni li tapprova l-programm mhux aktar tard minn 5 xhur wara d-data *tal-ewwel* preżentazzjoni ta' dan il-programm mill-Istat Membru.

*Artikolu 24*

**Emendar ta' programmi**

1. L-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għall-emendar ta' programm flimkien mal-programm emendat, filwaqt li jindika l-impatt mistenni ta' dik l-emenda fuq il-kisba tal-objettivi.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-emenda u l-konformità tagħha ma' dan ir-Regolament u mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, inkluż ir-rekwiżiti fil-livell nazzjonali, u tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien xahrejn mill-preżentazzjoni tal-programm emendat.

3. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-programm emendat u jqis l-osservazzjonijiet li jkunu saru mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova l-emendar ta' programm mhux aktar tard minn 4 xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru.

5. Għal programmi appoġġati mill-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF, u l-Istat Membru jista', matul il-perijodu ta' programmazzjoni, jittrasferixxi ammont sa massimu ta' 8 % tal-allokazzjoni inizjali ta' prijorità u mhux aktar minn 4 % tal-baġit tal-programm lil prijorità oħra tal-istess Fond tal-istess programm. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-JTF, it-trasferiment għandu jikkonċerna biss l-allokazzjonijiet għall-istess kategorija ta' reġjuni.

Għall-programmi appoġġati mill-FEMSA, l-Istat Membru jista' jittrasferixxi matul il-perijodu ta' programmazzjoni ammont sa mhux aktar minn 8 % tal-allokazzjoni inizjali ta' objettiv speċifiku għal objettiv speċifiku ieħor, inkluż l-assistenza teknika implimentata skont l-Artikolu 36(4).

Għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, l-Istat Membru jista' jittrasferixxi matul il-perijodu ta' programmazzjoni l-allokazzjonijiet bejn tipi ta' azzjonijiet fl-istess prijorità u, barra minn hekk, ammont sa mhux aktar minn 15 % tal-allokazzjoni inizjali ta' prijorità lil prijorità oħra tal-istess Fond.

Tali trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw is-snin preċedenti. It-trasferimenti u l-bidliet relatati għandhom jitqiesu bħala mhux sostanzjali u ma għandhomx jirrikjedu deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emendar tal-programm. Madankollu, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji kollha u għandhom jiġu approvati minn qabel mill-kumitat ta' monitoraġġ skont il-punt (d) tal-Artikolu 40(2). L-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni t-tabella emendata msemmija taħt il-punti (g)(ii), (iii) jew (iv) tal-Artikolu 22(3), kif applikabbli, flimkien ma' kwalunkwe bidla fil-programm.

6. L-approvazzjoni tal-Kummissjoni ma għandhiex tkun meħtieġa għal korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali li ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-programm. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'tali korrezzjonijiet.

7. Għall-programmi appoġġati mill-FEMSA, l-emendi tal-programmi relatati mal-introduzzjoni ta' indikaturi ma għandhomx jirrikjedu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

*Artikolu 25*

**Appoġġ konġunt mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-JTF**

1. Il-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF jistgħu jipprovdu appoġġ b'mod konġunt għall-programmi taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir.

2. Il-FEŻR u l-FSE+ jistgħu jiffinanzjaw, b'mod komplementari u soġġett għal limitu ta' 15 % ta' appoġġ minn dawk il-Fondi għal kull prijorità ta' programm, l-operazzjoni kollha jew parti minnha li l-ispejjeż tagħha jkunu eliġibbli għal appoġġ mill-Fond l-ieħor fuq il-bażi tar-regoli ta' eliġibbiltà applikati għal dak il-Fond, dment li tali spejjeż ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni. Dik l-għażla ma għandhiex tapplika għal kwalunkwe riżorsa tal-FEŻR u tal-FSE+ li tiġi ttrasferita lill-JTF f'konformità mal-Artikolu 27.

*Artikolu 26*

**Trasferiment ta' riżorsi**

1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu, fil-Ftehim ta' Sħubija jew, f' talba għall-emendar ta' programm jekk maqbul mill-kumitat ta' monitoraġġ tal-programm skont il-punt (d) tal-Artikolu 40(2), it-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali ta' kull Fond lil kwalunkwe strument ieħor taħt ġestjoni diretta jew indiretta, fejn tali possibbiltà hija prevista fl-att bażiku ta' tali strument.

It-total tat-trasferimenti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u l-kontribuzzjonijiet f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(1) ma għandux jaqbeż il-5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali ta' kull Fond.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll, fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għall-emendar ta' programm, it-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali ta' kull Fond lil Fond jew Fondi oħra, għajr trasferimenti li huma stipulati fir-raba' subparagrafu.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għall-emendar ta' programm trasferiment addizzjonali sa 20 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali skont il-Fond bejn il-FEŻR, il-FSE + jew il-Fond ta' Koeżjoni fi ħdan ir-riżorsi globali tal-Istat Membru taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir. L-Istati Membri li r-rata tal-qgħad totali medja tagħhom għall-perijodu 2017-2019 hija inqas minn 3 % jistgħu jitolbu tali trasferiment addizzjonali sa 25 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali.

2. Ir-riżorsi trasferiti għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-Fond jew tal-istrument li fih dawn ir-riżorsi jiġu trasferiti u, fil-każ ta' trasferimenti lejn strumenti taħt ġestjoni diretta jew indiretta, għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Talbiet għall-emendar ta' programm għandhom jistabbilixxu l-ammont totali trasferit għal kull sena skont il-Fond u skont il-kategorija ta' reġjun, fejn applikabbli, għandhom ikunu debitament ġustifikati bil-ħsieb tal-komplementarjetajiet u l-impatt li għandu jinkiseb, u għandhom ikunu akkumpanjati mill-programm jew programmi emendati f'konformità mal-Artikolu 24.

4. Wara li tikkonsulta mal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha toġġezzjona għal talba għal trasferiment fl-emenda tal-programm relatat fejn tali trasferiment idgħajjef il-kisba tal-objettivi tal-programm li minnu jridu jiġu ttrasferiti r-riżorsi.

Il-Kummissjoni għandha toġġezzjona wkoll għat-talba meta hija tqis li l-Istat Membru ma pprovdiex ġustifikazzjoni adegwata għat-trasferiment fir-rigward tar-riżultati li għandhom jinkisbu jew tal-kontribuzzjoni li għandha ssir għall-objettivi tal-Fond riċeventi jew strument f'ġestjoni diretta jew indiretta.

5. Meta t-talba għal trasferiment tikkonċerna emenda ta' programm, jistgħu jiġu trasferiti biss riżorsi ta' snin kalendarji futuri.

6. Ir-riżorsi tal-JTF, inkluż kwalkunkwe riżorsa ttrasferita mill-FEŻR u l-FSE+ f'konformità mal-Artikolu 27, ma għandhomx ikunu trasferibbli lejn Fondi jew strumenti oħrajn skont il-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu.

Il-JTF ma għandux jirċievi trasferimenti skont il-paragrafi 1 sa 5.

7. Meta l-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għar-riżorsi trasferiti skont il-paragrafu 1, ir-riżorsi mhux impenjati korrispondenti jistgħu jiġu ttrasferiti lura lejn il-Fond li minnu jkunu ġew inizjalment trasferiti u allokati għal programm wieħed jew aktar.

Għal dan il-għan, l-Istat Membru għandu jippreżenta talba għal emendar tal-programm f'konformità mal-Artikolu 24(1), sa mhux aktar tard minn 4 xhur qabel il-limitu ta' żmien għall-impenji stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 114(2) tar-Regolament Finanzjarju.

8. Riżorsi trasferiti lura lejn il-Fond li minnu jkunu ġew inizjalment trasferiti u allokati għal programm wieħed jew aktar għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament u r-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba għal emendar tal-programm.

9. Għar-riżorsi trasferiti lura lejn il-Fond li minnu jkunu ġew inizjalment trasferiti u allokati għal programm f'konformità mal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, il-limitu ta' żmien tad-diżimpenn kif definit fl- Artikolu 105(1) għandu jibda fis-sena li fiha jsiru l-impenji baġitarji korrispondenti.

*Artikolu 27*

**Trasferiment ta' riżorsi mill-FEŻR u mill-FSE+ lejn il-JTF**

1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu fuq bażi volontarja li l-ammont ta' riżorsi disponibbli għall-JTF taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-JTF, jiġi kkomplementat, bir-riżorsi mill-FEŻR, mill-FSE+ jew minn taħlita tagħhom, tal-kategorija tar-reġjun fejn ikun jinsab it-territorju kkonċernat. It-total tar-riżorsi tal-FEŻR u l-FSE+ ittrasferit lill-JTF ma għandux jaqbeż tliet darbiet l-ammont tal-allokazzjoni mill-JTF imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 110(1). Ir-riżorsi ttrasferiti mill-FEŻR jew mill-FSE+ ma għandhomx jaqbżu l-15 % tal-allokazzjoni rispettiva mill-FEŻR u mill-FSE+ għall-Istat Membru kkonċernat.L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'dawk it-talbiet l-ammont totali trasferit għal kull sena skont il-kategorija tar-reġjun.

2. It-trasferimenti rispettivi mir-riżorsi tal-FEŻR u tal-FSE+ lejn il-prijorità jew il-prijoritajiet appoġġati mill-JTF għandhom jirriflettu t-tipi tal-interventi f'konformità mal-informazzjoni stipulata fil-programm skont il-punt (d)(ix) tal-Artikolu 22(3). Tali trasferimenti għandhom jitqiesu li huma definittivi.

3. Ir-riżorsi tal-JTF, fosthom ir-riżorsi ttrasferiti mill-FEŻR u l-FSE+, għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament u fir-Regolament dwar il-JTF. Ir-regoli stipulati fir-Regolament FEŻR u FK u fir-Regolament FSE+ ma għandhomx japplikaw għar-riżorsi tal-FEŻR u tal-FSE+ ttrasferiti b'konformità mal-paragrafu 1.

*KAPITOLU II*

***Żvilupp territorjali***

*Artikolu 28*

**Żvilupp territorjali integrat**

Meta Stat Membru jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat, dan għandu jagħmel hekk permezz ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali jew lokali fi kwalunkwe forma minn dawn li ġejjin:

(a) investimenti territorjali integrati;

(b) żvilupp lokali mmexxi mill-komunità; jew

(c) għodda territorjali oħra li tappoġġa inizjattivi mfassla mill-Istat Membru.

Meta jimplimenta strateġiji ta' żvilupp territorjali jew lokali taħt aktar minn Fond wieħed, l-Istat Membru għandu jiżgura koerenza u koordinazzjoni fost il-Fondi kkonċernati.

*Artikolu 29*

**Strateġiji territorjali**

1. L-istrateġiji territorjali implimentati skont il-punt (a) jew (c) tal-Artikolu 28 għandu jkun fihom l-elementi li ġejjin:

(a) iż-żona ġeografika koperta mill-istrateġija;

(b) analiżi tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp u tal-potenzjal taż-żona, inkluż l-interkonnessjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

(c) deskrizzjoni ta' approċċ integrat biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-iżvilupp identifikati u l-potenzjal taż-żona;

(d) deskrizzjoni tal-involviment tas-sħab f'konformità mal-Artikolu 8 fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Dawn jista' jkun fihom ukoll lista tal-operazzjonijiet li jridu jiġu appoġġati.

2. L-istrateġiji territorjali għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet jew il-korpi territorjali rilevanti. Dokumenti strateġiċi eżistenti li jikkonċernaw iż-żoni koperti jistgħu jintużaw għall-istrateġiji territorjali.

3. Meta l-lista tal-operazzjonijiet li jridu jiġu appoġġati ma tkunx ġiet inkluża fl-istrateġija territorjali, l-awtoritajiet jew il-korpi territorjali rilevanti għandhom jagħżlu jew ikunu involuti fl-għażla tal-operazzjonijiet.

4. Meta jkunu qed iħejju strateġiji territorjali, l-awtoritajiet jew korpi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti, sabiex jiġi ddeterminat l-ambitu tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programm rilevanti.

L-operazzjonijiet magħżula għandhom jikkonformaw mal-istrateġija territorjali.

5. Meta awtorità jew korp territorjali jwettaq kompiti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni bl-eċċezzjoni tal-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtorità għandha tiġi tidentifika bħala korp intermedjarju mill-awtorità ta' ġestjoni.

6. Jista' jingħata appoġġ għat-tħejjija u għat-tfassil tal-istrateġiji territorjali.

*Artikolu 30*

**Investiment territorjali integrat**

Meta strateġija territorjali msemmija fl-Artikolu 29 tinvolvi investimenti li jirċievu appoġġ minn Fond wieħed jew aktar, jew minn aktar minn programm wieħed jew minn aktar minn prijorità waħda tal-istess programm, l-azzjonijiet jistgħu jitwettqu bħala investiment territorjali integrat.

*Artikolu 31*

**Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità**

1. Meta l-Istat Membru jqis li dan ikun xieraq skont l-Artikolu 28, il-FEŻR, il-FSE+, il-JTF u l-FEMSA għandhom jappoġġaw l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità.

2. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jkun:

(a) iffukat fuq żoni subreġjonali;

(b) immexxi minn gruppi ta' azzjoni lokali magħmula minn rappreżentanti tal-interessi soċjoekonomiċi lokali pubbliċi u privati, li fihom l-ebda grupp ta' interess ma jikkontrolla t-teħid tad-deċiżjonijiet waħdu;

(c) imwettaq permezz ta' strateġiji f'konformità mal-Artikolu 32;

(d) jappoġġa n-networking, l-aċċessibbiltà, il-fatturi innovattivi fil-kuntest lokali u, fejn xieraq, il-kooperazzjoni ma' atturi territorjali oħra.

3. Meta l-appoġġ għall-istrateġiji msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 jkun disponibbli minn aktar minn Fond wieħed, l-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti għandhom jorganizzaw sejħa konġunta għall-għażla ta' dawk l-istrateġiji u jistabbilixxu kumitat konġunt għall-Fondi kollha kkonċernati għall-monitoraġġ ta' dawk l-istrateġiji. L-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti jistgħu jagħżlu wieħed mill-Fondi kkonċernati biex jappoġġaw l-ispejjeż kollha ta' tħejjija, ta' ġestjoni u ta' animazzjoni msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 34(1) relatati ma' dawk l-istrateġiji.

4. Meta l-implimentazzjoni ta' strateġija bħal din tinvolvi appoġġ minn aktar minn Fond wieħed, l-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti jistgħu jagħżlu wieħed mill-Fondi kkonċernati bħala l-Fond Ewlieni.

5. Filwaqt li jiġu rispettati l-ambitu u r-regoli ta' eliġibbiltà ta' kull fond involut fl-appoġġ tal-istrateġija, ir-regoli tal-Fond Ewlieni għandhom japplikaw għal dik l-istrateġija. L-awtoritajiet ta' fondi oħra għandhom iserrħu fuq id-deċiżjonijiet u l-verifiki ta' ġestjoni li jsiru mill-awtorità kompetenti tal-Fond Ewlieni.

6. L-awtorità tal-Fond Ewlieni għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet ta' Fondi oħra bl-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ u jwettqu l-pagamenti f'konformità mar-regoli stipulat fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond.

*Artikolu 32*

**Strateġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità**

1. L-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti għandhom jiżguraw li kull strateġija msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 31(2) tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) iż-żona ġeografika u l-popolazzjoni koperti mill-istrateġija;

(b) il-proċess ta' involviment tal-komunità fl-iżvilupp ta' dik l-istrateġija;

(c) analiżi tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp u tal-potenzjal taż-żona;

(d) l-objettivi ta' dik l-istrateġija, inkluż l-isfidi li jistgħu jitkejlu għar-riżultati, u azzjonijiet ippjanati relatati;

(e) l-arranġamenti għall-ġestjoni, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni, li juru l-kapaċità tal-grupp ta' azzjoni lokali li jimplimenta dik l-istrateġija;

(f) pjan finanzjarju, inkluż l-allokazzjoni ppjanata minn kull Fond, kif ukoll, fejn xieraq, l-allokazzjoni ppjanata mill-FAEŻR, u kull programm ikkonċernat.

Jista' jkun fih ukoll tipi ta' miżuri u operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati minn kull Fond affettwat.

2. L-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti għandhom jiddefinixxu l-kriterji għall-għażla ta' dawk l-istrateġiji, jistabbilixxu kumitat biex jagħmel din l-għażla u japprovaw l-istrateġiji magħżula minn dak il-kumitat.

3. L-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti għandhom ilestu l-ewwel ċiklu ta' għażla tal-istrateġiji u jiżguraw li l-gruppi ta' azzjoni lokali magħżula jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom stipulati fl-Artikolu 33(3) fi żmien 12-il xahar mid-data tad-deċiżjoni li tapprova l-programm jew, fil-każ ta' strateġiji appoġġati minn aktar minn Fond wieħed, fi żmien 12-il xahar mid-data tad-deċiżjoni li tapprova l-aħħar programm ikkonċernat.

4. Id-deċiżjoni li tapprova strateġija għandha tistabbilixxi l-allokazzjoni ta' kull Fond u programm ikkonċernat u tistabbilixxi r-responsabbiltajiet għall-kompiti ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm jew tal-programmi.

*Artikolu 33*

**Gruppi ta' azzjoni lokali**

1. Il-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom ifasslu u jimplimentaw l-istrateġiji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 31(2).

2. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jiżguraw li l-gruppi ta' azzjoni lokali *huma inklużivi, u li* jew jagħżlu sieħeb wieħed fi ħdan il-grupp bħala sieħeb ewlieni fi kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, jew jingħaqdu flimkien fi struttura komuni kkostitwita legalment.

3. Il-kompiti li ġejjin għandhon jitwettqu eżklużivamernt mill-gruppi ta' azzjoni lokali:

(a) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' atturi lokali biex jiżviluppaw u jimplimentaw l-operazzjonijiet;

(b) it-tfassil ta' proċedura u kriterji tal-għażla nondiskriminatorji u trasparenti, li jevitaw il-kunflitti ta' interess u jiżguraw li l-ebda grupp ta' interess wieħed ma jikkontrolla d-deċiżjonijiet dwar l-għażla;

(c) it-tħejjija u l-pubblikazzjoni tas-sejħiet għal proposti;

(d) l-għażla tal-operazzjonijiet u l-iffissar tal-ammont tal-appoġġ u l-preżentazzjoni tal-proposti lill-korp responsabbli għall-verifika finali tal-eliġibbiltà qabel l-approvazzjoni;

(e) il-monitoraġġ tal-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-istrateġija;

(f) l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija.

4. Meta l-gruppi ta' azzjoni lokali jwettqu kompiti mhux koperti mill-paragrafu 3 li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni jew tal-aġenzija tal-pagamenti fejn il-FAEŻR jintgħażel bħala Fond Ewlieni, il-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom ikunu identifikati mill-awtorità ta' ġestjoni bħala korpi intermedji f'konformità mar-regoli speċifiċi għall-Fondi.

5. Il-grupp ta' azzjoni lokali jista' jkun benefiċjarju u jista' jimplimenta operazzjonijiet f'konformità mal-istrateġija, sakemm il-grupp ta' azzjoni lokali jiżgura li jiġi rrispettat l-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet.

*Artikolu 34*

**Appoġġ mill-Fondi għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità**

1. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-appoġġ mill-Fondi għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jkopri:

(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-azzjonijiet ta' tħejjija li jappoġġaw it-tfassil u l-implimentazzjoni futura tal-istrateġija;

(b) l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, inkluż l-attivitajiet ta' kooperazzjoni u t-tħejjija tagħhom, magħżula fl-ambitu tal-istrateġija;

(c) il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġija u l-animazzjoni tagħha, inkluż il-faċilitazzjoni ta' skambji bejn il-partijiet ikkonċernati;

2. L-appoġġ imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jkun eliġibbli irrispettivament minn jekk l-istrateġija tkunx sussegwentement intgħażlet għall-finanzjament.

L-appoġġ imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż 25 % tal-kontribuzzjoni pubblika totali għall-istrateġija.

*KAPITOLU III*

***Assistenza teknika***

*Artikolu 35*

**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni**

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Fondi jistgħu jappoġġaw azzjonijiet ta' assistenza ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu, ta' evalwazzjoni, ta' komunikazzjoni inkluż il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, ta' viżibbiltà u l-azzjonijiet kollha amministrattivi u tekniċi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq ma' pajjiżi terzi.

2. L-azzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu 1 jistgħu jinkludu b'mod partikolari:

(a) assistenza għat-tħejjija u l-valutazzjoni tal-proġetti;

(b) appoġġ għat-tisħiħ istituzzjonali u għall-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni effettiva tal-Fondi;

(c) studji marbuta mar-rapportar tal-Kummissjoni dwar il-Fondi u r-rapport dwar il-koeżjoni;

(d) miżuri relatati mal-analiżi, mal-ġestjoni, mal-monitoraġġ, mal-iskambju ta' informazzjoni u mal-implimentazzjoni tal-Fondi, kif ukoll miżuri relatati mal-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll u mal-għajnuna teknika u amministrattiva;

(e) evalwazzjonijiet, rapporti ta' esperti, statistika u studji, inkluż dawk ta' natura ġenerali, rigward l-operat attwali u futur tal-Fondi;

(f) azzjonijiet għat-tixrid tal-informazzjoni, għas-sostenn tan-networking fejn xieraq, għat-twettiq ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni b'attenzjoni partikolari għar-riżultati u l-valur miżjud tal-appoġġ mill-Fondi, u għas-sensibilizzazzjoni u għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-esperjenza, inkluż ma' pajjiżi terzi;

(g) l-installazzjoni, l-operat u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditu, il-kontroll u l-evalwazzjoni;

(h) azzjonijiet li jtejbu l-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki ta' evalwazzjoni;

(i) azzjonijiet relatati mal-awditjar;

(j) it-tisħiħ tal-kapaċità nazzjonali u reġjonali rigward l-ippjanar tal-investiment, il-ħtiġijiet ta' finanzjament, it-tħejjija, id-disinn u l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji, pjanijiet ta' azzjoni konġunta u proġetti maġġuri;

(k) it-tixrid ta' prattiki tajba sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna jsaħħu l-kapaċità tas-sħab rilevanti msemmija fl-Artikolu 8(1) u l-organizzazzjonijiet umbrella tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddedika mill-anqas 15 % tar-riżorsi għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tinkiseb effiċjenza akbar fil-komunikazzjoni mal-pubbliku u sinerġiji iktar b'saħħithom bejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni meħuda fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, bl-estensjoni tal-bażi tal-għarfien dwar ir-riżultati, b'mod partikolari permezz ta' ġbir u tixrid tad-data aktar effettivi, evalwazzjonijiet u rapportar, u b'mod speċjali billi jiġi enfasizzat il-kontribut tal-Fondi għat-titjib tal-ħajja taċ-ċittadini, u billi tiżdied il-viżibbiltà tal-appoġġ mill-Fondi kif ukoll bis-sensibilizzazzjoni dwar ir-riżultati u l-valur miżjud ta' tali appoġġ. Fejn xieraq, il-miżuri ta' informazzjoni, ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà dwar ir-riżultati u l-valur miżjud tal-appoġġ mill-Fondi, b'fokus partikolari fuq l-operazzjonijiet, għandhom jitkomplew wara l-għeluq tal-programmi. Dawn il-miżuri għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament.

4. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkopru perijodi ta' programmazzjoni preċedenti u sussegwenti.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-pjanijiet tagħha meta tkun prevista kontribuzzjoni mill-Fondi f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

6. Abbażi tal-fini tagħhom, l-azzjonijiet msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu ffinanzjati bħala nefqa operazzjonali jew inkella nefqa amministrattiva.

7. F'konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 193(2) tar-Regolament Finanzjarju, fil-każijiet debitament ġustifikati speċifikati fid-deċiżjoni dwar il-finanzjament u għal perijodu limitat, l-azzjonijiet ta' assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni appoġġati skont dan ir-Regolament taħt ġestjoni diretta u l-ispejjeż sottostanti jistgħu jitqiesu li huma eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2021, anki jekk dawn l-azzjonijiet ikunu ġew implimentati u mġarrba qabel ma ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal għotja.

*Artikolu 36*

**Assistenza teknika tal-Istati Membri**

1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, il-Fondi jistgħu jappoġġaw azzjonijiet, li jistgħu jikkonċernaw perijodi ta' programmazzjoni preċedenti u sussegwenti, meħtieġa għall-użu u l-amministrazzjoni b'mod effettiv ta' dawk il-Fondi, inkluż għall-bini tal-kapaċità tas-sħab imsemmija fl-Artikolu 8(1), kif ukoll biex jiġi pprovdut finanzjament għat-twettiq, inter alia, ta' funzjonijiet bħalma huma t-tħejjija, it-taħriġ, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni.

L-ammonti għall-assistenza teknika skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 37 ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-konċentrazzjoni tematika skont ir-regoli speċifiċi għall-fondi.

2. Kull Fond jista' jappoġġa azzjonijiet ta' assistenza teknika eliġibbli taħt kwalunkwe wieħed mill-Fondi l-oħra.

3. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-assistenza teknika fi Stat Membru għandha ssir jew skont il-punt (b) jew (e) tal-Artikolu 51.

L-Istat Membru għandu jindika l-għażla tiegħu tal-forma tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal assistenza teknika fil-Ftehim ta' Sħubija f'konformità mal-Anness II. Din l-għażla għandha tapplika għall-programmi kollha fl-Istat Membru kkonċernat għall-perijodu kollu ta' programmazzjoni u ma tistax tiġi mmodifikata wara.

Għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI u għall-programmi Interreg, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-assistenza teknika għandha ssir biss skont il-punt (e) tal-Artikolu 51.

4. Meta l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-assistenza teknika fi Stat Membru tiġi rimborżata skont il-punt (b) tal-Artikolu 51, għandhom japplikaw l-elementi li ġejjin:

(a) l-assistenza teknika tieħu l-forma ta' prijorità marbuta ma' Fond wieħed waħdu fi programm wieħed jew aktar, jew ta' programm speċifiku, jew kombinazzjoni tagħhom;

(b) l-ammont tal-Fondi allokati għall-assistenza teknika huwa limitat għal dawn li ġejjin:

(i) għall-appoġġ tal-FEŻR taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir: 3.5 %;

(ii) għall-appoġġ tal-Fond ta' Koeżjoni: 2.5 %;

(iii) għall-appoġġ tal-FSE+: 4 % u għall-programmi skont il-punt (m) tal-l-Artikolu 4(1) tar-Regolament FSE+: 5 %;

(iv) għall-appoġġ tal-JTF: 4 %;

(v) għall-FEŻR, għall-FSE+ u għall-Fond ta' Koeżjoni, fejn l-ammont totali allokat lil Stat Membru taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir ma jaqbiżx EUR 1 biljun: 6 %;

(vi) għall-appoġġ tal-FEMSA: 6 %;

(vii) għall-programmi taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li jikkonċernaw biss ir-reġjuni ultraperiferiċi, il-perċentwal għandu jiżdied b'punt wieħed perċentwali.

5. Meta l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-assistenza teknika tiġi rimborżata skont il-punt (e) tal-Artikolu 51, għandhom japplikaw l-elementi li ġejjin:

(a) l-ammont tal-Fondi allokati għall-assistenza teknika jiġi identifikat bħala parti mill-allokazzjonijiet finanzjarji ta' kull prijorità tal-programm f'konformità mal-punt (g)(ii) tal-Artikolu 22(3), u għall-FEMSA, kull objettiv speċifiku f'konformità mal-punt (g)(iii) ta' dak il-paragrafu; huwa ma jiħux il-forma ta' prijorità separata jew programm speċifiku ħlief għal programmi appoġġati mill-AMIF, l-ISF jew il-BMVI, li għalihom jieħu l-forma ta' objettiv speċifiku;

(b) ir-rimborż isir lil korp wieħed jew aktar li jirċievu pagamenti mill-Kummissjoni skont il-punt (k) tal-Artikolu 22(3), billi jiġu applikati l-perċentwali stipulati fil-punti (i) sa (vii) għan-nefqa eliġibbli inkluża f'kull applikazzjoni għal pagament skont il-punti (a) jew (c) tal-Artikolu 91(3) kif xieraq u mill-istess fond li għalih tiġi rimborżata n-nefqa eliġibbli;

(i) għall-appoġġ tal-FEŻR taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir: 3,5 %;

(ii) għall-appoġġ tal-Fond ta' Koeżjoni: 2,5 %;

(iii) għall-appoġġ tal-FSE+: 4 % u għall-programmi skont il-punt (m) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament FSE+: 5 %;

(iv) għall-appoġġ tal-JTF: 4 %;

(v) għall-FEŻR, għall-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni, meta l-ammont totali allokat lil Stat Membru taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir ma jaqbiżx EUR 1 biljun, il-perċentwal rimborżat għal assistenza teknika: 6 %.

(vi) għall-appoġġ tal-FEMSA, tal-AMIF, tal-ISF u tal-BMVI: 6 %;

(vii) għall-programmi taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li jikkonċernaw biss ir-reġjuni ultraperiferiċi, il-perċentwal għandu jiżdied b'punt wieħed perċentwali;

(c) l-ammonti allokati għall-assistenza teknika identifikati fil-programm jikkorrispondu għall-perċentwali stipulati fil-punti (i) sa (vi) tal-punt (b) għall kull prijorità u fond.

6. Ir-regoli speċifiċi għall-assistenza teknika għall-programmi Interreg għandhom ikunu stipulati fir-Regolament Interreg.

*Artikolu 37*

**Finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż għall-assistenza teknika tal-Istati Membri**

Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36, l-Istat Membru jista' jipproponi li jieħu azzjonijiet addizzjonali ta' assistenza teknika sabiex isaħħaħ il-kapaċità u l-effiċjenza tal-awtoritajiet u l-korpi pubbliċi, tal-benefiċjarji u tas-sħab rilevanti meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-użu effikaċi tal-Fondi.

L-appoġġ għal azzjonijiet bħal dawn għandu jiġi implimentat permezz ta' finanzjament li ma jkunx marbut mal-ispejjeż skont l-Artikolu 95. Tali appoġġ jista' jieħu wkoll il-forma ta' programm speċifiku.

TITOLU IV

**MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI, KOMUNIKAZZJONI U VIŻIBBILTÀ**

*KAPITOLU I*

***Monitoraġġ***

*Artikolu 38*

**Kumitat ta' Monitoraġġ**

1. Kull Stat Membru għandu jwaqqaf kumitat għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm ("kumitat ta' monitoraġġ"), wara li jikkonsulta mal-awtorità ta' ġestjoni, fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika lill-Istat Membru kkonċernat dwar id-deċiżjoni li tapprova l-programm.

L-Istat Membru jista' jistabbilixxi kumitat wieħed ta' monitoraġġ biex ikopri aktar minn programm wieħed.

2. Kull kumitat ta' monitoraġġ għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, inkluż dispożizzjonijiet dwar il-prevenzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess u l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trasparenza.

3. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiltaqa' minn tal-anqas darba fis-sena u għandu jirrieżamina l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress tal-programm lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu.

4. Ir-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ u d-data u l-informazzjoni kondiviżi mal-kumitat ta' monitoraġġ għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 49(1), mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 69(5).

5. Il-paragrafi minn 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-programmi limitati għall-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (m) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament FSE+ u għall-assistenza teknika relatata.

*Artikolu 39*

**Kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ**

1. Kull Stat Membru għandu jiddetermina l-kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ u għandu jiżgura rappreżentanza bilanċjata tal-awtoritajiet u tal-korpi intermedji rilevanti tal-Istat Membru, kif ukoll tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmija fl-Artikolu 8(1) permezz ta' proċess trasparenti.

Kull membru tal-kumitat ta' monitoraġġ għandu jkollu vot. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u d-dettalji dwar il-proċedura fil-kumitat ta' monitoraġġ skont il-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tal-Istat Membru kkonċernat.

Ir-regoli ta' proċedura jistgħu jippermettu lil dawk li mhumiex membri, inkluż il-BEI, biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ.

Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jkun presedut minn rappreżentant tal-Istat Membru jew tal-awtorità ta' ġestjoni.

Il-lista tal-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web imsemmija fl-Artikolu 49(1).

2. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jipparteċipaw fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ f'kapaċità ta' monitoraġġ u konsultazzjoni.

3. Għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI, l-aġenziji deċentralizzati rilevanti jistgħu jipparteċipaw fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ.

*Artikolu 40*

**Funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ**

1. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina:

(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-programm u fl-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri;

(b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-programm u l-miżuri meħuda biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet;

(c) il-kontribuzzjoni tal-programm biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li huma marbuta mal-implimentazzjoni tal-programm;

(d) l-elementi tal-valutazzjoni *ex ante* elenkati fl-Artikolu 58(3) u d-dokument ta' strateġija msemmi fl-Artikolu 59(1);

(e) il-progress li sar fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, il-ġabriet fil-qosor tal-evalwazzjonijiet u kwalunkwe segwitu għal dak li nstab;

(f) l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà;

(g) Il-progress fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' importanza strateġika, fejn rilevanti;

(h) l-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti u l-applikazzjoni tagħhom matul il-perijodu ta' programmazzjoni;

(i) il-progress fil-bini ta' kapaċità amministrattiva għall-istituzzjonijiet pubbliċi, għas-sħab u għall-benefiċjarji, fejn rilevanti;

(j) informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-programm għall-Programm InvestEU skont l-Artikolu 14 jew tar-riżorsi ttrasferiti skont l-Artikolu 26, fejn applikabbli.

Rigward il-programmi appoġġati mill-FEMSA, il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiġi kkonsultat u, jekk iqis li dan ikun xieraq, għandu jagħti opinjoni dwar kwalunkwe emenda tal-programm proposta mill-awtorità ta' ġestjoni.

2. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu japprova:

(a) il-metodoloġija u l-kriterji użati għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluż kwalunkwe bidla fihom, mingħajr preġudizzju għall-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 33(3); fuq talba tal-Kummissjoni, il-metodoloġija u l-kriterji użati għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluż kwalunkwe tibdil fihom, għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni mill-inqas 15-il jum tax-xogħol qabel ma jiġu ppreżentati lill-kumitat ta' monitoraġġ.

(b) ir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, u r-rapport finali dwar il-prestazzjoni tal-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-JTF u mill-FEMSA.

(c) il-pjan ta' evalwazzjoni u kwalunkwe emenda li ssir fih;

(d) kwalunkwe proposta mill-awtorità ta' ġestjoni għall-emenda ta' programm inkluż għal trasferimenti f'konformità mal-Artikolu 24(5) u mal-Artikolu 26, bl-eċċezzjoni ta' programmi appoġġati mill-FEMSA.

3. Il-Kumitat ta' monitoraġġ jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtorità ta' ġestjoni, inkluż dwar miżuri biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji.

*Artikolu 41*

**Rieżami annwali dwar il-prestazzjoni**

1. Għandhom jiġu organizzati laqgħat ta' rieżami darba fis-sena bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru biex tiġi eżaminata l-prestazzjoni ta' kull programm. L-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat ta' rieżami.

Il-laqgħa ta' rieżami tista' tkopri aktar minn programm wieħed.

Il-laqgħa ta' rieżami għandha tiġi ppreseduta mill-Kummissjoni jew, jekk l-Istat Membru jitlob dan, ikkopreseduta mill-Istat Membru u mill-Kummissjoni.

2. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, il-laqgħa ta' rieżami għandha tiġi organizzata minn tal-anqas darbtejn matul il-perijodu ta' programmazzjoni.

3. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-JTF u mill-FEMSA, l-Istat Membru għandu, mhux aktar tard minn xahar qabel il-laqgħa ta' rieżami, jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni konċiża dwar l-elementi elenkati fl-Artikolu 40(1). Dik l-informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-aktar data reċenti disponibbli għall-Istat Membru.

Għall-programmi limitati għall-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (m) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament FSE+, l-informazzjoni li għandha tingħata, abbażi tal-aktar data reċenti disponibbli, għandha tkun limitata għall-punti (a), (b), (e), (f) u (h) tal-Artikolu 40(1) ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istat Membru u l-Kummissjoni jistgħu jiddeċiedu li ma jorganizzawx laqgħa ta' rieżami. F'tali każ, ir-rieżami jista' jsir bil-miktub.

5. L-eżitu tal-laqgħa ta' rieżami għandu jiġi rreġistrat fil-minuti maqbula.

6. L-Istat Membru għandu jagħmel segwitu ta' kwistjonijiet imqajma waqt il-laqgħa ta' rieżami li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-programm u għandu jgħarraf lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur bil-miżuri meħuda.

7. Għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, l-Istat Membru għandu jippreżenta rapport annwali dwar il-prestazzjoni f'konformità mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi.

*Artikolu 42*

**Trażmissjoni ta' data**

1. L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandha tibgħat elettronikament lill-Kummissjoni data kumulattiva għal kull programm sal-31 ta' Jannar, it-30 ta' April, il-31 ta' Lulju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Novembru ta' kull sena, bl-eċċezzjoni tad-data meħtieġa fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3 li għandha tiġi trażmessa elettronikament sal-31 ta' Jannar u l-31 ta' Lulju ta' kull sena, skont il-mudell li jinsab fl-Anness VII.

L-ewwel trażmissjoni għandha ssir sal-31 ta' Jannar 2022 u l-aħħar waħda sal-31 ta' Jannar 2030.

Għal prijoritajiet li jappoġġaw l-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (m) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament FSE+, id-data għandha tintbagħat kull sena sal-31 ta' Jannar.

Ir-Regolament FSE+ jista' jiddetermina regoli speċifiċi għall-frekwenza tal-ġbir u t-trażmissjoni ta' indikaturi tar-riżultati fuq terminu itwal.

2. Id-data għandha tinqasam għal kull prijorità skont l-objettiv speċifiku u, fejn applikabbli, skont il-kategorija ta' reġjun, u għandha tirreferi għal:

(a) l-għadd ta' operazzjonijiet magħżula, il-kostijiet totali eliġibbli tagħhom, il-kontribuzzjoni mill-Fondi u n-nefqa totali eliġibbli ddikjarata mill-benefiċjarji lill-awtorità ta' ġestjoni, kollha mqassma skont it-tip ta' intervent;

(b) il-valuri tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati għall-operazzjonijiet magħżula u l-valuri miksuba skont l-operaturi.

3. Għall-istrumenti finanzjarji, għandha tingħata wkoll data dwar dan li ġej:

(a) in-nefqa eliġibbli skont it-tip ta' prodott finanzjarju;

(b) l-ammont tal-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni ddikjarati bħala nefqa eliġibbli;

(c) l-ammont, skont it-tip ta' prodott finanzjarju, tar-riżorsi pubbliċi u privati mobilizzati minbarra l-Fondi;

(d) l-imgħax u qligħ ieħor iġġenerati permezz tal-appoġġ tal-Fondi għall-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 60 u r-riżorsi li ntraddu attribwibbli lil appoġġ mill-Fondi kif imsemmi fl-Artikolu 62;

(e) il-valur totali ta' self, investimenti ta' ekwità jew ta' kważi ekwità f'riċevituri finali li kienu ggarantiti b'riżorsi tal-programm u li fil-fatt ġew żborżati lir-riċevituri finali.

4. Id-data ppreżentata f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun affidabbli u tirrifletti d-data maħżuna elettronikament kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 72(1)(e) fi tmiem ix-xahar ta' qabel dak tal-preżentazzjoni.

5. L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandhom jippubblikaw jew jipprovdu link mad-data kollha mibgħuta lill-Kummissjoni fuq is-sit web bħala l-portal imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 46 jew fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 49(1).

*Artikolu 43*

**Rapport finali dwar il-prestazzjoni**

1. Fir-rigward tal-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-JTF u mill-FEMSA, kull awtorità ta' ġestjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar il-prestazzjoni tal-programm lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar 2031.

2. Ir-rapport finali dwar il-prestazzjoni għandu jivvaluta l-ksib tal-objettivi tal-programm fuq il-bażi tal-elementi elenkati fl-Artikolu 40(1), ħlief għall-informazzjoni provduta skont il-punt (d) ta' dak il-paragrafu.

3. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapport finali dwar il-prestazzjoni u tgħarraf lill-awtorità ta' ġestjoni bi kwalunkwe osservazzjoni fi żmien 5 xhur mid-data tal-wasla tar-rapport finali dwar il-prestazzjoni. Meta jsiru tali osservazzjonijiet, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn l-osservazzjonijiet u, meta jkun xieraq, tgħarraf lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur dwar il-miżuri meħuda. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità ta' ġestjoni dwar l-aċċettazzjoni tar-rapport fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa. Fejn il-Kummissjoni ma tgħarrafx lill-awtorità ta' ġestjoni qabel dawk l-iskadenzi, ir-rapporti għandhom jitqiesu bħala aċċettati.

4. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika rapporti dwar il-prestazzjoni finali fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 49(1).

5. Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-mudell għar-rapport finali dwar il-prestazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 115(2).

*KAPITOLU II*

***Evalwazzjoni***

*Artikolu 44*

**Evalwazzjonijiet mill-Istati Membri**

1. L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandhom iwettqu l-evalwazzjonijiet tal-programmi relatati ma' wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin: l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni bil-għan li jitjiebu l-kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi. L-evalwazzjonijiet jistgħu jkopru wkoll kriterji rilevanti oħra, bħall-inklużività, in-nondiskriminazzjoni u l-viżibbiltà, u jistgħu jkopru aktar minn programm wieħed.

2. Barra minn hekk, sat-30 ta' Ġunju 2029 għandha titwettaq evalwazzjoni għal kull programm biex jiġi vvalutat l-impatt tiegħu.

3. L-evalwazzjonijiet għandhom jiġu fdati f'idejn esperti interni jew esterni li huma funzjonalment indipendenti.

4. L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandu jiżgura li jiġu stabbiliti l-proċeduri neċessarji biex tiġi prodotta u tinġabar id-data meħtieġa għall-evalwazzjonijiet.

5. L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandu jfassal pjan ta' evalwazzjoni li jista' jkopri aktar minn programm wieħed. Għall-AMIF, għall-ISF u għall-BMVI dan il-pjan għandu jinkludi evalwazzjoni ta' nofs it-terminu li għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

6. L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandhom jippreżentaw il-pjan ta' evalwazzjoni lill-kumitat ta' monitoraġġ mhux aktar tard minn sena wara d-deċiżjoni li tapprova l-programm.

7. L-evalwazzjonijiet kollha għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 49(1).

*Artikolu 45*

**Evalwazzjoni mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu biex teżamina l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni ta' kull Fond sa tmiem l-2024. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni kollha rilevanti diġà disponibbli skont l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni retrospettiva biex teżamina l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni ta' kull Fond sal-31 ta' Diċembru 2031. Fil-każ tal-FEŻR, tal-FSE+, tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-FEMSA, dik l-evalwazzjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-impatt soċjali, ekonomiku u territorjali ta' dawk il-fondi fir-rigward tal-objettivi tal-politika msemmija fl-Artikolu 5(1).

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati tal-evalwazzjoni retrospettiva fuq is-sit web tagħha u tikkomunika dawk ir-riżultati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

*KAPITOLU III*

***Viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni***

Taqsima I

**Viżibbiltà tal-appoġġ mill-Fondi**

*Artikolu 46*

**Viżibbiltà**

Kull Stat Membru għandu jiżgura:

(a) il-viżibbiltà tal-appoġġ fl-attivitajiet kollha marbuta mal-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi b'attenzjoni partikolari għal operazzjonijiet ta' importanza strateġika;

(b) komunikazzjoni għaċ-ċittadini tal-Unjoni tar-rwol u l-kisbiet tal-Fondi permezz ta' sit web bħala portal uniku li jipprovdi aċċess għall-programmi kollha li jinvolvu dak l-Istat Membru.

*Artikolu 47*

**Emblema tal-Unjoni**

L-Istati Membri, l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-benefiċjarji għandhom jużaw l-emblema tal-Unjoni skont l-Anness IX meta jwettqu attivitajiet ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni.

*Artikolu 48*

**Uffiċjali għall-komunikazzjoni u n-networks**

1. Kull Stat Membru għandu jidentifika koordinatur tal-komunikazzjoni għall-attivitajiet ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni fir-rigward tal-appoġġ mill-Fondi, inkluż programmi skont l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) fejn dak l-Istat Membru jospita l-awtorità ta' ġestjoni. Il-koordinatur tal-komunikazzjoni jista' jinħatar fil-livell tal-korp definit skont l-Artikolu 71(6) u għandu jikkoordina l-miżuri ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà fil-programmi kollha.

Il-koordinatur għall-komunikazzjoni għandu jinvolvi lill-korpi li ġejjin fl-attivitajiet ta' viżibilità, trasparenza u komunikazzjoni:

(a) Rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri, kif ukoll iċ-Ċentri ta' Informazzjoni Europe Direct u networks *rilevanti* oħra, organizzazzjonijiet edukattivi u ta' riċerka;

(b) sħab rilevanti oħra kif imsemmi fl-Artikolu 8(1).

2. Kull awtorità ta' ġestjoni għandha tidentifika uffiċjal għall-komunikazzjoni għal kull programm. Uffiċjal għall-komunikazzjoni jista' jkun responsabbli għal aktar minn programm wieħed.

3. Il-Kummissjoni għandha żżomm in-network magħmul mill-koordinaturi tal-komunikazzjoni, mill-uffiċjali għall-komunikazzjoni u mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni biex jiskambjaw informazzjoni dwar attivitajiet ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni.

Taqsima II

## Trasparenza tal-implimentazzjoni tal-Fondi u komunikazzjoni dwar il-programmi

*Artikolu 49*

### Responsabbiltajiet tal-awtorità ta' ġestjoni

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li, fi żmien 6 xhur mid-deċiżjoni li tapprova l-programm, ikun hemm sit web fejn tkun disponibbli informazzjoni dwar programmi li hija responsabbli għalihom, li tkopri l-objettivi, l-attivitajiet, l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli u l-kisbiet tal-programm.

2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura l-pubblikazzjoni fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1, jew fuq is-sit web bħala l-portal uniku msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 46, ta' skeda tas-sejħiet għall-proposti ppjanati, li tiġi aġġornata mill-inqas tliet darbiet fis-sena, bid-data indikattiva li ġejja:

(a) żona ġeografika koperta mis-sejħa għal proposta;

(b) objettiv tal-politika jew objettiv speċifiku kkonċernat;

(c) tip ta' applikanti eliġibbli;

(d) ammont totali ta' appoġġ għas-sejħa;

(e) dati għal bidu u t-tmiem tas-sejħa.

3. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tagħmel il-lista ta' operazzjonijiet magħżula għall-appoġġ mill-Fondi disponibbli pubblikament fuq is-sit web f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għandha taġġornaha mill-inqas kull 4 xhur. Kull operazzjoni għandu jkollha kodiċi uniku. Din il-lista għandu jkun fiha d-data segwenti:

(a) fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi, isem il-benefiċjarju u, fil-każ ta' akkwist pubbliku, isem il-kuntrattur;

(b) fejn il-benefiċjarju huwa persuna fiżika, l-isem u l-kunjom;

(c) għall-operazzjonijiet tal-FEMSA marbuta ma' bastiment tas-sajd, in-numru ta' identifikazzjoni tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni kif jissemma fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 ([47]);

(d) isem l-operazzjoni;

(e) l-iskop tal-operazzjoni u l-kisbiet mistennija jew reali tagħha;

(f) id-data ta' bidu tal-operazzjoni;

(g) id-data mistennija jew reali tat-tlestija tal-operazzjoni;

(h) il-kost totali tal-operazzjoni;

(i) il-fond ikkonċernat;

(j) l-objettiv speċifiku kkonċernat;

(k) ir-rata ta' kofinanzjament mill-Unjoni;

(l) indikatur tal-post jew ġeolokalizzazzjoni għall-operazzjoni u l-pajjiż ikkonċernati;

(m) għal operazzjonijiet mobbli jew li jkopru bosta postijiet, il-post tal-benefiċjarju meta dan ikun entità ġuridika; jew ir-reġjun fil-livell NUTS 2 meta l-benefiċjarju huwa persuna fiżika;

(n) tip ta' intervent għall-operazzjoni f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 73(2);

Għal data msemmija fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, id-data għandha titneħħa sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni inizjali tagħha fuq is-sit web.

4. Id-data msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ippubblikata fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1, jew fuq is-sit web bħala l-portal uniku msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 46 ta' dan ir-Regolament, f'formati li jkunu miftuħin u li jinqraw mill-magni, kif stipulat fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([48]), li tippermetti li d-data tkun magħżula, imfittxija, estratta, mqabbla u użata mill-ġdid.

---

([47]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9).

([48]) Id-Direttiva 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

5. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tinforma lill-benefiċjarji li d-data ser issir pubblika qabel ma tkun ippubblikata skont dan l-Artikolu.

6. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-materjal ta' komunikazzjoni u viżibbiltà fil-livell tal-benefiċjarji jkun disponibbli fuq talba lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni u liċenzja mingħajr dritt dovut għall-użu ta' proprjetà, mhux esklussiva u irrevokabbli għall-użu ta' dan il-materjal u kull dritt pre-eżistenti marbuta miegħu jingħataw lill-Unjoni skont l-Anness IX. Dan ma għandux jenħtieġ spejjeż addizzjonali sinifikanti jew piż amministrattiv sinifikanti għall-benefiċjarji jew għall-awtorità ta' ġestjoni.

*Artikolu 50*

**Responsabbiltajiet tal-benefiċjarji**

1. Benefiċjarji u korpi li jimplimentaw strumenti finanzjarji għandhom jirrikonoxxu l-appoġġ mill-Fondi, inkluż riżorsi użati mill-ġdid skont l-Artikolu 62 għall-operazzjoni billi:

(a) jipprovdu fuq is-sit web uffiċjali tal-benefiċjarju, fejn tali sit jeżisti, u fuq is-siti tal-media soċjali, deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni, proporzjonata mal-livell tal-appoġġ, inkluż l-għanijiet u r-riżultati tagħha, u jenfasizzaw l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni;

(b) jipprovdu dikjarazzjoni li tenfasizza l-appoġġ mill-Unjoni b'mod viżibbli fuq dokumenti u materjali għall-komunikazzjoni marbuta mal-implimentazzjoni tal-operazzjoni, maħsuba għall-pubbliku jew għall-parteċipanti;

(c) jesponu plakek durabbli jew billboards li jkunu jidhru ċar mill-pubbliku, li jippreżentaw l-emblema tal-Unjoni skont il-karatteristiċi tekniċi stabbiliti fl-Anness IX, hekk kif l-implimentazzjoni fiżika tal-operazzjonijiet li jinvolvu investiment fiżiku tibda jew it-tagħmir mixtri jiġi installat, fir-rigward ta' dan li ġej:

 (i) operazzjonijiet appoġġati mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni, li l-kost totali tagħhom jaqbeż l-EUR 500 000;

 (ii) operazzjonijiet appoġġati mill-FSE+, mill-JTF, mill-FEMSA, mill-AMIF, mill-ISF jew mill-BMVI, li l-kost totali tagħhom jaqbeż l-EUR 100 000;

(d) għal operazzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-punt (c), jesponu f'post li jkun jidher b'mod ċar mill-pubbliku mill-anqas kartellun wieħed li ma jkunx iżgħar minn A3 jew unità tal-wiri elettronika ekwivalenti b'informazzjoni dwar l-operazzjoni li jenfasizza l-appoġġ mill-Fondi; fejn il-benefiċjarju jkun persuna fiżika, il-benefiċjarju għandu jiżgura, sa fejn ikun possibbli, li tkun disponibbli informazzjoni xierqa, li tenfasizza l-appoġġ mill-fondi, f'post li jidher mill-pubbliku jew permezz ta' unità tal-wiri elettronika;

(e) għal operazzjonijiet ta' importanza strateġika u operazzjonijiet li l-kost totali tagħhom jaqbeż EUR 10 000 000 li jorganizzaw avveniment jew attività ta' komunikazzjoni, kif xieraq, u li jinvolvu lill-Kummissjoni u l-awtorità ta' ġestjoni responsabbli b'mod f'waqtu.

Meta benefiċjarju tal-FSE+ ikun persuna fiżika jew għal operazzjonijiet appoġġati bl-objettiv speċifiku stipulat fil-punt (m) tal-Artikolu 4(1)tar-Regolament FSE+, ir-rekwiżit stipulat fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ma japplikax.

B'deroga mill-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu, għal operazzjonijiet appoġġati mill-AMIF, l-ISF u l-BMVI, id-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ jista' jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għall-wiri pubbliku ta' informazzjoni dwar l-appoġġ mill-Fondi fejn dan ikun ġustifikat minn raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku skont l-Artikolu 69(5).

2. Għal fondi għal proġetti żgħar, il-benefiċjarju għandu jikkonforma mal-obbligi skont l-Artikolu 36(5) tar-Regolament Interreg

Għal strumenti finanzjarji, il-benefiċjarju għandu jiżgura permezz ta' termini kuntrattwali li r-riċevituri finali jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-punt (c) tal-paragrafu 1.

3. Jekk il-benefiċjarju ma jikkonformax mal-obbligazzjonijiet skont l-Artikolu 47 jew il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u fejn ma jkunux ġew implimentati azzjonijiet korrettivi, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tapplika l-miżuri, filwaqt li tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità, billi tikkanċella sa 3 % tal-appoġġ mill-Fondi għall-operazzjoni kkonċernata.

TITOLU V

**APPOĠĠ FINANZJARJU MILL-FONDI**

*KAPITOLU I*

***Forom ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni***

*Artikolu 51*

**Forom ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi**

Il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jieħdu kwalunkwe forma minn dawn li ġejjin:

(a) finanzjament mhux marbut ma' kostijiet tal-operazzjonijiet rilevanti skont l-Artikolu 95 u bbażat fuq waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-issodisfar tal-kondizzjonijiet;

(ii) il-kisba tar-riżultati;

(b) rimborż ta' appoġġ mogħti lil benefiċjarji skont il-Kapitolu II u III ta' dan it-Titolu;

(c) kostijiet unitarji skont l-Artikolu 94, li jkopru l-kategoriji kollha jew ċerti kategoriji speċifiċi ta' kostijiet eliġibbli, identifikati b'mod ċar bil-quddiem permezz ta' referenza għal ammont għal kull unità;

(d) somom f'daqqa skont l-Artikolu 94, li jkopru kumplessivament il-kategoriji kollha jew ċerti kategoriji speċifiċi ta' kostijiet eliġibbli, identifikati b'mod ċar bil-quddiem;

(e) finanzjament b'rata fissa skont l-Artikolu 94 jew l-Artikolu 36(5), li jkopri kategoriji speċifiċi ta' kostijiet eliġibbli, identifikati b'mod ċar bil-quddiem, billi jkun applikat perċentwali;

(f) taħlita tal-forom imsemmijin fil-punti minn (a) sa (e).

*KAPITOLU II*

***Forom ta' appoġġ mill-Istati Membri***

*Artikolu 52*

**Forom ta' appoġġ**

L-Istati Membri għandhom jużaw il-kontribuzzjoni mill-Fondi biex jipprovdu appoġġ lill-benefiċjarji fil-forma ta' għotjiet, strumenti finanzjarji jew premjijiet jew taħlita ta' dawn.

Taqsima I

**forom ta' għotjiet**

*Artikolu 53*

**Forom ta' għotjiet**

1. Għotjiet ipprovduti mill-Istati Membri lill-benefiċjarji jistgħu jieħdu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

(a) rimborż tal-kostijiet eliġibbli realment imġarrba minn benefiċjarju jew l-imsieħeb privat tal-operazzjonijiet PPP u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, kontribuzzjonijiet in natura u deprezzament;

(b) kostijiet unitarji;

(c) somom f'daqqa;

(d) finanzjament b'rata fissa;

(e) taħlita ta' forom imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) dment li kull forma tkopri kategoriji differenti ta' kostijiet jew fejn dawn jintużaw għal proġetti differenti li jiffurmaw parti minn operazzjoni jew għal fażijiet suċċessivi ta' operazzjoni;

(f) il-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, dment li tali għotjiet ikunu koperti minn rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 95.

2. Jekk il-kost totali ta' operazzjoni ma jaqbiżx l-EUR 200 000, il-kontribuzzjoni provduta lill-benefiċjarju mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-JTF, mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI għandha tieħu l-forma ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew ta' rati fissi, għajr għal dawk l-operazzjonijiet li għalihom l-appoġġ jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Jekk jintuża finanzjament b'rata fissa, huma biss il-kategoriji tal-kost li għalihom tapplika r-rata fissa li jistgħu jkunu rimborżati skont il-punt (a) tal-paragrafu 1.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità ta' ġestjoni tista' taqbel li teżenta xi operazzjonijiet fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-rekwiżit stabbilit f'dak il-paragrafu, dment li l-kumitat ta' monitoraġġ ikun ta approvazzjoni minn qabel għal tali eżenzjoni. Barra minn hekk, allowances u salarji mħallsa lil parteċipanti jistgħu jkunu rimborżati skont il-punt (a) tal-paragrafu 1.

3. L-ammonti għall-forom ta' għotjiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) metodu ta' kalkolu ġust, ekwitabbli u verifikabbli bbażat fuq:

  (i) data statistika, informazzjoni oġġettiva oħra jew ġudizzju espert;

  (ii) id-data storika verifikata ta' benefiċjarji individwali;

  (iii) l-applikazzjoni tal-prattiki kontabilistiċi tas-soltu tal-kostijiet ta' benefiċjarji individwali;

(b) abbozz ta' baġit stabbilit skont il-każ u miftiehem *ex ante* mill-korp li jagħżel l-operazzjoni, fejn il-kost totali tal-operazzjoni ma jaqbiżx EUR 200 000;

(c) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta' kostijiet unitarji korrispondenti, somom f'daqqa u rati fissi applikabbli f'politiki tal-Unjoni għal tip simili ta' operazzjoni;

(d) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta' kostijiet unitarji korrispondenti, somom f'daqqa u rati fissi applikati skont skemi għall-għotjiet iffinanzjati għalkollox mill-Istat Membru għal tip simili ta' operazzjoni;

(e) rati fissi u metodi speċifiċi stabbiliti minn jew abbażi ta' dan ir-Regolament jew ir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond.

*Artikolu 54*

**Finanzjament b'rata fissa għall-kostijiet indiretti li jikkonċernaw l-għotjiet**

Jekk tintuża rata fissa li tkopri l-kostijiet indiretti ta' operazzjoni, hija tista' tkun ibbażata fuq waħda minn dawn li ġejjin:

(a) sa massimu ta' 7 % tal-kostijiet diretti eliġibbli, f'liema każ l-Istat Membru ma jkunx mitlub jagħmel kalkolu biex tiġi ddeterminata r-rata applikabbli;

(b) sa massimu ta' 15 % tal-kostijiet diretti tal-persunal eliġibbli, f'liema każ l-Istat Membru ma jkunx mitlub jagħmel kalkolu biex tiġi ddeterminata r-rata applikabbli;

(c) sa massimu ta' 25 % tal-kostijiet diretti eliġibbli, sakemm din ir-rata tkun ikkalkulata skont il-punt (a) tal-Artikolu 53(3).

Barra minn hekk, fejn Stat Membru jkun ikkalkula rata fissa skont il-punt (a) tal-Artikolu 67(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, din ir-rata fissa tista' tintuża għal operazzjoni simili għall-finijiet tal-punt (c) ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 55*

**Kostijiet diretti tal-persunal dwar għotjiet**

1. Il-kostijiet diretti tal-persunal ta' operazzjoni jistgħu jiġu kkalkulati b'rata fissa sa massimu ta' 20 % tal-kostijiet diretti għajr il-kostijiet diretti tal-persunal ta' dik l-operazzjoni, mingħajr ma jkun hemm rekwiżit li l-Istat Membru jagħmel kalkolu biex jiddetermina r-rata applikabbli dment li l-kostijiet diretti tal-operazzjoni ma jinkludux kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi jew kuntratti ta' forniment jew servizz li jeċċedu fil-valur il-limitu minimu stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([49]) jew l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([50]).

([49]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

([50]) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

Meta tiġi applikata rata fissa skont l-ewwel subparagrafu għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI, dik ir-rata fissa għandha tiġi applikata biss għall-kostijiet diretti tal-operazzjoni li mhumiex soġġetti għall-akkwist pubbliku.

2. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kostijiet diretti tal-persunal, tista' tkun ikkalkulata rata fis-siegħa b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) billi niddividu l-kostijiet annwali gross l-aktar reċenti dokumentati tal-kostijiet tal-impjegatur b'1 720 siegħa għall-persuni li jaħdmu full-time, jew b'sigħat prorata korrispondenti minn 1 720 siegħa, għal persuni li jaħdmu part-time;

(b) billi niddividu l-kostijiet ta' kull xahar gross tal-impjiegi dokumentati reċentement bil-medja tal-ħin tax-xogħol tal-persuna kkonċernata għal dak ix-xahar skont ir-regoli nazzjonali applikabbli msemmija fil-kuntratt ta' impjieg jew ta' xogħol jew deċiżjoni ta' ħatra (it-tnejn li huma msemmija bħala d-dokument ta' impjieg).

3. Jekk tiġi applikata r-rata fis-siegħa kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2, l-għadd totali ta' sigħat iddikjarati għal kull persuna għal sena jew xahar partikolari ma għandux jeċċedi l-għadd ta' sigħat użati għall-kalkolu ta' dik ir-rata fis-siegħa.

4. Jekk il-kostijiet tal-impjiegi gross annwali ma jkunux disponibbli, dawn jistgħu jiġu dderivati mill-kostijiet tal-impjiegi gross iddokumentati disponibbli jew mid-dokument tal-impjieg, aġġustati kif adatt għal perijodu ta' 12-il xahar.

5. Il-kostijiet tal-persunal relatati ma' individwi li jaħdmu fuq inkarigu part-time fuq l-operazzjoni jistgħu jiġu kkalkolati bħala perċentwal fiss mill-kostijiet tal-impjieg gross, f'konformità ma' perċentwal fiss ta' ħin maħdum kull xahar fuq l-operazzjoni, mingħajr ebda obbligu li tiġi stabbilita sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin tax-xogħol separata. Min iħaddem għandu joħroġ dokument għall-impjegati li jistabbilixxi dak il-perċentwal fiss.

*Artikolu 56*

**Finanzjament b'rata fissa għall-kostijiet eliġibbli għajr kostijiet tal-persunal li jikkonċernaw għotjiet**

1. Tista' tintuża rata fissa sa massimu ta' 40 % tal-kostijiet diretti tal-persunal eliġibbli sabiex tkopri l-kostijiet eliġibbli li jifdal ta' operazzjoni. L-Istat Membru ma għandux ikun meħtieġ li jagħmel kalkolu biex jiddetermina r-rata applikabbli.

2. Għal operazzjonijiet appoġġati mill-FEŻR, il-FSE+, il-JTF, l-AMIF, l-ISF u l-BMVI, is-salarji u l-allokazzjonijiet imħallsa lill-parteċipanti għandhom jitqiesu bħala kost eliġibbli addizzjonali mhux inkluż fir-rata fissa.

3. Ir-rata fissa msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun applikata għal kostijiet tal-persunal ikkalkolati fuq il-bażi tar-rata fissa kif imsemmija fl-Artikolu 55(1).

*Artikolu 57*

**Għotjiet taħt kondizzjonijiet**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-benefiċjarji għotjiet taħt kondizzjonijiet li jkunu jistgħu jitħallsu lura kompletament jew parzjalment kif speċifikat fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal appoġġ.

2. Pagamenti lura mill-benefiċjarju għandhom isiru taħt il-kondizzjonijiet miftiehma mill-awtorità ta' ġestjoni u l-benefiċjarju.

3. L-Istati Membri għandhom jużaw mill-ġdid ir-riżorsi mħallsa lura mill-benefiċjarju għall-istess għan jew skont l-objettivi tal-programm ikkonċernat sal-31 ta' Diċembru 2030, fil-forma ta' għotjiet taħt kondizzjonijiet jew ta' strument finanzjarju jew f'forma oħra ta' appoġġ. L-ammonti mħallsa lura u l-informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid tagħhom għandhom jiġu inklużi fir-rapport dwar il-prestazzjoni finali.

4. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-riżorsi jinżammu f'kontijiet separati jew taħt kodiċijiet xierqa ta' kontabilità.

5. Ir-riżorsi tal-Unjoni mħallsa lura mill-benefiċjarji fi kwalunkwe ħin, iżda li ma jintużawx sal-31 ta' Diċembru 2030, għandhom jitħallsu lura lill-baġit tal-Unjoni skont l-Artikolu 88.

## Taqsima II

## strumenti finanzjarji

*Artikolu 58*

### Strumenti finanzjarji

1. L-awtoritajiet ta' ġestjoni jistgħu jipprovdu kontribuzzjoni, minn programm wieħed jew aktar, għal strumenti finanzjarji eżistenti jew maħluqin ġodda stabbiliti f'livell nazzjonali, reġjonali, tranżnazzjonali jew transfruntier u implimentati direttament minn, jew taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni li tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi.

2. L-istrumenti finanzjarji għandhom jipprovdu appoġġ lir-riċevituri finali biss kemm għall-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli kif ukoll il-kapital operatorju li mistennija li jkunu finanzjarjament vijabbli u li ma jsibux finanzjament suffiċjenti mis-sorsi tas-suq. Tali appoġġ għandu jkun f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

Tali appoġġ għandu jingħata biss għall-elementi tal-investimenti li ma jkunux tlestew fiżikament jew li ma jkunux ġew kompletament implimentati fid-data tad-deċiżjoni tal-investiment.

3. L-appoġġ xieraq mill-Fondi permezz ta' strumenti finanzjarji għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni *ex ante* mfassla mill-awtorità ta' ġestjoni responsabbli. Il-valutazzjoni *ex ante* għandha titlesta qabel ma l-awtorità ta' ġestjoni tagħmel il-kontribuzzjonijiet tal-programm għal strumenti finanzjarji.

Il-valutazzjoni *ex ante* għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) l-ammont propost ta' kontribuzzjoni tal-programm għal strument finanzjarju u l-istima tal-effett ta' ingranaġġ flimkien ma' ġustifikazzjoni qasira;

(b) il-prodotti finanzjarji li għandhom jiġu offruti, inkluż il-possibbiltà ta' ħtieġa għal trattament differenzjat tal-investituri;

(c) il-grupp fil-mira propost ta' riċevituri finali;

(d) il-kontribuzzjoni mistennija tal-istrument finanzjarju għall-kisba ta' objettivi speċifiċi.

Il-valutazzjoni *ex ante* tista' tkun riveduta jew aġġornata, tista' tkopri parti mit-territorju tal-Istat Membru jew l-Istat Membru sħiħ u tista' tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet *ex ante* eżistenti jew aġġornati.

4. L-appoġġ għar-riċevituri finali jista' jkun ikkombinat ma' appoġġ minn kwalunkwe Fond jew strument ieħor tal-Unjoni u jista' jkopri l-istess element tan-nefqa. F'tali każ, l-appoġġ mill-Fond skont l-istrument finanzjarju, li jkun parti minn operazzjoni tal-istrument finanzjarju, ma għandux ikun iddikjarat lill-Kummissjoni għal appoġġ taħt forma oħra, Fond ieħor jew strument ieħor tal-Unjoni.

5. Strumenti finanzjarji jistgħu jkunu kombinati ma' appoġġ tal-programmi fil-forma ta' għotjiet bħala operazzjoni unika ta' strument finanzjarju, fi ftehim uniku ta' finanzjament, fejn iż-żewġ forom distinti ta' appoġġ għandhom ikunu provduti mill-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju. F'tali każ għandhom japplikaw l-istrumenti finanzjarji applikabbli għal dik l-operazzjoni unika tal-istrument finanzjarju. L-appoġġ tal-programm fil-forma ta' għotjiet għandu jkun marbut direttament u meħtieġ għall-istrument finanzjarju u m'għandux jaqbeż il-valur tal-investimenti appoġġati mill-prodott finanzjarju.

6. F'każ ta' appoġġ kombinat skont il-paragrafi 4 u 5 għandhom jinżammu rekords separati għal kull sors ta' appoġġ.

7. It-total tal-forom kollha ta' appoġġ kombinat ma għandux jaqbeż l-ammont totali tal-element ta' nefqa kkonċernat. L-għotjiet ma għandhomx jintużaw biex jiġi rimborżat sostenn riċevut minn strumenti finanzjarji. L-istrumenti finanzjarji ma għandhomx jintużaw biex jiġu finanzjati minn qabel l-għotjiet.

*Artikolu 59*

### Implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji

1. Strumenti finanzjarji implimentati direttament mill-awtorità ta' ġestjoni jistgħu biss jipprovdu self jew garanziji. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet dwar il-kontribuzzjoni tal-programm għall-istrument finanzjarju f'dokument ta' strateġija li għandu jinkludi l-elementi li jinsabu fl-Anness X.

2. Strumenti finanzjarji implimentati taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni jistgħu jkunu kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) investiment ta' riżorsi tal-programm fil-kapital ta' entità legali;

(b) blokki separati ta' kontijiet finanzjarji jew fiduċjarji.

L-awtorità ta' ġestjoni għandha tagħżel il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju.

3. L-awtorità ta' ġestjoni tista' tagħti kuntratt direttament għall-implimentazzjoni ta' strument finanzjarju lil:

(a) il-BEI;

(b) istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li fihom ikun azzjonist Stat Membru;

(c) bank jew istituzzjoni bi sjieda pubblika, stabbiliti bħala entità ġuridika li twettaq attivitajiet finanzjarji fuq bażi professjonali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ma hemm l-ebda parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat, bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkollhomx dritt ta' kontroll jew ta' imblokkar, rikjesti mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċiżiva fuq il-bank jew l-istituzzjoni rilevanti, u bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkollhom l-ebda influwenza fuq id-deċiżjonijiet ta' kuljum dwar il-ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji appoġġati mill-Fondi;

(ii) topera b'mandat ta' politika pubblika mogħti mill-awtorità rilevanti ta' Stat Membru f'livell nazzjonali jew reġjonali, li jinkludi t-twettiq, fl-intier jew bħala parti mill-attivitajiet tagħha, ta' attivitajiet ta' żvilupp ekonomiku li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Fondi;

(iii) twettaq, fl-intier jew bħala parti mill-attivitajiet ta' żvilupp ekonomiku tagħha li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Fondi f'reġjuni, f'oqsma ta' politika jew f'setturi li għalihom l-aċċess għal finanzjament minn sorsi pubbliċi ġeneralment ma jkunx disponibbli jew biżżejjed;

(iv) topera mingħajr ma tiffoka primarjament fuq il-massimizzazzjoni tal-profitti, iżda tiżgura sostenibbiltà finanzjarja fit-tul għall-attivitajiet tagħha;

(v) tiżgura li l-għoti dirett ta' kuntratt imsemmi fil-punt (b) ma jipprovdi l-ebda benefiċċju dirett jew indirett għal attivitajiet kummerċjali permezz ta' miżuri adatti skont il-liġi applikabbli;

(vi) hija soġġetta għas-superviżjoni ta' awtorità indipendenti f'konformità mal-liġi applikabbli,

(d) korpi oħra, li jidħlu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/24/UE.

4. Jekk il-korp magħżul mill-awtorità ta' ġestjoni jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni, dan il-korp jista' ulterjorment jagħżel korpi oħra biex jimplimenta fondi speċifiċi.

5. It-termini u l-kondizzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet tal-programm għal strumenti finanzjarji implimentati skont il-paragrafu 2 għandhom ikunu stabbiliti fi ftehimiet ta' finanzjament bejn:

(a) ir-rappreżentanti bil-mandat dovut tal-awtorità ta' ġestjoni u l-korp li jimplimenta fond *ta'* parteċipazzjoni, fejn applikabbli;

(b) ir-rappreżentanti bil-mandat dovut tal-awtorità ta' ġestjoni, jew, fejn applikabbli, il-korp li jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni u l-korp li jimplimenta fond speċifiku.

Dawn il-ftehimiet ta' finanzjament għandhom jinkludu l-elementi kollha stabbiliti fl-Anness X.

6. L-obbligazzjoni finanzjarja tal-awtorità ta' ġestjoni ma għandhiex taqbeż l-ammont impenjat mill-awtorità ta' ġestjoni għall-istrument finanzjarju skont il-ftehimiet ta' finanzjament rilevanti.

7. Il-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji kkonċernati, jew fil-kuntest tal-garanziji, il-korpi li jipprovdu s-selfiet sottostanti, għandhom jappoġġaw lir-riċevituri finali, waqt li jikkunsidraw b'mod dovut l-objettivi tal-programm u l-potenzjal għall-vijabbiltà finanzjarja tal-investiment kif ġustifikati fil-pjan tan-negozju jew f'dokument ekwivalenti. L-għażla ta' riċevituri finali għandha tkun trasparenti u ma għandhiex twassal għal kunflitt ta' interess.

8. Il-kofinanzjament nazzjonali ta' programm jista' jingħata fil-livell tal-awtorità ta' ġestjoni jew fil-livell tal-fondi ta' parteċipazzjoni, jew fil-livell ta' fondi speċifiċi, jew fil-livell tal-investimenti f'riċevituri finali, skont ir-regoli speċifiċi għall-Fondi. Jekk il-kofinanzjament nazzjonali jiġi pprovdut fil-livell ta' investiment fir-riċevituri finali, il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju għandu jżomm evidenza dokumentata li turi l-eliġibbiltà tan-nefqa sottostanti.

9. L-awtorità ta' ġestjoni li timplimenta direttament l-istrument finanzjarju skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandhom iżommu kontijiet separati jew ikollhom kodiċi kontabilistika għal kull prijorità jew, għall-FEMSA, kull objettiv speċifiku u, fejn applikabbli, kull kategorija ta' reġjun għal kull kontribuzzjoni tal-programm, u separatament għar-riżorsi msemmija fl-Artikoli 60 u 62, rispettivament.

*Artikolu 60*

**Imgħax u dħul ieħor iġġenerat permezz tas-sostenn mill-Fondi għall-istrumenti finanzjarji**

1. L-appoġġ mill-Fondi mħallas lill-istrumenti finanzjarji għandu jitpoġġa f'kontijiet f'istituzzjonijiet finanzjarji domiċiljati fl-Istati Membri u għandu jiġi ġestit skont ġestjoni attiva tat-teżor u l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

2. L-imgħax u qligħ ieħor li jista' jiġi attribwit lill-appoġġ mill-Fondi mħallas lill-istrumenti finanzjarji għandu jintuża taħt l-istess objettiv jew objettivi, bħall-appoġġ inizjali mill-Fondi, inkluż għall-pagamenti ta' tariffi ta' ġestjoni u r-rimborż ta' kostijiet ta' ġestjoni mġarrba mill-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 68(1), jew fl-istess strument finanzjarju; jew, sussegwentement għall-istralċ tal-istrument finanzjarju, fi strumenti finanzjarji oħrajn jew forom oħra ta' appoġġ għal aktar investiment fir-riċevituri finali, sa tmiem il-perijodu ta' eliġibbiltà.

3. Imgħax u gwadann ieħor imsemmi fil-paragrafu 2 li ma jintużax skont dik id-dispożizzjoni għandu jitnaqqas mill-kontijiet sottomessi għas-sena kontabilistika finali.

*Artikolu 61*

**Trattament differenzjat tal-investituri**

1. L-appoġġ mill-Fondi lill-istrumenti finanzjarji investit f'riċevituri finali u kwalunkwe tip ta' introjtu ġġenerat minn dak l-investiment, inkluż ir-riżorsi mħallsa lura, li huwa attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi, jista' jintuża għat-trattament differenzjat tal-investituri li joperaw skont il-prinċipju ta' ekonomija orjentata lejn is-suq permezz ta' kondiviżjoni xierqa tar-riskji u tal-profitti filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

2. Il-livell ta' tali trattament differenzjat ma għandux jaqbeż dak li hu neċessarju biex joħloq inċentivi biex jattiraw riżorsi privati, stabbiliti jew minn proċess kompetittiv jew minn valutazzjoni indipendenti.

*Artikolu 62*

**Użu mill-ġdid tar-riżorsi attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi**

1. Riżorsi mħallsa lura, qabel tmiem il-perijodu ta' eliġibbiltà, lil strumenti finanzjarji minn investimenti f'riċevituri finali jew mir-rilaxx ta' riżorsi mwarrba għall-kuntratti ta' garanzija, inkluż pagamenti lura ta' kapital u kwalunkwe tip ta' introjtu ġġenerat li huwa attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi, għandhom jintużaw mill-ġdid fl-istess strumenti finanzjarji jew f'oħrajn għal investiment ulterjuri fir-riċevituri finali, sabiex jiġi kopert it-telf fl-ammont nominali tal-kontribuzzjoni tal-Fondi lill-istrument finanzjarju li jirriżulta mill-imgħax negattiv, jekk tali telf iseħħ minkejja ġestjoni attiva tat-teżor, jew għal kwalunkwe kost u tariffa ta' ġestjoni assoċjati ma' tali investiment ulterjuri, b'kont meħud tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li r-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 u *mħallsa* lura lill-istrumenti finanzjarji matul perijodu ta' mill-inqas 8 snin wara t-tmiem tal-perijodu ta' eliġibbiltà, jiġu użati mill-ġdid f'konformità mal-objettivi tal-programm jew programmi taħt liema twaqqfu, jew fl-istess strument finanzjarju jew, wara l-ħruġ ta' dawk ir-riżorsi mill-istrument finanzjarju, fi strumenti finanzjarji oħra jew f'forom oħra ta' appoġġ.

*KAPITOLU III*

***Regoli ta' eliġibbiltà***

*Artikolu 63*

**Eliġibbiltà**

1. L-eliġibbiltà tan-nefqa għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi tar-regoli nazzjonali, ħlief fejn ikunu stabbiliti r-regoli speċifiċi f'dan ir-Regolament jew fuq il-bażi tiegħu jew tar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi.

2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fondi jekk tkun saret minn benefiċjarju jew mill-imsieħeb privat f'każ ta' operazzjoni PPP u tħallset fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, bejn id-data tal-preżentazzjoni tal-programm lill-Kummissjoni jew mill-1 ta' Jannar 2021, skont liema data tiġi l-ewwel, u l-31 ta' Diċembru 2029.

Għal kostijiet rimborżati skont il-punti (b), (c) u (f) tal-Artikolu 53(1), l-azzjonijiet li jikkostitwixxu l-bażi tar-rimborż għandhom jitwettqu bejn id-data tal-preżentazzjoni tal-programm lill-Kummissjoni jew mill-1 ta' Jannar 2021, skont liema data tiġi l-ewwel, u l-31 ta' Diċembru 2029.

3. Għall-FEŻR, in-nefqa relatata ma' operazzjonijiet li jkopru aktar minn kategorija waħda tar-reġjuni kif stipulat fl-Artikolu 108(2) fi Stat Membru għandha tkun allokata fil-kategoriji tar-reġjuni kkonċernati fuq bażi *pro rata*, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi.

Għall-FSE+, in-nefqa relatata mal-operazzjonijiet tista' tiġi allokata lil kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' reġjun tal-programm bil-kondizzjoni li l-operazzjoni tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi speċifiċi tal-programm.

Fir-rigward tal-JTF, in-nefqa relatata mal-operazzjonijiet għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta rilevanti.

4. Operazzjoni sħiħa jew parti minnha jistgħu jiġu implimentati barra minn Stat Membru, anki barra mill-Unjoni, sakemm dik l-operazzjoni tikkontribwixxi għall-objettivi tal-programm.

5. Għal għotjiet li jieħdu l-forma tal-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 53(1), in-nefqa li għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fondi għandha tkun l-istess bħall-ammonti kkalkolati skont l-Artikolu 53(3).

6. L-operazzjonijiet ma għandhomx jiġu magħżula għall-appoġġ mill-Fondi fejn ikunu tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ qabel ma ssir l-applikazzjoni għall-finanzjament skont il-programm, irrispettivament minn jekk il-pagamenti relatati kollha jkunux saru. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-kumpens tal-FEMSA għal spejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi skont l-Artikolu 24 tar-Regolament FEMSA u għall-appoġġ mill-finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi skont il-punt (e) tal-Artikolu 110(1) ta' dan ir-Regolament.

7. Nefqa li ssir eliġibbli bħala riżultat ta' emenda ta' programm għandha tkun eliġibbli mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba korrispondenti lill-Kummissjoni.

Għall-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF, in-nefqa ssir eliġibbli minħabba emenda fil-programm meta tip ġdid ta' intervent imsemmi fit-Tabella 1 tal-Anness I jew, għall-FEMSA, l-AMIF, l-ISF u l-BMVI, fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond tiżdied fil-programm.

Jekk programm ikun emendat biex jipprovdi reazzjoni għal diżastri naturali, il-programm jista' jipprovdi li l-eliġibbiltà tan-nefqa marbuta ma' tali emendi tibda mid-data meta jkun seħħ id-diżastru naturali.

8. Fejn programm ġdid ikun approvat, in-nefqa għandha tkun eliġibbli mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba korrispondenti lill-Kummissjoni.

9. Operazzjoni tista' tirċievi appoġġ minn Fond wieħed jew aktar jew minn programm wieħed jew aktar u minn strumenti oħra tal-Unjoni. F'każijiet bħal dawn, nefqa ddikjarata f'talba għall-ħlas għal wieħed mill-Fondi ma għandhiex tkun iddikjarata għal xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) appoġġ minn Fond jew strument tal-Unjoni ieħor;

(b) appoġġ mill-istess Fond taħt programm ieħor.

L-ammont tan-nefqa li jrid jiddaħħal f'applikazzjoni għal pagament ta' Fond jista' jiġi kkalkolat għal kull Fond u għall-programm jew programmi kkonċernati fuq bażi *pro rata* f'konformità mad-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ.

*Artikolu 64*

**Kostijiet mhux eliġibbli**

1. Il-kostijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fondi:

(a) imgħax fuq id-dejn, ħlief fir-rigward ta' għotjiet mogħtija fil-forma ta' sussidju għal rata tal-imgħax jew sussidju ta' tariffa għal garanzija;

(b) ix-xiri ta' art għal ammont ogħla minn 10 % tan-nefqa totali eliġibbli għall-azzjoni konċernata; għal siti abbandunati u għal dawk li qabel kellhom użu industrijali li jinkludu bini, dak il-limitu għandu jiżdied għal 15 %; għall-istrumenti finanzjarji, dawk il-perċentwali għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni tal-programm imħallsa lir-riċevitur finali jew, fil-każ ta' garanziji, għall-ammont tas-self sottostanti;

(c) taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT"), ħlief:

(i) għall-operazzjonijiet li l-kost totali tagħhom huwa inqas minn EUR 5 000 000 (VAT inkluża);

(ii) għall-operazzjonijiet li l-kost totali tagħhom huwa mill-inqas EUR 5 000 000 (VAT inkluża) fejn ma jistax jiġi rkuprat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT.

(iii) investimenti magħmula minn riċevituri finali fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji; fejn dawn l-investimenti jkunu appoġġati minn strumenti finanzjarji kkombinati ma' appoġġ tal-programm fil-forma ta' għotja kif imsemmi fl-Artikolu 58(5), il-VAT ma għandhiex tkun eliġibbli għall-parti tal-kost tal-investiment li jikkorrispondi mal-appoġġ tal-programm fil-forma ta' għotja, dment li l-VAT għall-kost tal-investiment ma jkunx rekuperabbli skont leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT jew fejn parti mill-kost tal-investiment jikkorrispondi ma' appoġġ tal-programm fil-forma ta' għotja li jkun anqas minn EUR 5 000 000 (VAT inkluża);

(iv) għal fondi għal proġetti żgħar u investimenti magħmula minn riċevituri finali fil-kuntest ta' fondi għal proġetti żgħar taħt Interreg.

Il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal operazzjonijiet li jirrigwardaw il-konservazzjoni ambjentali.

2. Ir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond jistgħu jidentifikaw kostijiet addizzjonali li mhumiex eliġibbli għall-kontribuzzjoni minn kull Fond.

*Artikolu 65*

**Durabbiltà tal-operazzjonijiet**

1. L-Istat Membru għandu jħallas lura l-kontribuzzjoni mill-Fondi għal operazzjoni li tikkonsisti minn investiment fl-infrastruttura jew investiment produttiv, jekk fi żmien 5 snin mill-pagament finali lill-benefiċjarju jew fil-perijodu ta' żmien stabbilit fir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, meta applikabbli, din l-operazzjoni tkun soġġetta għal xi sitwazzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) waqfien jew trasferiment ta' attività produttiva barra mir-reġjun tal-livell 2 tan-NUTS li fih irċieva appoġġ;

(b) bidla tas-sjieda ta' oġġett infrastrutturali li tagħti vantaġġ mhux dovut lil impriża jew lil korp pubbliku;

(c) bidla sostanzjali li taffettwa n-natura, l-objettivi jew il-kondizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħha, li jirriżulta fl-imminar tal-objettivi oriġinali tagħha.

L-Istat Membru jista' jnaqqas il-limitu ta' żmien stabbilit fl-ewwel subparagrafu għal 3 snin f'każijiet li jikkonċernaw iż-żamma ta' investimenti jew impjiegi maħluqa minn SMEs.

Il-ħlas lura mill-Istat Membru minħabba nuqqas ta' konformità ma' dan l-Artikolu għandu jsir b'mod proporzjonat mal-perijodu ta' nuqqas ta' konformità.

2. Operazzjonijiet appoġġati mill-FSE+ jew mill-JTF f'konformità mal-[punti (k), (l) u (m) tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar il-JTF għandhom iħallsu lura l-appoġġ meta jkunu soġġetti għal obbligu għaż-żamma tal-investiment skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-kontribuzzjonijiet tal-programm lil strumenti finanzjarji jew minnhom, jew lil kwalunkwe operazzjoni li tgħaddi minn waqfien ta' attività produttiva minħabba falliment mhux frawdolenti.

*Artikolu 66*

**Rilokazzjoni**

1. Nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni ma għandhiex tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fondi.

2. Meta kontribuzzjoni mill-Fondi tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tara li l-kontribuzzjoni ma tappoġġax rilokazzjoni skont l-Artikolu 14(16) tar-Regolament (UE) Nru 651/2014.

*Artikolu 67*

**Regoli tal-eliġibbiltà speċifiċi għall-għotjiet**

1. Kontribuzzjonijiet in natura fil-forma ta' forniment ta' xogħlijiet, beni, servizzi, art u proprjetà immobbli li għalihom ma jkun sar l-ebda pagament sostnut minn fatturi, jew dokumenti ta' valur probatorju ekwivalenti, jistgħu jkunu eliġibbli meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-appoġġ pubbliku mogħti lill-operazzjoni li jinkludi kontribuzzjonijiet in natura ma jaqbżux in-nefqa totali eliġibbli, minbarra kontribuzzjonijiet in natura, fl-aħħar tal-operazzjoni;

(b) il-valur attribwit lill-kontribuzzjonijiet in natura ma jaqbiżx il-kostijiet aċċettati ġeneralment fis-suq in kwistjoni;

(c) il-valur u t-twassil tal-kontribuzzjoni in natura jistgħu jiġu vvalutati u vverifikati b'mod indipendenti;

(d) fil-każ tal-provvista ta' art jew ta' proprjetà immobbli, jista' jsir pagament għall-finijiet ta' ftehim ta' kiri ta' ammont nominali annwalment li ma jaqbiżx unità singola tal-munita tal-Istat Membru;

(e) fil-każ ta' kontribuzzjonijiet in natura fil-forma ta' xogħol mhux imħallas, il-valur ta' dak ix-xogħol jiġi ddeterminat billi jitqies il-ħin meħud ivverifikat u r-rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ekwivalenti.

Il-valur tal-art jew tal-proprjetà immobbli msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jiġi ċċertifikat minn espert kwalifikat indipendenti jew minn korp uffiċjali awtorizzat kif misthoqq u ma jaqbiżx il-limitu stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 64(1).

2. Il-kostijiet ta' deprezzament li għalihom ma jkun sar l-ebda pagament sostnut minn fatturi, jista' jkun ikkunsidrat li huwa eliġibbli meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-regoli ta' eliġibbiltà tal-programm jippermettu dan;

(b) l-ammont tan-nefqa huwa ġġustifikat permezz ta' dokumenti li jappoġġawh li għandhom valur probatorju ekwivalenti għall-fatturi għal kostijiet eliġibbli fejn dawn il-kostijiet ikunu rimborżati fil-forma msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 53(1);

(c) il-kostijiet ikunu marbuta b'mod esklussiv mal-perijodu ta' appoġġ għall-operazzjoni;

(d) ma kkontribwixxewx għotjiet pubbliċi għall-akkwist tal-assi deprezzati.

*Artikolu 68*

**Regoli tal-eliġibbiltà speċifiċi għall-istrumenti finanzjarji**

1. In-nefqa eliġibbli ta' strument finanzjarju għandha tkun l-ammont totali tal-kontribuzzjoni mħallsa lill-istrument finanzjarju, jew, fil-każ ta' garanziji, imwarrba għall-kuntratti ta' garanzija mill-istrument finanzjarju fil-perijodu ta' eliġibbiltà, meta l-ammont jikkorrispondi għal:

(a) pagamenti lil riċevituri finali, fil-każ ta' self, investimenti ta' ekwità u dawk ta' kważi ekwità;

(b) riżorsi mwarrba għall-kuntratti ta' garanzija, kemm jekk pendenti jew li diġà mmaturaw, sabiex ikunu onorati talbiet possibbli għal ħlas ta' garanzija f'każ ta' telf, ikkalkolati fuq il-bażi ta' proporzjon multiplikatur stabbilit għas-selfiet ġodda sottostanti żborżati, investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità f'riċevituri finali;

(c) pagamenti lil riċevituri finali, jew għall-benefiċċju tagħhom meta l-istrumenti finanzjarji jkunu kkombinati ma' kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni f'operazzjoni ta' strument finanzjarju unika ta' strument finanzjarju skont l-Artikolu 58(5);

(d) pagamenti ta' tariffi ta' ġestjoni u rimborżi ta' kostijiet ta' ġestjoni mħallsa minn korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju.

2. Meta strument finanzjarju jiġi implimentat matul perijodi ta' programmar konsekuttivi, jista' jingħata appoġġ lil, jew għall-benefiċċju ta', riċevituri finali, inkluż kostijiet u tariffi ta' ġestjoni, ibbażati fuq ftehimiet li jkunu saru taħt il-perijodu ta' programmazzjoni preċedenti, dment li tali appoġġ ikun konformi mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-perijodu ta' programmazzjoni sussegwenti. F'każijiet bħal dawn, l-eliġibbiltà tan-nefqa ppreżentata fl-applikazzjonijiet għall-pagamenti għandha tiġi determinata skont ir-regoli tal-perijodu ta' programmazzjoni rispettiv.

3. Għall-punt (b) tal-paragrafu 1, jekk l-entità li tibbenefika mill-garanziji ma tkunx ħallset l-ammont ippjanat ta' self ġdid, investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità għal riċevituri finali skont il-proporzjon multiplikatur, in-nefqa eliġibbli għandha titnaqqas b'mod proporzjonali. Il-proporzjon multiplikatur jista' jkun rieżaminat, meta dan ikun ġustifikat minn bidliet sussegwenti fil-kondizzjonijiet tas-suq. Tali rieżami ma għandux ikollu effett retroattiv.

4. Għall-punt (d) tal-paragrafu 1, it-tariffi ta' ġestjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-prestazzjoni.

Meta l-korpi li jimplimentaw fond ta' parteċipazzjoni jintgħażlu permezz ta' għoti dirett ta' kuntratt skont l-Artikolu 59(3), l-ammont tal-kostijiet u t-tariffi tal-ġestjoni mħallsa lil dawk il-korpi li jista' jiġi ddikjarat bħala nefqa eliġibbli għandu jkun soġġett għal limitu massimu ta' 5 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm żborżati lir-riċevituri finali f'self jew imwarrba għal kuntratti ta' garanzija u sa 7 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm żborżati lir-riċevituri finali f'investimenti ta' ekwità u kważi ekwità.

Meta l-korpi li jimplimentaw fond speċifiku jintgħażlu permezz ta' għoti dirett ta' kuntratt skont l-Artikolu 59(3), l-ammont tal-kostijiet u t-tariffi tal-ġestjoni mħallsa lil dawk il-korpi li jistgħu jiġu ddikjarati bħala nefqa eliġibbli għandhom ikunu soġġetti għal limitu ta' mhux aktar minn 7 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm żborżati lir-riċevituri finali f'self jew imwarrba f'kuntratti ta' garanzija u sa 15 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm żborżati lir-riċevituri finali f'investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità.

Fejn il-korpi li jimplimentaw fond ta' parteċipazzjoni jew fondi speċifiċi, jintgħażlu permezz ta' offerta kompetittiva skont il-liġi applikabbli, l-ammont tal-kostijiet u t-tariffi tal-ġestjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehim ta' finanzjament u għandhom jirriflettu r-riżultat tal-offerta kompetittiva.

5. Jekk it-tariffi ta' arranġamenti, jew kwalunkwe parti minnhom, huma imposti fuq ir-riċevituri finali, ma għandhomx jiġu ddikjarati bħala nefqa eliġibbli.

6. In-nefqa eliġibbli ddikjarata skont il-paragrafu 1 ma għandhiex taqbeż l-ammont totali ta' appoġġ mill-Fondi mħallsa għall-finijiet tal-paragrafu u l-kofinanzjament nazzjonali korrispondenti.

TITOLU VI

## ĠESTJONI U KONTROLL

*KAPITOLU I*

## ***Regoli ġenerali dwar il-ġestjoni u l-kontroll***

*Artikolu 69*

### Responsabbiltajiet tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-programmi tagħhom skont dan it-Titolu u jiżguraw il-funzjonament tagħhom skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u r-rekwiżiti ewlenin elenkati fl-Anness XI.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet preżentati lill-Kummissjoni u għandhom jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jipprevjenu, jaqbdu, jikkoreġu u jirrapportaw irregolaritajiet inkluż frodi. Dawk l-azzjonijiet jinkludu l-ġbir ta' informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni skont l-Anness XVII. Ir-regoli relatati mal-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data għandhom jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Il-Kummissjoni, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom l-aċċess meħtieġ għal dik l-informazzjoni.

Għal programmi appoġġati mill-AMIF, l-ISF u l-BMVI, l-obbligi li jikkonċernaw il-ġbir ta' informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni f'konformità mal-Anness XVII kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2023.

3. L-Istati Membri, b'talba mill-Kummissjoni, għandhom jieħdu l-azzjonijiet neċessarji biex jiżguraw il-funzjonament effettiv tas-sistemi tal-ġestjoni u kontroll u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa ppreżentata lill-Kummissjoni. Jekk din l-azzjoni tkun awditu, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jistgħu jieħdu sehem.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kwalità, il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u tad-data dwar l-indikaturi.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, ħlief fejn id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali teskludi tali pubblikazzjoni għal raġunijiet ta' sigurtà, ordni pubbliku, investigazzjonijiet kriminali jew protezzjoni ta' data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

6. L-Istati Membri għandu jkollhom sistemi u proċeduri biex jiżguraw li d-dokumenti kollha meħtieġa għar-rekord tal-awditjar kif stipulat fl-Anness XIII jinżammu skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 82.

7. L-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti biex jiżguraw l-eżami effettiv tal-ilmenti rigward il-Fondi. L-ambitu, ir-regoli u l-proċeduri li jikkonċernaw dawk l-arranġamenti għandhom ikunu r-responsabilità tal-Istati Membri skont il-qafas ġuridiku u istituzzjonali tagħhom. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ġenerali li jiġu indirizzati lmenti lill-Kummissjoni miċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati. L-Istati Membri, b'talba tal-Kummissjoni, għandhom jeżaminaw l-ilmenti ppreżentati lill-Kummissjoni li huma fl-ambitu tal-programmi tagħhom u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati ta' dawn l-eżamijiet.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-ilmenti jkopru kwalunkwe tilwima bejn benefiċjarji magħżula u dawk potenzjali fir-rigward tal-operazzjoni proposta jew magħżula u kwalunkwe tilwim ma' partijiet terzi dwar l-implimentazzjoni tal-programm jew l-operazzjonijiet tiegħu, irrispettivament mill-kwalifika tal-mezzi tar-rimedju legali stabbiliti skont id-dritt nazzjonali.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskambji ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet tal-programm jitwettqu permezz ta' sistemi ta' skambju elettroniku ta' data skont l-Anness XIV.

L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-benefiċċji tal-iskambju elettroniku ta' data u jipprovdu l-appoġġ kollu meħtieġ lill-benefiċjarji f'dan ir-rigward.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-awtorità ta' ġestjoni tista' taċċetta b'mod eċċezzjonali, fuq talba espliċita ta' benefiċjarju, l-iskambji ta' informazzjoni f'format stampat, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tagħha li tirreġistra u taħżen id-data skont il-punt (e) tal-Artikolu 72(1).

Għal programmi appoġġati mill-FEMSA, mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, l-ewwel subparagrafu għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-programmi jew il-prijoritajiet skont il-punt (m) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament FSE+.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskambji uffiċjali kollha ta' informazzjoni mal-Kummissjoni jitwettqu permezz ta' sistemi ta' skambju elettroniku ta' data skont l-Anness XV.

10. L-Istat Membru għandu jipprovdi, jew jiżgura li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jipprovdu previżjonijiet tal-ammont ta' talbiet għall-pagament li jiġu ppreżentati għas-sena finanzjarja attwali u għas-snin kalendarji sussegwenti sal-31 ta' Jannar u sal-31 ta' Lulju, skont l-Anness VIII.

11. Kull Stat Membru, mhux aktar miż-żmien tal-preżentazzjoni tat-talba għall-ħlas finali għall-ewwel sena kontabilistika u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2023, għandu jkollu stabbilita deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll skont il-mudell stipulat fl-Anness XVI. Huwa għandu jżomm din id-deskrizzjoni aġġornata biex tirrifletti kwalunkwe modifika sussegwenti.

12. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar l-irregolaritajiet skont il-kriterji għad-determinazzjoni tal-każijiet ta' irregolarità li għandhom jiġu rrappurtati, id-data li għandha tingħata u l-format għar-rapportar stipulat fl-Anness XII.

*Artikolu 70*

**Setgħat u responsabbiltajiet tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tissodisfa lilha nnifisha li l-Istati Membri jkollhom sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u li dawn is-sistemi jiffunzjonaw b'mod effettiv u effiċjenti matul l-implimentazzjoni tal-programmi. Il-Kummissjoni għandha tfassal, għall-finijiet tax-xogħol ta' awditjar tagħha stess, strateġija ta' awditjar u pjan ta' awditjar li għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni tar-riskju.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom jikkoordinaw il-pjanijiet ta' awditjar tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq l-awditi sa tliet snin kalendarji wara l-aċċettazzjoni tal-kontijiet li fihom tkun inkluża n-nefqa kkonċernata. Dak il-perijodu għandu japplika għal operazzjonijiet fejn ikun hemm suspett ta' frodi.

3. Għall-fini ta' dawn l-awditi, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom aċċess għar-rekords, għad-dokumenti u għall-metadata kollha neċessarji, irrispettivament mill-mezz li fih ikunu maħżuna, rigward l-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi jew is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u għandhom jirċievu kopji fil-format speċifiku mitlub.

4. Għall-awditi fil-post, għandu japplika dan li ġej:

(a) il-Kummissjoni għandha tavża lill-awtorità kompetenti tal-programm mill-inqas 15-il jum ta' ħidma qabel l-awditu, ħlief għal każijiet urġenti; uffiċjali jew rappreżentanti awtorizzati tal-Istat Membru jistgħu jieħdu sehem f'dan l-awditjar.

(b) fejn l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tirriżerva ċerti atti għal aġenti speċifikament maħtura mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-uffiċjali tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti awtorizzati għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni hekk miksuba mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-qrati nazzjonali u fir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tas-soġġetti ġuridiċi kkonċernati.

(c) il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-konklużjonijiet preliminari tal-awditu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-aħħar jum tal-awditu;

(d) il-Kummissjoni għandha tittrażmetti r-rapport tal-awditur, mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha tirċievi risposta kompluta mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru dwar il-konklużjonijiet preliminari tal-awditu; it-tweġiba tal-Istat Membru għandha titqies kompluta fin-nuqqas ta' talba mill-Kummissjoni biex tingħata aktar informazzjoni jew dokument rivedut fi żmien xahrejn (2) mid-data li tirċievi t-tweġiba tal-Istat Membru.

Għall-fini tal-konformità mal-limiti ta' żmien stabbiliti fil-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tagħmel is-sejbiet tal-awditjar preliminari u r-rapport tal-awditjar disponibbli f'mill-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jistgħu jiġu estiżi fejn jitqies neċessarju u jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

Fejn limitu ta' żmien jiġi stabbilit għal tweġiba mill-Istat Membru għas-sejbiet preliminari tal-awditjar jew ir-rapport tal-awditjar imsemmi fil-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dak il-limitu ta' żmien għandu jibda malli dawn jaslu għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru mill-anqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 71*

**Awtoritajiet tal-programm**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 63(3) tar-Regolament Finanzjarju, l-Istat Membru għandu jidentifika awtorità ta' ġestjoni u awtorità tal-awditjar għal kull programm. Fejn Stat Membru jafda l-funzjoni kontabilistika lil korp li mhuwiex l-awtorità ta' ġestjoni f'konformità mal-Artikolu 72(2) ta' dan ir-Regolament, il-korp ikkonċernat għandu jiġi identifikat ukoll bħala awtorità ta' programm. L-istess awtoritajiet jistgħu jkunu responsabbli għal aktar minn programm operazzjonali wieħed.

2. L-awtorità tal-awditjar għandha tkun awtorità pubblika. Ix-xogħol tal-awditjar jista' jsir minn korp pubbliku jew privat minbarra l-awtorità tal-awditjar taħt ir-responsabbiltà tagħha. L-awtorità tal-awditjar u kwalunkwe korp bħal dan li jwettaq xogħol tal-awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità tal-awditjar għandhom ikunu funzjonalment indipendenti minn min qed jiġi awditjat.

3. L-awtorità ta' ġestjoni tista' tidentifika korp intermedju wieħed jew aktar biex iwettqu ċerti kompiti fir-responsabbiltà tagħha. Arranġamenti bejn l-awtorità ta' ġestjoni u l-korpi intermedji għandhom ikunu rreġistrati bil-miktub.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn l-awtoritajiet tal-programm u fi ħdanhom ikun irrispettat.

5. Fejn programm, f'konformità mal-objettivi tiegħu, jipprovdi appoġġ mill-FEŻR jew mill-FSE+ għal programm kofinanzjat minn Orizzont Ewropa, kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Orizzont Ewropa(…), il-korp li jimplimenta l-programm kofinanzjat minn Orizzont Ewropa għandu jiġi identifikat bħala korp intermedju mill-awtorità ta' ġestjoni tal-programm rilevanti, f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

6. L-Istat Membru, fuq inizjattiva tiegħu stess, jista' jistabbilixxi korp ta' koordinazzjoni biex ikun f'kollegament mal-Kummissjoni u jipprovdilha l-informazzjoni u jikkoordina attivitajiet tal-awtoritajiet tal-programm f'dak l-Istat Membru.

*KAPITOLU II*

***Sistemi standard ta' ġestjoni u kontroll***

*Artikolu 72*

**Il-funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni**

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-programm bil-għan li twassal għall-objettivi tal-programm. Partikolarment, hija għandu jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) tagħżel operazzjonijiet skont l-Artikolu 73, bl-eċċezzjoni ta' operazzjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 33(3);

(b) twettaq kompiti ta' ġestjoni tal-programm skont l-Artikolu 74;

(c) tappoġġa l-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 75;

(d) twettaq superviżjoni tal-korpi intermedji;

(e) tirreġistra u taħżen b'mod elettroniku d-data neċessarja għal kull operazzjoni għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifiki u l-awditi f'konformità mal-Anness XVII, u tiżgura s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data u l-awtentikazzjoni tal-utenti.

2. L-Istat Membru jista' jafda l-funzjoni kontabilistika msemmija fl-Artikolu 76 lill-awtorità ta' ġestjoni jew lil korp ieħor.

3. Għal programmi appoġġati permezz tal-AMIF, l-ISF u l-BMVI, il-funzjoni kontabilistika għandha ssir mill-awtorità ta' ġestjoni jew fir-responsabbiltà tagħha.

*Artikolu 73*

**Għażla ta' operazzjonijiet mill-awtorità ta' ġestjoni**

1. Għall-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tistabbilixxi u tapplika kriterji u proċeduri li mhumiex diskriminatorji, li huma trasparenti, jiżguraw l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jqisu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli u l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent skont l-Artikolu 11 u l-Artikolu 191(1) TFUE.

Il-kriterji u l-proċeduri għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet li jridu jintgħażlu jiġi prijoritizzati bil-għan li tkun massimizzata l-kontribuzzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-programm.

2. Fl-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtorità ta' ġestjoni għandha:

(a) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula jkunu konformi mal-programm, inkluż il-konsistenza tagħhom mal-istrateġiji rilevanti li fuqhom ikun ibbażat il-programm, kif ukoll tipprovdi kontribut effettiv għall-kisba tal-objettivi speċifiċi tal-programm;

(b) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' kondizzjoni abilitanti jkunu konsistenti mal-istrateġiji u mad-dokumenti tal-ippjanar korrispondenti stabbiliti għat-twettiq ta' dik il-kondizzjoni abilitanti;

(c) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula jippreżentaw l-aqwa relazzjoni bejn l-ammont ta' appoġġ, l-attivitajiet imwettqa u l-kisba tal-objettivi;

(d) tivverifika li l-benefiċjarju jkollu r-riżorsi u l-mekkaniżmi finanzjarji meħtieġa biex ikopri l-kostijiet tat-tħaddim u l-manutenzjoni għal operazzjonijiet li jinkludu investiment fl-infrastruttura jew investiment produttiv, b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom;

(e) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([51]) ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali jew proċedura ta' skrinjar u li l-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet alternattivi titqies debitament, fuq il-bażi tar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva;

(f) tivverifika li fejn l-operazzjonijiet ikunu bdew qabel il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-finanzjament lill-awtorità ta' ġestjoni, il-liġi applikabbli tkun ġiet osservata;

(g) jiżgura li l-operazzjonijiet magħżula jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond ikkonċernat u huma attribwiti għal tip ta' intervent;

(h) tiżgura li l-operazzjonijiet ma jinkludux attivitajiet li kienu parti minn operazzjoni soġġetta għal rilokazzjoni skont l-Artikolu 66 jew li tikkostitwixxi trasferiment ta' attività produttiva f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 65(1);

(i) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula mhumiex affettwati direttament minn opinjoni motivata mill-Kummissjoni rigward ksur skont l-Artikolu 258 TFUE li jqiegħed f'riskju l-legalità u r-regolarità tan-nefqa jew il-prestazzjoni tal-operazzjonijiet;

(j) tiżgura r-reżistenza għall-klima ta' investimenti fl-infrastruttura li jkollhom tul ta' żmien tal-anqas ta' 5 snin.

Fir-rigward tal-punt (b) ta' dan il-paragrafu, fil-każ tal-objettiv ta' politika wieħed, kif stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-FEŻR u FK, huma biss l-operazzjonijiet li jikkorrispondu għall-objettivi speċifiċi msemmija fis-subpunti (i) u (iv) ta' dak il-punt li għandhom ikunu konsistenti mal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti korrispondenti.

3. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-benefiċjarju jkun ipprovdut b'dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ għal kull operazzjoni inkluż ir-rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw il-prodotti jew is-servizzi li jridu jkunu fornuti, il-pjan ta' finanzjament, il-limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni tiegħu u fejn applikabbli, il-metodu li għandu jiġi applikat għad-determinazzjoni tal-kostijiet tal-operazzjoni u l-kondizzjonijiet għall-pagament tal-appoġġ.

4. Għall-operazzjonijiet mogħtija Siġill ta' Eċċellenza, jew operazzjonijiet magħżula skont programm ikkofinanzjat minn Orizzont Ewropa, l-awtorità ta' ġestjoni tista' tiddeċiedi li tagħti appoġġ mill-FEŻR jew mill-FSE+ direttament, dment li tali operazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a), (b) u (g) tal-paragrafu 2.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet ta' ġestjoni jistgħu japplikaw għall-operazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-kategoriji, l-ammonti massimi u l-metodi ta' kalkolu tal-kostijiet eliġibbli stabbiliti skont l-istrument rilevanti tal-Unjoni. Dawn l-elementi għandhom jiġu stabbiliti fid-dokument imsemmi fil-paragrafu 3.

5. Meta l-awtorità ta' ġestjoni tagħżel operazzjoni ta' importanza strateġika, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien xahar u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni dwar din l-operazzjoni.

([51]) Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

*Artikolu 74*

**Ġestjoni tal-programm mill-awtorità ta' ġestjoni**

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha:

(a) twettaq il-verifiki ta' ġestjoni biex tivverifika li l-prodotti u s-servizzi kofinanzjati ġew ipprovduti, li l-operazzjoni tikkonforma mal-liġi applikabbli, mal-programm u mal-kondizzjonijiet għall-appoġġ tal-operazzjoni u:

(i) fejn il-kostijiet għandhom jiġu rimborżati skont il-punt (a) tal-Artikolu 53(1), li l-ammont tan-nefqa ddikjarat mill-benefiċjarji b'rabta mal-kostijiet ikun tħallas u li l-benefiċjarji jżommu rekords tal-kontabbiltà separati jew jużaw kodiċijiet tal-kontabbiltà xierqa għat-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-operazzjoni;

(ii) fejn il-kostijiet għandhom jiġu rimborżati skont il-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 53(1), li l-kondizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa lill-benefiċjarju għandhom ikun sodisfatti;

(b) tiżgura, soġġett għad-disponibbiltà ta' finanzjament, li benefiċjarju jirċievi l-ammont dovut kollu kemm hu u mhux aktar tard minn 80 jum mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba għall-pagament mill-benefiċjarju; l-iskadenza tista' tiġi interrotta jekk l-informazzjoni sottomessa mill-benefiċjarju ma tippermettix lill-awtorità ta' ġestjoni tistabbilixxi jekk l-ammont huwiex dovut;

(c) ikollha fis-seħħ miżuri u proċeduri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi filwaqt li tqis ir-riskji identifikati;

(d) tipprevjeni, taqbad u tikkoreġi irregolaritajiet;

(e) tikkonferma li n-nefqa mniżżla fil-kontijiet hija legali u regolari;

(f) tfassal id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni skont il-mudell stabbilit fl-Anness XVIII.

Għall-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-ebda ammont ma għandu jitnaqqas jew jinżamm u l-ebda tariffa speċifika jew tariffa oħra b'effett ekwivalenti ma għandhom jiġu imposti li jnaqqsu ammonti dovuti lill-benefiċjarji.

Għal operazzjonijiet PPP, l-awtorità ta' ġestjoni għandha twettaq pagamenti lil kont miżmum minn terzi persuni stabbilit għal dak il-għan f'isem il-benefiċjarju għall-użu skont il-Ftehim tal-PPP.

2. Il-verifiki ta' ġestjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju u proporzjonati mar-riskji identifikati bħala *ex ante* u bil-miktub.

Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jinkludu verifiki amministrattivi fir-rigward ta' talbiet għall-pagamenti magħmula mill-benefiċjarji u verifiki fil-post ta' operazzjonijiet. Dawk il-verifiki għandhom isiru qabel il-preżentazzjoni tal-kontijiet skont l-Artikolu 98.

3. Meta l-awtorità ta' ġestjoni tkun ukoll benefiċjarja taħt il-programm operazzjonali, l-arranġamenti għall-verifiki tal-ġestjoni għandhom jiżguraw separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, ir-Regolament Interreg jista' jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-verifiki ta' ġestjoni applikabbli għall-programmi Interreg. L-AMIF, l-ISF u r-Regolamenti BMVI jistgħu jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar il-verifiki ta' ġestjoni li huma applikabbli meta organizzazzjoni internazzjonali tkun benefiċjarja.

*Artikolu 75*

**Appoġġ għax-xogħol tal-kumitat ta' monitoraġġ mill-awtorità ta' ġestjoni**

L-awtorità ta' ġestjoni għandha:

(a) tipprovdi lill-kumitat ta' monitoraġġ bl-informazzjoni kollha meħtieġa f'waqtha sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu;

(b) tiżgura s-segwitu tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ.

*Artikolu 76*

**Il-funzjoni kontabilistika**

1. Il-funzjoni kontabilistika għandha tikkonsisti minn dawn il-kompiti:

(a) it-tfassil u l-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' applikazzjonijiet għall-pagament skont l-Artikoli 91 u 92;

(b) it-tfassil u l-preżentazzjoni tal-kontijiet li jikkonfermaw il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet f'konformità mal-Artikolu 98 u ż-żamma ta' rekords elettroniċi tal-elementi kollha tal-kontijiet, inkluż l-applikazzjonijiet għall-pagamenti;

(c) il-konverżjoni f'euro tal-ammonti tan-nefqa mġarrba f'munita oħra bl-użu tar-rata tal-kambju kontabilistika mensili tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu n-nefqa tkun irreġistrat fis-sistemi tal-kontabbiltà tal-korp responsabbli biex iwettaq il-kompiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-funzjoni kontabilistika ma għandhiex tinkludi verifiki fil-livell tal-benefiċjarji.

3. B'deroga mill-punt (c) tal-paragrafu 1, ir-Regolament Interreg jista' jistabbilixxi metodu differenti biex ikunu konvertiti f'euro l-ammonti tan-nefqa mġarrba f'munita oħra.

*Artikolu 77*

**Funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar**

1. L-awtorità tal-awditjar għandha tkun responsabbli għat-twettiq ta' awditi tas-sistemi, awditi tal-operazzjonijiet u awditi tal-kontijiet sabiex tipprovdi aċċertament indipendenti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni.

2. Ix-xogħol tal-awditjar għandu jitwettaq skont standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

3. L-awtorità tal-awditjar għandha tħejji l-applikazzjonijiet għall-pagament u tippreżentahom lill-Kummissjoni:

(a) opinjoni tal-awditjar annwali skont l-Artikolu 63(7) tar-Regolament Finanzjarju u skont il-mudell stabbilit fl-Anness XIX ta' dan ir-Regolament u bbażata fuq ix-xogħol kollu tal-awditjar imwettaq, li jkopri t-tliet komponenti distinti li ġejjin:

    (i) il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet;

    (ii) il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni;

    (iii) il-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll;

(b) rapport annwali ta' kontroll li jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (b) tal-Artikolu 63(5)tar-Regolament Finanzjarju, skont il-mudell stabbilit fl-Anness XX għal dan ir-Regolament, li jappoġġa l-opinjoni tal-awditjar annwali msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu u li jistabbilixxi sommarju tas-sejbiet, inkluż analiżi tan-natura u l-firxa ta' żbalji u nuqqasijiet kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi proposti u implimentati u r-rata ta' żbalji totali u r-rata ta' żball residwu għan-nefqa mniżżla fil-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni.

4. Meta l-programmi jinġabru flimkien għall-iskop ta' awditi ta' operazzjonijiet skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 79(2), l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (b) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu tista' tinġabar f'rapport wieħed.

5. L-awtorità tal-awditjar għandha tittrażmetti lill-Kummissjoni rapporti tal-awditjar tas-sistema malli titlesta l-proċedura kontradittorja ma' min ikun qiegħed jiġi awditjat.

6. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom jiltaqgħu fuq bażi regolari u, sakemm ma jinlaħaqx qbil mod ieħor, mill-inqas darba fis-sena, sabiex jeżaminaw l-istrateġija tal-awditjar, ir-rapport annwali ta' kontroll u l-opinjoni tal-awditjar, sabiex jikkoordinaw il-pjanijiet tal-awditu l-metodi tagħhom, u sabiex jiskambjaw fehmiet dwar kwistjonijiet relatati mat-titjib tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.

*Artikolu 78*

**Strateġija tal-awditjar**

1. Wara li tikkonsulta l-awtorità ta' ġestjoni, l-awtorità tal-awditjar għandha tħejji strateġija tal-awditjar fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju, waqt li tikkunsidra d-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll prevista fl-Artikolu 69(11), li tkopri awditi tas-sistema u awditi tal-operazzjonijiet. L-istrateġija tal-awditjar għandha tinkludi awditi tas-sistema ta' awtoritajiet ta' ġestjoni identifikati ġodda u ta' awtoritajiet responsabbli għall-funzjoni kontabilistika. Tali awditi għandhom jitwettqu fi żmien 21 xahar mid-deċiżjoni li tapprova l-programm jew l-emenda tal-programm li tidentifika tali awtorità. L-istrateġija tal-awditjar għandha titħejja skont il-mudell stabbilit fl-Anness XXII, u għandha tkun aġġornata kull sena wara l-ewwel rapport annwali ta' kontroll u l-opinjoni tal-awditjar ipprovduti lill-Kummissjoni. Hija tista' tkopri wieħed jew aktar mill-programmi.

2. L-istrateġija tal-awditjar għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni wara talba għal dan.

*Artikolu 79*

**Awditjar tal-operazzjonijiet**

1. L-awditi tal-operazzjonijiet għandhom ikopru n-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni fis-sena kontabilistika fuq il-bażi ta' kampjun. Dan il-kampjun għandu jkun rappreżentattiv u għandu jkun ibbażat fuq metodi statistiċi għall-kampjunar.

2. Jekk il-popolazzjoni tkun inqas minn 300 unità tal-kampjunar, metodu ta' kampjunar mhux statistiku jista' jintuża fuq il-ġudizzju professjonali tal-awtorità tal-awditjar. F'każijiet bħal dawn id-daqs tal-kampjun għandu jkun biżżejjed biex jippermetti lill-awtorità tal-awditjar tħejji opinjoni tal-awditjar valida. Il-metodu tal-kampjunar mhux statistiku għandu jkopri minimu ta' 10 % tal-unitajiet tal-kampjunar fil-popolazzjoni tas-sena kontabilistika, magħżula b'mod aleatorju.

Il-kampjun statistiku jista' jkopri programm wieħed jew aktar li jirċievu l-appoġġ mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-JTFu, fejn xieraq, soġġett għal stratifikazzjoni, perijodu ta' programmazzjoni wieħed jew aktar skont il-ġudizzju professjonali tal-awtorità tal-awditjar.

Il-kampjun tal-operazzjonijiet appoġġati mill-FEMSA, mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI għandu jkopri operazzjonijiet appoġġati minn kull Fond separatament.

3. L-awditjar tal-operazzjonijiet għandhom jinkludu verifiki fuq il-post tal-implimentazzjoni fiżika tal-operazzjoni biss fejn din tkun meħtieġa għat-tip ta' operazzjoni kkonċernata.

Ir-Regolament FSE+ jista' jistipula dispożizzjonijiet speċifiċi għall-programmi jew prijoritajiet skont il-punt (m) tal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. L-AMIF, l-ISF u r-Regolamenti BMVI jistgħu jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-awditjar tal-operazzjonijiet fejn organizzazzjoni internazzjonali tkun benefiċjarju. Ir-Regolament Interreg jista' jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar awditi ta' operazzjonijiet applikabbli għall-programmi Interreg.

L-awditjar għandu jsir fuq il-bażi tar-regoli fis-seħħ fiż-żmien meta twettqu l-attivitajiet fi ħdan l-operazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 114 biex tissupplimenta dan l-Artikolu billi tistabbilixxi metodoloġiji u modalitajiet tal-kampjunar standardizzati u kummerċjalment disponibbli biex ikopru perijodu ta' programmazzjoni wieħed jew aktar.

*Artikolu 80*

**Arranġamenti għal awditu uniku**

1. Waqt it-twettiq tal-awditi, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom jikkunsidraw il-prinċipji ta' awditu uniku u ta' proporzjonalità fir-rigward tal-livell ta' riskju għall-baġit tal-Unjoni. Dan għandu jsir, b'mod partikolari, sabiex jiġu evitati awditi doppji u verifiki tal-ġestjoni tal-istess nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni bil-għan li jitnaqqsu kemm jista' jkun il-kostijiet tal-verifiki u l-awditi ta' ġestjoni u l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom l-ewwel jużaw l-informazzjoni u r-rekords kollha msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 72(1), inkluż ir-riżultati ta' verifiki ta' ġestjoni u jitolbu u jiksbu d-dokumenti addizzjonali u evidenza għall-awditjar mingħand il-benefiċjarji konċernati biss meta, fuq il-bażi tal-ġudizzju professjonali tagħhom, din hija meħtieġa biex tappoġġa konklużjonijiet tal-awditjar robusti.

2. Għal programmi li għalihom il-Kummissjoni tikkonkludi li l-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar hija affidabbli u l-Istat Membru kkonċernat jipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, l-awditi proprji tal-Kummissjoni għandhom ikunu limitat għal awditjar tax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar.

3. Qabel il-preżentazzjoni tal-kontijiet għas-sena kontabilistika li fiha tkun ġiet kompluta l-operazzjoni, il-Kummissjoni jew l-awtorità tal-awditjar ma għandhomx iwettqu aktar minn awditu wieħed fir-rigward ta' operazzjonijiet li n-nefqa totali eliġibbli għalihom ma taqbiżx l-EUR 400 000 għall-FEŻR jew il-Fond ta' Koeżjoni, EUR 350 000 għall-JTF, EUR 300 000 għall-FSE+, jew EUR 200 000 għall-FEMSA, l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI.

Operazzjonijiet oħra ma għandhomx ikunu soġġetti għal aktar minn awditu wieħed f'kull sena kontabilistika, mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni tal-kontijiet li fihom tkun inkluża n-nefqa finali tal-operazzjoni kompluta. L-operazzjonijiet ma għandhomx ikunu soġġetti għal awditjar mill-Kummissjoni jew l-awtorità tal-awditjar f'ebda sena fejn diġà kien hemm awditjar f'dik is-sena mill-Qorti tal-Awdituri, sakemm ir-riżultati tal-awditjar imwettaq minn din il-Qorti tal-Awdituri għal dawn l-operazzjonijiet jistgħu jintużaw mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni għall-fini li jaqdu l-kompiti rispettivi tagħhom.

4. Minkejja l-paragrafu 3, kull operazzjoni tista' tkun soġġetta għal aktar minn awditu wieħed, jekk l-awtorità tal-awditjar, fuq il-bażi tal-ġudizzju professjonali tagħha, tikkonkludi li mhuwiex possibbli li tfassal opinjoni tal-awditjar valida.

5. Il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw meta:

(a) hemm riskju speċifiku ta' irregolarità jew suspett ta' frodi;

(b) hemm il-ħtieġa li jerġa' jsir ix-xogħol tal-awtorità tal-awditjar biex jinkiseb livell ta' affidabbiltà dwar il-funzjonament effettiv tiegħu;

(c) ikun hemm evidenza ta' nuqqas serju fis-sistema tax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar.

*Artikolu 81*

**Il-verifiki ta' ġestjoni u l-awditjar ta' strumenti finanzjarji**

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tagħmel verifiki ta' ġestjoni fil-post skont l-Artikolu 74(1) fil-livell tal-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju biss u, fil-kuntest ta' fondi ta' garanzija, fil-livell ta' korpi li jagħtu s-self ġdid sottostanti. L-awtorità ta' ġestjoni tista' tiddependi fuq verifiki mwettqa minn korpi esterni u ma twettaqx verifiki tal-ġestjoni fuq il-post, sakemm ikollha biżżejjed evidenza tal-kompetenza ta' dawn il-korpi esterni.

2. L-awtorità ta' ġestjoni ma għandhiex tagħmel verifiki fil-post fil-livell tal- BEI jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn li fihom Stat Membru huwa azzjonist.

Madankollu, il-BEI jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn li fihom Stat Membru huwa azzjonist għandhom jipprovdu rapporti ta' kontroll li jappoġġaw it-talbiet għall-pagament lill-awtorità ta' ġestjoni.

3. L-awtorità tal-awditjar għandha tagħmel awditi tas-sistema u awditi tal-operazzjonijiet skont l-Artikolu 77, 79 jew 83, kif xieraq, fil-livell tal-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju u, fil-kuntest ta' fondi ta' garanzija, fil-livell ta' korpi li jagħtu s-self ġdid sottostanti. Ir-riżultati tal-awditjar ta' awdituri esterni ta' korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju jistgħu jitqiesu mill-awtorità tal-awditjar għall-finijiet tal-assigurazzjoni kumplessiva u fuq din il-bażi, l-awtorità tal-awditjar tista' tiddeċiedi li tillimita x-xogħol tal-awditjar tagħha stess.

4. Fil-kuntest ta' fondi ta' garanzija, il-korpi responsabbli għall-awditjar tal-programmi jistgħu jwettqu awditi tal-korpi li jipprovdu biss self sottostanti ġdid fil-każ li sseħħ waħda jew aktar mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) dokumenti ta' appoġġ, li jipprovdu evidenza tal-appoġġ mill-istrument finanzjarju lir-reċipjenti finali, li ma jkunux disponibbli fil-livell tal-awtorità ta' ġestjoni jew fil-livell tal-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju;

(b) ikun hemm evidenza li d-dokumenti disponibbli fil-livell tal-awtorità ta' ġestjoni jew fil-livell tal-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju ma jirrappreżentawx rekord veru u preċiż tal-appoġġ provdut.

5. L-awtorità tal-awditjar ma għandhiex tagħmel awditi fil-livell tal-BEI jew ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn li fihom Stat Membru huwa azzjonist, għal strumenti finanzjarji implimentati minnhom.

Madankollu, il-BEI jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn li fihom Stat Membru huwa azzjonist għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-awtorità tal-awditjar b'rapport annwali tal-awditjar imfassal mill-awdituri esterni tagħhom sal-aħħar ta' kull sena kalendarja. Dan ir-rapport għandu jkopri l-elementi inklużi fl-Anness XXI, u jikkostitwixxi l-bażi għax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar.

6. Il-BEI jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet tal-programm id-dokumenti kollha neċessarji biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

*Artikolu 82*

**Disponibbiltà tad-dokumenti**

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-għajnuna mill-Istat, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li d-dokumenti ta' prova kollha marbuta ma' operazzjoni appoġġata mill-Fondi jinżammu fil-livell xieraq għal perijodu ta' 5 snin mill-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jkun sar l-aħħar pagament mill-awtorità ta' ġestjoni lill-benefiċjarju.

2. Il-perijodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun interrott fil-każ ta' proċedimenti legali jew permezz ta' talba mill-Kummissjoni.

*KAPITOLU III*

***Dipendenza fuq sistemi ta' ġestjoni nazzjonali***

*Artikolu 83*

**Arranġamenti proporzjonati msaħħa**

L-Istat Membru jista' japplika dawn l-arranġamenti proporzjonati msaħħa għas-sistema ta' ġestjoni u kontroll ta' programm meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 84:

(a) permezz ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 74(1) u l-Artikolu 74(2), l-awtorità ta' ġestjoni tista' tapplika biss proċeduri nazzjonali għat-twettiq tal-verifiki ta' ġestjoni;

(b) permezz ta' deroga mill-Artikolu 77(1) rigward awditi tas-sistema u mill-Artikolu 79(1) u (3) rigward awditi tal-operazzjonijiet, l-awtorità tal-awditjar tista' tillimita l-attività tal-awditjar tagħha għal awditi ta' operazzjonijiet li jkopru kampjun ibbażat fuq għażla statistika ta' 30 unità tal-kampjunar għall-programm jew il-grupp ta' programmi kkonċernati;

Għall-finijiet tal-verifiki ta' ġestjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità ta' ġestjoni tista' tiddependi fuq verifiki mwettqa mill-korpi esterni dment li jkollha biżżejjed evidenza tal-kompetenza ta' dawk il-korpi.

Għall-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, fejn il-popolazzjoni hija inqas minn 300 unità tal-kampjunar, l-awtorità tal-awditjar tista' tapplika metodu ta' kampjunar mhux statistiku f'konformità mal-Artikolu 79(2).

Il-Kummissjoni għandha tillimita l-awditjar tagħha stess għal rieżami tax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar permezz tat-twettiq mill-ġdid fil-livell tagħha biss, ħlief jekk l-informazzjoni disponibbli tissuġġerixxi li hemm defiċjenza serja fis-sistema tax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar.

*Artikolu 84*

**Kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' arranġamenti proporzjonati msaħħa**

1. L-Istat Membru jista' japplika l-arranġamenti proporzjonati msaħħa msemmija fl-Artikolu 83 fi kwalunkwe mument matul il-perijodu ta' programmazzjoni, fejn il-Kummissjoni tkun ikkonfermat fir-rapporti ta' attività annwali tagħha ppubblikati, għall-aħħar sentejn qabel tali deċiżjoni mill-Istat Membru, li s-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm qed tiffunzjona b'mod effettiv u li r-rata ta' żball totali għal kull sena hija 2 % jew inqas. Meta tivvaluta l-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm, il-Kummissjoni għandha tqis il-parteċipazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat fil-kooperazzjoni msaħħa b'rabta mal-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

Jekk Stat Membru jiddeċiedi li japplika l-arranġamenti proporzjonati msaħħa msemmija fl-Artikolu 83, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' tali arranġamenti. F'każ bħal dan l-arranġamenti għandhom japplikaw mill-bidu tas-sena kontabilistika sussegwenti.

2. Fil-bidu tal-perijodu ta' programmazzjoni, l-Istat Membru jista' japplika l-arranġamenti proporzjonati msaħħa msemmija fl-Artikolu 83, dment li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġu ssodisfati fir-rigward ta' programm simili implimentat fl-2014-2020 u fejn l-arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti għall-programm 2021-2027 jibnu fil-biċċa l-kbira tagħhom fuq dawk mill-programm preċedenti. F'każ bħal dan, l-arranġamenti għandhom japplikaw mill-bidu tal-programm.

3. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi jew jaġġorna kif meħtieġ id-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll u l-istrateġija tal-awditjar stabbilita fl-Artikolu 69(11) u l-Artikolu 78.

*Artikolu 85*

**Aġġustament matul il-perijodu ta' programmazzjoni**

1. Fejn il-Kummissjoni jew l-awtorità tal-awditjar jikkonkludu li, abbażi tal-awditi mwettqa u tar-rapport annwali ta' kontroll, il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 84 ma għadhomx jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtorità tal-awditjar biex twettaq ħidma tal-awditjar addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 69(3) u tivverifika li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju.

2. Fejn ir-rapport ta' kontroll annwali sussegwenti jikkonferma li l-kondizzjonijiet baqgħu ma ġewx sodisfatti, u b'hekk jillimita l-assigurazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtorità tal-awditjar biex twettaq awditi tas-sistema.

3. Il-Kummissjoni tista', wara li tkun tat lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, tinforma lill-Istat Membru li l-arranġamenti proporzjonati msaħħa stabbiliti fl-Artikolu 83 ma għandhomx jibqgħu jiġu applikati mill-bidu tas-sena kontabilistika sussegwenti.

TITOLU VII

**ĠESTJONI FINANZJARJA, PREŻENTAZZJONI U EŻAMI TAL-KONTIJIET U TAL-KORREZZJONIJIET FINANZJARJI**

*KAPITOLU I*

***Ġestjoni finanzjarja***

Taqsima I

**Regoli tal-kontabbiltà ġenerali**

*Artikolu 86*

**Impenji Baġitarji**

1. Id-deċiżjoni li tapprova l-programm skont l-Artikolu 23 għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament Finanzjarju u n-notifika tagħha lill-Istat Membru kkonċernat għandha tikkostitwixxi impenn legali.

Din id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni għal kull Fond u għal kull sena. Madankollu, għall-programmi taħt l-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, għandu jinżamm ammont li jikkorrispondi għal 50 % tal-kontribuzzjoni għas-snin 2026 u 2027 ("ammont ta' flessibbiltà") għal kull programm f'kull Stat Membru u dan għandu jiġi allokat biss definittivament għall-programm wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni b'segwitu għar-rieżami ta' nofs it-terminu skont l-Artikolu 18.

2. L-impenji baġitarji tal-Unjoni fir-rigward ta' kull programm għandhom isiru mill-Kummissjoni f'pagamenti akkont annwali għal kull Fond matul il-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027.

3. B'deroga mill-Artikolu 111(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-impenji baġitarji għall-ewwel pagament akkont għandhom isegwu l-adozzjoni tal-programm mill-Kummissjoni.

*Artikolu 87*

**Użu tal-euro**

L-ammonti kollha stabbiliti fil-programmi, irrapportati jew iddikjarati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri għandhom ikunu denominati f'euro.

*Artikolu 88*

**Ħlas lura**

1. Kwalunkwe ħlas lura dovut li għandu jsir lill-baġit tal-Unjoni għandu jsir qabel id-data dovuta indikata fl-ordni għall-irkupru mfassal f'konformità mal-Artikolu 98 tar-Regolament Finanzjarju. Id-data dovuta għandha tkun l-aħħar jum tat-tieni xahar wara l-ħruġ tal-ordni.

2. Kwalunkwe dewmien fit-twettiq tal-ħlas lura għandu jagħti lok għal imgħax minħabba pagament tard, li jibda mid-data dovuta u jintemm fid-data tal-pagament attwali. Ir-rata ta' tali mgħax għandha tkun ta' punt perċentwali u nofs aktar mir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifinanzjament, fl-ewwel jum ta' xogħol tax-xahar li fih taħbat id-data dovuta.

Taqsima II

**Regoli għal pagamenti lill-Istati Membri**

*Artikolu 89*

**Tipi ta' pagamenti**

Il-pagamenti għandhom jieħdu l-forma ta' prefinanzjament, pagamenti interim u pagamenti tal-bilanċ tal-kontijiet għas-sena kontabilistika.

*Artikolu 90*

**Prefinanzjament**

1. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-prefinanzjament abbażi tal-appoġġ totali mill-Fondi stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-programm..

2. Il-prefinanzjament għal kull Fond għandu jitħallas b'pagamenti akkont annwali qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena, soġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, kif ġej:

(a) 2021: 0, 5 %;

(b) 2022: 0, 5 %;

(c) 2023: 0, 5 %;

(d) 2024: 0, 5 %;

(e) 2025: 0, 5 %;

(f) 2026: 0, 5 %.

Jekk programm jiġi adottat wara l-1 ta' Lulju 2021, il-pagamenti akkont preċedenti għandhom jitħallsu fis-sena tal-adozzjoni.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, għandhom jiġu stabbiliti regoli speċifiċi dwar il-prefinanzjament għall-programmi Interreg, fir-Regolament Interreg.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, għandhom jiġu stabbiliti regoli speċifiċi dwar il-prefinanzjament għall-programmi appoġġati mill-AMIF, l-ISF u l-BMVI fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi.

5. L-ammont imħallas bħala prefinanzjament għas-snin 2021 u 2022 għandu jiġi approvat mill-kontijiet tal-Kummissjoni kull sena u għas-snin 2023 sa 2026 sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali skont l-Artikolu 100.

Għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, l-ammont imħallas bħala prefinanzjament għandu jiġi approvat mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali.

6. Kwalunkwe mgħax iġġenerat mill-prefinanzjament għandu jiġi użat għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-Fondi u għandu jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali.

*Artikolu 91*

**Applikazzjonijiet għal pagament**

1. L-Istat Membru għandu jippreżenta massimu ta' sitt applikazzjonijiet għal pagament għal kull programm, għal kull Fond u għal kull sena kontabilistika. Kull sena, tista' tiġi ppreżentata applikazzjoni waħda għal pagament fi kwalunkwe mument f'kull perijodu ta' żmien bejn id-dati li ġejjin: 28 ta' Frar, 31 ta' Mejju, 31 ta' Lulju, 31 ta' Ottubru, 30 ta' Novembru u 31 ta' Diċembru.

L-aħħar applikazzjoni għal pagament ippreżentata sal-31 ta' Lulju għandha titqies bħala l-applikazzjoni finali għal pagament għas-sena kontabilistika li tkun intemmet fit-30 ta' Ġunju.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-programmi Interreg.

2. L-applikazzjonijiet għal pagament għandhom ikunu ammissibbli biss fejn ikun ġie ppreżentat l-aħħar pakkett ta' assigurazzjoni dovut, kif imsemmi fl-Artikolu 98.

3. L-applikazzjonijiet għal pagament għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XXIII u jinkludu, għal kull prijorità u, fejn applikabbli, skont il-kategorija tar-reġjun:

(a) l-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti huma ssodisfati u operazzjonijiet marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti mhumiex issodisfati iżda jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti, kif imdaħħla fis-sistema tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika;

(b) l-ammont għall-assistenza teknika kkalkolat f'konformità mal-punt (b) of tal-Artikolu 36(5), fejn applikabbli;

(c) l-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika magħmula jew li għandha ssir marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti huma ssodisfati u l-operazzjonijiet marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti mhumiex issodisfati iżda li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti, kif imdaħħla fis-sistema tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika;

(d) l-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti mhumiex issodisfati, bl-eċċezzjoni ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti, kif imdaħħla fis-sistema tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika.

4. Permezz ta' deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 3, għandu japplika dan li ġej:

(a) fejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija magħmula skont il-punt (a) tal-Artikolu 51, l-ammonti inklużi f'applikazzjoni għal pagament għandhom ikunu l-ammonti ġustifikati mill-progress li jkun sar fl-issodisfar tal-kondizzjonijiet, jew il-kisba tar-riżultati, f'konformità mad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 95(2) jew l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 95(4);

(b) fejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija magħmula skont il-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 51, l-ammonti inklużi f'applikazzjoni għal pagament għandhom ikunu l-ammonti determinati f'konformità mad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 94(3) jew l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 94(4);

(c) għall-forom ta' għotjiet elenkati fil-punti (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1), l-ammonti inklużi f'applikazzjoni għal pagament huma l-kostijiet ikkalkulati fuq il-bażi applikabbli.

5. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, fil-każ ta' għajnuna mill-Istat, l-applikazzjoni għal pagament tista' tinkludi avvanzi mħallsa lill-benefiċjarju mill-korp li jagħti l-għajnuna skont il-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) dawk l-avvanzi huma soġġetti għal garanzija pprovduta minn bank jew istituzzjoni finanzjarja oħra stabbilita fl-Istat Membru jew huma koperti minn faċilità pprovduta bħala garanzija minn entità pubblika jew mill-Istat Membru;

(b) dawk l-avvanzi ma jaqbżux l-40 % tal-ammont totali tal-għajnuna li għandha tingħata lil benefiċjarju għal operazzjoni partikolari;

(c) dawk l-avvanzi huma koperti b'nefqa mħallsa minn benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-operazzjoni u appoġġati b'fatturi riċevuti jew dokumenti kontabilistiċi ta' valur probatorju ekwivalenti mhux aktar tard minn 3 snin wara s-sena tal-pagament tal-avvanz jew fil-31 ta' Diċembru 2029, skont liema data tiġi l-ewwel, u f'każ ta' nuqqas ta' dan, l-applikazzjoni għal pagament li jmiss għandha tiġi korretta b'mod xieraq.

Kull applikazzjoni għal pagament li tinkludi avvanzi ta' dan it-tip għandha tiżvela separatament l-ammont totali mħallas mill-programm bħala avvanzi, l-ammont li ġie kopert minn nefqa mħallsa minn benefiċjarji fi żmien 3 snin mill-pagament tal-avvanz f'konformità mal-punt (c), u l-ammont li ma jkunx ġie kopert min-nefqa mħallsa mill-benefiċjarji u li għaliha l-perijodu ta' 3 snin ma jkunx għadu skada.

6. Permezz ta' deroga mill-punt (c) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, fil-każ ta' skemi ta' għajnuna skont l-Artikolu 107 TFUE, il-kontribuzzjoni pubblika li tikkorrispondi man-nefqa inkluża f'applikazzjoni għal pagament għandha tkun tħallset lill-benefiċjarji mill-korp li jagħti l-għajnuna.

*Artikolu 92*

**Elementi speċifiċi għal strumenti finanzjarji f'applikazzjonijiet għal pagament**

1. Fejn l-istrumenti finanzjarji jiġu implementati f'konformità mal-Artikolu 59(1), l-applikazzjonijiet għal pagament ippreżentati f'konformità mal-Anness XXIII għandhom jinkludu l-ammonti totali mħallsa jew, fil-każ ta' garanziji, l-ammonti mwarrba għal kuntratti ta' garanzija, mill-awtorità ta' ġestjoni lil riċevituri finali kif imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 68(1).

2. Fejn l-istrumenti finanzjarji jiġu implementati f'konformità mal-Artikolu 59(2), l-applikazzjonijiet għal pagament li jinkludu nefqa għall-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu ppreżentati f'konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont inkluż fl-ewwel applikazzjoni għal pagament għandu jkun ġie mħallas lill-istrumenti finanzjarji u jista' jkun sa 30 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm impenjati għall-istrumenti finanzjarji skont il-ftehim ta' finanzjament rilevanti, f'konformità mal-prijorità rilevanti u l-kategorija tar-reġjun, fejn applikabbli;

(b) l-ammont inkluż f'applikazzjonijiet għal pagament sussegwenti ppreżentati waqt il-perijodu ta' eliġibbiltà għandu jinkludi n-nefqa eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 68(1).

3. L-ammont inkluż fl-ewwel applikazzjoni għal pagament, imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, għandu jitħallas mill-kontijiet tal-Kummissjoni mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali.

Dan għandu jiġi żvelat separatament f'applikazzjonijiet għal pagament.

*Artikolu 93*

**Regoli komuni għal pagamenti**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15(5) u (6) u soġġett għall-finanzjament disponibbli, il-Kummissjoni għandha tagħmel pagamenti interim fi żmien 60 jum mid-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi applikazzjoni għal pagament.

2. Kull pagament għandu jiġi assenjat lill-impenn baġitarju li jkun infetaħ l-ewwel tal-Fond u tal-kategorija tar-reġjun kkonċernat. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża bħala pagamenti interim 95 % tal-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagament, li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament għal kull prijorità għan-nefqa totali eliġibbli jew għall-kontribuzzjoni pubblika kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-ammonti li jkun fadal għar-rimborż jew biex jiġu rkuprati fil-kalkolu tal-bilanċ tal-kontijiet skont l-Artikolu 100.

3. L-appoġġ mill-Fondi lil prijorità f'pagamenti interim ma għandux ikun ogħla mill-ammont tal-appoġġ mill-Fondi għall-prijorità stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-programm.

4. Fejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tieħu kwalunkwe waħda mill-forom elenkati fl-Artikolu 51, il-Kummissjoni ma għandhiex tħallas aktar mill-ammont mitlub mill-Istat Membru.

5. L-appoġġ mill-Fondi lil prijorità fil-ħlas tal-bilanċ tas-sena kontabilistika finali ma għandux jaqbeż l-ammonti li ġejjin:

(a) il-kontribuzzjoni pubblika ddikjarata fl-applikazzjonijiet għal pagament;

(b) l-appoġġ mill-Fondi mħallsa jew li għandhom jitħallsu lill-benefiċjarji;

(c) l-ammont mitlub mill-Istat Membru.

L-ammonti rimborżati skont l-Artikolu 36(5) ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu massimu stabbilit fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu.

6. Fuq it-talba ta' Stat Membru, pagamenti interim jistgħu jiżdiedu b'10 % aktar mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għal kull prijorità għall-Fondi, jekk Stat Membru jissodisfa waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin wara l-1 ta' Lulju 2021:

(a) l-Istat Membru jirċievi self mill-Unjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 ([52]);

(b) l-Istat Membru jirċievi għajnuna finanzjarja fuq perijodu ta' żmien medju skont il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà kif stabbilit bit-Trattat tat-2 ta' Frar 2012 li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jew kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 332/2002 taħt il-kondizzjoni tal-implimentazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku;

(c) l-għajnuna finanzjarja titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru taħt il-kondizzjoni tal-implimentazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru 472/2013.

Ir-rata miżjuda, li ma tistax taqbeż il-100 %, għandha tapplika għal talbiet ta' pagamenti sa tmiem is-sena kalendarja li matulha l-għajnuna finanzjarja relatata tasal fi tmiemha.

7. Il-paragrafu 6 ma għandux japplika għall-programmi Interreg.

*Artikolu 94*

**Il-kontribuzzjoni mill-Unjoni fuq il-bażi ta' kostijiet ta' unità, somom f'daqqa u rati fissi**

1. Il-Kummissjoni tista' tirrimborża l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal programm abbażi ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa u rati fissi f'konformità mal-Artikolu 51, abbażi tal-ammonti u r-rati approvati minn deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jew inkella stabbiliti fl-att delegat imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Sabiex isir użu minn kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programm ibbażat fuq kostijiet unitarji, somom f'daqqa u rati fissi, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw proposta lill-Kummissjoni f'konformità mal-mudelli stabbiliti fl-Annessi V u VI, bħala parti mill-preżentazzjoni tal-programm jew minn talba għall-emenda tiegħu.

L-ammonti u r-rati proposti mill-Istat Membru għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' dan li ġej u vvalutati mill-awtorità tal-awditjar:

(a) metodu ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli bbażat fuq kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

   (i) data statistika, informazzjoni oġġettiva oħra jew ġudizzju espert;

   (ii) data storika verifikata;

   (iii) l-applikazzjoni tal-prattiki kontabilistiċi normali tal-kostijiet;

(b) abbozz ta' baġits;

(c) ir-regoli dwar il-kostijiet unitarji, somom f'daqqa u rati fissi korrispondenti applikabbli f'politiki tal-Unjoni għal tip simili ta' operazzjoni;

(d) ir-regoli dwar il-kostijiet unitarji, somom f'daqqa u rati fissi korrispondenti applikati skont skemi għal għotjiet iffinanzjati għalkollox mill-Istat Membru għal tip simili ta' operazzjoni.

3. Id-deċiżjoni li tapprova l-programm jew l-emenda tiegħu għandha tistabbilixxi t-tipi ta' operazzjonijiet koperti mir-rimborż abbażi ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa u rati fissi, id-definizzjoni u l-ammonti koperti minn dawk il-kostijiet unitarji, somom f'daqqa u rati fissi u l-metodi għall-aġġustament tal-ammonti.

L-Istati Membri għandhom jirrimborżaw lill-benefiċjarji għall-finijiet ta' dan l-Artikolu. Dak ir-rimborż jista' jieħu kwalunkwe forma ta' appoġġ.

L-awditi tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru u l-verifiki tal-ġestjoni mwettqa mill-Istati Membri għandhom jimmiraw esklużivament li jivverifikaw li l-kondizzjonijiet għar-rimborż mill-Kummissjoni jkunu ġew issodisfati.

([52]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 114 biex tissupplimenta dan l-Artikolu permezz tad-definizzjoni fil-livell tal-Unjoni tal-kostijiet unitarji, somom f'daqqa u rati fissi fil-livell tal-Unjoni, l-ammonti tagħhom u l-aġġustament tal-metodi bil-modi msemmija fil-punti (a) sa (d) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

5. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal assistenza teknika rimborżata skont il-punt (e) tal-Artikolu 51.

*Artikolu 95*

**Kontribuzzjoni tal-Unjoni abbażi ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet**

1. Il-Kummissjoni tista' tirrimborża l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal prijorità sħiħa jew partijiet minnha ta' programmi bbażati fuq finanzjament mhux marbut mal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 51, abbażi tal-ammonti approvati minn deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew inkella stabbiliti fl-att delegat imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Sabiex isir użu minn kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programm bbażat fuq finanzjament mhux marbut ma' kostijiet, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw proposta lill-Kummissjoni f'konformità mal-mudelli stabbiliti fl-Annessi V u VI, bħala parti mill-programm jew minn talba għal emenda tiegħu. Din il-lista għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-prijorità kkonċernata u l-ammont totali kopert minn finanzjament mhux marbut mal-kostijiet;

(b) deskrizzjoni tal-parti tal-programm u t-tip ta' operazzjonijiet koperti mill-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet;

(c) deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti jew tar-riżultati li għandhom jinkisbu u skeda ta' żmien;

(d) riżultati intermedji li jwasslu għal rimborż mill-Kummissjoni;

(e) unitajiet ta' kejl;

(f) l-iskeda għal rimborż mill-Kummissjoni u l-ammonti relatati marbuta mal-progress fl-issodisfar tal-kondizzjonijiet jew il-kisba tar-riżultati;

(g) l-arranġamenti għal verifika tar-riżultati intermedji u tal-issodisfar tal-kondizzjonijiet jew il-kisba tar-riżultati;

(h) il-metodi għall-aġġustament tal-ammonti, fejn applikabbli;

(i) l-arranġamenti biex jiġi żgurat ir-rekord tal-awditjar f'konformità mal-Anness XII li juri l-issodisfar tal-kondizzjonijiet jew il-kisba tar-riżultati;

(j) it-tip ta' metodu ta' rimborż previst użat għar-rimborż tal-benefiċjarju jew tal-benefiċjarji fi ħdan il-prijorità jew partijiet minn prijorità ta' programmi kkonċernati minn dan l-Artikolu.

2. Id-deċiżjoni li tapprova l-programm jew it-talba għall-emendar tiegħu għandha tistabbilixxi l-elementi kollha elenkati fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jirrimborżaw lill-benefiċjarji għall-finijiet ta' dan l-Artikolu. Dak ir-rimborż jista' jieħu kwalunkwe forma ta' appoġġ.

L-awditi tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru u l-verifiki tal-ġestjoni mwettqa mill-Istati Membri għandhom jimmiraw esklużivament li jivverifikaw li l-kondizzjonijiet għar-rimborż mill-Kummissjoni jkunu ġew issodisfati jew li jkunu ntlaħqu r-riżultati.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 114 biex tissupplimenta dan l-Artikolu billi tistabbilixxi ammonti għal finanzjament fil-livell tal-Unjoni mhux marbut mal-kostijiet skont it-tip ta' operazzjoni, il-metodi għall-aġġustament tal-ammonti u l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati jew ir-riżultati li għandhom jinkisbu.

## Taqsima III

## Interruzzjonijiet u sospensjonijiet

### *Artikolu 96*

### Interruzzjoni tal-iskadenza għall-ħlas

1. Il-Kummissjoni tista' tinterrompi l-iskadenza għall-ħlas, minbarra għal prefinanzjament, għal perijodu massimu ta' 6 xhur fejn tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun hemm evidenza li tissuġġerixxi nuqqas serju li ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi għalih;

(b) il-Kummissjoni jkollha twettaq verifiki addizzjonali wara li tirċievi informazzjoni li nefqa f'applikazzjoni għal pagament tista' tkun marbuta ma' irregolarità.

2. L-Istat Membru jista' jaqbel li l-perijodu ta' interruzzjoni jiġi estiż bi 3 xhur.

3. Il-Kummissjoni għandha tillimita l-interruzzjoni għall-parti tan-nefqa affettwata mill-elementi msemmija fil-paragrafu 1, sakemm ma jkunx possibbli li tiġi identifikata l-parti tan-nefqa affettwata. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf bil-miktub lill-Istat Membru u lill-awtorità ta' ġestjoni bir-raġuni għall-interruzzjoni u għandha titlobhom jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha ttemm l-interruzzjoni hekk kif jittieħdu l-miżuri li jirrimedjaw l-elementi msemmija fil-paragrafu 1.

4. Ir-regoli speċifiċi għall-Fondi għall-FEMSA jistgħu jistabbilixxu bażijiet speċifiċi għall-interruzzjoni ta' pagamenti marbuta ma' nonkonformità mar-regoli applikabbli skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

### *Artikolu 97*

### Sospensjoni ta' pagamenti

1. Il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti kollha jew parti minnhom, ħlief il-prefinanzjament, wara li tkun tat lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, jekk tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu l-azzjoni meħtieġa biex jirrimedja s-sitwazzjoni li tagħti lok għal interruzzjoni skont l-Artikolu 96;

(b) ikun hemm nuqqas serju;

(c) in-nefqa fl-applikazzjonijiet għal pagament tkun marbuta ma' irregolarità li ma tkunx ġiet ikkorreġuta;

(d) ikun hemm opinjoni motivata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' proċedura ta' ksur skont l-Artikolu 258 TFUE dwar kwistjoni li tpoġġi f'riskju l-legalità u r-regolarità tan-nefqa

2. Il-Kummissjoni għandha ttemm is-sospensjoni tal-pagamenti kollha jew ta' parti minnhom meta l-Istat Membru jkun ħa miżuri li jirrimedjaw l-elementi msemmija fil-paragrafu 1.

3. Ir-regoli speċifiċi għall-Fondi għall-FEMSA jistgħu jistabbilixxu bażijiet speċifiċi għal sospensjoni ta' pagamenti marbuta ma' nonkonformità mar-regoli applikabbli skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

*KAPITOLU II*

***Preżentazzjoni u eżami tal-kontijiet***

*Artikolu 98*

**Kontenut u preżentazzjoni tal-kontijiet**

1. Għal kull sena kontabilistika li għaliha jkunu ġew ippreżentati applikazzjonijiet għal pagament, l-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Frar, id-dokumenti li ġejjin ("il-pakkett ta' aċċertament") li għandhom ikopru s-sena kontabilistika preċedenti:

(a) il-kontijiet f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XXIV;

(b) id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 74(1) f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XVIII;

(c) l-opinjoni tal-awditjar annwali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 77(3) f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XIX;

(d) ir-rapport annwali ta' kontroll imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 77(3) f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XX.

2. L-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi estiża b'mod eċċezzjonali mill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu, abbażi ta' komunikazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-kontijiet għandhom jinkludu fil-livell ta' kull prijorità u, fejn applikabbli, skont il-fond u skont il-kategorija tar-reġjun:

(a) l-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mdaħħla fis-sistemi kontabilistiċi tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika li ġie inkluż fl-applikazzjoni għal pagament finali għas-sena kontabilistika u l-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti magħmula jew li għandha ssir marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti huma ssodisfati u operazzjonijiet marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti mhumiex issodisfati iżda jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti;

(b) l-ammonti rtirati matul is-sena kontabilistika;

(c) l-ammonti ta' kontribuzzjoni pubblika mħallsa għal strumenti finanzjarji;

(d) għal kull prijorità, spjegazzjoni dwar kwalunkwe differenza bejn l-ammonti ddikjarati skont il-punt (a) u l-ammonti ddikjarati f'applikazzjonijiet għal pagament għall-istess sena kontabilistika.

4. Il-pakkett ta' aċċertament ma għandux jikkonċerna l-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet jew il-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti magħmula jew li għandha ssir marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti mhumiex issodisfati bl-eċċezzjoni ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti.

5. Il-kontijiet ma għandhomx ikunu ammissibbli jekk l-Istati Membri ma jkunux wettqu l-korrezzjonijiet meħtieġa biex ir-rata ta' żbalji residwi fuq il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet titnaqqas għal 2 % jew inqas.

6. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jnaqqsu mill-kontijiet:

(a) in-nefqa irregolari li tkun ġiet soġġetta għal korrezzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu 103;

(b) in-nefqa li hi soġġetta għal valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarità tagħha;

(c) ammonti oħra, kif neċessarju, biex ir-rata ta' żbalji residwi tan-nefqa ddikjarata fil-kontijiet titnaqqas għal 2 % jew inqas.

L-Istat Membru jista' jinkludi n-nefqa taħt il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu f'applikazzjoni għal pagament fis-snin kontabilistiċi sussegwenti ladarba tiġi kkonfermata l-legalità u r-regolarità tagħha.

7. L-Istat Membru jista' jikkoreġi ammonti irregolari li jkun skopra wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet li fihom kienu inklużi l-ammonti billi jagħmel l-aġġustamenti korrispondenti għas-sena kontabilistika fejn tiġi skoperta l-irregolarità, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 104.

8. Bħala parti mill-pakkett ta' aċċertament, l-Istat Membru għandu jippreżenta għall-aħħar sena kontabilistika r-rapport finali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 43 jew l-aħħar rapport annwali dwar il-prestazzjoni għall-AMIF, l-ISF jew il-BMVI.

*Artikolu 99*

**Eżami tal-kontijiet**

Il-Kummissjoni għandha tissodisfa ruħha li l-kontijiet huma kompluti, preċiżi u veri sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara t-tmiem tas-sena kontabilistika sakemm ma jkunx japplika l-Artikolu 102.

*Artikolu 100*

**Kalkolu tal-bilanċ**

1. Meta l-Kummissjoni tiddetermina l-ammont attribwibbli għall-Fondi għas-sena kontabilistika u l-aġġustamenti konsegwenti fir-rigward tal-pagamenti lill-Istat Membru, hija għandha tikkunsidra:

(a) l-ammonti fil-kontijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 98(3) u li għalih għandha tiġi applikata r-rata ta' kofinanzjament għal kull prijorità;

(b) l-ammont totali ta' pagamenti interim magħmula mill-Kummissjoni matul dik is-sena kontabilistika;

(c) għall-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF u l-FEMSA, għas-snin 2021 u 2022, l-ammont ta' prefinanzjament.

2. Meta jkun hemm ammont li jista' jiġi rkuprat mill-Istat Membru, huwa għandu jkun soġġett għal ordni ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni li għandha tiġi eżegwita, fejn ikun possibbli, bi tpaċija permezz ta' ammonti dovuti lill-Istat Membru f'pagamenti sussegwenti għall-istess programm. Dak l-irkupru ma għandux jikkostitwixxi korrezzjoni finanzjarja u ma għandux inaqqas l-appoġġ mill-Fondi għall-programm. L-ammont irkuprat għandu jikkostitwixxi dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 101*

**Proċedura għall-eżami tal-kontijiet**

1. Il-proċedura stipulata fl-Artikolu 102 għandha tapplika fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità tal-awditjar tkun ipprovdiet opinjoni tal-awditjar kwalifikata jew negattiva minħabba raġunijiet marbuta mal-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet;

(b) il-Kummissjoni għandha evidenza li tpoġġi fid-dubju l-affidabbiltà ta' opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata.

2. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammonti attribwibbli għall-Fondi skont l-Artikolu 100 u tagħmel il-pagamenti rispettivi jew irkupri qabel l-1 ta' Lulju. Dan il-pagament jew l-irkupru għandu jikkostitwixxi l-aċċettazzjoni tal-kontijiet.

*Artikolu 102*

**Proċedura kontradittorja għall-eżami tal-kontijiet**

1. Jekk l-awtorità tal-awditjar tipprovdi opinjoni tal-awditjar li tkun kwalifikata jew negattiva minħabba raġunijiet marbuta mal-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istat Membru jirrevedi l-kontijiet u jerġa' jippreżenta d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 98(1) fi żmien xahar.

Jekk sal-iskadenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu:

(a) l-opinjoni tal-awditjar ma tkunx kwalifikata, għandu japplika l-Artikolu 100 u l-Kummissjoni għandha tħallas kwalunkwe ammont addizzjonali dovut jew tipproċedi għall-irkupru fi żmien xahrejn;

(b) l-opinjoni tal-awditjar tkun għadha kwalifikata jew id-dokumenti ma jkunux ġew ippreżentati mill-ġdid mill-Istat Membru, għandhom japplikaw il-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Jekk l-opinjoni tal-awditjar tibqa' kwalifikata minħabba raġunijiet marbuta mal-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet jew jekk l-opinjoni tal-awditjar tibqa' inaffidabbli, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru dwar l-ammont attribwibbli għall-Fondi għas-sena kontabilistika.

3. Jekk l-Istat Membru jaqbel mal-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fi żmien xahar, il-Kummissjoni għandha tħallas fi żmien xahrejn kwalunkwe ammont addizzjonali dovut jew tipproċedi għal irkupru f'konformità mal-Artikolu 100.

4. Jekk l-Istat Membru ma jaqbilx mal-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammont attribwibbli għall-Fondi għas-sena kontabilistika. Att bħal dan ma għandux jikkostitwixxi korrezzjoni finanzjarja u ma għandux inaqqas l-appoġġ mill-Fondi għall-programm. Il-Kummissjoni għandha tħallas fi żmien xahrejn kwalunkwe ammont addizzjonali dovut jew tipproċedi għal irkupru f'konformità mal-Artikolu 100.

5. Fir-rigward tas-sena kontabilistika finali, il-Kummissjoni għandha tħallas jew tirkupra l-bilanċ annwali tal-kontijiet għall-programmi appoġġati mill- FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF u l-FEMSA mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data tal-aċċettazzjoni tar-rapport finali dwar il-prestazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 43.

*KAPITOLU III*

***Korrezzjonijiet finanzjarji***

*Artikolu 103*

**Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom iħarsu l-baġit tal-Unjoni u japplikaw il-korrezzjonijiet finanzjarji permezz tal-kanċellazzjoni totali jew parzjali tal-appoġġ mill-Fondi għal operazzjoni jew programm meta n-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni tinstab li kienet irregolari.

2. Il-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu rreġistrati fil-kontijiet għas-sena kontabilistika li fiha tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-kanċellazzjoni.

3. L-appoġġ mill-Fondi kkanċellat jista' jerġa' jintuża mill-Istat Membru fi ħdan il-programm ikkonċernat ħlief għal operazzjoni li kienet is-suġġett ta' dik il-korrezzjoni jew, fejn tkun saret korrezzjoni finanzjarja għal irregolarità sistemika, għal kwalunkwe operazzjoni affettwata mill-irregolarità sistemika.

4. Ir-regoli speċifiċi għall-Fondi għall-FEMSA jistgħu jistabbilixxu bażijiet speċifiċi għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri marbuta ma' nonkonformità mar-regoli applikabbli skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

5. Permezz ta' deroga mill-paragrafi minn 1, 2 u 3, f'operazzjonijiet li jinvolvu strumenti finanzjarji, il-kontribuzzjoni kkanċellata f'konformità ma' dan l-Artikolu, bħala riżultat ta' irregolarità individwali, tista' terġa' tintuża fi ħdan l-istess operazzjoni skont il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) fejn l-irregolarità li twassal għall-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni tinstab fil-livell tar-riċevitur finali, biss għal riċevituri finali oħra fi ħdan l-istess strument finanzjarju;

(b) fejn l-irregolarità li twassal għall-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni tiġi identifikata fil-livell tal-korp li jimplimenta l-fond speċifiku, fejn strument finanzjarju jiġi implimentat permezz ta' struttura b'fond ta' parteċipazzjoni, biss għal korpi oħra li jimplimentaw fondi speċifiċi.

Jekk dik l-irregolarità li twassal għall-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni tinstab fil-livell tal-korp li jimplimenta l-fond ta' parteċipazzjoni, jew fil-livell tal-korp li jimplimenta l-fond speċifiku fejn strument finanzjarju huwa implimentat permezz ta' struttura mingħajr fond ta' parteċipazzjoni, il-kontribuzzjoni kkanċellata ma tistax terġa' tintuża fi ħdan l-istess operazzjoni.

Fejn issir korrezzjoni finanzjarja għal irregolarità sistemika, il-kontribuzzjoni kkanċellata ma tistax terġa' tintuża għal kwalunkwe operazzjoni affettwata mill-irregolarità sistemika.

6. Il-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji għandhom jirrimborżaw lill-Istati Membri l-kontribuzzjonijiet tal-programm affettwat minn irregolaritajiet, flimkien mal-imgħax u kwalunkwe gwadann ieħor iġġenerat minn dawn il-kontribuzzjonijiet.

Il-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji ma għandhomx jirrimborżaw lill-Istati Membri l-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu dment li dawk il-korpi juru, għal irregolarità partikolari, li ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) l-irregolaritajiet seħħew fil-livell tar-riċevitur finali jew, fil-każ ta' fond ta' parteċipazzjoni, fil-livell ta' korpi li jimplimentaw fondi speċifiċi jew riċevituri finali;

(b) il-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji jkunu wettqu l-obbligi tagħhom, fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tal-programm affettwati mill-irregolarità, f'konformità mal-liġi applikabbli u aġixxew bil-grad ta' kura professjonali, trasparenza u diliġenza mistennija minn korp professjonali b'esperjenza fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji;

(c) l-ammonti affettwati mill-irregolarità ma setgħux jiġu rkuprati minkejja li l-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji segwew il-miżuri kuntrattwali u legali applikabbli kollha bid-diliġenza dovuta.

*Artikolu 104*

**Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji billi tnaqqas l-appoġġ mill-Fondi għal programm fejn hija tikkonkludi li:

(a) ikun hemm nuqqas serju li jkun poġġa f'riskju l-appoġġ mill-Fondi li jkunu diġà mħallsa lill-programm;

(b) in-nefqa inkluża fil-kontijiet aċċettati tkun irregolari u ma tkunx ġiet osservata u rapportata mill-Istat Membru;

(c) l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 97 qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni.

Fejn il-Kummissjoni tapplika rata fissa jew korrezzjonijiet finanzjarji estrapolati, dan għandu jsir f'konformità mal-Anness XXV.

2. Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar il-konklużjonijiet tagħha u tagħti lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta, fi żmien xahrejn, l-osservazzjonijiet tiegħu u li juri li fil-verità l-irregolarità hija inqas gravi minn kif tidher skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Jekk ikun maqbul b'mod reċiproku, l-iskadenza tista' tiġi estiża.

3. Jekk l-Istat Membru ma jaċċettax il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jiġi mistieden għal smigħ mill-Kummissjoni, sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha jkunu disponibbli biex tiġi fformulata l-bażi għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar korrezzjoni finanzjarja b'kont meħud tal-grad, il-frekwenza u l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-irregolaritajiet jew in-nuqqasijiet serji, permezz ta' att ta' implimentazzjoni fi żmien 10 xhur mid-data tas-smigħ jew tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali kif meħtieġ mill-Kummissjoni.

Meta tiddeċiedi dwar korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet kollha ppreżentati.

Jekk Stat Membru jaqbel dwar il-korrezzjoni finanzjarja għall-każijiet imsemmija fil-punti (a) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istat Membru jista' juża mill-ġdid l-ammonti kkonċernati. Dik il-possibbiltà ma għandhiex tapplika għal każ ta' korrezzjoni finanzjarja skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

5. Ir-regoli speċifiċi għall-Fondi għall-FEMSA jistgħu jistabbilixxu bażijiet speċifiċi għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni marbuta ma' nonkonformità mar-regoli applikabbli skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

6. Ir-regoli speċifiċi għall-Fondi għall-JTF jistgħu jistabbilixxu bażijiet speċifiċi għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni marbuta ma' nuqqas ta' lħuq tal-miri stabbiliti għall-JTF.

*KAPITOLU IV*

***Diżimpenn***

*Artikolu 105*

**Prinċipji u regoli tad-diżimpenn**

1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe ammont fi programm li ma kienx intuża għal prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 90 jew li għalih ma ġietx ippreżentata applikazzjoni għall-pagament skont l-Artikoli 91 u 92 sal-31 ta' Diċembru tat-tielet sena kalendarja wara dik tal-impenji tal-baġit għas-snin 2021 sa 2026.

2. Il-parti tal-impenji li tkunu għadha miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2029 għandha tiġi diżimpenjata jekk il-pakkett ta' aċċertament u r-rapport finali dwar il-prestazzjoni għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF u l-FEMSA ma jkunux ġew ippreżentati lill-Kummissjoni sal-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 43(1).

*Artikolu 106*

**Eċċezzjonijiet għar-regoli tad-diżimpenn**

1. L-ammont ikkonċernat minn diżimpenn għandu jitnaqqas bl-ammonti ekwivalenti għal dik il-parti tal-impenn baġitarju li għaliha:

(a) l-operazzjonijiet jiġu sospiżi minn proċedimenti legali jew minn appell amministrattiv li jkollhom effett sospensiv; jew

(b) ma kienx possibbli li ssir applikazzjoni għal pagament minħabba raġunijiet ta' forza maġġuri li jaffettwaw b'mod serju l-implimentazzjoni tal-programm kollu jew parti minnu.

L-awtoritajiet nazzjonali li jiddikjaraw forza maġġuri għandhom juru l-konsegwenzi diretti tagħha fuq l-implementazzjoni tal-programm kollu jew parti minnu.

2. Sal-31 ta' Jannar, l-Istat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għall-ammont li jrid jiġi ddikjarat sal-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.

*Artikolu 107*

**Proċedura għad-diżimpenn**

1. Abbażi tal-informazzjoni li tkun irċeviet sal-31 ta' Jannar, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru dwar l-ammont tad-diżimpenn li jirriżulta minn dik l-informazzjoni.

2. L-Istat Membru għandu jkollu xahrejn biex jaqbel mal-ammont li għandu jiġi diżimpenjat jew biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

3. L-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju, pjan ta' finanzjament emendat li jirrifletti, għas-sena kalendarja kkonċernata, l-ammont imnaqqas ta' appoġġ fuq prijorità waħda jew aktar tal-programm. Għall-programmi appoġġati minn aktar minn Fond wieħed, l-ammont tal-appoġġ għandu jitnaqqas għal kull Fond b'mod proporzjonat għall-ammonti kkonċernati mid-diżimpenn li ma kienx ġie użat fis-sena kalendarja kkonċernata.

Fin-nuqqas ta' tali preżentazzjoni, il-Kummissjoni għandha temenda l-pjan ta' finanzjament billi tnaqqas il-kontribuzzjoni mill-Fondi għas-sena finanzjarja kkonċernata. Dan it-tnaqqis għandu jiġi allokat għal kull prijorità b'mod proporzjonat għall-ammonti kkonċernati mid-diżimpenn li ma kienx ġie użat fis-sena kalendarja kkonċernata.

4. Il-Kummissjoni għandha temenda d-deċiżjoni li tapprova l-programm sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru.

## TITOLU VIII

## QAFAS FINANZJARJU

### *Artikolu 108*

### Kopertura ġeografika tal-appoġġ għall-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir

1. Il-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni għandhom jappoġġaw l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fir-reġjuni kollha li jikkorrispondu għal-livell 2 tal-klassifikazzjoni komuni tal-unitajiet territorjali għall-istatistika ("reġjuni tal-livell NUTS 2") stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, kif emendat mir-Regolament (UE) 2016/2066.

2. Riżorsi mill-FEŻR u l-FSE+ għall-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir għandhom jiġu allokati fost it-tliet kategoriji tar-reġjuni tal-livell NUTS 2 li ġejjin:

(a) reġjuni inqas żviluppati, li l-PDG *per capita* tagħhom huwa anqas minn 75 % tal-medja tal-PDG *per capita* tal-UE-27 ("reġjuni inqas żviluppati");

(b) reġjuni fi tranżizzjoni, li l-PDG *per capita* tagħhom huwa bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-PDG *per capita* tal-UE-27 ("reġjuni fi tranżizzjoni");

(c) reġjuni aktar żviluppati, li l-PDG *per capita* tagħhom huwa aktar minn 100 % tal-medja tal-PDG *per capita* tal-UE-27 ("reġjuni aktar żviluppati").

Il-klassifikazzjoni tar-reġjuni taħt waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjun għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' kif il-PDG *per capita* ta' kull reġjun, imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist ("PPS") u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perijodu 2015-2017, jirrelata mal-medja tal-PDG *per capita* tal-UE-27 għall-istess perijodu ta' referenza.

3. Il-Fond ta' Koeżjoni għandu jappoġġa lil dawk l-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross (ING) per capita tagħhom, imkejjel f'PPS u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perijodu 2015-2017, ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-ING per capita tal-UE-27 għall-istess perijodu ta' referenza.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' reġjuni li jissodisfaw il-kriterji ta' waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjun u tal-Istati Membri li jissodisfaw il-kriterji tal-paragrafu 3. Dik il-lista għandha tkun valida mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

### *Artikolu 109*

### Riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

1. Ir-riżorsi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali disponibbli għall-impenn baġitarju għall-perijodu 2021-2027 taħt il-QFP għandhom ikunu EUR 330 234 776 621 fi prezzijiet tal-2018 għall-FEŻR, il-FSE + u l-Fond ta' Koeżjoni, u EUR 7 500 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għall-JTF.

Ir-riżorsi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu kkompletati b'ammont ta' EUR 10 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 ([53]) għall-finijiet tar-RegolamentJTF. Dan l-ammont għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern għall-fini tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Għall-finijiet tal-ipprogrammar u l-inklużjoni sussegwenti tagħhom fil-baġit tal-Unjoni, l-ammonti msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom jiġu indiċjati bir-rata ta' 2 % fis-sena.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi t-tqassim annwali tar-riżorsi globali għall-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni skont l-Istat Membru taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u, fejn applikabbli, skont il-kategorija ta' reġjun, f'konformità mal-metodoloġiji stabbiliti fl-Anness XXVI.

Din id-deċiżjoni għandha tistipula wkoll it-tqassim annwali tar-riżorsi globali għal kull Stat Membru taħt l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).

3. 0.35 % tar-riżorsi msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, wara t-tnaqqis tal-appoġġ għall-FNE msemmi fl-Artikolu 110(3), għandhom jiġu allokati għal assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

*Artikolu 110*

**Riżorsi għall-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg)**

1. Ir-riżorsi għall-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir taħt il-QFP għandhom jammontaw għal 97.6 % tar-riżorsi globali (jiġifieri, total ta' EUR 329 684 776 621) u għandhom jiġu allokati kif ġej:

(a) 61, 3 % (jiġifieri, total ta' EUR 202 226 984 629) għar-reġjuni inqas żviluppati;

(b) 14, 5 % (jiġifieri, total ta' EUR 47 771 802 082) għar-reġjuni fi tranżizzjoni;

(c) 8.3 % (jiġifieri, total ta' EUR 27 202 682 372) għar-reġjuni aktar żviluppati;

(d) 12.9 % (jiġifieri, total ta' EUR 42 555 570 217) għall-Istati Membri appoġġati mill-Fond ta' Koeżjoni;

(e) 0.6 % (jiġifieri, total ta' EUR 1 927 737 321) bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 TFUE u r-reġjuni tal-livell NUTS 2 li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994;

(f) 0.2 % (jiġifieri, total ta' EUR 500 000 000) għal investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali;

(g) 2.3 % (jiġifieri, total ta' EUR 7 500 000 000) għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

2. L-ammont ta' riżorsi disponibbli għall-FSE+ taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir għandu jkun ta' EUR 87 319 331 844.

L-ammont ta' finanzjament addizzjonali għar- reġjuni msemmija fil-punt (e) fil-paragrafu 1 allokati lill-FSE+ għandu jkun ta' EUR 472 980 447.

3. L-ammont ta' appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni li għandu jiġi ttrasferit għall-FNE għandu jkun ta' EUR 10 000 000 000. Huwa għandu jintefaq fuq proġetti ta' infrastruttura tat-trasport filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet tal-infrastruttura ta' investiment tal-Istati Membri u r-reġjuni, billi jitnedew sejħiet speċifiċi f'konformità mar-Regolament FNE esklużivament fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, li jistabbilixxi l-ammont li għandu jiġi trasferit mill-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni ta' kull Stat Membru għall-FNE u ddeterminat fuq bażi *pro rata* għall-perijodu sħiħ.

L-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni ta' kull Stat Membru għandha titnaqqas skont dan.

([53]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

L-approprjazzjonijiet annwali li jikkorrispondu għall-appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom jiddaħħlu fil-linji baġitarji rilevanti tal-FNE mill-eżerċizzju tal-baġit tal-2021.

30 % tar-riżorsi trasferiti lill-FNE għandhom ikunu disponibbli immedjatament wara t-trasferiment lill-Istati Membri kollha eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni biex jiġu ffinanzjati proġetti tal-infrastruttura tat-trasport f'konformità mar-Regolament *FNE*.

Ir-regoli applikabbli għas-settur tat-trasport skont ir-Regolament *FNE* għandhom japplikaw għas-sejħiet speċifiċi msemmija fl-ewwel subparagrafu. Sal-31 ta' Diċembru 2023, l-għażla ta' proġetti eliġibbli għal finanzjament għandha tirrispetta l-allokazzjonijiet nazzjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni fir-rigward ta' 70 % tar-riżorsi trasferiti għall-FNE.

Sa mill-1 ta' Jannar 2024, ir-riżorsi trasferiti lill-FNE li jkunu għandhom ma ġewx impenjati għal proġett tal-infrastruttura tat-trasport għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni għall-finanzjament ta' proġetti tal-infrastruttura tat-trasport f'konformità mar-Regolament *FNE*.

Sabiex jiġu appoġġati l-Istati Membri li jkunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni u li jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet fit-tfassil ta' proġetti li jkunu ta' maturità u kwalità suffiċjenti, jew it-tnejn li huma, u li jkollhom valur miżjud suffiċjenti għall-Unjoni, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-assistenza teknika li jkollha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u s-servizzi pubbliċi b'relazzjoni mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġetti elenkati fir-Regolament FNE.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha kollha biex tagħmilha possibbli għall-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni li jiksbu, sa tmiem il-perijodu 2021-2027, l-ogħla assorbiment possibbli tal-ammont trasferit għall-FNE, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' sejħiet addizzjonali.

Għandhom jingħataw attenzjoni u appoġġ partikolari taħt it-tmin u d-disa' subparagrafu lil dawk l-Istati Membri li l-ING per capita tagħhom, imkejjel f'PPS għall-perijodu 2015-2017, ikun inqas minn 60 % tal-medja tal-ING per capita tal-UE-27.

Fir-rigward tal-Istati Membri li l-ING per capita tagħhom, imkejjel f'PPS għall-perijodu 2015-2017, huwa inqas minn 60 % tal-medja tal-ING per capita tal-UE-27, għandhom jiġu garantiti, sal-31 ta' Diċembru 2024, 70 % ta' 70 % tal-ammont ta' flus li dawk l-Istati Membri jkunu ttrasferew għall-FNE.

4. EUR 400 000 000 tar-riżorsi għall-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir għandhom jiġu allokati għall-Inizjattiva Urbana Ewropea taħt ġestjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni.

5. EUR 175 000 000 tar-riżorsi tal-FSE+ għall-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir għandhom jiġu allokati għal kooperazzjoni tranżnazzjonali li tappoġġa soluzzjonijiet innovattivi taħt ġestjoni diretta jew indiretta.

6. L-ammont imsemmi fil-punt (f) tal-paragrafu 1 għandu jiġi allokat mir-riżorsi tal-FEŻR taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir għal investimenti innovattivi interreġjonali taħt ġestjoni diretta jew indiretta.

7. Ir-riżorsi għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) għandhom jammontaw għal 2,4 % tar-riżorsi globali disponibbli għall-impenn baġitarju mill-Fondi għall-perijodu 2021-2027 (jiġifieri total ta' EUR 8 050 000 000).

8. L-ammont imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 109(1) għandu jkun parti mir-riżorsi għall-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir.

*Artikolu 111*

**Trasferibbiltà tar-riżorsi**

1. Il-Kummissjoni tista' taċċetta proposta minn Stat Membru fil-preżentazzjoni tiegħu tal-Ftehim ta' Sħubija jew fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu, għal trasferiment:

(a) li b'kollox ma jkunx aktar minn 5 % tal-allokazzjonijiet inizjali għar-reġjuni inqas żviluppati lir-reġjuni fi tranżizzjoni jew reġjuni aktar żviluppati u mir-reġjuni fi tranżizzjoni għal reġjuni aktar żviluppati;

(b) mill-allokazzjonijiet għar-reġjuni aktar żviluppati jew reġjuni fi tranżizzjoni għar-reġjuni inqas żviluppati u mir-reġjuni aktar żviluppati għar-reġjuni fi tranżizzjoni.

B'deroga mill-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' taċċetta trasferiment addizzjonali li jkun sa 10 % tal-allokazzjonijiet totali għar-reġjuni inqas żviluppati lejn reġjuni fi tranżizzjoni jew reġjuni aktar żviluppati f'dawk l-Istati Membri li l-ING per capita tagħhom, imkejjel f'PPS għall-perijodu 2015-2017, ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-ING per capita tal-UE-27. Ir-riżorsi ta' kwalunkwe trasferiment addizzjonali għandhom jintużaw biex jikkontribwixxu għall-objettivi ta' politika msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5(1).

2. L-allokazzjonijiet totali lil kull Stat Membru fir-rigward tal-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) ma għandhomx ikunu trasferibbli bejn dawn il-miri.

3. Sabiex iżomm il-kontribuzzjoni effettiva tal-Fondi għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(2), u b'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista', f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, u suġġett għall-kondizzjoni stipulata fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, taċċetta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, proposta minn Stat Membru fl-ewwel preżentazzjoni tiegħu tal-Ftehim ta' Sħubija li jittrasferixxi parti mill-approprjazzjonijiet tiegħu għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) lill-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir.

4. Is-sehem mill-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) fl-Istat Membru li jagħmel il-proposta msemmija fil-paragrafu 3 ma għandux ikun anqas minn 35 % tat-total allokat lil dak l-Istat Membru fir-rigward tal-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), u wara t-trasferiment, ma għandux ikun inqas minn 25 % ta' dak it-total.

*Artikolu 112*

**Determinazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament**

1. Id-deċiżjoni li tapprova programm għandha tiffissa r-rata ta' kofinanzjament u l-ammont massimu ta' appoġġ mill-Fondi għal kull prijorità.

2. Għal kull prijorità, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jekk ir-rata ta' kofinanzjament għall-prijorità għandhiex tiġi applikata għal xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-kontribuzzjoni totali, inkluż kontribuzzjoni pubblika u privata;

(b) kontribuzzjoni pubblika.

3. Ir-rata ta' kofinanzjament għall-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fil-livell ta' kull prijorità ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) 85 % għar-reġjuni inqas żviluppati;

(b) 70 % għar-reġjuni fi tranżizzjoni li għall-perijodu 2014-2020 kienu klassifikati bħala reġjuni inqas żviluppati;

(c) 60 % għar-reġjuni fi tranżizzjoni;

(d) 50 % għar-reġjuni aktar żviluppati li fil-perijodu 2014-2020 kienu kklassifikati bħala reġjuni fi tranżizzjoni jew kellhom PDG per capita taħt il-100 %;

(e) 40 % għar-reġjuni aktar żviluppati.

Ir-rati ta' kofinanzjament stabbiliti skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, għandhom japplikaw ukoll għar-reġjuni ultraperiferiċi, inkluż l-allokazzjoni addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi.

Ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond ta' Koeżjoni fil-livell ta' kull prijorità ma għandhiex tkun ogħla minn 85 %.

Ir-Regolament FSE+ jista' jistabbilixxi rati ta' kofinanzjament ogħla f'konformità mal-Artikoli 10 u 14 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għar-reġjun fejn ikunu jinsabu t-territorju jew it-territorji identifikati fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta, għall-prijorità appoġġata mill-JTF ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) 85 % għal reġjuni anqas żviluppati;

(b) 70 % għar-reġjuni fi tranżizzjoni;

(c) 50 % għar-reġjuni aktar żviluppati;

4. Ir-rata ta' kofinanzjament għall-programmi Interreg ma għandhiex tkun ogħla minn 80 % ħlief f'każijiet fejn ir-Regolament Interreg jistabbilixxi rati ta' kofinanzjament ogħla għall-fergħa Interreg D u għall-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera esterna.

5. Ir-rati ta' kofinanzjament massimi elenkati taħt il-paragrafi 3 u 4 għandhom jiżdiedu b'għaxar punti perċentwali għal prijoritajiet imwettqa kompletament permezz ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità.

6. Il-miżuri ta' assistenza teknika implementati fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew f'isimha jistgħu jiġu ffinanzjati bir-rata ta' 100 %.

TITOLU IX

**DELEGA TA' SETGĦA, DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI, TRANŻIZZJONALI U FINALI**

*KAPITOLU I*

***Delega ta' setgħa u dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni***

*Artikolu 113*

**Delega ta' setgħat fir-rigward ta' ċerti Annessi**

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 114 biex temenda l-Annessi għal dan ir-Regolament, ħlief għall-Annessi III, IV, XI, XIII, XIV, XVII u XXVI, bil-ħsieb tal-adattament tagħhom għall-bidliet li jseħħu matul il-perijodu ta' programmazzjoni.

*Artikolu 114*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 79(4), 94(4) u, 95(4) u l-Artikolu 113 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Lulju 2021.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 79(4), 94(4) u 95(4), l-Artikolu 113 u l-Artikolu 117(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 79(4), 94(4) u, 95(4), l-Artikolu 113 u l-Artikolu 117(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 115*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*KAPITOLU II*

***Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali***

*Artikolu 116*

**Rieżami**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrieżaminaw dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2027 f'konformità mal-Artikolu 177 TFUE.

*Artikolu 117*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew kwalunkwe att applikabbli ieħor għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għandu jkompli japplika biss għal programmi operazzjonali u operazzjonijiet appoġġati mill-FEŻR, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd f'dak il-perijodu.

2. Is-setgħa kkonferita lill-Kummissjoni fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 biex tadotta att delegat li jipprevedi kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar sħubija għandha tibqa' fis-seħħ għall-perijodu ta' programmazzjoni 2021–2027. Id-delega ta' setgħat għandha tiġi eżerċitata f'konformità mal-Artikolu 114 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 118*

**Kondizzjonijiet għal operazzjonijiet soġġetti għal implimentazzjoni gradwali**

1. L-awtorità ta' ġestjoni tista' tipproċedi bl-għażla ta' operazzjoni li tikkonsisti fit-tieni fażi ta' operazzjoni magħżula għall-appoġġ u mibdija skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dment li l-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) l-operazzjoni, kif magħżula għall-appoġġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, għandha żewġ fażijiet identifikabbli mill-aspett finanzjarju b'rekords tal-awditjar separati;

(b) il-kost totali tal-operazzjoni msemmija fil-punt (a) jaqbeż il-EUR 5 000 000;

(c) in-nefqa inkluża f'applikazzjoni għal pagament fir-rigward tal-ewwel fażi mhijiex inkluża taħt kwalunkwe applikazzjoni għal pagament b'rabta mat-tieni fażi;

(d) it-tieni fażi tal-operazzjoni tikkonforma mal-liġi applikabbli u hija eliġibbli għal appoġġ mill-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni jew il-FEMSA skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi;

(e) l-Istat Membru jimpenja ruħu li matul il-perijodu ta' programmazzjoni jlesti u jibda jħaddem it-tieni u l-aħħar fażi fir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni, jew fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fl-aħħar rapport annwali dwar l-implimentazzjoni, ippreżentat f'konformità mal-Artikolu 141 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għat-tieni fażi tal-operazzjoni.

*Artikolu 119*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2021.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. M. SASSOLI | A. P. ZACARIAS |

## ANNESS I

### Dimensjonijiet u kodiċijiet għat-tipi ta' intervent għall-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF - l-Artikolu 22(5)

TABELLA 1: DIMENSJONIJIET U KODIĊIJIET GĦAT-TIPI TA' INTERVENT[1,2]

| QASAM TA' INTERVENT[3] | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| Objettiv ta' politika 1: Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti bis-saħħa tal-promozzjoni ta' trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti u konnettività tal-ICT reġjonali | | | |
| 001 | Investiment f'assi fissi, inkluż l-infrastruttura tar-riċerka, f'mikrointrapriżi direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0 % | 0 % |
| 002 | Investiment f'assi fissi, inkluż l-infrastruttura tar-riċerka, f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (inkluż ċentri ta' riċerka privati) direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0 % | 0 % |

1 Għall-objettiv speċifiku 'li jippermetti lir-reġjuni u n-nies jindirizzaw l-impatti soċjali, l-impjiegi, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima u ekonomija newtrali għall-klima tal-Unjoni sal-2050, abbażi tal-Ftehim ta' Pariġi' appoġġat mill-JTF, jistgħu jintużaw oqsma ta' intervent taħt kwalunkwe objettiv ta' politika, dment li jkunu konsistenti mal-Artikolu 8 u 9 tar-Regolament dwar il-JTF u jkunu konformi mal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta rilevanti. Għal dak l-objettiv speċifiku, il-koeffiċjent għall-kalkolu tal-appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima huwa stabbilit għal 100 % għall-oqsma kollha ta' intervent użati.

2 Meta l-ammont rikonoxxut ta' Stat Membru b'appoġġ għall-objettivi tal-klima skont il-Pjan ta' Rkupru u ta' Reżiljenza tiegħu jkun żdied wara l-applikazzjoni tal-punt (e) tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2021/241, għandha tiġi applikata wkoll żieda proporzjonata identika fil-livell tal-kontribuzzjoni ta' dak l-Istat Membru għall-appoġġ tiegħu għall-objettivi klimatiċi taħt il-politika ta' koeżjoni.

3 L-oqsma ta' intervent huma miġbura skont l-objettivi ta' politika, iżda l-użu tagħhom mhuwiex limitat għalihom. Kwalunkwe qasam ta' intervent jista' jintuża taħt kwalunkwe objettiv ta' politika. Speċjalment għall-objettiv ta' politika 5, il-kodiċijiet ta' dimensjoni kollha taħt l-objettivi ta' politika 1 sa 4 jistgħu jintgħażlu flimkien ma' dawk elenkati taħt l-objettiv ta' politika 5.

| QASAM TA' INTERVENT3 | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 003 | Investiment f'assi fissi, inkluż l-infrastruttura tar-riċerka, f'intrapriżi kbar1 direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0 % | 0 % |
| 004 | Investiment f'assi fissi, inkluż l-infrastruttura tar-riċerka, f'ċentri ta' riċerka pubbliċi u fl-edukazzjoni għolja pubblika direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0 % | 0 % |
| 005 | Investiment f'assi intanġibbli f'mikrointrapriżi direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0 % | 0 % |
| 006 | Investiment f'assi intanġibbli f'SMEs (inkluż ċentri ta' riċerka privati) direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0 % | 0 % |
| 007 | Investiment f'assi intanġibbli f'intrapriżi kbar direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0 % | 0 % |
| 008 | Investiment f'assi intanġibbli f'ċentri ta' riċerka pubbliċi u fl-edukazzjoni għolja pubblika direttament marbuta ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni | 0 % | 0 % |
| 009 | Attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fil-mikrointrapriżi inkluż in-networking (riċerka industrijali, żvilupp sperimentali, studji dwar il-fattibbiltà) | 0 % | 0 % |

1 Intrapriżi kbar huma l-intrapriżi kollha minbarra l-SMEs, inkluż kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

| QASAM TA' INTERVENT3 | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 010 | Attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-SMEs, inkluż in-networking | 0 % | 0 % |
| 011 | Attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-intrapriżi kbar, inkluż in-networking | 0 % | 0 % |
| 012 | Attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fiċ-ċentri ta' riċerka, l-edukazzjoni għolja u ċ-ċentri ta' kompetenza pubbliċi inkluż in-networking (riċerka industrijali, żvilupp sperimentali, studji dwar il-fattibbiltà) | 0 % | 0 % |
| 013 | Id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs (inkluż il-kummerċ elettroniku, in-negozju elettroniku u l-proċessi ta' negozji f'network, ċentri tal-innovazzjoni diġitali, laboratorji ħajjin, intraprendituri tal-web u negozji ġodda tal-ICT, B2B) | 0 % | 0 % |
| 014 | Id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi l-kbar (inkluż il-kummerċ elettroniku, in-negozju elettroniku u l-proċessi ta' negozji f'network, ċentri tal-innovazzjoni diġitali, laboratorji ħajjin, intraprendituri tal-web u negozji ġodda tal-ICT, B2B) | 0 % | 0 % |

| QASAM TA' INTERVENT3 | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 015 | Diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi l-kbar (inkluż il-kummerċ elettroniku, in-negozju elettroniku u l-proċessi ta' negozji f'network, ċentri tal-innovazzjoni diġitali, laboratorji ħajjin, intraprendituri tal-web u start-ups tal-ICT, B2B) li jkunu konformi mal-kriterji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew tal-effiċjenza enerġetika1 | 40 % | 0 % |
| 016 | Soluzzjonijiet tal-ICT, servizzi elettroniċi, u applikazzjonijiet tal-gvern | 0 % | 0 % |
| 017 | Soluzzjonijiet tal-ICT, servizzi elettroniċi u applikazzjonijiet tal-gvern li jkunu konformi mal-kriterji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew tal-effiċjenza enerġetik2a | 40 % | 0 % |
| 018 | Servizzi u applikazzjonijiet tal-IT għal ħiliet diġitali u inklużjoni diġitali | 0 % | 0 % |
| 019 | Servizzi u applikazzjonijiet tas-saħħa elettronika (inkluż il-kura elettronika, l-Internet tal-Oġġetti għall-attività fiżika u l-għajxien megħjun kuntestwalment) | 0 % | 0 % |
| 020 | Infrastruttura kummerċjali għall-SMEs (inkluż parks u siti industrijali) | 0 % | 0 % |

1 Jekk l-objettiv tal-miżura huwa li l-attività trid tipproċessa jew tiġbor data biex tippermetti tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jwassal għal iffrankar sostanzjali bil-provi ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja; jew jekk l-objettiv tal-miżura jirrikjedi li ċ-ċentri tad-data jikkonformaw mal-"Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-Data".

2 Jekk l-objettiv tal-miżura huwa li l-attività trid tipproċessa jew tiġbor data biex tippermetti tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jwassal għal iffrankar sostanzjali bil-provi ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja; jew jekk l-objettiv tal-miżura jirrikjedi li ċ-ċentri tad-data jikkonformaw mal-"Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-Data".

| QASAM TA' INTERVENT3 | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 021 | L-iżvilupp tan-negozju u l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, inkluż investimenti produttivi | 0 % | 0 % |
| 022 | Appoġġ għal intrapriżi kbar permezz ta' strumenti finanzjarji, inkluż investimenti produttivi | 0 % | 0 % |
| 023 | Żvilupp tal-ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, tranżizzjoni industrijali, intraprenditorija u adattabbiltà tal-intrapriżi għat-tibdil | 0 % | 0 % |
| 024 | Servizzi ta' appoġġ avvanzati għall-SMEs u l-gruppi ta' SMEs (inkluż servizzi ta' ġestjoni, kummerċjalizzazzjoni u disinn) | 0 % | 0 % |
| 025 | L-inkubazzjoni, l-appoġġ għal spin offs u spin outs u negozji ġodda | 0 % | 0 % |
| 026 | Appoġġ għar-raggruppamenti tal-innovazzjoni inkluż bejn in-negozji, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-awtoritajiet pubbliċi u n-networks tan-negozji li primarjament jibbenefikaw minnhom l-SMEs | 0 % | 0 % |
| 027 | Proċessi ta' innovazzjoni fl-SMEs (innovazzjoni mil-lat ta' proċess, organizzazzjoni, kummerċjalizzazzjoni, kokreazzjoni, u mmexxija mill-utenti u mid-domanda) | 0 % | 0 % |

| QASAM TA' INTERVENT3 | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 028 | It-trasferiment tat-teknoloġija u l-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi, iċ-ċentri ta' riċerka u s-settur tal-edukazzjoni għolja | 0 % | 0 % |
| 029 | Il-proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi, iċ-ċentri ta' riċerka u l-universitajiet, li jiffokaw fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima | 100 % | 40 % |
| 030 | Il-proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, it-trasferiment ta' teknoloġija u kooperazzjoni bejn intrapriżi, li jiffokaw fuq ekonomija ċirkolari | 40 % | 100 % |
| 031 | L-iffinanzjar tal-kapital operatorju fl-SMEs fil-forma ta' għotjiet biex jiġu indirizzati s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza 1 | 0 % | 0 % |
| 032 | ICT: Network tal-broadband b'Kapaċità Kbira Ħafna (in-network ewlieni/backhaul) | 0 % | 0 % |
| 033 | ICT: Network tal-broadband b'Kapaċità Kbira Ħafna (loop lokali/ta' aċċess bi prestazzjoni li hija ekwivalenti għal installazzjoni tal-fibra ottika sal-punt ta' distribuzzjoni fil-post tas-servizz għal bini b'ħafna abitazzjonijiet) | 0 % | 0 % |

1 Dan il-kodiċi huwa disponibbli biss għall-użu fejn jiġu implimentati, skont l-Artikolu 5(6) Regolament FEŻR u FK, miżuri temporanji għall-użu tal-FEŻR b'rispons għal ċirkostanzi eċċezzjonali.

| QASAM TA' INTERVENT3 | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 034 | ICT: Network tal-broadband b'Kapaċità Kbira Ħafna (loop lokali/ta' aċċess bi prestazzjoni li hija ekwivalenti għal installazzjoni tal-fibra ottika sal-punt tad-distribuzzjoni fil-post tas-servizz għal djar u bini kummerċjali) | 0 % | 0 % |
| 035 | ICT: Network tal-broadband b'Kapaċità Kbira Ħafna (loop lokali/ta' aċċess bi prestazzjoni li hija ekwivalenti għal installazzjoni ta' fibra ottika sal-istazzjon bażi għal komunikazzjoni bla fili avvanzata) | 0 % | 0 % |
| 036 | ICT: Tipi oħra ta' infrastrutturi tal-ICT (inkluż riżorsi/tagħmir tal-kompjuter ta' skala kbira, ċentri tad-data, sensuri u tagħmir ieħor bla fili) | 0 % | 0 % |
| 037 | ICT: Tipi oħra ta' infrastruttura tal-ICT (inklużi riżorsi/tagħmir tal-kompjuter fuq skala kbira, ċentri tad-data, sensors u tagħmir ieħor bla fili) li jkunu konformi mal-kriterji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju u tal-effiċjenza enerġetika 1 | 40 % | 0 % |

1 Jekk l-objettiv tal-miżura huwa li l-attività trid tipproċessa jew tiġbor data biex tippermetti tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jwassal għal iffrankar sostanzjali bil-provi ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja; jew jekk l-objettiv tal-miżura jirrikjedi li ċ-ċentri tad-data jikkonformaw mal-"Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentru tad-Data".

| QASAM TA' INTERVENT[3] | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta’ appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta’ appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| Objettiv ta’ politika 2: Ewropa aktar ekoloġika, reżiljenti, b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju fi tranżizzjoni għal ekonomija b'emissjonijiet tal-karbonju żero netti billi jiġu promossi t-tranżizzjoni enerġetika nadifa u ġusta, l-investiment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-prevenzjoni u ġestjoni tar-riskji u mobilità urbana sostenibbli | | | |
| 038 | L-effiċjenza enerġetika u proġetti ta’ dimostrazzjoni fl-SMEs u miżuri ta’ appoġġ | 40 % | 40 % |
| 039 | L-effiċjenza enerġetika u proġetti ta’ dimostrazzjoni fl-intrapriżi kbar u miżuri ta’ appoġġ | 40 % | 40 % |
| 040 | L-effiċjenza enerġetika u proġetti ta’ dimostrazzjoni fl-SMEs jew intrapriżi kbar u miżuri ta’ appoġġ konformi mal-kriterji tal-effiċjenza enerġetika[1] | 100 % | 40 % |
| 041 | Ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk ta’ djar eżistenti, proġetti ta’ dimostrazzjoni u miżuri ta’ appoġġ | 40 % | 40 % |
| 042 | Ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk immobiljari eżistenti, proġetti ta' dimostrazzjoni u miżuri ta' appoġġ li jkunu konformi mal-kriterji tal-effiċjenza enerġetika[2] | 100 % | 40 % |

1 Jekk l-objettiv tal-miżura huwa (a) li tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 tat-8 ta' Mejju 2019 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini (ĠU L 127, 16.5.2019, p. 34) jew (b) li jinkiseb, bħala medja, tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet ex ante.

2 Jekk l-objettiv tal-miżura huwa li tinkiseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786. Ir-rinnovazzjoni tal-bini hija intiża wkoll li tinkludi l-infrastruttura fis-sens tal-oqsma ta' intervent 120 sa 127.

| QASAM TA' INTERVENT3 | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 043 | Kostruzzjoni ta' bini ġdid effiċjenti fl-użu tal-enerġija1 | 40 % | 40 % |
| 044 | Ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika jew miżuri tal-effiċjenza enerġetika rigward infrastruttura pubbliċi, proġetti ta' dimostrazzjoni u miżuri ta' appoġġ | 40 % | 40 % |
| 045 | Ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika jew miżuri tal-effiċjenza enerġetika rigward infrastruttura pubblika, proġetti ta' dimostrazzjoni u miżuri ta' appoġġ li jkunu konformi mal-kriterji tal-effiċjenza enerġetika2 | 100 % | 40 % |
| 046 | Appoġġ lill-entitajiet li jipprovdu servizzi li jikkontribwixxu għall-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, inkluż miżuri ta' sensibilizzazzjoni | 100 % | 40 % |

1 Jekk l-objettiv tal-miżuri jikkonċerna l-kostruzzjoni ta' bini ġdid b'Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit NZEB (bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero, direttivi nazzjonali). Il-kostruzzjoni ta' bini ġdid effiċjenti fl-użu tal-enerġija hija intiża wkoll li tinkludi l-infrastruttura fis-sens tal-oqsma ta' intervent 120 sa 127.

2 Jekk l-objettiv tal-miżura huwa li jinkiseb, bħala medja (a) mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 jew (b) tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet ex ante. Ir-rinnovazzjoni tal-bini hija intiża wkoll li tinkludi l-infrastruttura fis-sens tal-oqsma ta' intervent 120 sa 127.

| QASAM TA' INTERVENT3 | | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima | Koeffiċjent għall-kalkolu ta' appoġġ għall-objettivi ambjentali |
|---|---|---|---|
| 047 | Enerġija rinnovabbli: riħ | 100 % | 40 % |
| 048 | Enerġija rinnovabbli: solari | 100 % | 40 % |
| Fond | Kategorija tar-reġjun | Kontribuzzjoni mistennija mill-Unjoni | | |
|---|---|---|---|---|
| | | [sena kalendarja attwali] | | [sena kalendarja sussegwenti] |
| | | Jannar - Ottubru | Novembru - Diċembru | Jannar - Diċembru |
| | Reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati[1] | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |
| Interreg | | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |
| FSE+ | Reġjuni inqas żviluppati | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |
| | Reġjuni fi tranżizzjoni | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |

1 Hawn għandha tintwera biss l-allokazzjoni speċifika għar-reġjuni ultraperiferiċi/għar-reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati.

| Fond | Kategorija tar-reġjun | Kontribuzzjoni mistennija mill-Unjoni | | |
|---|---|---|---|---|
| | | [sena kalendarja attwali] | | [sena kalendarja sussegwenti] |
| | | Jannar - Ottubru | Novembru - Diċembru | Jannar - Diċembru |
| | Reġjuni aktar żviluppati | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |
| | Reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati1 | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |
| Fond ta' Koeżjoni | | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |
| JTF* | | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |

1 Hawn għandha tintwera biss l-allokazzjoni speċifika għar-reġjuni ultraperiferiċi/għar-reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati.

| Fond | Kategorija tar-reġjun | Kontribuzzjoni mistennija mill-Unjoni | | |
|---|---|---|---|---|
| | | [sena kalendarja attwali] | | [sena kalendarja sussegwenti] |
| | | Jannar - Ottubru | Novembru - Diċembru | Jannar - Diċembru |
| FEMSA | | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |
| AMIF | | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |
| ISF | | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |
| BMVI | | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> | <type="Cu" input="M"> |

* Ammonti li jinkludu l-finanzjament komplementari ttrasferit mill-FEŻR u l-FSE+ kif xieraq.

# ANNESS IX

Komunikazzjoni u viżibilità – l-Artikoli 47, 49 u 50

1. L-użu u l-karatteristiċi tekniċi tal-emblema tal-Unjoni (‘l-emblema’)

1.1. L-emblema għandha tkun tidher prominenti fuq il-materjal ta' komunikazzjoni kollu bħal prodotti diġitali jew stampati, siti web u l-verżjonijiet mobbli tagħhom fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' operazzjoni, li jintuża għall-pubbliku jew għall-parteċipanti.

1.2. Id-dikjarazzjoni “Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea” jew “Ikkoffinanzjat mill-Unjoni Ewropea” għandha tinkiteb b'mod sħiħ u titqiegħed ħdejn l-emblema.

1.3. It-tipa li tintuża flimkien mal-emblema tista' tkun kwalunkwe waħda minn dawn il-fonts: Arial, Auto, Calibri, Garamond, Trebuchet, Tahoma, Verdana jew Ubuntu. Varjazzjonijiet bis-sottolinja jew bit-tipa korsiva, jew effetti tal-fonts ma jintużawx.

1.4. Il-pożizzjoni tat-test fir-rigward tal-emblema ma għandha tfixkel l-emblema bl-ebda mod.

1.5. Id-daqs tat-tipa użata għandu jkun proporzjonat għad-daqs tal-emblema.

1.6. Il-kulur tat-tipa għandu jkun blu reflex, iswed jew abjad skont l-isfond.

1.7. L-emblema ma għandhiex tiġi mmodifikata jew magħquda ma' elementi grafiċi jew testi oħra. Jekk jintwerew logos oħrajn apparti l-emblema , l-emblema għandha tkun mill-inqas tal-istess daqs, imkejla fl-għoli u l-wisa', bħall-akbar wieħed mill-logos l-oħrajn. Apparti l-emblema , l-ebda identità viżiva jew logo ma għandha tintuża sabiex jintwera l-appoġġ mill-Unjoni.

1.8. Fejn diversi operazzjonijiet ikunu qed iseħħu fl-istess post, appoġġati mill-istess strument ta' finanzjament jew strumenti ta' finanzjament differenti, jew fejn jingħata finanzjament ulterjuri għall-istess operazzjoni f'data aktar tard, għandu mill-inqas jintwera plakka jew kartellun wieħed.

1.9. Standards grafiċi għall-emblema u d-definizzjoni tal-kuluri standard:

(A) DESKRIZZJONI SIMBOLIKA

Fuq sfond ta' sema ikħal, tnax-il stilla tad-deheb jiffurmaw ċirku li jirrappreżenta l-unjoni tal-popli tal-Ewropa. L-għadd ta' stilel huwa fiss, u t-tnax huwa s-simbolu tal-perfezzjoni u tal-unità.

(B) DESKRIZZJONI ARALDIKA

Fuq sfond ta' ikħal ċar, ċirku bi tnax-il stilla tad-deheb, u l-ponot tagħhom ma jmissux.

(C) DESKRIZZJONI ĠEOMETRIKA




L-emblema għandha l-forma ta' bandiera rettangolari blu, li l-wisa' tagħha huwa darba u nofs daqs l-għoli. Tnax-il stilla tad-deheb li jinsabu f'intervalli ndaqs jiffurmaw ċirku inviżibbli li ċ-ċentru tiegħu huwa l-punt fejn jaqsmu d-djagonali tar-rettangolu. Ir-radju taċ-ċirku huwa daqs terz tal-għoli tal-bandiera. Kull stilla għandha ħames ponot li jinsabu fuq iċ-ċirkonferenza ta' ċirku inviżibbli li r-radju tiegħu huwa daqs wieħed minn tmintax tal-għoli tal-bandiera. L-istilel kollha huma rashom 'il fuq, jiġifieri b'ponta vertikali u żewġ ponot f'linja dritta f'angoli retti mal-arblu. Iċ-ċirku huwa rranġat sabiex l-istilel jidhru fil-pożizzjoni tas-sigħat fuq wiċċ ta' arloġġ. In-numru tagħhom ma jinbidilx.

(D) IL-KULURI SKONT IR-REGOLAMENT

L-emblema għandha l-kuluri li ġejjin: Il-BLU REFLEX PANTONE għall-wiċċ tar-rettangolu; ISFAR PANTONE għall-istilel

(E) IL-PROĊESS TA' ERBA' KULURI

Jekk jintuża l-proċess ta' erba' kuluri, erġa' oħloq iż-żewġ kuluri standard billi tuża l-erba' kuluri tal-proċess ta' erba' kuluri.

L-ISFAR PANTONE jinkiseb bl-użu ta' 100 % "Process Yellow".

IL-BLU PANTONE REFLEX jinkiseb bit-taħlita ta' 100 % "Process Cyan" u 80 % "Process Magenta".

L-INTERNET

Il-BLU PANTONE REFLEX jikkorrispondi fil-kulur tal-paletta tal-web RGB: 0/51/153 (eżadeċimali: 003399) u l-ISFAR PANTONE jikkorrispondi fil-kulur tal-paletta tal-web RGB: 255/204/0 (eżadeċimali: FFCC00).

IL-PROĊESS TAR-RIPRODUZZJONI MONOKROMATIKA

Bl-użu tal-iswed, pinġi r-rettangolu bl-iswed u stampa l-istilel bl-iswed fuq l-abjad.

Permezz tal-blu (Blu Reflex), uża 100 % bl-istilel riprodotti bl-abjad negattiv.

IR-RIPRODUZZJONI FUQ SFOND IKKULURIT

Jekk ma hemmx alternattiva għal sfond ikkulurit, poġġi bordura bajda madwar ir-rettangolu, filwaqt li l-wisa' tal-bordura għandu jkun 1/25 tal-għoli tar-rettanglu.

Il-prinċipji tal-użu tal-emblema tal-Unjoni minn partijiet terzi huma stipulati fil-Ftehim amministrattiv mal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-użu tal-emblema Ewropea minn partijiet terzi[1].

2. Il-liċenzja fuq id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali msemmija fl-Artikolu 49(6) għandha tagħti lill-Unjoni minn tal-inqas id-drittijiet li ġejjin:

2.1. użu intern, jiġifieri d-dritt li tirriproduċi, tikkopja u tagħmel disponibbli l-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni, lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u lill-impjegati tagħhom;

2.2. riproduzzjoni tal-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà b'kull mezz u f'kull forma, b'mod sħiħ jew parzjali;

1 ĠU C 271, 8.9.2012, p. 5.

2.3. komunikazzjoni lill-pubbliku tal-materjali ta' komunikazzjoni u viżibbiltà bl-użu ta' kwalunkwe u kull mezz ta' komunikazzjoni;

2.4. distribuzzjoni lill-pubbliku ta' materjali ta' komunikazzjoni u viżibbiltà (jew kopji tagħhom) fi kwalunkwe u f'kull forma;

2.5. ħażna u l-arkivjar tal-materjali ta' komunikazzjoni u viżibbiltà;

2.6. subliċenzjar tad-drittijiet dwar il-materjali ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà lil partijiet terzi.

# ANNESS X

Elementi għal ftehimiet ta' finanzjament u għal dokumenti ta' strateġija – l-Artikolu 59(1) u (5)

1. L-elementi meħtieġa tal-ftehim ta' finanzjament għal strumenti finanzjarji implimentati skont l-Artikolu 59(5):

(a) l-istrateġija jew il-politika tal-investiment inkluż arranġamenti tal-implimentazzjoni, prodotti finanzjarji li għandhom jiġu offruti, riċevituri finali mmirati, u t-taħlita prevista mal-appoġġ mogħti (kif ikun xieraq);

(b) pjan tan-negozju jew dokumenti ekwivalenti għall-istrument finanzjarju li għandu jiġi implimentat, inkluż l-effett ta' lieva stmat imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 58(3);

(c) ir-riżultati fil-mira li l-istrument finanzjarju kkonċernat huwa mistenni jikseb biex jikkontribwixxi għall-objettivi u r-riżultati speċifiċi tal-prijorità rilevanti;

(d) dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-investimenti u tal-flussi tat-tranżazzjonijiet inkluż rappurtar mill-istrument finanzjarju lill-fond ta' parteċipazzjoni u lill-awtorità ta' ġestjoni biex tiġi żgurata konformità mal-Artikolu 42;

(e) rekwiżiti tal-awditjar, bħar-rekwiżiti minimi għad-dokumentazzjoni li għandhom jinżammu fil-livell tal-istrument finanzjarju (u fil-livell tal-fond ta' parteċipazzjoni fejn xieraq) f'konformità mal-Artikolu 82, u r-rekwiżiti relatati maż-żamma ta' rekords separati għall-forom differenti ta' appoġġ f'konformità mal-Artikolu 58(6), fejn applikabbli, inkluż dispożizzjonijiet u rekwiżiti rigward l-aċċess għal dokumenti minn awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri, awdituri tal-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri sabiex jiġi żgurat rekord tal-awditjar ċar;

(f) rekwiżiti u proċeduri għall-ġestjoni tal-kontribuzzjoni previsti mill-programm f'konformità mal-Artikolu 92 u għall-previżjoni ta' flussi ta' tranżazzjonijiet, inkluż rekwiżiti għal kontabbiltà fiduċjarja jew separata kif stabbilita fl-Artikolu 59;

(g) rekwiżiti u proċeduri għall-ġestjoni tal-imgħax u qligħ ieħor iġġenerat kif imsemmi fl-Artikolu 60, inkluż operazzjonijiet jew investimenti aċċettabbli tat-teżor, u r-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-partijiet ikkonċernati;

(h) dispożizzjonijiet dwar il-kalkolu u l-pagament ta' kostijiet tal-ġestjoni li jsiru jew tat-tariffi tal-ġestjoni tal-istrument finanzjarju f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 68(1);

(i) dispożizzjonijiet rigward l-użu mill-ġdid ta' riżorsi attribwibbli għall-appoġġ tal-Fondi f'konformità mal-Artikolu 62 u mal-politika ta' ħruġ mill-istrument finanzjarju, għall-kontribuzzjoni mill-Fondi;

(j) kondizzjonijiet għal irtirar possibbli totali jew parzjali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm minn programmi għall-istrumenti finanzjarji, inkluż il-fond ta' parteċipazzjoni fejn applikabbli;

(k) dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-korpi li jimplimentaw strumenti finanzjarji jimmaniġġaw strumenti finanzjarji b'mod indipendenti u f'konformità mal-istandards professjonali rilevanti, u jaġixxu fl-interess esklussiv tal-partijiet li jipprovdu l-kontribuzzjonijiet għall-istrument finanzjarju;

(l) dispożizzjonijiet għal-likwidazzjoni tal-istrument finanzjarju;

(m) termini u kondizzjonijiet oħra biex isiru kontribuzzjonijiet mill-programm għall-istrument finanzjarju;

(n) termini u kondizzjonijiet li jiżguraw li permezz ta' arranġamenti kuntrattwali, ir-riċevituri finali jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-wiri ta' plakek jew billboards durabbli f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 50(1), u arranġamenti oħra biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 50 l-Anness IX għar-rikonoxximent ta' appoġġ mill-Fondi;

(o) l-evalwazzjoni u l-għażla ta' korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji, inkluż sejħiet għall-espressjoni ta' interess jew proċeduri għall-akkwist pubbliku (meta l-istrumenti finanzjarji jkunu organizzati permezz ta' fond ta' investiment biss).

2. Elementi meħtieġa tad-dokument(i) ta' strateġija msemmija fl-Artikolu 59(1):

(a) il-politika jew l-istrateġija tal-investiment tal-istrument finanzjarju, it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali ta' prodotti ta' dejn previsti, riċevituri fil-mira u azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati;

(b) pjan tan-negozju jew dokumenti ekwivalenti għall-istrument finanzjarju li għandu jiġi implimentat, inkluż l-effett ta' lieva finanzjarju stmat imsemmi fl-Artikolu 58;

(c) l-użu u l-użu mill-ġdid ta' riżorsi attribwibbli għall-appoġġ ta' Fondi f'konformità mal-Artikoli 60 u 62;

(d) monitoraġġ u rappurtar tal-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju biex tiġi żgurata konformità mal-Artikoli 42 u 50.

## ANNESS XI

Ir-rekwiżiti ewlenin tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

u l-klassifikazzjoni tagħhom - l-Artikolu 69(1)

Tabella 1 - Rekwiżiti ewlenin tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

| | | Korpi awtoritajiet ikkonċernati |
|---|---|---|
| 1 | Is-separazzjoni xierqa tal-funzjonijiet u arranġamenti bil-miktub għar-rappurtar, is-superviżjoni u l-monitoraġġ ta' kompiti delegati lil korp intermedjarju | Awtorità ta' ġestjoni |
| 2 | Kriterji u proċeduri xierqa għall-għażla ta' operazzjonijiet | Awtorità ta' Ġestjoni1* |
| 3 | Informazzjoni xierqa għall-benefiċjarji dwar il-kondizzjonijiet applikabbli għall-operazzjonijiet magħżulin | Awtorità ta' ġestjoni |
| 4 | Verifiki ta' ġestjoni xierqa, inkluż proċeduri xierqa biex jiġi vverifikat li l-kondizzjonijiet għall-finanzjament mhux marbut ma' kostijiet u għall-għażliet ta' kostijiet simplifikati ġew issodisfati | Awtorità ta' ġestjoni |
| 5 | Sistema effettiva biex jiġi żgurat li jinżammu d-dokumenti kollha meħtieġa għar-rekord tal-awditjar | Awtorità ta' ġestjoni |
| 6 | Sistema elettronika affidabbli (inkluż kuntatti mal-benefiċjarji permezz ta' sistemi ta' skambju elettroniku ta' data) għar-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' data għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifiki u l-awditi, inkluż proċessi xierqa biex jiġu żgurati s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data u l-awtentikazzjoni tal-utenti | Awtorità ta' ġestjoni |
| 7 | L-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri proporzjonati kontra l-frodi | Awtorità ta' ġestjoni |

1 Awtoritajiet jew korpi territorjali skont l-Artikolu 29(3) ta' dan ir-Regolament u kumitat tat-tmexxija skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament Interreg, fejn applikabbli.

| | | |
|---|---|---|
| 8 | Proċeduri xierqa għat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni | Awtorità ta' ġestjoni |
| 9 | Proċeduri xierqa biex jiġi kkonfermat li n-nefqa mniżżla fil-kontijiet hija legali u regolari | Awtorità ta' ġestjoni |
| 10 | Proċeduri xierqa għat-tfassil u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal pagament u ta' kontijiet u konferma tal-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet | Awtorità ta' ġestjoni/Korp għat-twettiq tal-funzjoni kontabilistika |
| 11 | Is-separazzjoni xierqa tal-funzjonijiet u l-indipendenza funzjonali bejn l-awtorità tal-awditjar (u kwalunkwe korp li jwettaq ħidma ta' awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità tal-awditjar li l-awtorità tal-awditjar tiddependi fuqu u tissorvelja, jekk applikabbli) u awtoritajiet oħra tal-programm u x-xogħol tal-awditjar imwettaq f'konformità ma' standards ta' awditjar aċċettati internazzjonalment | Awtorità tal-awditjar |
| 12 | Awditi adegwati tas-sistemi | Awtorità tal-awditjar |
| 13 | Awditi xierqa tal-operazzjonijiet | Awtorità tal-awditjar |
| 14 | Awditi xierqa tal-kontijiet | Awtorità tal-awditjar |
| 15 | Proċeduri xierqa sabiex tiġi pprovduta opinjoni tal-awditjar affidabbli u sabiex jitħejja r-rapport annwali tal-kontroll | Awtorità tal-awditjar |

Tabella 2 - Klassifikazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fir-rigward tal-funzjonament effettiv tagħhom

| | |
|---|---|
| Kategorija 1 | Taħdem sew. Le jew hemm bżonn biss ta' xi titjib minuri. |
| Kategorija 2 | Taħdem. Huwa meħtieġ xi titjib. |
| Kategorija 3 | Taħdem, parzjalment. Hemm bżonn ta' titjib sostanzjali. |
| Kategorija 4 | Essenzjalment ma taħdimx. |

# ANNESS XII

Regoli dettaljati u mudell għar-rappurtar ta' irregolaritajiet - Artikolu 69(2) u (12)

## Taqsima 1

## Regoli dettaljati għar-rappurtar ta' irregolaritajiet

1.1. Irregolaritajiet li għandhom jiġu rrappurtati

L-irregolaritajiet li ġejjin għandhom jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 69(2):

(a) Irregolaritajiet li kienu soġġetti għall-ewwel valutazzjoni bil-miktub minn awtorità kompetenti, jew amministrattiva jew ġudizzjarja, li fuq il-bażi ta' fatti speċifiċi tkun ikkonkludiet li twettqet irregolarità, irrispettivament mill-possibilità li din il-konklużjoni sussegwentement jista' jkollha tiġi riveduta jew irtirata minħabba żviluppi matul il-proċediment amministrattiv jew ġudizzjarju;

(b) irregolaritajiet li jagħtu lok għall-bidu ta' proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji fil-livell nazzjonali sabiex tiġi stabbilita l-preżenza ta' frodi jew reati kriminali oħra, kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 4(1), (2) u (3) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 u l-punt (a) tal-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni mfassla abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej[1] għall-Istati Membri mhux marbuta b'dik id-Direttiva;

(c) irregolaritajiet qabel falliment;

(d) irregolarità speċifika jew grupp ta' irregolaritajiet li għalihom il-Kummissjoni tippreżenta talba bil-miktub għal informazzjoni lill-Istat Membru wara r-rappurtar inizjali minn Stat Membru.

1.2. Irregolaritajiet eżenti mir-rappurtar

L-irregolaritajiet li ġejjin ma għandhomx ikunu rrappurtati:

(a) irregolaritajiet għal ammont inqas minn EUR 10 000 f'kontribuzzjoni mill-Fondi; dan ma japplikax fil-każ ta' irregolaritajiet li huma interkonnessi u li l-ammont totali tagħhom jaqbeż EUR 10 000 f'kontribuzzjoni mill-Fondi, anke meta l-ebda waħda minnhom ma taqbeż dak il-limitu massimu waħedha;

1 ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.

(b) każijiet fejn l-irregolarità tikkonsisti biss fin-nuqqas li tiġi eżegwita, b'mod parzjali jew sħiħ, operazzjoni inkluża fil-programm kofinanzjat minħabba l-falliment mhux frawdolenti tal-benefiċjarju;

(c) il-każijiet li b'mod volontarju jinġiebu għall-attenzjoni tal-awtorità ta' ġestjoni jew l-awtorità inkarigata bil-funzjoni kontabilistika mill-benefiċjarju u qabel individwazzjoni minn kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet, kemm qabel jew wara l-pagament tal-kontribuzzjoni pubblika;

(d) każijiet li jiġu individwati u kkoreġuti mill-awtorità ta' ġestjoni qabel l-inklużjoni f'applikazzjoni għal pagament ippreżentata lill-Kummissjoni.

L-eżenzjonijiet fil-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt ma għandhomx japplikaw għall-irregolaritajiet imsemmija fil-punt 1.1 (b).

1.3. Determinazzjoni tal-Istat Membru rapportanti

L-Istat Membru li fih tkun iġġarrbet in-nefqa irregolari mill-benefiċjarju u tħallset fl-implimentazzjoni tal-operazzjoni għandu jkun responsabbli għar-rappurtar tal-irregolarità f'konformità mal-Artikolu 69(2). Għall-programmi taħt l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), l-Istat Membru relatur għandu jinforma lill-awtorità ta' ġestjoni u lill-awtorità tal-awditjar tal-programm.

1.4. Twaqqit tar-rappurtar

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-irregularitajiet fi żmien xahrejn wara t-tmiem ta' kull trimestru mis-sejba tagħhom jew hekk kif issir disponibbli informazzjoni addizzjonali dwar l-irregolaritajiet irrappurtati. Madankollu, Stat Membru għandu jirrapporta minnufih lill-Kummissjoni l-irregolaritajiet skoperti jew li suppost seħħew, filwaqt li jindika kwalunkwe Stat Membru ieħor ikkonċernat, f'każ li l-irregolaritajiet jista' jkollhom riperkussjonijiet barra mit-territorju tiegħu.

1.5. Sottomissjoni, użu u pproċessar tal-informazzjoni rrappurtata

Fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali jipprevedu l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet, tista' tiġi rrappurtata biss informazzjoni soġġetta għall-awtorizzazzjoni tat-tribunal, il-qorti jew korp ieħor kompetenti skont ir-regoli nazzjonali.

L-informazzjoni rrapportata skont dan l-Anness tista' tintuża għall-finijiet tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jitwettqu analiżijiet tar-riskju u jiġu żviluppati sistemi li jservu biex jidentifikaw ir-riskji b'mod aktar effettiv.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tintuża għal finijiet oħra għajr il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni sakemm l-awtoritajiet li jkunu pprovdewha ma jkunux taw il-kunsens espliċitu tagħhom.

Din l-informazzjoni għandha tkun koperta mis-segretezza professjonali u ma tistax tiġi żvelata lil persuni għajr dawk fl-Istati Membri jew fi ħdan l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi tal-Unjoni li d-dmirijiet tagħhom jeħtieġu li jkollhom aċċess għaliha.

**Taqsima 2**

**Mudell għar-rappurtar elettroniku**

**permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS)**

| | | |
|---|---|---|
| | Identifikazzjoni | Fond |
| | | Stat Membru |
| | | Awtorità ta' rappurtar |
| | | Sena |
| | | Numru tas-sekwenza |
| | | Perijodu ta' programmazzjoni |
| | | Numru ta' referenza – nazzjonali |
| | Informazzjoni ta' abbozzar | L-awtorità li tagħti bidu – isem sħiħ |
| | | Lingwa tat-talba |
| | | Data tal-abbozzar |
| | | Kwart |
| | Talba speċjali | Ħtieġa li pajjiżi oħra jiġu infurmati |
| | | Persuna misjuba f'każ(ijiet) ieħor/oħra |
| | Status | Proċedimenti |
| | Għeluq tal-każ | Data tal-għeluq tal-każ |

| | | |
|---|---|---|
| Data personali | Identifikazzjoni tal-persuni involuti | Persuna ġuridika/persuna fiżika |
| | | Status legali |
| | | Numru tal-ID nazzjonali |
| | | Isem il-kumpannija/Isem tal-familja |
| | | Isem kummerċjali/Isem |
| | | Isem il-ġenitur/Prefiss indipendenti |
| | | Triq |
| | | Kodiċi postali |
| | | Belt |
| | Unità territorjali fejn il-persuna hija rreġistrata | Stat Membru |
| | | Livell NUTS rilevanti |
| | | Immarkat abbażi tar-Regolament Finanzjarju1 (l-Artikoli 135 sa145) |
| | | Ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' żvelar ta' data personali |

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p.1).

| | | |
|---|---|---|
| | Deskrizzjoni tal-operazzjoni | Numru tas-CCI |
| | | Objettiv – CCI |
| | | Kategorija tar-reġjun fejn applikabbli |
| | | Għan (IJG//Interreg) |
| | | Programm |
| | | Data tal-għeluq tal-programm |
| | | Deċiżjoni tal-Kummissjoni - numru |
| | | Deċiżjoni tal-Kummissjoni - data |
| | | Objettiv ta' politika |
| | | Prijorità |
| | | Objettiv speċifiku |
| | Unità territorjali fejn isseħħ l-operazzjoni | Stat Membru |
| | | Livell NUTS rilevanti |
| | | Awtorità kompetenti |
| Operazzjoni - speċifika - proġett | Proġett | Proġett |
| | | Proġett – isem |
| | | Proġett – numru |
| | | Rata ta' kofinanzjament |
| | | Ammont totali tan-nefqa |
| | | Ammont totali tan-nefqa irregolari |

| | | |
|---|---|---|
| Irregolarità | Informazzjoni li twassal għal suspett ta' irregolarità | Data |
| | | Sors |
| | Dispożizzjonijiet miksura | Dispożizzjonijiet – Unjoni: Tip, titolu, referenza, Artikolu u paragrafu kif rilevanti |
| | | Dispożizzjonijiet - nazzjonali – Tip, titolu, referenza, Artikolu u paragrafu kif rilevanti |
| | Stati oħra involuti | Stat(i) Membru(i) |
| | | Stat(i) mhux Membru(i) |
| | Informazzjoni speċifika dwar l-irregolarità | Data tal-bidu tal-Irregolarità |
| | | Data tat-tmiem tal-irregolarità |
| | | Tip ta' irregolarità - tipoloġija |
| | | Tip ta' irregolarità - kategorija |
| | | Modus operandi |
| | | Informazzjoni addizzjonali |
| | | Sejbiet tal-amministrazzjoni |
| | | Klassifikazzjoni tal-irregolarità |
| | | Reati skont id-Direttiva (UE) 2017/1371 |

| | | |
|---|---|---|
| Individwazzjoni | | Data ta' skoperta (Sejba amministrattiva jew ġudizzjarja primarja) |
| | | Raġuni għat-twettiq ta' kontroll (għaliex) |
| | | Tip u/jew metodu ta' kontroll (kif) |
| | | Kontroll imwettaq wara l-ħlas(ijiet) tal-kontribuzzjoni pubblika |
| | | Awtorità kompetenti |
| | Każ OLAF | Numru tal-OLAF – Referenza |
| | | Numru tal-OLAF – Sena |
| | | Numru tal-OLAF – Sekwenza |
| | | Status |

| | | |
|---|---|---|
| Ammonti Totali | Impatt finanzjarju | Nefqa – Kontribuzzjoni tal-UE |
| | | Nefqa – Kontribuzzjoni nazzjonali |
| | | Nefqa – Kontribuzzjoni pubblika |
| | | Nefqa – Kontribuzzjoni tal-UE |
| | | Nefqa – Total |
| | | Ammont irregolari – Kontribuzzjoni tal-UE |
| | | Ammont irregolari – Kontribuzzjoni nazzjonali |
| | | Ammont irregolari – Kontribuzzjoni pubblika |
| | | li ma tħallsux – Kontribuzzjoni tal-UE |
| | | li ma tħallsux – Kontribuzzjoni nazzjonali- |
| | | li ma tħallsux - Kontribuzzjoni pubblika |
| | | li tħallsu – Kontribuzzjoni tal-UE |
| | | li tħallsu – Kontribuzzjoni nazzjonali |
| | | li tħallsu – Kontribuzzjoni pubblika |
| | | Kummenti |

| | | |
|---|---|---|
| Penali | Proċeduri | Proċeduri mibdija biex jiġu imposti penali |
| | | Tip ta' proċedura |
| | | Data tal-bidu tal-proċedura |
| | | Data tat-tmiem (mistennija) tal-proċedura |
| | | Status tal-proċedura |
| | Sanzjonijiet | Penali |
| | | Penali – Kategorija |
| | | Penali – Tip |
| | | Penali applikati |
| | | Ammonti relatati ma' penali finanzjarji |
| | | Data tat-tmiem tal-proċedura |
| Kummenti | Kummenti | Kummenti - Awtorità tar-rappurtar |
| | Hemżiet | Hemżiet |
| | | Deskrizzjoni tal-hemżiet |
| | Talba għal kanċellazzjoni | Raġunijiet għall-kanċellazzjoni |
| | | Raġunijiet għar-rifjut |

## ANNESS XIII

Elementi għar-rekord tal-awditjar – l-Artikolu 69(6)

Fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni bbażata fuq il-kostijiet unitarji, is-somom f'daqqa u r-rati fissi rimborżati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 94 u fuq il-finanzjament mhux marbut ma' kostijiet rimborati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 95, għandhom ikunu meħtieġa biss l-elementi stabbiliti fit-Taqsimiet III u IV.

I. Elementi obbligatorji tar-rekord tal-awditjar għall-għotjiet li jieħdu l-forom stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 53(1):

| |
|---|
| 1. dokumentazzjoni li tippermetti l-verifika tal-applikazzjoni tal-kriterji tal-għażla mill-awtorità ta' ġestjoni, kif ukoll dokumentazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla globali u l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet; |
| 2. dokumenti li (ftehim ta' għotja jew ekwivalenti) jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-appoġġ iffirmati bejn il-benefiċjarju u l-awtorità ta' ġestjoni/il-korp intermedjarju; |
| 3. rekords kontabilistiċi ta' talbiet għal pagamenti sottomessi mill-benefiċjarju, kif irreġistrati mill-awtorità ta' ġestjoni/il-korp intermedjarju tas-sistema elettronika; |
| 4. dokumentazzjoni dwar il-verifiki li jindirizzaw ir-rekwiżiti ta' nonrilokazzjoni u tad-durabbiltà kif stipulati fl-Artikolu 65, l-Artikolu 66(2) u l-punt (h) tal-Artikolu 73(2); |
| 5. prova ta' ħlas tal-kontribuzzjoni pubblika lill-benefiċjarju u tad-data li fiha sar il-pagament; |
| 6. dokumentazzjoni li tipprovdi evidenza tal-kontrolli amministrattivi u, fejn applikabbli, l-kontrolli fil-post imwettqa mill-awtorità ta' ġestjoni/il-korp intermedjarju; |

| |
|---|
| 7. informazzjoni dwar l-awditi mwettqa; |
| 8. dokumentazzjoni dwar is-segwitu mill-awtorità ta' ġestjoni/il-korp intermedjarju għal skopijiet ta' verifiki ta' ġestjoni u tal-konklużjonijiet tal-awditi; |
| 9. dokumentazzjoni li turi l-verifika ta' konformità mal-liġi applikabbli; |
| 10. data fir-rigward ta' indikaturi tal-output u tar-riżultati li tippermetti rikonċiljazzjoni ma' miri korrispondenti u stadji ewlenin irrappurtati; |
| 11. dokumentazzjoni relatata ma' korrezzjonijiet finanzjarji u tnaqqis fil-konfront tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni biex tiġi żgurata konformità mal-Artikolu 98(6) magħmula mill-awtorità ta' ġestjoni/il-korp intermedjarju/il-korp li lilu ġiet fdata l-funzjoni kontabilistika; |
| 12. għal għotjiet li jieħdu l-forma stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 53(1), il-fatturi (jew id-dokumenti ta' valur probattiv ekwivalenti) u evidenza tal-ħlas tagħhom mill-benefiċjarju, kif ukoll rekords ta' kontabbiltà tal-benefiċjarju fir-rigward tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni; |
| 13. għal għotjiet li jieħdu l-forom stipulati fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 53(1) u kif applikabbli, dokumenti li jiġġustifikaw il-metodu biex jiġu stabbiliti l-kostijiet unitarji, is-somom f'daqqa u r-rati fissi; il-kategoriji tal-kostijiet li jifformaw il-bażi tal-kalkolu; dokumenti li jagħtu prova tal-kostijiet iddikjarati taħt kategoriji oħra ta' kostijiet li tapplika għalihom ir-rata fissa; ftehim espliċitu mill-awtorità ta' ġestjoni, dwar l-abbozz tal-baġit, fuq id-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ; dokumentazzjoni dwar il-kostijiet tal-impjieg gross u fuq il-kalkolu tar-rata fis-siegħa; meta jintużaw l-opzjonijiet tal-kostijiet issimplifikati bbażati fuq metodi eżistenti, dokumentazzjoni li tikkonferma l-konformità ma' tipi simili ta' operazzjonijiet u bid-dokumentazzjoni meħtieġa skont il-metodu eżistenti, jekk ikun hemm. |

II. Elementi obbligatorji tar-rekord tal-awditjar għall-istrumenti finanzjarji:

1. dokumenti dwar l-istabbiliment tal-istrument finanzjarju, bħal ftehimiet ta' finanzjament, eċċ;

2. dokumenti li jidentifikaw l-ammonti kkontribwiti minn kull programm u taħt kull prijorità lill-istrument finanzjarju, in-nefqa li hija eliġibbli skont kull programm u l-imgħax u dħul ieħor iġġenerat permezz tal-appoġġ mill-Fondi u l-użu mill-ġdid tar-riżorsi li jkunu attribwiti lill-Fondi skont l-Artikoli 60 u 62;

3. dokumenti dwar il-funzjonament tal-istrument finanzjarju, inkluż dawk relatati ma' monitoraġġ, rappurtar u verifiki;

4. dokumenti li jikkonċernaw il-ħruġ tal-kontribuzzjonijiet tal-programm u l-istralċ tal-istrument finanzjarju;

5. dokumenti dwar l-ispejjeż u t-tariffi ta' ġestjoni;

6. formoli ta' applikazzjoni, jew ekwivalenti, preżentati minn riċevituri finali b'dokumenti ta' sostenn, inkluż pjanijiet ta' negozju u, fejn rilevanti, kontijiet annwali preċedenti;

7. lista ta' kontroll u rapporti min korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju;

8. dikjarazzjonijiet magħmula dwar l-għajnuna de minimis;

9. ftehimiet iffirmati b'rabta mal-appoġġ ipprovdut mill-istrument finanzjarju inkluż għal ekwità, self, garanziji jew forom oħra ta' investiment mogħti lir-riċevituri finali;

10. evidenza li l-appoġġ ipprovdut permezz tal-istrument finanzjarju ser jintuża għall-iskop maħsub tiegħu;

11. rekords tal-flussi finanzjarji bejn l-awtorità ta' ġestjoni u l-istrument finanzjarju, u fl-istrument finanzjarju fil-livelli kollha, sar-riċevituri finali, u għall-garanziji prova li s-self sottostanti kien żborżat;

12. rekords separati jew kodiċi ta' kontabbiltà għall-kontribuzzjoni tal-programm imħallsa jew garanzija impenjata mill-istrument finanzjarju għall-benefiċċju tar-riċevituri finali.

III. Elementi obbligatorji tar-rekord tal-awditjar għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 94 għandhom jinżammu fil-livell tal-awtorità ta' ġestjoni/korp intermedju:

1. dokumenti li jipprovdu evidenza tal-ftehim ex ante tal-Kummissjoni dwar it-tipi ta' operazzjonijiet koperti minn kostijiet unitarji, somom f'daqqa u rati fissi u d-definizzjoni ta' ammonti u rati relatati, kif ukoll il-metodi għall-aġġustament tal-ammonti (approvazzjoni jew emenda fil-programm);

2. dokumenti li jipprovdu evidenza tal-kategoriji ta' kostijiet u l-ammonti li jiffurmaw il-bażi għall-kalkolu li għalih tapplika r-rata fissa;

3. dokumenti li jipprovdu evidenza tal-issodisfar tal-kondizzjonijiet għar-rimborż mill-Kummissjoni;

4. dokumenti li jipprovdu evidenza tal-aġġustament tal-ammonti, fejn rilevanti;

5. dokumenti li jipprovdu evidenza tal-metodu ta' kalkolu jekk jiġi applikat punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 94(2),;

6. dokumentazzjoni relatata mal-għażla u l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet koperti mir-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mill-Kummissjoni abbażi ta' għażliet tal-kostijiet issimplifikati;

7. dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta’ appoġġ iffirmati mill-benefiċjarju u l-awtorità ta’ ġestjoni/il-korp intermedjarju li jiddikjara l-forma ta' appoġġ mogħtija lill-benefiċjarji;

8. dokumentazzjoni li tipprovdi evidenza tal-verifiki u l-awditi tal-ġestjoni mwettqa f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 94(3);

9. prova ta’ ħlas tal-kontribuzzjoni pubblika lill-benefiċjarju u d-data li fiha sar il-pagament.

IV. Elementi obbligatorji tar-rekord tal-awditjar għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 95 għandhom jinżammu fil-livell tal-awtorità ta' ġestjoni/korp intermedju:

1. dokumenti li jipprovdu evidenza tal-ftehim ex ante tal-Kummissjoni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati jew ir-riżultati li għandhom jinkisbu u l-ammonti korrispondenti (approvazzjoni jew emenda tal-programm);

2. dokumentazzjoni relatata mal-għażla u l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet koperti mir-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 95 (finanzjament mhux marbut ma' kostijiet);

3. dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' appoġġ iffirmati mill-benefiċjarju u l-awtorità ta' ġestjoni/il-korp intermedjarju li jiddikjara l-forma ta' appoġġ mogħtija lill-benefiċjarji;

4. dokumentazzjoni li turi l-verifiki u l-awditi tal-ġestjoni mwettqa f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 95(3);

5. prova ta' ħlas tal-kontribuzzjoni pubblika lill-benefiċjarju u tad-data li fiha sar il-pagament;

6. dokumenti li jipprovdu evidenza tal-issodisfar tal-kondizzjonijiet jew tal-kisba tar-riżultati f'kull stadju, jekk isiru fi stadji, u qabel ma n-nefqa finali tiġi ddikjarata lill-Kummissjoni.

# ANNESS XIV

## Sistemi ta' skambju elettroniku ta' data bejn l-awtoritajiet u l-benefiċjarji tal-programm - l-Artikolu 69(8)

1. Responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tal-programm dwar il-karatteristiċi tas-sistemi ta' skambju elettroniku tad-data

1.1. L-iżgurar tas-sigurtà tad-data, l-integrità tad-data, il-kunfidenzjalità tad-data, l-awtentikazzjoni ta' min qed jibgħat skont l-Artikoli 69(6), 69(8), punt (e) tal-Artikolu 72(1) u l-Artikolu 82.

1.2. L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-funzjonament waqt u barra l-ħinijiet standard tal-uffiċċju (ħlief waqt manutenzjoni teknika).

1.3. L-iżgurar li s-sistema jkollha l-għan li tagħmel użu minn funzjonijiet u interfaċċa loġiċi, sempliċi u intuwittivi.

1.4. L-użu ta' funzjonalitajiet fis-sistema li jipprevedu:

(a) formoli interattivi u/jew formoli mimlija minn qabel mis-sistema fuq il-bażi tad-data li hija maħżuna f'passi konsekuttivi tal-proċeduri;

(b) kalkoli awtomatiċi, fejn applikabbli;

(c) kontrolli integrati awtomatiċi li jnaqqsu skambji ripetuti ta' dokumenti jew informazzjoni;

(d) twissijiet iġġenerati mis-sistema biex jinfurmaw lill-benefiċjarju li ċerti azzjonijiet jistgħu jitwettqu;

(e) rintraċċar tal-istatus onlajn li jippermetti lill-benefiċjarju jimmonitorja l-istatus attwali tal-proġett;

(f) id-data u d-dokumenti disponibbli kollha preċedentement ipproċessati mis-sistema ta' skambju elettroniku ta' data.

1.5. L-iżgurar ta' żamma tar-rekords u l-ħażna tad-data fis-sistema li tippermetti kemm verifiki amministrattivi għal talbiet għal pagament imressqa mill-benefiċjarji skont l-Artikolu 74(2) kif ukoll awditi.

2. Responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tal-programm rigward il-modalitajiet għat-trażmissjoni ta' dokumenti u data għall-iskambji kollha

2.1. L-iżgurar li l-użu ta' firma elettronika jkun kompatibbli ma' waħda mit-tliet tipi ta' firem elettroniċi definiti fir-Reglament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

1 Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

2.2. Lok biex tinħażen id-data tat-trażmissjoni tad-dokumenti u d-data mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet tal-programm u viċi versa.

2.3. L-iżgurar tal-aċċessibbiltà diretta permezz ta' interfaċċa interattiva għall-utent (applikazzjoni web) jew permezz ta' interfaċċa teknika li tippermetti s-sinkronizzazzjoni awtomatika u t-trażmissjoni ta' data bejn il-benefiċjarji u sistemi tal-Istati Membri.

2.4. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-privatezza tad-data personali għall-individwi u l-kunfidenzjalità kummerċjali għall-entitajiet ġuridiċi skont id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u r-Regolament (UE) 2016/679.

1 Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

# ANNESS XV

SFC2021: sistema ta' skambju elettroniku ta' data
bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni - l-Artikolu 69(9)

1. Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni

1.1. L-iżgurar li sistema ta' skambju elettroniku tad-data ("SFC2021") topera għall-iskambji tal-informazzjoni uffiċjali kollha bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-SFC2021 għandu jkollha mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli stabbiliti f'konformità ma' dan ir-Regolament.

1.2. L-iżgurar li l-SFC2021 jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) forom interattivi jew formoli mimlija minn qabel mis-sistema abbażi tad-data diġà rreġistrata minn qabel fis-sistema;

(b) kalkoli awtomatiċi, fejn dawn inaqqsu l-isforz tal-utenti biex jikkodifikaw;

(c) kontrolli integrati awtomatiċi li jivverifikaw il-konsistenza interna tad-data trasmessa u l-konsistenza ta' din id-data mar-regoli applikabbli;

(d) twissijiet iġġenerati mis-sistema li jwissu lill-utenti tal-SFC2021 li ċerti azzjonijiet jistgħu jew ma jistgħux jitwettqu;

(e) monitoraġġ onlajn tal-istatus tat-trattament ta' informazzjoni mdaħħla fis-sistema;

(f) disponibbiltà ta' data storika rigward l-informazzjoni kollha mdaħħla għal programm;

(g) id-disponibbiltà ta' firma elettronika obbligatorja fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 li tiġi rikonoxxuta bħala evidenza fi proċedimenti legali.

1.3. L-iżgurar ta' politika ta' sigurtà għat-teknoloġija tal-informazzjoni għall-SFC2021 applikabbli għall-persunal li jużа s-sistema skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 1 u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħha.

1.4. In-nomina ta' persuna jew persuni responsabbli biex jiddefinixxu, jżommu u jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-politika ta' sigurtà għall-SFC2021.

2. Responsabbiltajiet tal-Istati Membri

2.1. Jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-programm tal-Istat Membru identifikat skont l-Artikolu 71(1) kif ukoll korpi identifikati biex iwettqu ċerti kompiti fir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni jew l-awtorità tal-awditjar skont l-Artikolu 71(2) u (3) jdaħħlu fl-SFC2021 l-informazzjoni għat-trażmissjoni li għaliha jkunu responsabbli, u kwalunkwe aġġornament tagħha.

1 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

2.2. Tiġi żgurata l-verifika tal-informazzjoni sottomessa minn persuna oħra li mhix il-persuna li daħħlet id-data għal din it-trażmissjoni.

2.3. Id-disponibbiltà ta' arranġamenti għas-separazzjoni tal-kompiti ta' hawn fuq permezz ta' sistemi ta' informazzjoni ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istat Membru li jkunu konnessi awtomatikament mal-SFC2021.

2.4. Il-ħatra ta' persuna jew persuni responsabbli għall-ġestjoni ta' drittijiet ta' aċċess biex twettaq / iwettqu l-kompiti li ġejjin:

(a) jidentifikaw lill-utenti li jitolbu aċċess, filwaqt li jiżguraw li dawk l-utenti huma impjegati mill-organizzazzjoni;

(b) jinfurmaw lill-utenti dwar l-obbligi tagħhom biex tinżamm is-sigurtà tas-sistema;

(c) jivverifikaw l-intitolament tal-utenti għal-livell ta' privileġġ meħtieġ fir-rigward tal-kompiti tagħhom u l-pożizzjoni ġerarkika tagħhom;

(d) jitolbu t-terminazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess meta dawn id-drittijiet ta' aċċess ma jkunux għadhom meħtieġa jew iġġustifikati;

(e) jirrappurtaw minnufih avvenimenti suspettużi li jistgħu jippreġudikaw is-sigurtà tas-sistema;

(f) jiżguraw il-preċiżjoni kontinwa tad-data tal-identifikazzjoni tal-utent billi jirrappurtaw kull tibdil;

(g) jieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji għall-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità kummerċjali skont ir-regoli nazzjonali u tal-Unjoni;

(h) jgħarrfu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li taffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-utenti tal-SFC2021 li jwettqu r-responsabbiltajiet imsemmija fil-punt 2 jew il-kapaċità personali tagħhom li jwettqu r-responsabbiltajiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (g).

2.5. Jiġu pprovduti arranġamenti għar-rispett tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali għall-individwi, u tal-kunfidenzjalità kummerċjali għall-entitajiet ġuridiċi skont id-Direttiva 2002/58/KE, ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725.

2.6. L-adozzjoni ta' politiki ta' informazzjoni nazzjonali, reġjonali jew ta' informazzjoni lokali dwar l-aċċess għall-SFC2021 fuq il-bażi ta' valutazzjoni ta' riskju applikabbli għall-awtoritajiet kollha li jagħmlu użu mill-SFC2021 u li jindirizzaw l-aspetti li ġejjin:

(a) l-aspetti ta' sigurtà tal-IT tal-ħidma mwettqa mill-persuna jew mill-persuni responsabbli għall-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 2.4 tat-Taqsima II f'każ ta' applikazzjoni ta' użu dirett;

(b) f'każ ta sistemi tal-kompjuter nazzjonali, reġjonali jew lokali konnessi mal-SFC2021, permezz ta' interfaċċa teknika msemmija fil-punt 2.3, il-miżuri ta' sigurtà għal dawk is-sistemi li jippermettu li jiġu allinjati mar-rekwiżiti ta' sigurtà tal-SFC2021 u li jkopru:

(i) is-sigurtà fiżika;

(ii) il-midja tad-data u l-kontroll tal-aċċess;

(iii) kontroll tal-ħażna;

(iv) il-kontroll tal-aċċess u tal-password;

(v) il-monitoraġġ;

(vi) l-interkonnessjoni mal-SFC2021;

(vii) l-infrastruttura tal-komunikazzjoni;

(viii) il-ġestjoni tar-riżorsi umani qabel l-impjieg, matul l-impjieg u wara l-impjieg;

(ix) il-ġestjoni tal-inċidenti.

2.7. It-tqegħid tad-dokument imsemmi fil-punt 2.6 disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba.

2.8. Il-ħatra ta' persuna jew ta' persuni responsabbli biex iżommu u jiżguraw l-applikazzjoni tal-politiki nazzjonali, reġjonali jew lokali ta' sigurtà tal-IT u jaġixxu bħala punt ta' kuntatt mal-persuna jew il-persuni maħtura mill-Kummissjoni u msemmija fil-punt 1.4.

3. Responsabbiltajiet konġunti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri

3.1. L-iżgurar tal-aċċessibbiltà jew b'mod dirett permezz ta' interfaċċa interattiva għall-utent (jiġifieri applikazzjoni web) jew permezz ta' interfaċċa teknika bl-użu ta' protokolli definiti minn qabel (jiġifieri servizzi tal-web) li tippermetti s-sinkronizzazzjoni u t-trażmissjoni awtomatiċi ta' data bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-Istati Membri u l-SFC2021.

3.2. L-istabbiliment tad-data ta' trażmissjoni elettronika tal-informazzjoni mill-Istat Membru lill-Kummissjoni u viċi versa fi skambju elettroniku ta' data li tkun ukoll id-data tas-sottomissjoni tad-dokument ikkonċernat.

3.3. L-iżgurar li d-data uffiċjali tkun skambjata esklussivament permezz tal-SFC2021, ħlief meta hemm force majeure,u li l-informazzjoni mogħtija fil-formoli elettroniċi integrati fl-SFC2021 (minn hawn' il quddiem "id-data strutturata") ma tiġix sostitwita b'data mhux strutturata, u, f'każ ta' inkonsistenzi, li d-data strutturata tipprevali fuq id-data mhux strutturata.

F'każ ta' force majeure, funzjonament ħażin tal-SFC2021 jew nuqqas ta' konnessjoni mal-SFC2021 għal aktar minn ġurnata waħda tax-xogħol fl-aħħar ġimgħa qabel skadenza regolatorja għas-sottomissjoni ta' informazzjoni jew fil-perijodu mit-18 sas-26 ta' Diċembru, jew ħamest ijiem tax-xogħol fi żminijiet oħra, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni jista' jsir f'forma stampata bl-użu tal-mudelli stipulati f'dan ir-Regolament u f'dak il-każ id-data ta' sottomissjoni tad-dokument tkun id-data stampata mill-posta. Meta dak li jikkawża l-force majeure jispiċċa, il-parti kkonċernata ddaħħal mingħajr dewmien fl-SFC2021 l-informazzjoni diġà pprovduta f'forma stampata.

3.4. L-iżgurar ta' konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet ta' sigurtà tal-IT ppubblikati fil-portal tal-SFC2021 u l-miżuri li huma implimentati fl-SFC2021 mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata t-trażmissjoni ta' data, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-interfaċċa teknika msemmija fil-punt 2.3.

3.5. L-implimentazzjoni u l-iżgurar tal-effikaċja tal-miżuri ta' sigurtà adottati għall-protezzjoni tad-data maħżuna u mibgħuta permezz tal-SFC2021.

3.6. L-aġġornament u r-rieżami ta' kull sena tal-politika tas-sigurtà tal-IT tal-SFC2021 kif ukoll tal-politiki ta' sigurtà tal-IT nazzjonali, reġjonali u lokali f'każ ta' bidliet teknoloġiċi, l-identifikazzjoni ta' theddid ġdid jew żviluppi oħra rilevanti.

# ANNESS XVI

Mudell għad-deskrizzjoni tas-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll - l-Artikolu 69(11)

1. ĠENERALI

1.1. Informazzjoni ppreżentata minn:

– Stat Membru:

– Titolu tal-programm(i) u n-numru/numri tas-CCI: (il-programmi kollha koperti mill-awtorità ta' ġestjoni, meta jkun hemm sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll komuni):

– Isem u indirizz elettroniku tal-punt ta' kuntatt ewlieni: (il-korp responsabbli għad-deskrizzjoni):

1.2. L-informazzjoni mogħtija tiddeskrivi s-sitwazzjoni fi: (jj/xx/ss).

1.3. Struttura tas-sistema (informazzjoni ġenerali u flowchart li turi r-relazzjoni organizzattiva bejn l-awtoritajiet/il-korpi involuti fis-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll).

1.3.1. L-awtorità ta’ ġestjoni (l-isem, l-indirizz u l-punt ta’ kuntatt fl-awtorità ta’ ġestjoni).

1.3.2. Il-korpi intermedji (l-isem, l-indirizz u l-punti ta’ kuntatt fil-korpi intermedji).

1.3.3. Il-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika (l-isem, l-indirizz u l-punti ta’ kuntatt tal-awtorità ta’ ġestjoni jew tal-awtorità tal-programm li twettaq il-funzjoni kontabilistika).

1.3.4. Indika kif il-prinċipju ta’ separazzjoni tal-funzjonijiet bejn u fl-awtoritajiet tal-programm qed jiġi rrispettat.

2. L-AWTORITÀ TA’ ĠESTJONI

2.1. L-awtorità ta' ġestjoni - deskrizzjoni tal-organizzazzjoni u l-proċeduri relatati mal-funzjonijiet u l-kompiti tagħha kif previst fl-Artikoli 72 sa 75.

2.1.1. L-istatus tal-awtorità ta' ġestjoni (korp pubbliku jew privat nazzjonali, reġjonali jew lokali) u l-korp li tagħmel parti minnu.

2.1.2. L-ispeċifikazzjoni tal-funzjonijiet u tal-kompiti mwettqa direttament mill-awtorità ta’ ġestjoni.

2.1.3. Fejn applikabbli, speċifikazzjoni għal kull korp intermedju ta’ kull funzjoni u l-kompiti ddelegati mill-awtorità ta’ ġestjoni, l-identifikazzjoni tal-korpi intermedjarji u l-forma ta’ delega. Jenħtieġ li ssir referenza għad-dokumenti rilevanti (ftehimiet bil-miktub).

2.1.4. Proċeduri għas-superviżjoni tal-funzjonijiet u tal-kompiti delegati mill-awtorità ta’ ġestjoni, jekk ikun il-każ.

2.1.5. Qafas biex jiġi żgurat li jitwettaq eżerċizzju xieraq ta’ ġestjoni tar-riskju meta jkun meħtieġ, u b’mod partikolari f'każ ta’ modifiki maġġuri fis-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll.

2.1.6. L-organigramma tal-awtorità ta’ ġestjoni u l-informazzjoni dwar ir-relazzjoni tagħha ma’ kwalunkwe korp ieħor jew diviżjoni oħra (interni jew esterni) li jwettqu l-funzjonijiet u l-kompiti kif previst fl-Artikoli 72 sa 75.

2.1.7. Indikazzjoni tar-riżorsi ppjanati li jiġu allokati fir-rigward tad-diversi funzjonijiet tal-awtorità ta’ ġestjoni (inkluża informazzjoni dwar kwalunkwe esternalizzazzjoni prevista u l-kamp ta’ applikazzjoni tagħha, fejn xieraq).

3. IL-KORP LI JWETTAQ IL-FUNZJONI KONTABILISTIKA

3.1. L-istatus u deskrizzjoni tal-organizzazzjoni u tal-proċeduri relatati mal-funzjonijiet tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika.

3.1.1. L-istatus tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika (korp pubbliku jew privat nazzjonali, reġjonali jew lokali) u l-korp li jagħmel parti minnu, meta rilevanti.

3.1.2. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet u tal-kompiti mwettqa mill-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika kif stabbiliti fl-Artikolu 76.

3.1.3. Deskrizzjoni ta’ kif jiġi organizzat ix-xogħol (flussi ta’ xogħol, proċessi, diviżjonijiet interni), liema proċeduri japplikaw u meta, u kif dawn huma sorveljati, eċċ.

3.1.4. Indikazzjoni tar-riżorsi ppjanati li jiġu allokati fir-rigward tal-funzjonijiet kontabilistiċi differenti.

4. SISTEMA ELETTRONIKA

4.1. Deskrizzjoni tas-sistema jew is-sistemi elettroniċi inkluż flowchart (sistema ta’ netwerk ċentrali jew komuni jew sistema deċentralizzata b’rabtiet bejn is-sistemi) għal:

4.1.1. Ir-reġistrazzjoni u l-ħżin, ta’ data f’forma kompjuterizzata dwar kull operazzjoni, inkluż meta jkun il-każ ta' data dwar parteċipanti individwali u tqassim tad-data dwar indikaturi meta jkun previst f’dan ir-Regolament;

4.1.2. L-iżgurar li r-rekords jew il-kodiċijiet kontabilistiċi għal kull operazzjoni jkunu rreġistrati u maħżuna, u li dawn ir-rekords jew il-kodiċijiet jappoġġaw id-data meħtieġa għat-tfassil ta’ applikazzjonijiet għal pagament u l-kontijiet;

4.1.3. Iż-żamma ta' rekords kontabilistiċi jew iż-żamma ta' kodiċijiet kontabilistiċi separati tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni u tal-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti mħallsa lill-benefiċjarji;

4.1.4. Ir-reġistrazzjoni tal-ammonti kollha miġbuda matul is-sena kontabilistika kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 98(3) u mnaqqsa mill-kontijiet kif stabbilit fl-Artikolu 98(6) u r-raġunijiet għal dan il-ġbid u t-tnaqqis;

4.1.5. Indikazzjoni dwar jekk is-sistemi humiex qed jaħdmu b’mod effettiv u jekk jistgħux jirreġistraw b’mod affidabbli d-data msemmija fid-data meta din id-deskrizzjoni hija miġbura kif stabbilit fil-punt 1.2;

4.1.6. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri li jiżguraw is-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tas-sistemi elettroniċi.

# ANNESS XVII

Data li għandha tiġi rreġistrata u maħżuna elettronikament dwar kull operazzjoni – il-punt (e) tal-Artikolu 72(1)

Dan l-Anness jistabbilixxi d-data li għandha tiġi rreġistrata mingħajr ma tiġi preskritta struttura speċifika għas-sistema elettronika (pereżempju l-informazzjoni inkluża f'linja għall-finijiet ta' dan l-Anness tista' titqassam f'diversi kampijiet tad-data fis-sistema elettronika kkonċernata).

Id-data indikata fl-ewwel kolonna tat-tabella hija meħtieġa għal operazzjonijiet appoġġati minn kwalunkwe wieħed mill-Fondi koperti minn dan ir-Regolament sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fit-tieni kolonna. Għandhom jimtlew biss il-kampijiet tad-data li huma rilevanti għall-operazzjoni inkwistjoni. Għal operazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji, l-informazzjoni fit-taqsimiet li jirreferu b'mod espliċitu għal strumenti finanzjarji għandha wkoll tiġi rreġistrata u maħżuna.

Meta operazzjoni tkun appoġġata minn aktar minn programm wieħed, prijorità waħda, Fond wieħed, jew tkun taqa' taħt aktar minn kategorija waħda ta' reġjun, l-informazzjoni msemmija fil-kampijiet 28-123 ta' dan l-Anness għandha tiġi rreġistrata b'mod li jippermetti li d-data tiġi rkuprata mqassma skont il-programm, il-prijorità, il-Fond u l-kategorija ta' reġjun.

Barra minn hekk, l-informazzjoni msemmija fil-kampijiet 46-152 ta' dan l-Anness (data relatata mar-rekwiżiti ta' rapportar skont l-Artikolu 42 l-Anness VII) għandha tiġi rreġistrata b'mod li jippermetti li d-data tiġi rkuprata mqassma skont l-objettiv speċifiku.

| Kampijiet tad-data | | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|---|
| | Data dwar il-benefiċjarju[1][2] | |
| 1. | L-isem u l-identifikatur uniku, fejn rilevanti, ta' kull benefiċjarju | |
| 2. | Informazzjoni dwar jekk il-benefiċjarju huwiex korp irregolat bil-liġi pubblika jew privata, jew entità li għandha jew li m'għandhiex personalità ġuridika, jew persuna fiżika. Jekk ikun persuna fiżika, id-data tat-twelid u n-numru tal-ID nazzjonali. Jekk ikun korp irregolat bil-liġi pubblika jew privata, jew entità li għandha jew li m'għandhiex personalità ġuridika, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew tat-taxxa | |
| 3. | Informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji kollha tal-benefiċjarju, jekk ikun hemm, kif definit fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva (UE) 2015/849, jiġifieri l-isem/ismijiet u l-kunjom(ijiet), id-data/dati tat-twelid u n-numru/numri tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew in-numru/numri ta' identifikazzjoni tat-taxxa<br>L-Istati Membri jistgħu jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit billi jużaw id-data maħżuna fir-reġistri kif imsemmi fl-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2015/849, dment li jiġi inkluż numru ta' identifikazzjoni uniku. | |

1 Fil-każ tal-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), il-benefiċjarji għandhom jinkludu l-benefiċjarju ewlieni u benefiċjarji oħra.

2 Il-benefiċjarju jinkludi, fejn applikabbli, korpi oħra li jġarrbu nefqa fil-qafas tal-operazzjoni li tiġi ttrattata bħala nefqa mġarrba mill-benefiċjarju.

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 4. Informazzjoni dwar jekk il-benefiċjarju huwiex il-korp li jkun qed jirċievi l-għajnuna (fil-kuntest ta' għajnuna mill-Istat) jew li jkun qed jagħti l-għajnuna (fil-kuntest ta' għajnuna *de minimis*) | |
| 5. Fil-każ ta' operazzjonijiet PPP biss, informazzjoni dwar jekk il-benefiċjarju huwiex il-korp pubbliku li jagħti bidu għall-PPP jew is-sieħeb privat magħżul għall-implimentazzjoni tagħha | |
| 6. Fil-każ ta' fondi għal proġetti żgħar (Interreg) biss, informazzjoni dwar jekk il-benefiċjarju ta' fond għal proġetti żgħar huwiex entità ġuridika transkonfinali, Raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali jew korp li għandu personalità ġuridika | Mhux applikabbli għall-FEŻR skont l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u għat-tkabbir, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, il-FEMSA, , l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI |
| 7. Dettalji ta ' kuntatt tal-benefiċjarju | |
| Data dwar il-benefiċjarju fil-kuntest ta' strumenti finanzjarji | |
| 8. Informazzjoni dwar jekk il-benefiċjarju huwiex:<br>(a) il-korp li jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni jew,<br>(b) fejn ma jkunx hemm l-istruttura ta' fond ta' parteċipazzjoni, il-korp li jimplimenta fond speċifiku, jew<br>(c) fejn l-awtorità ta' ġestjoni timplimenta strument finanzjarju direttament, informazzjoni dwar l-awtorità ta' ġestjoni | |
| Data dwar l-operazzjoni | |
| 9. L-isem u l-identifikatur uniku tal-operazzjoni | |
| 10. Deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni. Informazzjoni dwar x'qed jiġi ffinanzjat u l-objettivi ewlenin | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 11. Informazzjoni dwar jekk l-operazzjoni taqax taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 94 jew 95 | |
| 12. Informazzjoni dwar jekk l-operazzjoni hijiex operazzjoni ta' importanza strateġika | |
| 13. Informazzjoni dwar jekk l-operazzjoni hijiex skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament BMVI, l-Artikolu 11(1) tar-Regolament ISF, u l-Artikolu 12(1) tar-Regolament AMIF, jew azzjoni speċifika, jew azzjoni elenkata fl-Anness IV għal dawk ir-Regolamenti, jew appoġġ operazzjonali jew assistenza ta' emerġenza | Mhux applikabbli għall-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF jew il-FEMSA |
| 14. Id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-operazzjoni | |
| 15. Id-data tal-bidu kif indikata fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ | |
| 16. Id-data tat-tmiem kif indikata fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ | |
| 17. Id-data proprja meta l-operazzjoni titlesta fiżikament jew tiġi implimentata bis-sħiħ | |
| 18. Il-korp li joħroġ id-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ | |
| 19. Id-data tad-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ u d-data tal-emendi tiegħu, jekk ikun hemm | |
| 20. Informazzjoni dwar jekk l-appoġġ pubbliku għall-operazzjoni hux ser jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 21. Informazzjoni dwar jekk l-appoġġ pubbliku għall-operazzjoni hux ser jikkostitwixxi għajnuna *de minimis* | |
| 22. Informazzjoni dwar jekk l-operazzjoni hix operazzjoni PPP | |
| 23. Informazzjoni dwar jekk il-benefiċjarju jew entitajiet oħra li jimplimentaw l-operazzjoni f'konformità mar-regoli tal-akkwist tal-Unjoni jużawx kuntratturi u, jekk ikun il-każ, ladarba jiġu ffirmati l-kuntratti korrispondenti, informazzjoni dwar:<br>(a) il-kuntratturi kollha, inkluż l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew ta' identifikazzjoni tat-taxxa tal-kuntrattur(i),<br>(b) u s-sidien benefiċjarji kollha tal-kuntrattur, kif definit fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva (UE) 2015/849, jiġifieri l-isem/ismijiet u l-kunjom(ijiet), id-data/dati tat-twelid u n-numru/numri tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew in-numru/numri ta' identifikazzjoni tat-taxxa ta' dawn is-sidien benefiċjarji u<br>(c) il-kuntratti (id-data tal-kuntratt, l-isem, ir-referenza u l-ammont tal-kuntratt) | |
| L-Istati Membri jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżit skont il-punt (b) billi jużaw id-data maħżuna fir-reġistri kif imsemmi fl-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2015/849, dment li jiġi inkluż numru ta' identifikazzjoni uniku.<br>L-informazzjoni f'dan il-kamp hija meħtieġa biss fejn ikunu kkonċernati proċeduri ta' akkwist pubbliku ogħla mil-livelli limiti tal-Unjoni. | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 24. Informazzjoni[1] dwar jekk il-kuntrattur, kif imsemmi fil-kamp 23, jużax sottokuntratturi u, jekk ikun il-każ, ladarba jiġu ffirmati s-sottokuntratti korrispondenti, informazzjoni dwar is-sottokuntratturi kollha elenkati fid-dokumenti tal-akkwist (tal-kuntrattur), jiġifieri l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew ta' identifikazzjoni tat-taxxa u informazzjoni dwar is-sottokuntratti (id-data tal-kuntratt, l-isem, ir-referenza u l-ammont tal-kuntratt)<br>Ir-rekwiżit li l-informazzjoni tiġi rreġistrata f'dan il-kamp għandu japplika minn sena waħda wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | |
| 25. Informazzjoni dwar jekk għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni, il-benefiċjarju jkomplix jestendi l-għotja lil entitajiet oħra. Jekk ikun il-każ, informazzjoni dwar isimhom, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħhom u informazzjoni dwar il-ftehimiet bejnhom u bejn il-benefiċjarju (id-data tal-ftehim, ir-referenza u l-ammont tal-ftehim) | |
| 26. F'każijiet biss meta l-kost totali tal-operazzjoni (li tinkludi l-VAT) jaqbeż EUR 5 miljun, informazzjoni dwar jekk il-VAT fuq in-nefqa mġarrba mill-benefiċjarju ma tkunx rekuperabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT (il-punt (c) tal-Artikolu 64(1)), | |

[1] L-informazzjoni f'dan il-kamp hija meħtieġa biss fl-ewwel livell ta' sottokuntrattar, f'każijiet fejn l-informazzjoni dwar kuntrattur tiġi rreġistrata fil-kamp 23 biss, u f'każijiet fejn is-sottokuntratti jkollhom valur totali ta' aktar minn EUR 50 000 biss.

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 27. Il-munita tal-operazzjoni (kif stabbilit fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjoni għall-appoġġ) | |
| 28. Is-CCI tal-programm(i) li skontu/skonthom tiġi appoġġata l-operazzjoni | |
| 29. Il-prijorità jew il-prijoritajiet tal-programm(i) li skontu/skonthom tiġi appoġġata l-operazzjoni | |
| 30. Il-Fond(i) li minnu/minnhom tiġi appoġġata l-operazzjoni. Jekk ikun hemm diversi fondi jew strumenti oħra tal-Unjoni li minnhom tiġi appoġġata l-operazzjoni, informazzjoni dwar il-qsim, dwar l-ammonti pro-rata, eċċ. | |
| 31. Informazzjoni dwar jekk l-operazzjoni ssirx bil-parteċipazzjoni ta' pajjiż terz, jew isseħħx f'pajjiż terz. Jekk ikun il-każ, l-identifikazzjoni ta' dak il-pajjiż terz | Mhux applikabbli għall-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni jew il-JTF |
| 32. Fil-każ ta' appoġġ mill-FSE+ ipprovdut skont l-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (m) talArtikolu 4(1)biss, il-kwantità ta' ikel:<br>(a) mixtri mill-benefiċjarju;<br>(b) miksub f'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament dwar il-FSE+;<br>(c) imwassal lill-korpi li jqassmu l-ikel lir-riċevituri finali; u<br>(d) imqassam lir-riċevituri finali | Mhux applikabbli għall-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, il-FEMSA, l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 33. Fil-każ ta' appoġġ mill-FSE+ ipprovdut skont l-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (m) tal-Artikolu 4(1)biss, il-kwantità ta' assistenza materjali bażika:<br>(a) mixtri mill-benefiċjarju;<br>(b) imwassla lill-korpi li jqassmu l-assistenza lir-riċevituri finali; u<br>(c) imqassma lir-riċevituri finali | Mhux applikabbli għall-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, il-FEMSA, l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI |
| 34. Fil-każ ta' appoġġ mill-FSE+ ipprovdut skont l-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (m) talArtikolu 4(1) biss, l-għadd ta' vawċers jew kards (jew strumenti oħra ta' twassil indirett) maħruġa, u mwassla lir-riċevituri finali, u użati mir-riċevituri finali, kif ukoll informazzjoni dwar l-ammont totali ta' nefqa kkreditata f'vawċers jew kards (jew strumenti oħra ta' twassil indirett) imwassla lir-riċevituri finali, u użati mir-riċevituri finali | Mhux applikabbli għall-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, l-FEMSA, l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI |
| 35. Il-kategorija(i) ta' reġjun ikkonċernata/ikkonċernati mill-operazzjoni | Mhux applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni, il-FEMSA, l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| Data speċifika għal operazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji | |
| 36. Informazzjoni dwar jekk l-istrument finanzjarju huwiex ikkombinat ma' appoġġ tal-programm fil-forma ta' għotjiet skont it-tifsira tal-Artikolu 58(5) | |
| 37. Informazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tal-istrument finanzjarju hijiex implimentata direttament mill-awtorità ta' ġestjoni, jew hijiex implimentata taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 59(1) u (2) | |
| 38. Informazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tal-istrument finanzjarju hijiex implimentata matul perijodi konsekuttivi, u jekk ikun il-każ, l-identifikazzjoni tal-perijodi kkonċernati hawn taħt:<br>(a) 2014-2020 u 2021-2027<br>(b) 2021-2027 u wara l-2027 | |
| 39. Fejn l-istrument finanzjarju jiġi organizzat permezz ta' fond ta' parteċipazzjoni, informazzjoni dwar il-korp li jkun qed jimplimenta fond speċifiku fil-qafas tal-fond ta' parteċipazzjoni | |
| 40. Il-proċedura biex jintgħażel il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju | |
| 41. L-istatus legali tal-istrument finanzjarju, jew:<br>(a) investiment ta’ riżorsi tal-programm fil-kapital ta’ entità legali; jew<br>(b) blokki separati ta' kontijiet finanzjarji jew fiduċjarji | |
| 42. Id-dettalji ta' kuntatt tal-benefiċjarju, u, fejn l-istrument finanzjarju jkun stabbilit b'fond ta' parteċipazzjoni, id-dettalji ta' kuntatt tal-korp li jkun qed jimplimenta fond speċifiku fil-qafas tal-fond ta' parteċipazzjoni | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 43. Id-data tal-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn l-awtorità ta' ġestjoni u l-korp li jkun qed jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni, jew fond speċifiku mingħajr fond ta' parteċipazzjoni | |
| 44. Id-data tal-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-korp li jkun qed jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni u l-korp li jkun qed jimplimenta fond speċifiku | |
| 45. Id-data tat-tlestija tal-valutazzjoni ex-ante msemmija fl-Artikolu 58(3) | |
| Data dwar it-tipi ta' intervent | |
| 46. Il-kodiċijiet għad-dimensjoni tal-qasam tal-intervent, għad-dimensjoni tal-forma ta' appoġġ, għad-dimensjoni tal-mekkaniżmu eżekuttiv territorjali u l-enfasi territorjali, għad-dimensjoni tal-attività ekonomika, għad-dimensjoni marbuta mal-post, għall-monitoraġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-istrateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar, fejn applikabbli, skont l-Anness I għal dan ir-Regolament u l-Anness VII tar-Regolament dwar il-FEŻR u l-FK, kif ukoll l-Anness VI għar-Regolamenti AMIF, ISF u BMVI | Mhux applikabbli għall-FEMSA |
| 47. Il-kodiċi(jiet) għad-dimensjoni tat-tema sekondarja tal-FSE+, skont l-Anness I għal dan ir-Regolament | Mhux applikabbli għall-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, il-FEMSA, l-AMIF, l-ISF, jew il-BMVI |
| 48. Il-kodiċijiet għad-dimensjonijiet tat-tip ta' azzjoni, implimentazzjoni u temi partikolari, skont l-Anness VI għar-Regolamenti AMIF, ISF u BMVI | Mhux applikabbli għall-FEŻR, l-FSE+, Fond ta' Koeżjoni, il-JTF jew il-FEMSA |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| Data dwar l-indikaturi għall-operazzjonijiet kollha (inkluż operazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji) | |
| 49. L-identifikatur uniku u l-isem tal-indikatur għal kull wieħed mill-indikaturi tal-output komuni u/jew speċifiċi għall-programm rilevanti għall-operazzjoni | |
| 50. Għal kull indikatur tal-output:<br>(a) l-unità tal-kejl,<br>(b) il-valur fil-mira għall-operazzjoni, fejn applikabbli, imqassam skont il-ġeneru, fejn applikabbli,<br>(c) il-valuri kumulattivi miksuba sal-lum, fejn applikabbli, imqassma skont il-ġeneru, fejn applikabbli,<br>(d) il-proporzjon tal-kisba (il-valur miksub/il-valur fil-mira), fejn applikabbli | Mhux applikabbli għall-FEMSA |
| 51. Il-valur tal-objettiv intermedjarju għal kull indikatur tal-output, fejn applikabbli, u mqassam skont il-ġeneru, fejn applikabbli | Mhux applikabbli għall-appoġġ mill-FSE+ ipprovdut skont l-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (m) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-FSE+, jew għall-FEMSA, l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI |
| 52. L-identifikatur uniku u l-isem tal-indikatur għal kull wieħed mill-indikaturi tar-riżultati komuni u/jew speċifiċi għall-programm rilevanti għall-operazzjoni | |
| 53. It-tqassim tal-indikatur, fejn ikun speċifikament meħtieġ fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi | Mhux applikabbli għall-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF jew il-FEMSA |
| 54. L-unità tal-kejl għal kull indikatur tar-riżultati, fejn rilevanti | Mhux applikabbli għall-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF jew il-FEMSA |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 55. Il-valur ta' bażi u dak fil-mira għal kull indikatur tar-riżultati għall-operazzjoni, fejn applikabbli, u mqassma skont il-ġeneru, fejn applikabbli, kif ukoll il-valuri miksuba sal-lum u l-proporzjon tal-kisba tal-indikatur tar-riżultati (il-valur miksub/valur fil-mira) | Mhux applikabbli għall-FEMSA<br>Il-valur ta' bażi mhuwiex applikabbli għall-FSE+, l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI |
| Data finanzjarja speċifika għall-operazzjonijiet (fil-munita applikabbli għall-operazzjoni) | |
| 56. L-ammont tal-kost totali eliġibbli tal-operazzjoni approvat fl-aktar verżjoni reċenti tad-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ | |
| 57. L-ammont tal-kostijiet totali eliġibbli li fir-rigward tagħhom tiġi pprovduta kontribuzzjoni pubblika | |
| 58. L-ammont ta' appoġġ mill-Fondi mħallas jew li għandu jitħallas | |
| 59. L-ammont tal-kontribuzzjoni tal-programm, impenjat għal strument finanzjarju u approvat f'dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ (il-ftehim ta' finanzjament), li minnu:<br>(a) l-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika;<br>(b) l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Fondi, imqassma skont il-Fond | |
| 60. L-ammont ta' riżorsi pubbliċi u privati mobilizzati minbarra l-Fondi, skont il-prodott: self; garanziji; ekwità jew kważi ekwità; għotjiet fi ħdan operazzjoni ta' strument finanzjarju | |
| 61. L-imgħax u qligħ ieħor iġġenerat permezz tal-appoġġ mill-Fondi għall-istrumenti finanzjarji | |
| 62. L-ammont ta' mgħax u qligħ ieħor attribwibbli għall-Fondi użati sa tmiem il-perijodu ta' eliġibbiltà użati għal investimenti kapitali, kif ukoll pagamenti ta' tariffi ta' ġestjoni u rimborżi ta' kostijiet ta' ġestjoni | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 63. L-ammont ta' mgħax u qligħ ieħor attribwibbli għall-Fondi li ma ntużax sa tmiem il-perijodu ta' eliġibbiltà | |
| 64. L-appoġġ mill-Fondi użat għal trattament differenzjali tal-investituri li joperaw skont il-prinċipju tal-ekonomija tas-suq permezz ta' kondiviżjoni xierqa tar-riskji u l-profitti | |
| 65. Ir-riżorsi rritornati attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi, fosthom ripagamenti kapitali, jew dħul, jew qligħ u rendimenti oħra | |
| 66. Informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' riżorsi rritornati attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi fil-perijodu ta' eliġibbiltà, li tipprovdi rekords separati għall-ammonti:<br>(a) użati mill-ġdid fl-istess strument finanzjarju jew f'oħrajn għal investimenti ulterjuri f'riċevituri finali,<br>(b) biex jiġi kopert it-telf fl-ammont nominali tal-kontribuzzjoni tal-Fondi għall-istrument finanzjarju li jirriżulta minn imgħax negattiv, u/jew<br>(c) għal kwalunkwe kost u tariffa ta' ġestjoni assoċjata ma' tali investimenti ulterjuri | |
| 67. L-użu mill-ġdid ta' riżorsi rritornati attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi f'perijodu ta' 8 snin wara t-tmiem tal-perijodu ta' eliġibbiltà | |
| 68. Il-valur totali ta' self, investimenti ta' ekwità jew kważi-ekwità f'riċevituri finali garantiti b'riżorsi tal-programm u li fil-fatt ġew żborżati lir-riċevituri finali | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 69. Informazzjoni dwar:<br>(a) ir-riċevitur finali tal-appoġġ mill-Fondi, l-isem/ismijiet u n-numru tal-ID,<br>(b) is-sidien benefiċjarji tar-riċevitur finali, jekk ikun hemm, kif definit fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva (UE) 2015/849, jiġifieri l-isem/ismijiet u l-kunjom(ijiet), id-data/dati tat-twelid u n-numru/numri tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew in-numru/numri ta' identifikazzjoni tat-taxxa,<br>(c) l-ammont ta' appoġġ riċevut (għotja, self, self garantit, ekwità)<br>L-Istati Membri jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżit skont il-punt (b) billi jużaw id-data maħżuna fir-reġistri kif imsemmi fl-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2015/849, dment li jiġi inkluż numru ta' identifikazzjoni uniku fihom. | |
| Data dwar talbiet għal pagament mill-benefiċjarju | |
| 70. Id-data tal-wasla ta' kull talba għal pagament mill-benefiċjarju | |
| 71. Id-data tal-aħħar pagament lill-benefiċjarju (għall-finijiet tad-data tal-bidu għall-perijodu ta' żamma tad-dokument) | |
| 72. L-ammont ta' nefqa eliġibbli f'kull talba għal pagament kif imħallsa lill-benefiċjarju, kif ukoll id-data tal-pagament lill-benefiċjarju | |
| 73. L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mdaħħla fis-sistema/sistemi kontabilistika/kontabilistiċi li tkun ġiet inkluża fl-applikazzjoni finali għal pagament għas-sena kontabilistika u l-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti li saret jew li għandha ssir | |
| 74. Fil-każ ta' operazzjonijiet li jkollhom nefqa relatata ma' operazzjonijiet li jkopru aktar minn kategorija waħda ta' reġjun biss, l-allokazzjoni pro rata tan-nefqa għall-kategoriji ta' reġjun | Mhux applikabbli għall-FSE+, il-FEMSA, l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 75. Fil-każ ta' operazzjonijiet li jkollhom nefqa relatata ma' operazzjonijiet li jirċievu appoġġ minn Fond wieħed jew aktar, jew minn programm wieħed jew aktar u minn strumenti oħra tal-Unjoni, allokazzjoni pro rata tan-nefqa lil kull Fond u għall-programm jew il-programmi | |
| 76. Id-dati u deskrizzjoni qasira tar-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni tal-operazzjoni | |
| 77. Id-dati u deskrizzjoni qasira tar-riżultati tal-awditi fuq il-post tal-operazzjoni | |
| 78. Il-korp li jwettaq xogħol ta' awditjar jew verifiki | |
| Data dwar in-nefqa fit-talba għal pagament minn benefiċjarju – fil-każ ta' nefqa bbażata fuq kostijiet reali biss | |
| 79. In-nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita abbażi tal-kostijiet li fil-fatt ġew imġarrba u mħallsa, flimkien mal-kontribuzzjonijiet in natura u d-deprezzament, fejn applikabbli | |
| 80. Il-kontribuzzjoni pubblika li tikkorrispondi għan-nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita abbażi tal-kostijiet li fil-fatt ġew imġarrba u mħallsa, flimkien mal-kontribuzzjonijiet in natura u d-deprezzament, fejn applikabbli | |
| 81. It-tip ta' kuntratt u l-ammont tal-kuntratt jekk l-għoti tal-kuntratt ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/23/UE[1], 2014/24/UE[2] jew 2014/25/UE[3] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | |

[1] Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1.).

[2] Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

[3] Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 82. In-nefqa eliġibbli mġarrba u mħallsa abbażi ta' kuntratt jekk l-għoti tal-kuntratt ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/23/UE,2014/24/UE jew 2014/25/UE | |
| 83. Il-proċedura ta' akkwist użata jekk l-għoti tal-kuntratt ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE | |
| 84. L-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew ta' identifikazzjoni tat-taxxa tal-kuntrattur(i) u s-sottokuntrattur(i) jekk l-għoti tal-kuntratt ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE jew għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku[1] | |
| 85. Il-proċedura ta' akkwist użata, l-ammont tal-kuntratt u n-nefqa eliġibbli mġarrba u mħallsa abbażi ta' kuntratt jekk l-għoti tal-kuntratt ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] | Mhux applikabbli għall-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF jew il-FEMSA |
| Data dwar in-nefqa f'kull talba għal pagament minn benefiċjarju – fil-każ ta' nefqa bbażata fuq kostijiet unitarji biss | |
| 86. L-ammont ta' nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni abbażi ta' kostijiet unitarji | |

[1] L-informazzjoni f'dan il-kamp hija meħtieġa biss f'każijiet fejn l-informazzjoni tiġi rreġistrata fil-kampijiet 23 jew 24.

[2] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 87. Il-kontribuzzjoni pubblika li tikkorrispondi għan-nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita abbażi ta' kostijiet unitarji | |
| 88. Id-definizzjoni ta' unità li għandha tintuża għal kull kost unitarju | |
| 89. In-numru ta' unitajiet imwassla kif indikat fit-talba għal pagament għal kull entrata unitarja għal kull kost unitarju | |
| 90. Il-kost unitarju għal unità waħda | |
| Data dwar in-nefqa f'kull talba għal pagament minn benefiċjarju – fil-każ ta' nefqa bbażata fuq somom f'daqqa biss | |
| 91. L-ammont ta' nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni abbażi ta' somom f'daqqa | |
| 92. Il-kontribuzzjoni pubblika li tikkorrispondi għan-nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita abbażi ta' somom f'daqqa | |
| 93. Għal kull somma f'daqqa, ir-riżultati tanġibbli (l-outputs jew ir-riżultati) f'konformità mad-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ bħala l-bażi għall-iżborż ta' pagamenti ta' somom f'daqqa | |
| 94. Għal kull somma f'daqqa, l-ammont korrispondenti f'konformità mad-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ | |
| Data dwar in-nefqa fit-talba għal pagament minn benefiċjarju – fil-każ ta' nefqa bbażata fuq rati fissi biss | |
| 95. L-ammont ta' nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni, kif ukoll ir-rata fissa fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ | |
| 96. Il-kontribuzzjoni pubblika li tikkorrispondi għan-nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita abbażi ta' rati fissi | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| Data dwar in-nefqa tal-istrumenti finanzjarji f'talbiet għal pagament minn benefiċjarji | |
| 97. L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-programm li tħallset lir-riċevituri finali fil-każ ta' self, ekwità u kważi ekwità, skont il-prodott:<br>(a) li minnu l-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Fondi, imqassma skont il-Fond<br>(b) li minnu l-ammont totali ta' kofinanzjament pubbliku nazzjonali<br>(c) li minnu l-ammont totali tal-kofinanzjament privat nazzjonali | |
| 98. L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm imwarrba għal kuntratti ta' garanzija, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 68(1):<br>(a) li minnu l-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Fondi, imqassma skont il-Fond<br>(b) li minnu l-ammont totali ta' kofinanzjament pubbliku nazzjonali | |
| 99. L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-programm li tikkorrispondi għal pagamenti lil riċevituri finali, jew għall-benefiċċju tagħhom, fejn l-istrumenti finanzjarji jkunu kkombinati ma' kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni f'operazzjoni waħda ta' strument finanzjarju:<br>(a) li minnu l-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Fondi, imqassma skont il-Fond<br>(b) li minnu l-ammont totali ta' kofinanzjament pubbliku nazzjonali<br>(c) li minnu l-ammont totali tal-kofinanzjament privat nazzjonali | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 100. Informazzjoni dwar l-ammont tal-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni fejn il-korpi li jkunu qed jimplimentaw fond ta' parteċipazzjoni u/jew fondi speċifiċi jintgħażlu permezz ta' għotja diretta, filwaqt li ssir distinzjoni bejn:<br>(a) fir-rigward ta' fond ta' parteċipazzjoni: skont il-prodott finanzjarju li jopera fl-istruttura tal-fond ta' parteċipazzjoni<br>(b) fir-rigward ta' fondi speċifiċi (stabbiliti jew bl-istruttura ta' fond ta' parteċipazzjoni jew mingħajrha): skont il-prodott finanzjarju | |
| 101. L-ammont tal-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni fejn il-korpi li jkunu qed jimplimentaw fond ta' parteċipazzjoni u/jew fondi speċifiċi jintgħażlu permezz ta' proċedura kompetittiva ta' offerti | |
| Data dwar tnaqqis mill-kontijiet | |
| 102. Id-data u r-raġuni għal kull tnaqqis magħmul f'konformità mal-Artikolu 98(6), kif ukoll informazzjoni dwar it-tip ta' tnaqqis | |
| 103. L-ammonti tan-nefqa totali eliġibbli affettwata minn kull tnaqqis (li minnhom, ammont ikkoreġut bħala riżultat tal-awditu) | |
| 104. L-ammonti tal-kontribuzzjoni pubblika affettwata minn kull tnaqqis (li minnhom, ammont ikkoreġut bħala riżultat tal-awditu) | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| Data dwar l-applikazzjonijiet għal pagament lill-Kummissjoni (f'EUR) | |
| 105. Id-data tal-preżentazzjoni ta' kull applikazzjoni għal pagament li tinkludi n-nefqa eliġibbli mill-operazzjoni | |
| 106. L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarju u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjoni inkluża f'kull applikazzjoni għal pagament | |
| 107. L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika tal-operazzjoni inkluża f'kull applikazzjoni għal pagament | |
| 108. F'każijiet ta' għajnuna mill-Istat fejn jitħallsu pagamenti bil-quddiem f'konformità mal-Artikolu 91(5) biss, l-ammont imħallas lill-benefiċjarju fil-qafas tal-operazzjoni bħala pagament bil-quddiem u inkluż f'applikazzjoni għal pagament (id-data u l-ammont) | |
| 109. F'każijiet ta' għajnuna mill-Istat fejn jitħallsu pagamenti bil-quddiem f'konformità mal-Artikolu 91(5) biss, l-ammont tal-pagament bil-quddiem inkluż f'applikazzjoni għal pagament li jkun ġie kopert bin-nefqa li tkun tħallset mill-benefiċjarju fi żmien tliet snin mill-ħlas tal-pagament bil-quddiem | |
| 110. F'każijiet ta' għajnuna mill-Istat fejn jitħallsu pagamenti bil-quddiem f'konformità mal-Artikolu 91(5) biss, l-ammont imħallas lill-benefiċjarju fil-qafas tal-operazzjoni bħala pagament bil-quddiem inkluż f'applikazzjoni għal pagament li ma jkunx ġie kopert bin-nefqa li tkun tħallset mill-benefiċjarju u li fir-rigward tiegħu l-perijodu ta' tliet snin jkun għadu ma skadiex | |
| 111. Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna skont l-Artikolu 107 TFUE biss, l-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika mħallsa lill-benefiċjarju fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, skont l-Artikolu 91(6) ta' dan ir-Regolament | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| Data dwar in-nefqa f'kull applikazzjoni għal pagament mill-Istat Membru – fil-każ ta' nefqa li fir-rigward tagħha biss tingħata l-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 94 | |
| 112. Għal kull tip ta' nefqa f'applikazzjoni għal pagament, id-data li fiha tkun tħallset u t-tip ta' rimborż mill-Istat Membru lill-benefiċjarju | |
| 113. Id-data u deskrizzjoni qasira tal-awditi u l-verifiki ta' ġestjoni mwettqa mill-Istat Membru bl-għan li jivverifika li l-kondizzjonijiet għar-rimborż mill-Kummissjoni jkunu ġew issodisfati | |
| 114. Fil-każ ta' rimborż tan-nefqa eliġibbli skont l-Artikolu 94 biss, l-ammont tan-nefqa eliġibbli f'konformità mad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 94(2) jew l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 94(4), inkluż f'kull applikazzjoni għal pagament | |
| Data dwar in-nefqa f'kull applikazzjoni għal pagament mill-Istat Membru - fil-każ ta' nefqa li fir-rigward tagħha biss tingħata l-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 95 | |
| 115. Informazzjoni dwar it-tip ta' rimborż mill-Istat Membru lill-benefiċjarju u x'tip ta' appoġġ huwa jieħu, kif ukoll id-data tar-rimborż | |
| 116. Id-data u deskrizzjoni qasira tal-awditi u l-verifiki ta' ġestjoni mwettqa mill-Istat Membru bl-għan li jivverifika b'mod esklużiv li l-kondizzjonijiet għar-rimborż mill-Kummissjoni jkunu ġew issodisfati | |
| 117. Fil-każ ta' rimborż tan-nefqa eliġibbli skont l-Artikolu 95 biss, l-ammont tan-nefqa eliġibbli f'konformità mad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 95(2) jew l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 95(4), inkluż f'kull applikazzjoni għal pagament | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| Data speċifika dwar l-applikazzjonijiet għal pagament lill-Kummissjoni (f'EUR) għal strumenti finanzjarji | |
| 118. L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm effettivament imħallsa jew, fil-każ ta' garanziji, imwarrba għal kuntratti ta' garanzija, bħala nefqa eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 92(1) | |
| 119. L-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika effettivament imħallsa jew, fil-każ ta' garanziji, imwarrba għal kuntratti ta' garanzija, bħala nefqa eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 92(1) | |
| 120. L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm imħallsa lill-istrument finanzjarju inkluż fl-ewwel applikazzjoni għal pagament | |
| 121. L-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika mħallsa lill-istrument finanzjarju inkluż fl-ewwel applikazzjoni għal pagament | |
| 122. L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm effettivament imħallsa, jew fil-każ ta' garanziji, imwarrba għal kuntratti ta' garanzija bħala nefqa eliġibbli u inklużi f'applikazzjonijiet għal pagament f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 92(2) | |
| 123. L-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti, effettivament imħallsa jew, fil-każ ta' garanziji, imwarrba għal kuntratti ta' garanzija bħala nefqa eliġibbli, u inkluża f'applikazzjonijiet għal pagament f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 92(2) | |
| Data dwar il-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 98(1) (f'EUR) | |
| 124. Id-data tal-preżentazzjoni ta' kull sett ta' kontijiet, inkluż in-nefqa marbuta ma' operazzjoni | |
| 125. L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli tal-operazzjoni mdaħħla fis-sistemi kontabilistiċi tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika, li tkun ġiet inkluża fil-kontijiet | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 126. L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha issir fl-implimentazzjoni tal-operazzjoni li tikkorrispondi għall-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mdaħħla fis-sistemi kontabilistiċi tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika, li tkun ġiet inkluża fil-kontijiet | |
| 127. L-ammont totali tal-pagamenti li tħallsu lill-benefiċjarju li jikkorrispondu għall-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mdaħħla fis-sistemi kontabilistiċi tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika, li tkun ġiet inkluża fil-kontijiet | |
| 128. In-nefqa totali eliġibbli tal-operazzjoni rtirata matul is-sena kontabilistika inkluża fil-kontijiet | |
| 129. L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha issir fl-implimentazzjoni tal-operazzjoni li tikkorrispondi għan-nefqa totali eliġibbli tal-operazzjoni rtirata matul is-sena kontabilistika inkluża fil-kontijiet | |
| 130. In-nefqa totali tal-operazzjoni mnaqqsa mill-kontijiet skont il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 98(6), matul is-sena kontabilistika riflessa fil-kontijiet (li minnha, ammonti kkoreġuti bħala riżultati tal-awditi) | |
| Data speċifika għall-istrumenti finanzjarji dwar il-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 98(1) (f'EUR) | |
| 131. L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm imħallsa lill-istrumenti finanzjarji inklużi fl-ewwel applikazzjoni għal pagament | |
| 132. L-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika, imħallsa lill-istrument finanzjarju inkluż fl-ewwel applikazzjoni għal pagament | |
| 133. L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm effettivament imħallsa jew, fil-każ ta' garanziji, imwarrba għal kuntratti ta' garanzija, bħala nefqa eliġibbli inkluża fil-kontijiet | |

| Kampijiet tad-data | Indikazzjoni ta' Fondi li fir-rigward tagħhom mhijiex meħtieġa data |
|---|---|
| 134. L-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti effettivament imħallsa jew, fil-każ ta' garanziji, imwarrba għal kuntratti ta' garanzija bħala nefqa eliġibbli inkluża fil-kontijiet | |
| Data dwar tipi speċifiċi ta' nefqa | |
| 135. L-ammont ta' nefqa tat-tip FEŻR kofinanzjata mill-FSE+ skont l-Artikolu 20(2) imħallsa jew li għandha titħallas | Mhux applikabbli għall-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, il-FEMSA, l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI |
| 136. L-ammont ta' nefqa tat-tip FSE+ kofinanzjata mill-FEŻR skont l-Artikolu 20(2) imħallsa jew li għandha titħallas | Mhux applikabbli għall-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, il-FEMSA, l-AMIF, l-ISF jew il-BMVI |
| 137. L-ammont tan-nefqa mġarrba u mħallsa għax-xiri ta' art skont il-punt (b) tal-Artikolu 64(1), u l-ammont marbut max-xiri tal-art skont l-Artikolu 64(1) u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għaliex inqabżu l-limiti massimi | |
| 138. L-ammont tal-kontribuzzjonijiet in natura għall-operazzjoni | |
| 139. L-ammont tal-kostijiet ta' deprezzament li fir-rigward tagħhom ma sar l-ebda pagament lill-operazzjoni appoġġat minn fatturi | |
| 140. L-ammont tal-kontribuzzjoni mill-FEŻR jew, fejn applikabbli, strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni għal Fond għal proġetti żgħar fi ħdan programm Interreg | Mhux applikabbli għall-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, il-FEMSA, l-AMIF, l-ISF, jew il-BMVI |
| 141. L-ammont tan-nefqa mġarrba u mħallsa għall-appoġġ operazzjonali skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament BMVI (u l-Artikolu 16(4) tar-Regolament BMVI għal-LT biss), l-Artikolu 15(2) tar-Regolament ISF, jew l-Artikolu 18(2) tar-Regolament AMIF. | Mhux applikabbli għall-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, jew il-FEMSA |
| 142. L-ammont tan-nefqa mġarrba u mħallsa għal tagħmir, mezzi ta' trasport jew il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet rilevanti għas-sigurtà skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament ISF | Mhux applikabbli għall-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, il-FEMSA l-AMIF jew il-BMVI |

## ANNESS XVIII

Mudell għad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni – il-punt (f) tal-Artikolu 74(1)

Jien/Aħna, is-sottoskritt(i) (isem/ismijiet, kunjom(ijiet), titlu/titli jew funzjoni(jiet)), il-Kap tal-awtorità ta' ġestjoni għall-programm (isem il-programm, is-CCI)

abbażi tal-implimentazzjoni ta' (isem il-programm) matul is-sena kontabilistika li ntemmet fit-30 ta' Ġunju (sena), fuq il-bażi tal-ġudizzju tiegħi/tagħna stess u l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tiegħi/tagħna fid-data tal-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni, inkluż ir-riżultati minn verifiki ta' ġestjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u minn awditi marbutin man-nefqa inkluża fl-applikazzjonijiet għal pagament ippreżentati lill-Kummissjoni fir-rigward tas-sena kontabilistika li ntemmet fit-30 ta' Ġunju ... (sena),

u meta jitqiesu l-obbligi tiegħi/tagħna skont ir-Regolament (UE) 2021/1060

b'dan niddikjara(w) li:

(a) l-informazzjoni fil-kontijiet hija ppreżentata sewwa, kompluta u hija preċiża f'konformità mal-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) 2021/1060,

(b) in-nefqa mniżżla fil-kontijiet tikkonforma mal-liġi applikabbli u ntużat għall-għan maħsub tagħha,

---

1 Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Jiena/Aħna nikkonferma(w) li l-irregolaritajiet identifikati fl-awditu finali u fir-rapporti ta' kontroll fir-rigward tas-sena kontabilistika ġew ittrattati b'mod xieraq fil-kontijiet, b'mod partikolari sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 98 għall-preżentazzjoni tal-kontijiet. Jiena/Aħna nikkonferma(w) ukoll li n-nefqa li hija soġġetta għal valutazzjoni kontinwa dwar il-legalità u r-regolarità tagħha ġiet eskluża mill-kontijiet sakemm tkun konkluża l-valutazzjoni pendenti, biex imbagħad tiġi possibilment inkluża f'applikazzjoni għal pagament f'sena kontabilistika sussegwenti.

Barra minn hekk, jiena/aħna nikkonferma(w) l-affidabbiltà tad-data relatata mal-indikaturi, l-istadji importanti u l-progress tal-programm.

Jiena/aħna nikkonferma(w) ukoll li jeżistu miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi u li dawn jieħdu kont tar-riskji identifikati f'dak ir-rigward.

Fl-aħħar nett, jiena/aħna nikkonferma(w) li jiena/aħna ma naf(u) bl-ebda kwistjoni ta' reputazzjoni mhux żvelata relatata mal-implimentazzjoni tal-programm.

## ANNESS XIX

Mudell għall-opinjoni tal-awditjar annwali - il-punt (a) tal-Artikolu 77(3)

Lill-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali [isem id-Directtorat(i)-Ġenerali kkonċernati]

1. INTRODUZZJONI

Jien, hawn taħt iffirmat, li nirrappreżenta lil [isem l-awtorità tal-awditjar], indipendenti fis-sens tal-Artikolu 71(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], awditjajt

(i) il-kontijiet għas-sena kontabilistika li bdiet fl-1 ta’ Lulju ... [sena] u li ntemmet fit-30 ta' Ġunju … [sena+1] u ddatata … [id-data tal-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni] (minn hawn 'il quddiem "il-kontijiet"),

(ii) il-legalità u r-regolarità tan-nefqa li fir-rigward tagħha ntalab rimborż mill-Kummissjoni b’referenza għas-sena kontabilistika (u inkluża fil-kontijiet), u

(iii) il-funzjonament tas-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll, u d-dikjarazzjoni ta’ ġestjoni ġiet ivverifikata fir-rigward tal-programm [isem il-programm, in-numru tas-CCI] (minn hawn ’il quddiem “il-programm”),

sabiex tinħareġ opinjoni tal-awditjar f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 77(3).

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

2. RESPONSABBILTAJIET TAL-AWTORITÀ TA' ĠESTJONI

[Isem l-awtorità ta' ġestjoni], identifikata bħala l-awtorità ta' ġestjoni tal-programm, hija responsabbli sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll f'dak li jirrigwarda l-funzjonijiet u l-kompiti previsti fl-Artikoli 72 sa 75.

Barra minn hekk, [isem l-awtorità ta' ġestjoni jew tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika fejn rilevanti], hija/huwa responsabbli biex tikkonferma/jikkonferma l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, kif meħtieġ fl-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) 2021/1060 (u l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1,2].

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 74 tar-Regolament (UE)2021/1060 hija r-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni li tikkonferma li n-nefqa mniżżla fil-kontijiet hija legali u regolari u konformi mal-liġi applikabbli.

3. RESPONSABBILTAJIET TAL-AWTORITÀ TAL-AWDITJAR

Kif stabbilit mill-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-responsabbiltà tiegħi hija li nesprimi opinjoni indipendenti dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, jekk in-nefqa li fir-rigward tagħha ntalab rimborż mill-Kummissjoni u li hija inkluża fil-kontijiet hijiex legali u regolari, u jekk is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll stabbilita tiffunzjonax b'mod adegwat.

[1] Regolament (UE) 2021/1059 tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġat mill-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew European Regional Development Fund u strumenti finanzjarji esterni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94).

[2] Trid tiġi inkluża fil-każ ta' programmi Interreg.

Ir-responsabbiltà tiegħi hija wkoll li ninkludi fl-opinjoni dikjarazzjoni dwar jekk ix-xogħol tal-awditjar iqajjimx dubju dwar l-affermazzjonijiet li saru fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni.

L-awditi fir-rigward tal-programm saru skont l-istrateġija ta' awditjar u kienu konformi mal-istandards ta' awditjar aċċettati internazzjonalment. Dawk l-istandards jeżiġu li l-awtorità tal-awditjar tikkonforma mar-rekwiżiti tal-etika u li tippjana u twettaq ix-xogħol ta' awditjar sabiex jinkiseb aċċertament raġonevoli għall-fini tal-opinjoni tal-awditjar.

Awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza xierqa u suffiċjenti sabiex tiġi appoġġata l-opinjoni stabbilita hawn taħt. Il-proċeduri mwettqa jiddependu fuq id-deċiżjoni professjonali tal-awditur, inkluż il-valutazzjoni tar-riskju ta' nuqqas ta' konformità materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball. Il-proċeduri tal-awditjar li wettaqt huma dawk li nemmen li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi u li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2021/1060 .

Jiena tal-fehma li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi l-bażi għall-opinjoni tiegħi [f'każ li hemm kwalunkwe limitazzjonijiet tal-ambitu:] ħlief dawk imsemmija fil-punt 4 "Limitazzjoni tal-ambitu".

Is-sommarju tar-riżultati ewlenin li ġejjin mill-awditi fir-rigward tal-programm huwa rrappurtat fir-rapport ta' kontroll annwali mehmuż skont il-punt (b) tal-Artikolu 77(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

4. LIMITAZZJONI TAL-AMBITU

Jew

Ma kien hemm l-ebda limitazzjoni fl-ambitu tal-awditjar.

Jew

L-ambitu tal-awditjar kien limitat mill-fatturi li ġejjin:

(a) …

(b) …

(c) …

[N.B. Indika kwalunkwe limitazzjoni għall-ambitu tal-awditjar, pereżempju kwalunkwe nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' appoġġ, każijiet taħt proċedimenti legali, u agħti stima taħt "Opinjoni kkwalifikata" hawn taħt, l-ammonti tan-nefqa u tal-kontribuzzjoni ta' appoġġ mill-Fondi affettwati u l-impatt tal-limitazzjoni tal-ambitu fuq l-opinjoni tal-awditjar. Spjegazzjonijiet oħra f'dan ir-rigward għandhom jiġu pprovduti fir-rapport ta' kontroll annwali, kif xieraq.]

5. OPINJONI

Jew

(Opinjoni mhux ikkwalifikata)

Fl-opinjoni tiegħi, u fuq il-bażi tal-ħidma tal-awditjar imwettqa:

(1) Kontijiet

– il-kontijiet jagħtu stampa vera u ġusta;

(2) Il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet

– in-nefqa inkluża fil-kontijiet hija legali u regolari[1],

(3) Is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll fis-seħħ fid-data ta' din l-opinjoni tal-awditjar

– is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tiffunzjona sew

Il-ħidma tal-awditjar imwettqa ma tpoġġix f'dubju l-affermazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni.

Jew

(Opinjoni kwalifikata)

Fl-opinjoni tiegħi, u fuq il-bażi tal-ħidma tal-awditjar imwettqa,

(1) Kontijiet

– il-kontijiet jagħtu stampa vera u ġusta [fejn il-kwalifika tapplika għall-kontijiet, jiżdied it-test li ġej:] ħlief f'dawn l-aspetti materjali li ġejjin: …….

(2) Il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet

– in-nefqa inkluża fil-kontijiet hija legali u regolari [fejn il-kwalifika tapplika għall-kontijiet, jiżdied it-test li ġej:] ħlief f'dawn l-aspetti li ġejjin: ……

L-impatt tal-kwalifikazzjoni huwa limitat [jew sinifikanti] u jikkorrispondi għal …. (ammont f'EUR tal-ammont totali tan-nefqa inkluża fil-kontijiet)

1 Ħlief għal programmi Interreg li jaqgħu taħt il-kampjun annwali tal-awditi ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu misluta mill-Kummissjoni kif stabbilit fl-Artikolu 48 tar-Regolament Interreg.

(3) Is-sistema ta’ ġestjoni u ta' kontroll fis-seħħ fid-data ta’ din l-opinjoni tal-awditjar

– is-sistema ta’ ġestjoni u ta' kontroll stabbilita tiffunzjona sew [fejn il-kwalifika tapplika għas-sistema ta’ ġestjoni u ta' kontroll, jiżdied it-test li ġej:] ħlief f’dawn l-aspetti li ġejjin[1]:: ……

L-impatt tal-kwalifikazzjoni huwa limitat [jew sinifikanti] u jikkorrispondi għal …. (ammont f’EUR tal-ammont totali tan-nefqa inkluża fil-kontijiet).

Il-ħidma tal-awditjar imwettqa ma tpoġġix/tpoġġi [ħassar kif meħtieġ] fid-dubju l-affermazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni ta’ ġestjoni.

[Meta l-ħidma tal-awditjar tqajjem dubju dwar l-affermazzjonijiet li saru fid-dikjarazzjoni ta’ ġestjoni, l-awtorità tal-awditjar għandha tiżvela f’dan il-paragrafu l-aspetti li jwasslu għal din il-konklużjoni.]

Jew

(Opinjoni negattiva)

Fl-opinjoni tiegħi, u fuq il-bażi tal-ħidma tal-awditjar imwettqa:

(i) il-kontijiet jagħtu/ma jagħtux [ħassar kif meħtieġ] stampa vera u ġusta; u/jew

(ii) in-nefqa inkluża fil-kontijiet li għaliha ntalab rimborż mill-Kummissjoni hija/mhijiex [ħassar kif meħtieġ] legali u regolari; u/jew

(iii) is-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll stabbilita tiffunzjona/ma tiffunzjonax [ħassar kif meħtieġ] sew.

---

1 F’każ li s-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll tkun affettwata, il-korp jew il-korpi u l-aspett(i) tas-sistemi tagħhom li ma kienx/kinux konformi mar-rekwiżiti u/jew li ma ħadimx/ħadmux tajjeb għandu/għandhom jiġu identifikati fl-opinjoni, ħlief meta din l-informazzjoni tkun diġà żvelata biċ-ċar fir-rapport ta’ kontroll annwali u l-paragrafu li fih l-opinjoni jkun jirreferi għat-taqsima/taqsimiet speċifika/speċifiċi ta’ dan ir-rapport fejn hija żvelata din l-informazzjoni..

Din l-opinjoni negattiva hija bbażata fuq l-aspetti li ġejjin:

– fir-rigward ta’ kwistjonijiet materjali relatati mal-kontijiet:

u/jew [ħassar kif meħtieġ]

– fir-rigward ta’ kwistjonijiet materjali relatati mal-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet li għaliha ntalab rimborż mill-Kummissjoni:

u/jew [ħassar kif meħtieġ]

– fir-rigward ta’ kwistjonijiet materjali relatati mal-funzjonament tas-sistema ta’ ġestjoni u ta' kontroll[1]:

Il-ħidma tal-awditjar imwettqa tpoġġi f’dubju l-affermazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni ta’ ġestjoni rigward l-aspetti li ġejjin:

[L-awtorità tal-awditjar tista’ tinkludi wkoll osservazzjonijiet, li ma jaffettwax l-opinjoni tagħha, kif stabbilit fl-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. Ċaħda ta’ opinjoni tista’ tiġi prevista f’każijiet eċċezzjonali[2].]

Data:

Firma:

---

[1] F’każ li s-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll tkun affettwata, il-korp jew il-korpi u l-aspett(i) tas-sistemi tagħhom li ma kienx/kinux konformi mar-rekwiżiti u/jew li ma ħadimx/ħadmux tajjeb għandu/għandhom jiġu identifikati fl-opinjoni, ħlief meta din l-informazzjoni tkun diġà żvelata biċ-ċar fir-rapport ta’ kontroll annwali u l-paragrafu li fih l-opinjoni jkun jirreferi għat-taqsima/taqsimiet speċifika/speċifiċi ta’ dan ir-rapport fejn hija żvelata din l-informazzjoni..

[2] Dawn il-każijiet eċċezzjonali jenħtieġ li jkunu relatati ma’ fatturi esterni imprevedibbli, ’il-barra mill-mandat tal-awtorità tal-awditjar.

# ANNESS XX

Mudell għar-rapport annwali ta' kontroll – il-punt (b) tal-Artikolu 77(3)

1. Introduzzjoni

1.1. L-identifikazzjoni tal-awtorità tal-awditjar u ta' korpi oħrajn li kienu involuti fit-tħejjija tar-rapport.

1.2. Il-perijodu ta' referenza (jiġifieri s-sena kontabilistika).

1.3. Il-perjodu tal-awditjar (li matulu seħħet il-ħidma tal-awditjar).

1.4. L-identifikazzjoni tal-programm(i) kopert(i) mir-rapport u tal-awtorità(jiet) ta' ġestjoni tiegħu/tagħhom. Meta r-rapport ikopri aktar minn programm jew Fond wieħed, l-informazzjoni għandha tkun ikklassifikata skont il-programm u skont il-Fond, filwaqt li f'kull Taqsima tiġi identifikata l-informazzjoni li hija speċifika għall-programm u/jew għall-Fond.

1.5. Deskrizzjoni tal-passi meħuda għat-tħejjija tar-rapport u għat-tfassil tal-opinjoni ta' awditjar korrispondenti.

It-Taqsima 1.5 għandha tiġi adattata għal programmi Interreg sabiex jiġu deskritti l-passi meħuda għat-tħejjija tar-rapport abbażi tar-regoli speċifiċi dwar awditi fuq operazzjonijiet applikabbli għall-programmi Interreg kif stabbilit fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] (ir-"Regolament Interreg").

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta'finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94).

2. Tibdil sinifikanti fis-sistema/sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.1. Dettalji ta' kwalunkwe tibdil sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll relatati mar-responsabbiltajiet tal-awtorità tal-ġestjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-delega ta' funzjonijiet lil korpi intermedji, lill-korp li lilu ġiet fdata l-funzjoni kontabilistika u konferma tal-konformità tagħhom mal-Artikoli minn 72 sa 76 u 81 abbażi tal-ħidma tal-awditjar imwettqa mill-awtorità tal-awditjar.

2.2. Informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' arranġamenti proporzjonati msaħħa skont l-Artikoli minn 83, 84 u 85.

3. Tibdil fl-istrateġija tal-awditjar

3.1. Dettalji ta' kull bidla li saret fl-istrateġija tal-awditjar u l-ispjegazzjonijiet relatati. B'mod partikolari, indika kwalunkwe bidla fil-metodu tal-kampjunar użat għall-awditu tal-operazzjonijiet (ara t-Taqsima 5) u jekk l-istrateġija kinitx soġġetta għal tibdil minħabba l-applikazzjoni ta' arranġamenti proporzjonati msaħħa skont l-Artikoli 83, 84 u 85.

3.2. It-Taqsima 1 għandha tiġi adattata għal programmi Interreg sabiex jiġu deskritti t-tibdiliet fl-istrateġija tal-awditjar fuq il-bażi ta' regoli speċifiċi dwar l-awditi fuq operazzjonijiet applikabbli għall-programmi Interreg kif stabbilit fl-Artikolu 49 tar-Regolament Interreg.

4. Awditi tas-sistema (fejn applikabbli[1])

4.1. Dettalji tal-korpi (inkluża l-awtorità tal-awditjar) li wettqu awditi dwar il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm ("awditi tas-sistema").

---

[1] Din it-taqsima hija volontarja għal programmi li jaqgħu taħt l-"arranġamenti proporzjonati msaħħa" għas-sena kontabilistika inkwistjoni.

4.2. Deskrizzjoni tal-bażi għall-awditi mwettqa, inkluża referenza għall-istrateġija ta' awditjar applikabbli, b'mod iktar partikolari għall-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju u għar-riżultati li wasslu biex jiġi stabbilit il-pjan ta' awditu tas-sistema. Jekk il-valutazzjoni tar-riskju tkun ġiet aġġornata, din teħtieġ li tiġi deskritta fit-Taqsima 3 u b'hekk tkopri t-tibdil fl-istrateġija tal-awditjar.

4.3. Fir-rigward tat-tabella fit-Taqsima 9.1, deskrizzjoni tas-sejbiet ewlenin u tal-konklużjonijiet miġbuda mill-awditi tas-sistema, inklużi l-awditi mmirati lejn oqsma tematiċi speċifiċi.

4.4. Indikazzjonijiet dwar jekk kull irregolarità identifikata kinitx ta' karattru sistemiku, dettalji tal-miżuri meħuda, inkluża kwantifikazzjoni tan-nefqa irregolari u kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja relatata, magħmula skont il-punt (b) tal-Artikolu 77(3) u l-Artikolu 103.

4.5. Informazzjoni dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar minn awditi tas-sistema minn snin kontabilistiċi preċedenti.

4.6. Deskrizzjoni tal-irregolaritajiet jew tad-defiċjenzi speċifiċi għall-strumenti finanzjarji, jew tip ieħor ta' nefqiet koperti minn regoli partikolari (pereżempju għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku, opzjonijiet ta' kostijiet simplifikati, finanzjament mhux marbut ma' kostijiet), li jiġu skoperti matul l-awditi tas-sistemi, u s-segwitu mogħti mill-awtorità ta' ġestjoni sabiex tirrimedja dawn l-irregolaritajiet jew defiċjenzi.

4.7. Livell ta' aċċertament miksub wara l-awditi tas-sistema (baxx/medju/għoli) u ġustifikazzjoni.

5. Awditi tal-operazzjonijiet

It-Taqsimiet minn 5.1 sa 5.10 għandhom jiġu adattati għall-programmi Interreg sabiex jiġu deskritti l-passi meħuda għat-tħejjija tar-rapport fuq il-bażi tar-regoli speċifiċi dwar awditi fuq operazzjonijiet applikabbli għall-programmi Interreg kif stabbilit fl-Artikolu 49 tar-Regolament Interreg.

5.1. Identifikazzjoni tal-korpi (inkluż l-awtorità tal-awditjar) li wettqu l-awditi tal-operazzjonijiet (kif previst fl-Artikolu 79).

5.2. Deskrizzjoni tal-metodoloġija tal-kampjunar applikata, u informazzjoni dwar jekk il-metodoloġija hijiex konformi mal-istrateġija tal-awditjar.

5.3. Indikazzjoni tal-parametri ta' kampjunar u informazzjoni oħra għal proċeduri ta' teħid ta' kampjuni statistiċi jew mhux statistiċi, kif ukoll spjegazzjoni tal-kalkoli sottostanti u tal-ġudizzju professjonali applikat. L-informazzjoni għandha tinkludi: il-livell limitu ta' materjalità, il-livell ta' fiduċja, l-unità ta' kampjunar, ir-rata ta' żball mistennija, l-intervall tal-kampjunar, id-devjazzjoni standard, il-valur tal-popolazzjoni, id-daqs tal-popolazzjoni, id-daqs tal-kampjun u informazzjoni dwar l-istratifikazzjoni. Il-kalkoli sottostanti għall-għażla tal-kampjun, ir-rata totali ta' żbalji u r-rata ta' żbalji residwi fit-Taqsima 9.3, f'format li jippermetti l-fehim tal-passi bażiċi meħuda, f'konformità mal-metodu ta' kampjunar speċifiku użat.

5.4. Rikonċiljazzjoni bejn l-ammonti inklużi fil-kontijiet kif ukoll l-ammonti ddikjarati fl-applikazzjonijiet għal pagament matul is-sena ta' kontabbiltà u l-popolazzjoni minn fejn ittieħed il-kampjun każwali (il-kolonna "A" tat-tabella fit-Taqsima 9.2). L-entrati saldatorji jinkludu l-unitajiet negattivi tal-kampjunar fejn saru korrezzjonjiet finanzjarji.

5.5. Fejn hemm unitajiet ta' kampjunar negattivi, konferma li dawn ġew ittrattati bħala popolazzjoni separata. Analiżi tar-riżultati ewlenin tal-awditi ta' dawn l-unitajiet, l-iktar dawk li jiffukaw fuq il-verifika jekk id-deċiżjonijiet li jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji (meħuda minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni) ġewx irreġistrati fil-kontijiet bħala rtirar.

5.6. Meta jintuża metodu ta’ kampjunar mhux statistiku, indika r-raġunijiet għall-użu tal-metodu, il-perċentwal ta’ unitajiet ta’ kampjunar koperti mill-awditi, il-passi meħuda biex tiġi żgurata l-għażla aleatorja tal-kampjun filwaqt li wieħed iżomm f’moħħu li l-kampjun għandu jkun rappreżentattiv.

Barra minn hekk, iddefinixxi l-passi meħuda biex jiġi żgurat daqs suffiċjenti tal-kampjun biex l-awtorità tal-awditjar tkun f'pożizzjoni tfassal opinjoni tal-awditjar valida. Rata ta’ żball totali (prevista)tiġi kkalkulata wkoll fejn intuża metodu ta’ kampjunar mhux statistiku.

5.7. Analiżi tar-riżultati ewlenin tal-awditi tal-operazzjonijiet, li tiddeskrivi:

(a) l-għadd ta’ unitajiet tal-kampjunar awditjati, l-ammont rispettiv;

(b) it-tip ta’ żball minn unità ta’ kampjunar[1];

(c) in-natura tal-iżbalji misjuba[2];

(d) ir-rata ta’ żball tal-istrat[3] u d-defiċjenzi jew l-irregolaritajiet serji korrispondenti fil-limitu ta’ fuq tar-rata tal-iżbalji, il-kawżi ewlenin, il-miżuri korrettivi proposti, (inkluż dawk maħsuba biex itejbu s-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll) u l-impatt fuq l-opinjoni tal-awditjar.

Jenħtieġ li jiġu pprovduti aktar spjegazzjonijiet dwar id-data ppreżentata fit-Taqsimiet 9.2 u 9.3, b’mod partikolari dawk li jirrigwardaw ir-rata ta’ żball totali.

1 Każwali, sistemiku, anomalu.
2 Pereżempju: l-eliġibbiltà, l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat.
3 Ir-rata ta’ żball tal-istrat għandha tiġi żvelata meta l-istratifikazzjoni kienet applikata, filwaqt li jiġu koperti sottopopolazzjonijiet b’karatteristiċi simili bħall-operazzjonijiet li jikkonsistu f’kontribuzzjonijiet finanzjarji minn programm għal strumenti finanzjarji, elementi ta’ valur għoli, Fondi (fil-każ ta’ programmi plurifond).

5.8. Dettalji ta' kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja li tirrigwarda s-sena kontabilistika u implimentata mill-awtorità ta' ġestjoni qabel il-preżentazzjoni tal-kontijiet lill-Kummissjoni, u bħala konsegwenza tal-awditi tal-operazzjonijiet, inklużi korrezzjonijiet b'rata fissa jew estrapolati li jwasslu għal tnaqqis ta' 2 % tar-rata ta' żbalji residwi tan-nefqa inkluża fil-kontijiet skont l-Artikolu 98.

5.9. Paragun bejn ir-rata ta' żball totali u r-rata ta' żball residwu (kif muri fit-Taqsima 9.2) bil-livell ta' materjalità ta' 2 %, sabiex ikun aċċertat jekk il-popolazzjoni hix materjalment iddikjarata b'mod żbaljat jew le u l-impatt fuq l-opinjoni tal-awditu.

5.10. Dettalji dwar jekk kwalunkwe irregolarità identifikata kinitx ikkunsidrata li hi ta' natura sistemika, u dwar il-miżuri meħuda, inkluża kwantifikazzjoni tan-nefqa irregolari u kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja relatata.

5.11. Informazzjoni dwar is-segwitu tal-awditi tal-operazzjonijiet imwettqa fir-rigward ta' kampjun komuni għall-programmi Interreg fuq il-bażi ta' regoli speċifiċi dwar l-awditi fuq operazzjonijiet applikabbli għall-programmi Interreg kif stabbilit fl-Artikolu 49 tar-Regolament Interreg.

5.12. Informazzjoni dwar is-segwitu tal-awditi tal-operazzjonijiet li twettqu fi snin kontabilistiċi preċedenti, b'mod partikolari dwar nuqqasijiet serji ta' natura sistemika.

5.13. Tabella ta' kategorizzazzjoni ta' żbalji identifikati skont it-tip.

5.14. Konklużjonijiet miġbuda mir-riżultati prinċipali tal-awditi tal-operazzjonijiet fir-rigward tal-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll.

It-Taqsima 5.14 għandha tiġi adattata għall-programmi Interreg sabiex jiġu deskritti l-passi meħuda biex jinsiltu l-konklużjonijiet abbażi tar-regoli speċifiċi dwar awditi fuq operazzjonijiet applikabbli għall-programmi Interreg kif stabbilit fl-Artikolu 49 tar-Regolament Interreg.

6. Awditi tal-kontijiet

6.1. Identifikazzjoni tal-awtoritajiet / tal-korpi li wettqu awditi tal-kontijiet.

6.2. Deskrizzjoni tal-approċċ ta’ awditjar użat biex jiġi vverifikat li l-kontijiet huma kompluti, preċiżi u veri. Din għandha tinkludi referenza għall-ħidma tal-awditjar imwettqa fil-kuntest tal-awditi tas-sistema, l-awditi tal-operazzjonijiet b’rilevanza għall-aċċertament fuq il-kontijiet u verifiki addizzjonali, biex jiġu riportati fl-abbozz tal-kontijiet qabel dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni.

6.3. Konklużjonijiet miġbuda mill-awditi fir-rigward tal-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, inkluża indikazzjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji korrispondenti magħmula u riflessi fil-kontijiet bħala segwitu ta’ dawn il-konklużjonijiet.

6.4. Indikazzjoni dwar jekk kwalunkwe irregolarità identifikata kinitx meqjusa li hija ta’ natura sistemika, u l-miżuri li ttieħdu.

7. Informazzjoni oħra

7.1. Il-valutazzjoni tal-awtorità tal-awditjar tal-każijiet ta’ suspett ta’ frodi misjuba fil-kuntest tal-awditi tagħha (u tal-każijiet irrappurtati minn korpi nazzjonali oħra jew korpi tal-Unjoni u relatati ma’ operazzjonijiet awditjati mill-awtorità tal-awditjar), flimkien mal-miżuri meħuda. Informazzjoni dwar l-għadd ta’ każijiet, il-gravità, u l-ammonti affettwati, jekk magħrufa.

7.2. Sitwazzjonijiet sussegwenti seħħew wara tmiem is-sena kontabilistika u qabel it-trażmissjoni tar-rapport ta’ kontroll annwali lill-Kummissjoni, u ġew ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-livell ta’ aċċertament u l-opinjoni mill-awtorità tal-awditjar.

8. Livell ġenerali ta’ aċċertament

8.1. Indikazzjoni tal-livell ġenerali ta’ aċċertament dwar il-funzjonament xieraq tas-sistema tal-ġestjoni u tal-kontroll, u spjegazzjoni dwar kif dan il-livell inkiseb mill-kombinazzjoni tar-riżultati tal-awditi tas-sistema, l-awditjar tan-nefqa u tal-kontijiet. Fejn rilevanti, l-awtorità tal-awditjar għandha tqis ukoll ir-riżultati ta’ ħidma oħra tal-awditjar nazzjonali jew tal-Unjoni mwettqa.

8.2. Valutazzjoni ta’ kull azzjoni ta’ mitigazzjoni mhux marbuta ma’ korrezzjonijiet finanzjarji li ġiet implimentata, korrezzjonijiet finanzjarji implimentati u l-valutazzjoni tal-ħtieġa ta’ kull miżura korrettiva addizzjonali, kemm mill-perspettiva ta’ titjib tas-sistemi ta’ ġestjoni u ta’ kontroll kif ukoll minn dik tal-impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

9. L-ANNESSI GĦAR-RAPPORT TA' KONTROLL ANNWALI

9.1. Riżultati tal-awditi tas-sistema.

| Entità Awditjata | Fond (Programm Plurifond) | Titolu tal-awditu | Data tar-rapport tal-awditu finali | Programm: [CCI u l-isem tal-Programm] | | | | | | | | | | Valutazzjoni ġenerali (kategorija 1, 2, 3, 4) [kif definit fit-Tabella 2 tal-Anness XI għar-Regolament | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Rekwiżiti prinċipali (kif applikabbli) [kif definit fit-Tabella 1 tal-Anness XI | | | | | | | | | | | |
| | | | | RP 1 | RP 2 | RP 3 | RP 4 | RP 5 | RP 6 | RP 7 | RP 8 | RP 9 | RP 10 | | |
| AĠ | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| IB(s) | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| Funzjoni ta' Kontabilità (jekk ma titwettaqx mill-AĠ) | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| Nota: Il-partijiet vojta fit-tabella t'hawn fuq jirreferu għal rekwiżiti ewlenin li mhumiex applikabbli għall-entità awditjata. | | | | | | | | | | | | | | | |

9.2. Riżultati tal-awditi tal-operazzjonijiet

| Fond | Numru tal-Programm CCI | Titlu tal-programm | A | B | | C | D | E | F | G | H |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ammont f'EUR li jikkorrispondi għall-popolazzjoni li minnha ttieħed il-kampjun(*) | Nefqa b'referenza għas-sena kontabilistika awditjata għall-kampjun aleatorju | | Ammont ta' nefqa irregolari fil-kampjun aleatorju | Rata ta' żball totali(**) | Korrezzjonijiet implimentati b'riżultat tar-rata ta' żball totali | Rata ta' żball totali residwa | Nefqa awditjata oħra(***) | Ammont ta' nefqa irregolari f'nefqa oħra awditjata |
| | | | | Ammont(****) | %(*****) | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

(*) Il-kolonna "A" għandha tirreferi għall-popolazzjoni pożittiva li minnha ttieħed il-kampjun aleatorju, jiġifieri l-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mdaħħla fis-sistema kontabilistika tal-awtorità/korp ta' ġestjoni li jwettaq il-funzjoni kontabilistika li tkun ġiet inkluża f'applikazzjonijiet għal pagament ippreżentati lill-Kummissjoni, wara li jitneħħew l-unitajiet negattivi tal-kampjunar, jekk ikun hemm. Fejn applikabbli, għandhom jingħataw spjegazzjonijiet fit-Taqsima 5.4.

(**) Ir-rata ta' żball totali hija kkalkulata qabel ma tiġi applikata kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja b'rabta mal-kampjun awditjat, jew b'rabta mal-popolazzjoni li minnha jkun ittieħed il-kampjun aleatorju. Meta l-kampjun aleatorju jkopri aktar minn Fond jew programm wieħed, ir-rata ta' żball totali (ikkalkulata) ippreżentata fil-kolonna "D" tikkonċerna l-popolazzjoni kollha. Fejn tintuża stratifikazzjoni, fit-Taqsima 5.7 għandha tingħata aktar informazzjoni skont l-istrat.

(***) Il-kolonna "G" għandha tirreferi għan-nefqa awditjata fil-kuntest ta' kampjun kumplimentari.

(****) L-ammont tan-nefqa awditjata (f'każ li jiġi applikat is-sottokampjunar, f'din il-kolonna għandu jiġi inkluż biss l-ammont ta' elementi tan-nefqa effettivament awditjati).

(*****) Perċentwal tan-nefqa awditjat meta mqabbel tal-popolazzjoni.

9.3. Kalkoli sottostanti għall-għażla tal-kampjun aleatorju, ir-rata ta' żball totali u r-rata ta' żbalji residwi totali.

# ANNESS XXI

Mudell għar-rapport annwali tal-awditjar – l-Artikolu 81(5)

1. Introduzzjoni

1.1. Identifikazzjoni tad-ditta tal-awditjar esterna li kienet involuta fit-tħejjija tar-rapport.

1.2. Perijodu ta' referenza (pereżempju l-01 ta' Lulju N-1 sat-30 ta' Ġunju N).

1.3. Identifikazzjoni tal-istrument(i)/mandat(i) finanzjarju/finanzjarji u l-programm(i) koperti mir-rapport tal-awditjar. Identifikazzjoni tal-ftehim ta' finanzjament li jirreferi għalih ir-rapport (il-"Ftehim ta' finanzjament").

2. Awditjar tas-sistemi ta' kontroll intern applikati mill-BEI/FEI jew minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra

Riżultati tal-awditjar estern tas-sistema ta' kontroll intern tal-BEI jew ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs) oħra, li fihom Stat Membru huwa azzjonist, li jivvalutaw l-istabbiliment u l-effettività ta' din is-sistema ta' kontroll intern u li jkopru l-elementi li ġejjin:

2.1. Il-proċess ta' aċċettazzjoni tal-mandat.

2.2. Il-proċess għall-evalwazzjoni u l-għażla ta' intermedjarji finanzjarji: valutazzjoni formali u tal-kwalità.

2.3. Il-proċess għall-approvazzjoni ta' tranżazzjonijiet ma' intermedjarji finanzjarji u l-iffirmar ta' ftehimiet ta' finanzjament rilevanti.

2.4. Il-proċessi għall-monitoraġġ ta' intermedjarji finanzjarji b'rabta ma':

2.4.1. ir-rapportar minn intermedjarji finanzjarji;

2.4.2. iż-żamma tar-rekords;

2.4.3. l-iżborżi lil riċevituri finali;

2.4.4. l-eliġibbiltà tal-appoġġ għal riċevituri finali;

2.4.5. it-tariffi u l-kostijiet ta' ġestjoni imposti mill-intermedjarji finanzjarji;

2.4.6. ir-rekwiżiti ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni;

2.4.7. l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti dwar l-għajnuna mill-Istat mill-intermedjarji finanzjarji;

2.4.8. it-trattament differenzjat tal-investituri, fejn rilevanti;

2.4.9. il-konformità mad-dritt tal-Unjoni applikabbli relatat mal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, l-evitar tat-taxxa, il-frodi tat-taxxa jew l-evażjoni tat-taxxa.

2.5. Is-sistemi għall-ipproċessar ta' pagamenti riċevuti mill-awtorità ta' ġestjoni.

2.6. Is-sistemi għall-kalkolu u l-ħlas tal-ammonti relatati mal-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni.

2.7. Is-sistemi għall-ipproċessar tal-pagamenti lil intermedjarji finanzjarji.

2.8. Is-sistemi għall-ipproċessar tal-imgħax u qligħ ieħor iġġenerat permezz tal-appoġġ mill-Fondi għall-istrumenti finanzjarji.

Għall-punti 2.1, 2.2 u 2.3, wara l-preżentazzjoni tal-ewwel rapport annwali tal-awditjar jeħtieġ li tiġi pprovduta biss informazzjoni dwar l-aġġornamenti jew il-bidliet fil-proċeduri jew l-arranġamenti fis-seħħ.

2.9. Għar-rapport annwali tal-awditjar li jikkonċerna s-sena kontabilistika finali, l-informazzjoni dwar l-elementi li ġejjin għandha tiġi koperta flimkien ma' dawk tal-punti 2.1 sa 2.8:

2.9.1. L-użu ta' trattament differenzjali tal-investituri;

2.9.2. Il-proporzjon multiplikatur miksub meta mqabbel mal-proporzjon multiplikatur miftiehem fil-ftehimiet ta' garanzija għall-istrumenti finanzjarji li jagħtu garanziji;

2.9.3. L-użu ta' mgħax u qligħ ieħor attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi mħallas lill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 60;

2.9.4. L-użu ta' riżorsi mħallsa lura lill-istrumenti finanzjarji, li huma attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi, sa tmiem il-perijodu ta' eliġibbiltà u l-arranġamenti stabbiliti għall-użu ta' dawk ir-riżorsi wara t-tmiem tal-perijodu ta' eliġibbiltà skont l-Artikolu 62.

3. Konklużjonijiet tal-awditjar

3.1. Konklużjoni dwar jekk id-ditta tal-awditjar estern tistax tipprovdi aċċertament raġonevoli dwar l-istruttura u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern stabbilita mill-BEI jew minn IFIs oħra, li fihom Stat Membru huwa azzjonist, f'konformità mar-regoli applikabbli, skont l-elementi msemmija fit-Taqsima 2.

3.2. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mix-xogħol tal-awditjar imwettaq.

Il-punti 3.1 u 3.2 għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar imsemmi fit-Taqsima 2 u, fejn rilevanti, għandhom iqisu r-riżultati ta' ħidma oħra ta' awditjar nazzjonali jew tal-Unjoni mwettqa fir-rigward tal-istess korp li jimplimenta l-istrumenti finanzjarji jew l-istess mandat għall-istrumenti finanzjarji.

# ANNESS XXII

Mudell għall-istrateġija tal-awditjar - l-Artikolu 78

1. INTRODUZZJONI

(a) Identifikazzjoni tal-programm(i) (it-titolu/titoli u n-numri tas-CCI(s)([1])), il-Fondi u l-perijodu kopert mill-istrateġija tal-awditjar.

(b) Identifikazzjoni tal-awtorità tal-awditjar responsabbli mit-tfassil, mill-monitoraġġ u mill-aġġornament tal-istrateġija tal-awditjar u ta' kwalunkwe korp ieħor li kkontribwixxa għal dan id-dokument.

(c) Referenza għall-istatus tal-awtorità tal-awditjar (korp pubbliku nazzjonali, reġjonali jew lokali) u l-korp li tinsab fih.

(d) Referenza għad-dikjarazzjoni tal-missjoni, il-karta ta' awditu jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali (fejn applikabbli) li jistabbilixxu l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-awtorità tal-awditjar u tal-korpi l-oħrajn li jwettqu awditi taħt ir-responsabbiltà tagħha.

(e) Konferma mill-awtorità tal-awditjar li l-korpi li jwettqu l-awditi jkollhom l-indipendenza funzjonali u organizzazzjonali meħtieġa.

1 Indika l-programmi koperti minn sistema komuni ta' ġestjoni u kontroll komuni, f'każ li titħejja strateġija ta' awditjar waħda għal diversi programmi.

2. VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

(a) spjegazzjoni tal-metodu ta’ valutazzjoni tar-riskju segwit; u

(b) proċeduri interni għall-aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju.

3. METODOLOĠIJA

3.1. Ħarsa ġenerali

(a) Referenza għall-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment li l-awtorità tal-awditjar tapplika għall-ħidma ta’ awditjar tagħha.

(b) Informazzjoni dwar kif l-awtorità tal-awditjar ser tikseb l-aċċertament tagħha fir-rigward ta’ programmi fis-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll standard u fir-rigward ta’ programmi b’arranġamenti proporzjonali msaħħa (deskrizzjoni tal-elementi kostitwenti ewlenin - it-tipi ta’ awditi u l-ambitu tagħhom).

(c) Referenza għall-proċeduri fis-seħħ għat-tfassil tar-rapport ta’ kontroll annwali u l-opinjoni tal-awditjar li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 77(3) ta’ dan ir-Regolament, bl-eċċezzjonijiet meħtieġa għall-programmi Interreg ibbażati fuq ir-regoli speċifiċi dwar l-awditi fuq operazzjonijiet applikabbli għall-programmi Interreg kif stabbilit fl-Artikolu 49 tar-Regolament Interreg.

(d) Referenza għal manwali jew proċeduri tal-awditjar li jkun fihom deskrizzjoni tal-passi prinċipali tax-xogħol ta’ awditjar, inkluż it-trattament ta’ klassifikazzjoni tal-iżbalji misjuba fit-tħejjija tar-rapport tal-kontroll annwali li għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni f’konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 77(3).

(e) Għall-programmi Interreg, referenza għal arranġamenti tal-awditjar speċifiċi u spjegazzjoni dwar kif l-awtorità tal-awditjar beħsiebha tiżgura kooperazzjoni mal-Kummissjoni fir-rigward tal-awditi ta' operazzjonijiet taħt il-kampjun komuni ta' Interreg li l-Kummissjoni għandha tfassal, kif stabbilit fl-Artikolu 49 tar-Regolament Interreg.

(f) Għall-programmi Interreg, meta tkun meħtieġa ħidma ta' awditjar addizzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 49 tar-Regolament Interreg (referenza għal arranġamenti ta' awditjar speċifiċi f'dan ir-rigward u għas-segwitu ta' dan ix-xogħol addizzjonali tal-awditjar).

3.2. Awditi dwar il-funzjonament tajjeb tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll (awditi tas-sistemi)

Identifikazzjoni tal-korpi/l-istrutturi li għandhom jiġu awditjati, kif ukoll ir-rekwiżiti ewlenin rilevanti fil-kuntest tal-awditi tas-sistemi. Il-lista għandha tinkludi kwalunkwe korp li jkun inħatar fl-aħħar tnax-il xahar.

Fejn applikabbli, referenza għall-korp tal-awditjar li fuqu l-awtorità tal-awditjar sserraħ biex jitwettqu dawn l-awditi.

Indikazzjoni ta' kwalunkwe awditu tas-sistema mmirat lejn oqsma jew korpi tematiċi speċifiċi bħalma huma:

(a) il-kwalità u l-kwantità tal-verifiki ta' ġestjoni amministrattivi u fil-post fir-rigward tal-liġi applikabbli bħar-regoli tal-akkwist pubbliku, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jew ir-rekwiżiti ambjentali;

(b) il-kwalità tal-għażla tal-proġett u tal-verifiki ta' ġestjoni fil-livell tal-awtorità ta' ġestjoni jew tal-korp intermedjarju;

(c) l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji fil-livell tal-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji;

(d) il-funzjonament u s-sigurtà ta' sistemi elettroniċi, u r-rabta tagħhom ma' sistema ta' skambju elettroniku ta' data tal-Kummissjoni;

(e) l-affidabbiltà tad-data relatata ma' miri u stadji importanti u dwar il-progress tal-programm biex jintlaħqu l-objettivi tiegħu mogħtija mill-awtorità tal-ġestjoni;

(f) il-korrezzjonijiet finanzjarji (u t-tnaqqis mill-kontijiet);

(g) l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi permezz ta' valutazzjoni tar-riskju tal-frodi.

3.3. Awditi tal-operazzjonijiet

3.3.1. Għall-programmi kollha minbarra programmi Interreg

(a) Deskrizzjoni (jew referenza għal dokument intern li jispeċifika) tal-metodoloġija tal-kampjunar li għandha tintuża skont l-Artikolu 79 (u proċeduri speċifiċi oħra li huma stabbiliti għall-awditjar ta' operazzjonijiet, partikolarment dawk relatati mal-klassifikazzjoni u t-trattament ta' żbalji misjuba, inkluż is-suspett ta' frodi).

(b) Deskrizzjoni separata għandha tiġi proposta għas-snin meta l-Istati Membri jagħżlu li japplikaw is-sistema proporzjonata msaħħa għal programm wieħed jew aktar, kif stabbilit fl-Artikolu 83.

3.3.2. Għall-programmi Interreg

(a) Deskrizzjoni tat-trattament (jew referenza għal dokument intern li jispeċifikah) tas-sejbiet u l-iżbalji li għandu jintuża skont l-Artikolu 49(1) tar-Regolament Interreg u proċeduri speċifiċi oħra fis-seħħ għall-awditjar ta' operazzjonijiet, partikolarment dawk relatati mal-kampjun Interreg komuni li għandu jitfassal kull sena mill-Kummissjoni.

(b) Deskrizzjoni separata għandha tiġi proposta għas-snin meta kampjun komuni għall-awditi tal-operazzjonijiet għall-programmi Interreg ma jkunx jinkludi l-operazzjonijiet jew l-unitajiet ta’ kampjunar tal-programm inkwistjoni u meta l-awtorità tal-awditjar twettaq eżerċizzju ta' kampjunar skont l-Artikolu 49(10) tar-Regolament Interreg.

Fil-każ ta’ eżerċizzju ta’ kampjunar imsemmi fil-punt (b), għandu jkun hemm deskrizzjoni tal-metodoloġija ta’ kampjunar li għandha tintuża mill-awtorità tal-awditjar u proċeduri speċifiċi oħra stabbiliti għall-awditi ta’ operazzjonijiet, b’mod partikolari dawk relatati mal-klassifikazzjoni u t-trattament tal-iżbalji misjuba, eċċ.

3.4. Awditjar tal-kontijiet

Deskrizzjoni tal-approċċ tal-awditjar għall-awditi tal-kontijiet.

3.5. Verifika tad-dikjarazzjoni ta’ ġestjoni

Referenza għall-proċeduri interni li jistabbilixxu l-ħidma involuta fil-verifika tal-affermazzjonijietfid-dikjazzjon tal-ġestjoni kif imfassla mill-awtorità tal-ġestjoni, għall-fini tal-opinjoni tal-awditjar.

## 4. ĦIDMA TA’ AWDITJAR IPPJANATA

(a) Deskrizzjoni u ġustifikazzjoni tal-prijoritajiet u l-objettivi tal-awditjar fir-rigward tas-sena kontabilistika attwali u s-sentejn kontabilistiċi sussegwenti, flimkien ma’ spjegazzjoni tar-rabta bejn ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-ħidma ta’ awditjar ippjanata.

(b) Skeda indikattiva tal-awditi tas-sistema, inkluż awditi mmirati lejn oqsma tematiċi speċifiċi, fir-rigward tas-sena kontabilistika attwali u s-sentejn kontabilistiċi sussegwenti, kif ġej:

| L-Awtoritajiet/il-Korpi jew l-oqsma tematiċi speċifiċi li għandhom jiġu awditjati | CCI | Titlu tal-Programm | Il-korp responsabbli mill-awditjar | Ir-riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju | 20xx Objettiv u ambitu tal-awditu | 20xx Objettiv u ambitu tal-awditu | 20xx Objettiv u ambitu tal-awditu |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |

5. RIŻORSI

(a) L-organigramma tal-awtorità tal-awditjar.

(b) Indikazzjoni tar-riżorsi ppjanati li għandhom jiġu allokati fir-rigward tas-sena kontabilistika attwali u s-sentejn kontabilistiċi sussegwenti (inkluż informazzjoni dwar kwalunkwe esternalizzazzjoni prevista u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, fejn xieraq).

# ANNESS XXIII

Mudell għall-applikazzjonijiet għal pagament - l-Artikolu 91(3)

APPLIKAZZJONI GĦAL PAGAMENT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

| | |
|---|---|
| Fond ikkonċernat[1]: | *<type="S" input="S" >*[2] |
| Referenza tal-Kummissjoni (CCI): | *<type="S" input="S">* |
| Isem il-programm: | *<type="S" input="G">* |
| Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni: | *<type="S" input="G">* |
| Data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni: | *<type="D" input="G">* |
| Numru tal-applikazzjoni għal pagament: | *<type="N" input="G">* |
| Data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal pagament: | *<type="D" input="G">* |
| Referenza nazzjonali (fakultattiva): | *<type="S" maxlength="250" input="M">* |

1 Jekk programm jikkonċerna iktar minn fond wieħed, l-applikazzjoni għal pagament jenħtieġ li tintbagħat separatament għal kull fond.

2 Didaskaliji:
tip: N=Numru, D=Data, S=Sekwenza, C=Kaxxa ta' Verifika, P=Perċentwal, B=Boolean, Cu=Munita
input: M=Manwali, S=Għażla, G=Iġġenerat mis-sistema

Skont l-Artikolu 91, din l-applikazzjoni għal pagament tirreferi għas-sena kontabilistika:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Minn[1] | *<type="D" input="G">* | sa: | *<type="D" input="G">* |

[1] L-ewwel jum tas-sena kontabilistika, ikkodifikata awtomatikament mis-sistema elettronika.

In-nefqa mqassma skont il-prijorità u, fejn rilevanti, skont il-kategorija tar-reġjun

kif imniżżla fil-kontijiet tal-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika

(Inkluż il-kontribuzzjonijiet tal-programm imħallsa lill-istrumenti finanzjarji (l-Artikolu 92 u pagamenti mħallsa bil-quddiem fil-kuntest tal-Għajnuna mill-Istat (Artikolu 91(5)l-)

Din it-tabella ma għandhiex tinkludi nefqa marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti mhumiex issodisfati, bl-eċċezzjoni ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti

| Prijorità | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali)[1] | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u il-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont għall-assistenza teknika f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 91(3), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) | (E) |
| Prijorità 1 | | | | | |
| Reġjuni inqas żviluppati | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |

1 Għall-FEMSA l-kofinanzjament japplika biss għal "Nefqa pubblika totali eliġibbli". Għaldaqstant, fil-każ tal-FEMSA, il-bażi tal-kalkolu f'dan il-mudell tiġi aġġustata awtomatikament għal "Pubblika".

| Prijorità | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali)[1] | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u il-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont għall-assistenza teknika f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 91(3), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) | (E) |
| Reġjuni fi tranżizzjoni | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Reġjuni aktar żviluppati | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Prijorità 2 | | | | | |
| Reġjuni inqas żviluppati | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |

| Prijorità | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali)[1] | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u il-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont għall-assistenza teknika f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 91(3), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) | (E) |
| Reġjuni fi tranżizzjoni | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Reġjuni aktar żviluppati | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Prijorità 3 | | | | | |
| Reġjuni inqas żviluppati | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |

| Prijorità | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali)[1] | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u il-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont għall-assistenza teknika f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 91(3), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) | (E) |
| Reġjuni fi tranżizzjoni | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Reġjuni aktar żviluppati | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Total globali | | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* |

JEW

In-nefqa imqassma skont l-objettiv speċifiku kif imniżżla fil-kontijiet tal-awtorità ta’ ġestjoni

Applikabbli għall-AMIF, ISF u BMVI

Din it-tabella ma għandhiex tinkludi nefqa marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti mhumiex issodisfati, bl-eċċezzjoni ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti

| Objettiv speċifiku | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali) | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u l-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) |
| L-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 12(1) tar-Regolament BMVI jew l-Artikolu 15(1) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |

| Objettiv speċifiku | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali) | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u l-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 12(2) tar-Regolament BMVI jew l-Artikolu 15(2) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 12(3) tar-Regolament BMVI jew l-Artikolu 15(3) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 12(4) tar-Regolament BMVI (minbarra l-Iskema ta' Tranżitu Speċjali) jew l-Artikolu 15(4) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |

| Objettiv speċifiku | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali) | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u l-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament BMVI (l-Iskema ta' Tranżitu Speċjali) | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(5) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 12(6) tar-Regolament BMVI jew l-Artikolu 12(5) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati f'konformità mal-Artikolu 12(5) tar-Regolament BMVI | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| L-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 12(1) tar-Regolament BMVI jew l-Artikolu 15(1) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |

| Objettiv speċifiku | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali) | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u l-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 12(2) tar-Regolament BMVI jew l-Artikolu 15(2) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 12(3) tar-Regolament BMVI jew l-Artikolu 15(3) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament ISF jew jew l-Artikolu 12(4) tar-Regolament BMV jew l-Artikolu 15(4) tar-Regolament AMIFI | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |

| Objettiv speċifiku | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali) | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u l-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(5) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 12(6) tar-Regolament BMVI jew l-Artikolu 15(5) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| L-objettiv speċifiku Nru 3 | | | | |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 15(1) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 15(2) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |

| Objettiv speċifiku | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali) | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u l-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 15(3) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 15(4) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 12(5) tar-Regolament ISF jew l-Artikolu 15(5) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| L-objettiv speċifiku Nru 4 (AMIF) | | | | |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |

| Objettiv speċifiku | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali) | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u l-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 15(5) tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 19 tar-Regolament AMIF | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 20 tar-Regolament AMIF ('transfer in') | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |

| Objettiv speċifiku | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali) | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 91(3), u l-punt (c) tal-Artikolu 91(4) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(4), | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 91(3) |
|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) |
| Azzjonijiet kofinanzjati skont l-Artikolu 20 tar-Regolament AMIF ('transfer out') | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| L-objettiv speċifiku ta' assistenza teknika | | | | |
| Assistenza teknika f'konformità mal-Artikolu 36(5) | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Assistenza teknika f'konformità mal-Artikolu 37 | *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Total globali | | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* |

Il-mudell huwa aġġustat awtomatikament fuq il-bażi tas-CCI. Pereżempju, fil-każ ta’ programmi li ma jinkludux kategoriji ta’ reġjun (il-Fond ta’ Koeżjoni, il-JTF, l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), il-FEMSA jekk applikabbli) jew programmi li ma jimmodulawx rati ta’ kofinanzjament fi ħdan prijorità (objettiv speċifiku), it-tabella għandha tidher kif ġej:

Din it-tabella ma għandhiex tinkludi nefqa marbuta ma' objettivi speċifiċi li għalihom il-kondizzjonijiet abilitanti mhumiex issodisfati, bl-eċċezzjoni ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kondizzjonijiet abilitanti

| Prijorità | Il-bażi tal-kalkolu (pubblika jew totali) (") | L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 91(3), il-punt (a) u 91(4), il-punt (c) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 91(4), il-punti (a) u (b) | L-ammont għall-assistenza teknika f'konformità mal-Artikolu 91(3), il-punt (b) | L-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika li saret jew li għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 91(3), il-punt (c) |
|---|---|---|---|---|---|
| | (A) | (B) | (C) | (D) | (E) |
| Prijorità 1 | *<type='S' input='C'>* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Prijorità 2 | *<type='S' input='C'>* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Prijorità 3 | *<type='S' input='C'>* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* | *<type="Cu" input="M">* |
| Total globali | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* |

## DIKJARAZZJONI

Bil-validazzjoni ta’ din l-applikazzjoni għal pagament, il-korpu li jwettaq il-funzjoni kontabilistika/l-awtorità ta' ġestjoni titlob il-ħlas tal-ammonti kif imsemmi hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Li jirrappreżentaw il-korp li jwettaq il-funzjoni kontabilistika:<br>Jew<br>Li jirrappreżentaw l-awtorità tal-ġestjoni responsabbli għall-funzjoni kontabilistika: | *<type="S" input="G">* |

## APPLIKAZZJONI GĦAL PAGAMENT

| FOND | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Reġjuni inqas żviluppati | Reġjuni fi tranżizzjoni | Reġjuni aktar żviluppati | Reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati |
| | (A) | (B) | (C) | (D) |
| *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* |

KUMMENTI

Il-mudell huwa aġġustat awtomatikament fuq il-bażi tas-CCI. Pereżempju, fil-każ ta' programmi li ma jinkludux kategoriji ta' reġjun (il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF, l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), il-FEMSA jekk applikabbli) jew programmi li ma jimmodulawx rati ta' kofinanzjament fi prijorità (objettiv speċifiku), it-tabella għandha tidher kif ġej:

| FOND | AMMONT |
|---|---|
| *<type="S" input="G">* | *<type="Cu" input="G">* |

Jew

Applikabbli għall-AMIF, ISF u BMVI

| Fond | | Ammonti |
|---|---|---|
